PATRI GABRIEL TA' SANTA MARIJA MADDALENA, O.C.D.

# INTIMITÀ DIVINA

maqluba għall-Malti minn

**Carmel Mallia**

## Ir-Raba' Ktieb

Mit-Tnejn u Għoxrin Ħadd

sal-Erbgħa u Tletin Ħadd Matul is-Sena

# Werrej

**Nota:** Biex tmur mall-ewwel fejn tixtieq, ikklikkja l-għażla tiegħek fuq dan il-Werrej.

**ŻMIEN MATUL IS-SENA**


304. IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *6*
*SENA B* ........ *9*
*SENA Ċ* ........ *12*
305. Sidien Tagħna Nfusna ........ 15
306. Għar-Rebħ tas-Saltna ........ 18
307. Alla Waħdu Qawwi ........ 22
308. La Tibżgħux ........ 25
309. Qawwija u Ġenerużi ........ 28
310. Sabar Waqt Kull Prova ........ 31
311. IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *34*
*SENA B* ........ *37*
*SENA Ċ* ........ *40*
312. Inżommu Sħiħ sal-Aħħar ........ 43
313. Ġustizzja Evanġelika ........ 46
314. Is-Saltna ta' Alla u l-Ġustizzja Tiegħu ........ 49
315. It-Triq tal-Ġustizzja ........ 52
316. Nimxu fil-Verità ........ 55
317. Sempliċi bħat-Tfal ........ 58
318. L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *61*
*SENA B* ........ *63*
*SENA Ċ* ........ *66*
319. Mhux Boloh Imma Għorrief ........ 69
320. Nintilef Biex Insalva ........ 72
321. Il-Qaddej Fidil u Għaqli ........ 75
322. Doni tal-iSpirtu s-Santu ........ 78
323. Virtujiet u Doni ........ 81
324. L-iSpirtu s-Santu u t-Talb ........ 84
325. IL-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

*SENA A* ........ *87*
*SENA B* ........ *90*
*SENA Ċ* ........ *93*
326. L-iSpirtu s-Santu u l-Attività ........ 96
327. Spirtu li Jqaddes ........ 99
328. L-iSpirtu tal-Verità ........ 102
329. Spirtu ta' Għarfien ........ 105
330. Spirtu tal-Kunsill ........ 108
331. Spirtu ta' Mħabba u Għerf ........ 111
332. IS-SITTA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *114*
*SENA B* ........ *117*
*SENA Ċ* ........ *120*
333. Spirtu ta' Adozzjoni ........ 123
334. Spirtu ta' Qawwa ........ 126
335. Spirtu ta' Biża' ........ 129
336. Spirtu li Jfarraġ ........ 132
337. Henjin il-Foqra ........ 135
338. Henjin Dawk li Jbatu ........ 138
339. IS-SEBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *141*
*SENA B* ........ *144*
*SENA Ċ* ........ *147*
340. Henjin il-Ġwejdin ........ 150
341. Imberkin Dawk li Għandhom il-Ġuħ ........ 153
342. Henjin Dawk li Jħennu ........ 156
343. Henjin Dawk li Huma Safja f'Qalbhom ........ 159
344. Henjin Dawk li Jġibu l-Paċi ........ 162
345. Henjin Dawk li Huma Ppersegwitati ........ 165
346. IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *168*
*SENA B* ........ *171*
*SENA Ċ* ........ *174*
347. L-Imħabba ta' Kristu Ssuqna ........ 177
348. Membri ta' Xulxin ........ 180
349. Ħaddiema Flimkien ma' Alla ........ 183
350. Inħossu ma' Kristu ........ 186
351. Inħossu mal-Knisja ........ 189
352. Min Jibqa' Fija Jagħmel il-Frott ........ 192
353. ID-DISGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

*SENA A* ........ *195*
*SENA B* ........ *198*
*SENA Ċ* ........ *201*
354. L-Appostlu Ħabib ta' Alla ........ 204
355. Diversità fil-Funzjoni ........ 207
356. Talba Appostolika ........ 210
357. Sagrifiċċju Ħaj u Qaddis ........ 213
358. Ħaddiema fil-Ħsad ........ 216
359. Ħa Jiddi d-Dawl Tagħkom ........ 219
360. IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *222*
*SENA B* ........ *225*
*SENA Ċ* ........ *228*
361. Imqaddsin u Mibgħutin ........ 231
362. Jiena Mmut Kuljum ........ 234
363. Għall-Ġid tal-Oħrajn ........ 237
364. Il-Ħila Tagħna Ġejja minn Alla ........ 240
365. Dak Kokku li Hu Veru ........ 243
366. Midjunin lejn l-Evanġelju ........ 247
367. IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *250*
*SENA B* ........ *253*
*SENA Ċ* ........ *256*
368. Jien Irbaħt id-Dinja ........ 259
369. Bħar-Ragħaj it-Tajjeb ........ 262
370. Dak li Kkontemplajna ........ 265
371. Fir-Rieda ta' Alla ........ 268
372. Marbutin mill-iSpirtu s-Santu ........ 271
373. Imsejħin għall-Għaqda ma' Alla ........ 274
374. IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA
*SENA A* ........ *277*
*SENA B* ........ *280*
*SENA Ċ* ........ *283*
375. Nitgħarraskom fil-Fedeltà ........ 286
376. Neħodha fid-Deżert ........ 289
377. Is-Sħaba Mdallma u Mdawla ........ 292
378. Bħad-Deheb fil-Griġjol ........ 295
379. F'Idejn Alla ........ 298
380. It-Tnehid tal-Istennija ........ 301
381. IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

*SENA A* ... *304*
*SENA B* ... *307*
*SENA Ċ* ... *309*
382. In-Nar li Jeqred ... 312
383. Fjammi Divini ... 315
384. Qalb Ġdida ... 318
385. Imħabba Irreżistibbli ... 321
386. Ibqa' f'Alla ... 324
387. Ir-Rieda Tiegħek Qiegħda f'Qalbi ... 328
388. SOLENNITÀ TA' KRISTU SULTAN ... 331
L-ERBGĦA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA ... 331
*SENA A* ... 331
*SENA B* ... 334
*SENA Ċ* ... 337
389. Il-Mulej ir-Ragħaj Tiegħi ... 340
390. Fid-Dell ta' Alla ... 343
391. Is-Sehem Tiegħi Hu Alla ... 346
392. Ir-Rebħa tal-Imħabba ... 349
393. Mibdulin fix-Xbieha ta' Alla ... 352
394. Intimità Divina ... 356

**SOLENNITAJIET - FESTI**

395. It-Twelid tal-Verġni Marija ... 359
*8 ta' Settembru* ... 359
396. Il-Madonna tad-Duluri ... 362
*15 ta' Settembru* ... 362
397. Il-Madonna tar-Rużarju ... 365
*7 ta' Ottubru* ... 365
398. IL-QADDISIN KOLLHA ... 369
*1 ta' Novembru* ... 369
399. L-ERWIEĦ KOLLHA ... 373
*2 ta' Novembru* ... 373
400. Preżentazzjoni tal-Verġni Marija ... 376
*21 ta' Novembru* ... 376

## 304. IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Mulej, ħa noffri ġismi b'sagrifiċċju ħaj u qaddis li jogħġob lilek (Rum 12, 1).*

Minħabba d-dnub u l-konsegwenzi tiegħu, il-qadi ta' Alla jġib miegħu t-taqbid, iċ-ċaħda u t-trażżin tal-persuna nfisha. Il-liturġija tal-lum hija eżempju tipiku ta' dan. L-ewwel nett hemm il-konfużjoni ta' Ġeremija (Ġer 20, 9) li tesprimi t-taħbit kbir ta' bniedem magħżul minn Alla biex iħabbar il-kelma tiegħu u minħabba dan, kien ippersegwitat bla tarf. Il-profeta wasal biex jistqarr lilu nnifsu "mqarraq" minn Alla, kważi ingannat minnu għax l-uffiċċju tiegħu ġabu oġġett "ta' tgħajjir u tmaqdir kuljum" (Ġer 20, 8).Maħqur mis-sofferenza ried kieku jaħrab mir-rieda divina, imma dan ma setax isir: "F'qalbi hemm bħal nar jaqbad magħluq f'għadmi; għejjejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih" (Ġer 20, 9). Dan in-nar ġewwieni misterjuż, sinjal tal-imħabba ta' Alla li rebħitu, anzi "qarrqet" bih, u mill-kariżma profetika li biha ġie mlibbes, timbuttah kontra kull ġibda naturali, biex jibqa' sejjer fil-missjoni bla gratitudni tiegħu. Dan hu eżempju mill-aqwa tal-ħidma divina fi ħlejqa dgħajfa.

Imma l-prova tiġi bl-akbar awtorità mill-Evanġelju (Mt 16, 21-27), bit-tħabbira tal-passjoni ta' Ġesù, li meta s-sofferenzi ta' Ġeremija jitqabblu magħha, huma biss figura ċkejkna. "Minn dakinhar" – jiġifieri mill-istqarrija tal-fidi ta' Pietru f'Ċesarija "Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna… u joqtluh" (Mt 16, 21). Bil-ħeġġa solta tiegħu, Pietru mill-ewwel jirreaġixxi. Kif seta' jaċċetta li l-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj, se jkun ippersegwitat u jingħata l-mewt? Pietru qiegħed biss jesprimi l-mentalità tal-bnedmin ta' kull żmien Skont kif jirraġunaw il-bnedmin, aktar ma' bniedem ikun importanti, aktar imissu jkollu suċċess, u jgħaddi minn rebħa għal oħra. Imma din mhix il-loġika ta' Alla, u lanqas kif jaħsibha Ġesù, li jistqarr li "jeħtieġ" isofri ladarba l-Missier hekk ordna biex jifdi lid-dinja mid-dnub. U Pietru jsib ruħu mċanfar sewwa: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija; għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int!" (Mt 16, 23). X'kuntrast ikrah kien hemm bejn dan il-kliem u dak li ngħata l-appostlu meta kien għaraf id-divinità u l-messjanità ta' Ġesù.

Hemmhekk kien sema' "imbierek int" u ġie mogħti l-primat fuq sħabu; hawn, qiegħed jissejjaħ xitan u mwarrab. Ir-raġuni waħdanija kienet l-oppożizzjoni tiegħu għall-passjoni u l-mewt tal-Mulej. Hu aktar ħafif li tagħraf li Ġesù hu l-Iben ta' Alla milli taċċetta li tarah imut bħala kriminal. Imma kulmin jiskandalizza ruħu bis-salib, ikun jiskandalizza ruħu b'Ġesù; min jirrifjuta l-passjoni tiegħu jirrifjuta lilu, għax Kristu hu Msallab. U min irid jimxi wara Kristu jkollu jaċċetta mhux biss is-salib ta' Kristu imma s-salib tiegħu nnifsu wkoll. Biex iġiegħel lid-dixxipli jifhmu li hi illużjoni taħseb li tista' timxi warajh bla ma ġġorr is-salib miegħu, Ġesù mill-ewwel iżid: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja" (Mt 16, 24). Wara d-dnub, din hi t-triq waħdanija tas-salvazzjoni għal kull wieħed u għall-bnedmin kollha.

San Pawl jikteb: "Nitlobkom ħuti għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj u qaddis" f'għaqda ma' dak ta' Kristu, għall-glorja tal-Missier u l-fidwa tad-dinja. Imma dan ma jistax iseħħ mingħajr dik il-bidla profonda ta' mentalità li ġġiegħelna naħsbu "kif jaħseb Alla" u għalhekk jagħtina l-ħila li nagħrfu "x'inhi r-rieda ta' Alla" (Rum 12, 2). In-nisrani ma jerfax is-salib tiegħu bilfors: imma minn jeddu jaċċettah bl-imħabba biex jagħmel minnu nnifsu sagrifiċċju "ħaj u qaddis" f'għaqda mas-salib ta' Kristu, għall-glorja tal-Missier u l-fidwa tad-dinja. Imma dan mhux possibbli mingħajr bidla profonda ta' mentalità li ġġegħilna naħsbu "kif jaħseb Alla" u għalhekk ikun kapaċi li "jiddixxerni dak li Alla jrid" (Rum 12, 2) u ma niskandalizzawx ruħna quddiem it-tbatija.

- Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien sirt id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija. Kull meta niġi biex nitkellem, jien ngħajjat u nxandar: "Moħqrija u ħsara!" Il-Kelma tal-Mulej saret għalija tgħajjir u tmaqdir kuljum. U jiena għedt: "Ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu." Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejjejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih… Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni

Ġer 20, 7-9.11

- Jekk nixtieq ngħix miegħek, o Ġesù, jeħtieġ nipperswadi ruħi li l-ħajja nisranija hija miġbura fik imsallab, jiġifieri, fl-ispirtu ta' ċaħda u sagrifiċċju, imħarrġa f'abbandun totali u ċaħda tiegħi nnifsi; huwa

biss bil-Kalvarju li nistgħu nilħqu l-mira tagħna. Jekk niltaqgħu man-niket u t-taħbit matul din it-triq, inti agħtina l-għajnuna, o Kristu, bis-salib tiegħek u tgħinna bil-grazzja tiegħek. Jalla kliemek ikun stampat f'qalbi: "Min irid jimxi warajja jeħtieġ jerfa' salibu u jimxi warajja."

Ġesù tiegħi, is-salib tiegħek huwa kbir iżżejjed għas-saħħa dgħajfa tiegħi; imma, o Ġesù, aċċetta l-offerta tat-tbatijiet tagħna, għinni biex ningħaqad miegħek fit-tbatijiet tal-passjoni tiegħek biex ikun jistħoqqli ningħaqad mal-glorji tal-Qawmien tiegħek. Ġesù tiegħi, agħtini li tul ħajti kollha nkun nista' nara s-salib tiegħi bħala rahan tal-imħabba qaddisa tiegħek u rahan tat-tjubija kollha ħniena tiegħek, biex mejjet u msallab għad-dinja, inkun nista' ngħix il-ħajja tal-grazzja.

G. Canovai, *Suscipe Domine*, p. 237

## SENA B

*"Mulej, min jgħammar fid-Dar tiegħek?… Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb (Salm 15, 1-2).*

Fil-Liturġija ta' dan il-Ħadd, is-suġġett tal-liġi ta' Alla huwa trattat b'rikkezza tal-għaġeb. L-ewwel qari (Dt 4, 1-2. 6-8) jippreżenta l-fedeltà lejn il-liġi bħala kundizzjoni essenzjali għall-patt ma' Alla, u għalhekk bħala tweġiba għall-imħabba tiegħu, li biha għamel lilu nnifsu hekk qrib il-poplu tiegħu biex ikun qrib ta' kull min ifittxu u jsejjaħlu (Dt 4, 7). Il-ħarsien tal-preċetti divini la jgħattan u lanqas jassar, imma jipproduċi l-ħajja vera mwaqqfa fuq ir-relazzjoni ta' ħbiberija ma' Alla, li jwassal għall-pussess tal-art imwiegħda, figura tal-hena ta' dejjem. "U issa, Iżrael, agħti widen għal-liġijiet u l-ordnijiet li qiegħed ngħallimkom tagħmlu, ħalli tgħixu u tidħlu tieħdu l-art li se jagħtikom il-Mulej" (Dt 4, 1). Barra minn dan, it-taħriġ tal-liġi jinnobbilita lill-bniedem billi jsieħbu fl-għerf ta' Alla li waqqfu (Dt 4, 6), jagħtih is-sigurtà li jimxi fil-verità u fis-sewwa, u jagħtih l-hena li jkun imdaħħal fil-preżenza tiegħu. "Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek?" – ikanta s-Salm Responsorjali – "Min jimxi bla ħtija u jagħmel is-sewwa, min jgħid is-sewwa f'qalbu, min ma jagħmilx deni lil għajru." F'kelma waħda min iħares il-kmandamenti ta' Alla.

It-tieni qari (Ġak 1, 17-18.21b-22.27) iqiegħed l-enfasi fuq l-aspett interjuri tal-liġi, waqt li jippreżentaha bħala l-kelma tal-verità mħawla f'qalb il-bniedem biex twasslu għas-salvazzjoni – San Ġakbu jħeġġeġ – "Ilqgħu bil-ħlewwa mħawla fikom, li tista' ssalvalkom ruħkom" (Ġak 1, 21). Dik l-istess kelma divina li ġabet lill-bniedem fl-eżistenza kienet imħawla f'qalbu bħala l-liġi u l-gwida ta' ħajtu. Il-bniedem għalhekk għandu jisma' l-leħen fil-ġewwieni ta' qalbu biex jifhmu, imbagħad ikun fidil li "jagħmilha" (Ġak 1, 22). Konna nqarrqu bina nfusna kieku konna nkunu kuntenti biss li nafu l-preċetti divini bla ma nagħmlu ħilitna li nagħmluhom għemejjel. Il-konlużjoni li toħroġ għandha x'taqsam mal-punt ċentrali tal-liġi: l-imħabba tal-proxxmu bħala espressjoni konkreta tal-imħabba vera ta' Alla: "Quddiem Alla u Missierna t-tjieba safja u bla tebgħa hija din: iżżur l-iltiema u r-romol fl-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" (Ġak 1, 27).

L-Evanġelju (Mk 7, 1-8a.14-15.21-23) jikkonferma u jwettaq il-ħsibijiet espressi fil-qari ta' qabel. Mosè qal: "La żżidu xejn ma' dak li qiegħed nordnalkom u lanqas tnaqqsu minnu; qisu li tħarsu l-liġijiet tal-Mulej" (Dt 4, 2). B'danakollu ċertu żelu nieqes mill-għaqal bena madwar il-liġi għadd bla qies ta' preskrizzjonijiet żgħar li ġiegħelu li l-preċetti bażiċi ma baqgħux jidhru, tant li n-nies ta' żmien Ġesù skandalizzaw ruħhom meta d-dixxipli warrbu ċertu ħasil tal-idejn, "tat-tazzi u tal-buqari u tal-ktieli tal-bronż" (Mk 7, 4). Hu kkundanna l-legaliżmu kollu, imma ried il-ħarsien sinċier tal-liġi, realtà wisq aktar essenzjali u ġewwinija, għax "Ma hemm xejn minn barra li meta jidħol fil-bniedem itebbgħu; imma dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtebba' lill-bniedem" (Mk 7, 15). Hija ipokresija taħsel idejk bl-akbar skruplu jew tagħti importanza li kull ħaġ'oħra meta l-qalb hi mimlija bil-vizzji. Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem li joħorġu l-ħsibijiet ħżiena: żina, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, għira, malafama, suppervja u bluha (Mk 7, 21-22). Mingħajr it-tisfija tal-qalb ma hemmx ħarsien tal-liġi ta' Alla, ladarba l-għan essenzjali hu li ninħelsu mill-passonijiet u l-korruzzjoni tagħna, biex ikollna l-ħila nħobbu 'l Alla u l-proxxmu.

- Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek? Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu, ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru; min ma jqisx lill-bniedem ħażin, imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej; min iwiegħed u jżomm kelmtu; min jislef u ma jitlobx imgħax, u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija. Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek.

Salm 15

- Agħtina, Mulej, il-ġuħ u l-għatx tal-kelma divina tiegħek, għax hi ħajja għall-erwieħ, dawl għall-moħħ, nifs li jagħti l-ħajja. Inti nnifsek stqarrejtu: "Il-kliem li ngħidilkom jien huwa spirtu u ħajja."

O Bibbja mqaddsa, o ktieb divin! Il-qdusija u l-ġmiel qegħdin fik u huma ħaġa waħda. Meta nqalleb il-paġni hu bħal meta nisma' l-isbaħ mużika li tqanqal il-qalb… Imma l-punt ċentrali fejn il-ġmiel u l-qdusija jiltaqgħu u jfawru fil-milja tagħhom hu fir-Rabta l-Ġdida, fl-Evanġelju tiegħek, o Ġesù.

Il-ġmiel tal-Evanġelju mhux bħan-nixxiegħa li tgħaddi tiġri bil-ħoss tagħha li jqajjem id-diwi tal-muntanji li minnhom ġiet, imma bħal dak ta' xmara kalma, dejjem mimlija bl-ilma, u dejjem tal-għaġeb fil-maestà tagħha; mhix it-tifqigħa tas-sajjetta li tiġi qabel it-tempesta, imma l-firxa sielma tad-dawl kollu serenità, li bil-mod il-mod tiżdied sa ma tgħarraq l-art u s-sema.

Beatu Ġwanni XXIII, *Breviario,* p. 287-289

## SENA Ċ

*Mulej, inti msebbaħ min-nies umli (Bin Sirak 3, 20).*

Il-qari tal-lum jipproponilna meditazzjoni fuq l-umiltà, wisq iżjed flokha daqskemm ftit hi mifhumha u pprattikata din il-virtù. L-ewwel nett ir-Rabta l-Qadima (1º qari: Sir 3, 17-18.20.28-29) titkellem dwar il-ħtieġa tagħha, kemm fir-relazzjoni ma' Alla u kemm mal-proxxmu tagħna. "Iktar m'inti kbir, iktar għandek iċċekken ruħek, u ssib grazzja quddiem il-Mulej" (Sir 3, 18). L-umiltà ma tikkonsistix filli niċħdu l-kwalitajiet tajba tagħna, imma li nagħrfu li dawn huma biss rigali ta' Alla; jidher li "akbar" ma nkunu, jiġifieri iktar ma hemm "kwalitajiet mixtieqa" li huma purament aċċidentali, li għandhom x'jaqsmu mal-qagħda soċjali tagħna jew mal-uffiċċju li nokkupaw, għalkemm dawn il-kwalitajiet ma jżidu xejn mas-siwi proprju tal-persuna, imma xorta nħossu li għandna niftaħru bihom, u nqisu ruħna tarġa ogħla mill-oħrajn. "Ibni, kun ġwejjed fix-xogħol li tagħmel, u tkun maħbub" (Sir 3, 17). Għax bħalma l-umiltà tiġbed l-imħabba, hekk is-suppervja twarrabha; kulħadd jobgħod is-supperv. Għalhekk jekk inħallu s-suppervja trabbi l-għeruq fina, issir biċċa minna sakemm ma nintebħux bil-ħażen tagħha u ma jkollniex ħila nsewwu l-ħsara.

Għalhekk Ġesù kkundanna kull għamla ta' ambizzjoni, waqt li kien juri l-frugħa profonda tagħha. Hekk ġara meta kien mistieden għall-ikel għand wieħed Fariżew, u ra l-mistiedna jiffullaw biex jimlew l-aħjar postijiet (Lq 14, 1.7-14). Kienet xena ta' stmellija u tad-daħk, u b'danakollu dejjem vera. Jista' xi post speċjali fil-mejda jagħmel bniedem akbar milli hu? Huwa proprju ċ-ċokon tas-siwi tiegħu li jġiegħelu jaħbi n-nuqqasijiet tiegħu bid-dinjità tal-post. Fl-istess ħin tesponieh biex ikun aktar umiljat bil-ħeffa, għax ħin jew ieħor xi ħadd kien juri li ppretenda wisq. Dan kien qiegħed jgħallem Ġesù meta jwissi: "Meta tkun mistieden, xteħet fil-post tal-aħħar… Għax kulmin jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14, 10-11). Dan jista' jidher tassew elementari, imma l-ħajjiet ta' ħafna, saħansitra Nsara, jirriduċu ruħhom f'tellieqa għall-ewwel postijiet. U l-iskużi biex jiġġustifikaw ruħhom ma jonqsux, jew għall-ġid, għall-appostolat u saħansitra għall-glorja ta' Alla Imma jekk wieħed ikollu l-kuraġġ jeżamina sewwa lilu nnifsu, jiskopri li din hi biss frugħa.

Ġesù ta tagħlima oħra lil dak li stiednu: "Meta tagħti ikla jew pranzu, tistedinx lil ħbiebek jew lil ħutek jew lil qrabatek, u anqas ġirien għonja, għax għandhom mnejn imbagħad jistiednu lilek huma, u hekk iroddulek il-pjaċir li tkun għamiltilhom" (Lq 14, 12). Ġesù kien qiegħed jaqleb ta' taħt fuq il-mod ta' kif soltu kienu jaħsbu. Id-dinja tistieden lil dawk li jagħmlulha ġieħ bil-qagħda tagħhom fis-soċjetà jew minn min tistenna xi ġid; dan l-aġir ġej mill-frugħa u l-egoiżmu. Imma d-dixxiplu ta' Kristu għandu jġib ruħu bil-maqlub; għandu jistieden "il-foqra, il-magħtubin, iz-zopop u l-għomja" jiġifieri dawk li għandhom bżonn l-għajnuna u ma jistgħux "iroddulek". Min jagħmel hekk jista' jgħodd ruħu mhux biss imweġġaħ imma "hieni" għax jitħallas "meta l-ġusti jqumu għall-ħajja" (Lq 14, 13-14). Impossibbli għalina li nibdlu l-mentalità daqstant jekk ma nkunux konvinti għalkollox li l-valuri huma ġenwini biss jekk huma mmirati għall-veritajiet eterni, u li ħajjitna fuq l-art hija biss pellegrinaġġ lejn "il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema" fejn il-ġusti – l-umli, dawk li jagħmlu l-karità għandhom "isimhom miktub fis-sema" (Lhud 12, 22-23: 2º qari).

- Ressaq, Mulej, widintek lejja u ismagħni… Inti tismagħni jekk ma ngħollix rasi. Int tersaq lejn min jiċċekken, waqt li titbiegħed minn dak li jgħolli rasu, barra minn meta inti nnifsek tgħollih għax qabel kien iċċekken. O Alla, ressaq mela widintek lejja. Int qiegħed filgħoli, u aħna qegħdin hawn isfel. Int qiegħed fil-quċċata, aħna qegħdin fil-miżerja, imma m'aħniex mitluqin… Fil-fatt int urejtna l-imħabba tiegħek lejna. Tant hu hekk li, waqt li konna għadna midinbin, Kristu miet għalina.

Ressaq, Mulej, widintek lejja u ismagħni, għax jiena msejken u fqir. Int ma tressaqx widintek lejn l-għani, imma aktarx tressaqha lejn l-imsejken u l-fqir, jiġifieri lejn l-umli u lejn dak li jistqarr ħtijietu; għal min jeħtieġ il-ħniena u mhux għal min jiftaħar li ma jonqsu xejn.

S. Wistin, *In Ps* 85, 2

- Agħmel Mulej li nkunu magħqudin ma' ħutna kollha, ukoll dawk l-iktar imbiegħda, u dawk li magħhom imxejt b'mod differenti minn kif imxejt magħna. Għallimna kif inħobbu, u kif nagħmlu li ħutna inqas ixxurtjati minna jgawdu mill-għana tagħna; agħmel li

nħobbuhom bħal ħutna u naqsmu kollox magħhom, u tassew, ngħaġġlu biex noffrulhom, u nitolbuhom biex jaċċettawh.

ara Beatu Ch. de Foucauld, *Meditazioni sull' A.T.*, Op. sp. p. 64

## 305. SIDIEN TAGĦNA NFUSNA

*Agħtini, Mulej, il-ħlewwa u r-rażan tal-iSpirtu (Gal 5, 22).*

1. "Kollox jiswa għalija," iżda mhux kollox jaqbel. "Kollox jiswa għalija, iżda ma nħalli xejn jaħkimni" (1 Kor 6, 12). Hekk iwieġeb San Pawl lil dawk li bl-iskuża tal-libertà, iridu jgawdu kollox, u jippruvaw kollox. Il-ħelsien mill-preskrizzjonijiet ta' liġi li tgħakkes li ġab Kristu u kkonfermata mill-Appostlu ma tistax tkun l-istess bħal-libertinaġġ. "Ngħixu kif jixraq bħal f'binhar: mhux bl-ikel iżżejjed u s-sokor, mhux biż-żina u tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu" (Rum 13, 13-14). "Kollox hu safi" għan-Nisrani, "kollox hu safi għal min hu safi" (Titu 1, 15), imma bil-kundizzjoni li dan jiswa għall-ġid tiegħu u tal-oħrajn u ma jassar lil ħadd. Il-ħelsien ta' wlied Alla hu differenti minn dak tal-immodestja, ir-regħba, jew il-korla. "Ma nħalli xejn jaħkimni" hu l-programm li jkollu jimxi fuqu min irid isir sid tiegħu nnifsu, biex joqgħod għar-regola waħda, il-ħakma li teħles ta' Alla.

Bħall-virtujiet l-oħra kollha, il-virtu tal-qies hija msawba fin-Nisrani fil-magħmudija bħala dik il-ħila li biha nassoġġettaw id-dinja bla raġuni tal-istinti u l-passjonijiet għall-ispirtu, u l-ispirtu lejn Alla. It-triq tal-virtù tal-qies hija għalhekk triq li teħles minn dak kollu li jista' jniżżilna fil-livell tal-ħajja tal-annimali, biex il-ħajja tal-iSpirtu tirbaħ. "Dawk li jgħixu skont il-ġisem, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem; dawk li jgħixu skont l-ispirtu, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-iSpirtu" (Rum 8, 5). In-Nisrani li ħa twelid ġdid fl-iSpirtu s-Santu, jeħtieġlu jkun jaf jgħix mhux biss skont l-esiġenzi tal-ispirtu uman – raġuni u ħelsien – imma skont l-esiġenzi tal-iSpirtu divin; imħabba u għotja tiegħu nnifsu lil Alla u lill-proxxmu. Dan hu l-aspett l-aktar għoli u pożittiv tal-virtù tal-qies li tiddistakka lill-bniedem mis-sodisfazzjon egoistiku tas-sensi, u twasslu għal dik l-armonija perfetta bejn l-ispirtu u l-materja, li tippermettilu jimxi bil-ħeffa fl-imħabba li ġiet imsawba fih mill-iSpirtu s-Santu. "Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat tal-iSpirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem" (Rum 8, 6).

2. Meta San Pawl jitkellem mill-kwalitajiet meħtieġa għal dak li hu msejjaħ biex jippresiedi komunità nisranija jgħid: "ma għandux… jitlgħalu malajr u jkun ġellied, imma jkun irżin" (Titu 1, 7-8), "ġwejjed

u jaf imexxi” (1 Tim 3, 3). Li jkun sid tiegħu nnifsu huwa frott tal-virtù tal-qies, li trażżan il-korla, ir-rabja u vjolenza. Il-Kristjaniżmu ma jridx irawwem dgħajfin jew ġwejjef, li fihom kull reazzjoni qawwija hija msikkta u kull għemil ferrieħi huwa mgħakkes; imma x’aktarx, jipprova jiffurmana f’persuni qawwija, li jkollhom il-ħila jrażżnu kull korla żejda. Il-qies u l-qawwa mhumiex kontra xulxin, imma jaħdmu flimkien biex jiffurmaw Nisrani “sid tiegħu nnifsu”: ġwejjed u jġib is-sliem fir-relazzjoni tiegħu mal-proxxmu, dejjem lest biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu ħalli jrażżan il-passjonijiet tiegħu u l-attakki għal għarrieda tat-temperament tiegħu. Proprju l-kuntrarju tal-prepotenti u dawk li jitlgħalhom malajr li jridu jaħkmu fuq l-oħrajn bil-vjolenza, imma minn ġewwa huma dgħajfin u m’għandhomx ħeġġa biex irażżnu lilhom infushom u jingħataw għall-maswetudni evanġelika.

“Tagħmel xejn meta inti mgħaddab” (Sir 10, 6), għax “min jiżbel malajr, bluhat kbar jagħmel” (Prov 14, 29). L-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu hi li ma nħallux lil moħħna jiddallam bil-korla għax dan iqiegħedna fil-periklu ta’ għemil bl-addoċċ. Tassew, “Bniedem inkurlat ma jagħmilx il-ġustizzja ta’ Alla” (Ġak 1, 20). Meta l-qalb hi mħawda bil-qilla tal-korla, ikun impossibbli tagħraf it-tajjeb u l-ħażin, impossibbli ssir taf x’inhi r-rieda ta’ Alla. Huwa biss fil-kalma u l-paċi ġewwiena li nagħrfu l-istedin tal-iSpirtu s-Santu u nkunu lesti biex naċċettaw l-għemil tiegħu.

Il-Beatu Ġwanni XXIII kiteb fid-djarju tiegħu: “Jeħtieġ nibża’ għall-kalma tiegħi, imma f’din il-kalma jeħtieġ li jkun hemm ħeġġa kbira. Jeħtieġ li nkun fidil għal dan il-metodu, li jfisser li għandi nkun umli u ġwejjed f’kull ħin, ikunu x’ikunu l-impulsi jew tentazzjonijiet kuntrarji li nista’ nħoss; imma l-manswetudni tiegħi bl-ebda mod ma għandha tkun ġjufija” (*Il Giornale dell’anima* 1939, p. 279). Dan hu d-diwi ta’ dak li ta’ sikwit iwissi San Pawl biex inġibu ruħna “bl-umiltà kollha u bil-ħlewwa” (Ef 4, 2), u “jimxu bil-ħlewwa ma’ kulħadd” (Tit 3, 2). Mill-bqija l-ħlewwa, u r-rażna huma fil-lista tal-frott tal-ispirtu (Gal 5, 22).

- Mulej Alla, Missier li tista’ kollox, Ġesù twajjeb, ikollok ħniena minni midneb u aħfirli dnubieti. Għinni biex noqgħod għassa kontra n-nases kollha tal-għedewwa tiegħi, kontra t-tentazzjonijiet u d-divertiment ta’ ħsara, u għinni nirbaħhom u b’rieda qawwija la naħseb u lanqas nagħmel xi ħaġa li inti ma tridx; agħmel li naqdik u

nħobbok daqskemm int tixtieq u li nkun nista' ngħix skont ir-rieda tiegħek. Mulej, agħtini l-indiema tal-qalb, it-taħriġ tat-tjieba, il-virtù tal-umiltà… Agħtini li nifhem l-imħabba u l-għaxqa fil-kmadamenti tiegħek, ħeffa u suċċess biex nobdihom, perseveranza bla heda għal ħwejjeġ ogħla; agħmel li nibqa' miexi bl-umiltà u ma nċedi qatt.

La titlaqnix, Mulej, għad-dgħufija tal-bniedem jew fl-injoranza, lanqas f'idejn il-merti tiegħi, u anqas f'xi ħaġa oħra barra mir-rieda tiegħek.

S. Anselmu, *Orationes,* 11

- Mulej, ejja b'moħħ umli nilbsu l-libsa tal-ftehim, inrażżnu lilna nfusna bl-umiltà, u nżommu ruħna ħielsa minn kull tilwim u kliem skandaluż; ejja nfittxu l-ġustifikazzjoni bl-għemil, u mhux bil-kliem biss… Ħalli t-tifħir tagħna jibqa' miegħek, o Alla u ma jiġix minna nfusna, għax Alla jobgħod lil dawk li jfaħħru lilhom infushom. Ħalli x-xhieda tal-imġiba tajba tagħna tingħata mill-oħrajn, bħalma kienet mogħtija fi żmien missirijietna, dawk l-irġiel qaddisa. L-arroganza, ir-rieda ħażina, u l-wiċċ sfiq jistħoqqilhom is-saħta tiegħek; il-modestja, l-umiltà u l-ħlewwa jaqilgħulna l-barka tiegħek. Għinna, mela, biex niksbu din il-barka; biex nagħmlu kull sforz bil-ħeġġa kollha tagħna biex inwettqu kull opra tajba.

S. Klement ta' Ruma, *I Korintin* 30, 1.33

## 306. GĦAR-REBĦ TAS-SALTNA

*Hu int, Mulej, li ħażżimtni bil-qawwa: u ftaħtli triq dritta quddiemi (Salm 18, 33).*

1. Il-qawwa, skont Santu Wistin, hija "l-imħabba li tissaporti kollox bil-ħeffa għal Alla" (*De Mor. Eccl.* 25). In-Nisrani li jħobb 'l Alla b'qalbu kollha jkollu ħila jaffronta kull diffikultà għalih, li jħaddan u jsostni kull sagrifiċċju. Proprju għax l-Evanġelju huwa l-kodiċi tal-imħabba huwa wkoll il-kodiċi tal-qawwa. L-ewwel paġni tiegħu jippreżentaw il-figura qawwija u ġeneruża tal-Prekursur, li bla ebda favuri jew biża' tal-bnedmin kien jippriedka l-penitenza lil kulħadd. Meta Ġesù ried ifaħħru qal: "Xi ħriġtu taraw fid-deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ?" (Mt 11, 7). L-Għammied ma kienx wieħed dgħajjef li jċedi quddiem id-diffikultajiet, imma kien qawwi u biex iħeġġeġ il-liġi ta' Alla, ma beżax mill-korla ta' Erodi u kien jaf jaffronta l-martirju bil-kuraġġ.

Meta Ġwanni min-naħa tiegħu kien qiegħed iħabbar il-Messija, qal: "Jien ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni… Hu jgħammidkom bl-iSpirtu s-Santu u n-nar" (Lq 3, 16). Ġesù kien ippreżentat bħala "l-aktar qawwi" għax fih kien hemm il-qawwa u s-setgħa ta' Alla. Isaija wkoll, għamel enfasi kbira fuq il-ħlewwa tas-Salvatur – "ma jgħajjatx" u "qasba mġelġla ma jiksirhiex" (Is 42, 2-3) – ħabbar il-qawwa tiegħu, hu kellu jkun "Alla l-qawwi" li fuqu jistrieħ "l-iSpirtu tal-Mulej, l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa" (Is 11, 2). Qabel ma Ġesù beda l-predikazzjoni tiegħu, l-Evanġelju jurih fi glieda ġganteska mal-akbar għadu tiegħu: Satana. Minħabba dgħufija tal-bniedem hu ta' faraġ naħsbu li l-Mulej ried jumilja lilu nnifsu li saħansitra jgħaddi mit-tentazzjonijiet u dan ma naqqas xejn mill-qawwa u r-rebħa tiegħu. "Itlaq, Xitan!… Imbagħad ix-xitan ħallieh. U ara ġew xi anġli jaqduh" (Mt 4, 10-11).

Il-qawwa u l-ħlewwa huma msawba fi Kristu mingħajr ebda kuntrast; rifless perfett tal-qawwa u l-ħlewwa ta' Alla. Kemm waħda u kemm l-oħra jeħtieġ li jiddu fin-Nisrani li miexi wara Kristu.

2. L-Evanġelju jurina l-ħajja nisranija bħala ħjiel ta' rebħa li titlob qawwa, kuraġġ u ħajja iebsa. "Is-Saltna tas-Smewwiet il-bnedmin qegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha u dawk li jitħabtu bis-sħiħ jaħtfuha"

(Mt 11, 12). Irridu jew ma rridux, nixtiequ naraw f'din il-frażi allużjoni għall-mibegħda tax-xitan, li jitfa' l-qilla tiegħu kontra s-Saltna ta' Alla, imma dejjem jibqa' veru li dawk li jixtiequ jrażżnu lilhom infushom jeħtieġ li jitqabdu b'saħħithom kollha biex jirbħu lill-għadu u jegħlbu kull tfixkil għal dak l-għan tagħhom.

Il-madmad ħelu u l-piż ħafif li jitkellem dwarhom Ġesù (Mt 11, 30) m'għandux jifthiehem bħala Kristjaniżmu ħelu u effemminat li jeħles minn kull taħbit u jirriduċi ruħu fi tnehid bla frott. Il-madmad tal-Mulej huwa tassew ħelu u ħafif, imma biss fi proporzjon tal-imħabba vera, u għalhekk b'saħħitha, li tanima n-Nisrani; għax hija karatteristika tal-imħabba li tagħmel ħafif u ħelu saħansitra l-ħwejjeġ l-aktar iebsin u li jgħajjuk. Mhux għalxejn Ġesù qal bla kompromessi: "Idħlu mill-bieb id-dejjaq għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien… Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha" (Mt 7, 13-14). Il-Kristjaniżmu hu għall-kuraġġużi, għall-qawwijin li ma jibżgħux u ma jċedux għad-diffikultajiet tal-mixja.

It-tradizzjoni nisranija kollha ppreżentat il-mixja wara Kristu bħala gwerra, bħala battalja. San Pawl tkellem proprju mill-armatura li n-Nisrani jkollu jilbes biex jirnexxilu joħroġ rebbieħ: "Ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen, u wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha żżommu weqfin" (Ef 6, 13). U l-armi huma dawn: il-ħżiem tal-verità, il-kurazza tal-ġustizzja, ix-xedd tar-riġel tal-ħeġġa, it-tarka tal-fidi, l-elmu tas-salvazzjoni u fl-aħħar "ix-xabla tal-ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla" (Ef 6, 14-17). Hekk armat, in-Nisrani jista' jiġġieled ta' rebbieħ, imma mhux mingħajr it-talb, għax Alla biss jista' jagħtih ir-rebħa. "Itolbu dejjem fl-iSpirtu, f'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu" (Ef 6, 18).

- Sinjur, dak li ma niflaħx għalih bħala bniedem, agħmel li nista' nkomplih bil-grazzja tiegħek. Inti taf kemm hi ċkejkna l-ħila tiegħi; u li malli jinqagħlali xi ftit tal-għawġ, dik is-siegħa naqta' qalbi. Agħmel li kull salib li jogħġbok tibgħatli nsibu ħelu, anzi li nixtiequ; għaliex hu ta' ġid kbir għar-ruħ li nbati u nkun imħabbat minħabba fik.

Ara ftit mela, Sinjur, ħares lejn id-dgħufija tiegħi: inti taf biżżejjed kemm hi kbira. Ħenn għalija; eħlisni mill-agħma, ħalli ma nibqax imwaħħal fih, minsi minn kullimkien. Taf x'inhu li ta' sikwit iweġġagħli qalbi u jimlieha bil-biża' quddiemek? - Li tant hi ċkejkna l-ħila tiegħi,

ma niflaħx negħleb il-passjonijiet tiegħi. U għalkemm jien ma nagħtihomx dejjem wiċċ, dil-gwerra tgħajjini, ma niflaħx għaliha; u jagħtini l-biki, biki ta' dieqa, meta nara li jeħtieġli ngħix dejjem f'dil-gwerra, U ħaġ'oħra wkoll turini kemm tabilħaqq xejn ma niflaħ; li ċerti ħsibijiet ħżiena aktar jidħlu malajr ġewwa moħħi milli joħorġu.

Alla ta' Iżrael li tista' kollox; inti li tant tħobb l-erwieħ tal-fidili tiegħek; ħares lejn it-taħbit u d-dwejjaq tal-qaddej tiegħek; ieqaf miegħu fil-bżonnijiet kollha li jinsab fihom. Wettaqni bis-saħħa tas-smewwiet, biex il-bniedem il-qadim, jiġifieri dal-ġisem tat-trab, li s'issa ma qagħadx għalkollox għal li titlob minnu r-ruħ tiegħu, ma jiħux ir-riħ fuq: għax sakemm nibqa' nieħu n-nifs f'dil-ħajja kollha hemm bżonn li jien inkun bix-xabla misluta għalih. – Jaħasra, x'ħajja din tagħna, li ma fihiex ħlief slaleb u għawġ; u kulfejn iddawwar wiċċek ma ssibx ħlief xbiek u għedewwa! Tkun għadha kif għaddiet tribulazzjoni jew tentazzjoni, u fil-ħin tiġi l-oħra warajha; anzi fil-waqt stess, l-imsejken bniedem għadu jitqabad mal-waħda, u f'daqqa jsib ruħu f'elf taħbit ieħor.

*Imitazzjoni ta' Kristu* III 19, 5; 20, 2-3

- Mulej Alla tal-eżerċti; fl-Evanġelju int għedtilna: "Jien ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-sejf." Armani għall-battalja; jiena qiegħda ninħaraq minn ġewwa biex nitqabad għall-glorja tiegħek, iżda nitolbok issaħħaħ il-kuraġġ tiegħi… Imbagħad flimkien mas-sultan qaddis David, inkun nista' noħroġ bl-għajta: "Int waħdek int ix-xabla tiegħi. Int, Mulej, tħarriġli riġlejja għat-taqbida u subgħajja għat-taqtigħa.

O Maħbub tiegħi! Jien naf liema taqbida għandek f'moħħok għalija; it-taqtigħa mhix sejra tkun fuq il-kamp tal-battalja…

Jiena priġuniera ta' mħabbtek. Bir-rieda ħielsa tiegħi jiena ħdimt fil-forġa l-katina li se torbotni miegħek, u tifridni għal dejjem minn dik id-dinja li hija misħuta… Ix-xabla tiegħi mhix ħlief l-imħabba; u huwa biha li nkeċċi l-barrani mis-saltna, u nara li int tkun imxandar Sultan f'dawk l-erwieħ li ma jridux joqogħdu għas-Setgħa Divina tiegħek (*Talba* 12).

Xi grazzja, Alla tiegħi, meta filgħodu ma nħoss ebda farka ta' qawwa biex nitħarreġ fil-virtù! Għalhekk hu l-ħin li nqiegħed il-mannara ħdejn l-għerq tas-siġra… l-imħabba tista' tagħmel kollox: il-

ħwejjeġ l-aktar impossibbli ma juru ebda diffikultà. O Ġesù, int ma tħarisx lejn il-kobor tal-għemejjel u lanqas lejn it-tfixkil tagħhom, imma tħares lejn l-imħabba li toħroġ minnhom (*Ittra* 39).

S. Tereża tal-Bambin Ġesù

## 307. ALLA WAĦDU QAWWI

*Mulej, qawwa tiegħi u tarka tiegħi, fik ittamat qalbi (Salm 28, 7).*

1. Alla hu "l-wieħed qalbieni" li "miexi fil-milja tal-qawwa tiegħu" (Is 42, 13; 63, 1). Bil-qawwa tiegħu joħloq u jmexxi l-univers; iwaqqaf il-muntanji u jsikket l-għajjat tal-ibħra (S 65, 7-8), hekk ukoll imexxi l-bnedmin. "Hu jsaltan bil-kobor tiegħu għal dejjem:b'għajnejh fuq il-ġnus jgħasses; ma jerfgħux rashom in-nies xewwiexa" (S 66, 7). Ir-Rabta l-Qadima hi mimlija b'deskrizzjonijiet kollha entużjażmu għall-qawwa ta' Alla, l-attribut esklussiv tiegħu, li huwa għajjur għalih. "M'għandux jiftaħar, il-qalbieni bi qlubitu… imma min irid jiftaħar, b'dan għandu jiftaħar li għandu l-għaqal biex jagħrafni," jgħid il-Mulej (Ġer 9, 22-23). Fil-fatt huwa fih li l-bniedem isib il-qawwa tiegħu. Lill-poplu ta' Iżrael li l-Mulej "bil-qawwa ta' driegħu" ħeles mill-Eġittu, għaddih mid-deżert u wasslu lejn l-art imwiegħda, Alla tah din it-twissija: "M'għandekx tgħid f'qalbek: 'il-ħila tiegħi u l-qawwa ta' idejja kisbuli dan il-ġid kollu.' Ftakar fil-Mulej Alla tiegħek, għax hu tak il-qawwa biex tikseb dan il-ġid" (Dt 8, 17-18). Jekk il-bniedem għandu ħila jagħmel xi ħaġa, hu biss għax Alla sawwab fih ftit mill-qawwa tiegħu jew aħjar iqiegħed il-qawwa tiegħu f'id dawk li jafdaw fih. Sakemm il-bniedem jagħraf id-dgħufija tiegħu u jdur lejn Alla bil-fiduċja, isib l-għajnuna tiegħu fih. Isaija jgħid: "Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi; jien nittama u ma jkollix mniex nibża'" (Dt 12, 2). Ġeremija jsejjaħ: "Mulej, qawwa tiegħi. Kenn tiegħi f'jum il-hemm" (Ġer 16, 19). Is-Salmista jkanta: "Ma jagħmel xejn is-sultan bl-eżerċtu tiegħu kollu, anqas ma jeħlisha l-gwerrier bil-ħila kollha tiegħu. Ruħna tixxennaq għall-Mulej, hu l-għajnuna u t-tarka tagħna (S 33, 16.20) u ma jgħajjiex itenni: "Jien ngħanni l-qawwa tiegħek, għax int sirt fortizza għalija, kenn tiegħi f'jum id-dwejjaq" (S 59, 17). Alla li għandu l-qawwa fih innifsu mhuwiex xħiħ u minn jeddu jislifha lill-bniedem bil-kundizzjoni li dan, waqt li jagħraf id-dgħufija tiegħi, jirrikorri għandu bil-fiduċja. Hekk jgħid il-Mulej: "Fil-kwiet u fil-fiduċja qiegħda l-qawwa tagħkom" (Is 30, 15).

2. L-ideat fundamentali tal-qawwa ta' Alla u d-dgħufija tal-bniedem jissemmew mill-ġdid u jitwettqu fir-Rabta l-Ġdida, fejn Ġesù jinkarna l-qawwa divina fih u jkun il-medjatur tagħha għall-bnedmin. Hu "setgħan fil-kliem u fl-għemil quddiem Alla u quddiem il-poplu

kollu” (Lq 24, 19), stqarr: “Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn” (Ġw 15, 5). Wara li rċieva l-qawwa mingħand il-Missier, huwa lest li jgħaddiha lil dawk li jemmnu fih u jirrikorru lejh bil-fiduċja, speċjalment lil dawk li għad isejjaħ għall-appostolat. Wara li għażel it-Tnax, “tahom qawwa u setgħa fuq ix-xjaten kollha u li jfejqu l-mard” (Lq 9, 1). Qabel tela’ s-sema wiegħed lil istess Tnax li “Alla… jlibbiskom bil-qawwa tiegħu” (Lq 24, 49), u b’mod aktar ċar “meta jiġi fuqkom l-iSpirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi” (Atti 1, 8). Il-bidu tal-ministeru tal-Appostli ġab mill-ewwel il-marka tas-setgħa divina li biha ġew imlibbsa. Pietru li, għax beża’ minn mara ċaħad lill-Imgħallem, wara Għid il-Ħamsin bil-kuraġġ u b’wiċċu minn quddiem kellem lill-poplu u kkundanna l-inġustizzja li saret ma’ Ġesù (Atti 2, 36). Id-dgħufija tas-sajjied ġiet mibdula mill-iSpirtu s-Santu f’qawwa ta’ Appostlu.

Il-qawwa hi virtù nisranija, mhux għax in-natura għaniet lill-bniedem ftit jew wisq kuraġġuż, imma għax Alla, fil-Magħmudija, sawwab fih tisħib tas-setgħa divina tiegħu. Din biss hija qawwa sopranaturali u għalhekk maħsuba biex tegħleb id-diffikultajiet li hemm fil-ħajja nisranija. U l-qawwa msawba tista’ u jmissha tkun mgħejjuna mill-kwalitajiet naturali, imma m’għandhiex titħallat magħhom. Ta’ sikwit il-bniedem li hu qawwi min-natura, u li jkollu l-ħila għall-għemil kuraġġuż fuq il-pjan uman, isir dgħajjef meta jiġi biex ikun fidil ma’ Alla u mad-dmirijiet proprji tiegħu. U mhux rari li bniedem beżżiegħi min-natura, isir qawwi meta jħalli taħdem fih il-qawwa divina. ”Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief… hekk ebda bniedem ma jkun jista’ jiftaħar quddiem Alla” (I Kor 1, 27.29).

- Inti qaddis, Mulej Alla waħdieni, li tagħmel l-għeġubijiet. Inti qawwi. Inti kbir. Inti l-aktar għoli. Int sultan li tista' kollox, int Missier qaddis, Sultan tas-sema u l-art. Inti l-ġid, il-ġid kollu, Sinjur Alla ħaj u veru. Inti paċenzja. Inti sigurtà. Inti kwiet. Inti ferħ u hena... Inti manswetudni. Inti protettur. Inti kustodju u difensur. Inti qawwa. Inti faraġ. Inti t-tama tagħna. Inti l-fidi tagħna. Inti l-akbar ħlewwa tagħna, Inti l-ħajja eterna tagħna. Mulej kbir u ta’ min jammirak. Alla li tista’ kollox. Salvatur kollok ħniena.

S. Franġisk ta’ Assisi, *Massimi* p. 125-136

- Alla ta' dejjem, inti rajt il-fraġilità tan-natura tagħna l-bnedmin, u kemm hi dgħajfa, fraġli u msejkna, għalhekk int, l-aktar wieħed li tipprovdi u li f'kollox ipprovdejt għall-ħlejqa tiegħek, int l-aħjar rimedjatur li għalkollox sibt rimedju, int qajjimt il-qawwa tar-rieda u seħibtha mad-dgħufija ta' ġisimna; u din ir-rieda hija hekk qawwija li, la d-demonju u lanqas il-ħlejqa ma jistgħu jirbħulha jekk aħna ma nkunux irridu dan, jiġifieri jekk ir-rieda ħielsa tagħna li fiha hemm din il-qawwa, ma tagħtix il-kunsens tagħha.

O tjubija infinita, minn fejn ġejja daqshekk qawwa fir-rieda tal-ħlejqa tiegħek? Minnek, o qawwa assoluta u eterna; li minnha nara li tissieħeb mill-qawwa tar-rieda tiegħek, għax mir-rieda tiegħek ġiet il-qawwa tagħna. Għalhekk naraw li r-rieda tagħna hi qawwija daqskemm timxi wara r-rieda tiegħek; u tkun hekk dgħajfa, daqskemm titbiegħed mir-rieda tiegħek, għax int ħlaqt ir-rieda tagħna fix-xebh tar-rieda tiegħek, u għalhekk ir-rieda tagħna tkun qawwija meta tistrieħ fir-rieda tiegħek… Fir-rieda tagħna, Missier etern, turi l-qawwa tar-rieda tiegħek; jekk int tajt daqshekk qawwa lill-membru ċkejken, kemm imissna nqimu l-kobor tal-qawwa tiegħek, ladarba int mill-Ħallieq u l-Mexxej ta' dak kollu li jeżisti?

S. Katerina ta' Siena, *Preghiere ed Elevazioni,* p. 93-94

## 308. LA TIBŻGĦUX

*Imqar jekk eżerċtu jqum għalija, xejn ma tibża' qalbi (Salm 27, 3).*

1. Ġesù, "l-aktar wieħed qawwi," ġie biex iwaqqa' s-saltna ta' Satana fid-dinja, għamel attenzjoni speċjali biex jifforma d-dixxipli tiegħu fil-qawwa, u jqawwihom kontra kull xorta ta' periklu.

Meta t-tempesta qawwija faqqgħet fuq l-għadira u d-dixxipli mwerwrin qajmu lil Ġesù bl-għajjat: "Salvana Mulej! Se nintilfu!" hu qalilhom: "Dan il-biża' kollu għalfejn, ja nies ta' fidi ċkejkna?" (Mt 8, 25-26). Il-fidi tkeċċi l-biża'. Minn xiex għandu jibża' min jemmen tassew f'Alla u huwa żgur mill-għajnuna setgħana tiegħu?

Ġesù ma ħebiex mid-dixxipli li kienu se jiltaqgħu mal-għedewwa u jkunu ppersegwitati kif kien ippersegwitat hu, u ħeġġiġhom biex ma jibżgħux. "Dan ngħidilkom ħbieb tiegħi: tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem u mbagħad ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn iżjed" (Lq 12, 4). In-Nisrani għandu jistqarr il-fidi tiegħu wkoll meta tista' tiswielu ħajtu; għax tiswa x'tiswa l-ħajja ta' din l-art, is-siwi tal-ħajja ta' dejjem huwa wisq akbar u hu xi ħaġa li ħadd ma jista' jeħodhielna. Min jistqarr lil Kristu quddiem il-bnedmin, ikun jiżgura x-xhieda ta' Kristu quddiem il-Missier; il-ħajja ta' dejjem tkun il-premju tiegħu. Id-dixxiplu ta' Kristu qatt ma għandu jibża' quddiem l-għedewwa tiegħu jew l-imħallfin. "Meta jeħdukom quddiem is-Sinagogi u l-kapijiet u s-setgħat, toqogħdux tħabblu raskom kif jew biex sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-iSpirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu" (Lq 12, 11-12). Il-kawża ta' min jistqarr il-fidi hija l-kawża ta' Alla; Alla nnifsu jiġi biex jgħinu u jnebbħu kif għandu jġib ruħu. Is-sigriet li għamel lill-martri daqshekk qalbiena hu li kienu jafdaw f'Alla b'ċertezza assoluta.

Ġesù jagħlaq id-diskors tiegħu hekk: "Le, merħla ċkejkna tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna!" (Lq 12, 32). Għalkemm id-dixxipli ta' Kristu kienu ftit, bla ma kellhom lil ħadd jiddefendihom, u ppersegwitati, imma dejjem kienu mkebbsin bl-imħabba tal-Missier li għażilhom bħala wliedu u ddestinahom li jkollhom post fis-saltna tiegħu ta' dejjem. Il-grazzja u l-ħarsien setgħani tiegħu huma tagħhom; u aktar ma jistkennu fih aktar ikunu qawwija.

2. Il-qawwa nisranija hija waħda mill-virtujiet l-aktar li huma rrikkmandati mill-Konċilju Vatikan II. "Is-seminaristi għandhom jitwasslu għall-maturità umana meħtieġa" (OT 11). "[Ir-reliġjużi għandhom] jitħarrġu… fil-qawwa" (PC 5). "Il-missjunarju għandu jgħarraf il-misteru ta' Kristu… b'daqshekk fiduċja li ma jibżax jitkellem kif jeħtieġ u lanqas mill-iskandlu tas-salib… Huwa jitlob u jaqla' mingħand Alla l-virtù u l-qawwa" (AG 24). Fl-aħħar nett il-Konċilju "jiżżiħajr lil Alla li fi żminijietna wkoll ma jonqosx li jagħti Lajċi ta' qawwa erojka fost il-persekuzzjonijiet" (AA 17). Fil-fatt mhumiex ftit dawk – saċerdoti u Nsara – li llum kważi kullimkien qegħdin isofru għall-fidi. Waqt li nżommu din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, il-Knisja ma ħasbithiex darbtejn li ddaħħal il-prospett tal-martirju fil-kwadru tal-qdusija universali proposta lill-Insara kollha: "Il-Knisja għalhekk tqis il-martirju, li bih id-dixxiplu jsir jixbah lill-Imgħallem… u jikkonforma ruħu miegħu fit-tixrid tad-demm, bħala l-ogħla don li jista' jirċievi u l-akbar prova ta' mħabba li jista' jagħti (LG 42). Il-martirju huwa l-aqwa espressjoni tal-qawwa nisranija mqanqla mill-karità, u jekk mhix mitluba minn kulħadd, imma jeħtieġ li għallanqas tkun fil-moħħ ta' kull Nisrani. Potenzjalment, in-Nisrani huwa martri, ikkonsagrat b'dal-mod permezz tal-magħmudija u l-griżma li sawbu fih il-virtù tal-qawwa, u tawh il-ħila li f'każ ta' ħtieġa jissagrifika wkoll il-ħajja tiegħu għall-fidi. Fiha tassew x'tifhem li l-Konċilju qabel ma ppreżenta l-martirju bħala għemil tan-Nisrani, ippreżentah bħala "l-ogħla don" mogħti minn Alla. Huwa don ta' Alla għax hu biss jista' jagħti l-kuraġġ biex wieħed jaffronta l-martirju, imma don ukoll għax huwa privileġġ kbir li xi ħadd ikun imsejjaħ biex iċedi għall-mewt mhux bi ħtieġa naturali, imma minħabba f'Alla, biex jagħti xhieda tal-fedeltà tiegħu.

Dan ma jħassarx il-fatt li bla ma tistenna tinħakem mill-biża' u n-niket meta l-persekuzzjoni u l-periklu jaslu għal għarrieda. Il-qawwa nisranija ma teħlisniex minn din l-esperjenza ta' niket, imma tagħtina l-ħila li nirbħuha waqt li nżommu l-ħarsa tagħna mwaħħla fi Kristu. Magħqud miegħu, in-Nisrani jsib il-qawwa biex "jimxi warajh fit-triq tas-salib f'nofs il-persekuzzjonijiet li qatt ma jonqsu fil-Knisja" (LG 42). Lid-dixxipli tiegħu ppersegwitati, l-Imgħallem itenni; "Agħmlu l-qalb jiena rbaħt id-dinja" (Ġw 16, 33).

- Mulej, agħmel li nibqa' sod kontra d-dinja, sod fit-tbatijiet tiegħi u sod kontra l-qerq tat-tentazzjonijiet. Għinni biex ma nintilifx…

biex ikolli lilek, biex ikolli l-imħabba. Tħallinix ninfired mill-membri tal-għarusa tiegħek [il-Knisja] ma ninfiridx mill-fidi, biex inkun nista' nifraħ quddiemek, b'hekk inkun nista' nibqa' marbut miegħek fil-kwiet, issa bil-fidi, u mbagħad meta nara; u ta' dan għandi rahan tal-iSpirtu s-Santu.

Santu Wistin, *In 1 Io* 9, 11

- Alla tiegħi agħmel li ma noqogħdx naħseb jekk inix se nġarrab xi telf jew le. Inżomm quddiem għajnejja l-ġid li jista' jikseb il-proxxmu tiegħi, u xejn iżjed; u biex nogħġob lil Alla aktar, ninsa lili nnifsi ħalli nkun ta' ġid għall-oħrajn; u lesta li nitlef ħajti jekk dan ikun mitlub minni, bħalma għamlu ħafna martri.

S. Tereża ta' Ġesù, *Meditazzjonijiet fuq l-Għanja tal-Għanjiet* 7, 5

- Il-martirju, hawn hi l-ħolma ta' żgħożiti; din il-ħolma kibret miegħi fil-kjostri tal-Karmelu. Iżda hawn ukoll, inħoss li l-ħolma tiegħi hija bluha, għax ma nafx nillimita ruħi li nixtieq għamla waħda ta' martirju. Biex naqta' xewqti, kont kieku neħtieġhom kollha. Bħalek, Għarus Meqjum tiegħi, kont kieku rrid niġi fflaġellata u msallba. Irrid kieku mmut imqaxxra bħal San Bartilmew. Bħal San Ġwann, irrid inkun mgħaddsa fiż-żejt jagħli, irrid inġarrab it-torturi kollha li taw lill-martri. Ma' Sant'Anjeże u Santa Ċeċilja rrid kieku mmidd għonqi għax-xabla, u bħal Ġovanna d'Arco, oħti l-għażiża, irrid kieku, meta niġi marbuta u maħruqa, inlissen ismek minn taħt l-ilsien, o Ġesù. Meta naħseb fit-turmenti li għad ikunu s-sehem tal-Insara fi żmien l-Antikrist, inħoss qalbi taqbeż bil-ferħ u rrid kieku li dawk it-turmenti jkunu merfugħin għalija. Ġesù, Ġesù, li kieku ridt nikteb xewqati kollha, kien ikolli nissellef il-Ktieb tiegħek tal-Ħajja: hemm jinsabu mniżżla l-għemejjel tal-Qaddisin kollha, u dawk l-għemejjel irrid kieku nkun wettaqthom għalik.

S. Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ*, Ms B 3q

## 309. QAWWIJA U ĠENERUŻI

*Fik, Mulej, nittama! Inżomm sħiħ u nqawwi qalbi (S 27, 14).*

1. Meta S. Injazju ta' Antjokja kien ikkundannat għall-mewt billi jintefa' taħt snien l-annimali selvaġġi, talab li ħadd ma kellu jindaħal biex jeħlislu ħajtu: "Tagħtuni xejn iżjed milli demmi jkun imxerred bħala sagrifiċċju… Imbagħad biss inkun dixxiplu veru ta' Ġesù Kristu, meta d-dinja anqas biss tara lil ġismi" (*Lir-Rumani* 2, 4). Dan il-martri kbir ħa l-kliem tal-Mulej bis-serjetà: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Bxara t-tajba, isalvaha" (Mk 8, 34-35). Ix-xewqa tal-martirju jmissha ssib post fil-qalb ta' kull Nisrani, mhux biex jitqarraq bil-ħsieb ta' eroiżmu li forsi qatt ma jiġi mitlub minnu, imma biex ikun imbuttat għall-kobor u għall-ġenerożità fl-aspetti kollha ta' ħajtu. In-Nisrani li jibqa' lura u jipprova jagħti 'l Alla l-inqas meħtieġ biex ma jittradihx. Li aktar ħsiebu kif jeħles mis-salib milli jġorru, aktar biex jiddefendi lilu nnifsu milli jiċċaħħad, aktar li jsalva ħajtu milli jagħtiha – wieħed bħal dan mhuwiex dixxiplu veru ta' Kristu. Ukoll jekk ma nkunux imsejħa li nixhdu għall-imħabba u l-fidi tagħna permezz tal-martirju mdemmi, imma dejjem għandna nagħtu xhieda billi nħaddnu b'qalb ġeneruża l-obbligazzjonijiet kollha li jitlob minna l-mixi wara Kristu, bla ma nerġgħu lura mis-sagrifiċċju.

S. Pawl kiteb lill-Kolossin: "Ma hedejniex nitolbu għalikom… [biex] titwettaq bil-qawwa kollha li tiġi mill-qawwa tal-glorja tiegħu, biex tkunu tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar" (Kol 1, 9.11). Il-qawwa u l-ġenerożità jimxu id f'id u huma t-tnejn frott ta' mħabba qawwija. Jekk il-ħajja ta' kuljum hi magħmula minn ħwejjeġ żgħar u minn dmirijiet umli, in-Nisrani jmissu jwettaqhom b'qalb kbira, b'xewqa li jagħmel ħafna għal Alla, li jagħmel dak kollu li jista'. Imġiba ġeneruża fid-dmirijiet ta' kuljum, ukoll jekk ikunu żgħar u monotoni, jiddisponu li jwettqu ħwejjeġ iebsin u għemil erojku meta Alla jitlob dan. "Issaħħu u qawwu qalbkom, intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej" (S 31, 25).

2. "Naf ngħix fl-għaks, u naf ngħix fil-ġid; kollox drajt: ix-xabgħa u l-ġuħ: il-ġid u l-għaks. Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini" (Fil 4, 12-13). Din hi l-attitudni tal-ġenerożità; ma teskludi

xejn mill-ħajja, tħaddan kull sitwazzjoni, tissaporti kull dieqa, tipprova kollox għall-glorja ta' Alla, u tistrieħ fuq l-għajnuna tiegħu.

Santa Tereża ta' Ġesù tħeġġeġ biex inrawmu fina xewqat ġenerużi u li nidħlu għall-ħwejjeġ akbar għall-Mulej, malli nintebħu li din hi r-rieda tiegħu. "Il-Maestà Tiegħu jfittex erwieħ ta' qalb kbira, u jitħabbeb magħhom meta jimxu fl-umiltà għax ma jqiegħdu ebda fiduċja fihom infushom. Jiena qatt ma rajt xi waħda minn dawn tibqa' lura f'din it-triq; lanqas qatt rajt xi ruħ li tkun ġifa fil-kenn tal-umiltà mhux f'waqtha timxi 'l quddiem f'ħafna snin daqskemm timxi waħda minn dawn l-erwieħ umli ta' qalb kbira fi ftit snin" (*Ħajja* 13, 2). Il-ġenerożità nisranija ma timbeniex fuq il-qawwiet tal-bniedem, iżda fuq il-qawwa ta Alla; għalhekk taqbel mal-umiltà u n-nuqqas ta' fiduċja fina nfusna, anzi tissoponiha. L-għajta tagħha hija dik tal-Appostlu: "l-inqas wieħed fost l-appostli" (I Kor 15, 8), imma "nista' kollox f'dak li jqawwini." Il-ġeneruż ma jħallix li jkun imqarraq mill-umiltà falza li bi skuża li jaħrab mill-frugħa, jibża' jidħol għal għemil ġeneruż jew jikkomprometti ruħu f'għemil iebes u għalhekk jibqa' lura u jagħżel li jgħix fil-kwiet u fil-kumdità tiegħu. "L-imħabba l-iżjed perfetta – jgħallem S. Tumas – tmidd idejha għal kull ħaġa l-iktar diffiċli" (III *Sent.* D 29, a 8 q III, s 2). Meta wieħed jagħmel dan b'intenzjoni retta waqt li jagħmel kollox biex jogħġob u jagħti glorja 'l Alla, bla ma jwarrab mil-linja tal-ubbidjenza, il-periklu tal-frugħa ma jeżistix; waqt li min-naħa l-oħra jista' jkun hemm il-frugħa fih meta ma jkunx irid jesponi ruħu minħabba l-biża' li ma jkollux suċċess. L-Insara ma jfittxux il-kobor tagħhom infushom, imma l-kobor ta' Alla u jekk Alla jista' jkun mgħolli mill-umljazzjoni tagħhom, ma jaħarbux minnha. Sakemm il-Mulej huwa moqdi, u jaċċettaw li jgħixu "fil-ġieħ u fl-għajb, sew jekk jgħidu l-ħażin u kemm jekk jgħidu t-tajjeb fuqna… bħala nies imdejqa… għad li nagħmlu għonja lil ħafna; bħala nies li ma għandhom xejn għad li kollox huwa tagħna!" (2 Kor 6, 8.10).

● Xi jkun qiegħed jagħmel min ma jxejjinx lilu nnifsu u jeħles minn kollox għalik? U kemm jonqosni, kemm jonqosni – għal elf darb'oħra nistqarru – biex nasal għal dan! Hu għalhekk li ma għandix għalfejn ngħix aktar għax miniex ngħix skont id-dejn li għandi miegħek. Kemm nuqqasijiet nara fija! Kemm nuqqas ta' ħeġġa fil-qadi tiegħek! Hija ħaġa żgura li xi drabi jidhirli li lanqas inkun irrid naf

x'qegħda nagħmel biex ma narax fija ħażen hekk kbir. Ħa jqiegħed rimedju dak li jista'!

Ma rridx nifhem u lanqas irrid li jaħsbu li rrid nifhem, xi ħaġ'oħra ħlief li aktar irrid dik l-orazzjoni ta' ftit żmien li ġġib effetti hekk kbar illi jidhru mal-ewwel daqqa ta' għajn milli dik l-orazzjoni ta' ħafna snin li biha wieħed qatt ma jasal, la fil-bidu u lanqas wara, li jaqtagħha li jagħmel xi ħaġa għal Alla – jekk mhux ħwejjeġ l-aktar żgħar u bla siwi, bħal frak tal-melħ, li la għandu toqol u lanqas kobor ta' xejn, hekk li għasfur żgħir jista' jġorru f'munqaru – u jqis dan bħala ċaħda u effett kbir tat-talb. Hija ħasra li nagħtu ħafna kas ta' xi ħwejjeġ li nagħmlu għall-Mulej, ukoll jekk ikunu ħafna.

Jien hekk magħmula, u ninsa l-grazzji ma' kull pass li nagħti. Ma rridx ngħid li l-Maestà Tiegħu fil-kobor ta' tjubitu ma jgħożżx dawn il-ħwejjeġ żgħar. Imma jien ma rridx nagħti kas tagħhom u lanqas irrid noqgħod nara li qiegħda nagħmilhom, għax huma ħaġa ta' xejn.

Min-naħa l-oħra, aħfirli, Mulej, u la tqisulix bi ħtija li nfittex li nfarraġ lili nnifsi b'xi ħaġa, ladarba ma jien qiegħda naqdik f'xejn. Kieku qdejtek fi ħwejjeġ kbar, ma kontx se noqgħod nagħti kas ta' dawn il-ħwejjeġ ta' xejn. Imbierka huma dawk li jaqduk fi ħwejjeġ kbar! Li kieku kien jgħodd li ngħir għalihom u li nixtieq inkun bħalhom, ma kontx nibqa' lura li nhennik jiena wkoll; imma jien ma niswa xejn, Mulej. Agħtini xi siwi int li tħobbni daqhekk (*Ħajja* 39, 6.13).

O mħabba qawwija ta' Alla! Kemm huwa minnu li ma hemm xejn li ma jistax isir għal min iħobb tassew! O ruħ ixxurtjata hija dik li kisbet din il-paċi vera mingħand Alla tagħha, għax issa għandha ħakma fuq kull tiġrib u fuq il-perikli kollha tad-dinja, hekk li ma tibża' minn ħadd jekk tara li tkun tista' taqdi tajjeb lil Mulej u Għarus hekk twajjeb (*Meditazzjonijiet fuq l-Għanja tal-Għanjiet* 3, 4).

S. Tereża ta' Ġesù

## 310. SABAR WAQT KULL PROVA

*Jalla l-Mulej iwassal lil qalbi għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu (2 Tess 3, 5).*

1. "Ħuti, stabru sa ma jasal il-Mulej. Ara l-bidwi joqgħod b'sabar kbir jistenna l-frott għażiż tal-art... Stabru intom ukoll; qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib" (Ġak 5, 7-8). Fil-ħajja ma niltaqgħux biss ma' diffikultajiet li bi ftit tal-kuraġġ jistgħu jintrebħu darba għal dejjem. Ħafna drabi jkunu tbatijiet fiżiċi jew morali, sitwazzjonijiet ta' niket li huwa impossibbli nnaqqsuhom u jkun jeħtieġ nissaportuhom bis-sabar, sakemm Alla ma jiddisponix mod ieħor. It-tbatija f'sura jew oħra, timxi mal-bniedem tul ħajtu kollha; xortih tajba min jifhem is-siwi tagħha u minnha jagħmel teżor għal dejjem. Kif il-bidwi jistenna bis-sabar il-frott tal-art, hekk in-Nisrani jeħtieġ jissabbar fit-tbatijiet waqt li jistenna l-miġja tal-Mulej; dak il-jum – l-aħħar jum – it-tbatijiet li nkunu sofrejna bis-sabar għall-imħabba ta' Alla jagħtu l-frott tagħhom, il-glorja tas-sema.

Il-Konċilju Vatikan II jgħid: "Billi [Kristu] bata għalina, mhux biss tana eżempju biex nimxu fuq il-passi tiegħu imma fetħilna wkoll triq li meta nimxu minnha l-ħajja u l-mewt jitqaddsu u jiksbu tifsir ġdid" (GS 22). It-triq li Kristu fetaħ għall-bniedem permezz tal-passjoni tiegħu hija dik tas-sabar nisrani, li jqaddes il-ħajja u l-mewt u jagħtihom tifsira ġdida: illum nissieħbu fit-tbatija feddejja tal-Mulej, u għada nissieħbu fil-glorja tiegħu. In-niket ma baqax iżjed enigma li tkisser lill-bniedem u titturmentah sakemm twasslu għad-disperazzjoni, imma ssir raġuni ta' tama u ta' hena għax hija rahan tal-ħajja ta' dejjem.

Issa nifhmu għaliex San Pawl seta' jikteb: "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fl-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu hekk joktor fina l-faraġ" (2 Kor 1, 3-5).

2. San Tumas jgħallem li "l-għemil prinċipali tal-qawwa mhux li tattakka imma li tirreżisti, jiġifieri tibqa' soda fil-perikli" (*S.T.* 2-2, 123, 6). Ir-reżistenza waqt il-ġlieda – fil-fatt titlob qawwa kbira fir-ruħ; li

ssofri huwa wisq aktar iebes milli tattakka. Biex jagħmlilna l-qalb f'din ir-reżistenza, l-awtur tal-ittra lil-Lhud jistedinna biex "inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù… li flok l-hena li kellu quddiemu qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu… aħsbu mela fih… biex ma tgħejjewx u ma taqtgħux qalbkom" (Lhud 12, 2-3). In-Nisrani jista' jsib ruħu mirbuħ min-niket, tbatijiet u x-xorti ħażina li jgħaffġuh bil-piż u d-dewmien tagħhom; imbagħad jista' jitlef il-kuraġġ, u jkun ittentat biex iċedi l-armi, u jaħrab mill-battalja. Dan ma jiġrilux jekk iżomm ħarstu fuq Ġesù kollu sabar. Mingħajru kull tbatija u kull ġlieda jkunu bla siwi, imma miegħu, ikunu mezzi biex nirbħu l-hena u l-glorja ta' dejjem għalina u għall-oħrajn. L-eżempju tal-Mulej jgħinna u jfarraġna; imma bħalu jkollna naslu sal-punt li "nxerrdu demmna" (Lhud 12, 4). Sa hawn għandu jasal il-kejl tas-sabar nisrani..

San Pietru jgħid: "ladarba Kristu bata f'ġismu, intom ukoll armaw ruħkom bl-istess ħsieb" (I Pt 4, 1). Ħsieb ta' aċċettazzjoni tar-rieda ta' Alla, ta' sabar, ta' qawwa. U dan mhux biss għat-tbatijiet esterni li jiġu mill-bnedmin, imma wkoll għal dawk intimi, għalkollox personali, li jippermettihom Alla biss. Ta' sikwit ikun itqal li tissaporti t-taqbid ġewwieni milli t-taqbid estern; tissaporti bil-kalma marda fit-tul li twassal lill-bniedem li ma jkun tajjeb għal xejn, milli titħabat ħafna għall-ħtiġijiet tal-ħajja jew biex tagħmel it-tajjeb. Ukoll jekk mill-aspett uman, ċerti sofferenzi jistgħu jidhru inġusti u ma jistħoqqulniex, imma għandhom post fil-pjan ta' Alla, u huma intiżi għall-ġid ta' "dawk li jħobbuh" (Rum 8, 28). "Din hi grazzja li wieħed ibati bla ħtija għal Alla; u jieħu bis-sabar it-tbatija. X'mertu jkollkom li tieħdu bis-sabar is-swat meta tkunu għamiltu l-ħażen?" (I Pt 2, 19-20). Ġesù wkoll bata bla ħtija u "Ma hemmx dixxiplu aqwa mill-imgħallem" (Mt 10, 24).

● Il-paċenzja hija virtù hekk sabiħa u meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna li mingħajrha ma nistgħux nogħġbuk, o Alla, u lanqas nirċievu l-frott tax-xogħol li jgħajjina u li inti tippermetti għas-salvazzjoni tagħna… Din il-virtù… turina biċ-ċar li bid-dawl tal-fidi mqaddsa, ir-ruħ fehmet li ma tixtieqx ħlief il-ġid tagħha, u li dak kollu li int tagħtina u tippermetti li jkollna f'din il-ħajja jingħata għall-qdusija tagħna… O ruħ tiegħi, int tixtieq tgerger għax-xorti tajba tiegħek? Int ma tistax u ma għandekx tgerger, imma jmissek issofri kollox għall-glorja u t-tifħir tal-isem ta' Alla.

Il-paċenzja tnissel il-ħlewwa fil-qalb; hija qawwija u tkeċċi n-nuqqas ta' sabar u t-tbatijiet kollha; hija tasal li tbati fit-tul u ma taqtax qalbha, u ebda għejja ma ġġiegħelha ddawwar rasha biex tħares lura lejn dak li wettqet; dejjem timxi 'l quddiem, timxi warajk, Ħaruf umli; għax is-sabar u l-ħlewwa tiegħek kienu hekk kbar li ebda għajta ta' tgergir qatt ma nstemgħet mingħandek. Ir-ruħ tikkonforma lilha nfisha miegħek, l-imsallab, għax tlibbes lilha nfisha bit-tagħlim tiegħek, u taqta l-għatx tagħha bl-għajb. Hija taħkem il-korla, tisħaqha bil-ħlewwa. Ebda xogħol ma jgħajjiha, għax hi marbuta mal-imħabba… Hija tagħti b'mod ġeneruż, m'hemm xejn li żżomm għażiż li ma tagħtihx u bis-sabar tiċċaħħad minnu, bħallikieku xurbana bid-demm tiegħek, o Kristu msallab. Hija titlef lilha nfisha, u aktar ma tagħmel hekk, aktar issib lilha nfisha magħquda u msaħħa fir-rieda ħelwa tegħek.

S. Katerina ta' Siena, *Epistolario* 335, v. 5, p. 265

● Ikun biżżejjed għalija Kristu msallab, li miegħek inbati u nistrieħ… Imsallab minn ġewwa u minn barra ma' Kristu, il-bniedem jgħix f'din id-dinja fil-milja u s-sodisfazzjon ta' ruħu hekk li jaħkem ruħu bis-sabar.

Ħobb ħafna t-tiġrib, u żommu bi ftit jekk trid tikseb il-grazzja tal-Għarus, li ma rahiex bi kbira li jmut għalik.

S. Ġwann tas-Salib, *Sentenzi ta' Dawl u Mħabba*, 2, 13.8.15

## 311. IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura (Lam 5, 21).*

Id-daħla tal-meditazzjoni tagħna fuq is-siltiet bibliċi tal-Liturġija tal-lum jistgħu jittieħdu mit-tieni qari (Rum 13, 8-10). "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin" (Rum 13, 8). Dan hu d-dejn kbir li kull wieħed għandu jgħaġġel biex jirregola; huwa dejn għax l-imħabba ta' xulxin hija bżonn tan-natura umana u għax Alla stess ried li jħares dan il-bżonn bi kliem tassew importanti li jiġbor il-liġi kollha: "Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-liġi" (Rum 13, 8). Il-preċetti kollha – negattivi u pożittivi – li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin fil-fatt jilħqu l-milja tagħhom fl-imħabba. Imħabba ordnata mhux biss għall-ġid materjali tal-aħwa, imma wkoll għal dak spiritwali u ta' dejjem. Kif kull wieħed jixtieq is-salvazzjoni għalih innifsu, hekk hu marbut li jridha wkoll għall-oħrajn; anzi din hija kundizzjoni tal-istess salvazzjoni personali.

Fuq dan il-punt jieqaf l-ewwel qari (Eżek 33, 7-9). Alla qiegħed lil Eżekjel bħala għassies tal-poplu tiegħu u qallu: "Jekk int ma titkellimx biex twissi lill-midneb biex jerġa' lura mill-imġiba tiegħu hu l-midneb fi ħżunitu; imma demmu nfittxu minn idejk" (Eżek 33, 8). Hija demm kbira r-responsabbiltà ta' min għandu dmirijiet bħal dawk ta' profeta, hija dejjem kbira: ragħajja tal-poplu t'Alla, superjuri reliġjużi, missirijiet u ommijiet tal-familja, edukaturi. Is-salvazzjoni tagħhom hija marbuta mal-ħeġġa fil-ħarsien tal-merħla tagħhom, kbira jew żgħira kemm hi. Jekk tħalli jintilef fid-dnub iben jew wieħed mill-aħwa bla ma tnewwillu idejk, huwa tradiment, hu għemil baxx, egoiżmu li Alla jitlob kont strett tiegħu. Il-biża' li nkunu mkeċċijin, li nitilfu l-popolarità jew li niġu akkużati b'ras iebsa mhix skuża biex "naħslu idejna" jew li "nħallu kollox għaddej". Min iħobb ma jistrieħx qabel isib mod kif jasal qrib il-ħati u jwissih bit-tjubija u b'mod sod. U jekk minkejja t-twissijiet u t-talb ma jirnexxilux dak li kellu f'moħħu, ma jieqafx jitlob u jagħmel penitenza biex jaqla' l-grazzja minn Alla.

L-Evanġelju (Mt 15, 15-20) jimxi pass 'il quddiem u jwassal dan id-dmir għal kull Nisrani li jara wieħed mill-aħwa jaqa' fid-dnub. "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu, jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk" (Mt 18, 15). Qabel xejn it-twissija jeħtieġ tkun

sigrieta biex jitħares l-isem tajjeb tal-ħati. B’xorti ħażina fil-prattika ta’ sikwit jiġri bil-maqlub: nitkellmu u ngergru mal-oħrajn u b’hekk jinkixef dak li kien moħbi, waqt li ftit issib min iwissi lill-ħati. X’ġid hemm meta wieħed jiddiskuti l-mard ta’ ħaddieħor jekk ma hemm ħadd li qiegħed ifejjaq lill-marid? Jeħtieġ imma li xi ħadd jieħu ħsieb li “jirbaħ” lil ħuh; it-telfa tiegħu hija ta’ ħsara għalih u għall-komunità, imma li tirbħu lura huwa “qliegħ” għal kulħadd. Għalhekk jekk it-twissija privata ma tirnexxix, Ġesù jgħallem li għandha ssir mill-ġdid quddiem tnejn jew tliet xhieda u jekk ukoll dan il-mezz ifalli, għandha tkun infurmata l-Knisja. Mhux bl-għan ta’ akkuża jew kundanna, imma biex il-ħati jitwassal li jeżamina lilu nnifsu u jitħares il-ġid komuni. Fil-fatt il-Knisja, billi mgħejjuna mill-iSpirtu s-Santu, għandha dawl speċjali u setgħa, u għalhekk it-twissija tagħha għandha effett speċjali u fl-aħħar id-deċiżjoni tagħha li “torbot u tħoll” hija hekk qawwija li torbot u tħoll fis-sema (Mt 18, 18).

Is-silta tal-Evanġelju tagħlaq bi twissija għat-talb flimkien. Kif l-Insara – wieħed jew żewġ xhieda – jeħtieġ li jaqblu biex jirbħu wieħed mill-aħwa lura mid-dnub, jeħtieġ ukoll li jkunu magħqudin fit-talb. Huwa biżżejjed li saħansitra żewġ erwieħ jaqblu dwar x’għandhom jitolbu ‘l Alla, u jkunu miġbura flimkien fl-isem ta’ Ġesù, biex it-talba tagħhom tinstema’; u żgur tinstema’ jekk l-għan tagħha hu l-fejqan tal-midinbin.

- Alla, inti tajtna l-fidwa u għamiltna wlied adottivi tiegħek; biex dawk kollha li jemmnu fi Kristu jkunu ħielsa tassew u jiksbu l-wirt ta’ dejjem (*Kolletta*).

O Alla, minnek ġej is-sliem tagħna u r-rabta ta’ qalbna miegħek; agħmel li b’din l-offerta, nagħtu ġieħ kif jixraq lill-kobor tiegħek, u li nħossu ruħna magħqudin ħaġa waħda bit-tisħib tagħna f’dan il-misteru qaddis (*Talba fuq l-Offerti*).

*Missal Ruman*

- Mulej ta’ ħniena u mogħdrija kbira, aħfrilna dnubietna u n-nuqqasijiet tagħna! La tqisx kull dnub tal-qaddejja tiegħek; imma naddafna kif tista’ tnaddaf biss il-verità tiegħek, u mexxi l-passi tagħna biex nimxu fil-qdusija tal-qalb u nagħmlu dak li hu tajjeb u jogħġbok f’għajnejk u f’għajnejn dawk li jmexxuna.

Iva, o Mulej, agħmel li wiċċek jiddi fuqna biex nagħmlu t-tajjeb fis-sliem u nistkennu taħt l-id setgħana tiegħek u nkunu meħlusa minn kull dnub bl-id merfugħa tiegħek, u eħlisna minn dawk li jobgħoduna għalxejn. Agħti s-sliem u l-għaqda lilna kif ukoll lill-bnedmin tad-dinja kollha, bħalma għamilt ma' missirijietna meta sejħulek bit-tjieba fil-fidi u fil-verità.

S. Klement ta' Ruma, *Ittra lill-Korintin*, 60

## SENA B

*Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Hu stess ġej biex isalvakom (Is 35, 4).*

Il-Liturġija tal-lum hija kollha kemm hi messaġġ ta' tama f'Alla-Salvatur. F'waqt ta' taħwida ġenerali minħabba t-tbatijiet tal-eżilju, Isaija (35, 4-7a; 1° qari) iħeġġeġ lil Iżrael biex ifittex is-salvazzjoni f'Alla waħdu: "Araw, Alla tagħkom… ġej biex isalvakom!" (Is 35, 4). Jidher li l-profeta diġà qed jara s-salvazzjoni; fil-verità mhux qed jara imma jemmen u jħoss żgur li Alla se jindaħal favur il-poplu tiegħu. Isaija jfisser ix-xogħol tas-salvazzjoni taħt żewġ aspetti: fejqan mirakoluż li jagħti lill-bniedem is-saħħa fiżika mill-ġdid – "Jinfetħu għajnejn il-għomja, jinfetħu widnejn it-torox… u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ" (Is 35. 5-6) – u d-deżert jinbidel u jsir post ta' għaxqa mogħni bl-ilma – "igelgel l-ilma fid-deżert" (Is 35, 6). - Dan kollu hu sinjal ta' bidla profonda li Kristu se jaħdem fil-bniedem u fl-istess ħolqien, bidla li titwettaq fl-aħħar taż-żmien meta kollox ikun imġedded b'mod perfett.

L-Evanġelju (Mk 7, 31-37) jippreżenta t-twettiq tal-wegħdiet messjaniċi. Il-mirakli ta' fejqan maħdumin minn Ġesù ħarġu l-għajta mill-folla: "Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin" (Mk 7, 37). Mirakli bħal dawn taw xhieda li l-profeziji ma kinux kliem fil-vojt, u fl-istess ħin kienu "sinjali" ta' ħidma aktar profonda ta' salvazzjoni biex iġedded il-bniedem kollu sal-intimu tiegħu. Huma "sinjali" tal-maħfra tad-dnubiet, ta' grazzja, u ta' ħajja ġdida mwassla minn Kristu. B'mod speċjali, il-miraklu tat-trux u mutu rrakkuntat fl-Evanġelju tal-lum kien meqjus sa miż-żminijiet tal-bidu tal-Knisja bħala simbolu tal-magħmudija, li r-riti tagħha jtennu l-għemil ta' Kristu – il-mess tal-widnejn u l-fomm – waqt li ċ-ċelebrant jitlob: "Il-Mulej Ġesù, li ta s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkma, jagħtik li ma ddumx ma tisma' l-kelma tiegħu u tistqarr il-fidi tiegħek" (*Magħmudija tat-Trabi*). Waqt li teħles lill-bniedem mid-dnub, il-magħmudija tiftaħlu widnejh biex jisma' l-kelma ta' Alla u lsienu biex jagħraf u jfaħħar il-Mulej. Jekk in-nuqqas ta' smigħ, it-tbikkim u tant mard ieħor għadhom jifilġu 'l-bnedmin, in-Nisrani mġedded fi Kristu ma għadux aktar trux u mbikkem, zopp jew għama minn ġewwa; l-ispirtu tiegħu hu miftuħ għall-fidi, għandu l-ħila jagħraf 'l Alla u jimxi fit-triqat tiegħu.

It-tieni qari (Ġak 2, 1-5) jista’ jingħaqad mal-qari l-ieħor għax jipproponi lin-Nisrani mod ta’ mġiba bħal dik ta’ Alla li fil-ħidma tiegħu ta’ salvazzjoni ma jagħmel ebda distinzjoni ta’ persuni, u jekk għandu xi preferenza hija għal dawk l-aktar umli, l-ifqar u l-aktar fil-bżonn. “Il-Mulej jagħmel ħaqq lil maħqurin, jagħti l-ħobż lil imġewħin. Il-Mulej jeħles l-imjassrin. Il-Mulej jiftaħ għajnejn l-għomja. Il-Mulej jerfa’ l-milwijin.” Hekk ikanta s-salm responsorjali waqt li jiġbor is-silta ta’ Isaija u tal-Evanġelju u jiġi biex idaħħal is-silta ta’ S. Ġakbu. Fil-fatt f’dan tal-aħħar naqraw: “Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi?” (Ġak 2, 1-5). Għalhekk ma jistax ikun li jsiru distinzjonijiet fl-imġiba bejn għonja u foqra, bejn dawk tal-klassi għolja u n-nies umli. Ma tistax issejjaħ nisranija lil dik il-komunità fejn isiru dawn id-distinzjonijiet għax ma tkunx miexja fuq it-tagħlim ta’ Kristu imma tkun imnebbħa mill-mentalità tad-dinja; u b’xorti ħażina malajr titħassar b’dan il-velenu. Madankollu – huwa sewwa li niftakru dan – il-faqar materjali jiswa biss jekk jiddisponi lill-bniedem lejn il-faqar interjuri, li bih jagħraf ix-xejn u dgħufija tiegħu u jqiegħed it-tama tas-salvazzjoni ta’ dejjem f’Alla biss. Dawn huma l-foqra li Alla jridhom “ jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh” (Ġak 2, 5).

● Urini Mulej, triqatek, biex nimxi fis-sewwa tiegħek; tini qalb waħda biex ikolli l-biża’ ta’ ismek. B’qalbi kollha niżżik ħajr, Mulej Alla tiegħi, u nsebbaħ ismek għal dejjem. Għax kbira hi tjieba tiegħek miegħi, int ħlistni minn qiegħ l-imwiet. O Alla, nies kburin qamu għalija, ġemgħa nies qawwija jonsbuli ħati; huma nies li ma jagħtux kasek. Int Alla Sidi, ħanin u twajjeb, iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà. Ħares lejja u ħenn għalija, agħti qawwa lill-qaddej tiegħek, salva l-iben tal-qaddejja tiegħek.

Salm 86, 11-16

● O Alla, tiegħek hija l-qawwa, tiegħek hija l-maħfra, tiegħek il-fejqan, tiegħek il-ġenerożità… Dur lejja għax qed nirtogħod bil-kesħa fil-ħabs bla qiegħ tal-fossa tiegħi mimlija tajn, mgħobbi bil-ktajjen ta’ dnubieti.

Mulej, int li dejjem tagħmel il-ġid, dawl fid-dlam, teżor ta’ barka, ħanin, tagħder, ħabib tal-bnedmin… int li tagħmel possibbli bl-akbar ħeffa dak kollu li huwa impossibbli; nar li tikkonsma x-xewk tad-

dnub, tkebbes u tinfed l-univers f'misteru kbir; agħti kasi, o mbierek, bil-ħniena tiegħek u mhux bil-ġustizzja… Eħles lili l-midneb min-nifs tat-taħwid ta' dawk li jmutu, biex l-ispirtu tiegħek jistrieħ fija, o Li Tista' Kollox l-iSpirtu tiegħek ta' paċi.

S. Girgor ta' Narek, *Le livre de priers*, p. 116-118

## SENA Ċ

*Min qatt għaraf ir-rieda tiegħek, jekk inti nnifsek ma tajtux l-għerf, u ma bgħattx fuqu mill-għoli l-ispirtu qaddis tiegħek? (Għerf 9, 17).*

"Min qatt jista jagħraf il-ħsieb ta' Alla, min jista' jifhem xi jrid il-Mulej?" (1º qari, Għerf 9, 13-18). Kif jista' l-bniedem li bilkemm jifhem il-"ħwejjeġ tal-art" jippretendi li jifhem il-kliem ta' Alla u li jifhem "il-ħwejjeġ tas-sema"? Ir-raġunar tagħna hu 'bla siwi' u dejjem suġġett għall-iżball, għax is-sensi ta' sikwit iqarrqu bina u jġiegħluna nagħżlu l-valuri li jgħaddu minflok dawk eterni, dawk ta' issa minflok dawk tal-futur. Impossibbli naħarbu minn dawn it-tentazzjonijiet u tgħawwiġ mingħajr l-għajnuna ta' Alla. Hu biss jista' jagħtina l-għerf li jdawwalna fit-triq tat-tajjeb, u jgħallimna x'inhu dak li jogħġbu. Kif tgħid l-iSkrittura: "Hekk saru dritti t-triqat tan-nies tal-art u hekk tgħallmu l-bnedmin… u salvaw bis-saħħa tal-għerf" (Għerf 9, 18).

Dan it-tagħlim laħaq l-aqwa tiegħu meta Ġesù, l-għerf etern, ġie biex juri lill-bnedmin it-triq tas-salvazzjoni bil-kelma u bl-eżempju tiegħu. Dan hu s-suġġett tal-Evanġelju tal-lum (Lq 14, 25-33). "Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u'l ommu u lil martu u lil uliedu u 'l ħutu subien u bniet, u saħansitra lil ħajtu stess" (Lq 14, 26). Il-verb "tobgħod" hawnhekk jaqbel mat-tifsira semitika, li "tħobb inqas", "ma tagħtix preferenza", kif jidher fis-silta bħal din ta' Mattew. "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi" (Mt 10, 37). Alla biss għandu drittt assolut fuq il-qalb u l-ħajja tal-bniedem; Ġesù hu Alla, għalhekk hu skont ir-raġuni li jesiġi dan bħala kundizzjoni li mingħajrha ma ngħaddux biex inkunu dixxipli tiegħu. Jikkummenta S. Ambroġ: "Il-Mulej ma jikkmandaniex biex ninjoraw in-natura jew li nsiru lsiera tagħha: dak li jikkmanda hu li nikkupjaw lin-natura billi nqimu l-Awtur tagħha, imma ma nitbegħdux minn Alla permezz ta' mħabbitna lejn il-ġenituri tagħna" (*In Lc* VII, 201). Dan jgħodd għal kulħadd, ukoll għall-Insara sempliċi, kif tgħodd ukoll għal kulħadd il-frażi li ġejja: "Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistax ikun dixxiplu tiegħi" (Lq 14, 27). Ġesù kien sejjer Ġerusalemm fejn kellu jissallab, u mal-folla li kienet miexja warajh stqarr il-ħtieġa li jġorru s-salib bħalu bl-imħabba u bla waqfien. Hu ġarr is-salib sakemm kien imsammar miegħu; in-Nisrani ma għandux jaħseb li jġorru biss xi drabi matul il-ħajja, imma jeħtieġ jitħaddan miegħu kuljum, sal-mewt. Kif mhux

sewwa li nippreferu xi ħlejqa, ukoll l-aktar għażiża, minflok Kristu, hekk ukoll mhux sewwa li nqiegħdu l-ġid tagħna, xi qligħ jew sodisfazzjon, qabel Kristu; biex nimxu wara dak li miet fuq is-salib ħalli jsalvana, jeħtieġ inkunu lesti li nissugraw saħansitra l-ħajja tagħna. Dan kien l-għerf li għallem Ġesù, differenti mir-raġunar tal-bnedmin li jinkwetaw minħabba l-ġid li jgħaddi u jittraskuraw dak li jibqa' għal dejjem. Iż-żewġ parabboli qosra li ġejjin – ta' dak li ried jibni torri u tas-sultan li ried jidħol fi gwerra – jistednuna biex inqisu l-mixi wara Kristu bħala biċċa xogħol importanti u iebsa ħafna u għalhekk ma tistax tittieħed biċ-ċajt. Imma f'dan il-każ il-bniedem ma jistax jillimita ruħu – bħaż-żewġ protagonisti tal-parabboli – biex iqis ir-riżorsi tiegħu u l-qawwa personali ħalli jara jekk jistax jidħol għal dik il-biċċa xogħol, imma jeħtieġ iżomm quddiem għajnejh l-element l-aktar importanti: il-grazzja kotrana li Alla jagħti lil min irid ikun fidil lejn Kristu. Jekk aktar tard Alla jsejjaħ għall-mixi warajh b'mod aktar dirett u esklussiv, huwa żgur li Alla jagħtih il-grazzja meħtieġa flimkien mas-sejħa.

● Għallimna ngħoddu jiem ħajjitna sabiex aħna nimxu bilgħaqal. Dur lejna, Mulej! Kemm se ddum? Ħenn għall-qaddejja tiegħek. Imliena kmieni bit-tjieba tiegħek, biex nifirħu u nithennew f'ħajjitna kollha… Ħa tkun fuqna l-grazzja ta' Alla Sidna! Wettqilna int ix-xogħol ta' jdejna.

S 90, 12-14.17

● Agħmel li nifhem, o Kristu Ġesù, li għall-bniedem kollox jinġabar filli jimxi warajk. Il-virtujiet u l-qdusija huma miġbura f'din il-kelma sempliċi li inti tgħid lil kull ħlejqa: "Imxi warajja". Imma din il-kelma ma tgħidha lil ħadd jekk qabel ma tkunx għarraftu l-kundizzjonijiet indispensabbli biex jista' jwieġeb għall-istedina ħelwa tiegħek: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, jeħtieġ jiċħad lilu nnifsu u jerfa' salibu ta' kuljum."

O Mgħallem, li inti kemm għerf u tjubija, inti timxi quddiemna b'pass mgħaġġel; int mhux timxi imma tiġri u tifraħ bil-passi ta' ġgant fuq l-art. Kif qatt nistgħu nimxu warajk aħna msejknin mgħobbijin b'piżijiet tqal? – Imma hekk jeħtieġ isir għax "is-saltna tiegħi qiegħda fikom" u t-triq li twassal għaliha hija triq ġewwenija; għax li tbatu jiswa aktar milli taħdmu; għax il-progress veru tagħkom jikkonsisti fil-

progress tiegħi fikom; u għax is-salib jirbaħ kull tfixkil, u jiftaħ mixi ħafif u wiesa' li permezz tiegħu nista' nilħaq l-għan tiegħi flimkien magħkom.

C. Gay, *Vita e virtù cristiane,* 13, 59, v. 3 p. 118-119

## 312. INŻOMMU SĦIĦ SAL-AĦĦAR

*Mulej, qawwili qalbi u saħħani f'kull għemil u kelma tajba (2 Tess 2, 17).*

1. "Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh… Dawk li żammew sħiħ sal-aħħar, araw, aħna nqisuhom bħala hienja" (Ġak 1, 12; 5, 11). Aspett ieħor tal-qawwa nisranija hija li wieħed jippersevera fit-tajjeb. Mingħajr il-perseveranza impossibbli naslu għall-qdusija jew saħansitra għas-salvazzjoni; mhux biżżejjed li nkunu virtużi, paċenzjużi, ġenerużi għal xi ġranet jew saħansitra għal xi snin: jeħtieġ li dejjem inkunu hekk, sal-aħħar. Dan hu l-punt l-aktar iebes, kif jgħid S. Tumas: "li tippersisti fit-tul f'xi ħaġa diffiċli – u l-virtù hija kważi dejjem diffiċli – hija diffikultà speċjali" (*S.T.* 2-2, 137, 1).

"Tassew li teħtieġu s-sabar biex tagħmlu r-rieda ta' Alla u tiksbu dak li hu wiegħed… Il-bniedem ġust tiegħi, jgħix bil-fidi; imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx bih" (Lhud 10, 36.38). Li terġa' lura mix-xogħol li tkun bdejt, mill-mixja tal-fidi u mill-mixi wara Kristu, ifisser li tqiegħed fil-periklu s-salvazzjoni tiegħek. Ġesù wkoll qalu dan: "Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla" (Lq 9, 62). Min jerġa' lura jkun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu li ma jasalx fl-għan tiegħu. Dan huwa dgħajjef, ġifa, wieħed li jaħrab; waqt li n-Nisrani jmissu jkun qawwi, ma jibżax u jibqa' sejjer sal-aħħar. Il-grazzji li jsieħbu s-sejħa nisranija b'mod ġenerali u kull sejħa oħra partikulari – sal-istat taż-żwieġ, jew reliġjuż jew ekkleżjastiku – huma tali li jiżguraw lill-individwu l-qawwa meħtieġa biex jippersevera sal-aħħar fl-obbligazzjonijiet li ħa fuqu. Fil-qiegħ ta' kull ħarba dejjem hemm in-nuqqas ta' fidi fil-grazzja u fl-għajnuna ta' Alla. Ma jistax ikun li Alla jabbanduna lil xi ħadd li jixtieq li jkun fidil lejh akkost ta' kollox u li għalhekk jiġġieled bla serħan biex jirbaħ it-tentazzjonijiet tal-egoiżmu u t-tħajjir tad-dinja. Il-fedeltà ta' Alla tiżboq bla tarf lil dik tal-bniedem: "Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih" (I Kor 10, 13).

2. Il-bniedem imtaqqal bil-piż tal-materja, ibati l-konsegwenzi tat-tibdil tagħha. Ġismu hu suġġett għall-għejja, in-natura tas-sensi tiegħu hi suġġetta għall-impressjonijiet u t-taħwid; u dan iġib tibdil bla heda; dak li ftit qabel kien jimlieh bl-entużjażmu f'daqqa waħda jsir indifferenti, tedjuż, u ma jiflaħx għalih. Ħadd ma jista' jaħrab minn din il-kundizzjoni u b'danakollu ħadd ma jonqsu l-mezzi biex jippersevera. Alla nnifsu ta r-rimedju għall-instabbiltà tal-bniedem meta sawwab fih il-virtù tas-sabar, li għandha bħala għan speċjali li jżomm sod fl-isforz tiegħu. Il-virtù li ssawbet fih għad jonqosha li tkun żviluppata permezz tat-taħriġ, u l-provi tal-ħajja joffru proprju din l-okkażjoni. S. Pawl jikteb: "Niftaħru wkoll bis-sofferenzi għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar iġib il-prova, u l-prova ġġib it-tama" (Rum 5, 3-4). In-Nisrani jittama li jippossiedi 'l Alla għax ibati għalih u għalhekk ma jaqtax qalbu, imma jifraħ fit-tbatijiet tiegħu. Hekk is-sabar huwa triq żgura għat-tama tal-ħajja ta' dejjem, u t-tama "ma tqarraqx bina" għax Alla jħobbna (Rum 5, 5).

Meta ħabbar lid-dixxipli l-persekuzzjoni li kellhom isofru għall-imħabba tiegħu, Ġesù kompla hekk: "Min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva" (Mk 13, 13). S Luqa jesprimi l-istess ħsieb b'mod ftit differenti, imma xorta jinftiehem: "Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom" (Lq 21, 19). M'hemm ebda dubju: min irid jirbaħ ruħu għall-ħajja ta' dejjem, jeħtieġ jippersevera fit-tajjeb, bla ma jibża' mill-ħruxija tal-provi tiegħu. Meta nafu bil-fraġilità u d-dgħufija tagħna, il-pereseveranza tagħna ma tistax tkun mingħajr nuqqas; imma xorta jeħtieġ inkomplu nippruvaw, inqumu malajr wara kull waqgħa u nsewwu l-ħsara billi nerġgħu nibdew mill-bidu. Sakemm Alla ma jidħolx bid-doni speċjali tiegħu biex iżommna sħaħ, il-perseveranza tagħna tinsab proprju filli nerġgħu nibdew kull darba, nikkonvertu u nsiru aħjar. B'hekk nagħmlu l-frott (Lq 8, 15) u s-sabar tagħna jkun inkurunat minn Alla bil-grazzja sħiħa tal-perseveranza sal-aħħar.

● Agħtini, o Alla ta' dejjem, li nkun dejjem sod, perseveranti fil-virtù, u ma nħares lura qatt biex nara dak li għamilt, imma nimxi bis-sabar fit-triq tal-verità. Għax hija l-perseveranza li tiġi ppremjata, u mingħajrha ma nistax nogħġbok u nkun aċċettat minnek. Din il-virtù ġġib fir-ruħ tagħna l-frott ta' kull taħbit tagħna, b'kotra ta' mħabba. O kemm hi hienja dik ir-ruħ li tiġri biex tikkonsma ħajjitha fil-virtù vera u qaddisa, għax f'din il-ħajja tiggosta l-ħajja ta' dejjem.

Imma int, o Kristu msallab, tgħallimni li ma nistax nasal għal din il-perfezzjoni mingħajr ħafna tbatija, għax din il-ħajja ma tgħaddix bla taħbit, u min irid jaħrab it-taħbit, ikun qiegħed jitlef il-frott [il-perseveranza] u xorta ma jistax jaħrab it-taħbit. Int ma tippermettix il-Battalji għall-mewt tagħna imma għall-ħajja, mhux biex inkunu mirbuħin, imma għar-rebħ tagħna u biex tiġi ppruvata fina l-virtù. Agħmel li bid-dawl tal-fidi mqaddsa nkunu nistgħu niftħu moħħna bla biża' u nħarsu lejn id-demm tiegħek biex insaħħu d-dgħufija tagħna, u nagħrfu l-virtù u l-perseveranza fid-demm glorjuż u prezzjuż tiegħek.

Mingħajrha ma nistax nogħġbok u nkun aċċettat minnek. Din il-virtù ġġib f'ruħna l-frott ta' kull taħbit tagħna, b'kotra ta' mħabba.

S. Katerina ta' Siena, *Epistolario* 76, v. 2, p. 25.27

- Mulej, jiena nsalva żgur jekk nippersevera sal-aħħar, imma din il-perseveranza jeħtieġ li tkun virtuża biex jistħoqqilha s-salvazzjoni: minnek tiġi l-virtù li ssalvani, huwa int li ġġiegħelni nippersevera sakemm nasal fis-salvazzjoni. O Mulej, minnek tiġini l-virtù li ssalvani!

Ara, issa jien għadni nitqabad: minbarra mal-virtużi foloz, minn ġewwa mal-ġibdiet ħżiena tiegħi; għax jien nara liġi oħra fil-membri tiegħi li teħodha mal-liġi ta' moħħi u tagħmilna lsir tad-dnub, li qiegħed fil-membri tiegħi. Miskin jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt? Inti teħlisni, o Mulej, bil-grazzja tiegħek permezz ta' Ġesù Kristu, Iben tiegħek u Mulej tagħna. Fit-tbatija ta' din il-gwerra nerfa' għajnejja għall-grazzja tiegħek, u fis-sħana u n-nixfa li diġà qed inħoss, insejjaħ id-dell tiegħek li jagħti l-ħajja.

S. Wistin, *In Ps* 139, 11

## 313. ĠUSTIZZJA EVANĠELIKA

*Erġa', libbisni Mulej, bil-bniedem il-ġdid, maħluq minnek fil-ġustizza u fil-verità (Ef 4, 24).*

1. "Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5, 20).

Fil-lingwaġġ bibliku l-kelma 'ġustizzja' għandha tifsira wisq aktar wiesgħa minn dik li għandha fl-użu ta' kuljum, fejn jidher ir-rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn. Meta l-iSkrittura titkellem fuq il-ġustizzja tifhem tfisser il-perfezzjoni, il-qdusija. Il-bniedem ġust hu dak li jġib fih innifsu r-rifless tal-ġustizzja u għalhekk tal-qdusija ta' Alla. Hu jgħix fil-ġustizzja billi jikkonforma lilu nnifsu mal-liġi divina, li tippermettilu jġib ruħu skont ir-rieda qaddisa ta' Alla Għalhekk is-salmista ma jgħejja qatt ifaħħar u jgħolli l-liġi li jixtieq jobdi bl-akbar perfezzjoni. "Henjin dawk li triqthom bla ħtija, li jimxu fil-liġi tal-Mulej… Tinfena qalbi l-ħin kollu bix-xewqat tad-digrieti tiegħek" (S 119, 1.20).

Fi żmien Ġesù, l-iskribi u l-Fariżej kienu devoti mħeġġa tal-liġi, imma waqt li kienu josservaw bi skruplu l-iċken partikularità tagħha, kienu jittraskuraw l-ispirtu tagħha. X'setgħet tiswa ġustizzja minn barra li ma tasalx sal-ġewwieni tal-bniedem? Ġesù qaleb is-sitwazzjoni, ried ġustizzja li tibda mill-qalb: "Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: "La toqtolx.' Imma jiena ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh" (Mt 5, 21). Min ma joqtolx imma f'qalbu jżomm il-korla, il-mibegħda kontra ħuh, hu ħati quddiem Alla u ħaqqu l-kundanna, ukoll jekk jidher iħares il-liġi minn barra. Hekk min ma jwettaqx l-adulterju, imma ma jkeċċix ix-xewqat impuri "jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu" (Mt 5, 28). U biex ifisser il-bżonn kbir tal-ġustizzja ġewwenija; dwar l-ewwel każ Ġesù qal li Alla ma jogħġbux l-għemil ta' qima ta' min għandu xi jgħid ma' ħuh u li ma fittixx jirranġa miegħu. Dwar it-tieni każ, ma jiddejjaqx jgħid: "jekk għajnejk il-leminija hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra u armiha bogħod minnek" (Mt 5, 29). Biex nibqgħu fil-ġustizzja ġewwenija jeħtieġ inkunu lesti għal kull sagrifiċċju.

2. Skont San Mattew, Ġesù, għallinqas għal sitt darbiet, wara li kkwota vers mil-liġi l-qadima li ta' sikwit l-iskribi kienu jħawdu, hu

qabblu mat-tifsira l-ġdida skont il-"ġustizzja ogħla" li kien qed jitlob mid-dixxipli tiegħu. L-enfasi fuq l-aspett ġewwieni dejjem jiġi l-ewwel, u jiżboq bil-kotra waqt li jmur 'l hinn mil-liġi ta' Mosè, kif intwera b'mod ċar fl-aħħar żewġ każi: "Smajtu x'intqal: 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna!' Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux, anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll. Smajtu x'intqal: 'Ħobb 'l għajrek u obgħod lill-għadu tiergħek' (Mt 5, 38-39 . 43-44). Ġesù mhux biss neħħa l-liġi tat-tpattija, imma jrid li ma nirreaġixxux għall-offiżi, li nevitaw kemm nistgħu l-kwistjonijiet għall-interess personali, li ma nirrifjutawx meta ħuna jitlobna xi ħaġa ta' skomdu, bħalma hu xi qadi ta' taħbit jew xi self. Mhux biss ma jammettix il-mibegħda kontra xi ħadd, imma jrid l-imħabba għal kulħadd, saħansitra għall-għedewwa. L-ispirtu ġewwieni li għandu jagħti l-ħajja lill-ġustizzja l-ġdida hu l-ispirtu ta' mħabba. Il-ħajja tista' tippreżentalna ħafna każi diffiċli u kumplikati fir-relazzjonijiet mal-proxxmu; imma mhux dejjem nistgħu nġibu ruħna bl-istess mod u lanqas nimxu litteralment fuq l-eżempji ta' Ġesù, imma d-dixxiplu veru dejjem għandu jsib it-triq tas-soluzzjoni evanġelika fl-imħabba sinċiera u profonda. Il-ġustizzja ġdida mxandra mill-Mulej titlob minna li ma nikkuntentawx li ma nagħmlux id-dnub, imma nimmiraw aktar 'il fuq, għax jeħtieġ nimitaw il-perfezzjoni tal-Missier tas-sema. "Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 48). Dan hu l-mudell tal-"ġustizzja aqwa minn tal-iskribi u l-Fariżej." Mudell li mhux qiegħed biss għall-kategorija waħda, u lanqas nagħmluh jekk irridu, imma obbligatorju għall-Insara kollha, għax Ġesù ppropona dan għal kulħadd u għamlu bħala kundizzjoni li biha ningħarfu bħala wlied il-Missier tas-sema (Mt 5, 45) u biex nidħlu fis-Saltna tas-smewwiet. (Mt 5, 20).

● Agħtini Mulej, li nwettaq kull ġustizzja; din hi t-triq li twassal għall-hena. Fil-fatt l-hena huwa l-premju; il-ġustizzja hija l-mertu u l-kawża. Meta int, o Kristu ħajja tagħna, għad tidher u aħna wkoll għad nidhru miegħek fil-glorja, ikun proprju mill-ġustizzja li jiġi l-hena tagħna, ladarba inti nnifsek ġejt magħmul minn Alla l-Missier ġustizzja għalina.

Tassew henjin huma dawk li minn issa jgawdu l-frott tal-ġustizzja fil-kuxjenza tagħhom. Fil-fatt bħalissa t-taħriġ ta' din il-virtù jidher iebes, imma għad jasal jum meta l-ġustizzja nixtiquha u

nipposseduha fil-ħlewwa u fl-hena bla ebda taħbit, għax għad tkun maħbuba u mifhuma fiha nfisha.

Tħallix, Mulej, li nwarrab il-ġustizzja u nkun kuntent bl-hena fieragħ li jgħaddi. Jekk nistenna l-hena mill-ħwejjeġ li jgħaddu, żgur ma jdumx wisq għax l-istess ħwejjeġ li minnhom ġej qegħdin jispiċċaw.

S. Bernard, *in Octava Epiphaniae,* 5

● Meta mort 'l hinn mill-ħtiġijiet tal-liġi, Mulej, int wassalt id-dmirijiet tal-ħniena lil dawk li għamlulna d-deni… Inti għallimtu dan, u pprattikajtu, għax meta kont mgħajjar, int ma pattejtx it-tgħajjir; meta qlajt id-daqqa ta' ħarta, int ma tajtx daqqa oħra; meta neżżgħuk minn ħwejġek, ma offrejt ebda reżistenza; meta sallbuk, int tlabt maħfra għal dawk li ppersegwitawk, x'ħin għedt: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Int ħfirt il-ħtija lil dawk li akkużawk: kienu qed ilestu s-salib, waqt li inti kont qiegħed ixxerred il-grazzja u s-salvazzjoni… Inti tajtna l-eżempju u żgurajtilna l-premju tas-sema, meta wegħidt lil dawk li imitawk li se jkunu wlied Alla… Kemm huma kbar il-benefiċċji tal-ħniena li jwasslulna l-privileġġ tal-adozzjoni divina! Għalhekk agħtini, Mulej, li tant nimitak fil-ħniena li nimmerita l-grazzja tiegħek.

S. Ambroġ, *Kumment għall-Vanġ. ta' S. Luqa* V, 76-78

## 314. IS-SALTNA TA' ALLA U L-ĠUSTIZZJA TIEGĦU

*Mulej, għallimni nagħmel u ntemm is-sewwa kollu (Mt 3, 15).*

1. Billi Ġwanni l-Għammied kien jaf bil-qdusija tal-Messija u ma riedx jgħammdu, Ġesù wieġbu: "Inti għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq li nimxu biex inkunu għamilna u temmejna s-sewwa kollu" (Mt 3, 15). Għal dan il-kliem Ġwanni obda, għax kien qed ifittex ħaġa waħda biss: dik il-qdusija li hi ubbidjenza perfetta għar-rieda ta' Alla. U dan kien proprju l-għan waħdieni tal-ħajja ta' Kristu: ir-rieda tal-Missier li hu kellu jtemm saħansitra sal-mewt fuq is-salib. It-triq tal-ġustizzja perfetta hija t-triq tar-rieda ta' Alla, li biex nobduha mhux biżżejjed l-ubbidjenza materjali esterna; dak li hu meħtieġ fuq kollox hija r-rabta ġewwenija li titlob il-mewt tad-dnub u tar-rieda tagħna.

Il-bniedem min-natura tiegħu huwa midneb, u ma jistax jasal sa hawn, jekk Alla ma jgħinux minn qabel bl-inizjattiva tiegħu, billi jiġġustifikah, u jfejqu fil-qiegħ tal-esseri tiegħu. S. Pawl jgħid: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rum 3, 23-24). Il-fidwa hija don mogħti b'xejn li l-bnedmin qatt ma setgħu jimmeritawh, don offrut biss mit-tjubija ta' Alla lil dawk li jemmnu fi Kristu. Hija biss il-grazzja, frott il-merti tas-Salvatur, li tiġġustifika minn ġewwa lill-bniedem u tagħtih il-ħila li jgħix fil-ġustizzja u fil-qdusija. "Kontu midinbin", jikteb l-Appostlu, "imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Ġesù Kristu Sidna u fl-iSpirtu ta' Alla tagħna" (I Kor 6, 11). Mingħajr din il-ġustifikazzjoni li ġiet minn qabel, il-bniedem ma setax iwettaq il-programm tal-ġustizzja evanġelika li ppropona Ġesù. Huwa minn hawn biss li jista' jibda, u x-xogħol tiegħu jikkonsisti fuq kollox filli jgħix u juża bl-attenzjoni d-don li rċieva. Imma l-ġustifikazzjoni li Alla tah minn jeddu ma tittrasformax il-ħajja u l-imġiba tegħu, jekk in-Nisrani ma jweġibx għall-grazzja. Għal dan iħeġġeġ S. Pawl meta jikteb li hu meħtieġ li "tiġġieldu b'tibdila spiritwali… u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Ef 4, 22-24).

2. “Fittxu l-ewwel is-Saltna u l-Ġustizzja ta’ Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll” (Mt 6, 33). F’din il-firxa ta’ perfezzjoni sħiħa, isib postu aspett parzjali, imma meħtieġ tal-ġustizzja li hi meqjusa bħala virtù li tagħti lil kull wieħed dak li ħaqqu, li Ġesù tkellem dwaru wkoll. Meta l-Fariżej staqsew jekk hux sewwa li jħallsu t-taxxi mqiegħda mill-imperatur Ruman, hu wieġeb: “Agħtu lil Ċesari dak li hu ta’ Ċesari, u lil Alla dak li hu ta’ Alla” (Mt 22, 20). Il-ġustizzja trid li kull wieħed jingħata l-post u d-drittijiet li ħaqqu skont il-liġi; lil Alla dejjem jingħata l-ewwel post u l-ewwel qima: dak tal-qalb u tal-ispirtu, tal-ubbidjenza u tal-imħabba bla riserva; lill-awtorità leġittima tal-istat u lil kull bniedem, il-qima relattiva għad-drittijiet ta’ kull wieħed. F’dan is-sens S. Tumas jgħallem: “Il-ġustizzja hija l-virtù li permezz tagħha jingħata lil kull wieħed dak li ħaqqu b’rieda kostanti u dejjiema (*S.T.* 2-2, 58, 1). L-iSkrittura mqaddsa titkellem dwar dan aktar minn darba: “Tgħallmu agħmlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla” (Is 1, 17). U band’oħra: “Min jimxi fis-sewwa u jgħid id-dritt, min jistmerr il-qligħ miksub bil-qerq, min ifarfar idejh biex ma jixxaħħamx… dan jgħammar filgħoli” (Is 33, 15-16). Jiġifieri jkun imbierek u mogħġub minn Alla. Il-bniedem jeħtieġ iġib ruħu b’mod li jirrispetta d-drittijiet kollha ta’ sħabu, speċjalment ta’ dawk l-aktar fil-bżonn jew li ma għandhomx min jaqbeż għalihom, u ma japprofittax ruħu mill-oħrajn għall-qligħ personali u inġust. Il-ġustizzja ġewwenija tan-Nisrani jeħtieġ tiddi fir-relazzjonijiet tiegħu kollha mal-proxxmu u ma jittraskura ebda dmir. S. Pawl jgħid: “F’dan għandkom taħsbu: f’kulma hu veru, f’kulma hu xieraq, f’kulma hu ġust, f’kulma hu safi, f’kulma jiġbed l-imħabba, f’kulma jistħoqqlu ġieħ; f’dan kollu aħsbu” (Fil 4, 8). L-impenn li nfittxu fl-ewwel post “is-saltna u l-ġustizzja ta’ Alla” ma jistax u m’għandux iwassal lin-Nisrani li ma jagħtix kas tad-dmirijiet soċjali tiegħu, anzi għandu jwettaqhom b’attenzjoni akbar biex iwassal kullimkien is-sens tal-ġustizzja evanġelika.

● O Mulej, il-fwieħa tal-ġustizzja tiegħek hija kullimkien hekk kbira li int ma tissejjaħx biss il-ġust, imma l-istess ġustizzja, anzi l-ġustizzj li ssalva. U daqskemm tista’ tiġġustifika, daqshekk ieħor int lest li taħfer. Għalhekk, kull min jisħet dnubietu, għandu l-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, ħalli jemmen fik li tiġġustifika lill-ħażin, u... fik ikollu s-sliem.

Il-passjoni tiegħek hija l-aqwa kenn tagħna, ir-rimedju waħdieni. Hija tagħtina l-għajnuna meta jonqosna l-għerf, u l-ġustizzja tagħna tiddgħajjef wisq, u l-merti tal-qdusija tagħna ma jkunu jiswew xejn. Fil-fatt, min jista' jippretendi li l-għerf jew il-ġustizzja, jew il-qdusija tiegħu huma biżżejjed biex jiżgurawlu s-salvazzjoni tiegħu? Meta l-qawwa tiegħi tiddgħajjef, ma nitħawwadx, ma nitlifx il-fiduċja. Naf sewwa x'għandi nagħmel: nieħu l-kalċi tas-salvazzjoni u nsejjaħ l-isem tal-Mulej. Dawwalli għajnejja, o Mulej, biex nagħraf dak li jogħġob lilek f'kull żmien, u nkun għaref. La tiftakarx id-dnubiet ta' żgħożiti u l-injoranzi tiegħi, u nsir ġust. Mexxini, Mulej, fi triqtek, u nsir qaddis. Imma jekk demmek ma jidħolx għalija, ma nsalvax

S. Bernard, *In Cantica* 22, 8

● “Fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja tiegħu.” Il-ġustizzja ssaltan fis-smewwiet; agħmel o Mulej, li ssaltan ukoll fil-Knisja tiegħek, issaltan meta nagħtuk dak li jistħoqqlok, għax imbagħad minħabba fik nagħtu wkoll lill-ħlejjaq tiegħek, - li nħobbuhom fik – dak li ħaqqhom. Għall-istess raġuni nagħtu wkoll lilna nfusna dak li jistħoqqilna, ladarba meta nixxenqu għalik, Mulej, inkunu ksibna l-ġid kollu li nistgħu nwettqu. Imbagħad il-ġustizzja tagħna tilħaq il-milja tagħha… imbagħad ruħi ma jkollhiex aktar ġuħ u għatx, għax ikollha l-ikel tagħha proprju: “L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' Missieri u li nwassal fit-tmiem ix-xogħol tiegħu.” Hu għal dan li inti tistqarr, o Salvatur tagħna, li l-ġustizzja perfetta tinsab filli nwettqu f'kollox ir-rieda l-aktar qaddisa tal-Missier tas-sema u li neħduha bħala regola ta' ħajjitna. Imma meta nikkonformaw mar-rieda tiegħu, hu jagħmel dak li jogħġob lilna… “Hu jagħmel ir-rieda ta' dawk li jibżgħu minnu” u hekk jissodisfa x-xewqat kollha tagħhom.

J.B. Bossuet, *Meditazioni sul Vangelo* I, 5, v. 1, p. 23-24

## 315. IT-TRIQ TAL-ĠUSTIZZJA

*Int, Mulej, imxennaq biex tagħdirna, tħenn għalina, għax int Alla ġust (Is 30, 18).*

1. “Ja bniedem, huwa wriek x’inhu tajjeb u x’jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin, u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma’Alla tiegħek” (Mik 6, 8). It-taħriġ tal-ġustizzja m’għandux iwarrab l-imħabba u t-taħriġ tal-ħniena; bħalma f’Alla, hekk ukoll fil-bniedem, il-ġustizzja u l-ħniena jeħtieġ jimxu flimkien.

Alla wera l-ġustizzja tiegħu billi salva l-bnedmin kollha. “Inqarreb il-ġustizzja tiegħi, mhijiex fil-bogħod, u s-salvazzjoni tiegħi ma tiddawwarx” (Is 46, 13), jgħid il-Mulej b’fomm Isaija, u b’mod wisq aktar ċar: “is-salvazzjoni tiegħi għoddha waslet” (Is 56, 1). Din il-wegħda sseħħ fir-Rabta l-Ġdida: Alla salva lill-bnedmin għax: “ried juri l-ġustizzja tiegħu f’dan iż-żmien ħalli juri li hu ġust u jiġġustifika wkoll lil min jgħix bil-fidi f’Ġesù” (Rum 3, 26). Il-ġustizzja ta’ Alla lejn il-bnedmin kollha tidher bħala ħniena li ssalva. Din hija wisq ‘il fuq mill-ġustizzja li hi meqjusa biss bħala rispett għad-dritt jew għall-mertu. Il-bniedem midneb ma kellu ebda jedd li jkun salvat, u bl-ebda mod ma kellu jedd li jimmerita s-salvazzjoni; il-fidwa hija biss ħidma tal-imħabba kollha ħniena u mogħtija b’xejn minn Alla.

In-Nisrani fir-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn ma jistax jirregola lilu nnifsu biss fuq il-ġustizzja weħidha: jagħti lil kull wieħed dak li ħaqqu u xejn iżjed. Il-ġustizzja tiegħu jeħtieġ dejjem tkun imqanqla mill-imħabba. L-Insara, skont il-Konċilju, “immexxijin mid-dawl tal-Evanġelju, u mqanqlin mill-imħabba nisranija… jeħtieġ li jfittxu dejjem u kullimkien is-saltna tal-ġustizzja ta’ Alla” (AA 7) waqt li jagħmlu ħilithom biex tinfirex f’kull qasam tas-soċjetà. Mela mhux biżżejjed ir-rispett sempliċi tal-liġijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet soċjali, imma jeħtieġ ġustizzja mnebbħa mill-karità, li jkollha s-sħana tal-imħabba, regolata mhux mill-qies tad-dritt, imma minn qies aktar wiesa’, qies imfawwar, bħal qies tal-ġustizzja kollha ħniena tal-Missier tas-sema.

2. “Kull min leali lejn Kristu, ifittex l-ewwel is-Saltna ta’ Alla, jirċievi minnha mħabba aktar qawwija u aktar safja biex jgħin lil ħutu kollha u biex itemm bl-ispirazzjoni tal-imħabba l-għemil tal-ġustizzja”

(GS 72). Il-ġustizzja tan-Nisrani jeħtieġ tiżboq il-ġustizzja sempliċi tal-bnedmin, proprju għax ġejja wisq iżjed mill-għaqda ma' Kristu u l-Evanġelju tiegħu, mill-imħabba ta' Alla u mill-ubbidjenza għar-rieda tiegħu milli mir-rispett għad-drittijiet. B'danakollu din tal-aħħar ma għandhiex tonqos. Fil-fatt hija karità illużorja dik li ma tikkunsidrax id-dmirijiet tal-ġustizzja. Il-Konċilju jwissi li "jeħtieġ qabel kollox, li jitħarsu l-esiġenzi tal-ġustizzja li ma jiġrix li jingħata bħala don ta' karità dak li għandu jingħata b'obbligu ta' ġustizzja" (AA 8). Ma togħġobx 'l Alla l-elemożina li ssir bi flus li huma ta' xi ħadd b'ġustizzja, pereżempju l-paga ġusta ta' xogħol li sar, jew il-ħlas ta' xi djun. Dak li jitnaqqas mill-ġustizzja ma jistax jingħata bħala karità la lil Alla u anqas lill-proxxmu.

L-Appostlu jħeġġeġ: "Intom sidien, agħtu lill-ilsiera tagħkom il-ħaqq u s-sewwa u kunu afu li intom ukoll għandkom sid fis-sema" (Kol 4, 1). Waħda mill-ħwejjeġ li tiskandalizza l-iżjed lid-dinja hija meta tara persuni reliġjużi li ma jiskruplawx jonqsu mill-ġustizzja, jagħlqu għajnejhom quddiem id-drittijiet tal-oħrajn, u b'danakollu jibqgħu iqisu lilhom infushom ġusti għax jagħmlu xi għemil ta' karità. X'jiswa li tagħti rigali jew tagħmel opri tajba waqt li tiċħad lil xi ħadd id-drittijiet tiegħu? Ir-rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn jesiġi ta' sikwit xi ħaġa ta' skomdu, u xi drabi jista' jolqot id-drittijiet tagħna stess. Imma min hu mqanqal mill-karità jaf dejjem jinsa u jissagrifika lilu nnifsu biex iħares dak li jmiss lill-proxxmu. Id-difiża egoista u esaġerata tad-drittijiet personali malajr tista' tinbidel f'inġustizzja dwar id-drittijiet tal-oħrajn. It-triq tal-ġustizzja nisranija hija dik l-imħabba li "ma tfittexx dak li hu tagħha" (I Kor 13, 5), li "ma tagħmilx deni lill-proxxmu" (Rum 13, 10) u tqiegħed il-ġid tal-oħrajn qabel dak tagħha nfisha.

● O Alla, int għallimtni sa minn żgħożiti. X'għallimtni? Li għandi naħseb fil-ġustizzja waħdanija, dik tiegħek. Fil-fatt, meta noqgħod naħseb fil-ħajja l-imgħoddija tiegħi, nara x'kien ħaqqni u x'kien dak li rċevejt minfloku. Kien ħaqqni l-kundanna u ġiet mogħtija lili l-grazzja. Kien ħaqqni l-infern, u ġiet mogħtija lili l-ħajja ta' dejjem. Sa mill-bidu tal-fidi tiegħi li inti ġeddidt fija, għallimtni li ebda mertu tiegħi ma ġie qabilha, b'mod li stajt ngħid li kien jistħoqqli dak li tajtni.

Minn mindu kkonvertejt lejk ġejt imġedded minnek li ħlaqtni, ġejt magħġun minnek li sawwartni; minn mindu kkonvertejt tgħallimt li

ebda mertu ma ġie qabel l-għemil tiegħek, imma l-grazzja tiegħek ġiet għandi b'xejn, b'mod li jien niftakar biss fil-ġustizzja tiegħek

S. Wistin, *In Ps* 70, II, 2

- Kristu Ġesù, erġa' ejja imla lil ruħi b'imħabbtek, u bil-virtujiet, u eħlisni minn kull nuqqas ta' sabar u inġustizzja u frugħa u l-miżerja tad-dinja; biegħed it-tifkira tal-inġurji li rċevejt. U jibqa' biss it-tifkira tal-benefiċċji u tat-tjubija tiegħek, b'umiltà vera u perfetta; u bis-sabar biex insofri kull piena għalik, Ġesù ħelu, b'ġustizzja qaddisa li ġustament tagħti lil kulħadd dak li ħaqqu.

Agħmel li nagħtik il-glorja u l-ġieħ li jistħoqqulek, waqt li nagħraf li kull grazzja ġejja minnek u permezz tiegħek; agħtini dak li hu tiegħi, li hu d-dnub u l-miżerja, b'mod li nagħraf u jiddispjaċini għad-dnub. Il-ġustizzja l-oħra li tikkmandani hija lejn il-ħlejjaq; Kristu Ġesù, u tħalli ebda rispett uman jew biża' jżommni lura minn dan kollu.

S. Katerina ta' Siena, *Epistolario* 133, v. 2, p. 304-305

## 316. NIMXU FIL-VERITÀ

*Agħti widen għat-talb tiegħi; bla qerq huma xofftejja (S 17, 1).*

1. "Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?" jistaqsi s-salmista u jwieġeb: "Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu" (S 15, 1-2). Alla huwa verità, u ħadd ma jista' jgawdi l-ħbiberija tiegħu, jekk ma jgħixx fil-verità, jekk mhux sinċier fl-imġiba tiegħu kollha. "Alla huwa dawl u ebda dlam ma hemm fih. Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu imma nimxu fid-dlam inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità" (I Ġw 1, 5-6). Li nimxu fil-verità u nagħmlu l-verità huma espressjonijiet xorta li jfissru tgħix skont il-verità magħrufa, għalhekk skont il-fidi u l-liġi ta' Alla, li hu dawl u verità. Bil-maqlub, li nimxu fid-dlam ifisser li qegħdin nitwarrbu mill-verità, u mil-liġi divina u għalhekk ngħixu fid-dnub li huwa dejjem gidba u ġej mix-xitan, li hu "giddieb u missier il-gideb" (Ġw 8, 44). Biex ikollna l-għaqda ma' Alla, mhux biżżejjed li nagħrfu l-verità, jeħtieġ ngħixuha, inqiegħeduha fil-prattika, fil-ħsibijiet, fil-kliem u fl-għemil.

F'kull qasam tal-ħajja tiegħu, in-Nisrani jeħtieġ jimxi fil-verità, fuq kollox fil-qiegħ ta' qalbu biex japprezza dak li hu ta' Alla, mingħajr ebda strutturi żejda jew maskri. Dan jesiġi li jagħraf bis-sempliċità t-talenti li rċieva minn Alla, waqt li jammetti bil-lealtà l-limiti tiegħu, difetti u dnubiet u ma jagħlaqx għajnejh dwar il-miżerji tiegħu u jistqarrhom b'onestà kollha umiltà. San Ġwann tas-Salib jitkellem dwar ċerti persuni "li jitħawdu meta jiġu biex jistqarru dnubiethom fil-qrar b'mod ċar li ma jmorrux il-konfessuri tagħhom iżommuhom inqas filgħoli, u għalhekk joqogħdu jpinġuhom inqas koroh u jagħmlu li jidhru inqas ħżiena; b'hekk imorru jqerru aktar biex jiskużaw milli biex jakkużaw lilhom infushom" (*Lejl* 1, 2, 4).

Il-lealtà ġewwenija hija l-ewwel kundizzjoni għat-tisfija tal-qalb u biex tinkiseb minn Alla l-maħfra tad-dnub. Ġesù qal: "il-verità teħliskom" (Ġw 8, 32); teħlisna mid-dlamijiet tal-iżball u tal-jasar tad-dnub. M'hemmx għalfejn naħarbu d-dawl li jikxef id-dgħufijiet tagħna, imma aktarx infittxuh u nitolbuh mingħand Alla, ukoll jekk ikollu jumiljana u ma jogħġobx lill-imħabba tagħna nfusna.

2. San Tumas jgħallem li l-bniedem "huwa moralment obbligat li juri l-verità lill-oħrajn; jekk dan ma jsirx, is-soċjetà tal-bnedmin ma tistax tibqa' tgħix" (*S.T.* 2-2, 114, 2). Kif nistgħu ngħixu jekk ma nistgħux nafdaw il-verità ta' bejnietna? L-ingann u l-gideb jifirduna u jbegħduna minn xulxin minflok jgħaqqduna. Għall-Insara li huma msejħin biex mhux biss fis-soċjetà imma f'għaqda ta' aħwa mwaqqfa fuq l-imħabba, is-sinċerità lejn xulxin hija dmir gravi ta' ġustizzja u ta' mħabba, hija s-sies indispensabbli li fuqu tinbena l-għaqda. San Pawl iwissi: "Tigdbux lil xulxin intom li nżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemil kollu tiegħu, u lbistu l-bniedem il-ġdid, li jiġġedded dejjem fix-xbieha ta' min ħalqu u jikber fl-għerf" (Kol 3, 9-10). Dak kollu li hu gideb huwa tal-bniedem il-qadim li għadu mgħaddas fid-dlamijiet u l-jasar tad-dnub; imma l-bniedem il-ġdid, imnissel mill-ġdid fi Kristu, jgħaddi mid-dlam għad-dawl, mill-gideb għall-verità u jmissu l-ħin kollu jiġġedded fix-xbieha ta' Alla, Verità assoluta. Alla huwa mħabba, Alla huwa verità; il-ħajja tan-Nisrani ma tistax tkun imħabba jekk ma tkunx ukoll verità.

Biex inkunu sinċieri jeħtieġ li l-kliem ikun jaqbel mal-ħsieb. Li taħseb ħaġa u tafferma oħra bl-għan li tinganna hu direttament kuntrarju għall-verità, u għalhekk offiża lil Alla, Verità infinita, u tfixkil għall-għaqda miegħu. Kif jista' jkun li l-gidba tippretendi li tingħaqad mal-ogħla Verità? B'danakollu ċerti nuqqasijiet ta' sinċerità mhumiex għalkollox neqsin mill-imġiba tal-persuni devoti: maniġġi żgħar, kliem mitfugħ biex wieħed jiffranka ċanfira, biex jaħrab l-umiljazzjoni, biex jgħatti żball jew ukoll biex jiġbed xi tifħira, xi ftit tal-ammirazzjoni. Għemil miskin li ma jixraqx lin-Nisrani li fl-imġiba tiegħu jmissu jirrifletti l-verità ta' Alla. Kull nuqqas ta' sinċerità, għalkemm ċkejken, iwegga' ħafna lill-Mulej fi ħlejqa li hi mogħtija lilu u toħloq tfixkil serju għall-progress spiritwali. Biex ngħixu f'għaqda ma' Alla jeħtieġ ngħixu "fil-verità quddiem il-Verità fiha nfisha" (Tereża ta' Ġesù, *Ħajja* 40, 3).

● Jidhirli li huwa frugħa u gidba hekk kbira kulma nara li ma jwassalx għall-qadi ta' Alla, illi lanqas nista' naf jew ngħid kif nifhmu. Tassew li ma nistax infisser dak li nħoss meta nara lil dawk li jinsabu fid-dlam ta' din il-verità…

Ma rajt xejn, imma fhimt il-ġid kbir li jiġina meta ma nagħtu ebda kas ta' dak kollu li ma jqarribniex lejn Alla, u kemm hija kbira x-xorti ta' dik ir-ruħ li timxi fil-verità quddiem il-Verità nfisha…

Din il-verità li qiegħda ngħid li ngħatatli li nifhem, hija l-Verità fiha nfisha, li la għandha bidu u lanqas tmiem; kull verità tiddependi minn din il-Verità l-istess kif kull imħabba tiddependi minn din l-imħabba, u kull kobor ieħor minn dan il-Kobor. Kemm tidher tajjeb is-setgħa ta' din il-Maestà li fi żmien hekk qasir iġġib effetti ta' ġid hekk kbir, u tnaqqax fir-ruħ ħwejjeġ hekk għolja!

S. Tereża ta' Ġesù, *Ħajja* 40, 2-4

- Ara, quddiemi hemm il-ġustizzja u l-ħażen. Għandi biss ilsien wieħed u nista' nużah kif irrid jien. Għala nużah għall-ħażen flok għall-ġustizzja?

Eħlisni Mulej, minn ilsien li jqarraq. Ilsien li jqarraq jgħid biss il-gideb, u b'dan jinqdew dawk li f'qalbhom għandhom ħaġa u juru ħaġ'oħra bi kliemhom… l-għerq jibqa'moħbi, imma jidher il-frott. L-għerq tagħna hija l-imħabba, il-frott tagħna huma l-għemejjel tagħna. Agħmel, Mulej, li l-għemejjel tiegħi jiġu mill-imħabba, għax imbagħad l-għerq tiegħi ikun fl-art tal-ħajjin (*In Ps* 51, 10-12).

Għallimni biex ma ngħidx il-gideb, biex ma nxerridx kalunji, u ma nixhedx il-falz… Jalla xofftejja ma jitkellmux bl-ingann. Dak li għandi f'qalbi irrid ngħidu minn barra; ma rridx ikolli ħaġa f'qalbi u oħra fuq ilsieni. Jalla naħrab il-ħażen u nagħmel it-tajjeb… jekk nagħmel hekk, inkun nista' nistenna bil-kalma ħajja u jiem tajbin (*Ser* 108, 7).

S. Wistin

## 317. SEMPLIĊI BĦAT-TFAL

*Mulej, jien nimxi dritt fuq il-preċetti tiegħek, u nobgħod kull triq qarrieqa (S 119, 128).*

1. Ġesù ried sinċerità sħiħa mid-dixxipli tiegħu: "Ħa jkun id-diskors tagħkom 'Iva, iva.' 'Le, le.' kulma hu iżjed minn hekk ġej mill-Ħażin" (Mt 5, 37). Dan it-tagħlim żgur laqathom fil-qiegħ ta' qalbhom lil dawk li semgħuh, jekk l-appostlu San Ġakbu jtennih kważi kelma b'kelma fl-ittra tiegħu, waqt li jżid sfumatura oħra li tiċċara s-sens: "Ħallu l-'iva' tagħkom ikun 'iva' u l-'le' tagħkom ikun 'le'" (Ġak 5, 12). L-iva u l-le mlissnin mix-xofftejn jeħtieġ jaqblu mal-iva u l-le ġewwenin, biex ma jiġrix li dak li naffermaw jew ninnegaw ikun il-maqlub ta' dak li naħsbu. M'hemmx bżonn infittxu kif niskappaw biex ngħattu l-verità, għax "dak li hu iżjed minn hekk ġej mill-Ħażin." Sikwit ċerti interpretazzjonijiet tal-Evanġelju mhumiex ħlief nases minsuba mill-Ħażin biex joħroġna mit-triq id-dritta tal-verità, mhux biss bil-kliem, imma wkoll bl-għemil, bl-imġiba li mhix leali jew hi għalkollox ta' wiċċ b'ieħor.

Ġesù ħadha kontra l-Fariżej proprju minħabba l-ipokresija tagħkom: jitkellmu mod u jagħmlu mod ieħor, jgħattu bil-maskra tal-ġustizzja l-ksur gravi tal-liġi. Il-Mulej sejħilhom "oqbra mbajda, jidhru sbieħ minn barra, imma minn ġewwa mimlija… b'kull xorta ta' ħmieġ" (Mt 23-27), u lid-dixxipli tiegħu wissiehom: "Ilqgħu rwieħkom mill-ħmira tal-Fariżej, jiġifieri mill-wiċċ b'ieħor tagħhom" (Lq 12, 1). Kull għamla ta' qerq, ipokresija jew formaliżmu jmorru kontra l-kuxjenza tan-Nisrani, li billi hu bin id-dawl, ma jistax jittollera fih tgħawwiġ, imma jħobb u jfittex id-dija tal-verità waqt li jitħabat biex din iddawwallu ħajtu kollha.

Is-sinċerità ma titlobx li ngħidu lil kulħadd dak kollu li nafu jew nuru s-sentimenti proprji tagħna: il-prudenza u d-dmir li nżommu s-sigriet ma jħallux li jsir dan. B'danakollu huwa meħtieġ li dak li ngħidu bil-kliem jew saħansitra bis-skiet, ikun jaqbel mal-verità. Kliem, għemil u atteġġjamenti jeħtieġ dejjem jesprimu l-verità li għandha tkun imfittxija u maħbuba minn ġewwa.

2. Ġesù ried li d-dixxipli tiegħu jkunu "safjin bħal ħamiem" (Mt 10, 16) u jsiru bħat-tfal iż-żgħar (Mt 18, 3). Is-sempliċità bħas-

sinċerità teskludi kull għamla ta' ipokresija u ta' kumplikazzjoni frott tal-imħabba tagħna nfusna u tal-egoiżmu, u meta tkun perfetta, tixtered fil-ħajja kollha tal-bniedem, twassalha fl-għaqda u titfa' fuqha safa speċjali. Jista' jasal f'dan biss min fl-eżistenza kollha tiegħu, jitmexxa minn dawl wieħed, iserraħ f'qawwa waħda, u jixxennaq għal għan wieħed: Alla.

Min hu sempliċi ma jaċċetta ebda dawl ieħor ħlief dak li ġej minn Alla, mill-kelma tiegħu u mil-liġi tiegħu. Għalhekk iwarrab kull ħjiel ta' mħabba tiegħu nnifsu u egoiżmu. Jiċħad id-dawl falz tal-passjonijiet u tal-massimi tad-dinja, li hu jqishom bħala dlamijiet u ingann. Iqis il-ħwejjeġ kollha bid-dawl tal-fidi, jara f'kull ċirkustanza l-id ta' Alla u jinqeda b'kollox biex jersaq lejh, bla ma jitlef iż-żmien fir-raġunar fuq ħwejjeġ sekondarji. Il-mixi tiegħu hu ħafif u żgur għax f'Alla jsib mhux biss id-dawl biex jagħżel il-verità, imma wkoll il-qawwa biex jimxi fiha. F'kull ħin u f'kull laqgħa huwa jserraħ fuq Alla bil-kunfidenza ta' iben, għax jaf li fih biss jista' jkollu l-għajnuna meħtieġa għad-dgħufija tiegħu. Jiltaqa' ma' xiex jiltaqa', jimmira lejn għan wieħed, ikollu intenzjoni waħda: jaqdi 'l Alla, jagħtih gost, u jagħtih glorja. Għalhekk bl-attenzjoni kollha jgħasses li fl-imġiba tiegħu ma jidħlux intenzjonijiet oħra sekondarji li jkun suġġeriti mill-frugħa u mill-egoiżmu. Is-safa fl-intenzjoni jagħmel li l-għemejjel kollha tiegħu jkunu sempliċi u juru bħal f'mera l-ħsibijiet u l-intenzjonijiet tiegħu. Xejn ma jwaqqfu u minn xejn ma jibża' għax ifittex 'l Alla biss u l-approvazzjoni tiegħu; għalhekk jaġixxi b'ħelsien qaddis ta' wlied Alla, mingħajr rispett uman, u bla ebda preokkupazzjoni tal-ġudizzju u tal-favuri tal-bnedmin. Hu jgħid ma' San Pawl: "Hu l-Mulej li jiġġudikani" (I Kor 4, 4). Waqt il-mixja mgħaġġla tiegħu lejn Alla, jiġbed lejh, bla ma jfittixha, ir-rieda tajba u l-fiduċja tal-bnedmin, għaliex bħalma l-wiċċ b'ieħor ibiegħed lil dak li jkun, hekk is-sempliċità tirbħu. Il-bniedem sempliċi jkun ħaqqu t-tifħir li Ġesù kien għamel għal Natanjel: "Ara, dan tassew wieħed minn Iżrael li jixraqlu dan l-isem, ma hemm ebda qerq fih" (Ġw 1, 47).

● O Mulej, jalla niġi għandek mit-triq id-dritta tal-verità u tas-sempliċità! Agħtini l-intenzjoni retta, dik il-ħarsa waħdiena tar-ruħ li trid togħġob lilek biss u ma jimpurtahiex mit-tifsiriet li ħaddieħor jagħti lil għemilha.

Meta nittratta mal-proxxmu, agħmel li nimxi dejjem fit-triq id-dritta tal-imħabba tar-rieda t-tajba, waqt li nħobb lilek fil-ħlejjaq bla ma nfittex is-sodifazzjon naturali. Li r-relazzjonijiet tiegħi mal-proxxmu jkunu mnebbħa mis-sinċerità, mill-imħabba tal-aħwa, mill-ħelsien qaddis.

Fost il-ġrajjiet tal-ħajja, u l-ħwejjeġ li ma tkunx tistennihom, agħmel li nkun naf nimxi dritt kulfejn issejjaħli bla ma nitnikker jew naljena ruħi. Għallimni nimxi mit-triq tal-imħabba li ma tafx bi tnikkir, fit-triq tas-sempliċità li ma tafx b'tgħawwiġ, fit-triq tal-verità li ma tafx b'qerq.

Din hi t-triq li togħġob lilek, o Ġesù, li ridt issejjħliha "l-aktar triq dritta": *"Ego sum via rectissima"*. "Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija". Hija t-triq li minnha jmexxina l-iSpirtu s-Santu li "jmexxi lill-ġust minn toroq dritti." Għalhekk, o Alla, nitolbok bil-ħeġġa u x-xewqa: "oħloq fija qalb safja u ġedded fija l-ispirtu tiegħek."

Swor Karmela tal-iSpirtu s-Santu, *Scritti inediti*

- Inti tafni kollni kemm jien, Mulej: il-preżent, l-imgħoddi u l-ġejjieni tiegħi huma quddiemek, realtà waħdanija. Inti tara dawk il-waqtiet delikati bi sfumaturi li jaħarbu 'l ħsibijieti u li anqas jien ma nista' nwaqqaf. Inti tagħraf kull att kemm jekk għemil jew ħsieb, sa mill-bidu tiegħu, u tarah jikber flimkien mal-konsegwenzi tiegħu. Int taf x'se jsir minni fl-aħħar mill-aħħar; inti għandek quddiemek dik is-siegħa meta nasal quddiemek biex inkun iġġudikat…

Iva, Mulej, ma rridx li ma tkunx tafni. Il-fatt li taf taqra 'l qalbi huwa l-akbar faraġ tiegħi. Agħtini iżjed minn dik is-sinċerità ta' qalb miftuħa, li jiena xtaqt. Żommni dejjem biex ma nibżax mill-ħarsa tiegħek, u minn dak l-għarfien ġewwieni li miniex onestament nipprova nogħġbok. Għallimni nħobbok aktar, imbagħad ikolli s-sliem mingħajr ebda biża' minnek.

Beatu J.H. Newman, *Maturità cristiana*, p. 286

## 318. L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Mulej int ma timxix magħna skont dnubietna u lanqas ma tħallasna skont ħżunitna (Salm 103, 10).*

Fir-Rabta l-Qadima hemm iż-żerriegħa tal-veritajiet kollha li jifjorixxu aktar tard fir-Rabta l-Ġdida meta xandarhom Ġesù. Imma xi drabi huma wisq aktar minn żerriegħa, għax huma tħabbira vera minn qabel tal-Evanġelju, kif jidher fl-ewwel qari ta' dan il-Ħadd li jitkellem fuq id-dmir tal-maħfra (Sir 28, 30; 28, 9). "Aħfer il-proxxmu d-dnubiet tiegħu, imbagħad titlob u dnubietek jinħafrulek. Bniedem li jrawwam għadab għal ieħor, imbagħad se jfittex fejqan mingħand il-Mulej? Minn bniedem bħalu m'għandux ħniena, imbagħad se jitlob maħfra għal dnubietu? Jekk bniedem jibqa' mgħaddab, min se jaħfirlu dnubietu? (Sir 28, 2-4). Jekk dan kollu kien propost lill-poplu l-qadim ta' Alla, mhux inqas ma jkun meħtieġ mill-poplu l-ġdid tiegħu li rah imut fuq is-salib u jitlob il-maħfra għal dawk li sallbuh.

Ġesù pperfezzjona l-liġi tal-maħfra billi wassalha lil kull bniedem u għal kull offiża, proprju għax b'demmu għamel lill-bnedmin kollha aħwa – u għalhekk proxxmu ta' xulxin – u ħallas għad-dnubiet ta' kulħadd. Għalhekk meta Pietru, li kien konvint li kien qed jipproponi żżejjed, staqsih kemm-il darba għandu jaħfer lil ħuh li offendih seba' darbiet, il-Mulej wieġeb: "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt 18, 21-22). Din kienet espressjoni wżata fil-Lvant li kienet tfisser numru bla limitu – mela dejjem – din kienet ġa wżata fl-iSkrittura minn Lamek l-aħrax li ftaħar li jpattiha għad-deni li sofra għal "sebgħa u sebgħin darba" (Ġen 4, 24).

F'dak il-kuntest din il-formula kienet bħal turi l-firxa terribbli tal-ħażen. Imma jekk il-ħażen hu daqshekk mifrux, it-tajjeb għandu jkun mifrux daqsu; għalhekk Ġesù uża l-istess espressjoni biex jgħallem li l-ħażen jeħtieġ jintrebaħ b'tjieba bla limiti li turi ruħha f'maħfra tal-offiżi u li qatt ma tgħajja. Jekk wieħed jaħseb sewwa dan huwa impenn li kważi jinkwetana. Biex jagħmlu aktar ħafif Ġesù fisser dan bil-parabbola tal-qaddej bla qalb. Id-dejn enormi ta' dan – elf talent - maħfur b'tant ħeffa mis-sid, u l-ebbusija bilkemm titwemmen tal-istess qaddej, li għal somma żgħira ta' mitt dinar jitfa' lil sieħbu fil-ħabs, iġegħluna nifhmu mill-ewwel verità tassew profonda moħbija

fil-parabbola. Din turina stampa mċajpra tal-ħniena infinita ta' Alla li quddiem l-indiema u għat-talb tal-midneb taħfer u xxejjen saħansitra l-akbar dejn tad-dnubiet; min-naħa l-oħra l-parabbola tagħti eżempju tax-xeħħa miskina tal-bniedem li waqt li hu nnifsu għandu bżonn kbir tal-ħniena, m'għandux ħila jaħfer lil ħuh imqar offiża ċkejkna. Għalkemm minħabba s-suppervja u l-ispirtu tal-vendetta li qegħdin f'qalb il-bniedem imwaqqa', il-maħfra xi drabi tiswielu wisq, din hija ħtieġa indispensabbli biex naqilgħu l-maħfra ta' dnubietna. Ma nistgħux naħarbu: jew naħfru biex inkunu maħfura, jew niċħdu l-maħfra u nkunu kkundannati. Il-parabbola tagħlaq: "Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom" (Mt 18, 35). Erġa' aħseb fit-twissija tal-ewwel qari: "Ftakar fil-kmandamenti u tobgħodx il-proxxmu… u għalaq għajnejk għall-offiża" (Sir 28). Dawn huma lezzjonijiet li ma naħsbux biżżejjed fuqhom, li jmisshom iġegħluna niflu 'l qalbna biex naraw jekk fiha fadalx xi mibegħda moħbija, jew jekk żammejniex f'qalbna kontra ħuna stess. Ma kienx ta' xejn li Ġesù għallimna nitolbu: "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" (Mt 6, 12).

● Arana, Mulej Ġesù, aħna niġu għandek bħala dawk li mexjin warajk, imma wkoll li ttradejniek, għax ta' sikwit konna l-fidili infidili; Aħna niġu biex nerġgħu nagħrfu r-relazzjoni misterjuża bejn id-dnubiet tagħna u l-passjoni tiegħek; l-għemejjel tagħna u l-għemejjel tiegħek; niġu biex inħabbtu fuq sidirna, biex nitolbuk maħfra, biex nittallbu l-ħniena tiegħek; niġu għax nafu li inti tista', inti trid taħfer: għax int ħallast għalina, int il-fidwa tagħna. Int it-tama tagħna.

Mulej Ġesù, Feddej tagħna, erġa' għajjex fina x-xewqa u l-fiduċja tal-maħfra tiegħek; wettaq il-proponiment tal-konverżjoni u tal-fedeltà tagħna; agħtina ċ-ċertezza tal-ħniena tiegħek.

Mulej Ġesù, Feddej u Mgħallem tagħna, agħtina l-qawwa li naħfru lill-oħrajn, biex aħna wkoll niġu maħfurin minnek.

Mulej Ġesù, Feddej u Ragħaj tagħna, sawwab fina l-qawwa li nħobbu, biex bl-eżempju u l-grazzja tiegħek, inħobbu lilek u lil ħutna kollha kif trid int.

Pawlu VI, *Insegnamenti*, v. 2, p. 18-19

## SENA B

*Sidi l-Mulej jgħinni, għalhekk ma nitħawwadx (Is 50, 7).*

Għal darb'oħra l-Liturġija tal-Ħadd tressaq quddiemna l-paradoss tas-salib, misteru ta' niket u ta' salvazzjoni, ta' mewt u ta' ħajja. Dan jibda bl-ewwel qari (Is 50, 5-9a) bit-tielet innu tal-Qaddej ta' Jaħweh, li hu ċelebrazzjoni li tqanqal imma mimlija bit-tama fis-sofferenzi li jpattu ħtijietna. Tnejn huma l-attitudnijiet tal-Qaddej li jbati enfasizzati fis-silta tal-lum: l-aċċettazzjoni spontanja u ġwejda tan-niket u l-abbandun mimli fiduċja tiegħu f'Alla. "Jien ma webbistx rasi, ma rġajtx lura. Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni, ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti; ma ħbejtx wiċċi mit-tgħajjir u l-bżieq" (Is 50, 5-6).

Din hija deskrizzjoni minn qabel tal-attitudni ta' Ġesù li mar minn jeddu għall-passjoni u l-mewt biex jobdi l-kmand tal-Missier. Hija wkoll espressjoni profetika tal-fiduċja kalma li biha kien se jaffronta tbatijiet kbar għax kien profondament żgur mill-għajnuna tal-Missier: "Sidi l-Mulej jgħinni, għalhekk ma nitħawwadx; għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied: jien naf li ma jkollix mniex nistħi" (Is 50, 7). Kien il-bidu tas-suċċess aħħari, tal-qawmien u tal-glorja, kif ukoll tas-salvazzjoni tal-bniedem.

F'dan l-isfond il-qari tal-Evanġelju tal-lum (Mk 8, 27-35) idawwal b'mod speċjali. Wara li ħareġ l-għarfien tal-messjanità tiegħu mid-dixxipli, Ġesù kkorreġa u kompla l-idea li t-Tnax bħan-nies kollha ta' żmienhom, kienu ġa ffurmaw dwar il-Messija. Fil-fatt, minbarra l-profeziji fuq il-Qaddej ta' Jaħweh, il-Lhud qagħdu biss fuq il-profeziji li kienu juru lill-Messija bħala salvatur u dak li kellu jerġa' jwaqqaf lil Iżrael; kienu qed jistennewh li jwettaq il-missjoni tiegħu bil-glorja u t-trijonf… Ġesù nnifsu farrak din it-teorija u b'mod miftuħ ħabbar il-passjoni tiegħu: (Mk 8, 31) "U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-Bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh" (Mk 8, 29). Pietru li kien l-ewwel wieħed li b'konvinzjoni kien xandru: "Inti l-Messija" (Mk 8, 29). għal darb'oħra kien l-ewwel li rreaġixxa: "ġibdu lejh u beda jlumu" (Mk 8, 32). Proprju għax fih għaraf il-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj, Pietru ma setax jammetti li Ġesù kellu jgħaddi mill-persekuzzjoni u mill-mewt. Bħala Lhudi veru kien skandalizzat mis-salib, u kien iqisha bħala

bluha u assurdità. Imma Ġesù ma ħafirhielux, anzi ġab ruħu miegħu bħalma kien ġab ruħu mat-tentatur fid-deżert: “Itlaq minn quddiemi ja xitan!” (Mk 8, 33). Kliem iebes li minnu jidher ċar li kull tentattiv ta’ rifjut tas-salib jew li tibni Kristjaniżmu mingħajr l-Imsallab jew li tneħħi t-tbatija mill-ħajja tagħna huma mnebbħa mix-xitan. Għalhekk Ġesù, wara li qal lis-segwaċi intimi tiegħu dwar il-passjoni tiegħu, sejjaħ lill-folla u xandar lil kulħadd il-ħtieġa tas-salib: “Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa’ salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Bxara t-tajba, isalvaha” (Mk 8, 34-35). Bil-mod il-mod l-Appostli kellhom jifhmu din il-lezzjoni; kollha kemm huma b’mod jew ieħor kellhom iġorru s-salib u jagħtu ħajjithom għal Kristu; għall-imħabba tiegħu, u Pietru kellu jmut fuq is-salib li kien tant skandalizzah.

Riflessjoni tal-aħħar hija suġġerita mit-tieni qari (Ġak 2, 14-18) li fiha jingħad li l-fidi mingħajr għemil hija mejta. Jekk in-Nisrani ma jixhedx għall-fidi tiegħu fi Kristu billi jaċċetta li jġorr miegħu is-salib, il-fidi tiegħu hija fiergħa.

- wlied Alla, ejjew flimkien nittrasformaw irwieħna f’Alla-Bniedem li bata, li wriena tant imħabba li miet għalina mewta l-aktar kerha u ta’ tbatija u kiefra. Dan kollu għall-imħabba tiegħu lejna.

O Alla-Bniedem, agħtina l-ħila li nifhmu kemm ħabbejtna b’mod l-aktar safi u fidil; meta bla qies, offrejt lilek innifsek kollok kemm int għall-imħabba tagħna. Inti trid li wliedek iroddulek b’xi mod dan is-safa ta’ mħabba u fedeltà l-aktar umli. Agħmilna fidili lejk li int daqshekk fidil.

O Alla-Bniedem li kont taf bit-turmenti kollha, int li ħabbejtna b’imħabba kollha kemm hi safja u fidili u tajtna l-prova l-aktar ċara bit-twelid tiegħek, b’ħajtek u mewtek. Imma bl-infedeltà tagħna ninsew li għalina twelidt fqir, fit-tbatija u fl-għajb. Saħansitra l-mewt tiegħek tant miżera u baxxa, u tal-akbar tbatija, imkażbra u ta’ wġigħ ma rnexxilihiex tmewwitna għall-ħwejjeġ kollha.

Min fostna jwieġeb għal din il-fedeltà hekk fidila u divina b’fidi bla ma taqta’, imqar waħda ċkejkna u ħajja? B’xorti ħażina kważi kull wieħed minna, ma jagħrafx dan id-dmir strett u jkun lest li jwarrab minnu kull piż. O Alla-Bniedem sofferenti, li kont daqshekk fidil magħna, agħmilna fidili lejk.

Beata Anġela ta’ Foligno, *Il libro della B. Angela* II, p. 125-126

## SENA Ċ

*Kristu Ġesù inti ġejt fid-dinja biex issalva l-midinbin: u fosthom lili l-ewwel wieħed (1 Tim 1, 15).*

Ftit wara li waqqaf il-patt ma' Iżrael, Alla ra li waqt li Mosè ma kienx magħhom, l-Iżraelin waqqfu għoġol tad-deheb; mgħaddab għal din l-infedeltà, ried jikkastigahom billi jeqridhom. U kif darba kien irrivela lil Abraham il-ħsieb tiegħu kontra Sodoma u Gomorra, hekk issa rrivela lil Mosè l-ħsieb tiegħu kontra Iżrael: "Jiena ħarist lejn dan il-poplu, u rajt li hu poplu ta' ras iebsa. Ħallini waħdi, issa, ħalli nixgħel bil-korla tiegħi għalihom u neqridhom. U lilek nagħmlek ġens kbir" (Eż 32, 9-10). Kważi jidher li Alla beża' li Mosè se jindaħal favur il-poplu u biex iwaqqaf dan wegħdu li hu jsalva u fuq kollox jagħmlu l-kap ta' ġens ġdid u kbir. Imma Mosè ma ħasibx fih innifsu, ried biss isalva l-poplu li kien iħobb, u kif darba għamel Abraham, ressaq talba mimlija kuraġġ. Mosè ma setax jinnegozja fuq ċertu numru ta' nies ġusti – għax il-poplu kollu kien dineb – imma mmira b'mod sfiq fuq l-imħabba li Alla kellu għal Iżrael. Hu fakkru fil-mirakli li kien għamel li bihom kien ħariġhom mill-Eġittu, fakkru fil-wegħdiet li kien għamel lill-patrijarki, u qallu mill-ewwel li kellu jsalva lill-poplu minħabba l-fama ta' ismu! F'din it-talba Mosè resaq qisu ġgant f'taqbida ma' Alla biex jikseb is-salvazzjoni tal-poplu tiegħu. U Alla sema' talbu.

Imma Mosè huwa biss simbolu dgħajjef ta' medjatur wisq aktar qawwi, Ġesù li m'għandux għalfejn jidħol f'taqbid ma' Alla biex jikseb il-ħniena għall-midinbin – għax hu nnifsu kien il-prezz li bih patta għad-dnub imma minflok ġie biex jgħid lid-dinja bil-ferħ ta' Alla għall-konverżjoni tal-midinbin. Jispjega dan b'mod speċjali bi tliet parabboli ħelwin tal-ħniena (Lq 15, 1-32) li jippreżentalna l-Evanġelju tal-lum. F'kollha jidher sewwa l-ferħ ta' min isib dak li kien tilef. Meta r-ragħaj isib in-nagħġa l-mitlufa "jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh" (Lq 15, 5), imur id-dar isejjaħ għandu lil ħbiebu u lill-ġirien biex jifirħu miegħu. Il-mara wara li fittxet f'kull rokna biex issib il-munita li tilfet, tagħmel l-istess: "Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli" (Lq 15, 9). Wisq iżjed jagħmel il-missier meta fl-aħħar jara lil ibnu rieġa' lura wara li għal żmien twil kien telqu; ma ħasibx biex iċanfru, imma biex jagħmel festa: "Ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab" (Lq 15, 23-24). Kienet

festa hekk kbira li qajmet il-korla tal-iben il-kbir, Ġesù stess qal: "Ikun hemm aktar ferħ għall-midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema" (Lq 15, 7). Mela allura Alla jħobb aktar lill-midinbin ikkonvertiti mill-ulied li baqgħu dejjem fidili? It-tweġiba hija dik mogħtija mill-missier lill-iben il-kbir, li kien qed jgħir għal-laqgħa li l-missier għamel għal ħuh: "Ibni" qallu missieru "inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek" (Lq 15, 3ċ). Mhix forsi festa kbira li tkun dejjem ma' Alla u tgawdi kuljum mill-ġid tiegħu? Il-parabboli ma jridux jgħidlu li Alla jippreferi lill-midinbin mill-ġusti, imma juru l-ferħ li bih hu jilqa' lill-midinbin niedma u jgħallem lill-bnedmin biex jifirħu meta jerġgħu lura l-aħwa, u jiftħulhom qalbhom bi tjubija li tixbah lil dik ta' Alla.

It-tieni qari (1 Tim, 12-17) itenni f'kuntest ieħor, l-istess ħsibijiet. San Pawl, waqt li jiftakar fl-imgħoddi tiegħu, jistqarr il-ħniena li ġiet użata miegħu u b'entużjażmu li jixbah lill-umiltà tiegħu jistqarr il-ħniena li ġiet użata miegħu u b'entużjażmu li jixbah lill-umiltà tiegħu jistqarr: "Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed" (1 Tim 1, 15). Liema ferħ kien hemm fis-sema għall-konverżjoni ta' dan il-bniedem li wieġeb b'milja hekk kbira għall-grazzja divina! U min jista' jgħid li ma għandux bżonn jikkonverti biex jixbah il-fedeltà ta' Pawlu?

- Inti wkoll Missier ħanin, aktar tifraħ għall-midneb wieħed li jindem, milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma għandhomx bżonn ta' ndiema. U aħna nġarrbu hena kbir kull darba li nisimgħu b'widnejna kemm jifraħ ir-ragħaj x'ħin jerfa' fuq sħallejh in-nagħġa l-mitlufa, u kemm tifraħ il-mara flimkien mal-ġirien tagħha meta ssib id-drakma u tqiegħda fit-teżor tiegħek. Il-ferħ tal-festa ta' darek iqabbżilna d-dmugħ minn għajnejna kull meta naqraw fuq l-iben iż-żgħir li miet u reġa' qam, u kien mitluf u nstab.

Inti tifraħ bina u bl-anġli f'darek imqaddsa b'imħabba qaddisa… Dan xi jkun, Mulej, Alla tiegħi, meta inti stess int l-istess hena ta' dejjem għalik innifsek u hemm ħlejjaq madwarek li jithennew dejjem bik?... Kemm int ogħla mill-ogħla ħwejjeġ, u kemm inti aktar 'il ġewwa minn dak li hu iżjed ġewwieni! Int qatt ma twarrab minna, u aħna bilkemm nersqu lejk. Isa, Mulej midd idek, qanqalna, sejħilna, kebbisna, israqna, ħeġġiġna, kun ħelu magħna: u aħna ħa nħobbu u niġru. Forsi mhux tassew li kien hemm ħafna iżjed 'l isfel minn

Vitorinu fid-dlam ta' qiegħ l-infern li reġgħu lura għandek? Huma resqu lejk u ddawlu b'dak id-dawl li lil dawk li jilqgħuh tajthom is-setgħa li jsiru wliedek.

S. Wistin, *Stqarrijiet* VIII, 3, 6.8; 4, 9

## 319. MHUX BOLOH IMMA GĦORRIEF

*Għallimni, Mulej, u wrini t-triq li għandi nieħu u żomm għajnejk fuqi (S 32, 8).*

1. "Qisu sewwa kif iġġibu ruħkom, mhux bħal nies bla dehen, iżda bħal nies għorrief, li jgħożżu ż-żmien, għaliex ħżiena huma l-jiem. Għalhekk tkunux bla għaqal, imma fittxu x'inhi r-rieda tal-Mulej" (Ef 5, 15-17). In-Nisrani ma jistax jaġixxi ta' iblah; il-ħajja hija ħaġa serja ħafna, hija t-triq li twassal għand Alla, għalhekk huwa importanti li ma neħdux żbalji, imma nagħżlu t-triq ġusta, dik murija mir-rieda ta' Alla, u nimxu fiha bil-ħeffa. Mhux dejjem ħafif li nagħmlu dan, għaliex il-passjonijiet minn ġewwa jistgħu jfixkluna li nagħrfu r-rieda divina, waqt li d-dinja, minn barra, tagħfas fuqna bit-tħajjir falz tagħha. Biex in-Nisrani ma jiżbaljax it-triq, irċieva l-virtù tal-prudenza fil-magħmudija, li għandha tgħinu biex jagħraf "x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu li jogħġbu, x'inhu perfett" (Rum 12, 2) biex iwasslu għall-għan tiegħu: il-ħajja ta' dejjem.

"Il-prudenza – skont Santu Wistin – hija l-imħabba li nagħżlu dak li jgħinna naslu għand Alla minn dak li jfixkilna" (*De mor. Eccl.* 25). Fil-fatt min iħobb jagħżel minn jeddu dak li jista' jiswielu biex jilħaq l-oġġett ta' mħabbtu u malajr jifhem kif jagħraf ir-rieda tal-persuna maħbuba, ix-xewqat u l-gosti tagħha. "L-imħabba hi dejjem b'għajnejha miftuħa, imma umli; timxi dritt" (*Imitazzjoni ta' Kristu* III, 5, 7). Hawn m'aħniex nitkellmu fuq l-għaqal tal-bnedmin li jirregola sewwa n-negozji u l-interessi tad-dinja, imma mill-għaqal sopranaturali mnebbaħ mill-imħabba għal Alla li għalhekk jgħin lill-bniedem biex jagħżel dak kollu li jista' jwasslu għand Alla u jaħrab dak li jbiegħdu minnu.

Alla ħalaq lill-bniedem ħieles, bil-ħila li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, li jiggverna lil ħajtu; imma ma telqux għal rieħu. Tah liġi biex isservih ta' gwida, irrivelalu l-għan sopranaturali tiegħu u biex ikun jista' jersaq lejh, sawwab fuqu l-virtujiet sopranaturali, li fosthom l-għaqal għandu dmir li jiddirieġi: imexxi l-għemil tiegħu kollu skont Alla.

2. "Min minnkom ikun irid jibni torri, u ma joqgħodx bilqiegħda biex l-ewwel nett iqis in-nefqa, ħalli jara għandux biżżejjed biex

iwassal sal-aħħar?... Jew liema sultan, li jkun sejjer jagħmel gwerra kontra sultan ieħor, ma joqgħodx l-ewwel bilqiegħda biex jara jekk jistax b'għaxart elef raġel iħabbatha ma' min ġej għalih b'għoxrin elf ruħ?" (Lq 14, 28.31). Dan hu l-għaqal uman li mingħajru ma ngħaddux għal min ma jridx jesponi ruħu għall-fallimenti. Wisq aktar ma ngħaddux mingħajr l-għaqal sopranaturali li jiżgura s-suċċess etern tan-Nisrani. Dan għandu jagħmel il-kalkoli tiegħu u jikkonvinċi ruħu li ma jistax jimxi wara Kristu mingħajr ma jissagrifika ruħu. "Hekk ukoll ħadd ma jista' jkun dixxiplu tiegħi jekk ma jitlaqx ġidu kollu" (Lq 14, 28.33). Fi ftit kliem, kif min irid jibni jikkalkola l-ispiża meħtieġa, u min irid jidħol fi gwerra jikkalkola l-forzi li għandu, hekk min irid jimxi wara Kristu jeħtieġ ilesti ruħu għaċ-ċaħda Ftit qabel Ġesù qal: "Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u 'l ommu u lil martu u lil uliedu u 'l ħutu subien u bniet, u saħansitra lil ħajtu stess" (Lq 14, 26). 'Tobgħod' hawhekk skont l-ilsien Lhudi, ifisser "tħobb anqas", bħalma jidher ċar f'silta bħal din ta' Mattew: "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi" (Mt 10, 37). Il-mixja wara Kristu tesiġi li Alla għandu jkun maħbub 'il fuq mill-ħlejjaq kollha, ukoll minn dawk qrib ħafna tagħna, aktar mill-ġid tal-art u saħansitra mill-istess ħajjitna. Għalkemm dan hu mitlub biss f'sens sħiħ minn dawk li huma msejħin biex jimxu wara Kristu f'konsagrazzjoni sħiħa lejh, jidher ċar mill-Evanġelju kollu li f'każ ta' konflitt bejn l-affezzjonijiet tad-demm, bejn il-pussess tal-ġid materjali jew il-preservazzjoni tal-ħajja tagħna u l-imħabba li tmiss 'l Alla, kull Nisrani għandu jkun lest biex jissagrifika kollox biex jibqa' fidil lejn l-imħabba ta' Alla. Dan hu l-għaqal li joħroġ mill-ogħla preċett tal-imħabba ta' Alla u li qiegħed għal-qadi tiegħu.

● Agħtini, o Alla tal-ħniena, li dak kollu li jogħġob lilek, inkun nixtiequ bil-ħeġġa, li bilgħaqal ngħarblu, nagħrfu tassew, u nwettqu perfettament għall-ġieħ tal-isem tiegħek.

Urini, o Alla tiegħi, il-post tiegħi fid-dinja, u agħmel li nkun naf dak li tridni nagħmel biex inwettqu kif jixraq u li jkun jiswieli għal ruħi. Mulej Alla tiegħi, agħtini li qatt ma nonqos f'dan la fil-prosperità u lanqas f'dak li hu kontra qalbi, biex fl-ewwel każ ma nitkabbarx u f'tal-aħħar, ma naqtax qalbi. Tħallinix nifraħ jew nagħli fuq dak li ma jressaqnix aktar lejk, jew jifridni minnek. Jalla ma nfittexx li nogħġob

lill-oħrajn, imma lilek biss, u nibża' biss li nnikktek. Mulej, agħmel li mmaqdar il-ħwejjeġ kollha li jgħaddu, u nħobb dak kollu li hu etern.

Kull pjaċir li fih m'hemmx int ma jogħġobnix u ma rrid li jkolli ebda xewqa barra minnek. Mulej, agħmel li l-faraġ tiegħi jkun fix-xogħol li jsir għalik, u kull mistrieħ li lilek ma jogħġbokx ikunli ta' dwejjaq.

S. Tumas ta' Aquino. *Preghiere,* 35-37

● O tjubija infinita, kif jista' jkun li int m'intix maħbub u magħruf minn dawk li kienu maħluqin bis-setgħa li jagħrfuk u jithennew bik?

O Mulej, liema kura kollha mħabba tieħu binhar u billejl ta' dan il-bniedem, li la jagħraf lilu nnifsu u lanqas lilek, o Mulej, għalkemm int tant tħobbu u tfittxu bl-akbar attenzjoni u b'tant sabar tistennih u tissaportih, u dan kollu għall-imħabba.

Inti tiġbed lejk lill-bnedmin bl-imħabba u trid li huma jaċċettaw bl-imħabba. Inti taħdem fihom u għalihom bl-imħabba tiegħek, u trid li l-bniedem kollu jaħdem għall-imħabba, għax mingħajr l-imħabba ma ssir ebda ħaġa tajba. Inti taħdem biss għall-ġid tal-bniedem u trid li l-bniedem jaħdem biss għall-ġieħ tiegħek u mhux għalih innifsu. Int li int Alla u Mulej ma ħaristx lejn il-kumdità tiegħek, la tar-ruħ u lanqas tal-ġisem, biex issalva 'l-bniedem, u għalhekk ma tridx li l-bniedem iħares lejn il-kumdità tar-ruħ jew tal-ġisem, biex jagħmel ir-rieda tiegħek. Ir-rieda tiegħek hija kollha għall-ġid tagħna.

S. Katerina ta' Ġenova, *Dialogo*, p. 213-214

## 320. NINTILEF BIEX INSALVA

*Mulej, tħallinix nimxi max-xejra ta' din id-dinja, imma biddilli fehmti skont ir-rieda tiegħek (Rum 12, 2).*

1. Il-Konċilju jirrikkmanda lill-Insara kollha "l-virtujiet li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet soċjali, jigifieri l-onestà, l-ispirtu tal-ġustizzja, is-sinċerità, il-kortesija u l-qawwa tal-iSpirtu li mingħajrhom ma jistax ikun hemm ħajja tassew nisranija" (AA 4) u lanqas għaqal sopranaturali. Ngħidu aħna, in-Nisrani qatt ma jista' jagħmel il-ħażin ħalli joħroġ it-tajjeb (Rum 3, 8), ma jistax juża mezzi illeċiti bħall-gideb jew l-inġustizzja biex jasal għall-għan li fih innifsu huwa tajjeb. Min-naħa l-oħra l-għaqal sopranaturali huwa differenti minn kull għamla ta' għaqal uman, ukoll jekk tajjeb, għax jiżbqu bil-bosta, l-istess kif l-għan etern li jwassal lejh, jgħaddi kull għan tal-art. L-Evanġelju fih ħafna eżempji. Tipika hija l-parabbola tal-għani iblah li kien qiegħed jifraħ lilu nnifsu minħabba l-abbundanza tal-ħsad tiegħu u għamel bosta proġetti biex jibni mħażen ġodda. "Iżda qallu Alla, 'iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura.' U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik ta' min ikunu?' Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistgħana quddiem Alla" (Lq 12, 20). L-għaqal nisrani ma jimpedix li wieħed jipprovdi għall-ħtiġijiet tal-art, imma dan jagħmlu bid-distakk u b'wiċċu mdawwar lejn Alla. "Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu" (Mt 16, 26). L-istil tal-għaqal sopranaturali huwa dak muri minn Ġesù: "Min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha" (Mt 16, 25). Min jitħabat bla moderazzjoni għan-negozju jew għas-suċċessi tad-dinja, għall-kumdità tiegħu jew biex jikkonserva ħajtu tal-art, jispiċċa biex jittraskura d-dmirijiet lejn Alla. Jekk il-valuri tad-dinja jokkupaw l-ewwel post fil-ħsibijiet, fix-xewqat u l-għemil tiegħu, hija ħaġa ċara li l-valuri eterni jmorru fit-tieni post; l-ewwel post ma jibqax ta' Alla, imma tal-ħwejjeġ tad-dinja; u għalhekk mhux biss il-qdusija imma wkoll is-salvazzjoni eterna tkun fil-periklu. "Iftħu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba – jgħid il-Mulej – għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu" (Lq 12, 15). La l-ħajja tal-art u wisq anqas dik eterna.

2. "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu… u kollu ferħan imur ibigħ kulma jkollu u jixtri dik

l-għalqa" (Mt 13, 44). Is-saltna hija "t-teżor moħbi", mhux kulħadd isibu, mhux kulħadd jagħraf il-valur l-iżjed għoli tiegħu, imma dawk li fehmuh, dawk li f'qalbhom iltaqgħu ma' Alla mqar darba biss u ħassew it-tjubija infinita tiegħu, ma joqogħdux jaħsbuha biex jiċċaħħdu minn kollox u biex it-teżor isir tagħhom warrbu l-ġid materjali. Mhux kontra qalbhom imma "mimlijin bil-ferħ jgħodduh bħala ħaġa ta' xejn," u jgħidu ma' San Pawl: "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi" (Fil 3, 8).

Meta jifhmu dan, ma jidhrux aktar strambi jew żejda ċerti esiġenzi tal-Evanġelju li jaqilbu l-loġika tal-prudenza umana ta' taħt fuq. "Meta wieħed jistiednek għal xi festa ta' tieġ, tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem… mur inxteħet fl-aħħar post" (Lq 14, 8.10). Din mhix mossa diplomatika biex nevitaw l-umiljazzjoni li niġu mitfugħin 'l isfel jew biex niksbu l-unur li niġu msejħa għal post ogħla, imma hija l-għażla minn rajh ta' min ma jidhirx għoli wisq f'għajnejn id-dinja, imma li jiswa wisq aktar f'għajnejn Alla, li jifli l-qlub u jixtieq li jsib fihom l-umiltà. Jekk imbagħad huwa n-Nisrani li qiegħed jagħti l-pranzu, l-Evanġelju jgħid: "tistedinx lil ħbiebek jew lil ħutek… anqas ġirien għonja għax għandhom imnejn imbagħad jistiednu lilek" (Lq 14, 12). Din mhix kundanna tal-obbligazzjonijiet tal-ħbiberija, jew ta' dawk li jiġu minnek, jew ta' gratitudni, imma twissija għall-ġenerożità mingħajr interessi: li tagħti rigali jew favuri speċjalment lil dawk fil-bżonn – materjalment jew spiritwalment – li minnhom ma nistennewx tpattija u forsi lanqas il-grazzi. "U hieni int, għax dawn ma għandhomx mnejn iroddulek" (Lq 14, 14). Dak li hu telf għall-għaqal tal-bnedmin, huwa bil-maqlub xorti tajba għall-prudenza sopranaturali. Għal soru li xtaqet tevita li tagħmel att ta' karità xi ftit iebes, Santa Tereża tal-Bambin Ġesù qalet: "Ngħid għalija kont inkun ferħana li nagħmlu… O kemm ma tafx tmexxi l-affarijiet tagħha!" (*Tifkiriet mhux miktuba*). Min ifittex 'l Alla fuq kollox, iqis il-ħwejjeġ skont il-valur li għandhom f'għajnejn Alla.

● Huwa iebes Mulej, li terfa' s-salib, li tesponi lir-ruħ għas-sogru u 'l ġisem għall-mewt… huwa iebes li niċċaħħdu minn dak li aħna… jidher iebes għalina l-bnedmin li niksbu t-tama bil-prezz tal-perikli u li nirbħu l-ġid li għad irid jiġi b'dannu tal-ġid ta' issa. Imma int, o Mgħallem twajjeb u uman, biex ħadd ma jitkisser bid-disperazzjoni jew bit-telqa, - ladarba s-seħer ħelu tal-ħajja tal-art ta'

sikwit jolqot ukoll lill-ispirtu rett u kostanti – twiegħed lill-fidili tiegħek kontinwità żgura tal-ħajja… imma ħadd ma jista' jaħrab il-mewt jekk m'hemmx il-ħajja ta' wara. Inti l-ħajja tiegħi, o Kristu, ħajja li ma tafx b'mewt. Agħtini, mela, li noqgħod fejn tkun int… Agħmel li nistrieħ mhux fid-dinja, imma fuq sidrek; tħallinix nitħajjar mill-ħwejjeġ tal-art, imma li bil-maqlub nitgħallem kif nirfishom bil-qawwa tar-ruħ. Jalla l-art tibża' minni u ma taħkimnix; u l-ġisem jibża' mill-qawwa ta' ruħi, u wara li jintrebaħ, joqgħod għaliha. O Kristu, agħmel li nikkontemplak rebbieħ fuq is-salib; u li fis-salib inkun naf nara [mhux l-iskandlu jew il-bluha imma] r-rebħa.

S. Ambroġ, *Kumment għall-Vanġ. ta' S. Luqa* VII, 1-2.5

● O Salvatur tiegħi, agħmel li nkun mgħaġġel u mxennaq li nfittex il-ġahwra tal-għerf divin, imqar bl-istess attenzjoni li biha l-bnedmin ifittxu xi teżor u jġemmgħu l-flus, ladarba inti twiegħed li min ifittixha b'dan il-mod isibha.

O mħabba l-iżjed prezzjuża, o għaqda ta' mħabba l-aktar għolja, o Alla ta' min iħobbu ħafna li tissejjaħ imħabba li int il-ġawhra ta' siwi infinit, wieħed fl-essenza u tlieta fil-Persuni, inti tant ħabib tal-għaqda li dawk kollha li jingħaqdu miegħek u jersqu lejk tagħmilhom spirtu wieħed miegħek; urini din il-ġawhra waħdanija prezzjuża, ħabbibni magħha u agħtihieli biex tkun tiegħi. Ara, flokha noffrilek kulma għandi, u kieku kelli iżjed, kont nagħtik iżjed, għax kollox huwa xejn meta mqabbel mas-siwi tagħha. Agħtihieli, Mulej, għat-tjubija tiegħek biex naqdik minn qalbi mhux għall-interess imma biss għall-imħabba.

L. De Ponte, *Meditazioni* III 47, 2-3

## 321. IL-QADDEJ FIDIL U GĦAQLI

*Mulej, agħmel li nistenniek bil-musbieħ jixgħel,*
*biex niftaħlek minnufih malli tiġi tħabbat (Lq 12, 35-36).*

1. Meta Ġesù bagħat id-dixxipli tiegħu fid-dinja, wissiehom: "Kunu għaqlin bħas-sriep u safjin bħall-ħamiem" (Mt 10, 16). In-Nisrani jeħtieġ li jkun għaqli: biex ma jħallix ruħu titqarraq bil-ħażen, biex jirnexxilu jagħraf l-ilpup lebsin ta' ħrief, biex jagħżel il-profeti tajbin mill-profeti foloz (Mt 7, 15), biex jieħu l-okkażjonijiet tajba ħalli jxandar l-Evanġelju u jagħmel il-ġid; imma l-għaqal tiegħu qatt ma għandu jwarrab is-sempliċità. L-għaqal mingħajr is-sempliċità hu lampa mitfija bla ħila li ddawwal. Huwa biss lis-sempliċi li ngħata li jagħarfu dak li jwassal lejn Alla, li jkollhom is-sens tal-Evanġelju, u jifhmu l-messaġġ tiegħu. Ġesù feraħ għal dan u qal: "Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin" (Lq 10, 21). Il-qalb sempliċi hija mera li fiha tirrifletti l-verità.

Min-naħa l-oħra, is-sempliċità tesiġi wkoll l-għaqal: biex taħseb dwar dak li għandu jsir, tirrifletti biex tagħraf ir-rieda ta' Alla u, fuq kollox fid-deċiżjonijiet importanti, tkun taf tistenna waqt it-talb li r-rieda ta' Alla turi ruħha; u meta jasal il-ħin xieraq taġixxi b'ħeġġa, tħares 'il quddiem b'għajn li tara fil-bogħod il-konsegwenzi ta' għemilha. Il-parabbola tal-għaxar xebbiet tgħallem dan. Kienu l-ħamsa għaqlin biss li raw minn qabel li l-istennija tal-għarus setgħet ittul u ħadu magħhom iż-żejt biżżejjed għall-imsiebaħ tagħhom; imma l-boloh ma ħasbux f'dan, u meta beda jidlam u nstemgħet l-għajta: "Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!" sabu ruħhom bla żejt, bl-imsiebaħ mitfijin u esklużi mit-tieġ (Mt 25, 1-13). Bħall-għaxar xebbiet, l-Insara huma wkoll mexjin lejn is-saltna tas-sema, u qegħdin jistennew li jiġu mdaħħla għat-tieġ ta' dejjem. L-għaqal jitlob li jkunu għassa, li t-torċi tal-fidi u tal-imħabba jkomplu jixgħelu sewwa. Ukoll jekk il-miġja ta' Kristu l-Għarus tiddawwar. Fidi u mħabba dgħajfin ma jistgħux idumu wisq; Jeħtieġ naħsbu minn qabel u nipprovdu fil-ħin. Il-ħajja nisranija hija stennija li ma taqtax. Biex inkunu mħejjija għall-miġja tal-Mulej, l-istennija għaqlija trid tkun karatterizzata bil-ħidma, bl-attenzjoni u bl-għaqal.

2. L-Evanġelju (Mt 24, 45.46) jitkellem ukoll dwar "qaddej fidil u għaqli" li s-Sid fdalu t-tmexxija tad-dar, waqt li hu jkun nieqes. Imbierek hu jekk meta jiġi Sidu lura jsibu għassa fid-dar tiegħu, fidil għall-kmand li rċieva. Il-parabbola tgħodd għal dawk li huma msejħin biex imexxu lill-oħrajn: ġenituri, edukaturi, superjuri, appostli, saċerdoti. Jekk l-għaqal huwa meħtieġ biex tmexxi l-imġiba tiegħek innifsek, kemm aktar huwa meħtieġ biex tmexxi l-imġiba tal-oħrajn; mhux għalxejn li l-għaqal huwa meqjus bħala l-virtù proprja tas-superjuri. Min ikollu xi responsabbiltà jeħtieġ qabel xejn iqis ruħu bħala sempliċi amministratur u mhux is-sid, imqabbad biex jagħti servizz skont ir-rieda tas-Sid waħdieni u mhux skont kif jaħsibha hu. Għalhekk għandu jkollu attitudni umli, mimlija rispett għar-rieda ta' Alla, waqt li jfittex li jfisser bl-għaqal, waqt li jistudja biex iħaffef it-twettiq tar-rieda tas-Sid. Għandu jkollu attitudni ta' tjubija u ta' rispett lejn dawk li ġew afdati f'idejh, u jħarreġ l-awtorità tiegħu "fi spirtu ta' servizz lill-aħwa bħala espressjoni tal-karità li biha jħobbhom Alla" (PC 14). Imexxi l-ġid kollettiv u dak individwali, u jagħti kas tal-personalità, tat-temperament, tal-kwalità, tal-limiti u tal-bżonnijiet ta' kull wieħed. L-uffiċċji tar-responsabbiltà ma huma qatt għall-vantaġġ tiegħu, imma għall-użu tal-oħrajn. Il-parabbola tagħlaq bil-kundanna tal-qaddej li waqt li approfitta ruħu min-nuqqas tas-Sid u tal-inkarigu li rċieva, kien jgħaddi ż-żmien fix-xalar, jilgħabha tas-Sid u jittratta ħażin lil sħabu l-qaddejja.

Imma wkoll is-sudditi huma marbuta ma' ċerta prudenza li tikkonsisti fil-ħlewwa u r-rispett lejn dawk li jmexxuhom f'isem Alla. Lilhom San Pawl iwissi: "Oqogħdu għal dawk li jmexxukom, u obduhom, għax huma jgħassu fuqkom għall-ġid tagħkom, bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom. Hekk huma jaqdu dan id-dmir bil-ferħ, u mhux bi swied il-qalb: għax dan ma jkun jiswielkom ta' ebda ġid" (Lhud 13, 17). Ix-xogħol iebes tas-superjuri jeħtieġ li jitħaffef bil-ħlewwa ta' wlied tas-sudditi.

● Mulej, inti s-Sid assolut tiegħi għax inti ħlaqtni, għax qiegħed iżżommni, għalhekk jiena l-qaddej tiegħek. Mela agħmel li ħajti kollha tkun ikkonsagrata lilek, biex inwettaq ir-rieda tiegħek f'kollox u dejjem. Għalhekk meta ma naħsibx fik, meta nfittex il-kumditajiet tiegħi għall-imħabba tiegħi nnifsi, għat-tifħir tiegħi, inkun qed nonqos minn dmir l-aktar gravi, u nsir qaddej li ma jobdix. U int imbagħad

x’se tagħmel bija? O Mulej… la tkeċċinix mis-servizz tiegħek kif b’xorti ħażina ħaqqni tassew.

Qaddej ta’ Alla! X’titlu sabiħ u x’servizz tal-għaġeb huwa dan! Forsi m’hemmx miktub fl-iSkrittura li min jaqdi lilek isaltan? Forsi mhux l-akbar ġieħ għal bniedem qaddis, li jgħidu li hu qaddej ta’ Alla?

Naqdik; u mbagħad? Il-premju, il-patrija, is-sema, il-ġmiel tal-ġenna. O Mulej, niżżik ħajr ta’ dan il-premju li ħejjejtli għall-erbat ijiem ta’ servizz; tal-ġieħ kbir li għalih sejjaħtli. Jien pellegrin fuq l-art, inħares lejn is-sema, l-għan tiegħi, pajjiżi, id-dar tiegħi.

Beatu Ġwanni XXIII, *Il giornale dell’anima* 1900, p. 78-79

● Sinjur Alla, Missier qaddis, tkun imbierek issa u għal dejjem… Kulma għandu l-qaddej tiegħek, mhux mingħandek ġiebu, għalkemm ma kienx ħaqqu? Kulma tajtni u kulma għamilt miegħi, hu kollu tiegħek.

Agħmel, Mulejja, li jien inkun naf dak li għandi nkun naf, li nħobb dak li għandi nħobb, li nfaħħar dak li l-iżjed jogħġob lilek: li nżomm ma’ dak li hu għażiż għalik; li nobgħod dak li għajnejk ma jaħmlux. Tħallinix nifhem il-ħwejjeġ skont kif jaraw għajnejja minn barra, anqas nitħaddet skont ma nisma’ b’widnejja, kif jagħmlu n-nies ta’ bla għaqal: imma tini grazzja li nara kollox kif imissni, jiġifieri nagħżel minn xulxin il-ħwejjeġ tar-ruħ u fuq kollox infittex dak li l-aktar jogħġob lilek.

Il-bnedmin bosta drabi jitqarrqu f’li jgħidilhom moħħhom; u jitqarrqu wkoll il-bnedmin tad-dinja li ma jħobbux ħlief dak li jaraw b’għajnejhom. Bniedem, li minn bniedem ieħor ikun miżmum bi kbir, b’daqshekk isir aħjar milli jkun?... Il-bniedem hu kbir daqskemm jaraw għajnejh u xejn aktar.

*Imitazzjoni ta’ Kristu* III, 50, 1.7.8

## 322. DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU

*Spirtu s-Santu, ejja fina… inti ġġib id-doni miegħek (Sekwenza).*

1. Lejlet mewtu, Ġesù farraġ lid-dixxipli tiegħu bil-wegħda l-kbira: "Jiena nitlob lill-Missier u hu jagħtikom Difensur ieħor, biex jibqa' dejjem magħkom, l-iSpirtu tal-verità" (Ġw 14, 16-17); u ftit qabel tela' lejn is-sema, reġa' afferma dan: "Ftit jiem oħra titgħammdu bl-iSpirtu s-Santu" (Atti 1, 5), u tkunu mlibbsin "bil-qawwa tiegħu" (Lq 24, 49). Id-dixxipli kellhom bżonnu. Mgħallmin mill-Imgħallem u minnu mibgħutin biex ikunu xhieda tiegħu fid-dinja, kellhom bżonn jifhmu aktar it-tagħlim li rċevew, u wkoll tal-qawwa u l-kuraġġ biex jipprattikawh sal-aħħar.

Bl-istess mod dan jiġri lil kull Nisrani. Ir-rieda tajba mgħejjuna mill-grazzja u mill-virtujiet infużi, mhumiex biżżejjed biex jipproduċu l-frott tal-qdusija li l-Evanġelju jistenna mid-dixxipli ta' Kristu. Dejjem jibqa' ħafna x'wieħed jirranġa, dak tal-mod ta' kif jaġixxi l-bniedem quddiem l-esiġenzi tal-qdusija li hija tisħib fil-ħajja u l-qdusija ta' Alla nnifsu: "Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 48). Il-bniedem jista' u jmissu jitħarreġ fil-virtujiet, imma għalkemm dawn huma wkoll sopranaturali, jaġixxu permezz tas-setgħat naturali; il-fidi pereżempju iddawwalhom permezz tal-intelliġenza li tista' tkun ftit jew wisq limitata, l-imħabba tidħol fina permezz tar-rieda li tista' tkun ftit jew wisq doċli, u hekk għall-bqija. L-iSpirtu s-Santu bl-impulsi flimkien mad-doni tiegħu jiżboq il-limiti tal-bniedem u jsawwab fihom dawl, imħabba, qawwa 'l hinn mill-ħila naturali tagħhom. Għalhekk mhuwiex iżjed il-bniedem li jieħu l-inzjattiva tal-fidi tiegħu, tal-imħabba tiegħu u tal-virtujiet l-oħra, imma hu l-iSpirtu s-Santu li jħaddimhom fina billi jsawwab id-dawl tal-qawwa tiegħu direttament "llibbiskom bil-qawwa tiegħu" (Lq 24, 49).

2. Fil-Magħmudija, in-Nisrani flimkien mal-grazzja qaddiesa u mal-virtujiet infużi jirċievi wkoll id-doni tal-iSpirtu s-Santu. Waqt li l-virtujiet infużi huma prinċipji sopranaturali li jagħtu lill-bniedem il-ħila li jaġixxi b'mod virtuż u li jimmerita għall-ħajja eterna, id-doni huma prinċipji sopranturali li jagħtuh il-ħila li jirċievi l-għajnuniet tal-iSpirtu s-Santu, li jiksbu l-ispirazzjonijiet u l-impulsi tiegħu u li jikkoperaw magħhom. San Tumas ixebbah id-doni mal-qlugħ tad-dgħajsa: kif id-

dgħajsa permezz tal-qlugħ tista' tiġi mċaqalqa u mmexxija mir-riħ, hekk ukoll il-bniedem jiġi mqanqal u mmexxi permezz tal-iSpirtu s-Santu. B'dan il-mod il-mixja tal-qdusija ssir aktar ħafifa u żgura.

San Pawl jgħid: "Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-iSpirtu ta' Alla; għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom… Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox" (1 Kor 2, 14-15). Il-bniedem spiritwali huwa n-Nisrani li fih jgħammar l-iSpirtu s-Santu u li permezz tad-doni tiegħu, jagħtih il-ħila li jifhem "il-ħwejjeġ proprji tal-iSpirtu ta' Alla." "Il-ġust li diġà qiegħed jgħix il-ħajja tal-grazzja divina u jopra bl-għajnuna tal-virtujiet… għandu bżonn ukoll ta' dawn is-seba' doni, li jissejħu wisq tajjeb doni tal-iSpirtu s-Santu, biex isegwi bil-ħeffa u aktar malajr l-impuls divin" (Ljun XIII, *Divinum illud*). Alla, fit-tjubija infinita tiegħu ma jħalli lin-Nisrani nieqes minn xejn li hu meħtieġ għat-tqaddis tiegħu. Il-fatt li Alla xerred id-doni fuq in-Nisrani juri li hu stess irid jindaħal fil-ħajja spiritwali tiegħu bil-ħidma tal-iSpirtu s-Santu. Min-naħa l-oħra d-doni wkoll, bħall-grazzja u l-virtujiet infużi, huma mogħtija bħala żerriegħa li biex tiżviluppa teħtieġ art tajba u kura bla heda, u dan huwa afdat għar-rieda tajba ta' kull wieħed. Kif l-egoiżmu, ir-rabta magħna nfusna jew mal-ħlejjaq, ifixklu l-iżvilupp tal-virtujiet, hekk ukoll ifixklu l-iżvilupp tad-doni. L-imħabba, bil-maqlub teħlishom minn kull tfixkil u terħihom bil-qlugħ miftuħ għall-infiħ tal-iSpirtu s-Santu.

● O Spirtu s-Santu li tqaddes, Alla li tista' kollox, imħabba essenzjali tal-Missier u tal-Iben, rabta adorabbli tat-Trinità maestuża, nadurak u nħobbok b'qalbi kollha. Għajn li ma taqtax ta' grazzji u ta' mħabba, iċċarali moħħi, qaddisli lil ruħi u kebbes lil qalbi. Alla ta' tjubija u ħniena, ejja għandi: żurni, imlieni, ibqa' miegħi, minn qalbi agħmel tempju u santwarju ħaj fejn inti tista' tirċievi l-adorazzjonijiet u l-qimiet tiegħi u ssib l-għaxqiet, tiegħek. Għajn ta' ilma ħaj, li tfawwar sal-ħajja ta' dejjem, saqqi u isqi lil ruħi li għandha l-għatx tal-ġustizzja. Nar qaddis, saffini, agħmel li ninħaraq bil-fjammi tiegħek u li dawn ma jintfew qatt minn ġo fija. Dawl liema bħalu, dawwalni; Qdusija perfetta, ikkonsagrani; Spirtu ta' verità, mingħajrek inħossni fl-iżball; Spirtu ta' mħabba, mingħajrek ninġazza; Spirtu ta' balzmu, mingħajrek inkun fin-nixfa; Spirtu ta' ħajja u li tagħti l-ħajja, mingħajrek jiena mejjet.

P. Aurillion, *Novena di Pentecoste*, p. 19-20

● O Alla jiena narak, Verb u Spirtu, u nifhem kif inti tiġġerra biex tfittex lill-ħlejqa tiegħek bl-akbar għerf, bi tjubija eterna, b'mod li qisu la għandek glorja u lanqas ebda gost ħlief fil-ħlejqa tiegħek, li b'danakollu hija daqshekk baxxa. U dan l-iSpirtu tiegħek huwa s-sunnara li biha qed tfittex li taqbadha. U l-qalb li tirċievi l-iSpirtu hija dik is-siġra li ra Mosè li kienet tinħaraq bla ma tikkonsma. Din tinħaraq b'dija ċara bix-xewqa li int ma tkunx offiż, u tikkonsma bix-xewqa li jingħatalek ġieħ.

O Kelma… inti qiegħda tħabbat, tħabbat bil-ġentilezza, tfittex li kulħadd ikun lest li jirċievi d-don tal-iSpirtu s-Santu. Inti tibqa' tkanta bil-ħlewwa, saħansitra tifraħ waqt li tibki, dejjem tfittex li kull wieħed ikun lest li jirċievi dan id-don.

O Spirtu li ġej mill-Missier u mill-Iben, inti ssawwab lilek innifsek fir-ruħ b'mod daqshekk ġentili li r-ruħ bilkemm tintebaħ, u minħabba l-kobor tiegħu ftit huma li jifhmuh. Inti ssawwab fir-ruħ il-qawwa tal-Missier u l-għerf tal-Iben, u r-ruħ li issa saret hekk qawwija u daqshekk għarfa, jibda jkollha l-ħila li żżomm fiha persuna daqshekk nobbli… u dan iġiegħlek tifraħ fiha u ma tħalliha qatt.

S. M. Maddalena de' Pazzi, *Revelatione e intelligentie*,
Op, v. 4, p. 64.61

## 323. VIRTUJIET U DONI

*Spirtu s-Santu ejja fina… Agħti ‘l kull virtù sabiħa ħlas ta’ salvazzjoni sħiħa, agħti l-ġenna lit-tajbin (Sekwenza).*

1. Meta Ġesù wiegħed l-iSpirtu s-Santu qal ċar u tond li “d-dinja ma tistax tirċevih” (Ġw 14, 17). Id-dinja, jew min jgħix f’kuntrast mat-tagħlim ta’ Kristu, huwa magħluq għall-influss tal-iSpirtu, u huwa insensibbli għad-dawl u l-azzjoni tiegħu. Aħna bil-maqlub, bħalma jgħid San Pawl: “ma ħadniex l-ispirtu ta’ din id-dinja, imma l-iSpirtu ta’ Alla, biex nagħrfu d-doni li Alla għoġbu jagħtina” (1 Kor 2, 12). Għalhekk aħna għandna nimpenjaw ruħna li nimxu f’sens kuntrarju għad-dinja, jiġifieri nirbħu l-passjonijiet u ngħixu l-Evanġelju, biex nipprattikaw il-virtujiet li pprattika Kristu, b’mod speċjali l-imħabba, l-umiltà, il-manswetudni, l-ubbidjenza u l-faqar. It-taħriġ tal-virtujiet huwa dak li għandu jwettaq kull Nisrani biex l-iSpirtu s-Santu jħaddem id-doni tiegħu.

San Tumas jgħallem li d-doni tal-iSpirtu s-Santu “huma mogħtija bħala għajnuna lill-virtujiet” (*S.T.* 1-2, 68, 8). Id-doni għalhekk mhumiex flok il-virtujiet, imma jissopponuhom u jipperfezzjonawhom. Dan ifisser li n-Nisrani għandu jagħmel dak kollu li jista’ biex japplika ruħu serjament fit-taħriġ tal-virtujiet; imbagħad l-iSpirtu s-Santu jissokta jwettaq ix-xogħol permezz tad-doni tiegħu. It-tradizzjoni Kattolika kollha tagħna tagħmel l-isforz u l-applikazzjoni personali tagħna bħala l-punt tat-tluq, ladarba “jekk persuna qegħda tfittex ‘l Alla, il-Maħbub tagħha qiegħed ifittixha wisq iżjed… Huwa jiġbed [lir-ruħ] u jġegħelha tiġri warajh, bl-ispirazzjonijiet divini u l-mess tiegħu” (Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 3, 28). Ir-ruħ tfittex ‘l Alla preċiżament bit-taħriġ tal-virtujiet li ma jaqta’ xejn, u għalkemm dan mhux biżżejjed biex iwassalha fil-qdusija, imma huwa meħtieġ biex turi l-intenzjonijiet tajba tagħha lill-Mulej. Baħri li jrid jidħol fil-port ma joqgħodx jistenna fl-għażż biex jonfoħ ir-riħ, imma jaqdef bil-qawwa kollha waqt li qiegħed jistenna; l-istess ir-ruħ li tixtieq issib lill-Mulej, waqt li qegħda tistennih biex jiġbidha, ma tintelaqx fl-għażż, imma tapplika ruħha bil-qawwa biex tfittxu bl-inizjattiva personali tagħha. Imbagħad f’nofs dawn l-isforzi, l-iSpirtu s-Santu jaġixxi, billi jġib id-doni tiegħu. Min hu għażżien u ma japplikax ruħu bl-attenzjoni fil-prattika tal-virtujiet m’għandux jistenna l-għajnuna tad-doni tiegħu.

2. Ġeneralment fil-bidu tal-ħajja spiritwali, l-influwenza tad-doni hija aktarx rari u moħbija; għalhekk matul dan iż-żmien tippredomina l-inizjattiva tagħna, jiġifieri t-taħriġ attiv tal-virtujiet u t-talb tagħna. Imma daqskemm tiżviluppa l-ħajja spiritwali tagħna, jew, daqskemm tikber l-imħabba tagħna, l-influwenza tad-doni tiżdied. Fil-fatt f'persuna mħeġġa din l-influwenza bil-mod il-mod issir aktar qawwija u aktar ta' sikwit sakemm tiżboq l-inizjattiva tagħna; dan hu tassew il-mod li fih, taħt it-tmexxija tal-iSpirtu s-Santu, niksbu l-qdusija.

Biex jirnexxilna nieħdu profitt mid-doni tal-iSpirtu s-Santu jeħtieġ narmonizzaw l-attività mal-passività tagħna. Fl-istess ħin għandna noqogħdu attenti u miftuħin għall-ħidma tal-iSpirtu s-Santu. Tassew li kif hemm erwieħ għażżenin u passivi, hemm ukoll dawk li huma attivi żżejjed, li għalihom kollox jikkonsisti fil-pjani tagħhom għal riforma spiritwali, fir-riżoluzzjonijiet tajba u fit-taħriġ tagħhom, bħallikieku l-qdusija tiddependi biss fuq il-ħidma tagħhom. Fundamentalment dawn l-erwieħ iserrħu wisq fuq il-forzi tagħhom u ftit wisq fuq l-għajnuna divina. Meta jagħmlu hekk jissugraw li ma jkunux jafu jaħtfu l-ispirazzjonijiet tal-iSpirtu s-Santu, jew joħonqu l-impulsi tiegħu, u b'hekk jgħajju lilhom infushom bla ma jaslu għall-għan tagħhom. Jinħtieġ wisq iżjed id-drawwa u l-virtù tad-doċilità; jinħtieġ li jintelqu iżjed: Id-drawwa tad-doċilità biex jagħrfu l-ispirazzjonijiet interjuri tal-iSpirtu s-Santu, sottomissjoni tar-rieda biex jikkoperaw ma' dawn l-ispirazzjonijiet, telqa biex iħallu lilhom infushom jitmexxew minn toroq mudlama u saħansitra kuntrarji għall-gosti tagħhom. Ħadd ma jista' jkun l-imgħallem tal-qdusija tiegħu nnifsu: "ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-iSpirtu ta' Alla" (1 Kor 2, 11). Jeħtieġ mela li nħallu lilna nfusna li nitgħallmu u nitmexxew minnu. Ukoll waqt li nkunu nitħabtu, biex nikkorreġu d-difetti tagħna u biex niksbu l-virtujiet, jeħtieġ inħallu l-widna interjuri miftuħa għall-impulsi tal-iSpirtu s-Santu. "Il-Mulej Sidi… ta' kull filgħodu jqajjimli 'l widinti u jien ma webbistx rasi, ma rġajtx lura" (Is 50, 4.5). Dan għandu jkun l-atteġġjament interjuri ta' min irid iħalli lilu nnifsu jiġi mmexxi mill-iSpirtu s-Santu.

● O Ġesù, ibgħat l-iSpirtu tiegħek u agħmel li jinfed, ikebbes, u jqaddes lil ruħi: anzi agħmel li jassorbini b'mod li ma jkolli ebda ħajja ħlief fl-iSpirtu s-Santu… Sawwab l-iSpirtu tiegħek fija biex bis-sħana tas-sema tiegħu jimmatura f'qalbi l-frott tal-opri qaddisa. Agħtihuli bħala dawl li jiċċara, Mgħallem li jgħallem, gwida li jmexxi, għajn li

ssaffi, tagħmel il-frott u taqta' l-għatx, wieħed li jagħti d-doni, bħala għajnuna, bħala konsolatur u bħala rabta li torbotni miegħek b'mod li ma tinħallx. Agħtihuli bħala mistieden ħelu tar-ruħ sabiex jibqa' miegħi għal dejjem.

"Ibgħat l-iSpirtu tiegħek u huma jinħalqu." Imma xi ħwejjeġ huma dawk li jaħlaq l-iSpirtu s-Santu? Dak kollu li hu tajjeb, dak li hu qaddis ladarba huwa l-prinċipju tal-ħajja sopranaturali, għalhekk joħloq fina qalb safja u spirtu rett. U dan hu proprju li neħtieġ, o Alla tiegħi.

U int, o Spirtu divin, orbotni aktar bil-qawwi ma' Ġesù, ġedded l-art niexfa ta' qalbi, biex issir għammiela bil-frott tal-ġenna, u tibqa' dejjem fija biex naħdem il-perfezzjoni tiegħi.

Beata Elena Gwerra, *Il fuoco che Ġesù portò sulla terra*, p. 48.50.53

● O Spirtu s-Santu, Alla mħabba, rabta tat-Trinità Qaddisa, inti tinżel biex tistrieħ u ssib il-gosti tiegħek fost ulied il-bnedmin, fil-kastità qaddisa li tiffjorixxi biss fil-qawwa ta' mħabbtek, u tal-ferħ qaddis tiegħek, bħal warda fost ix-xewk. O Mħabba, Imħabba, urini t-triq li jeħtieġli nimxi fiha biex nasal f'dan il-ġnien delizzjuż, għal dawk ir-rikkezzi tal-ispirtu; it-triq tal-ħajja li twassal fil-mergħat imsoqqija bin-nida divina, fejn il-qlub għatxana jistgħu jaqtgħu l-għatx tagħhom. O Mħabba, inti biss taf dawn it-toroq ta' verità u ta' ħajja. Fik titwettaq l-għaqda prezzjuża mat-Trinità Qaddisa; għalik joħorġu l-aħjar doni spiritwali; minnek jiġu bil-kotra l-aqwa żrieragħ li jagħtu l-frott tal-ħajja.

S. Ġeltrude, *Esercizi* 3, p. 120-122

## 324. L-ISPIRTU S-SANTU U T-TALB

*Spirtu s-Santu għallimni ngħajjat flimkien miegħek: "Abba, Missier" (Gal 4, 6).*

1. Ir-relazzjonijiet tagħna ma' Alla huma relazzjonijiet ta' wlied, għalhekk imisshom ikunu relazzjonijiet ta' fiduċja sħiħa u kunfidenza, ladarba m'aħniex barranin, imma "nies tad-dar ta' Alla" (Ef 2, 19). Nagħmlu sehem mill-familja tiegħu. Għalhekk it-talba nisranija għandha tkun l-espressjoni tas-sentimenti ta' iben li jifraħ li jista' jittratta qalb ma' qalb ma' missieru u li jinxteħet f'dirgħajh f'telqa sħiħa. Imma b'xorti ħażina l-bniedem huwa dejjem midneb, u l-għarfien tal-miżerji u l-infedeltà jippruvaw jipparalizzaw l-impuls tiegħu ta' iben, waqt li jnisslu ċerta biża' li ta' sikwit iġġib fuq xofftejna l-għajta ta' Pietru: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb" (Lq 5, 8). Dan jiġri fuq kollox meta r-ruħ tkun għaddejja minn żminijiet mudlama ta' taqbid, ta' tentazzjonijiet, ta' diffikultajiet li jippruvaw jixħtuna fit-taħwid u t-taqlib, waqt li ma jħallux dik il-qabża tal-qalb li tidfen f'Alla kull preokkupazzjoni. Imbagħad f'daqqa waħda r-ruħ tintlaqat minn dawl ġdid li jordom kull biża'; dan mhux xi ħsieb, imma perswazzjoni ġdida, intima, li ġġiegħelha tħoss fil-qiegħ ta' qalbha li hija bint Alla u li Alla hu Missierha. Dan hu l-influss tad-don tal-pjetà, imħaddem mill-iSpirtu s-Santu. San Pawl kien qal lill-ewlenin Insara: "Intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-iSpirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: 'Abba! Missier!' Dan l-iSpirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla" (Rum 8, 15-16). Għalhekk huwa l-iSpirtu s-Santu li jsawwab fil-qalb dan is-sens profond ta' pjetà filjali, ta' fiduċja sħiħa fil-Missier tas-sema, anzi, huwa nnifsu fina, b'ilfiq li ma jitfissirx ilissen: "Missier". Il-Konċilju Vatikan II jgħid: "L-iSpirtu jgħammar fil-Knisja u fil-qlub tal-fidili bħala f'tempju u jitlob fihom u jixhed li huma wlied adottivi" (LG 4).

2. It-talba profonda hija relazzjoni intima ma' Alla; imma min jista' jgħallem lill-bniedem, daqshekk rozz u materjali, il-finezzi meħtieġa biex jittratta intimament mas-Sultan tas-sema u l-art? Qatt mhu se jkun hemm xi ċerimonjal u lanqas xi ktieb devot li jkollu l-ħila jirregola b'mod xieraq ir-relazzjonijiet intimi bejn il-ħlejqa u l-Ħallieq.

Imma hemm Għalliem li l-ħila tiegħu hija tassew xierqa għal dan l-għan, u li t-tagħlim tiegħu jgħodd għal kull Nisrani. Dan hu l-iSpirtu s-Santu: "L-iSpirtu min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas nafu nitolbu kif imiss, imma l-iSpirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem" (Rum 8, 26). Din ir-realtà hija aktar ta' faraġ għal min għandu sens qawwi tan-nuqqas ta' ħila tiegħu biex jittratta ma' Alla, għal min iħoss il-ħtieġa ta' talba xierqa quddiem il-maestà sovrana, quddiem it-traxxendeza tal-aktar Għoli. Huwa proprju hawn fejn l-iSpirtu s-Santu jġib fina sentimenti ta' fiduċja sħiħa u adorazzjoni profonda, ta' ħbiberija kollha mħabba ta' għarfien tal-kobor l-aktar għoli ta' Alla: ""U għax intom ulied, Alla bagħat l-iSpirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier!" (Gal 4, 6). "It-tifħir u l-glorja, l-għerf, ir-radd ta' ħajr u l-ġieħ, il-qawwa u s-saħħa lil Alla tagħna għal dejjem ta' dejjem" (Apk 7, 12). Ukoll meta l-ispirtu huwa niexef, u l-qalb kiesħa u l-moħħ imdallam, l-iSpirtu s-Santu jitlob fina, u aħna dejjem nistgħu noffru 'l Alla t-talba tal-iSpirtu. U din hi t-talba l-aktar vera, l-aktar prezzjuża, talba li żgur tinstama'. Għax l-iSpirtu ma jistax inebbaħ sentimenti u xewqat kuntrarji għal dak li jogħġob 'l Alla, imma "jidħol għall-qaddisin skont ma jrid Alla" (Rum 8, 27).

● O ruħ tiegħi, ma smajtux xi darba lill-iSpirtu s-Santu fis-sigriet tal-kuxjenza tiegħek jgħajjat: "Abba. Missier"? Għalhekk tista' temmen li inti maħbuba b'imħabba ta' missier, int li tħossok maħtufa mill-istess Spirtu li bih l-Iben ukoll ġie maħtuf. Afda… afda bla ma titħasseb xejn. Fl-iSpirtu tal-Iben agħraf lilek innifsek bħala bint il-Missier, għarusa u oħt tal-Iben (*In Cant.* 8, 9).

O Spirtu s-Santu fik biss nistgħu nistqarru: Abba, Missier; fik li titlob għall-qaddisin b'ilfiq li ma jistax jitfisser. U jekk inti titlob hekk ġo qalbna, x'se tkun it-talba tiegħek fil-qalb tal-Missier? Ġo qalbna inti l-Avukat tagħna quddiem il-Missier, fil-qalb tal-Missier inti l-Mulej tagħna. Waqt li tagħtina l-ħila biex nittallbu, inti tissuġġerilna x'għandna nitolbu; u l-istess kif int terfagħna lejn il-Missier b'fiduċja ta' wlied; hekk ukoll bil-ħniena kollha mħabba tiegħek inti tressaq lil Alla lejna (*In festo Pentecostes* 1, 4).

San Bernard

● “L-iSpirtu s-Santu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem.” Kif tista’ titniehed, o Spirtu ta’ mħabba, waqt li qiegħed tgawdi hena sħiħ u etern flimkien mal-Missier u mal-Iben? Inti Alla, bħalma hu Alla l-Iben, u Alla l-Missier. Inti ma titniehedx fik innifsek jew għalik innifsek f’dik it-Trinità, f’dak l-hena, f’dik l-essenza eterna; imma titniehed fina għax int iġġegħelna nitniehdu… u b’dan il-mod iġġegħelna nħossu li aħna pellegrini fuq din l-art u tgħallimna nixxenqu għal pajjiżna; hija din ix-xewqa li ġġegħelna nitniehdu.

Min hu għaddej tajjeb f’din id-dinja, jew aktarx jaħseb li għaddej tajjeb, min jitgħaxxaq fil-pjaċiri u fl-abbundanza tal-ġid tad-dinja għandu hena li jispiċċa fix-xejn, u dan… ma jitniehedx. Min, bil-maqlub, iħoss l-oppressjoni ta’ din il-ħajja mortali, u jaf li hu eżiljat ‘il bogħod minnek, o Mulej, u dawk li għad ma għandhomx dak l-hena ta’ dejjem li kien imwiegħed lilhom, imma għandhom biss it-tama tiegħu, u l-istennija li jkun tagħhom fil-verità kollha… min jaf dan kollu jitniehed. Agħmel, Mulej, li nitniehed għal dan l-għan, imbagħad it-tnehid tiegħi jkun tajjeb; għax ikun l-iSpirtu li jgħallimni nitniehed. Jalla ma nitniehedx minħabba d-dwejjaq tad-dinja, jew għax nintlaqat minn xorti ħażina, jew minħabba l-mard. Agħmel li nitniehed bħall-ħamiema, li nitniehed għal imħabbtek, li nitniehed fl-iSpirtu.

S. Wistin, *In Io* 6, 2

## 325. IL-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Agħmel, Mulej li nfittxek sakemm insibek, insejjaħlek sakemm int fil-qrib (Is 55, 6).*

"Il-fehmiet tiegħi ma humiex fehmietkom, u t-triqati ma humiex triqatkom" (Is 55, 8; 1º Qari). Dan hu fil-qosor il-messaġġ tas-siltiet bibliċi tal-Liturġija tal-lum. Il-bniedem ma jistax iqis 'l Alla skont il-qies ta' ħsibijietu u lanqas jorbot l-imġiba tiegħu mal-kategoriji tal-ġustizzja u tat-tjubija tiegħu. Alla huwa wisq aktar 'il fuq mill-bniedem milli s-smewwiet huma 'l fuq mill-art (Is 55, 9); għax il-pjanijiet tal-providenza ta' Alla ta' sikwit ma jiftiehmux għall-moħħ tal-bniedem li jkollu jaċċettahom umilment bla ma jkollu ebda dritt li jistħarriġhom.

Hekk hu t-tagħlim profond li hemm moħbi fil-parabbola tal-ħaddiema tal-għalqa tad-dwieli li l-Evanġelju tal-lum (Mt 20, 1-16) jipproponi għall-meditazzjoni tal-Insara. "Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ filgħodu kmieni ħafna biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu tad-dwieli"; ftiehem magħhom b'dinar kuljum u bagħathom l-għalqa. Imma kienu jinħtieġu aktar ħaddiema u s-sid ħareġ għal erba' darbiet oħra fil-misraħ biex ifittex il-ħaddiema: fit-tielet siegħa, fis-sitt siegħa, fid-disa' siegħa, fil-ħdax-il siegħa, jiġifieri mid-disgħa siegħa ta' filgħodu sa filgħaxija. Meta spiċċat il-ġurnata, il-ħaddiema tħallsu, ibda minn dawk li ġew l-aħħar li bħal tal-ewwel ħadu dinar. Ara r-reazzjoni umana ta' ħafna mill-ħaddiema: "Dawn tal-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana." Imma s-sid wieġeb: "Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehimt miegħi? Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih daqskemm tajt lilek. Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? (Mt 20, 12-15). Fuq il-pjan tal-ġustizzja soċjali, dan ir-raġunament huwa diskutibbli. Imma l-ħsieb ta' Ġesù meta ppropona l-parabbola ma kienx biex jagħti lezzjoni tal-"etika tan-negozju" jew tas-soċjoloġija, imma biex iġegħelna nifhmu li s-saltna tas-smewwiet tieqaf fuq prinċipji differenti ħafna minn dawk li jirregolaw ir-relazzjonijiet umani li tagħti u tirċievi. Alla li hu infinitament ġust huwa wkoll ħanin u ħieles; waqt li jwassal is-salvazzjoni lil dawk li huma msejħin l-aħħar – il-pagani – ma jqarraqx b'tal-ewwel – il-poplu magħżul - waqt li jilqa' fis-saltna tiegħu lill-

midinbin li kkonvertew fi xjuħithom, ma jagħmilx tort lil dawk li għexu fl-innoċenza. Fid-dinja tal-grazzja m'hemmx drittijiet ta' preċedenza; huwa żgur li l-bniedem jeħtieġ jikkopera fis-salvazzjoni eterna tiegħu, imma dan hu ġid hekk kbir li jibqa' dejjem rigal ukoll għall-qaddisin il-kbar. Mill-bqija, il-parabbola bil-mistoqsija: "Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?" (Mt 20, 15) iġġegħelna nifhmu l-motiv tat-tgergir tal-ħaddiema tal-ewwel siegħa, ma kienx tant l-imħabba għall-ġustizzja imma għira għall-ġenerożità li ntweriet ma' dawk tal-aħħar siegħa. Imma Alla fil-ħaddiema tas-Saltna ma jittollera ebda għamla ta' għira jew mibegħda lejn l-aħwa; anzi jagħraf bħala ħaddiema tiegħu lil dawk biss li jafu jifirħu għall-ġid tal-oħrajn bħallikieku kien tagħhom.

Il-parabbola ma tridx tinkoraġġixxi lill-għażżenin jew dawk li huma bla impenn u li jħallu għall-aħħar siegħa biex jikkonvertu u jaqdu 'l Alla, imma aktarx tgħallem li Alla jista' jsejjaħ f'kull siegħa u li l-bniedem għandu jkun dejjem lest biex iwieġeb għas-sejħat li jkollu.

"Fittxu l-Mulej sakemm tistgħu ssibuh, sejħulu sakemm hu fil-qrib" (Is 55, 6). Min hu msejjaħ fiż-żerniq tal-ħajja m'għandux jaħseb li għandu drittijiet aktar minn min ġie msejjaħ f'età matura jew ukoll fl-aħħar siegħa, u dawn tal-aħħar m'għandhomx jiddejqu jew jinġibdu lura għax jgħidu li hu tard wisq.

Il-kliem ta' San Pawl fit-tieni qari (Fil 1, 20b-24.27) jaqbel ukoll ma' dan il-punt: "Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi, sew jekk ngħix u sew jekk immut." Id-dixxiplu veru ta' Kristu ftit jagħti kas tas-sitwazzjonijiet personali tiegħu – is-siegħa tas-sejħa, is-servizz mogħti u l-ħlas – sakemm jagħti glorja lil Kristu li għalih biss qiegħed jgħix.

● Jien ma nistax nidħol fid-digrieti misterjużi tiegħek, o Mulej. Jiena naf li int mitt għal kulħadd, Ma nistax ngħid x'kienu l-ħsibijiet eterni tiegħek dwari, imma jekk nagħti kas tas-sinjali li tajtni bil-kotra, inkun nista' nittama li nkun wieħed minn dawk li isimhom hu miktub fil-ktieb tiegħek. Imma dan naf u nħossu fil-milja kollha, dak li nemmen fil-każ tal-bnedmin kollha, imma li naf u nħossu żgur fil-każ tiegħi, li jekk ma jirnexxilix nikseb dik il-kuruna li jiena nara u li nista' nilħaqha, ikun kollu tort tiegħi.

Int assedjajtni bil-grazzji tiegħek sa minn żgħożiti. Int kont ħsiebek fija bħallikieku kont għalik ta' importanza vera, bħallikieku

ma kontx inkun jien li nitlef il-Ġenna, imma inti titlef lili. Inti mexxejtni minn triq miżgħuda b'eluf ta' grazzji, int mexxejtni qribek b'mod l-aktar intimu, daħħaltni f'darek u fil-kmamar tiegħek u tajtni bħala ikel lilek innifsek. Din tiegħek, mhux forsi mħabba….. Imħabba tassew, sinċiera, essenzjali, effikaċi u bla tarf? Naf li hekk hu, jien konvint għall-aħħar. Int dejjem tistenna biex timlieni bid-doni, u ssawwab fuqi l-barkiet tiegħek. Int tistenna f'kull ħin li jien nitlob il-grazzja tiegħek.

Beatu J.H.Newman, *Maturità cristiana,* p. 292-293

## SENA B

*"Agħtini, Mulej, l-għerf li ġej mis-sema, li jfittex is-sliem u l-ħlewwa u kollu ħniena (Ġak 3, 17).*

L-ewwel qari tal-lum (Għerf 2, 17-20) isemmagħna l-kliem ta' tmaqdir u mibegħda li l-midinbin jixħtu kontra l-bniedem ġust waqt li jippjanaw il-qerda tiegħu: "Jekk il-ġust hu iben Alla, jaqbeż għalih Alla, u jeħilsu minn id l-għedewwa tiegħu. Inġarrbuh bit-tgħajjir u l-moħqrija. Naqtgħuhielu għall-mewt b'mistħija" (Għerf 2, 17-20). L-imġiba tal-ġust isservi ta' ċanfira kontinwa għall-ħżiena li jirreaġixxu billi jikkonfoffaw kontra tiegħu biex iċekknuh u jeħilsu minnu. Dejjem hekk ġara minn żminijiet imbiegħda sal-lum; u hekk ġara b'mod l-iżjed kiefer ma' Sidna Ġesù Kristu. Ikkundannat "għall-mewt ta' mistħija" sema' lilu nnifsu insultat bl-istess kliem bħal dawk miktubin ħafna sekli qabel: "Hu jafda f'Alla: ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu. Għax hu qal: 'Jiena Bin Alla'" (Mt 27, 43). Issa nifhmu għalhekk kif fis-silta tal-ktieb tal-Għerf l-Insara raw dejjem profezija tal-passjoni tal-Mulej. Il-Liturġija wkoll tuża s-silta f'dan is-sens billi tqiegħdha bħala sfond għall-Evanġelju tal-lum (Mk 9, 30-37) li jkompli d-diskors dwar il-Passjoni (ara l-Ħadd ta' qabel). "Bin il-Bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin u joqtluh; u meta jkun maqtul, wara tlett ijiem iqum mill-mewt" (Mk 9, 31). Il-Mulej qatt ma jifred it-tħabbira tal-passjoni minn dik tal-qawmien tiegħu li huwa l-għeluq tagħha u ddawwal il-valur tagħha. Id-dixxipli, bil-maqlub. iqisu biss tal-ewwel u jibqgħu imbeżżgħin u jfittxu li jeħilsu minnha. L-Evanġelju jinnota li "beżgħu jistaqsuh" (Mk 9, 32) dwar dan l-argument: ippreferew li jinjorawh u jwarrbuh. Huwa impressjonanti kif bil-maqlub, huma bdew jiddiskutu bejniethom "fuq min kien l-akbar" (Mk 9, 34). Din hi l-mentalità tal-bniedem tad-dinja li jaħrab is-salib u minflok ifittex xi ftit tal-glorja, li jiżgura post tajjeb għalih nnifsu xi ftit aqwa minn tal-oħrajn. Id-dixxipli ħassew li dawn is-sentimenti ma jogħġbux lill-Mulej u għalhekk ħbewhom minnu, imma hu li jaqra l-qlub qalilhom: "Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel wieħed għandu joqgħod wara kulħadd u jkun qaddej ta' kulħadd" (Mk 9, 35). U dan hu li hu nnifsu kellu jagħmel waqt il-passjoni tiegħu: għamel lilu nnifsu qaddej, ilsir tal-bnedmin, saħansitra miet għalihom bħala l-agħar fost il-ħżiena; imma meta rxoxta kellu jkun il-kap, l-iben il-kbir fost ħafna aħwa li hu kiseb bil-prezz ta' demmu. U biex jagħmel tagħlimu aktar konkret, "Ġesù

ressaq lejh tfajjel ċkejken, qiegħdu f'nofshom, ħaddnu bejn dirgħajh" (Mk 9, 36). B'hekk wera li l-preferenzi ta' Alla mhumiex għall-kbar, imma għaċ-ċkejknin, id-dgħajfin, il-fqar, dawk li għandhom bżonn kollox, li fosthom hu kien iħobb jgħodd lilu nnifsu. "Kull min jilqa' wieħed minn dawn iċ-ċkejknin minħabba f'ismi ikun jilqa' lili: u min jilqa' lili, ikun jilqa' mhux lili, imma lil dak li bagħatni" (Mk 9 37). It-triq żgura biex niltaqgħu ma' Ġesù, u permezz tiegħu mal-Missier, hija dejjem it-triq tal-umiltà u ta' servizz kollu mħabba maċ-ċkejknin, mal-umli, mal-foqra, bla ma ninġibdu lura meta f'din it-triq niltaqgfħu mas-salib, l-istess kif iltaqa' miegħu l-Mulej tagħna.

L-umiltà, l-ispirtu ta' sagrifiċċju u mħabba, jeħilsuna mill-għira u mill-ġlied li minnhom jitkellem San Ġakbu fit-tieni qari (Ġak 3, 16; 4, 3); jeħilsuna mill-passjonijiet li huma l-kawża tal-gwerer kollha u t-tilwim, u wkoll mid-diskussjonijiet dwar min se jkollu l-ewwel post; barra minn hekk dawn il-virtujiet iseħbuna fl-"għerf li ġej mis-sema" li hu "għerf li jfittex is-sliem, it-tjubija u l-ħlewwa, huwa kollu ħniena u frott tajjeb" (Ġak 3, 17).

● Qatt dehret daqshekk umiltà, bħal meta Alla ċċekken quddiem il-bnedmin? L-ogħla maestà niżlet daqshekk fil-baxx bħalma hi l-umanità tagħna! O Verb ħelu u kollok imħabba, inti obdejt saħansitra sal-mewt kiefra fuq is-salib, inti kollok sabar u hekk ġwejjed li ebda karba ma ħarġet minnek, lanqas ebda tgergira. O Verb ħelu u kollok imħabba, inti tgħarrart fil-kastig u ġejt imlibbes bl-agħar mistħija, fraħt bl-insulti u bit-tgħajjir, u l-guffaġni; batejt il-ġuħ u l-għatx, int li titma' lil min hu bil-ġuħ b'daqshekk ħeġġa kollha mħabba u ferħ. Inti Alla ħelu tagħna li m'għandekx bżonna. B'danakollu ma waqaftx taħdem għas-salvazzjoni tagħna, imma pperseverajt, ma ħallejtniex nintilfu minħabba l-injoranza u l-ingratitudni tagħna.

Hekk kien tagħlimek u l-ħajja li għext: waqt li aħna msejknin miżerabbli u mimlijin difetti, nagħmlu proprju l-kuntrarju. O Ħaruf ikkunsmat u kollok imħabba, sakkarni bid-demm tiegħek, u kif int o Kristu mbierek, ma waqaftx taħdem għas-salvazzjoni tagħna minkejja dak kollu li sofrejt, la tħallix l-għarusa tiegħek taqta' qalbha imma agħmel li taħdem bla heda għall-glorja tiegħek, minkejja t-tbatijiet, l-għajja, il-ġuħ l-għatx u dak kollu li jista' jinqala'. La tħallihiex taqta' qalbha mill-qadi tal-proxxmu jew li tfittex is-

salvazzjoni tiegħu, meta dan minħabba l-ingratitudni jew l-injoranza ma jagħrafx is-servizz tagħha.

S. Katerina ta' Siena, *Epistolario* 79, v. 2, p. 38-39.42

## SENA Ċ

*Agħmel, Mulej li naħżen teżori fis-sema, għax fejn hemm it-teżor tiegħi, hemm ukoll hija qalbi (Mt 6, 20-21).*

Is-suġġett tal-Liturġija tal-lum huwa l-użu tajjeb tal-flus. Fl-ewwel qari (Għamos 8, 4-7) nisimgħu l-eku taċ-ċanfira ħarxa li l-profeta Għamos għamel kontra n-negozjanti bla skruplu li saru għonja bi spejjeż tal-foqra; billi qarrqu b'miżien falz, biegħu sal-karfa tal-qamħ u għollew il-prezzijiet u għamlu qligħ mill-ħtieġa tal-oħrajn. Il-profeta kkundanna l-qerq tagħhom bla ma offra xi ċirkustanzi li jnaqqsu l-ħtija, u għamel hekk, mhux sempliċiment f'isem il-ġustizzja soċjali, imma f'isem Alla: "Isimgħu dan, intom li taħqru l-imsejken, intom li ttemmu l-foqra tal-pajjiż… il-Mulej ħalef… Ma ninsa qatt xejn minn għemilhom" (Għamos 8, 4.7). L-abbuż tas-setgħa u l-qerq bi spejjeż tal-foqra joffendi 'l Alla li hu d-difensur tagħhom: "Missier l-iltiema u difensur tar-romol" (S 68, 5), u li jikkmandana li nittrattaw ma' dawk fil-bżonn bil-ġenerożità: "Iftaħ idejk miegħu [ħuk], u isilfu skont ma jkollu bżonn" (Dt 15, 8). Ir-reliġjon ma nistgħux nagħmluha għodda tal-ġustizzja soċjali, għalkemm jeħtieġ li tiddefendi dan f'isem Alla, u tibbaża d-difiża tagħha fuq il-kmandamenti tiegħu, bla ebda preferenza għall-għonja jew is-setgħana. Kull min jipprova jagħmel il-ġustizzja fuq livell purament uman jissogra li jkun jibni fuq ir-ramel, għax il-ġustizzja vera tista' tistrieħ biss fuq Alla u tkun ġejja minnu.

Is-silta ta' Għamos li tikkundanna lill-qarrieqa tħejjina biex nifhmu t-tifsira vera tal-parabbola tal-qaddej li ma kienx fidil, li tinqara llum fl-Evanġelju (Lq 16, 1-13). Hawn jissemma l-qerq, din id-darba magħmul mhux kontra l-foqra imma kontra propjetarju għani li kien se jkeċċi l-amministratur tiegħu għax kien qiegħed jaħli l-ġid ta' sidu. Biex jiżgura li jkollu l-ħbieb li jilqgħuh, dan il-qaddej wettaq pjan li jnaqqas id-djun tal-klijenti ta' sidu. L-intenzjoni ta' Ġesù meta ppreżenta din il-parabbola ma kienx biex ifaħħar id-diżonestà qarrieqa tal-qaddej li hu qal li kienet "diżonestà" (Lq 16, 8), imma biex jenfasizza li ħaddem rasu biex jipprovdi għall-futur tiegħu. Dan jidher ċar mill-għeluq tal-parabbola li fiha l-Mulej jilmenta: "Għax ulied din id-dinja jimxu bilgħaqal aktar minn ulied id-dawl" (Lq 16, 8). Ġesù osserva b'qalbu sewda li s-segwaċi tad-dinja – li jgħixu 'l bogħod minn Alla, u ma jemmnux fih, fl-intrigi tagħhom biex jaħsbu għal rashom huma aktar għaqlin u attenti mill-fidili li huma wlied id-

dawl. Ukoll jekk dawn jemmnu f'Alla, huma ta' sikwit għażżenin u jdumu biex jieħdu ħsieb l-interessi spiritwali tagħhom. Għalhekk hawn għandna sejħa għall-attenzjoni u għassa minħabba l-aħħar jum meta kull wieħed minna jisma' l-kliem: "Agħtini kont tal-amministrazzjoni tiegħek" (Lq 16, 2).

Il-massimi li ġejjin huma maħsubin biex iġegħluna nifhmu kif in-Nisrani għandu juża l-ġid waqt li jżomm f'moħħu t-tmiem tiegħu nnifsu. Il-flus, li Ġesù sejħilhom "qligħ diżonest" (Lq 16, 9), għax ta' sikwit ikunu nġabru bil-qerq, għandhom jintużaw b'integrità li mhux talli ma jkunux tfixkil għas-salvazzjoni, imma jkunu ta' għajnuna biex niksbuha, bħalma hu l-każ meta jiġu wżati għal dawk li huma fil-bżonn. B'dan il-mod in-Nisrani jista' jagħmel ħbieb għalih innifsu li jagħtuh merħba "fl-għerejjex ta' dejjem" (Lq 16, 9). L-użu korrett tal-flus jeħtieġ it-taħriġ ta' onestà assoluta f'kollox, sa fl-iċken ħwejjeġ u lanqas importanti, għaliex "min hu fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna" (Lq 16, 10). Jekk ma nkunux maqtugħin mill-interessi proprji tagħna, it-tħaddim tal-flus isir tentazzjoni li kontriha nistgħu niddefendu ruħna biss b'diffikultà; imbagħad min ikun beda bħala amministratur jew sid jista' jipiċċa bħala lsir tal-flus, l-agħar fost it-tiranni li ma jħallilek ebda ħelsien, lanqas dik li taqdi 'l Alla. Qatt ma nistgħu nimmeditaw biżżejjed fuq it-twissija tal-Mulej tagħna: "Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lill-flus" (Lq 16, 13).

● O Alla, int ġbart id-digrieti kollha tal-liġi mqaddsa fil-kmandament tal-imħabba tiegħek u tal-proxxmu, agħmel li aħna nħarsu l-preċetti tiegħek, biex jistħoqqilna naslu fil-ħajja ta' dejjem.

*Kolletta*, Missal Ruman

● O agħma bla sens tad-dinja u tar-ruħ li tqiegħed it-tama tagħha fil-ħwejjeġ tad-dinja; u għal ħaġa żgħira bħal din u għal żmien daqshekk qasir; titlef il-glorja ta' dejjem – u dan kollu għal ftit jiem li jkollok dawn il-ħwejjeġ fil-pussess tiegħek! Żgur li dan jista' jiġri biss minħabba agħma li ma jitwemminx; ir-ruħ, imfixkla fl-imħabba falza għal dawn il-ħwejjeġ li jgħaddu, issir tassew insensibbli u titlef is-sens tar-raġuni; issir bhima…

Imma dawk li jmaqdru dawn il-ħwejjeġ u jimxu warajk, o Kristu, Għalliem divin, fil-faqar u l-miżerja u t-tribulazzjoni – kemm malajr

jaraw li l-ħidma tagħhom intemmet, u jaslu fil-mistrieħ ta’ dejjem!… Għalhekk, agħtini o Mulej, li nqiegħed imħabbti, xewqti u l-affezzjoni tiegħi kollha fik, o ġid infinit, li lestejtli hena u faraġ infiniti, basta nwarrab imħabbti ‘l bogħod minn dawn il-ħwejjeġ li jgħaddu u nqiegħda fik… O kemm hi kbira l-kotra tal-ħlewwa tiegħek, li int erfajt għal dawk li jibżgħu minnek, o Alla twajjeb.

S. Bernardinu ta’ Siena, *Operette volgari* I, 2 p. 59-60.62.63

## 326. L-ISPIRTU S-SANTU U L-ATTIVITÀ

*Ejja, Spirtu s-Santu, għallimni kollox (Ġw 14, 26).*

1. Il-Knisja fit-talba lill-iSpirtu s-Santu turina li Alla jgħallem lill-Insara billi jdawlilhom qalbhom bid-dawl tal-iSpirtu s-Santu (*Missal*); skont il-kliem ta' Ġesù, din l-azzjoni tal-Paraklitu divin hija mogħtija lil kulħadd: "Id-difensur jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom" (Ġw 14, 26). Mela mhux biss it-talba tan-Nisrani imma wkoll l-għemil tiegħu jmissu jkun imdawwal bl-iSpirtu s-Santu.

L-ewwel nett ta' min iqis l-għemil li hu daqshekk marbut mal-ħajja spiritwali, li tinsab filli tipprova jum wara jum, li twettaq ir-riżoluzzjonijiet tajba li nkunu sawwarna waqt it-talb. Din il-proċedura eċċellenti ta' sikwit tispiċċa f'xogħol li hu kważi għalkollox "morali" u ftit li xejn "teoloġiku". Fi kliem ieħor nippruvaw nikkorreġu d-difetti tagħna u nipprattikaw il-virtujiet bil-ħsieb li nogħġbu 'l Alla, waqt li fil-fatt nibqgħu kif konna qabel, 'il bogħod minnu. F'dak il-każ in-Nisrani jkun qiegħed jaħdem waħdu u jinsa li fih għandu Wieħed li mhux biss jista' jgħinu, imma li jista' jagħmel ix-xogħol wisq aħjar minnu. Dan ma jfissirx li għandu jitgħażżen fix-xogħol tiegħu, imma għandu jagħmlu b'mod aktar interjuri, aktar teologali jiġifieri jiddependi aktar fuq Alla, u mill-azzjoni tal-iSpirtu s-Santu. Għandu x'aktarx flok jimmira direttament biex jikkorreġi difett jew jikseb xi virtù, ikollu qligħ akbar jekk jimmira d-dipendenza kontinwa fuq l-Imgħallem ġewwieni u jgħaddi għall-għemil wara li jkun sema' l-leħen intimu u sieket tiegħu. Fi ftit kliem, dan ifisser li wieħed jaġixxi fil-ħwejjeġ kollha f'konformità mat-tqanqil ġewwieni tal-grazzja, u mal-ispirazzjoni tal-iSpirtu s-Santu; dan ifisser li jċedi u jafda l-mixja tal-ħajja interjuri għat-tmexxija tal-Paraklitu divin.

2. Ukoll fir-relazzjonijiet mal-proxxmu, waqt id-dmirijiet ta' kuljum, fil-ħidma professjonali tagħna u speċjalment fl-opri tal-appostolat, wieħed jeħtieġ li jħalli l-iSpirtu s-Santu jmexxih. Hu għandu jmexxi l-għemil kollu tan-Nisrani. Għalhekk huwa meħtieġ li jżomm kuntatt miegħu wkoll waqt l-għemil; mumenti qosra ta' pawsa jgħinu biex jissaħħaħ dan il-kuntatt jew biex jerġa' jistabbilih meta l-attività żejda jew l-impulsi tal-passjonijiet ikunu waqqfuh. Ġesù qal: "Minn rajja ma nagħmel xejn imma li nitkellem skont ma għallimni l-

Missier" (Ġw 8, 28). Din kienet l-imġiba ta' Ġesù u hekk jeħtieġ tkun l-imġiba tan-Nisrani; jaġixxi f'dipendenza bla heda fuq Alla li permezz tal-iSpirtu tiegħu jnebbaħ dak li għandna nagħmlu u jgħinna nwettquh.

Hawnhekk jeħtieġ inkunu nafu nagħżlu l-ispirazzjonijiet tal-iSpirtu s-Santu mit-tqanqil tan-natura u mill-insinwazzjonijiet tal-ispirtu ħażin. Mingħajr din id-diskrezzjoni għaqlija, nistgħu naqgħu malajr fl-illużjonijiet jew fl-inganni, naħsbu li tkun ispirazzjoni divina dik li bil-maqlub tkun frott tal-impulsi ftit jew wisq inkonxji tal-umanità proprja tagħna. L-ispirazzjonijiet veri tal-iSpirtu s-Santu jsostnuna anzi jdaħħluna aktar f'konformità mal-ordnijiet tas-superjuri, u mad-dmirijiet tal-istat tagħna. Meta bil-maqlub jiġri l-kuntrarju, hemm għalxiex nibżgħu, għax l-iSpirtu s-Santu ma jistax iqanqal ħlief għat-twettiq tar-rieda ta' Alla u għalhekk ma jistax inebbaħ xi ħaġa kontra l-ubbidjenza jew id-dmirijiet tagħna. Meta jkollna dubju għandna nieħdu parir mingħand persuna għaqlija u mdawla, imbagħad jekk aħna tassew immexijin mill-iSpirtu s-Santu, għandna nimxu fuq il-parir li nkunu ħadna b'qalb miftuħa, ukoll jekk tkun kontra l-opinjoni tagħna.

Ġesù qal: "L-iSpirtu tal-verità… jgħammar magħkom u huwa fikom" (Ġw 14, 17). Xi bluha li wieħed jaġixxi indipendentiment minn dak li jqassam ukoll id-doni tiegħu "lil kull wieħed kif jogħġbu" biex ikunu jistgħu jidħlu aħjar u b'ħeġġa akbar għall-ħidmiet u għad-dmirijiet mal-għana tiegħu u skont il-bżonnijiet tal-uffiċċju jew id-dmirijiet ta' kull persuna (LG 7.12).

● O Spirtu divin, li tonfoħ fejn trid int, għax inti tajjeb ħafna, urini t-tjubija tiegħek billi jiena nkun irrid dak kollu li tixtieq int, waqt li tnebbaħni ta' sikwit dwar x'għandi naħseb, ngħid u nagħmel biex imqanqal minnek, nista'; inkun bħalek f'kollox.

Ladarba int is-Sid assolut tas-setgħat tiegħi, ħabbat mal-bieb tagħhom, u fl-istess ħin iftħu, għajjatli bil-qawwa biex inwieġbek malajr bla ma nħallik tistenna, sabiex tkun tista' tagħmel bija u fija dak li jogħġbok…Tkellem ġo fija għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'… Inti tgħid li tixtieq tisma' leħni: "Ħalli leħnek jinstema' f'widinti," waqt li nixxennaq li nisma' lilek: "Ħalli nisma' leħnek." U nixtieq inħoss l-effetti ta' leħnek: huwa biss b'dan il-mod li nkun nista' nwieġbek u nagħmel l-għemejjel bħalek.

L. De Ponte, *Meditazioni,* V 26: 2-3

● O Spirtu Divin, meta jogħġbok tgħaddi r-ruħ minn triqatek, int turiha dak kollu li għandha tagħmel b'mod ċar, u tippreċiża, bil-qawwa u bil-ħlewwa, x'għandha tagħmel u tixtieq… Inti tagħtiha l-mezzi kollha għal dan sabiex ma jkollhiex għalfejn tfittixhom hi; inti tagħmel li dawn il-mezzi jġibu l-frott u jkunu effettivi, u dan kollu b'ħafna paċi. Din hija paċi mdawla, sempliċi u profonda… hija divina u sinjal tal-azzjoni liema bħalha tiegħek fir-ruħ li hija mmortifikata u fidila. Sikwit, ta' sikwit ħafna, tkun proprju bil-maqlub ta' kif jaraw il-bnedmin, u tħawwadhom, imma timla lir-ruħ b'għana tal-għaġeb ta' kull xorta ta' barkiet, u tagħmel li tasal għall-għan tagħha: il-glorja ta' Alla u l-ġid tal-bnedmin.

Beata M. Tereża De Soubiran, p. 338-339

● Inti se tkun, o Spirtu s-Santu, li tispira mhux biss l-orazzjoni tiegħi, imma wkoll l-għemejjel tiegħi, li ssaltan fuq ir-relazzjonijiet tiegħi mal-proxxmu u li ġġib fija dawk il-frottijiet tal-għaġeb li huma doni tiegħek, bħalma huma doni l-virtujiet kollha, għax weħidna qatt ma nistgħu niksbuhom… Ma naġixxix aktar b'mod uman imma b'mod divin għalik, o Spirtu s-Santu, li qiegħed fina. "Dawk li huma mqanqla mil-iSpirtu ta' Alla huma wlied Alla." O agħmel li ħajti tkun hekk.

Swor Karmela tal-iSpirtu s-Santu, p. 194

## 327. SPIRTU LI JQADDES

*Ejja, Spirtu s-Santu, mingħajr l-għajnuna tiegħek xejn ma nistgħu nagħmlu ta' ġid (Missal).*

1. L-iSpirtu s-Santu huwa l-"iSpirtu ta' qdusija" (Rum 1, 4), mibgħut minn Kristu biex iqaddes kemm lill-Knisja kif ukoll lil kull Nisrani. Il-Konċilju Vatikan II jinsisti fuq dan il-ħsieb meta jgħid li l-qdusija tal-Knisja "għandha tidher fil-frott tal-grazzja li l-iSpirtu jipproduċi fil-fidili" (LG 39), u meta tesprimi x-xewqa li l-membri tagħha għandhom jgħixu "kif jixraq lill-qaddisin," li jlibbsu lilhom infushom bil-virtujiet u "jkollhom il-frott tal-iSpirtu għall-qdusija" (LG 40). Fl-ittra lil Galatin, San Pawl jitkellem proprju dwar dan il-frott prezzjuż f'kuntrast ma' "l-għemejjel tal-ġisem," "il-frott tal-iSpirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan" (Gal 5, 22). L-ismijiet huma l-istess bħal tal-virtujiet, imma hawn qed nitkellmu minn virtujiet hekk ipperfezzjonati bil-ħidma tal-iSpirtu s-Santu li issa jibnu l-frott matur tal-qdusija. Hemm tifsira fil-fatt li l-Appostlu jsejjaħ il-vizziji "għemil tal-ġisem"; dawn huma esklussivament tal-bniedem, riżultat tal-għemil tiegħu li hu mmexxi mill-passjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra huwa jsejjaħ l-għemil ta' qdusija, "frott tal-iSpirtu" li l-bniedem ma jasalx għalih mingħajr l-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu. Jixbah lil xitla li għalkemm fiha nfisha għandha fertilità ma tistax tagħti frott u twasslu biex ikun misjur mingħajr ix-xita u x-xemx li Alla biss jista' jibgħat. L-istess, fil-bniedem, għalkemm permezz tal-magħmudija n-Nisrani jkollu l-ħila jipproduċi l-frott tal-qdusija, b'danakollu ma jistax iwassalhom sa maturità sħiħa mingħajr l-influss speċjali tal-iSpirtu s-Santu. Il-virtujiet tal-bniedem jeħtieġ li jkunu msoqqija bi grazzja kotrana tal-Paraklitu divin, imsaħħna bl-imħabba tiegħu u magħmula permezz tal-enerġija tiegħu.

Il-frott tal-qdusija huwa proprju l-premju li l-iSpirtu s-Santu jagħti lil dawk li jiddedikaw l-enerġiji kollha tagħhom għat-taħriġ ġeneruż tal-virtujiet, u li fl-istess ħin, billi jafu bid-dgħufija tagħhom isejħu l-għajnuna tiegħu li fiha jafdaw.

2. "Jekk ngħixu bl-iSpirtu, ħalli nimxu bl-iSpirtu" (Gal 5, 25). Bil-magħmudija nirċievu l-ħajja mill-iSpirtu s-Santu u niġu mnisslin mill-

ġdid u mogħtija l-ħajja bih; imbagħad inkunu nistgħu "nimxu", jiġifieri ngħixu skont l-iSpirtu billi nikkonformaw mal-modi u l-pjanijiet tiegħu. Ladarba nkunu bdejna ngħixu fl-iSpirtu, ma nistgħux nibqgħu nippreferu l-ġisem. San Pawl iwissi: "Jien ngħidilkom, imxu fl-iSpirtu u taqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem. Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-iSpirtu, u l-iSpirtu hu kontra l-ġisem" (Gal 5, 16-17). Jeħtieġ nifhmu li l-ġisem jinkludi mhux biss il-ġisem, imma l-persuna kollha – ġisem u ruħ – li sakemm qed ngħixu fid-dinja, huwa dejjem suġġett għall-passjonijiet, li jippruvaw jiġbduha lejn il-ħażen, u 'l bogħod minn Alla. Lanqas dawk l-Insara li huma obbligati serjament għall-ħajja spiritwali ma huma meħlusa minn din il-ġlieda ta' wġigħ; hija realtà li tumiljana, imma ma għandniex naqtgħu qalbna jew niddejqu. Meta nħossu x-xewqat tal-bniedem tad-demm u l-laħam qegħdin iqumu fina, jeħtieġ niftakru li m'aħniex se niġġieldu weħidna, l-iSpirtu s-Santu qiegħed fina biex jgħinna bil-grazzja u l-qawwa tiegħu. Jekk aħna ddeċidejna li rridu nimxu "max-xewqat tal-iSpirtu" m'għandniex inċedu għax-xewqat tal-ġisem, mhux bil-qawwa tagħna daqskemm bl-għajnuna qawwija tal-iSpirtu s-Santu li jagħti lil dawk li jafdaw fit-tmexxija tiegħu. Fl-istess ħin, l-esperjenza tad-dgħufija u l-ħażen tagħna tagħmilna aktar umli u ġġegħilna nittallbu b'ħeġġa akbar lill-iSpirtu s-Santu, konvinti li l-qdusija ma tisrax tiġi ħlief minnu biss.

Għalhekk il-Knisja tgħallimna biex insejħu lill-ispirtu s-Santu l-ħin kollu: "Ejja o Spirtu ħallieq, żur ir-ruħ ta' kull fidil, ixgħel id-dawl lis-sensi, kebbes il-qlub bl-imħabba, u saħħaħ dan ġisimna, mill-mard li fih jitrabba" (*Veni, Creator*). Il-moħħ tal-bniedem jeħtieġ għerf superjuri biex jifhem il-ħwejjeġ ta' Alla, u biex jagħżel it-triq li twassal għandu; is-sensi tagħna ta' sikwit jiddallmu bil-passjonijiet, jeħtieġu dawl biex imexxihom lejn il-valuri eterni; qalbna teħtieġ l-imħabba sopranaturali biex niddedikaw lilna nfusna kollha kemm aħna 'l Alla u lejn il-proxxmu; id-dgħufija innata fina teħtieġ l-għajnuna divina. L-iSpirtu s-Santu jwieġeb għal dawn il-bżonnijiet kollha, meta nistqarruhom umilment, billi jsawwab id-dawl, l-imħabba, il-qawwa u l-grazzja, u jmexxina u jsostnina fit-triq tal-qdusija.

● O Spirtu Qaddis, jiena nieqaf quddiemek bħal frotta ċkejkna morra li jonqosha tissajjar bix-xemx, bħal tibna li tistenna li tkun maħruqa fin-nar, bħal xema' bla forma li jeħtieġ tkun iffurmata, bħal qatra nida li jeħtieġ tinxtorob mix-xemx, bħal tifel injorant li jonqsu min jgħallmu… O Spirtu Qaddis, inti ssawwab lilek innifsek fir-ruħ li

hija fqira, ċkejkna u umli. Nixtieq li noffri lili nnifsi lilek f'din l-attitudni u f'din id-dispożizzjoni, jiena nsejjaħlek: Ejja o Spirtu Qaddis, qaddisni! Jien neħtieġ ħafna l-qdusija! Qaddisni, agħmilni qaddisa, qaddisa kbira, qaddisa malajr, bla ma nintebaħ jien.

Swor Karmela tal-iSpirtu s-Santu, p. 198-199

● O Spirtu s-Santu li tagħti d-doni u ġġib il-frott mis-sema, aħna nadurawk. O Don fuq id-doni kollha, nitolbuk bl-akbar xewqa mkebbsa, u nduru lejk b'fiduċja kbira bil-kliem tal-invokazzjoni bla tieqaf tal-Knisja: Ejja, o Spirtu s-Santu, ħallieq ta' dak kollu li huwa tajjeb; ejja u imla lil ruħna bid-doni tiegħek u bil-frott tiegħek.

O Spirtu li tagħti l-ħajja… int li ssawwab fir-ruħ dik il-ħajja sopranaturali li qiegħda dejjem iġġib frott magħżul. Ejja u agħmel li l-frott tal-grazzja tiegħek jimmatura fil-ġnien ċkejken ta' ruħi. Ejja, o nida tas-sema, u agħmel li l-frott tal-kastità, tat-temperanza u tal-modestja verġinali jikbru u jimmaturaw fina.

Ejja, o Mistieden ħelu tar-ruħ, neħħi l-ħmieġ kollu tal-vizzju u l-passjonijiet, biex il-frott qaddis tal-ħlewwa, tjubija u ħniena jimmaturaw fina. Ejja, o rabta tas-sema, u orbot lil ruħna b'rabta li ma tinħallx ma' Alla, u agħmel li l-frott tal-fedeltà dejjiema u s-sabar jimmaturaw fina. Ejja, o Paraklitu divin, fjamma mkebbsa ta' mħabba qaddisa, u kkonsma fina kull affett tal-art, agħmel li nimmaturaw f'qalbna frott ta' mħabba divina, ta' paċi u hena tas-sema.

Beata Elena Guerra, *Il fuoco che Gesù portò sulla terra,*
p. 79-80.96-97

## 328. L-ISPIRTU TAL-VERITÀ

*O Spirtu tal-verità, daħħalni fil-milja tal-verità (Ġw 16, 13).*

1. Meta Ġesù kien jitkellem dwar l-iSpirtu s-Santu, kważi dejjem isejjaħlu l-"iSpirtu tal-verità", u b'hekk jiddeskrivi l-missjoni speċjali tiegħu: "Meta jiġi hu, l-iSpirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha, - l-iSpirtu s-Santu… jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom" (Ġw 16, 13; 14, 26). Ix-xogħol tat-tidwil tal-Insara fit-tifsira profonda tal-evanġelju, ta' kull rivelazzjoni, u tal-misteri divini, jiġifieri fil-veritajiet kollha li jiżbqu l-moħħ uman hija attribwita b'mod speċjali lill-iSpirtu s-Santu. Għalkemm mogħnija bil-fidi, aħna dejjem nimxu permezz tal-ideat u l-ħsibijiet li billi huma limitati, mhumiex biżżejjed biex jesprimu r-realtajiet divini. Ir-Rivelazzjoni nfisha taslilna permezz ta' kliem il-bnedmin u għalhekk m'għandhiex ħila turi l-essenza intima ta' Alla u l-veritajiet rivelati. Meta nkunu mgħejjunin mill-fidi biss, ikollna nikkuntentaw b'għarfien tal-misteri b'mod estern u oskur. Nafu żgur li ġew rivelati minn Alla, naċċettawhom u nemmnuhom bil-qawwa tagħna kollha, imma ma nifhmux it-tifsir ġewwieni tagħhom. Imma meta jidħol l-influss tal-iSpirtu s-Santu, nirċievu tifsir iżjed profond ta' dawn il-veritajiet moħbija; inħossu fina li f'Alla u l-misteri tiegħu hemm xi ħaġa wisq aktar profonda u aktar għolja minn dik li għandna ħila nifhmu; dan is-sens huwa hekk qawwi li għalkemm ma nistgħux nesprimuh, jagħtina għarfien ġdid tal-misteri divini. Xejn ġdid ma jiżdied mal-fatti tar-Rivelazzjoni, imma dawn jiġi mdawla minn ġewwa b'mod tali li jiġu mifhuma b'mod li qabel ma konniex nafuh. Hu bħallikieku l-iSpirtu s-Santu, bid-doni tiegħu qiegħed jikxef dak li kien qed jgħatti l-pariri u l-ħsibijiet umani, u qed iħalli lil min jemmen li jagħti daqqa t'għajn ħafifa imma niffieda fis-sustanza tal-misteri. Il-misteri tat-Trinità l-iżjed Qaddisa, tal-Inkarnazzjoni, tal-Fidwa, u tal-Knisja ma jibqgħux veritajiet astratti imma jsiru realtajiet li huma ħajjin, preżenti u familjari, li jiddirieġu l-ħajja kollha tagħna.

2. Huwa l-iSpirtu s-Santu biss, li hu Alla, li jista' jfehemna l-misteri ta' Alla. San Pawl jurina dan: "Dak li għajn qatt ma rat, u anqas widna qatt ma semgħet… Alla rrivelahulna permezz tal-iSpirtu għax l-iSpirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla… Ħadd ma jista' jgħarbilhom jekk mhux bl-iSpirtu. Aħna ma ħadniex l-ispirtu ta' din id-

dinja, imma l-ispirtu ta' Alla, biex nagħrfu d-doni li Alla għoġbu jagħtina (1 Kor 2, 9-12). Dan hu l-għemil tal-għaġeb tal-iSpirtu s-Santu fl-erwieħ tal-Insara li jgħixu magħqudin miegħu permezz tal-imħabba.. Huwa jsir l-għalliem tagħhom, seħibhom fl-għerf tal-'profonditajiet' u s-'sigrieti' ta' Alla". Hu ma jwettaqx ix-xogħol tiegħu minn barra, imma fl-intimità tal-qalb, jinfidha bil-leħen divin tiegħu, u jġegħelha tifhem il-kobor liema bħalu tad-"doni li Alla sawwab fuqna."

Aktar ma ngħixu permezz tal-imħabba f'għaqda mal-iSpirtu s-Santu li jgħammar fina, aktar insiru denji li nirċievu l-komunikazzjonijiet prezzjużi tiegħu. Imbagħad jitwettqu l-kliem ta' Ġesù: "Hu jgħallimkom kollox" (Ġw 14, 26). Bid-dawl tiegħu, l-iSpirtu tal-verità idawwal l-istudju u l-meditazzjoni tagħna tal-ħwejjeġ divini, jgħinna nippenetraw it-tifsir tal-iSkrittura Mqaddsa u jagħtina tifsir sħiħ tal-liġi ta' Alla. B'dan il-mod, hu mhux biss "iwassal il-fidi sal-milja bid-doni tiegħu" (DV 5), imma jwassalna "għal kontemplazzjoni u l-apprezzament" tal-misteri divini (GS 15).

Taħt l-influss tiegħu it-talb isir aktar sempliċi u profond; dak li qiegħed jitlob ma jeħtieġx aktar li jiddiskuti jew imur ifittex raġunijiet konvinċenti; imma, taħt il-mess imdawwal tal-iSpirtu s-Santu, hu jiffissa l-ħarsa tiegħu fuq il-verità. Din il-ħarsa kontemplattiva sempliċi tirrivelalu lil Alla aktar minn kull studju teoloġiku kapaċi jagħmel; issa jirrealizza li hu mgħarrar fid-divin li huwa jarah bħal abbiss bla qiegħ u li fih jifraħ li jkun. Hu la jkun jista' jara u lanqas jagħraf xi ħaġa definita, imma hu konxju ta' Alla u jħoss li qiegħed f'kuntatt miegħu. Dan kollu jsostni lill-ispirtu, jippurifikah u jġiegħlu jfittex u jħobb 'l Alla u r-rieda ta' Alla fuq kull ħaġa oħra.

● Mulej, għinna nimxu 'l quddiem fl-imħabba, li ssawbet f'qalbna mill-iSpirtu s-Santu, li kien mogħti lilna bħala don, b'mod li mimlijin b'ħeġġa fl-ispirtu u fl-imħabba bir-realtajiet spiritwali, inkunu nistgħu nagħrfu d-dawl u l-leħen spiritwali li n-nies tad-dinja b'ebda mod ma jifilħuh, għax dawn ma jingħarfux mis-sinjali li huma viżibbli mill-għajnejn tal-ġisem, jew mill-ħsejjes li jinstemgħu mill-widnejn tal-ġisem, imma biss permezz tal-vista u s-smigħ interjuri. Tassew, aħna ma nistgħux inħobbu xi ħaġa li ma nafu xejn dwarha… imma meta nħobbu xi ħaġa li tagħha għandna xi għarfien, inkunu nistgħu minħabba din l-istess imħabba li nagħrfuha aħjar u aktar fil-fond. Agħtini mela, Mulej, li nkun nista' nimxi 'l quddiem fl-imħabba li l-

iSpirtu s-Santu jsawwab fija, u li jgħallimni kull verità… “Mulej, mexxini fit-triq tiegħek, u jien nimxi fil-verità tiegħek.

Huwa minnek, o Spirtu Qaddis, li aħna rċevejna r-rahan li jiggarantilna li naslu għal dik il-milja li minnha jitkellem l-Appostlu: “Imbagħad naraw wiċċ imb wiċċ”… “Issa nagħraf biċċa… imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa.” O Spirtu ta’ mħabba, sawwab l-imħabba fi qlubna dejjem iżjed sabiex naslu fl-għarfien ta’ kull verità

S. Wistin, *In Io* 96, 4-5

● O Spirtu qaddis, flimkien mal-Missier u mal-Iben inti tgħammar fina u tagħtina l-ħajja; aħna t-tempju tiegħek… L-iskola tiegħek hija waħda ġewwenija, inti tħallina nisimgħuk fil-qiegħ ta’ qalbna… Min jista’ jkellimna b’intimità bħal din, ħlief dak li jimliena, u jaħdem fina biex imexxina fejn irid hu? Min, ħlief Alla? O Spirtu Qaddis, inti Alla u taġixxi bħala Alla meta titkellem u tagħmel li nisimgħuk fil-fond ta’ qalbna… Il-veritajiet l-aktar sublimi u moħbija huma riservati għalik, u għalik ukoll huwa riservat li tkabbar is-setgħat tagħna biex inkunu kapaċi għal dawn il-veritajiet… Inti l-iSpirtu li tagħmel il-profeti, li tispirahom minn ġewwa, u tikxef il-futur għalihom għax inti taf kollox, u wisq aktar minn dan, għax int taf dak kollu li hu riservat għal Alla… Inti ma smajtx lil xi ieħor ħlief l-Iben ta’ Alla, int smajt dak li rċevejt fil-proċessjoni tiegħek, bħalma sema’ l-Iben dak li rċieva fit-twelid etern tiegħu.

J.B. Bossuet, *Meditazzjonijiet fuq l-Evanġelju* II, 72

## 329. SPIRTU TA’ GĦARFIEN

*Ħalli l-fidi tiegħi tinbena fuq il-qawwa tiegħek (1 Kor 2, 4-5).*

1. Fl-Evanġelju hemm veritajiet li wkoll in-Nisrani jsib diffikultà biex jifhem is-siwi kollu tagħhom. “Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalkom ukoll” (Mt 6, 33); jew “X’jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ruħu jew jinqered?” (Mt 9, 25). Mhix ħaġa ħafifa li kull min jgħix fis-saltna tas-sensi, li jemmen li Alla huwa kollox, li hu l-uniku ġid u l-uniku hena, u li dejjem jagħtih l-ewwel post fl-għażliet tiegħu, waqt li hu jaħbi lilu nnifsu minna. Hu diffiċli temmen li l-ħlejjaq ma huma xejn, meta huma jippreżentaw lilhom infushom b’modi daqshekk li jħajru. Jekk ir-realtajiet divini jaħarbu l-esperjenza tagħna, ir-realtajiet tad-dinja jaħtfuna b’urġenza u immedjatezza li minna diffiċli naħarbu. L-iSpirtu s-Santu jkollu jindaħal biex jinfuża għarfien ġdid fina li jittrasforma l-mod kif naħsbu, mod li għadu wisq tad-dinja, u jagħmel il-fidi tagħna aktar ħajja u konkreta; għarfien li mhux mibni fuq l-għarfien uman li dwaru San Pawl qal li “ma jafx xi ħaġa… ħlief il-Kristu Ġesù u l-dan, imsallab” (1 Kor 2, 2). L-iSpirtu s-Santu jagħti dan l-għarfien minn jeddu, lill-umli u s-sempliċi f’qalbhom, lil dawk li, ma jafdawx fl-għarfien tagħhom. Bl-impuls ta’ dan l-għarfien divin, aħna nsiru kapaċi nkissru l-irbit tal-ġibda lejn il-ħlejqiet, u nqisuhom kif inhuma quddiem Alla, u għalhekk ma nħallux lilna nfusna nibqgħu lura minħabba fihom fil-mixja tagħna lejn dak li hu etern.

Imdawwal minn dan l-għarfien, San Franġisk ta’ Assisi f’daqqa waħda ħalla lil sħabu li kienu jħobbu jgawdu d-dinja biex jiżżewweġ lis-Sinjura Faqar; u meta missieru nkurlat keċċih, hu qal: “Minn issa ’l hemm nista’ ngħid bl-akbar dritt: Missierna li inti fis-smewwiet! U mhux iżjed missieri Pietru Bernardone” (Sticco, *Vita* p. 70).

Taħt l-impuls ta’ dan l-għarfien Santa Tereża ta’ Ġesù kitbet: “Kollox jgħaddi – Alla biss qatt ma jinbidel… Jekk għandek ’l Alla f’qalbek, xejn ma jonqsok: imħabbtu hi biżżejjed” *(Poeżiji* 9), u Santa Marija Bertilla mietet b’dan il-kliem: “Jeħtieġ naħdmu biss għal Ġesù. L-affarijiet l-oħra ma huma xejn.”

2. Immexxi mill-iSpirtu s-Santu, San Ġwann tas-Salib ħażżeż it-triq famuża tiegħu tax-“xejn”, li waqt li twarrab kull ġid maħluq u jmur

direttament u bl-għaġla għall-għaqda ma' Alla. "Xejn, xejn" - itenni l-Qaddis - la dan u lanqas dak, la l-ħwejjeġ tal-art u lanqas il-ħwejjeġ tas-sema" (*Disinn tal-Muntanja tal-Karmelu*), li jfisser: saħansitra lanqas il-ħlewwiet u l-konsolazzjonijiet spiritwali, imma Alla biss. Ruħ imdawla bl-iSpirtu s-Santu ma tibżax minn daqstant ċaħdiet, imma tħaddanhom bil-ferħ, għax fehmet li "kollox frugħa, ħlief li tħobb 'l Alla u taqdi lilu waħdu" (*Imitazzjoni* III, 4).

Barra minn dan l-iSpirtu s-Santu jagħmel ukoll li nifhmu l-veru siwi tar-realtajiet tad-dinja. B'danakollu saħansitra waqt li qed jurina din "Is-sbuħija kollha tal-ħlejjaq imqabbla mas-sbuħija infinita ta' Alla, mhi xejn ħlief l-agħar kruha". (Ġwann tas-Salib, *Telgħa* I 4, 4), id-don tal-għarfien ma jiċħadx il-perfezzjonijiet li jinsabu fil-ħlejjaq, imma jurihom li huma biss ħjiel, tal-perfezzjoni infinita ta' Alla. Meta jidhru f'dan id-dawl, il-ħlejjaq ma jibqgħux tfixkil, imma jsiru sellum li jwassalna għand Alla: "Din ir-riflessjoni fuq il-ħlejjaq" – jgħid San Ġwann tas-Salib – "din l-osservazzjoni li dawn huma ħwejjeġ magħmula mill-istess id ta' Alla; il-Maħbub tagħha, iqajjem bil-qawwa lir-ruħ biex tħobbu" (*Kantiku Spiritwali* 4, 3). Kull ħaġa maħluqa hija messaġġier li tħabbar 'l Alla, li x-xandar it-tjubija u l-ġmiel tiegħu, l-omnipotenza u l-preżenza tiegħu. B'hekk niksbu pożizzjoni ta' bilanċ perfett lejn il-ħwejjeġ maħluqa kollha: inħobbuhom bħala għemil ta' idejn Alla, bħala messaġġiera siekta tal-imħabba u l-preżenza tiegħu, imma bla ma nintrabtu magħhom, għax qalbna tistrieħ biss f'Alla. Il-Konċilju Vatikan II tenna ħafna drabi: "Il-bniedem, mifdi minn Kristu u magħmul ħolqien ġdid fl-iSpirtu s-Santu, jista' u għandu jħobb ukoll l-istess ħwejjeġ maħluqin minn Alla. Għaliex huwa rċevihom minn Alla u jħares lejhom bil-qima bħallikieku ġejjin mill-idejn ta' Alla. Huwa jiżżi ħajr għalihom lill-Benefattur u waqt li juża u jgawdi l-ħwejjeġ maħluqa fil-faqar u l-libertà tal-ispirtu, jieħu tassew pussess tad-dinja bħala wieħed li xejn mhu tiegħu imma għandu kollox. 'Għaliex kollox tagħkom: u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla'" (1 Kor 3, 22-23) (GS 37). F'għoli bħal dan ma nistgħux naslu bla tisfija profonda tal-iSpirtu, bla ma nkunu miftuħin b'mod sħiħ għad-doni tal-iSpirtu s-Santu.

● O Alla li tista' kollox, etern, ġust u kollok ħniena, minħabba fik innifsek agħti lili msejken biex nagħmel dak li naf li inti trid, u li rrid dejjem dak li jogħġbok; sakemm, imsoffi minn barra, imdawwal minn ġewwa u mkebbes bin-nar tal-iSpirtu, inkun nista' nimxi fuq il-passi

ta' Ibnek, Sidna Ġesù Kristu, u nasal għandek l-Aktar Għoli bil-grazzja tiegħek biss.

Nitolbok, o Mulej, li l-qawwa mkebbsa u ħelwa ta' mħabbtek taħtaf il-moħħ tiegħi mill-ħwejjeġ kollha li hawn taħt is-sema, sakemm immut b'estasi ta' mħabba għalik, li ħassejtek denn li tmut bil-qawwa ta' mħabbtek għalija.

S. Franġisk ta' Assisi, *Detti,* p. 154-155

● Fil-kuxjenza tiegħi ma għandi ebda dubju li nħobbok. Inti lqatt lil qalbi bil-kelma tiegħek u ħabbejtek. U s-sema u l-art u kulma fihom, minn kullimkien jgħiduli biex inħobbok, u qatt ma jieqfu jgħidu l-istess lill-bnedmin kollha, biex ma jkollhom ebda skuża.

Imma jien x'inkun inħobb meta nħobb lilek? Mhux xi ġmiel tal-ġisem jew ġieħ li jgħaddi, mhux il-bjuda tad-dawl ħabib ta' dawn l-għajnejn, mhux il-kisra ħelwa tal-għana ta' kull xorta, mhux ir-riħa tfuħ tal-ward u taż-żjut u tal-fwejjaħ, mhux il-manna u l-għasel, mhux il-membri li l-ġisem jitgħaxxaq iħaddan; mhux dawn inkun qiegħed inħobb meta nħobb 'l Alla tiegħi. U madankollu nkun qiegħed inħobb dawl u leħen u riħa u ikel u tħaddin tal-bniedem ta' ġewwa li hemm fija, fejn jiddi lil ruħi dawl mhux magħluq fl-ispazju, fejn jinstema' leħen li ma jintefiex biż-żmien, fejn tinxtamm fwieħa li ma ttirx mal-fewġa, fejn ruħi ttiegħem ikel li qatt ma jonqos hi u tieklu, fejn it-tħaddin hu għaqda li ma xxabbax u ma tinħallx. Dan hu li nkun inħobb meta nħobb 'l Alla tiegħi.

Lili l-verità tgħidli: "Alla tiegħek mhuwiex is-sema u l-art, ma hu ebda ġisem." U lilek, ruħ tiegħi, jiena ngħidlek li int aħjar mill-ġisem. Imma Alla tiegħek hu għalik il-ħajja ta' ħajtek.

S. Wistin, *Stqarrijiet*, X, 6, 8.10

## 330. SPIRTU TAL-KUNSILL

*Mulej, agħmel li ngħix skont l-iSpirtu tiegħek li jgħammar fija (Rum 8, 5-9).*

1. L-iSpirtu s-Santu ma jagħtix biss lill-Insara l-gherf tal-misteri ta' Alla u l-għerf tassew dwar is-siwi tal-ħlejjaq, imma jgħin ukoll biex napplikaw dan it-tagħlim tiegħu għaċ-ċirkustanzi konkreti tal-ħajja.

Mhux ħafif għall-bniedem li jżomm dejjem preżenti l-veritajiet tal-fidi, il-kliem tal-Evanġelju u japplikahom bl-għerf għall-każi differenti tal-ħajja ta' kuljum. L-iSpirtu s-Santu jintervjeni: ifakkar, jissuġġerixxi minn ġewwa, inebbaħ kif wieħed għandu jġib ruħu, jaġixxi u jitkellem. Proprju għal dan kien irrikkmandat lid-dixxipli biex ma jinkwetawx meta jittieħdu fil-qrati: "Dak il-ħin stess jingħatalkom xi jkollkom tgħidu: għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-iSpirtu ta' Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom" (Mt 10, 19-20). Jekk f'ċirkustanzi kbar bħal dawn in-Nisrani jista' jserraħ fuq l-indħil tal-iSpirtu s-Santu, m'għandux jiddubita li l-għajnuna tiegħu tkun hemm ukoll fiċ-ċirkustanzi ordinarji tal-ħajja. Ġesù qal: "Jgħallimkom kollox" (Ġw 14, 26), u dan ma jfissirx biss il-ħwejjeġ l-aktar importanti u diffiċli. Barra minn dan, kollox hu importanti fil-ħajja tan-Nisrani, meta m'aħniex nitkellmu minn interessi egoistiċi, imma f'li wieħed jaqdi 'l Alla, li jagħraf u jagħmel ir-rieda tiegħu f'kull ċirkustanza, li japplika l-Evanġelju f'kull opportunità. Ġesù nnifsu żgurana li "l-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu" (Lq 11, 13). Min isejjaħ bil-fidi lill-iSpirtu s-Santu, min hu miftuħ għall-ispirazzjonijiet tiegħu, attent għas-sejħat ġewwiena tiegħu, ma jitqarraqx. Imma jeħtieġ li wieħed jiddisponi ruħu għall-ħidma tal-iSpirtu s-Santu b'safa kbir ta' kuxjenza, b'distakk mill-ideat personali u mill-piki tar-rieda, dejjem lest biex ibiddel il-pjani u jiċħad għall-inklinazzjonijiet tiegħu meta jitolbu dan l-ispirazzjonijiet ġewwiena. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Iċħad ix-xewqa tiegħek, u ssib dak li tixtieq qalbek; għax int fejn taf jekk ix-xewqat u l-ġibdiet tiegħek humiex skont ma jridhom ikunu Alla?" (*Sentenzi ta' Dawl u Mħabba* 1, 15).

2. "Għax min jista' jagħraf il-ħsieb ta' Alla, min jista' jifhem x'irid il-Mulej?" (Għerf 9, 13). "Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu!" (Rum 11, 33). Il-bniedem ma jistax jagħrafhom u

lanqas jifhimhom, imma għall-iSpirtu s-Santu huma magħrufin sewwa u għalkemm ma jikxifhomx għalkollox, huwa jista' jmexxi lin-Nisrani mit-toroq ta' Alla u jagħmel li jifhem l-għerf infinit u moħbi f'kull ġrajja. It-tbatija hija dejjem misteru għall-bniedem; huwa biss l-iSpirtu s-Santu li jista' jurina s-siwi tagħha, isawwab fina l-għerf tas-Salib, u juri liema mġiba għandu jimxi biha quddiem it-tbatija. F'ċirkustanzi oħra huwa diffiċli biex tifhem liema hi r-rieda ta' Alla, liema soluzzjoni jew għażla se tkun l-aħjar u l-iżjed li togħġob 'l Alla, kif nistgħu narmonizzaw dmirijiet li jidhru kontra xulxin u liema minnhom għandu jieħu l-preċedenza. Ta' sikwit ukoll il-parir ta' nies għorrief ma jirnexxilux iħoll ċertu taħwid. Ikollna għalhekk insejħu bla heda l-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu; il-parir tiegħu ma jistax ifalli għax huwa l-istess kunsill ta' Alla. Hu ngħata lill-Insara proprju biex idawwalhom u jmexxihom mit-toroq tal-Aktar Għoli. "Fikom qiegħda tgħammar l-unzjoni li rċevejtu mingħandu… tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru… mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru" (1 Ġw 2, 27), jgħid l-Appostlu Ġwanni. Hawn kien qed jitkellem fuq id-don tal-iSpirtu s-Santu li bih in-Nisrani kien midluk fil-magħmudija, waqt li ssieħeb fid-dilka ta' Kristu, imħabbra minn Isaija u mwettqa minn Kristu nnifsu: "L-iSpirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani" (Lq 4, 18).

L-imgħammed li jgħix fil-grazzja, ma għandux jiddubita mill-preżenza tal-iSpirtu s-Santu li jgħammar fih u mill-għajnuna tiegħu; b'danakollu ftit huma dawk li japprofittaw ruħhom minn dan b'mod sħiħ. Il-kawża tista' tkun li ma jkunux miftuħin biżżejjed għalih jew ikun għad baqa' l-fdalijiet tal-ispirtu tad-dinja li ma jħallix id-doni tal-iSpirtu s-Santu jaħdmu fih. Ġesù stqarr li d-dinja ma tistax tirċievi l-iSpirtu tal-verità (Ġw 14, 17); imdallma mill-passjonijiet qatt ma tista' tagħarfu u tilqa' t-tiswib tiegħu. Huwa biss skont kemm jirnexxilu n-Nisrani jeħles minn kull ħjiel tal-ispirtu tad-dinja, li jkollu l-ħila jagħraf u jimxi fuq l-impulsi tal-iSpirtu s-Santu.

● Kif nista' nersaq lejk, o Spirtu s-Santu? Inti tgħammar f'dawl li ma jistax jintlaħaq u inti nnifsek m'intix ħlief dawl, għerf u dija; jiena bil-maqlub ngħix f'post ta' dlam u jiena nnifsi miniex ħlief injoranza u guffaġni.

Sadattant, o Spirtu divin, jiena nsejjaħlek bil-fiduċja biex inkun imdawwal minnek. Ikxifli l-kobor divin, il-misteri divini, biex nadurahom u nagħrafhom. Ikxifli n-nases tad-demonju u tad-dinja, biex naħrabhom u ma naqa' fihom qatt; ikxifli wkoll il-miżerji u d-dgħufijiet tiegħi, l-iżbalji, il-preġudizzji, l-ostinazzjonijiet, u l-qerq tal-imħabba tiegħi nnifsi, biex, nobgħodhom u nikkoreġi ruħi. Imma, o dawl li tagħmel il-ġid, dawwal fuq kollox lil ruħi biex nagħraf dak li tixtieq minni; agħmel li nifhem sewwa s-seħer tal-ġibdiet tiegħek u tal-grazzja tiegħek, biex jiena nikkopera b'fedeltà sħiħa. Għinni biex inkun fidil lejk sal-mewt.

P. Aurillon, *Novena di Pentecoste*, p. 118-120

● O Spirtu s-Santu, inti turina dawk il-ħwejjeġ li jmissna nagħmlu biex nogħġbu lit-Trinità fil-ġewwieni tagħna bl-ispirazzjonijiet tiegħek u minn barra bil-predikazzjoni u t-twissijiet, u dak kollu li ġej minnek, ladarba ħadd ma jista' jsemmi l-isem ħelu ta' Ġesù jekk ma jkunx imqanqal minnek.

Inti dak li tqassam it-teżori li qegħdin fi ħdan il-Missier u t-teżorier tal-kunsilji li jgħaddu bejn il-Missier u l-Iben, inti l-bastun li jħabbat fuq il-blata u toħroġ l-ilma li jaqta' l-għatx tal-ħlejjaq kollha. L-ilmijiet tas-sema huma dejjem miftuħa biex ixerrdu l-grazzja, imma aħna ma nżommux il-ħalq tax-xewqa tagħna miftuħ biex nirċevuhom.

Ejja, ejja, o Spirtu l-aktar ġentili! Spirtu ta' tjieba! Jiena nikkontemplak waqt li tħalli ħdan il-Missier, tidħol fil-kustat tal-Iben u mbagħad tinżel mill-qalb tal-Iben u tiġi fostna hawn fl-art. Minn ħdan il-Missier ġibilna l-qawwa, mill-qalb tal-Iben ġibilna l-imħabba mkebbsa.

Ara S.M. Maddalena de' Pazzi, *Revelatione e intelligentie*, v. 4, p. 96-97

## 331. SPIRTU TA’ MĦABBA U GĦERF

*Missier tal-glorja, agħtini spirtu ta’ għerf biex nagħrfek sewwa (Ef 1, 17).*

1. L-ewwel don u l-aktar wieħed eċċellenti li l-iSpirtu jagħti lill-bniedem huwa l-imħabba. San Pawl jgħid li n-Nisrani ma għandux jaqta’ qalbu fit-tiġrib tal-ħajja u lanqas jitlef it-tama għax jista’ jserraħ bi żgur fuq l-imħabba ta’ Alla. “Għax l-imħabba ta’ Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-iSpirtu s-Santu li kien mogħti lilna” (Rum 5, 5). Din l-imħabba hija l-għajn tal-ġid kollu: mill-ġustifikazzjoni sal-qdusija, mill-imħabba tal-aħwa sal-għaqda intima ma’ Alla, mill-ħajja fid-dinja mgħoddija fil-grazzja u fil-ħbiberija divina sal-ħajja ta’ dejjem imwaqqfa fuq imħabba li ma tiġix nieqsa, f’kontemplazzjoni hienja. Ħadd iżjed mill-iSpirtu s-Santu, li hu l-Imħabba sustanzjali, ma jista’ jagħti lill-bniedem il-konvinzjoni profonda li hu maħbub minn Alla u fl-istess ħin iqanqlu biex iwieġeb għall-imħabba tiegħu. Hu “jmexxi lill-bnedmin kollha biex iħobbu ‘l Alla l-Missier u fih iħobbu wkoll lid-dinja u l-bnedmin” (AA 29). L-imħabba hija don u fl-istess ħin frott tal-iSpirtu s-Santu; don imsawwab minnu, frott imwassal għall-maturità sħiħa taħt l-influss tiegħu. San Pawl jitkellem dwaru bħala don u jurih bħala dak li għandu jkun preferut u mixtieq ‘il fuq mid-doni kariżmatiċi kollha: “Jien nurikom triq li tgħaddihom ilkoll… Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċeċku” (1 Kor 12, 31; 14, 1). Meta tkellem dwaru bħala frott qal li hu effett essenzjali tal-ħajja nisranija mġedda mill-iSpirtu s-Santu: “Il-frott tal-ispirtu huwa l-imħabba” (Gal 5, 22). Huwa frott waħdieni li ma jinfiridx, ukoll jekk għandu ħafna aspetti u kwalitajiet, għax l-imħabba meta hija perfetta ġġib magħha l-virtujiet kollha. Mill-imħabba perfetta ta’ Alla jissawbu “l-ferħ u l-paċi”, toħroġ l-imħabba lejn il-proxxmu: “is-sabar, il-ħniena u t-tjieba” u fl-aħħar nett il-kwalitajiet morali prezzjużi: “il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan” (Gal 5, 22). Fid-don tal-imħabba hemm miġburin id-doni l-oħra kollha; hija ġabra ta’ dak kollu li Alla jagħti lill-bniedem u ta’ dak li l-bniedem jista’ jagħti lura ‘l Alla. L-imħabba hija l-essenza tal-esseri u tal-qdusija ta’ Alla, u huwa l-essenza tal-ħajja u tal-qdusija tan-Nisrani.

2 L-iSpirtu s-Santu, Spirtu ta' mħabba, idawwal u jkebbes fl-istess waqt il-moħħ u l-qalb, l-intellett u r-rieda. Għalhekk isawwab fin-Nisrani għarfien aktar intimu u li jogħġob ta' Alla u tal-misteri tiegħu,. Huwa d-don tal-għerf li mhux imsejjes fuq l-istudju, imma li jissawwab fl-imħabba u permezz tal-għana tal-imħabba jagħmel li nagħrfu u nesperimentaw 'l Alla. Kif omm tagħraf lil binha mhux bir-raġunar imma bl-intuwizzjoni li ġejja mill-imħabba tagħha ta' omm, hekk in-Nisrani jasal permezz tal-imħabba għall-għarfien intuwittiv ta' Alla mid-dawl tal-imħabba u mill-qawwa li tifhem. Dan hu d-don tal-iSpirtu s-Santu, għax huwa frott tal-imħabba msawba minnu fl-Insara u għax hija tisħib fl-għerf infinit tiegħu. San Pawl talab għall-Efesin biex "tissaħħu… biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba… b'hekk tkunu tistgħu tifhmu… l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu" (Ef 3, 16-19). Il-misteru tal-imħabba ta' Kristu, bħall-misteri divini l-oħra kollha, ma jistax jiftiehem mingħajr it-tiswib speċjali tal-iSpirtu s-Santu, bla ma nkunu "msaħħnin" minnu "bl-għeruq tagħna fl-imħabba".

B'dan il-mod, id-don tal-għerf jgħani ħafna l-ħajja tat-talb: min jitlob jidħol f'Alla u fil-misteri tiegħu, iġarrab u jiggosta mhux biss permezz tad-dawl tal-fidi, imma wkoll permezz tal-imħabba. Imma t-tiswib tal-għerf ma jieqafx hawn, imma jdawwal il-ħajja kollha tan-Nisrani waqt li jgħallmu jara 'l Alla fil-ħwejjeġ kollha u l-ħwejjeġ kollha f'Alla. Huwa għarfien li jiġġudika kollox skont Alla, mela mhux skont il-kriterju tal-bnedmin, imma skont il-kriterji divini. Huwa l-għerf imħabbar mill-Appostlu: "mhux l-għerf tad-dinja… l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru rivelat permezz tal-ispirtu" (1 Kor 2, 6-14).

● O Spirtu s-Santu, inti tagħmilha ta' medjatur bejn ir-ruħ u Alla, fil-fatt iċċaqlaqha b'xewqat hekk imħeġġa b'dak in-nar għoli li huwa hekk qrib tagħha. O Mulejja, kemm huma kbar it-tjubijiet li hawn turi mar-ruħ! Tkun imbierek u mfaħħar għal dejjem, għax inti taf tħobb hekk tajjeb! O Alla tiegħi u ħallieq tiegħi! Kif jista' jkun li ma jkun hemm ħadd li jħobbok? O jaħasra għalija, ladarba għal żmien hekk twil jiena nnifsi ma ħabbejtekx.

Din hija ħaġa tal-għaġeb, li għandna dejjem naħsbu fuqha! Meta int, o Mulej, tara li r-ruħ hi kollha kemm hi tiegħek, u taqdik mingħajr ebda interessi jew motivi personali, imma biss għax int Alla tagħha u

tħobbha, inti tikkomunika magħha b'ħafna modi u manjieri, bħala dak li huwa hu l-Għerf innifsu.

Mela x'nistgħu nixtiequ aktar minn dan li issa għadni kif fissirt? O jgħinni Alla! Kemm ma huma xejn ix-xewqat tagħna biex naslu għall-kobor tiegħek, Mulej. Kemm konna nibqgħu fil-baxx kieku dak li tagħti Int kien jitqies b'dak li nitolbu aħna!

S. Tereża ta' Ġesù, *Meditazzjonijiet fuq l-Għanja tal-Għanjiet* 5, 5-6

● L-għerf tiegħek o Verb, huwa bħall-għolliq li wrejt lil Mosè, li jaqbad bla ma jikkonsma… Dawk li jfittxu u jimxu wara l-għerf tal-bniedem – li quddiem Alla huwa bluha – jobogħdu dan l-għerf. Barra minn dan, meta jobogħdu l-għerf tiegħek, iċaħħdu lilhom infushom mill-għaqda miegħek, għax meta joffenduk, jiċċaħħdu minnek u mill-għerf tiegħek.

X'inhu li tagħmel int, o għerf tal-Verb tiegħi? Inti terfa' lir-ruħ u tgħaddasha fl-abbiss; inti tibni u tħott kull bini; dejjem tolfoq u tkanta, tgħasses u torqod, timxi u qatt ma tiċċaqlaq; għerf li żżomm fik kull teżor u toqgħod 'il bogħod minn kull bluha.

U kif jinkiseb dan l-għerf? Jinkiseb b'intelliġenza mdawla tal-esseri ta' Alla, b'affetti u xewqat kontinwi ta' Alla f'Alla. U min jasal sa hawn, ikun kiseb l-għoġba tal-għerf. Jgħaddi minnu min jiggustah, u jifhmu min ma jaf xejn. O għaliex ma nimxux bla waqfien biex niksbu dan l-għerf?

O għerf, inti tistabbilixxi s-smewwiet li dejjem jiċċaqilqu, tigglorifika l-ispirti anġeliċi u tal-bnedmin, inti titma lill-għarajjes tal-Verb, tqawwi l-Kristijiet tiegħek; inti tħawwad kull għerf u terfa' 'l fuq kull injoranza, tivverifika kull verità u tħawwad kull gidba. O għerf, inti l-kuruna tal-Knisja għarusa tiegħek u l-għana tar-ruħ għarusa tiegħek.

S. M. Maddalena de' Pazzi, *It-Taħditiet*, Op v. 3 p. 10-11

## 332. IS-SITTA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Inti tajjeb u sewwa, Mulej, uri triq lill-ħatjin (Salm 25, 8).*

Il-Liturġija tal-lum turina 'l Alla fi djalogu mal-bniedem biex iġiegħelu jifhem il-ġustizzja tal-providenza tiegħu u l-ħtieġa ta' rabta awtentika u bla heda mat-tajjeb. "Forsi l-imġiba tiegħi mhix sewwa? Mhux l-imġiba tagħkom li mhix sewwa?" kienet il-mistoqsija lill-poplu magħżul (Eżek 18, 25-28; 1º qari). Jekk il-ġust jabbanduna t-tajjeb u jdur u "jagħmel il-ħażen" ma jkunx jista' jwaħħal f'Alla għat-telfien tiegħu, dan hu frott tal-inkonsistenza u l-ħażen tiegħu, "minħabba ħżunitu jkun miet" (Eżek 18, 26). Ħadd ma jista' jaħseb li Alla hu obbligat li jsalvah meta għax irid jitbiegħed minnu. Bil-maqlub, jekk il-ħażin "reġa' lura mid-dnubiet kollha li jkun għamel… jibqa' ħaj u ma jmutx" (Eżek 18, 28). Sakemm hu ħaj, il-bniedem dejjem jista' jikkonverti, kemm jekk għadda ħajtu fid-dnub, u kemm jekk ċeda għall-ħażen wara li kien qeda lill-Mulej għal xi żmien. L-importanti għal kulħadd hu li nikkonvertu u niddeċiedu li nipperseveraw fit-tajjeb.

L-Evanġelju tal-lum (Mt 21, 28-32) ukoll jiftaħ b'mistoqsija, li Ġesù għamel lill-għedewwa tiegħu "Intom x'jidhrilkom?" – iġiegħilhom jagħtuh tweġiba huma stess li ddawwal l-imġiba tagħhom. Kien każ sempliċi: żewġ ulied ġew mibgħuta minn missierhom biex jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli; l-ewwel wieħed wieġbu "iva" imma fil-fatt ma marx, it-tieni qallu: "Ma rridx" (Mt 21, 29.30), imma mbagħad nidem u mar. "Min minnhom it-tnejn – staqsa l-Mulej – għamel kif ried il-Missier?" (Mt 21, 31). Ma setgħux jaħarbu t-tweġiba u kellhom bilfors iwieġbu: "It-tieni". Ġesù kien qiegħed ilissen il-kundanna tagħhom b'mod l-aktar ċar. "Il-pubblikani u n-nisa tat-triq deħlin qabilkom fis-Saltna ta' Alla" (Mt 21, 31). Imma għaliex? Għax l-għedewwa tal-Mulej – li kienu mill-poplu magħżul u wisq iżjed il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu – kienu msejħin l-ewwel għas-salvazzjoni, imma wieġbu b'mod iżjed apparenti milli veru, ladarba kienu huma stess li għalihom kien qal: "jgħidu u ma jagħmlux" (Mt 23, 3). Kienu semgħu lill-Battista jippriedka imma ma emmnuhx, għax kienu żguri wisq mill-għerf tagħhom u li ma kellhomx bżonn jitgħallmu, kienu żguri wisq mill-ġustizzja tagħhom u li ma

għandhomx bżonn jikkonvertu: "bqajtu sal-aħħar u ma biddiltux il-fehma tagħkom u ma emmintux" (Mt 21, 32); ma aċċettawx il-kelma tal-Battista u lanqas dik ta' Ġesù u sabu ruħhom ikklassifikati mal-pubblikani u l-prostituti; li kienu kkonvertew, reġgħu lura "mid-dnubiet kollha li jkun għamel," emmnu u pprattikaw "il-ġustizzja" (Eżek 18, 27) u għalhekk kienu milqugħin fis-saltna ta' Alla. Jiġi f'moħħna Levi, Żakkew, l-adultera, jew il-midinba li fid-dar ta' Xmun inxteħtet f'riġlejn il-Mulej mimlija sogħba u mħabba.

Jekk l-għedewwa ta' Ġesù ma emmnux għall-kelma tiegħu u ma kkonvertewx, kien l-aktar minħabba s-suppervja, id-dudu li jgerrem kull ġid, l-akbar tfixkil għas-salvazzjoni. Għalhekk terġa' tidher it-twissija ta' San Pawl dwar l-umiltà: "Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla… xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bniedem" (Fil 2, 5.7; 2º qari). Jekk l-Iben ta' Alla umilja ruħu tant li ħa fuqu d-dnubiet tal-bnedmin, se jkun wisq li titlob lill-bnedmin jumiljaw lilhom infushom sal-punt li jagħarfu s-suppervja u d-dnubiet tagħhom?

● Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti; inti tajjeb, Mulej, ftakar fija skont it-tjieba tiegħek… Min hu dak li għandu l-biża' tal-Mulej? Lilu hu juri t-triq li għandu jagħżel. Fil-ġid hu jgħammar… Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu…

Għajnejja dejjem fil-Mulej, għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja. Dur lejja u kun twajjeb miegħi għax jiena fqajjar u waħdi…Ara n-niket u d-dieqa tiegħi u aħfirli ħtijieti kollha… Ħarisli ħajti u eħlisni; la nistkenn fik, m'għandix għax ninfixel.

Salm 25, 7.12-20

● Nitlob bil-ħniena lill-Mulej biex jeħlisni minn kull deni għal dejjem ladarba ma nistax inħallas lura dak li għandi nagħti, u forsi kuljum niddejjen aktar. U dak li ma nistax niflaħ, Mulej, huwa li ma nistax inkun naf fiż-żgur jekk inħobbokx jew jekk ix-xewqat tiegħi jogħġbukx meta jkunu quddiemek. O Mulejja u Alla tiegħi, eħlisni minn kull deni; ikun jogħġbok li teħodni hemm fejn jinsab kull ġid! Fiex jistgħu jittamaw hawn fuq l-art dawk li inti tajthom xi għarfien ta' x'inhi d-dinja, u dawk li għandhom fidi ħajja f'dak li l-Missier etern

ħejja għalihom għax Ibnu talbhulu u għallimna nitolbuh għalih aħna wkoll…

U r-rieda tagħna, fil-ġibdiet tagħha, kemm ma taqbilx ma' dak li hija r-rieda ta' Alla! Ir-rieda tiegħu trid li nfittxu l-verità, waqt li aħna nfittxu l-gideb; trid li nixxenqu għal dak li hu bla tmiem, waqt li aħna nfittxu dak li jgħaddi u jintemm; trid li nixtiequ ħwejjeġ kbar u għolja, waqt li aħna niġru wara l-ħwejjeġ baxxi ta' din l-art. Ir-rieda tiegħu kieku tridna rridu biss dak li huwa żgur, waqt li aħna hawn fuq l-art inħobbu dak li huwa fid-dubju. Kollox huwa daħka wliedi, ħlief li nitolbu bil-ħerqa lil Alla biex jeħlisna għal dejjem minn dawn il-perikli u jħarisna minn kull deni… Kif nistgħu naħsbu li sejra tiswielna wisq ladarba qegħdin nagħmluha lil min hu setgħani? Ikun għal dejjem imqaddes ismu fis-sema u fuq l-art, u tkun dejjem magħmula fija r-rieda tiegħu! Ammen!

S. Tereża ta' Ġesù, *Triq tal-Perfezzjoni* 42, 2.4

## SENA B

*In-nuqqas min jista' jagħrfu? Minn dak li ma nafx bih saffini (Salm 19, 13).*

L-ewwel qari tal-lum (Num 11, 25-29) jagħtina waħda mis-siltiet rari tar-Rabta l-Qadima li tirrivela l-intenzjonijiet ta' Alla li jsawwab l-iSpirtu tiegħu mhux biss fuq xi gruppi magħżula, imma fuq il-bnedmin kollha. Meta Mosè ma felaħx jerfa' waħdu l-piż tal-poplu kollu, talab 'l Alla jgħinu. "Ħa mill-ispirtu li kellu fih, u tah lis-sebgħin xiħ" (Num 11, 25) li kienu miġbura madwar it-tinda tal-laqgħa. Ġara mbagħad li żewġ irġiel oħra li kienu barranin bdew jipprofetizzaw bl-istess mod. Iż-żagħżugħ Ġożwè, li saħan għal din l-irregolarità, ipprotesta u qal lil Mosè biex ma jħallihomx. Imma Mosè aktar għaref u mdawwal, wieġeb: "Jaqaw qiegħed tgħir minħabba fija? Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti" (Num 11, 29). Min iġarrab ir-responsabbiltà iebsa li jkollu jitkellem, u jaġixxi f'isem l-iSpirtu, minflok jgħir, ikun hieni li jaqsamha mal-oħrajn u jkun lest li jammetti – basta tkun awtentika – id-don tal-profezija kulfejn jiltaqa' miegħu. L-iżbalji jibdew meta xi wħud jistqarru li huma profeti, waqt li jmiss lill-Knisja li tagħrafhom hekk, kif għamel Mosè ma' dawk iż-żewġ irġiel li kienu fil-kamp.

L-Evanġelju tal-lum (Mk 9, 38-48) jippreżenta fatt bħal dan. Id-dixxipli li kienu mħeġġin aktar minn Ġożwè, meta raw wieħed ikeċċi x-xjaten f'isem Ġesù, waqqfuh sempliċiment għax ma kienx wieħed minnhom. Din kienet għira tal-grupp. Imma Ġesù bħal Mosè, ma approvax għax kull min jagħmel il-ġid f'ismu, ukoll jekk mhux tal-Knisja, juri li huwa spiritwalment qrib u li għandu fih żerriegħa tal-fidi; għalhekk għandu jkun rispettat u trattat bit-tjieba u jistenna ż-żerriegħa timmatura. "Min mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna" (Mk 9, 40), jgħid il-Mulej. U biex jixhed li dak li jsir f'ismu dejjem fih xi siwi żied: "Min jagħtikom tazza ilma għax intom tal-Messija, ngħidilkom is-sewwa ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu" (Mk 9, 41). Ukoll l-iċken opra tajba magħmula minħabba Kristu ma tintilifx, anqas meta min jagħmilha jkun għadu mhux membru tal-komunità tal-Insara. Għax jekk dawn l-opri tajba jsiru minn persuni bħal dawn biex jgħinu lil ħuthom jew lil dawk li fil-Knisja jirrappreżentaw lill-Mulej, hu jqishom u jippremjahom daqs li kieku saru miegħu (Mk 10, 40-42).

Wara li tkellem mid-dmirijiet tad-dixxipli lejn il-barranin, Ġesù tkellem dwar id-dmirjiet tagħhom lejn l-Insara u lejn xulxin. Fil-komunità d-dixxipli huma responsabbli b'mod speċjali għall-fidi taċ-"ċkejknin", jiġifieri tan-nies sempliċi; gwaj jekk minflok jgħinuhom u jieħdu ħsiebhom, ikunu għalihom kawża ta' tfixkil. Ġesù kellu kliem tal-biża' dwar dan, fost l-eħrex li qatt qal: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun jaqbillu jekk jorbtulu madwar għonqu ġebla tat-tħin… u jixħtuh fil-baħar" (Mk 9, 42). M'għandniex inqisuhom qisu xejn, imma jmissna nikkunsidrawhom profondament u nrażżnu l-imġiba tagħna biex la kliemna u u lanqas l-atteġġjament tagħna ma jfixklu l-fidi ta' dawn iċ-ċkejknin jew tal-Poplu twajjeb ta' Alla. L-aħħar riflessjoni għandha x'taqsam mal-għassa fuqna nfusna kontra kull tfixkil li jinqala', mhux wisq dak li jiġi 'l barra minna, imma dak li ġej mill-passjonijiet tagħna. Hawn ukoll Ġesù għandu kliem iebes: "Jekk idek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra; jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern, fin-nar li ma jintefiex" (Mk 9, 43). L-istess paradoss hu mtenni għar-riġel u għall-għajn, bil-ħsieb li jġegħilna nifhmu li d-dixxiplu ta' Kristu għandu jkun lest għal kull sagrifiċċju biex jaħrab id-dnub li jifirdu mill-Imgħallem u jwasslu għal firda dejjiema.

● Ismagħni, ismagħni, Mulej Alla tiegħi, biex għajnejk jinfetħu fuq uliedek lejl u nhar. Iftaħ ġwienħajk o l-iżjed twajjeb biex tħarishom, ifrex il-leminija tiegħek u berikhom, sawwab fi qlubhom l-iSpirtu Qaddis tiegħek, biex iżżommhom fl-għaqda tal-iSpirtu u fir-rabta tas-sliem, fis-safa tal-ġisem u fl-umiltà tar-ruħ.

Agħmel li dan l-istess Spirtu jgħin lil dawk li jitolbu, biex il-kotra tal-imħabba tiegħek timla l-qalb tagħhom u l-ħlewwa tas-sogħba tagħhom iġġedded lil moħħhom u d-dawl tal-grazzja tiegħek idawwal lil qlubhom; biex it-tama tgħinhom, il-biża' jumiljahom u l-imħabba tkebbishom. Hu nnifsu jissuġġerilhom x'għandhom jitolbu u int tkun lest li tweġibhom..

O Mulej ħelu, agħmel li bl-għajnuna tal-iSpirtu tiegħek, jgħixu fis-sliem, fl-umiltà u jkunu twajbin magħhom infushom, ma' ħuthom u miegħi; li jobdu, li jaqdu u li jġerrħu lil xulxin. Li jkunu mħeġġin fl-ispirtu, ferħanin fit-tama. Agħtihom perseveranza bla heda fil-faqar, fl-astinenza, fix-xogħol u fl-għassa, fis-skiet u fil-kwiet… Kun fosthom

skont il-wegħda fidila tiegħek u ladarba taf x'għandhom bżonn, nitolbok li ssaħħaħ dak li hu debboli fihom, li ma twarrabx dak li hu dgħajjef; fejjaq dak li hu marid, ferraħ id-diqa tagħhom, ġedded lill-berdin, saħħaħ lil dak li mhux sod; hekk li kollha jħossuhom mgħejjuna mill-grazzja tiegħek fil-ħtieġa u t-tiġrib tagħhom.

Elredo ta' Rievaulx, *Oratio pastoralis*, 8

## SENA Ċ

*Mulej għinni naħrab dak li hu tad-dinja u biex lkolli, l-ġustizzja it-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar u l-ħlewwa (1Tim 6, 11).*

Il-Liturġija tal-lum hija twissija biex inqisu l-konsegwenzi koroh tal-ħajja laxka li tfittex il-pjaċir. Fl-ewwel qari (Għamos 6, 1a.4-7) nisimgħu mill-ġdid iċ-ċanfir iebes tal-profeta Għamos lill-għonja li ntelqu għall-pjaċiri u l-lussu, moħħhom biex igawdu l-pjaċiri kollha li tista' toffrilhom il-ħajja. Jiddeskrivihom mitluqin fuq is-sodod tal-avorju, jieklu, jgħannu u jixorbu, bla ebda ħsieb għal arthom li kienet qiegħda titgħarraq, u ħabbar: "Għalhekk issa jkunu l-ewwel f'ras l-eżiljati u tintemm imbagħad l-għajta tal-imhejmin" (Għamos 6, 7). Il-profezija kellha sseħħ tletin sena wara u kellha tkun waħda mill-ħafna lezzjonijiet mogħtija mill-istorja dwar il-ħerba soċjali u politika minħabba d-dekadenza morali. U ċ-ċiviltà tal-lum li ħsiebha fil-kumditajiet li jfarrġu; ftit tidher li fehmet sewwa dan kollu. Imma hawn riflessjoni wisq aktar importanti: Ħajja magħluqa fl-orizzonti dojoq tal-pjaċiri tad-dinja hija fiha nfisha ċaħda ta' fidi; hija ħajja mingħajr Alla u ateiżmu prattiku bil-konsegwenza li ħadd ma jagħti kas tal-ħtiġijiet tal-oħrajn. Fi ftit kliem hija triq għall-ħerba fiż-żmien u fl-eternità.

Dan l-aħħar aspett jurihulna l-Evanġelju (Lq 16, 19-31) bil-parabbola li tqabbel il-ħajja ta' min igawdi ma' dik ta' min hu fqir. Mad-daqqa t'għajn ir-raġel għani jidher li ma kellux dnub ieħor ħlief ir-rabta żejda mal-lussu u mal-ikel tajjeb; imma jekk nikkunsidraw aktar fil-fond niskopru nuqqas assolut ta' interess lejn Alla u lejn il-proxxmu. Il-ħsibijiet u l-inkwiet tiegħu kollu kienu dwar li "jagħmel kuljum ikla mill-aħjar" (Lq 16, 19), bla ma ta ebda kas tal-imsejken Lazzru li kien qiegħed isofri ħdejn il-bieb tiegħu. Dwar dan tal-aħħar, għalkemm il-parabbola ma turix dan b'mod ċar, hu ħafif li fih nagħrfu wieħed minn dawk il-foqra li kienu jaċċettaw bir-rassenjazzjoni x-xorti tagħhom waqt li jafdaw f'Alla. Għalhekk meta waslet il-mewt, Lazzru ġie meħud "mill-anġli fi ħdan Abraham" (Lq 16, 22), waqt li l-għani sab ruħu "fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet" (Lq 16, 23). Fid-djalogu li ġie wara bejn ir-raġel għani, issa maħqur bilgħatx, u missieru Abraham, tidher sewwa l-eternità tad-destin bla ħniena skont il-kwalita ta' ħajja li nkunu għexna għax ridna matul ħajjitna. Dawk li emmnu f'Alla u qegħdu t-tama tagħhom fih jirċievu mingħandu l-premju ta' dejjem; dawk li ngħataw għall-pjaċiri, u

għexu bħallikieku Alla ma jeżistix, ikunu mifrudin minnu għal dejjem. Hija konklużjoni ċara li flok li l-faqar u t-tbatija huma sinjali li Alla warrabhom, huma mezz li Alla juża biex iġegħilna nfittxu ħwejjeġ aħjar u biex inqegħdu t-tama tagħna fih, Il-prosperità u l-għana, bil-maqlub, ta sikwit jagħmlu l-bniedem arroganti u jmaqdar 'l Alla u l-premijiet eterni tiegħu; huma ngassa li tifga kull xenqa għall-veritajiet ogħla.

It-tieni qari (1 Tim 6, 11-16) jorbot sewwa mal-oħrajn, ladarba t-twissija li jibda biha hija wkoll kuntrast mat-tfittix bla rażan, għall-ħwejjeġ tad-dinja. San Pawl għadu kif qal: "Ir-regħba għall-flus hi l-għerq ta' kull ħażen (1 Tim 6, 10) u mill-ewwel ikompli: "Imma int bniedem ta' Alla, aħrab dan kollu; fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, il-fidi, l-imħabba…" (1 Tim 6, 12). "Il-Bniedem ta' Alla" – is-saċerdot, il-persuna kkonsagrata, jew l-appostlu lajk – jeħtieġ joqogħdu attenti għal kull għamla ta' regħba, ħaġa li tiskandalizza lin-nies twajba u saħansitra 'l dawk mogħtijin għad-dinja. Huwa msejjaħ biex jieħu ħsieb ħafna interessi, biex jitqabad "it-taqbida t-tajba tal-fidi; qis li tirbaħ il-ħajja ta' dejjem" (1 Tim 6, 12) mhux biss għalih innifsu, imma wkoll għall-merħla li Alla afdalu f'idejh. Huwa msejjaħ biex jamministra mhux ħwejjeġ tad-dinja imma dawk eterni: "Inwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa" (1 Tim 6, 14) biex iwassal bla ma jibdel il-wirt tal-fidi u tal-Evanġelju.

● Il-Mulej hu li jżomm kelmtu għal dejjem, li jagħmel ħaqq lill-maħqurin: u jagħti l-ħobż lill-imġewħin. Il-Mulej jeħles lill-imjassrin, il-Mulej li jitfaħ għajnejn l-għomja, il-Mulej li jerfa' l-milwijin, il-Mulej iħobb il-ġusti, il-Mulej li jħares lill-barranin, hu li jżomm lill-iltim u lill-armla, imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.

Salm 146, 6-9

● O jgħinni Alla! Jgħinni Alla! Kemm huwa kbir it-turment tiegħi meta naħseb f'dak li għad tħoss ir-ruħ li hawn fuq l-art kienet dejjem imfittxa, maħbuba, moqdija, miżmuma filgħoli u mfissda u li, hekk kif tmut, issib lilha nfisha mitlufa għal dejjem, u tara ċar li dan it-telfien tagħha ma għandux tmiem! U hemm ikun kollu għalxejn li tara kif tinsa l-veritajiet tal-fidi, kif għamlet hawn. U x'turment meta naħseb li r-ruħ għad tara li tilfet dak li dehrilha li kienet sejra tibda tgawdi u bir-raġun, għax dak kollu li jintemm ma' din il-ħajja qisu ftit riħ li jgħaddi.

O Mulej, min qiegħed dan it-tajn kollu fl-għajnejn ta' din ir-ruħ hekk li ma ratx dawn il-ħwejjeġ qabel ma bdiet tarahom hemm? O Mulej, min għalqilha widnejha biex ma semgħetx dawn il-ħwejjeġ li ħafna drabi ġew imfissra lilha, u biex ma tgħallmitx li dawn it-turmenti jibqgħu għal dejjem?

O Alla tiegħi, kemm nibki ż-żmien kollu li fih dan ma fhimtux! Ladarba int, Alla tiegħi, taf in-niket li nħoss għall-għadd kbir ta' dawk li ma jridux jifhmu, nitolbok, Mulej, ħalli jkun hemm xi ħadd, imqar xi ħadd, li issa jitolbok id-dawl tiegħek sabiex ħafna jkunu jistgħu jiksbuh. Mhux minħabba fija, għax jien ma jistħoqqlix, Mulej, iżda għall-merti ta' Ibnek. Ħares lejn il-pjagi tiegħu, Mulej, u aħfrilna kif hu ħafer lil dawk li għamluhomlu.

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ,* 11, 1-3

## 333. SPIRTU TA' ADOZZJONI

*L-iSpirtu s-Santu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla (Rum 8, 16).*

1. Ġesù qal lil Nikodemu: "Tassew, tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-iSpirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla" (Ġw 3, 5). Huwa l-iSpirtu s-Santu li mill-bniedem naturali joħloq il-bniedem il-ġdid, l-Iben ta' Alla. Kien hu li ppresieda fl-inkarnazzjoni tal-Iben tal-Aktar Għoli, u jippresiedi wkoll fit-twelid spiritwali ġdid tal-bniedem bħala iben adottiv ta' Alla; kien hu li mexxa lill-Kristu, l-Iben naturali tal-Missier, fit-twettiq tal-missjoni tiegħu, jifforma u jmexxi l-ulied adottivi biex jgħixu skont l-adozzjoni li rċevew.

Fil-lejl tal-Għid, il-Knisja waqt li tbierek l-ilma tal-magħmudija titlob: "Nitolbuk, Mulej, biex il-qawwa tal-iSpirtu s-Santu, permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu, tinżel fl-ilma ta' dan il-fonti, biex dawk kollha li bil-magħmudija jindifnu fil-mewt ma' Kristu jqumu miegħu għall-ħajja ġdida; bi Kristu Sidna." Il-qawwa tal-iSpirtu s-Santu tiġġustifika 'l-bniedem: teħilsu mid-dnub, tagħtih twelid ġdid u tagħmel minnu "ħolqien ġdid", f'innoċenza perfetta. Waqt li jibda jgħammar fl-imgħammed, l-iSpirtu s-Santu jsawwab fih l-ispirtu tal-adozzjoni jiġifieri jifforma fih qalb ta' iben, u jagħtih is-sens li hu l-Iben ta' Alla u s-sens tal-paternità ta' Alla. Taħt l-influss tal-iSpirtu s-Santu u mgħejjun mill-grazzja tiegħu, in-Nisrani jkollu l-ħila jdur lejn Alla u jgħidlu: "Missier", mhux biss bix-xofftejn, imma b'konvinzjoni li toħroġ mill-qiegħ tal-esseri tiegħu. U huwa żgur li mhux żbaljat għax huwa l-iSpirtu s-Santu nnifsu li jqajjem din l-għajta fih: "U għax intom ulied, Alla bagħat l-iSpirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier!! (Gal 4, 6). "Dan l-iSpirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla" (Rum 8, 16). Din l-għajta tagħti l-ħajja lit-talb kollu tan-Nisrani; hija r-ruħ u l-kontenut essenzjali. Meta Ġesù kien qed jgħallem lid-dixxipli jitolbu, kien jaf li d-dixxipli qatt ma kienu se jaslu jgħidu "Missierna" bi spirtu ta' wlied tassew, mingħajr l-indħil tal-iSpirtu s-Santu, li kellu jibgħatilhom.

2. "Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna! (1 Ġw 3, 1). Proprju billi l-grazzja tal-adozzjoni hija xogħol ta' mħabba, hija b'mod speċjali attribwita lill-

iSpirtu s-Santu, l-iSpirtu ta' mħabba. Hu jixtieq isawwar fin-Nisrani għarfien veru ta' wlied Alla, b'mod li jkun bin Alla mhux biss tal-isem imma bil-fatti, fir-realtà konkreta tal-ħajja ta' kuljum. Hu jgħallmu jaġixxi mhux bi "spirtu ta' jasar," imma bi "spirtu ta' wlied adottivi" (Rum 8, 15) waqt li jimita s-sentimenti ta' Ġesù lejn il-Missier: imħabba, fiduċja, u dedikazzjoni assoluta.

"Dawk kollha li jmexxihom l-iSpirtu ta' Alla huma wlied Alla" (Rum 5, 14). M'aħniex nitkellmu minn gwida minn barra, imma waħda ġewwiena li tbiddel lill-bniedem, tqanqlu, timbuttah minn ġewwa, issawwab fih sentimenti, affetti, u xewqat ġodda. Dan jista' jsir għax l-iSpirtu s-Santu ġie mogħti lill-Insara u jgħammar fihom (Rum 5, 5; 8, 9). Li jkollna l-iSpirtu s-Santu jgħammar f'qalbna u ma nħalluhx imexxina, u lanqas naċċettaw l-ispirazzjonijiet tiegħu, ifisser li qegħdin nipparalizzaw il-kobor tagħna bħala wlied Alla, u nikkundannaw ruħna għal forma ta' ċokon spiritwali.

L-adozzjoni ta' wlied hija grazzja maħsuba biex tinfed il-ħajja kollha tan-Nisrani; imma din tesiġi fedeltà bla heda lejn l-iSpirtu s-Santu. Barra minn dan, din l-adozzjoni hija rigal mogħti bħala l-ewwel dewqan tal-frott li jimmatura sewwa fil-glorja eterna biss: "imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-iSpirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna" (Rum 8, 23). Sakemm qiegħed jgħix hawnhekk, in-Nisrani qed jistenna l-fidwa sħiħa, ladarba ġismu wkoll jissieħeb fil-glorja ta' wlied Alla; u waqt l-istennija qatt ma jista' jqis ruħu iben sħiħ, perfett, imma dejjem fil-formazzjoni, biex ikun imnissel mill-ġdid u mġedded iżjed fil-fond mill-iSpirtu s-Santu. Waqt li ninfetħu għat-tiswib tiegħu, l-iSpirtu tal-adozzjoni jsawwab fih dak l-istint sopranaturali, frott tad-doni tiegħu, li jagħmlu attent u pront biex jaħseb u jaġixxi ta' iben veru ta' Alla.

● O mħabba infinita, li ġejja mill-Missier u mill-Iben, agħtini l-ispirtu tal-adozzjoni, għallimni naġixxi dejjem bħala iben veru ta' Alla. Għammar fija, u agħmel li jiena ngħammar fik, biex inħobb bħalma tħobb int. Mingħajrek ma jien xejn… ma niswa xejn, imma żommni magħqud miegħek, erġa' imlieni bl-imħabba tiegħek biex nibqa' magħqud permezz tiegħek mal-Missier u mal-Iben.

Agħtini li nħalli lili nnifsi nitmexxa mill-ispirazzjonijiet tiegħek, agħmel li nħallik tmexxini biex inti tkun tista' twarrad ġo fija din il-

grazzja divina tal-adozzjoni sopranaturali li l-Missier ried għalija u li l-Iben immerita għalija. Liema ferħ profond u liema ħelsien ġewwieni dduq ir-ruħ li tingħata għall-azzjoni tiegħek! Int, o Spirtu divin, inti ġġiegħelna nagħmlu l-frott ta' qdusija, li jogħġob lil Alla… bil-mess infinitament delikat tiegħek inti twettaq fina x-xogħol ta' Ġesù, jew aktarx ifforma fina lil Ġesù… biex tirriproduċi fina, bix-xogħol tiegħek il-glorja tal-Missier, il-wirt ta' din it-tibnija divina li għandna fi Kristu Ġesù.

C. Marmion, *Cristo vita dell'anima* I, 6, p. 185.188

● O Spirtu s-Santu, ejja fija u indenja ruħek li tkun l-Imgħallem ġewwieni tiegħi… Issuġġerili kollox, fakkarni f'dak kollu li qal Ġesù, mexxini, ħu t-tmexxija tal-esseri tiegħi, għin id-dgħufija tiegħi, patti għan-nuqqas tiegħi…

Għallimni napprezza kull ispirazzjoni tiegħek! Din hi aktar prezzjuża mid-dinja kollha – ukoll kieku kellha tkun ispirazzjoni ċkejkna ħafna bħal niċċaħħad li ngħid kelma jew meta ngħakkes ħarsa – għax din hija "sejħa" ċkejkna, stedina biex nidħol aktar 'il ġewwa fl-intimità divina jekk nikkopera bil-fedeltà, u nikber fil-grazzja u fl-imħabba. Għinni int biex nirbaħ kull infedeltà ċkejkna, kull nuqqas ta' deċiżjoni żgħira, biex ma nirrifjuta xejn. Imbagħad id-dawl dejjem jikber u l-imħabba ssir abbiss li ma jitkejjilx. Imma jien naf li fil-prattika, ta' sikwit naqa', u nonqos – Alla tiegħi, agħmel li dan ma jkunx bir-rieda tiegħi!" Imma inti tgħallimni li wkoll f'dak il-każ, jeħtieġ li nqum malajr u nqiegħed lili nnifsi taħt l-influss tiegħek b'att ta' mħabba, bla ma nħalli lili nnifsi ninkwieta jew naqta' qalbi, ladarba l-iSpirtu tiegħek huwa ħelu: "O kemm huwa ħelu l-ispirtu tiegħek, Mulej" (Għerf 12, 1).

Swor Karmela tal-iSpirtu s-Santu, p. 199.196-197

## 334. SPIRTU TA’ QAWWA

*Spirtu s-Santu, għinni fin-nuqqas ta’ ħila tiegħi (Rum 8, 26).*

1. Waqt li l-iSpirtu s-Santu jgħallem lin-Nisrani fil-ġewwieni tiegħu dwar id-dmirijiet ta’ iben ta’ Alla, jagħtih ukoll il-qawwa biex iwettaqhom. Eżatt qabel ma tela’ s-sema, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: “Meta jiġi fuqkom l-iSpirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi” (Atti 1, 8). Ma kienx qed jitkellem mill-virtù tal-qawwa li tissawwab fuqna fil-magħmudija flimkien mal-virtujiet infużi l-oħra, imma minn don speċjali tal-iSpirtu s-Santu li jiżboq il-mod ta’ kif jaġixxu l-bnedmin, u jiżboq il-limiti u d-dgħufijiet li jibqgħu wkoll fin-nies virtużi.

Wara Għid il-Ħamsin, mimlijin b’dan id-don, l-appostli dehru mibdulin għalkollox: waqt li meta arrestaw lil Ġesù lkoll ħarbu, u wara l-mewt tiegħu ssakkru fid-dar “imbeżżgħa mil-Lhud” (Ġw 20, 19), imma meta rċevew l-iSpirtu s-Santu resqu quddiem il-poplu u bla ebda biża’ bdew il-predikazzjoni. Ma żammewx lura la minħabba l-forza morali tal-awtorità pubblika li riedet issikkithom, u lanqas minħabba l-qawwa tat-tbatijiet fiżiċi li bihom ġew mhedda u maħqura. Saru xhieda, ħabbara, martri. Il-qawwa tal-iSpirtu s-Santu kienet qiegħda taħdem fihom.

Il-qawwa tal-iSpirtu s-Santu ma naqsitx u għadha wkoll illum timla’ lill-Insara, tbiddel l-irġiel u n-nisa dgħajfa u tagħmilhom xhieda bla biża’ tal-Evanġelju. San Pawl jikteb: “Alla ma taniex spirtu ta’ biża’, imma ta’ qawwa” li tagħti l-ħila lin-Nisrani li jiddefendi “t-teżor sabiħ” tal-fidi. “bl-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu li jgħammar fina” (2 Tim 1, 7.14). F’dinja mdallma minn dilluvju ta’ żbalji u immoralità, fejn ta’ sikwit il-fidi u l-liġi ta’ Alla jiġu mwaqqa’ għaċ-ċajt, in-Nisrani għandu ħtieġa kbira tal-qawwa biex ma jħallix li jiġi mhedded miż-żufjett, mit-theddid, jew mill-persekuzzjoni kiefra. L-iSpirtu s-Santu jgħammar fih – “biex jibqa’ dejjem magħkom” (Ġw 14, 16) qal il-Mulej – u jagħtihom il-qawwa biex jobdu iżjed lil Alla milli lill-bnedmin (Atti 4, 19). Hu jagħtihom il-qawwa biex ma jonqsux mil-liġi ta’ Alla biex il-bnedmin ikunu “ħabbara siewja tal-fidi” li mingħajr inċertezza jgħaqqdu “ħajja ta’ fidi mal-professjoni tal-fidi” (LG 35).

2. San Pawl jitlob ‘l Alla biex l-Insara, “permezz tal-iSpirtu tiegħu, jissaħħu fil-bniedem ta’ ġewwa” (Ef 3, 16). Il-bniedem ġewwieni huwa l-bniedem il-ġdid imnissel bil-magħmudija; u jeħtieġlu jikber, jiżviluppa, u kif it-twelid tiegħu twettaq bil-qawwa tal-iSpirtu s-Santu, hekk il-kobor tiegħu jseħħ bil-qawwa tiegħu. Il-bniedem ġewwieni jeħtieġ ikun “imsaħħaħ”, mogħti l-qawwa, u jsir b’saħħtu bl-iSpirtu biex jasal sal-età perfetta, sabiex isseħħ “il-milja fi Kristu” (Ef 4, 13). Fil-fatt l-azzjoni kollha tal-iSpirtu s-Santu timmira li ssawwar in-Nisrani perfett, l-iben adottiv ta’ Alla, konformi “mas-sura fuq ix-xbuha ta’ Ibnu… ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa” (Rum 8, 29). Hu meħtieġ għalhekk li n-Nisrani jħalli lill-iSpirtu s-Santu jagħmlu tiegħu u jħalli lilu nnifsu jinħadem u jerġa’ jinħadem skont kif jogħġob lilu. L-iSpirtu nnifsu jagħtina l-qawwa biex dejjem ngħidu ‘iva’ għall-ispirazzjonijiet tiegħu., u nintrabtu bla waqfien mal-istedin tiegħu.

Jekk jeħtieġ il-kuraġġ biex inkunu fidili jkun xi jkun il-prezz għal-liġi ta’ Alla u biex inġarrbu bil-kuraġġ it-tiġrib kollha tal-ħajja, ikollna bżonnu aktar li bihom isaffi u jqawwi lil dawk li jqegħdu l-fiduċja tagħhom fih. Huwa Mgħallem ħelu u ġentili, imma wieħed li jfittex id-drittijiet tiegħu wkoll, għax ma jistax imexxina għall-konformità ma’ Kristu bla ma jġegħilna nimxu mit-triq tas-salib, bla ma jitlobna kollox. Huwa hawnhekk li l-bniedem spiritwali jagħraf l-iżjed id-dgħufija tiegħu: hu mill-ewwel jintebaħ xi jrid Alla minnu u xi drabi dan jarah ċar, imma ma jkollux il-qawwa biex iwettqu – għallanqas li jwettqu kollu kemm hu. Dan huwa turment kbir għal wieħed li għandu rieda tajba, imma għadu immatur. Jeħtieġ b’umiltà kbira jitlob l-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu, u fl-istess ħin, ma jaqtax qalbu mit-tentattivi tiegħu. Sforzi mtennija bil-perseveranza huma appell sieket u effettiv għad-don tal-qawwa. Fil-ħin opportun, l-iSpirtu s-Santu jindaħal bil-qawwa tiegħu biex isaħħaħ dak li hu dgħajjef u fraġli.

● Spirtu s-Santu, ejja ġo qalbi; u bil-qawwa tiegħek iġbidha lejk, o Alla veru. Agħtini mħabba bla biża’; ħarisni, o Kristu, minn kull ħsieb ħażin, kebbisni u infjammani bl-imħabba ħelwa tiegħek, biex kull uġigħ jidher ħafif. Missier qaddis tiegħi, u Mulej ħelu tiegħi, għinni issa fl-għemil tiegħi. Kristu, Imħabba! Imħabba! Imħabba!

Trinità eterna, int li int dawl, ħalli lil ruħi tissieħeb fid-dawl tiegħek; int li inti nar, aqsam in-nar tiegħek miegħi, u fin-nar tiegħek,

għaqqad ir-rieda tiegħek ma' tiegħi u tiegħi ma' tiegħek. Inti għerf, agħtini l-għerf biex niddixxerni u nagħraf il-verità tiegħek. Inti l-qawwa, agħtini l-qawwa u agħmel li nkun hekk qawwi li la x-xitan u lanqas il-ħlejjaq ma jkunu jistgħu jeħduli l-qawwa jekk jien ma nkunx irrid dan. U jien qatt ma rridu dan sakemm jiena mlibbsa bir-rieda tiegħek, għax hija biss ir-rieda tiegħi li tista' tiddgħajjef. Int li int infinit, agħmilni infinita permezz tax-xebh li int ħdimt fija permezz tal-grazzja matul il-pellegrinaġġ ta' din il-ħajja, u għall-ħajja ta' dejjem fid-dehra eterna tiegħek innifsek. Hemm, kollox jixbah perfettament lilek b'mod li r-rieda ħielsa hija hekk marbuta biex ma tkunx tista' tinfired minnek.

S. Katerina ta' Siena, *Preghiere ed Elevazioni,* p. 1.80-81

- O Spirtu s-Santu, ruħ ta' ruħi, jiena nadurak. Dawwalni, mexxini, qawwini, farraġni, għallimni dak li għandi nagħmel, agħtini l-ordnijiet tiegħek; inwegħdek li noqgħod għal dak kollu li tixtieq minni u li naċċetta dak kollu li tħalli jiġrili.

D. Mercier

- O Spirtu Qaddis… kisser l-ebbusija interjuri tiegħi, l-inkwiet, in-nuqqas ta' kwiet li ma jħallinix nistrieħ fik!... Dak li inti trid minni huwa rabta ħelwa, ħielsa, sempliċi u paċifika mar-rieda tiegħek: inħalli kollox għaddej, u li nkun passiv f'idejk bħal xema' ratba; li ma nitħawwadx jew nitfixkel bħallikieku dak li jiġri jiddependi minni u mhux minnek.

L. de Grandmaison, *Vita,* p. 393

## 335. SPIRTU TA’ BIŻA’

*Spirtu s-Santu, għallimni nibża’ mill-Mulej, il-bidu u l-qies sħiħ tal-għerf (Sir 1, 11-16).*

1. “Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta’ Ġesse… fuqu jistrieħ l-iSpirtu tal-Mulej, l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa, L-ispirtu tal-għerf u l-biża’ tal-Mulej (Is 11, 1-2). Isaija jippreżenta l-Messija li kellu jiġi bħala Dak li fuqu tissawwab il-milja tal-iSpirtu ta’ Alla bid-doni kollha tiegħu. Meta titkellem fuq din is-silta, it-tradizzjoni Kattolika ssemi seba’ doni tal-iSpirtu s-Santu, u taqsam l-aħħar wieħed fi tnejn – id-don tal-biża’ u d-don tal-pjetà – doni li huma msawba fil-magħmudija fuq kull Nisrani. Imma aktar milli niffissaw l-attenzjoni fuq li nagħżlu d-doni, ikun aħjar li l-ewwel inqisu l-għaqda ta’ bejniethom, ladarba fis-sustanza huma biss don wieħed, li hu fl-istess ħin dawl biex nifhmu, imħabba u qawwa għar-rieda, għerf, spirtu ta’ adozzjoni u biża’ ta’ wlied. Jista’ jkollhom gradazzjonijiet u aspetti infiniti, skont ma jogħġob ‘l Alla. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed kif jogħġbu (1 Kor 12, 11).

L-għaqda f’don wieħed tispjega kif l-ispirtu tal-biża’ jista’ jinstab mal-ispirtu tal-imħabba jew tal-adozzjoni mingħajr ebda kontradizzjoni. Fil-fatt, id-don tal-biża’ ta’ Alla, imnebbaħ mill-iSpirtu s-Santu, mhuwiex il-biża’ tal-kastig – għalkemm dan mhux eskluż – imma fuq kollox huwa biża’ reverenzjali lejn il-maestà infinita ta’ Alla, li jeżisti wkoll fl-umanità l-iżjed qaddisa ta’ Kristu, li hija l-ħin kollu quddiem il-Verb, li miegħu hi marbuta ipostatikament. Aktar ma ħlejqa jkollha sens profond tal-kobor infinit ta’ Alla, aktar timtela’ b’atteġġjament ta’ rispett, umiltà u qima li ma jikkontradixxux l-imħabba, anzi jkunu proporzjonati għaliha. San Ġwann tas-Salib iżid: “Għalhekk meta r-ruħ tasal li jkollha b’mod perfett l-ispirtu tal-biża’, ikollha wkoll b’mod perfett l-ispirtu tal-imħabba għax dak tal-biża’… huwa l-biża’ perfett tal-iben, li jitwieled mill-imħabba perfetta lejn il-Missier” (*Kantiku* 26, 3).

2. Fil-bniedem, li sakemm idum ħaj huwa dejjem suġġett li jidneb, l-iSpirtu s-Santu flimkien mar-reverenza lejn Alla u bħala konsegwenza ta’ dan, isawwab il-biża’ li joffendi l-Mulej, li hu l-Missier l-aktar Maħbub, biża’ li ma jogħġbux jew inikktu. Ġesù ma

eskludiex dan il-biża' qaddis mit-talba kollha fiduċja li hu għallem lid-dixxipli tiegħu, meta daħħalha fit-talba "La ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni" (Mt 6, 13). Ma nistgħux naħsbu li se jkun Alla li jittanta 'l-bniedem biex iwasslu fid-dnub, għax kif jgħid San Ġakbu: "Alla… mhu se jġarrab lil ħadd" (Ġak 1, 13). B'danakollu Alla jippermetti l-provi; il-fidi nfisha, meta tesiġi fedeltà saħansitra wkoll meta li temmen tkun ħaġa iebsa u mdallma, iġġib il-prova. Min-naħa l-oħra hemm it-tentazzjonijiet li jiġu mill-passjonijiet, tad-dinja u tal-Ħażin. Skont San Mattew is-silta oriġinali tal-Missierna proprjament tgħid "Eħlisna mill-Ħażin." L-ispirtu tal-biża' li hu don tal-iSpirtu s-Santu, ineżżà' lin-Nisrani minn kull preżunzjoni u minn kull ħsieb li għandu l-ħila jmexxi waħdu, jumiljah, u jġegħilu jagħraf id-dgħufija tiegħu u għalhekk għandu bżonn jitlob l-għajnuna tal-Missier tas-sema, mhux tant biex ikun meħlus mill-provi u mit-tentazzjonijiet tal-ħajja imma aktarx biex ikun imħares u hekk ma jonqosx mill-fedeltà lejn Alla. Kif jista' jkun li ma nibżgħux ladarba f'dan it-turufnament tad-dinja id-dnub huwa dejjem għassa tagħna u dejjem hemm il-periklu li nitlifu 'l Alla u l-imħabba tiegħu.?

B'danakollu l-biża' tal-ulied, qatt ma jsir twerwir jew niket, għaliex dejjem hu msieħeb minn fiduċja sħiħa fil-Missier tagħna tas-sema. Dan il-biża' ta' wlied jidher "fil-fehma soda u ġenwina u xewqa effettiva li ma tagħmel xejn li tifhem li jkun xi offiża ta' Alla" żgħira kemm hi żgħira "u li ma tħalli xejn jekk ikun għall-qadi tiegħu" (Ġwann tas-Salib, *Lejl Kollu Dlam* II, 16, 14). Għalhekk iwassal għal delikatezza partikulari tal-kuxjenza ispirata mill-imħabba.

Santa Tereża ta' Ġesù tikteb: "Ħalli x-xewqa tiegħek tkun li tara 'l Alla, il-biża' tiegħek li titilfu, in-niket tiegħek li ma tippossediehx, il-ferħ tiegħek f'dak li jista' jwasslek għandu." Il-biża' ta' wlied huwa dejjem marbut max-xewqa u mal-imħabba ta' Alla, għax ġej mill-iSpirtu ta' mħabba li hu l-iSpirtu s-Santu.

● Jagħtikom kemm jagħtikom ħlewwiet u rahan ta' mħabbtu l-Mulej, qatt ma għandkom tkunu hekk żguri minnkom infuskom illi ma tibżgħux li tistgħu terġgħu taqgħu. X'nistgħu nagħmlu aħna ħlief li nduru lejk u nitolbuk bil-ħerqa biex ma tħallix dawn l-għedewwa tagħna jdaħħluna fit-tentazzjoni. Ħa jiġu fuqna dawk li jiġu bil-miftuħ, għax dawn negħlbuhom malajr bl-għajnuna tiegħek. Iżda, dawn it-tradimenti l-oħra min jista' jifhimhom, Alla tiegħi. Jeħtieġ li dejjem

nitolbu xi rimedju għalihom. Għidilna b'xi ħaġa int, Mulej, li biha nkunu nistgħu nagħrfuhom u noqogħdu għassa għalihom… Mela, Mgħallem twajjeb tagħna, urina xi rimedju kif ngħixu bla ma ninħasdu wisq fi gwerra hekk mimlija perikli… Dak li jista' jkollna aħna, uliedi, hu dak li tana l-Maestà Tiegħu, huwa l-imħabba u l-biża' tiegħu. L-imħabba tagħmel li nħaffu l-passi tagħna, u l-biża' jagħmel li noqogħdu għassa fejn inqegħdu riġlejna biex ma naqgħux fit-triq.

S. Tereża ta' Ġesù, *Triq* 39, 4; 40, 1

● Il-biża' tal-Mulej hu glorja u kburija, hu ferħ u kuruna ta' hena. Il-biża' tal-Mulej iferraħ il-qalb, u jnissel ferħ, hena u ħajja twila. Min jibża' mill-Mulej imur tajjeb fl-aħħar jiem, u jkun imbierek f'jum il-mewt tiegħu.

Il-bidu tal-għerf hu l-biża' tal-Mulej, u għal dawk li jemmnu ġie maħluq f'ġuf ommhom. Bħal sies għal dejjem mal-bnedmin għamel il-bejta tiegħu, u lejn ulied il-bniedem jibqa' fidil. Il-milja tal-għerf hu l-biża' tal-Mulej, u jxebba' 'l-bnedmin bil-frott tiegħu. Jimlielhom darhom kollha b'dak li tixtieq qalbhom, u l-imħażen tagħhom bil-frott li jnissel. Kuruna ta' għerf hu l-biża' tal-Mulej, u minnu jikbru sliem u saħħa tajba. Il-Mulej ra l-għerf u qiesu, u bagħat xita ta' tagħlim u għerf, u lil dawk li jżommuh taħt idejhom jgħollihom fil-glorja. L-għerq tal-għerf hu l-biża' tal-Mulej, u l-friegħi tiegħu għomor twil.

Min kellu fiduċja fil-Mulej u l-Mulej ġagħalu jistħi? Jew min żamm fil-biża' tiegħu, u l-Mulej ħallih waħdu? Jew min sejjaħlu, u l-Mulej ma tax kas tiegħu? Għax il-Mulej tiġih ħasra u jħenn, jaħfer id-dnubiet u jsalva fi żmien l-għawġ. Dawk li jibżgħu mill-Mulej ma jkażbrux il-kelma tiegħu, u dawk li jħobbuh iħarsu t-triqat tiegħu. Dawk li jħobbu 'l-Mulej ifittxu li jogħġbuh, u dawk li jħobbuh jixbgħu bil-liġi tiegħu. Dawk li jibżgħu mill-Mulej iħejju ruħhom, u quddiemu jċekknu ruħhom. Nintelqu f'idejn il-Mulej, u mhux f'idejn il-bniedem, għax bħalma hu l-kobor tiegħu, hekk ukoll il-ħniena tiegħu.

Bin Sirak 1, 11-20; 2, 10-11.15-18

## 336. SPIRTU LI JFARRAĠ

*Spirtu s-Santu, agħtini li nixrob minnek u niggosta l-frott tal-ferħ u l-paċi (1 Kor 12, 13; Gal 5, 22).*

1. Barra mill-isem ta' Spirtu ta' verità, Ġesù tah l-isem ta' "Paraklitu" lill-iSpirtu s-Santu, isem Grieg b'tifsir qawwi li jista' jiġi tradott bħala avukat, difensur, prottetur, hennej. Ħafna użaw dan tal-aħħar "Hennej", li hu aċċettat ukoll mil-Liturġija li ssejjaħ lill-iSpirtu s-Santu bit-titlu ta' "Hennej perfett" u titlob lill-Insara jiggustaw "dejjem il-faraġ tiegħu" (*Missal*). Dan jaqbel tajjeb ħafna max-xogħol tal-iSpirtu fid-dixxipli wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù, u għalhekk fil-Knisja kollha. Ġesù qal: "Jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħatulkom" (Ġw 16, 7). L-iSpirtu s-Santu ġie mibgħut biex jissokta b'mod li ma jidhirx ix-xogħol ta' Kristu: hu jħinn u jfarraġ lill-Appostli li sabu ruħhom mingħajr l-imgħallem, isaħħaħ il-fidi tagħhom, jgħinhom u jsaħħaħhom fil-persekuzzjonijiet, u jagħmilhom ħabbara qawwija u fidili saħansitra sal-ogħla xhieda tal-martirju.

Fl-aħħar sena tal-ministeru tiegħu, Ġesù stqarr solenniment: "Min jieħdu l-għatx jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-lSkrittura: 'min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.'" U l-Evanġelista jikkumenta: "Dan qalu għall-iSpirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih." (Ġw 7, 37-38). L-iSpirtu s-Santu huwa l-għajn ta' ilma ħaj tal-grazzja, li biha jerġa' jagħti l-ħajja lill-Insara, jaqta' l-għatx u jimlihom b'ferħ qaddis, bidu tal-hena ta' dejjem. San Pawl tkellem ħafna drabi dwar "il-ferħ" tal-iSpirtu s-Santu li jibqa' jgħammar fin-Nisrani wkoll fost tiġrib kbir (1 Tess 1, 6) flimkien mas-sliem. "Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja u sliem u grazzja fl-iSpirtu s-Santu (Rum 14, 17). In-Nisrani għandu s-sigriet tal-għerf veru u s-sliem tal-iSpirtu s-Santu, sinjal ta' kuxjenza kwieta quddiem Alla u quddiem il-bnedmin; sinjal ta' qalb li tgħammar fl-iSpirtu u maħkuma kollha kemm hi minnu.

2. In-Nisrani jgawdi l-ferħ u s-sliem tal-iSpirtu s-Santu daqskemm ikun tassew miftuħ għall-azzjoni tiegħu, u ma jiqaflux. "Tnikktux lill-iSpirtu s-Santu ta' Alla" (Ef 4, 30)), jirrikkmanda l-Appostlu, anzi kważi jittallab. Ix-xogħol tal-iSpirtu fil-qalb tan-Nisrani

huwa hekk delikat li jeħtieġ ħafna finezza spiritwali biex tintebaħ bih. Il-kelma ġewwenija tiegħu hija tant fina u ħelwa li tista' tingħaraf biss fil-ġabra. Il-ħsejjes, id-distrazzjonijiet, il-kurżitajiet u t-tpaċpiċ bla ħtieġa, - bħalma hi l-aġitazzjoni li tiġi mit-taħwid tal-passjonijiet – imewtu l-ispirtu u ma jħalluhx jilqa' l-leħen u d-dawl tal-iSpirtu s-Santu. Ifixkluna wkoll biex nagħżlu l-ispirazzjonijiet ġenwini mill-movimenti tan-natura, mill-impulsi personali li ta' sikwit ikunu ġejjin mis-suppervja jew minn moħħna.

L-iSpirtu qatt ma jikkontradiċi lilu nnifsu. Hu, waħdieni u l-istess, "jaħdem kollox f'kulħadd" (1 Kor 12, 6); għalhekk l-ispirazzjonijiet tiegħu qatt ma jeħduha kontra l-iSkrittura Mqaddsa, il-leħen awtorevoli tal-Ġerarkija, it-tagħlim tal-Knisja, il-kelma tal-Papa. Kull don jew kariżma tal-iSpirtu s-Santu huma mogħtija "għall-ġid ta' kulħadd" (1 Kor 12, 7), mela biex jgħaqqad u mhux biex jifred "Għax Alla mhux Alla tad-diżordni imma tas-sliem" (1 Kor 14, 33). Għalhekk mhux talli l-individwi m'għandhomx ikunu għajjurin għad-doni tal-oħrajn, imma kulħadd għandu joqgħod għall-kontroll tal-Knisja. It-tilwim bejn l-aħwa jew bejn l-Insara u l-Ġerarkija qatt ma jista' jkun ġej mill-iSpirtu s-Santu. Santa Tereża, għanja fid-doni kariżmatiċi li dejjem qegħdithom għall-kontroll tal-Knisja, tgħid li r-ruħ "tfittex dejjem u f'kollox timxi skont it-tagħlim tal-Knisja… bħal min ilu jżomm sħiħ f'dawn il-veritajiet, hekk li ebda rivelazzjoni li jista' jkollha, lanqas jekk tara s-smewwiet jinfetħu quddiemha, ma tiswa biex jeħduha" (*Ħajja* 25, 12).

Hu biss f'dan li n-Nisrani jista' jafda lilu nnifsu għat-tmexxija interjuri tal-iSpirtu, bla biża' li jiżbalja. U hekk biss, bħall-ewwel dixxipli, ikun mimli "bil-ferħ u bl-iSpirtu s-Santu" (Atti 9, 13), u jkun jiswa lill-komunità u jaħdem magħha biex il-Knisja tkun tista' tibqa' miexja 'l quddiem "bl-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu" (Atti 9, 31).

- O Spirtu s-Santu, inti preżenti fil-ħwejjeġ kollha mhux b'mod materjali, bla forma, bla tibdil; imma ma tieqafx li tibqa' b'mod liema bħalu mal-Missier, u ssawwab lilek innifsek kullimkien u tippossiedi kollox u fil-ħwejjeġ kollha tgħammar bla taħwid u tidħol fil-ħsibijiet tagħna u f'esseri li aħna ma narawx. Inti tfittex f'kollox għalkemm taf il-ħwejjeġ kollha, mingħajr leħen imma tinstema' ma' kullimkien, u tisma' l-erwieħ li minn ġewwa jgħajtu fis-skiet; u tħenn għal kulħadd

u f’kollox bil-ħeffa, tqawwi u tagħti ferħ li ma jitfissirx lill-ħlejjaq kollha, ikunu fejn ikunu.

Inti tħaddan l-univers kollu, u l-ħlejjaq tiegħu huma suġġetti għalik, inti ddawwalhom bid-dawl divin tiegħek u tagħmlilhom il-ġid bl-għemil u t-tjubija tiegħek.

Didimu l-Agħma, *De Trinitate,* II, 4

• Spirtu Paraklitu li tista’ kollox, hennej l-iżjed ħanin tal-imnikktin, idħol fil-ġewwieni ta’ qalbi bil-qawwa setgħana tiegħek: o mistieden ħanin ferraħ bid-dija tad-dawl tiegħek kull rokna mudlama ta’ ruħi, żurha, agħmel li tagħmel frott bin-nida kotrana lil dik li minħabba nixfa twila saret bla saħħa u msejkna. Aqtagħli l-għatx fin-nixxiegħa ta’ mħabbtek, sakemm ma nixtieqx induq il-ħlewwa fiergħa tad-dinja… Għallimni nwettaq ir-rieda tiegħek, għax int Alla tiegħi.

Hieni dak li jistħoqqlu jilqgħek! Minħabba fik il-Missier u l-Iben jgħammru fih. Ejja, mela, Hennej l-aktar ħanin tar-ruħ imnikkta, għajnuna fit-tiġrib. Ejja int li ssaffi mid-dnub u tfejjaq il-ġrieħi. Ejja, fortizza tal-fraġli, għajnuna ta’ min jemmen; Ejja, tama ta’ dawk li jaqgħu, mgħallem tal-umli, inti li ċċekken lill-kburin. Ejja, o missier ħelu tal-iltiema, difensur ħanin tar-romol. Ejja, tama tal-foqra, faraġ tal-imnikktin. Ejja, kewkba tal-baħħara, port ta’ dawk li nnafragaw. Ejja, int li int id-dinjità ta’ kull ruħ ħajja, is-salvazzjoni waħdiena tal-moribondi.

S. Anselmu, *Orationes,* 14

## 337. HENJIN IL-FOQRA

*Mulej, agħmel li ma naħżinx teżori fl-art imma fis-sema (Mt 6, 19-20).*

1. Ġesù beda l-predikazzjoni tas-Saltna billi ħabbar id-dispożizzjonijiet spiritwali meħtieġa biex jinkisbu; l-ewwel waħda għandha x'taqsam mal-faqar: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5, 3).

Il-Mulej, fis-sinagoga ta' Kafarnahum kien ġa qara u applika għalih innifsu l-profezija ta' Isaija: "L-iSpirtu tal-Mulej fuqi biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin" (Lq 4, 18). Fir-Rabta l-Qadima l-foqra mhux dejjem kienu mdawrin bl-istima u s-simpatija, imma aktarx ħadd ma kien jagħti kashom, waqt li l-għana kien magħdud bħala sinjal ta' barka ta' Alla. Imma maż-żmien din il-mentalità materjalista nbidlet sakemm il-foqra bdew jitqiesu bħala mħarsin minn Alla u ħbiebu. Is-salmista jgħanni: "Agħtini widen Mulej, u weġibni, għaliex jiena msejken u fqajjar" (Salm 86, 1).

Il-foqra li lejhom Alla jmil bl-imħabba u li Ġesù sejħilhom henjin, huma dawk li mhux biss jaċċettaw il-kundizzjoni tagħhom bħala li m'għandhom xejn, imma minn dan jagħmlu mezz biex jersqu lejn il-Mulej bl-umiltà u l-fiduċja, waqt li jistennew minnu kull ġid. Marija Santissma hija waħda minnhom, jew aħjar, kif jgħid il-Konċilju: "Hi l-ewwel fost l-umli u l-fqar tal-Mulej, li minnu jittamaw b'fiduċja s-salvazzjoni u jiksbuha" (GS 55). Il-faqar materjali mhuwiex dik l-attitudni ġewwenija li Ġesù ried jara fid-dixxipli tiegħu. Il-foqra li qatt ma jieqfu jgergru dwar dan il-fatt, u jobogħdu l-kundizzjoni tagħhom u forsi jżommu f'qalbhom u jgħiru għal dawk li huma aħjar minnhom, mhumiex foqra fl-ispirtu. Il-Mulej irid il-faqar bl-umiltà u l-hena. Bħalma San Franġisk għażel għalih u għal uliedu, u li Ġwanni XXIII ipprattika b'tant sempliċità saħansitra matul il-pontifikat tiegħu. Il-faqar materjali huwa prezzjuż f'għajnejn Alla sakemm huwa sejħa u mezz lejn id-distakk mill-ħwejjeġ tad-dinja, u sakemm isir għarfien tal-faqar mhux biss materjali imma wkoll spiritwali u għalhekk ibattal il-qalb mill-preżunzjoni, mill-arroganza, mill-kburija. Imbagħad il-faqar isir disponibbiltà għal Alla, jiftaħ qalb il-bniedem għalih, min-naħa l-oħra Alla jiftaħ għall-bniedem is-Saltna tiegħu.

2. Il-foqra li Ġesù jfaħħar mhumiex l-għażżenin, jew dawk li ma jinqalgħu għalxejn, imma dawk li waqt li jaħdmu biex b'mod leċitu jkollhom kundizzjoni aħjar imma mhumiex imxenqa għall-qligħ jew għall-għana sal-punt li jfittxu t-teżor tagħhom f'dawn il-ħwejjeġ, waqt li jinsew li ġid aktar Għoli qiegħed jistennihom. Min-naħa l-oħra, meta Ġesù kważi qaleb ta' taħt fuq il-beatitudnijiet, qal: "Ħażin għalikom, intom l-għonja, għax il-faraġ tagħkom ħadtuh" (Lq 6, 24), ma kienx qiegħed jikkundanna l-ġid materjali, imma l-pussess u l-użu ħażin li joħloq nawfraġju f'qalb il-bniedem b'ansjetà waħdiena tal-ġid tal-art waqt li jagħlaq ix-xewqa għal Alla u għall-imħabba lejn il-foqra. Hekk kienet l-istorja ta' niket tal-għani li kien jagħmel il-pranzijiet u li tant ingħata għall-pjaċiri tal-mejda li ma kellu ebda ħsieb tal-imsejken Lazzru jittallab għal-loqom fil-bieb tiegħu (Lq 16, 19-31).

Ġesù jitlob mid-dixxipli kollha tiegħu – kemm jekk għandhom ħafna u kemm jekk ftit – biex ikunu "foqra fl-ispirtu" b'mod li l-preokkupazzjoni dwar in-nuqqas ta' riżorsi, jew ir-rabta tagħhom mal-għana, qatt ma tkun ta' tfiixkil fit-tiftix tagħhom ta' Alla, u ma tnaqqasx il-ħbiberija tagħhom miegħu, lanqas itaqqlu qalbhom bil-ħsieb tal-faraġ materjali. Din hi r-raġuni għala l-Knisja twissi 'l uliedha kollha li "għandhom iħarsu l-ordni rett, bil-fedeltà lejn Kristu u l-Evanġelju tiegħu, b'mod li ħajjithom kollha, kemm individwali u kemm soċjali, tkun mimlija bl-ispirtu tal-Beatitudni u l-aktar bl-ispirtu tal-faqar" (GS 72).

Imma Ġesù jitlob minn kulħadd faqar aktar Għoli li hu d-distakk mill-ġid morali u saħansitra spiritwali. Min jippretendi l-istima u l-konsiderazzjoni tal-ħlejjaq, min hu marbut mar-rieda tiegħu, mal-ideat proprji tiegħu jew iħobb iżżejjed l-indipendenza, li f'Alla jfittex il-gosti u l-faraġ spiritwali, mhuwiex fqir fl-ispirtu, imma għani u jippossiedi lilu nnifsu. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Jekk trid tkun perfett, bigħ ir-rieda tiegħek u agħtiha lill-fqar fl-ispirtu; ersaq lejn Kristu billi tkun ġwejjed u umli, u imxi warajh sal-Kalvarju u l-qabar" (*Massimi oħra* 7). Dan ma hu xejn aktar minn dak li talab il-Mulej: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja' (Mt 16, 24).

● O Mulej, agħmel li nifhem liema paċi kbira u sigurtà jkollha r-ruħ li ma tixtieq ebda ħaġa ta' din id-dinja. Fil-fatt jekk qalbi

tixxennaq li jkollha l-ġid tal-art, ma tkun la kwieta u lanqas tħossha fiż-żgur, għax jew qiegħda tfittex dak li m'għandhiex, jew li ma titlifx dak li għandha; waqt li fit-tiġrib tixtieq il-prosperità, fil-prosperità tibża' mit-tiġrib, u għalhekk hija mixħuta min-naħa għall-oħra minn dawn il-ħalel li dejjem jiċċaqilqu. Imma jekk jogħġob lilek, o Alla, tagħmel li ruħi tkun marbuta sewwa max-xewqa għall-patrija tas-sema, imbagħad ma tkunx daqshekk imħabbta mill-ħwejjeġ tad-dinja. Agħmel li quddiem xi taħwid minn barra ruħi tistkenn f'din ix-xewqa tas-sema bħal f'post moħbi u l-aktar sigriet u tintrabat miegħu bla ma tiċċaqlaq, togħla 'l fuq minn dak li jitbiddel u il-kalma tal-paċi tagħha; tkun kemm f'din id-dinja kif ukoll barra minnha.

S. Girgor il-Kbir, *Moralia*, XXII, 35

● O Ġesù, l-ewwel sieħeb tiegħek fuq din l-art kien il-faqar dejjiemi, perfett u l-aktar għoli, u għażiltu għax ridt int. Inti ridt tgħixu, tkun fqir fil-ħwejjeġ kollha tad-dinja… Mill-ħwejjeġ tad-dinja ma ridt xejn ħlief faqar estrem bin-nuqqasijiet, bil-ġuħ u bl-għatx tiegħu, bil-kesħa u bis-sħana tiegħu, b'ħafna xogħol iebes u ħajja iebsa. Int ridt tgħix fil-faqar ukoll f'dawk li jiġu minnek u fi ħbiebek, u fl-affezzjonijiet kollha tad-dinja. Fl-aħħar mill-aħħar inti nżajt minnek innifsek; u sirt fqir fil-qawwa, fl-għerf u l-glorja tiegħek, Alla mhux maħluq u magħmul bniedem. Alla inkarnat u jissieħeb fil-passjonijiet tal-bnedmin, int ridt turi lilek innifsek li qed tgħix f'din id-dinja bħala bniedem fqir, bla qawwa, finit u l-aktar baxx, bla glorja, fqir fit-tagħlim tal-bnedmin. O faqar immaqdar! O faqar li jaħarbu minnek in-nies ta' kull klassi! Fejn nistgħu nsibu ħlejqa li tifraħ b'din il-kumpanija sa mill-waqt li int, o Kristu, tagħżel li tirċievi fik innifsek dan il-mezz ta' tagħlim bħal f'ċentru ta' tagħlim.

Beata Anġela ta' Foligno, *Il libro della B. Angela* II, p. 138-140

## 338. HENJIN DAWK LI JBATU

*Jekk inbatu miegħek, o Kristu, ngħixu u nsaltnu miegħek (2 Tim 11, 12).*

1. Ġesù ġie biex iħabbar il-bxara t-tajba lill-foqra. "Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin (Lq 4, 18). Dan hu sinjal ċar tas-salvazzjoni mwiegħda minn Alla lill-poplu tiegħu u mħabbra mill-profeti: Il-Messija jmil fuq il-miżerji kollha tal-bnedmin biex isalvahom, biex jagħti l-għajnuna lil dawk li jbatu, biex ifarraġ lil dawk li jibku. B'danakollu dawk li jbatu bħall-foqra, ma jonqsu qatt fid-dinja. Il-fejqan mirakuluż maħdum mill-Mulej – "L-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu" (Lq 7, 22) - mhumiex ħlief simboli ta' salvazzjoni aktar profonda u essenzjali. Il-ħidma ta' Ġesù ma tieqafx fl-iġsma, imma tibqa' sejra aktar fil-fond: tmiss il-qlub u tfejjaqhom mill-akbar deni, id-dnub. It-tbatijiet fiżiċi u morali – il-mard, il-vistu, l-oppressjoni, id-dwejjaq tal-ħajja – isiru l-għodda li biha l-ħidma tas-salvazzjoni tasal aktar bil-ħeffa għand il-bniedem.

Ġesù qal: "Ħażin għalikom intom li għalissa tidħku, għax għad tnewħu u tibku" (Lq 6, 25). Min jgħix fit-tgawdija u għandu dak kollu li jrid u ma jonqsu xejn, ikun għaddej minn sogru tal-biża'. Billi hu sodisfatt bih innifsu u bil-ħajja tad-dinja, ma jintebaħx bil-periklu tal-qagħda tiegħu, ma jħossx il-ħtieġa li jkun salvat, ma jiftaħx qalbu għat-tama tal-ħwejjeġ tas-sema. Bil-maqlub, min ibati ma jista' jagħmel xejn biex jeħles mit-tiġrib tiegħu, u jaf li Alla biss jista' jgħinu: minnu biss jista' jkun meħlus għaż-żmien u għall-eternità. Dawk li jbatu, bħall-foqra, jaċċettaw minn idejn Alla x-xorti tagħhom, u joqogħdu għaliha bl-umiltà, u għalkemm isofru, ma jieqfux jemmnu fl-imħabba tal-Missier u fil-providenza infinita, u huma msejħin henjin minn Ġesù għax "huma jkunu mfarrġa" (Mt 5, 4). U jekk il-faraġ sħiħ għad ikun biss fil-ħajja ta' dejjem, hawn fid-dinja, fost it-tbatijiet tagħhom, ma jkunux nieqsa mill-faraġ li jħossuhom iżjed qrib ta' Kristu li jġorr magħhom u għalihom is-salib.

2. Meta l-ħażen fiżiku jew morali jitturmenta lill-bniedem u jidher li qiegħed isammru f'qagħda li ma jistax jeħles minnha, ma tkunx ħaġa ħafifa li temmen fl-hena mxandar mill-Mulej. In-niket dejjem

jaħbi misteru ta' ħajja u ta' salvazzjoni. "Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ jaħsdu bl-għana ta' ferħ. Huma u sejrin imorru jibku, iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ. Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, iġorru l-qatet f'idejhom" (Salm 126, 5-6). Bħalma l-ħabba tal-qamħ jeħtieġ titherra fir-radda biex tagħti l-ħajja liż-żbul il-ġodda, hekk ukoll il-bniedem jeħtieġ jgħaddi mit-tbatija biex jagħti l-frott tal-ferħ ta' dejjem. Imma jeħtieġ nistennew u nittamaw il-faraġ proprju minn Alla biss. Jeħtieġ nistennewh, il-Waħdieni li jsalva, li jibdel il-biki fil-ferħ veru. Jeħtieġ ikollna l-kuraġġ li nħaddnu s-salib mhux biss bir-rassenjazzjoni, imma bl-imħabba, b'rieda soda li nimxu wara Ġesù li qed ibati sal-Kalvarju, sal-qabar, għax hu biss mill-mewt li jista' joħroġ il-qawmien, Dan jeħtieġ isir b'qalb imkabbra bl-imħabba li taċċetta li tbati u li tmut ukoll għall-qawmien tal-aħwa. Imbagħad nifhmu għala San Pawl seta' jgħid: "Jien għandi qalbi qawwija minħabba fikom… imfawwar bil-ferħ fost id-dieqa kollha tagħna" (2 Kor 7, 4). Din hija l-hena tat-tbatija li tibda ssir vera hawn isfel għal min jaf ibati ma' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja.

Imma għal dawk li jħobbu 'l Alla hemm motivi oħra ta' biki. Din hi n-nixxiegħa tad-dmugħ ta' Santu Wistin li qatt ma waqaf jisgħobbih: "Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk antik u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek" (*Stqarrijiet* X, 27, 38). Hemm id-dmugħ tal-Maddalena u ta' Pietru li jibki l-iżball tiegħu. Huwa d-dmugħ ta' min, għalkemm ħabb 'l Alla sinċerament, jeħtieġ li kuljum iċanfar fih xi dgħufija, xi infedeltà; dmugħ qaddis ta' ndiema, don tal-iSpirtu s-Santu, li jsaffina mid-dnub u jgħaqqadna ma' Alla. Imbagħad hemm dmugħ għal kull ħażen li jfawwar id-dinja u jaħtaf ħafna vittmi, u jġorr ħafna innoċenti, u jġegħilhom iwarrbu mill-fidi, u jweġġgħu lill-Knisja, u joffendu 'l Alla. Hemm ukoll dmugħ li huwa tisħib fil-biki ta' Kristu nnifsu fuq Ġerusalemm u fl-agunija tiegħu fil-Ġnien tal-Ġetsemani; dawn ikunu mfarrġa, għax dawk li jsofru ma' Kristu jiġu gglorifikati miegħu (Rum 8, 17).

● Alla tiegħi, arani quddiemek, imsejken, ċkejken, imneżża' minn kollox. Jiena ma jien xejn, ma għandi xejn, ma nista' xejn… Inti l-kollox tiegħi, inti l-għana tiegħi.

Alla tiegħi, niżżik ħajr li ridt li nkun xejn quddiemek… Niżżik ħajr tad-diżappunti tiegħi, tal-inġustizzji, tal-umiljazzjonijiet. Nagħraf li kelli bżonnhom. Tkun imbierek Alla tiegħi meta tippruvani. Xejjinni

dejjem aktar. Fil-bini tiegħek tħallinix li nkun il-ġebla maqtugħa u rfinuta b'idejn l-artist, imma agħmel li nkun bħal farka ramel, meħuda mit-trab tat-triq.

Alla tiegħi, niżżik ħajr li ħallejtni nagħti daqqa t'għajn lill-ħlewwa tal-faraġ tiegħek. Niżżik ħajr li ċaħħadtni minnu. Ma jisgħobbija għalxejn ħlief li ma ħabbejtekx biżżejjed, Ma nixtieq xejn ħlief li ssir ir-rieda tiegħek. O Ġesù, idejk hija hekk ġentili, ukoll fl-eqqel tal-prova. Ħalli nkun imsallab, imma msallab għalik.

Ġeneral de Sonis, *Ħajja* (ta' Bessieières), p. 248

● Int, Mulej, farraġtni fin-niket. Ħadd ma jfittex il-faraġ jekk mhux fil-miżerja… Din id-dinja, jaħasra, hija l-post tal-iskandli, tat-tentazzjonijiet u ta' kull ħażen; imma jekk nitnikktu hawn, ikun jistħoqqilna l-faraġ hemm fuq… Din hija s-saltna tal-mejtin. Agħmel li din is-saltna tal-mejtin tgħib, u tiġi fl-art tal-ħajjin. Fis-saltna tal-mejtin hemm it-tbatija, l-uġigħ, is-sofferenzi, it-tentazzjonijiet, il-vistu, u l-ilfiq. Hawn insibu nies li jidhru ferħanin, imma fil-fatt huma mnikktin, għax il-ferħ ta' din l-art huwa falz, waqt li l-miżerja hija vera. Waqt li nagħraf li issa jien qiegħed fil-miżerja vera, imma mbagħad nagħraf il-ferħ veru. Billi issa jien imnikket, jiena nisma' lilek, o Mulej, waqt li tgħid: "Imberkin dawk li jibku!"

Iva, huma tassew hienja dawk li jibku! Xejn ma hemm li jixbah lin-niket daqs l-ilfiq, xejn aktar 'il bogħod minnu, u kuntrarju għan-niket daqs l-hena: imma int titkellem fuq dawk li jibku u ssejħilhom henjin… Imma għaliex huma henjin? Għax qegħdin jittamaw. Mela għaliex qegħdin jibku? Minħabba f'dak li huma issa f'dan il-waqt. O Mulej, agħmel li nolfoq issa matul il-ħajja li tintemm, fit-tiġrib ta' din il-ħajja, f'dan l-eżilju tiegħi. Imma ladarba nagħraf li qiegħed f'daqstant miżerja u qiegħed nokrob taħtha, agħmel li nkun hieni.

S. Wistin*, In Ps* 85, 24

## 339. IS-SEBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

### SENA A

*O Alla, ħares mis-sema, u ara, u żur 'il din id-dielja. Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek (Salm 80, 15-16).*

Il-parabbola tal-għalqa tad-dwieli hija s-suġġett tal-Liturġija tal-lum. Parabbola li hi komuni għar-Rabta l-Qadima u għar-Rabta l-Ġdida, li biha nqdew, kemm il-profeti u kemm Ġesù, biex jitkellmu dwar l-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu u dwar l-ingratitudni ta' dan. Isaija (5, 1-7; 1º qari) jiddeskrivi l-istorja ta' Iżrael bħala l-istorja tal-għalqa tad-dwieli tal-Mulej, li kellu f'art għammiela. "Għażaqha u naddafha miż-żrar u ħawwel fiha dwieli mill-aħjar" (Is 5, 2), mgħammra b'torri biex iħarisha mill-ħallelin u ħaffer fiha magħsar. Kien mistenni ħsad kotran, imma minflok kulma tat kien "għeneb qares" (Is 5, 2). Meta l-bidwi ħa ħsieb l-art, kienet tat ħafna frott, imma l-għalqa tal-Mulej ma reditx tagħmel hekk. Imbagħad Alla dar lejn il-poplu tiegħu: "Agħmlu ħaqq intom bejni u bejn l-għalqa tiegħi. X'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħi u m'għamiltux?" (Is 5, 3-4). Meta kien qed jagħmel ħaqq mill-għalqa li ma għamlitx frott, Iżrael kellu bilfors jagħmel ħaqq minnu nnifsu. Alla kien għażlu bħala l-poplu tiegħu, ħelsu mill-jasar, u ħawlu f'art għammiela, ħarisha mill-għedewwa u b'danakollu Iżrael ma weġibx għal din l-imħabba.

L-Evanġelju (Mt 21, 33-43) jerġa' jaqbad il-metafora ta' Isaija u jiżviluppaha, waqt li semma benefiċċji oħra li Alla kien ta lill-poplu tiegħu. Fi żminijiet differenti bagħtilhom il-qaddejja tiegħu, jiġifieri lill-profeti; imma l-ħaddiema, jiġifieri, il-kapijiet ta' Iżrael li f'idejhom kienet fdata l-għalqa, sawtuhom bil-bsaten, qatluhom u ħaġġruhom. Fl-aħħar bħala l-aqwa prova tal-imħabba tiegħu, Alla bagħtilhom lil Ibnu divin. Dan ukoll qabduh, tkeċċa mill-għalqa, safa maqtul, imsallab "barra" l-ħitan ta' Ġerusalemm. Ir-responsabbiltajiet u l-ingratitudni tal-poplu magħżul kibru ħafna. Ara l-konsegwenzi li ġew wara: Isaija kien tkellem dwar il-qerda tal-għalqa tal-Mulej, simbolu tat-telfien ta' Iżrael u d-deportazzjoni fl-eżilju: Ġesù min-naħa l-oħra ħabbar li "l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra" (Mt 21, 41), imbagħad qal aktar ċar, bla metafori: "Is-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lill-ġens li jagħmel il-frott minnha" (Mt 21, 43). Minħabba l-ingratitudni ta' Iżrael ġnus oħra ħadulu postu, u l-Knisja daħlet flok

is-Sinagoga. Imma l-poplu ġdid ta' Alla hu iżjed fidil mill-qadim? Iż-żewġ parabboli ta' Isaija u ta' Ġesù jgħoddu wkoll għall-poplu l-ġdid. Jekk l-għalqa tad-dwieli tal-Knisja ma tagħtix il-frott li Alla jistenna minnha, hija ssofri l-istess kastig ta' Iżrael. B'danakollu dan ma jgħoddx biss għall-Knisja bħala entità soċjali, imma għal kull membru tagħha. Kull persuna mgħammda jeħtieġ tkun "għalqa tal-Mulej" u jeħtieġ li tagħmel il-frott, fuq kollox billi taċċetta lil Ġesù, timxi warajh, u tgħix imlaqqma fuqu, id-dielja "vera," li barra minnha, hemm biss il-mewt. Fil-fatt fir-Rabta l-Ġdida, "l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej" mhix sempliċiment il-poplu magħżul u Maħbub minn Alla, imma l-poplu magħżul u Maħbub minn Kristu, għax huma kienu mlaqqma fuq dak li qal: "Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi… Jiena d-dielja intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15, 1-5).

Minn dan l-aspett, it-tieni qari (Fil 4, 6-9) nistgħu nimmeditawh bħala stedina biex ta' sikwit nirrikorru lejn Alla, biex nafdaw fih u niżżuh ħajr talli għażilna bħala l-poplu tiegħu, u bħala rahan li nagħmlu ħafna frott: "Ħuti, f'dan għandkom taħsbu; f'kulma hu veru, f'kulma hu xieraq, f'kulma hu ġust, f'kulma hu safi, f'kulma jiġbed l-imħabba, f'kulma jistħoqqlu ġieħ, f'kulma hu virtù, f'kulma ħaqqu tifħir; f'dan kollu aħsbu" (Fil 4, 8).

● Int qlajt dielja mill-Eġittu, warrabt il-ġnus biex tħawwel lilha. Ħejjejt l-art għaliha: hi xenxlet għeruqha u mliet l-art…

Erġa' ejja, Alla tal-eżerċti! Ħares mis-sema, u ara, żur 'il din id-dielja. Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek…

Aħna ma nitbiegħdux minnek; roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek! Reġġagħna għalli konna, Alla tal-eżerċti; itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

Salm 80, 9-10.15-16; 19, 20

● O Alla ta' dejjem, jekk meta l-bniedem kien siġra tal-mewt, int għamiltu mill-ġdid siġra tal-ħajja billi laqqamt lilek innifsek, ħajja, fih għalkemm minħabba ħtijiethom il-bnedmin ma jagħmlu xejn ħlief frott tal-mewt għax mhumiex imlaqqmin fik, ħajja ta' dejjem, għalhekk issa ipprovdi għas-salvazzjoni tad-dinja kollha, li kif nara anqas illum ma qiegħda titlaqqam fik o ħajja ta' dejjem, li aħna ħlejjaq imsejkna u

injoranti ma nafukx; o ruħ tiegħi, għamja u msejkna, fejn hi l-għajta, fejn huwa d-dmugħ li jmissek ixxerred quddiem Alla tiegħek, li qiegħed il-ħin kollu jistiednek? Jiena qatt ma għamilt ħlief il-frott tal-mewt, għax jiena miniex imlaqqam fik.

Kemm tirċievi dawl u dinjità r-ruħ meta tkun imlaqqma fik! O tjubija bla tarf! U minn fejn se ġġib dan il-frott tal-ħajja, o siġra, għax bil-ħila tiegħek inti ħawlija u mejta? Mis-siġra tal-ħajja; għax jekk ma tkunx imlaqqma fiha, int ma tkunx tista' tagħti frott bis-saħħa tiegħek, għax inti m'inti xejn. O verità dejjiema, o mħabba li m'hemmx prezzha, int ġibtilna l-frott tan-nar, tad-dawl u tal-ubbidjenza għamja, għax b'din l-ubbidjenza inti ġrejt bħal f'sakra ta' mħabba lejn il-mewt kiefra tas-salib, u tajtna dan il-frott bis-saħħa tat-tilqima tiegħek bħal Alla fl-umanità tagħna u permezz tat-tilqima ta' ġismek li int għamilt fl-għuda tas-salib. Hekk, o Alla ta' dejjem, ruħ imlaqqma tassew fik ma tfittex xejn ħlief il-glorja tiegħek u s-salvazzjoni tal-erwieħ: u ssir fidila, għaqlija, u tippersevera sal-aħħar.

S. Katerina ta' Siena, *Preghiere ed Elevazioni*, p. 113-115

## SENA B

*Hieni kull min jibża' mill-Mulej, kull min jimxi fit-triqat tiegħu (Salm 128, 1).*

L-ewwel qari, is-salm responsorjali u l-Evanġelju tal-lum jitkellmu fuq il-familja. Mir-Rabta l-Qadima naqraw paġna sabiħa tal-Ġenesi (2, 18-24) li fiha Alla għadda minn quddiem il-bniedem "l-annimali selvaġġi u t-tajr kollu tal-ajru" (Ġen 2, 19) biex jara xi jsemmihom… u jara jekk hemmx xi "għajnuna" tgħodd għalih" (Ġen 2, 18). Hu ta isem lil kull annimal imma ebda wieħed minnhom ma seta' jaqdi l-ħtieġa tal-kumpanija u tal-imħabba. Fost dawk il-ħlejjaq ħajjin, il-bniedem kien waħdu, mifrud minnhom kollha b'dak id-don għoli li jifhem u li għandu rieda ħielsa li jagħmlu "xbieha" ta' Alla. Imbagħad Alla mela l-vojt li kien iħoss il-bniedem: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih" (Ġen 2, 18). Alla ħalaq il-mara, u meta wriha lil Adam, dan infexx f'għajta ta' ferħ għax fiha għaraf is-sieħba bħalu f'kollox: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi" (Ġen 2, 23). Il-mara kienet maħluqa biex tkun l-għajnuna tar-raġel, il-mara tikkompletah, l-istess kif hi tkun kompletata fih. Huma għandhom l-istess natura umana, imma differenzjata f'żewġ sessi, li fil-pjan ta' Alla, għandhom il-funzjoni li jikkompletaw lil xulxin, li kull wieħed jgħin lill-ieħor, u jikkoperaw ma' Alla fit-tkattir tar-razza tal-bnedmin. Minħabba f'dan is-silta tagħlaq: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Ġen 2, 24). Hawn insibu l-għeruq tal-indissolubiltà taż-żwieġ, u l-għan profond u qaddis tiegħu.

Meta l-Fariżej staqsew lil Ġesù dwar id-divorzju (Mk 10, 2-16), li Mosè kien ippermetta f'ċerti każi, Ġesù ma ppermetta ebda eċċezzjoni, imma warrabha b'mod l-aktar assolut, waqt li rrifera għal din is-silta tal-Ġenesi, li hemm fl-ewwel qari. Il-Mulej stqarr li n-normi Mosajċi ngħataw "minħabba l-ebbusija ta' qalbkom" (Mk 10, 5), imma fil-bidu tal-ħolqien ma kienx hekk, ladarba Alla meta ħalaq lir-raġel u lill-mara riedhom magħqudin: "Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" (Mk 10, 9). Imbagħad għalaq is-silta: "Mela dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem" (Mk 10, 9). Meta aktar tard id-dixxipli riedu aktar spjegazzjoni, dan it-tagħlim kien konfermat u msaħħaħ. B'hekk, l-indissolubbiltà taż-żwieġ, li

kienet diġà stabbilita fiż-żerniq ta' ħolqien il-bniedem, ġiet restawrata fil-milja tagħha minn Ġesù. Dan jiżgura l-istabbilità u l-qdusija tal-familja, mhux biss għall-ġid tar-raġel u tal-mara, imma wkoll tat-tfal. L-Evanġelju jagħlaq kif inhu xieraq b'silta dwar it-tfal. Meta d-dixxipli ddejqu bil-mod kif it-tfal kienu l-ħin kollu jiffullaw madwar l-Imgħallem u kieku xtaqu jkeċċuhom, Ġesù qal: "Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla" (Mk 10, 14); u waqt li kien iħaddanhom u jberikhom, żgur li kien jilqa' u jbierek ukoll lill-ommijiet li kienu jressquhomlu. Ix-xogħol tal-ġenituri Nsara huwa proprju dan: li "jeħtieġ li l-ġenituri Nsara wkoll jagħnu 'l uliedhom, li huma rċevew b'imħabba mingħand Alla, bit-tagħlim u bil-virtujiet tal-Evanġelju" (LG 41). Waqt li jtennu l-ġest tan-nisa Lhud, il-ġenituri għandhom iwasslu 'l uliedhom għand Ġesù biex ikunu mberkin minnu u jikbru fl-iskola tiegħu, iżommu fl-innoċenza tagħhom u jasal il-jum meta jidħlu fis-saltna tas-sema mħejjija għalihom. Għalhekk iż-żwieġ jikkopera għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla, l-istess kif tagħmel il-verġinità kkonsagrata, għalkemm b'mod differenti. Dawn huma żewġ sejħat differenti, imma huma meħtieġa ndaqs u jikkumplimentaw lil xulxin. Dak li l-ġenituri jagħmlu fiċ-ċirku tal-familja għat-trobbija nisranija ta' wliedhom, isir mill-persuni kkonsagrati fil-komunità għat-tfal tal-oħrajn, speċjalment dawk li huma mitluqin weħidhom u jeħtieġu tmexxija biex jiltaqgħu ma' Ġesù u jgħixu l-Evanġelju tiegħu.

● O Alla li għamilt kollox mix-xejn bis-setgħa tal-qawwa tiegħek: meta ħlaqt id-dinja, wara li qassamt kollox f'ordni liema bħalu, int ħlaqt il-bniedem xbieha tiegħek, u lir-raġel sawwartlu l-mara biex tkun dejjem ta' għajnuna għalih, biex ma jkunux aktar tnejn, imma ġisem wieħed, u int tgħallimna li mhux sewwa nifirdu dak li int għaqqadt.

O Alla, int ikkonsagrajt l-għaqda taż-żwieġ b'misteru hekk għoli li fir-rabta taż-żwieġ urejtna minn qabel sinjal tal-misteru ta' Kristu u l-Knisja. Bir-rieda tiegħek il-mara tingħaqad mar-raġel, u l-għaqda tal-familja l-ewwel waħda li twaqqfet, tgawdi minn dik il-barka waħdiena li ma ntilfitx bid-dnub oriġinali, u lanqas bil-kastig tad-dilluvju.

Ħares bi ħniena, Mulej, fuq kull għarusa nisranija li fl-għaqda ma' żewġha trid tkun imsaħħa bil-barka tiegħek. Agħmel li għaliha tkun għaqda ta' mħabba u ta' sliem u li tkun tista' timita l-eżempju tal-

għarusa qaddisa mfaħħra fl-iSkrittura Mqaddasa. Afdalha l-qalb ta' żewġha; u hu, iqisha bħala sieħba u werrieta miegħu tal-ħajja tal-grazzja, iġibilha dejjem ir-rispett li jixirqilha u jħobbha kif Kristu ħabb il-Knisja tiegħu.

U issa, Mulej, nitolbuk li jgħixu fidili lejn xulxin u jkunu mera għal kulħadd. Imsaħħin bit-tagħlim tal-Evanġelju, agħmel li jkunu xhieda veri ta' Kristu għal kulħadd u wara li jiksbu għomor twil jaslu fl-aħħar nett fil-ħajja tal-henjin fis-saltna tas-sema.

*Barka tat-Tieġ* Quddiesa A

## SENA Ċ

*Mulej, kattar fina l-fidi (Lq 17, 5).*

Il-Liturġija tal-lum hija kollha fuq il-fidi. Il-Profeta Ħabakkuk (1, 2-3; 2, 2-4) gerger ma' Alla dwar il-kundizzjonijiet imsejkna tal-poplu tiegħu. Minn ġewwa kien hemm il-ħażen għax il-poplu ma kienx fidil ma' Alla, u minn barra kien hemm l-inġustizzja u l-vjolenza, għax il-pajjiż kien suġġett għall-qerda mill-għedewwa. Dawk kienu l-għodda tal-ġustizzja divina fil-kastig tal-Lhud, imma ma kinux inqas midinbin minnhom. Dan hu l-iskandlu tar-rebħ tal-ħażen, li jidher qed jeqred kull ġid u jgħarraq ukoll dak li hu tajjeb. Alla fl-aħħar wieġeb lill-profeta tiegħu b'dehra li Alla ried li tinkiteb b'mod ċar għat-tagħlim ta' dawk kollha li kellhom jiġu wara; fuq kollox, Alla ried b'urġenza l-fedeltà, biex issir il-ġustizzja meta jidhirlu hu. "Jekk hija ddum ma tasal, int stenniha, għax tiġi żgur" U f'dan il-mod "Arah jinfena min mhux ruħu sewwa, iżda l-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu" (Ħab 2, 3-4). Dan it-tagħlim jiswa kemm għal-Lhudi kif ukoll għan-Nisrani u għal kull min f'kull żmien jemmen. Jiswa f'kull ċirkustanza tal-ħajja tal-individwi, għall-ġnus u għall-Knisja. Ukoll meta madwarna kollox jidher maqlub ta' taħt fuq bħallikieku Alla ma jarax jew ma jeżistix, jeħtieġ nibqgħu sħaħ fil-fidi tagħna. Alla jista' jiddawwar bl-għajnuna tiegħu, imma żgur li jiġi għal dawk li jemmnu fih u jiddependu fuqu. "Ma' dawk li jħobbuh… [Alla] f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (Rum 8, 28).

It-tieni qari (2 Tim 1, 6-8; 13, 14) jiżviluppa aspett ieħor tal-fidi: xhieda kuraġġuża ta' Kristu u tal-Evanġelju. San Pawl kiteb lil Timotju: "Tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba fija, priġunier tiegħu, imma aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju u afda fil-qawwa ta' Alla" (2 Tim 1, 8). L-Appostlu li ma kienx jibża', li jiġġieled numru bla għadd ta' battalji u għadda min perikli għall-fidi tiegħu, u li kien iqisha bħala l-glorja tiegħu li jkun fil-ktajjen minħabba Kristu, seta' bir-raġun kollu, iwissi lid-dixxiplu u kollaboratur tiegħu li m'għandux jibża' mid-diffikultajiet, imma li jsofri miegħu għall-Evanġelju. In-Nisrani li mhux lest li jsofri xi ħaġa għall-fidi tiegħu ma jkunx jiflaħ jirreżisti l-attakki tal-għadu. Hija ħaġa umana li wieħed jibża' f'ċerti ċirkustanzi, imma dawn il-beżgħat jintrebħu "bil-qawwa ta' Alla" u "bl-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu" (2 Tim 1, 8.14). Fil-fatt l-iSpirtu ngħata lill-Insara biex jgħin fin-nuqqas

ta' ħila tagħhom (Rum 8, 26) u biex jagħtihom il-ħila li jistqarru l-isem tal-Mulej (1 Kor 12, 3).

Wara dawn ir-riflessjonijiet tiġi weħidha t-talba li naqraw fl-Evanġelju tal-lum: "Kattar fina l-fidi" (Lq 17, 5-10). Biex nemmnu bla ma niddubitaw, biex nibqgħu fidili lejn Alla kemm fil-kuntrarju u kemm fit-taqbida kontra l-fidi, neħtieġu fidi soda, qawwija li bħalha Alla biss jista' jagħtina. Lill-Appostli li darba talbuhielu Ġesù wieġeb: "Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'inqala' u mur tħawwel fil-baħar.' U hi kienet tisma' minnkom." (Lq 17, 6). Lingwaġġ simboliku li juri l-qawwa tal-fidi. Ġesù ma jitlobx wisq, jitlob farka ta' fidi daqs l-iċken żerriegħa tal-mustarda, li mhix akbar minn ras ta' labra; imma jekk inhi fidi ġenwina, ħajja, konvinta, ikollha l-ħila tagħmel ħwejjeġ kbar li anqas biss jgħaddu minn rasna jekk nitkellmu mill-aspett uman. Ġesù ried jeduka lid-dixxipli tiegħu dwar fidi bla ebda dubji jew tnikkir, fidi li tistrieħ fuq il-qawwa ta' Alla, temmen kollox, tittama kollox, tissogra kollox, u tibqa' mhix mirbuħa wkoll fost l-agħar u l-iżjed taħbit mudlam.

● O Alla ta' dejjem li tista' kollox inti tfawwar tjubitek fuq dawk li jitolbuk u tagħtihom aktar milli jistħoqqilhom, aktar milli huma stess jistgħu jixtiequ, xerred fuqna l-ħniena tiegħek, billi taħfrilna kulma jbeżżgħana fil-kuxjenza tagħna u tagħtina dak li ma għandniex ħila nitolbuk.

*Kolletta*

● O Mulej, inti għedt li kollox jista' jkun għal min jemmen. Jekk nifhmu liema virtù hija l-aħjar u l-aktar li togħġbok, naraw li l-fidi tieħu l-ewwel. Fil-fatt huwa bis-saħħa tagħha li aħna niddisponu ruħna biex nidħlu fil-qaddis tal-qaddisin. Mingħajrha anqas int, Mulej tal-glorja, ma wettaqt il-mirakli tal-għaġeb tiegħek għall-ġid tagħna: qabel wettaqthom, ridt li l-fidi tagħna tkun magħquda mat-tjubija tiegħek. Dan għax il-fidi minnha nfisha għandha l-ħila tagħti l-ħajja, malli int Mulej, tmissha mill-qrib. Mill-bqija, kien il-fomm imbierek tiegħek li stqarr dawn il-kelmiet: "Il-fidi tiegħek salvatek."

Fil-fatt, fidi li mhix aktar minn farka tal-mustarda għandha l-qawwa li ċċaqlaq il-muntanji għal nofs il-baħar; hekku, aħna rċevejna

tassew din il-fidi, bħala gwida li tiftaħ il-passaġġ tal-ħajja, bħala l-qima vera ta' Alla. Din il-fidi, permezz tal-għajnejn tar-ruħ, tara bla tnikkir il-ħwejjeġ ġejjiena u dawk li huma moħbija… Hija ssib postha mal-imħabba u t-tama. Għax jekk jien nemmen fik, inkun nista' nħobbok, Mulej, u fl-istess ħin nittama d-doni tiegħek li ma jidhrux.

S. Girgor ta' Narek, *Le livre de priers,* p. 95-96

## 340. HENJIN IL-ĠWEJDIN

*Spirtu s-Santu, għallimni naħrab it-tilwim u nimxi bil-ħlewwa ma' kulħadd (Tit 3, 2).*

1. "Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art" (Mt 5, 5). Dawk ta' qalbhom ħelwa li minnhom jitkellem Ġesù jidentifikaw ruħhom mal-foqra u ma' dawk li jsofru, li hu kien ġa ddikjarahom henjin għax fis-sofferenzi tagħhom ma jirribellawx, ma jirreaġixxux bil-vjolenza, imma jissottomettu ruħhom b'qalb ġwejda u umli. Ġesù, li kien midluk mill-iSpirtu s-Santu biex iwettaq fid-dinja l-missjoni tal-manswetudni, tat-tjubija (Lq 4, 18), u ppreżenta ruħu lill-bnedmin bħala mudell ta' manswetudni (Mt 11, 29), għandu d-dritt kollu li jitlob lid-dixxipli tiegħu li jitgħallmu minnu, li jimxu fuq l-eżempju tiegħu. U biex setgħu jagħmlu dan seħibhom fl-istess dilka tal-iSpirtu s-Santu.

Il-bniedem qatt ma jirnexxilu jitfi l-impulsi kollha u r-reazzjonijiet tal-vjolenza mingħajr l-għajnuna tal-iSpirtu li l-azzjoni tiegħu fil-qlub li jaċċettawh, tnissel il-frott l-iżjed bnin tal-manswetudni (Gal 5, 22). Il-bniedem ġwejjed imsawwar mill-iSpirtu s-Santu f'imitazzjoni ta' Kristu, hu l-bniedem li tgħallem jaħkem ir-reazzjonijiet kollha mhux flokhom tiegħu nnifsu: irritazzjoni, tgergir, rabja, spirtu ta' għira jew ta' vendetta; u hu proprju l-bniedem li warrab it-tentazzjoni li jimponi ruħu fuq l-oħrajn, jew li jagħmel lilu nnifsu rispettat, li jaħkem lill-oħrajn bil-prepotenza. Biċċa xogħol iebsa għan-natura miġruħa bid-dnub, li fiha l-egoiżmu u s-suppervja jippruvaw dejjem jaffermaw ruħhom u jitolbu d-drittijiet tagħhom. Sakemm hemm il-ħajja, ir-rebħa qatt ma tkun sħiħa; b'danakollu n-Nisrani qatt ma għandu jċedi l-armi, imma jeħtieġ li kuljum jaqbad ir-rieda tiegħu u l-isforzi tiegħu li jsejjaħ b'umiltà l-għajnuna tal-iSpirtu s-Santu biex jeqred minn ġo fih il-fdal kollu tal-vjolenza, tal-mibegħda u jħoll kull xorta ta' ebbusija. Ejja, Spirtu s-Santu, ilwi dak li hu riġidu, ħoll dak li hu iebes, ikkalma kull korla, rattab kull ħruxija. Huwa l-Paraklitu divin, Spirtu ta' ħlewwa, li jsawwar minn ġewwa u bil-ħlewwa r-rieda tal-bniedem, iħajjarha għat-tjieba, għall-umiltà, għall-manswetudni. Min għandu l-iSpirtu jaġixxi bil-ħlewwa, jgħid San Pawl (Gal 6, 1).

2. Ġesù wiegħed lill-foqra s-saltna tas-sema, lil dawk li jibku wegħidhom il-faraġ u lill-ġwejdin wegħidhom l-art. Id-differenza tal-premju hija biss apparenti, fil-verità hija biss u dejjem is-saltna tas-sema, ippreżentata lill-foqra bħala ħaġa tagħhom, għal dawk li jibku bħala l-faraġ tagħhom, u għall-ġwejdin bħala l-wirt tagħhom moħbi fl-art imwiegħda. L-art imwiegħda kienet għal ħafna żmien l-oġġett tax-xewqat ħajja ta' Iżrael, imma ftit ftit saret tfisser mhux it-territorju mogħti minn Alla lill-poplu tiegħu, daqskemm il-wirt etern, imħejji għall-ġusti, Ġesù tkellem dwaru f'dan is-sens.

Min fil-ħajja jippreferixxi jibqa' lura milli jimxi 'l quddiem u jirbaħ post bil-vjolenza, għandu post żgur fis-saltna ta' Alla. Min-naħa l-oħra huwa veru wkoll li f'din id-dinja, il-manswetudni tagħti lill-bniedem ħila speċjali ta' ħakma u ta' rebħa kemm fuqu nnifsu u kemm fuq l-oħrajn; l-ewwel nett fuqu nnifsu, billi jikkontrolla l-impulsi kollha tal-korla, u jibqa' kalm ukoll fil-kontradizzjonijiet, u mbagħad fuq l-oħrajn għax il-ħlewwa tiġbed lejha u tirbaħ il-qlub. Il-bniedem manswet li warrab kull għamla ta' vjolenza, daqshekk ieħor jinfetaħ għall-fiduċja permezz tal-manswetudni. Ġesù jrid li d-dixxipli tiegħu jkunu dawk il-mansweti li jmorru biex jirbħu d-dinja mhux bil-mezzi li jweġġgħu u jipprovokaw ir-reazzjonijiet, imma bil-ħlewwa, bil-paċenzja u bil-ġenerożità. "Araw qiegħed nibgħatkom bħall-ħrief qalb l-ilpup" (Lq 10, 3), jgħidilhom waqt li hu, il-Ħaruf innoċenti, jimxi quddiemhom jgħallimhom bl-eżempju li biex jagħmlu l-ġid jeħtiġilhom aktarx iħallsu għalih fil-persuna tagħhom, milli billi jimponu ruħhom bil-forza.

Proprju f'dan is-sens li San Pawl jikteb lil Timotju: "Imma int… bniedem ta' Alla… fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa." (1 Tim 6, 11); u l-Konċilju Vatikan II iħeġġeġ lill-Insara kollha biex ixerrdu mad-dinja "l-ispirtu li jagħti l-ħajja lill-foqra, lill-mansweti u lil dawk li jġibu l-paċi, li l-Mulej fl-Evanġelju jsejjaħ henjin" (LG 38).

● O Alla-Bniedem li batejt il-passjoni, għallimni kif nikkontempla u nimmedita l-eżempju ta' ħajtek u li minnek nieħu l-għamla ta' kull perfezzjoni… Agħmel li niġri warajk f'estasi tar-ruħ, biex nasal, bit-tmexxija tiegħek, ferħana sas-Salib. Int offrejt lilek innifsek bħala eżempju tagħna u titlobna li nħarsu lejk bl-imħabba tal-ispirtu waqt li ngħidu: "Tgħallmu minni għax jien ta' qalb ħelwa u umli u ssibu s-

serħan għal ruħkom"… Int qegħidt l-umiltà tal-qalb u l-manswetudni bħala sies u għerq sod tal-virtujiet kollha… Għalhekk, Mulej, ridt li nitgħallmu dan l-aktar mingħandek… Agħmel li nistabbilixxi ruħi f'sies bħal dan, u fih inqiegħed il-bażi u nistudja biex nikber. Jalla nkun imħawla fl-umiltà, u jkolli taħdita kollha kemm hi anġelika, safja, twajba u paċifika. Irrid nagħmel il-ġid u naqbel ma' kulħadd… O umiltà kemm fik barkiet, u kemm tagħmel hienja u kalmi lil dawk li jkollhom lilek!

B. Anġela ta' Foligno, *Il libro della B. Angela* II, p. 175-176.179-180

● Qaddisa Marija Omm Alla, żomm ġo fija qalb ta' tfajjel, safja, u ċara bħal nixxiegħa; aqlagħli qalb sempliċi li ma toqgħodx taħseb fin-niket tagħha; qalb li tkun l-aktar ġeneruża li tagħti lilha nfisha, miftuħa għall-mogħdrija; li tkun ġeneruża u fidila, li ma tinsa ebda ġid u ma żżomm f'qalbha ebda deni. Sawwar fija qalb ħelwa u umli, li tħobb bla ma tfittex li tkun maħbuba, hienja li tinħeba fi qlub oħra quddiem l-Iben divin tiegħek; qalb kbira li ma tintrebaħx, b'mod li ebda ingratitudni ma jirnexxilha tagħlaqha, u ebda indifferenza ma tgħajjiha; qalb ittorturata bil-glorja ta' Ġesù Kristu, miġruħa bl-imħabba tiegħu, u li l-ġerħa tiegħu ma tagħlaqx anqas fis-sema.

L. De Grandmaison, *Vita (di Lebreton)* p. 42-43

## 341. IMBERKIN DAWK LI GĦANDHOM IL-ĠUĦ

*Iva, Mulej, il-ġusti jfaħħru ismek, u t-tajbin jgħammru quddiemek (Salm 140, 14).*

1. Ħafna drabi Ġesù kien jitħasseb dwar il-ġuħ u l-għatx tal-bnedmin, b'mod hekk konkret li biex jaqtagħulhom kien jagħmel il-mirakli: it-tkattir tal-ħobż, il-bidla tal-ilma f'inbid. Imma l-ġuħ u l-għatx li tkellem dwarhom fil-beatitudnijiet ma kienux dawk tal-ġisem imma dawk tal-ispirtu. "Henjin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja għax huma jkunu mxebbgħin" (Mt 5, 6), jgħid Ġesù, u kellu f'moħħu 'l dawk li kellhom il-ġuħ u l-għatx mhux tal-ikel u x-xorb materjali, imma tal-ġustizzja, jiġifieri tal-perfezzjoni u tal-qdusija.

Alla jiġġustifika 'l-bniedem bil-grazzja tiegħu: dan hu s-sies li mingħajru ma ngħaddux, il-punt tat-tluq għall-perfezzjoni nisranija, li b'danakollu qatt ma tilħaq l-għan tagħha hawn fid-dinja għax in-Nisrani huwa msejjaħ biex ikun perfett "bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 48). Min jagħraf l-ideal u l-esiġenzi tal-perfezzjoni evanġelika qatt ma jħossu sodisfatt bil-ġustizzja tiegħu, bil-virtujiet tiegħu u bl-għemil tajjeb tiegħu. Anzi skont kemm jimxi 'l quddiem u jersaq lejn Alla, jifhem dejjem aktar kemm hu kbir il-bogħod li jifirdu mill-ideal u għalhekk isir dejjem iżjed bil-ġuħ u bl-għatx. L-ewwel ġuħ tiegħu huwa dak tar-rieda ta' Alla, ikel sustanzjuż li jmissu jmantni lin-Nisrani bħalma mantna lil Ġesù: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni" (Ġw 4, 34); 'il barra mir-rieda ta' Alla ma jistax ikun hemm la ħajja nisranija vera u lanqas qdusija. L-ewwel għatx tiegħu hu dak għall-"ilma ħaj" tal-grazzja, li f'min jixrob minnu "jsir għajn ta' ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 4, 14). Hija biss il-grazzja li mill-bniedem tagħmel iben ta' Alla, ħu Kristu, li jkollu l-ħila jixxennaq għall-qdusija tal-Missier tas-sema. Li tikber fil-grazzja jfisser tikber fl-imħabba, u tidħol fl-għaqda iżjed intima "mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu" (1 Ġw 1, 3) u f'din l-għaqda nħaddnu wkoll lill-aħwa. Alla biss jista' jagħti l-ikel tar-rieda divina u l-ilma tal-grazzja, għalhekk dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tagħhom ma jieqfux jittallbu waqt li joħorġu idhom bħat-tallaba lejn min jista' jgħinhom. Alla jaqtgħalhom l-għatx skont il-ġuħ u l-għatx li jkollhom.

2. Is-soltu nħossu li għandna nemmnu li l-beatitudnijiet tal-Evanġelju huma riservati għal ftit ħlejjaq magħżulin, u li huma mogħtijin għalkollox lil Alla. Imma Ġesù xandarhom lil folol u ma għamel ebda għażla kif ma għamilx meta qal: "Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 48). Jekk il-persuni kkonsagrati 'l Alla huma marbutin b'mod speċjali, l-Insara sempliċi ma humiex meħlusin għax kif jafferma l-Konċilju Vatikan II: "Id-dinja ma tistax tkun trasfigurata f'Alla u offerta lilu mingħajr l-ispirtu tal-beatitudni" (LG 31). Mingħajr l-ispirtu ta' faqar awtentiku, mingħajr l-imħabba għas-salib, mingħajr il-manswetudni, mingħajr il-ġuħ u l-għatx għall-ħwejjeġ ta' Alla u li t-tfittxija tas-saltna ta' Alla u tal-ġustizzja tiegħu huma fl-ewwel post (Mt 6, 33). Ta' sikwit jiġri li wkoll fin-Nisrani il-ġuħ u l-għatx tal-ħwejjeġ tad-dinja ikun hekk qawwi li jkollu l-ħila jdawwar il-qalb biex tfittex is-sodifazzjon uman u jagħlaqha għall-ħwejjeġ tas-sema. Jeħtieġ nitolbu u naħdmu biex niksbu l-grazzja tal-faqar veru ta' spirtu li jeħles il-qalb mill-irbit tal-ħwejjeġ tal-art u jħajruh għall-ġuħ u l-għatx waħdieni, dak li kien imfaħħar mill-Mulej.

Imbagħad in-Nisrani jwarrab kull xewqa li jkun mimli bil-ġid tal-art u jsir dejjem iżjed bil-ġuħ u bl-għatx għal Alla, għall-għaqda miegħu, b'dedikazzjoni u mħabba. La hu maħkum kollu kemm hu minn dan il-ġuħ u l-għatx, ma jkunx jista' jagħti mistrieħ lilu nnifsu; jagħmel kemm jagħmel għal Alla, dejjem jidhirlu li hu ftit. U waqt li ma jittollerax fih innifsu l-iċken infedeltà lejn il-grazzja, jingħata bil-qawwa tiegħu kollha li jkebbes fil-qalb tal-oħrajn, il-ġuħ u l-għatx li minnu jkun qiegħed isofri hu nnifsu. San Pawl jgħid: "L-imħabba ta' Kristu trossna" (2 Kor 5, 14 *Saydon*); hu kien mikul bix-xewqa li jxerred lilu nnifsu għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-erwieħ" (2 Kor 12, 15). Alla biss jista' jaqta' dan l-għatx, għall-bidu hawn fuq l-art, u għalkollox fil-ħajja ta' dejjem meta l-preżenza tiegħu tikkalma kull ansjetà

- Agħmel, o Mulej, li nixtieq il-ġustizzja bl-istess xewqa li biha nixtieq l-ikel u x-xorb meta nkun itturmentat bil-ġuħ u bl-għatx, għax imbagħad inkun imxebba'. Biex se nkun imxebba' jekk mhux bil-ġustizzja? Inkun imxebba' f'din il-ħajja, għax il-ġust isir aktar ġust u l-qaddis isir aktar qaddis… imma nixba' perfettament fis-sema fejn ningħata l-ġustizzja ta' dejjem bil-milja ta' mħabbtek. "Inkun imxebba', meta tiġi quddiem għajnejja l-glorja tiegħek."

Imma f'din il-ħajja se jkolli dejjem l-għatx għax qatt ma nieqaf nixtieqek, o l-aqwa ġid tiegħi, u rrid li jkolli lilek dejjem iżjed… Ikolli dejjem l-għatx, imma dejjem inkun nista' naqtgħu għax ikolli fija l-għajn li tfawwar sal-ħajja ta' dejjem… Dejjem ikolli l-għatx tal-ġustizzja, imma jekk inżomm xufftejja mwaħħlin mal-għajn ta' ġo fija, l-għatx tiegħi ma jdejjaqnix, u lanqas ma jaqtagħli qalbi… L-għajn hija akbar mill-għatx tiegħi, l-għana tagħha hu akbar mill-ħtiġijiet tiegħi.

J.B. Bossuet, *Meditazioni sul Vangelo*, I, 5, v. I, p. 24-25

● Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek! U ara, inti kont ġewwa fija, u jiena barra minni nnifsi. Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek. Int kont miegħi, iżda jien ma kontx miegħek. Żammewni 'l bogħod minnek il-ħwejjeġ li ma kienux jeżistu kieku ma jeżistux fik. Inti sejjaħtli, u l-għajta tiegħek fetħitli widnejja torox; id-dawl tiegħek leħħ u idda fuqi, u keċċa l-għama tiegħi; int xerridt il-fwieħa tiegħek li daħlet fi mnifsejja, u issa nixtieqek; doqt tjubitek, u issa jien ġewħan u għatxan għalik; missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek.

S. Wistin, *Stqarrijiet* X, 27, 38

## 342. HENJIN DAWK LI JĦENNU

*Missier, agħmel li bħala ibnek, inkun ħanin bħalma inti int (Lq 6, 35-36).*

1. “Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena” (Mk 5, 7). Ġesù ma kienx kuntent li xandar din il-beatitudni, imma għallimna wkoll it-triq biex niksbuha: nimxu fuq il-mudell tal-ħniena ta’ Alla. “Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom” (Lq 6, 36). Alla, imħabba infinita, meta ried jersaq lejn il-ħlejjaq tiegħu ma setax jagħmel dan jekk ma jitbaxxiex għax-xejn tagħhom, għaċ-ċokon tagħhom b’għemil ta’ ħniena infinita. Bil-ħniena huwa refa’ lill-bniedem mix-xejn u tant tah ġieħ li ħalqu sura u xbieha tiegħu; “b’imħabba ta’ dejjem inħenn għalik” (Is 54, 8) u biex jifdih, huwa mar ‘l hinn minn kull limiti sa wasal biex jissagrifika l-Iben waħdieni tiegħu għalih. Ġesù li ġie fid-dinja biex jinkarna l-ħniena tal-Missier, stqarr: “Ħniena nistenna u mhux sagrifiċċju; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin” (Mt 9, 13).

Il-konsiderazzjoni jew aħjar il-kontemplazzjoni tal-ħniena divina għandha s-setgħa li tħoll l-ebbusija ta’ qalb il-bniedem, tal-ksur tiegħu, tal-guffaġni tiegħu u tagħmlu ħelu f’atteġġjament mimli tjubija lejn l-aħwa saħansitra wkoll dawk li offendewh, ukoll dawk li kienu midjunin miegħu. Jekk il-karatteristika tal-imħabba ta’ Alla għall-bnedmin hija l-ħniena, kif jistgħu l-Insara, ulied Alla, iħobbu lil xulxin mingħajr il-ħniena? Fid-diskors tal-muntanja, wara li xandar il-beatitudnijiet, Ġesù ppreżenta l-preċett tal-imħabba proprju taħt il-profil tal-ħniena: “Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom” (Lq 6, 28). Mingħajr din in-nota ta’ mogħdrija u qalb ġeneruża, l-imħabba ma tistax tibqa’ teżisti fit-tul fost il-ħlejjaq li, minħabba d-dgħufija tagħhom ikunu ta’ sikwit okkażjoni ta’ wġigħ għal xulxin u għalhekk qegħdin fil-ħtieġa tal-maħfra, u jiftakru li aktar ma jħennu daqshekk ieħor “isibu ħniena”.

2. Il-premju l-kbir imwiegħed lil dawk li jħennu huwa li jsibu ħniena li fi kliem ieħor ifisser li jkunu żguri mis-salvazzjoni dejjiema tagħhom. Bi tpattija ta’ ftit ħniena wżata mal-aħwa għal ħtġijiet jew djun, ikunu kemm ikunu kbar, imma huma dejjem limitati u jgħaddu malajr, in-Nisrani jgawdi u jgħanni għal dejjem il-ħniena ta’ Alla.

B'danakollu mhux rari li l-bniedem iħoss ċerta diffikultà biex juża l-ħniena mal-oħrajn; dan jista' jkun ġej għax ftit jintebħu kemm jonqsu huma stess u kemm hi kbira l-ħtieġa li kulħadd għandu tal-ħniena ta' Alla. Quddiem Alla kulħadd, ukoll il-qaddisin, huma dejjem erwieħ midjunin kbar u foqra; ħadd, ħlief il-Madonna, ma jista' jgħid li kien dejjem fidil għall-grazzja u għall-imħabba, ħadd ma jista jgħid li qatt ma offenda 'l Alla, imqar b'mod ħafif… Billi l-qaddisin kienu tassew konvinti minn dan dejjem ħassew il-bżonn kbir tal-ħniena ta' Alla u meta kienu jaħsbu dwar dan dejjem qisuha bħala ħaġa żgħira li jużaw il-ħniena mal-proxxmu, u kienu jaħfru wkoll l-akbar offiżi. L-għarfien tal-miżerja personali tagħna ġġegħilna nifhmu aktar u nagħdru d-dgħufijiet tal-oħrajn. Meta nħossu kemm tassew neħtieġu l-ħniena ta' Alla, insiru wkoll mimlija ħniena mal-aħwa. Imbagħad in-Nisrani ma jsibhiex bi tqila li jaħfer, imma jġarrab l-hena li jkun jaf jaħfer; imbagħad imur ifittex lil dawk li, għax offendewna għandhom dritt akbar għall-ħniena tagħna; u hekk jagħtuna l-opportunità li nimitaw il-ħniena tal-Missier tas-sema. "Ma nistax nemmen li ruħ li tkun waslet hekk qrib tal-Ħniena fiha nfisha, hekk li tagħraf min hi u kemm ħafrilha Alla, tonqos li taħfer mill-ewwel u bil-ħeffa kollha lil min għamlilha xi tort" (*Triq* 36, 12). B'hekk jgħibu l-okkażjonijiet kollha li niġġudikaw jew nikkundannaw lill-proxxmu, u n-Nisrani jsir, bħal Ġesù, dak li jxerred il-ħniena, il-maħfra, il-mogħdrija.

- Mulej, Ġesù niġri għal għandek, minħabba t-tjubija tiegħek, għax naf li inti ma tmaqdarx lill-foqra, u lanqas tobgħod lill-midinbin. Int ma maqdartx lill-ħalliel li stqarr id-dnub tiegħu, lanqas lill-midinba mbikkija, lanqas lil Kangħanija li ġiet tittallab, lanqas lill-mara maqbuda fl-adulterju u lanqas lill-ġabbar tat-taxxi li kien bilqegħda wara l-bank tiegħu; int ma stmerrjetx lill-pubblikan li talab ħniena jew lill-appostlu li ċaħdek, lanqas lil dak li ppersegwita lill-appostli tiegħek, u lanqas lil dawk li sallbuk. Il-fwieħa tal-grazzja tiegħek tiġbidni…

Agħmel, Mulej, li b'din il-fwieħa terġa' tiffriska lil qalbi, li ilha żmien itturmentata bl-intiena ta' dnubieti, sabiex nimtela' b'dawn il-fwejjaħ li huma ħelwin daqskemm jagħtu s-saħħa…

Għallimni kif insawwab il-fwieħa tal-ħniena li ħierġa mill-bżonnijiet tal-fqir, mill-ansjetajiet ta' min hu mgħakkes, min-niket tal-afflitti, mid-dnubiet tal-ħatjin, f'kelma waħda mill-miżerji kollha tal-

imsejknin, saħansitrra wkoll ta' dawk li huma għedewwa tiegħi. Dawn il-ħwejjeġ jidhru bla siwi [għan-natura], imma l-fwieħa li ħierġa minnhom tiswa aktar mill-oħrajn kollha. Hija balzmu li jfejjaq: "Henjin dawk li jħennu għax isibu ħniena"… Hienja dik ir-ruħ li tistinka biex tarma lilha nfisha b'dawn il-fwejjaħ, waqt li ssawwab fihom iż-żejt tal-ħniena, u tkebbishom bin-nar tal-imħabba.

Mulej, agħtini qalb mimlija mogħdrija għall-imsejknin, waħda disposta li tagħder, u ħafifa biex tgħin, waħda li tqis li hu aħjar li tagħti milli tirċievi. Agħmel li nagħder u jkolli l-ħila nirreżisti lill-korla, li qatt ma nżomm f'qalbi u li f'kollox nikkunsidra l-ħtiġijiet tal-oħrajn bħallikieku kienu tiegħi. Agħmel li qalbi tkun mimlija bin-nida tal-ħniena tiegħek, u li qalbi tkun tfawwar bil-mogħdrija, sabiex inkun kollox għal kulħadd… u hemm immut għalija nnifsi biex ma naġixxix aktar għal xi ħaġa imma għall-ġid tal-oħrajn.

San Bernard*, In Cantica Cant*. 22 . 8; 11, 8; 12, 1

## 343. HENJIN DAWK LI HUMA SAFJA F'QALBHOM

*Mulej, ħa jiddi f'qalbi d-dawl tal-għarfien tal-glorja ta' Alla, li jiddi f'wiċċek (2 Kor 4, 6).*

1. "Henjin ta' qalbhom safja għax huma jaraw 'l Alla" (Mk 5, 8). Il-bniedem li jħobb 'l Alla huwa mkebbes bil-ġustizzja, bil-perfezzjoni, bil-qdusija, imma wkoll jixtieq li jikkontempla lil Alla, li jiffissa f'għajnejh il-ħarsa tiegħu. "Jien wiċċek infittex, la taħbix wiċċek minni" (Salm 27, 8-9). Imma Alla jaħrab minn għajnejn il-bnedmin li jmutu. Mosè li xtaq b'ħeġġa kbira li jara l-glorja tiegħu, sema' t-tweġiba: "Int ma tistax tara l' wiċċi, għax ebda bniedem ħaj ma jarani u jibqa' ħaj" (Eż 33, 20). Sakemm il-bniedem ikun għadu pellegrin f'din id-dinja, ma jistax ħlief jixxennaq għal Alla. San Pawl jgħid: "Sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej: aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni" (2 Kor 5, 6-7). Id-dehra ta' Alla hi merfugħa għall-eternità u tkun il-premju ta' dawk li fid-dinja ma waqfu qatt ifittxuh b'qalb safja, retta u sinċiera. Alla, li hu safa bla tebgħa, ma jistax jidher ħlief lill-qlub safja, minn għajnejn safja, dawk biss li għandhom il-ħila li jirriflettu s-safa ta' Alla.

Ġesù fl-Evanġelju tkellem dwar is-safa tal-qalb u tal-għajn bħala werrej tas-safa ġewwenija u ta' barra tal-bniedem kollu. "Dak li joħroġ mill-fomm joħroġ mill-qalb, u dan hu li jtebba' lill-bniedem. Għax mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żina, serq, xhieda qarrieqa, dagħa" (Mt 15, 18-19). Huwa biss meta l-qalb tkun imsoffija minn kull dell ta' passjoni, ta' xewqat ħżiena, egoiżmu diżordinat, li l-għemil kollu tal-bniedem isir raġġi ta' safa u l-ħajja tiegħu ssir trasparenti, bla tebgħa. Imbagħad l-għajn ukoll tkun safja. "Il-musbieħ tal-ġisem hija l-għajn. Jekk mela għajnek hija safja, ġismek kollu jkun imdawwal. Iżda jekk għajnek hi marida, ġismek kollu jkun mudlam" (Mt 6, 22-23). Is-safa tal-qalb huwa d-dawl tal-ħajja, id-dawl li jiftaħ l-għajnejn tal-bniedem fuq il-ħwejjeġ divini u jħejji bil-mod il-mod għad-dehra ta' Alla u tal-misteri tiegħu. L-għajn safja hija l-lampa li turi lin-Nisrani t-triq li twassal id-dehra eterna, u fl-istess ħin, tippermettilu, minn hawn fid-dinja, li jkollu lemħa tad-dija tagħha.

2. Id-dehra ta' Alla "wiċċ imb wiċċ" hija l-premju li s-safja f'qalbhom jirċievu fl-eternità, imma għal dawn hija riservata minn issa wkoll f'din il-ħajja. Jekk lil Mosè kien miċħud li jara wiċċ Alla, imma ngħatalu li jara l-kobor u t-tjubija infinita tiegħu: "Jiena ngħaddi tjubiti kollha minn quddiemek, u ngħajjat l-isem tiegħi" (Eż 33, 19). Privileġġ bħal dan ingħata lil Elija meta fuq il-muntanja Ħoreb, f'żiffa ħelwa, int urejtu l-preżenza ta' Alla u sema' l-leħen tiegħu (1 Slat 19, 12-18). Meta San Pawl kien qed jitkellem fuqu nnifsu, irrakkonta dwar bniedem li "kien meħud fil-ġenna u sema' jingħadu ħwejjeġ li ma jitfissrux bil-kliem" (2 Kor 12, 4). Il-ħajja tal-qaddisin tixhed li wkoll mingħajr ma jiksbu komunikazzjonijiet għoljin, Alla jogħġbu jirrivela lilu nnifsu segretament li dawk li jfittxuh fis-safa tal-qalb. Dan hu d-don tal-kontemplazzjoni li Alla jagħti "meta jrid u lil min irid" (*Kastell* IV, 1, 2), u li ma jiċħadx għalkollox (għallinqas f'xi forma sempliċi), lil dawk li huma tassew bil-ġuħ u bl-għatx għalih. Id-dispożizzjoni fundamentali hija dejjem dik ta' safa ġewwieni. "O - jlissen Ġwanni tas-Salib – kieku l-bnedmin kienu jafu minn kemm dawl divin li huma neqsin minnu minħabba dan l-għama li jiġi mill-ġibdiet u x-xewqat tagħhom, u li kieku kienu jafu f'liema ħsara u ħażen iġegħluhom jaqgħu jum wara ieħor dawn l-appetiti sakemm jibqgħu ma jitgħakksux fihom!" (*Telgħa* I, 8, 6). Waħda mill-akbar ħsarat hi bla dubju dik li ma tħalliniex nirċievu l-grazzji kontemplattivi.

Alla ħalaq il-bniedem għalih: tah il-ħila li jħobbu, li jagħrfu, li jikkontemplah fil-fidi f'din il-ħajja, biex imbagħad igawdih għal dejjem fid-dehra beatifika; imma l-bniedem mela qalbu u għajnejh bil-ġid tal-art u ngħalaq għall-komunikazzjonijiet intimi ta' Alla u għat-tixrid tad-dawl tiegħu. Ġesù qal: "Min iħobb lili… jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi" (Ġw 14, 21). Jekk huma ftit dawk li Alla jurihom lilu nnifsu, dan għax daqshekk ieħor huma ftit dawk li, waqt li jħobbu 'l Alla fuq kull ħaġa, ifittxuh b'qalb għalkollox safja.

● Agħmel li nitgħallem nixtieqek, Mulej; li nitgħallem inħejji ruħi biex inkun nista' narak. Henjin ta' qalbhom safja għax huma jarawk… Jarawk mhux għax huma fqar fl-ispirtu, lanqas għax huma mansweti jew għax jibku jew għax għandhom il-ġuħ jew l-għatx għall-ġustizzja, jew għax iħennu, imma għax huma safja f'qalbhom… L-umiltà hija tajba biex niksbu s-saltna tas-sema, il-ħlewwa hija tajba biex ikollna l-art, il-biki huwa tajjeb biex inkunu mfarrġa, il-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja huma tajbin biex inkunu mxebbgħin, il-ħniena

hija tajba biex naqilgħu ħniena, imma huwa s-safa tal-qalb li jgħinna biex narawk, o Mulej (*Ser* 53, 7, 9).

Jien nixtieq narak: hija ħaġa tajba u kbira li jien qiegħed nixtieq… Għinni biex insaffi lil qalbi… għax dak li rrid nara huwa safi, u l-mezzi li bihom irrid nara huma impuri… Saffini, Mulej bil-grazzja tiegħek, saffi lil qalbi bl-għajnuna u l-faraġ tiegħek. Għinni nipproduċi, permezz tiegħek u magħqud miegħek, kotra ta' frott u għemil tajjeb, ta' ħniena, ta' mogħdrija u ta' ġenerożità (*Ser* 261, 4, 9).

Santu Wistin

- Min jista' jispjega l-ġmiel ta' qalb safja? O, kemm hi sabiħa u ssaħħar din in-nixxiegħa li ma titħassarx: il-qalb safja! Tgħaxxqek, o Alla, inti jogħġbok li titgħaxxaq bik innifsek bħal f'mera perfetta; hemm int tistampa x-xbieha tiegħek fil-ġmiel kollu tiegħek… is-safa tiegħek, o Alla, jingħaqad ma' tagħna li int innifsek sawwabt fina; u l-ħars imsoffi tagħna jarak tiddi fina nfusna f'dawl etern.

Hienja hi l-qalb safja: għax għad tarak, Mulej… Tarak, tara kull ġmiel, kull tjubija, kull perfezzjoni; tara l-ġid, in-nixxiegħa ta' kull ġid, il-ġid kollu… Tarak u tħobbok; imma jekk tħobb se tkun Maħbuba; tgħanni t-tifħir tiegħek u għad tarak u tħobbok għal dejjem. Għad tkun imxebba' bl-abbundanza ta' darek, u tkun ferħana bin-nixxiegħa tal-għaxqiet tiegħek… Hieni dak li għandu qalbu safja… Agħmel, o Mulej, li ma nieqaf qatt nissaffa iżjed.

J.B. Bossuet, *Meditazioni sul Vangelo* 1, 7, v. 1, p. 26-27

## 344. HENJIN DAWK LI JĠIBU L-PAĊI

*O Mulej is-sliem tiegħek li jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, iħarisli 'l qalbi u 'l ħsibijieti (Fil 4, 7).*

1. "Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu wlied Alla" (Mt 5, 9). Is-saltna ta' Alla hija mwiegħda lil dawk li jħennu bħala ħniena, lis-safjin f'qalbhom bħala viżjoni, lil dawk li jġibu l-paċi li jissejħu wlied Alla. Il-bniedem li jġib il-paċi ħaqqu b'mod speċjali li jkun magħruf bħala iben ta' dak li hu "Alla tal-imħabba u s-sliem" (2 Kor 13, 11).

L-istorja tas-salvazzjoni hija l-istorja tal-paċi bejn Alla u l-bniedem, paċi offruta mill-Missier lill-umanità permezz ta' Ibnu divin. Kristu ġie fid-dinja "biex imexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem" (Lq 1, 79), hekk rah minn qabel Żakkarija u hekk ħabbru l-anġli meta kantaw fi twelidu: "Sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu" (Lq 2, 14). Meta Ġesù bagħat lid-dixxipli biex jippriedkaw, riedhom ikunu ħabbara tal-paċi: "Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu: Is-sliem lil din id-dar!" (Lq 10, 5); lejlet il-mewt tiegħu ħallielhom rahan ta' mħabba u paċi: "Jien nagħtikom is-sliem: nagħtikom is-sliem tiegħi" (Ġw 14, 27) u meta rxoxta sellmilhom bil-kliem: "Il-paċi magħkom!" (Ġw 20, 21).

In-Nisrani hu tassew l-iben ta' Alla fil-qies li sakemm idum fid-dinja jwassal il-missjoni ta' paċi tal-Iben Waħdieni tiegħu; Ġesù l-imbierek għamel lilu nnifsu 'l-paċi tagħna' (Ef 2, 14). Imma biex inkunu dawk li jwasslu l-paċi, jeħtieġ qabel xejn li l-paċi tkun fina stess. Paċi sħiħa ma' Alla waqt li ngħixu b'imħabba ta' wlied il-kmandamenti tiegħu, nippaċifikaw il-qalb u x-xewqat personali fir-rabta kollha mħabba mar-rieda divina, b'mod li ma jkunx hemm aktar nuqqas ta' qbil bejn ir-rieda tal-bniedem u dik ta' Alla. Paċi sħiħa mal-aħwa waqt li nwettqu l-kmandament ta' Kristu "Fittxu… li tgħixu fis-sliem bejnietkom" (Mk 9, 50). "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 15, 12). Dik il-paċi li Kristu jagħti lill-Insara fil-magħmudija, u jibqa' jagħti permezz tas-sagramenti l-oħra, speċjalment fil-qrar, jeħtieġ titħares biex tibqa' bla mittiefsa, mhux biss għas-salvazzjoni tagħhom, imma għax billi jgħadduha lill-oħrajn, issir salvazzjoni tal-bnedmin kollha u ġġib il-paċi fid-dinja kollha.

2. “Il-paċi tal-art, li toħroġ mill-imħabba tal-proxxmu, hija xbieha u effett tal-paċi ta’ Kristu li ġejja minn Alla l-Missier. Għax l-istess Iben ta’ Alla magħmul bniedem, il-prinċep tal-paċi, bis-salib tiegħu għamel il-bnedmin kollha ħbieb ma’ Alla, filwaqt li ta mill-ġdid l-għaqda ta’ kulħadd f’poplu Wieħed u f’ġisem wieħed, f’ġismu qatel il-mibegħda u, bil-glorja tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, xerred l-ispirtu tal-imħabba fil-qlub tal-bnedmin” (GS 78). Il-Konċilju Vatikan II ifakkarna li ma nistgħux inkunu “dawk li jġibu l-paċi” b’mod ġenwin mingħajr sagrifiċċju personali. Bħalma Kristu ġie maqtul biex iħabbeb il-bnedmin mal-Missier, biex jeqred il-mibegħda, biex jagħti lill-Insara l-ispirtu tal-imħabba, hekk ukoll in-Nisrani li għandu jkun il-bennej tal-paċi jeħtieġlu jagħmel dan b’sagrifiċċju personali. Id-dixxiplu ta’ Kristu m’għandux jistenna li jkunu l-oħrajn li jagħmlu l-paċi u wisq inqas ma jista’ jesiġi li l-paċi ssir bi spejjeż tal-oħrajn, imma għandu jieħu l-inzjattiva li jwitti t-triq għall-aħwa: waqt li jiċċaħħad minħabba fihom mill-interessi u d-drittijiet personali tiegħu meta dawn ifixklu, idejqu jew jirfsu dawk tal-oħrajn. Min jingħalaq fih innifsu meta jsib ruħu quddiem grupp jew komunità jew soċjetà li qiegħda titlewwem fiha nfisha, u jikkuntenta bit-tama li xi ħadd jirnexxilu fl-aħħar iġib il-paċi hemmhekk – bniedem bħal dan mhux iġib il-paċi, imma jkun egoist. Bniedem ġenwin li jġib il-paċi ma jistax joqgħod igawdi l-paċi meta madwaru hemm il-gwerra. Jidħol fil-battalja, mhux biex iwissi lill-miġġildin jew biex jippriedka l-paċi, daqskemm biex b’mod prattiku jagħmel dak kollu li jista biex iġib il-paċi, u ma jinġibidx lura meta dan jitlob sagrifiċċju personali. Fil-fatt, in-Nisrani ġenwin, bil-paċi ta’ Alla f’qalbu u fuq wiċċu, ikun hu nnifsu l-aġent tal-paċi: l-imġiba u l-kliem tiegħu għandhom qawwa speċjali biex jikkalma l-ispirti, jikkwieta t-tilwim, u jwaqqfu. Illum wisq iżjed minn qabel, f’kull soċjetà, id-dinja teħtieġ dawk l-ulied ta’ Alla li jġibu l-paċi, dawk li jiżirgħu l-paċi bla waqfien. Ukoll minn issa, dawn huma mberkin, u jkunu wisq aktar imberkin meta l-Missier tas-sema jagħraf fihom ix-xbieha ta’ Ibnu l-waħdieni u jsejħilhom uliedu u jilqagħhom f’saltnatu.

● O Alla, agħtina li nkunu mimlijin bil-mogħdrija lejn xulxin, waqt li nimitaw il-mogħdrija u l-ħlewwa tiegħek o Ħallieq tagħna… Agħmel li ningħaqdu ma’ dawk li jgħożżu l-paċi u mhux ma dawk li l-intenzjonijiet paċifiċi tagħhom huma biss maskra… Ħallina niffissaw il-ħarsa tagħna fik, o Missier, o Ħallieq tad-dinja kollha, u nżommu

sod mad-doni kbar u kotrana u l-barkiet tal-paċi. Ħallina narawk fl-ispirtu u nikkontemplaw bl-għajnejn tar-ruħ id-dispożizzjoni tiegħek ta' paċenzja; ħalli nqisu kemm m'intix maħkum minn xi passjoni fir-relazzjonijiet tiegħek mal-ħolqien kollu. O Ħallieq setgħan u Mgħallem tal-univers, int ordnajt li l-ħlejjaq kollha jaġixxu fil-paċi u s-sliem.

Int sawwabt il-barkiet tiegħek fuq l-univers kollu, imma l-aktar fuqna li nistkennu taħt il-ħniniet tiegħek permezz tal-Mulej Ġesù Kristu; lilu glorja u maestà għal dejjem ta' dejjem.

S. Klement ta' Ruma, *L-I Ittra lill-Korintin*, 14-15.19-20

● O Mulej, kemm hu sewwa li tħobb il-paċi! Li tħobbha hu l-istess bħal meta tippossediha. U min ma jixtieqx jara jikber dak li jħobb? Jekk nixtieq biss ftit nies li jkunu paċi miegħi, il-paċi li jkolli se tkun żgħira. Biex tikber jeħtieġ li n-numru ta' dawk li jipposseduha jikber ukoll… Jekk inqassam il-ħobż, akbar ma jkun in-numru ta' dawk li jieħdu, iċken ikun is-sehem ta' kull wieħed. Imma dwar il-paċi, ikun bħal dak il-ħobż f'idejn id-dixxipli tiegħek li tkattar aktar ma tqassam minnu. Għalhekk agħtini l-paċi, Mulej, u biex niġbed l-oħrajn għaliha, l-ewwel agħmel li jkolli l-paċi jien. Ħalli n-nar jitkebbes fija, biex inkebbsu fl-oħrajn… Bħala Wieħed li jħobb il-paċi, ħalli l-ewwel ninħataf kollni kemm jien mill-ġmiel tagħha u nitkebbes bix-xewqa li l-oħrajn jinġibdu lejha wkoll. Ħallihom jaraw dak li qed nara jien, agħmel li jħobbu dak li nħobb jien, ħalli jkollhom dak li għandi jien. O paċi maħbuba, l-aktar għażiża għalija, inti tgħidli: Ħobbni u malajr tippossedini. Ipperswadi kemm tista' lill-oħrajn biex iħobbuni: Irrid inkun kast u twajjeb. Ipperswadi kemm tista' lill-oħrajn: ħalli jfittxuni, jipposseduni u jifirħu fija.

Santu Wistin, *Sermo* 357, 2-3

## 345. HENJIN DAWK LI HUMA PPERSEGWITATI

*Agħmel Mulej, li nkun naf nifraħ meta jkolli sehem fi tbatijietek sakemm nithenna bil-ferħ fil-glorja tiegħek (1 Pt 4, 13).*

1. "Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet" (Mt 5, 10). Ġesù ħabbar kemm-il darba li d-dixxipli tiegħu kellhom jissieħbu fix-xorti tiegħu: "Jekk id-dinja tobogħdkom, kunu afu li lili bagħditni qabel ma bagħdet lilkom. – Il-qaddej mhux akbar minn sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll; mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima 'l Alla" (Ġw 15, 18-20; 16, 2). Kristu ma qarraqx bid-dixxipli tiegħu, ma wegħedhomx suċċessi u rebħiet, imma wrihom biċ-ċar it-triq li hu nnifsu għadda minnha: kontradizzjonijiet, mibegħda, persekuzzjonijiet, u l-mewt fuq is-salib. Min irid jimxi wara Kristu u jixtieq jagħmel hekk bis-serjetà, m'għandux jistenna ħwejjeġ oħra. B'danakollu ma riedx ifisser li għandhom ikunu pessimisti u m'għandhomx jaqtgħu qalbhom jew jgħixu fi swied il-qalb, għax waqt li Ġesù ħabbar lid-dixxipli l-persekuzzjoni, sejħilhom henjin. "Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom" (Mt 5, 11). Anzi din biss hija l-beatitudni li sikwit tissemma u tiġi żviluppata f'aktar versi kważi biex tipperswadi lid-dixxipli dwar dak li fl-għajn tal-bniedem jidher bla sens: li tkun hieni waqt li tbati.

Naturalment li tkun hieni ma jikkonsistix fil-persekuzzjoni, li hi dejjem tbatija vera fiżika u morali, imma fil-fatt li din it-tbatija hija rahan ta' hena etern. Ġesù qal: "Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet" (Mt 5, 12).

Il-Mulej ma jitlobx min-Nisrani li jsejjaħ ferħ dak li hu niket, ma jitlobx li jsir indifferenti għall-persekuzzjoni sal-punt li ma jbatix, imma jitolbu li jemmen il-kliem infallibbli tiegħu, li meta jbati għall-kawża ta' Alla, żgur li dan se jinbidel f'hena tal-ħajja ta' dejjem. Hija l-abbundanza ta' din il-fidi li tippermetti lill-qaddisin li jifirħu fil-persekuzzjoni, li jbatu għal Kristu, bħalma għamlu l-Appostli li minnhom ħarġu "ferħana li kienu ġew meqjusa denji li jkunu mmaqdra minħabba l-isem ta' Ġesù (Atti 5, 41).

2. Il-perskuzzjonijiet "għall-ġustizzja" huma dawk stess li jsiru, kif jgħid Ġesù "minħabba fija". Il-kawża tal-ġustizzja jew tas-salvazzjoni u tal-qdusija tal-bnedmin, hija l-istess kawża ta' Kristu, il-kawża tal-inkarnazzjoni, tal-passjoni u l-mewt tiegħu, il-kawża sostnuta bit-tagħlim u l-eżempju tiegħu. Il-persekuzzjonijiet li jissemmew fil-beatitudni huma għalhekk dawk li d-dinja tħejji għal dawk li jħaddnu sal-aħħar il-kawża ta' Kristu u tal-Evanġelju tiegħu waqt li jiżirgħu kullimkien mingħajr interessi, il-manswetudni, il-ħniena, is-safa, l-imħabba u l-paċi. Jekk imġiba bħal din tħajjar lill-oħrajn għat-tajjeb, bilfors li tqajjem ir-reazzjoni għall-ħażen, għall-mibegħda, għall-għira; u waqt li t-tajjeb jitwettaq fis-skiet, il-ħażen jirreaġixxi bi vjolenza tal-biża' tant li xi drabi l-persekuzzjoni tidher qiegħda tirbaħ. Hekk ġara f'Ġesù, li f'ħajtu għamel il-ġid biss u f'daqqa waħda ħajtu dehret mgħarrqa u mirbuħa mill-qawwiet tal-ħażen. Imma dan hu proprju s-sinjal tad-dixxipli veri ta' Kristu: li jissieħbu fix-xorti tal-Imgħallem tagħhom; u dan hu l-motiv profond tal-hena tagħhom li jsibu fil-persekuzzjoni garanzija li ma tilfux it-triq.

Ġesù qal: "Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid, għax l-istess għamlu missrijietkom lill-profeti foloz!" (Lq 6, 26). It-tifħir, l-approvazzjoni tad-dinja, is-suċċessi bla ma jaqtgħu qatt ma kienux sinjal tal-mixja vera wara Kristu, imma aktarx il-wirt tal-profeti foloz. Il-profeta ġenwin, xi darba jew oħra jiltaqa' dejjem mal-kontradizzjonijiet: u dan hu providenzjali. Dan jipproteġih kontra t-tħajjir għas-suppervja, u jagħmlu konxju min-nuqqasijiet tiegħu, iħarsu mill-illużjoni li għandu l-ħila li jsalva u jittrasforma d-dinja, u dan iżommu fil-kumpanija ta' dawk l-imsejkna li għalkemm jitħabtu kemm jifilħu għas-salvazzjoni tagħhom u tal-oħrajn, imma jistennewha mis-Salvatur waħdieni. Min-naħa l-oħra dawk li jħallu li jinqabdu fin-nassa tal-approvazzjoni tad-dinja jissugraw b'mod tal-biża' li jħassru u jdgħajfu l-Evanġelju biex ma jitilfux il-popolarità, u b'hekk jissieħbu mal-profeti foloz.

● O Ġesù, ma kienx biżżejjed għalik li… l-għejjun kollha tan-niket, tagħmilhom għejjun ta' ferħ tas-sema; ferħ dejjiemi; u għamilthom saħansitra f'din il-ħajja hena, ħlewwa u għaxqa, billi ħaddanthom inti nnifsek. Int ħaddant il-faqar, il-ġuħ, id-dmugħ, il-persekuzzjoni, kollha kemm huma f'qies li qatt ma nstema' bħalu; tant hu hekk, li warajk, kull min jibki, huwa fqir, bil-ġuħ, ippersegwitat, ikun jixbhek, jimitak. U x'hemm aktar ħelu li tkun tixbah lil min tħobb?

Tassew, xi ħtieġa hemm li l-qalb tkun aktar taħkem milli tixbah lill-Maħbub? Imbagħad kull għamla ta' faqar, ġuħ, dmugħ u persekuzzjoni jsiru ħaġa ħelwa, xi ħaġa prezzjuża u ta' min jgħożżha għal min iħobbok, għax dawn huma ħafna elementi ta' xebh miegħek, ħafna punti ta' għaqda miegħek, o Ġesù… Kemm inti twajjeb, o Tabib divin, li biddilt it-tbatijiet tagħna fil-ferħ u f'għejjun ta' hena dejjiemi, sakemm tibqa' wieqfa din id-dinja.

Beatu Ch. de Foucauld, *Meditazioni sul Vangelo*, Op. sp., p. 3

● O Mulej l-aktar għoli, arani lest għal kull tbatija, għax naf li s-slaleb tiegħek ġejjin minn imġiba l-aktar tenera u li huwa hieni biss min hu msallab bħalek… ħalli ma jgergrux aktar il-bnedmin bierda meta jgħidu li inti tittratta ħażin lill-ħbieb tiegħek, imma ħalli jiftħu għajnejhom flimkien miegħi biex jagħrfu t-tjubija infinita tiegħek li biha inti tmexxi fit-triq tat-tbatijiet lill-għeżież ħbieb tiegħek; ħalli jintebħu mqar darba kemm hu ta' min jagħdirhom dawk li ma jkunux imsallba minnek matul din il-ħajja fuq l-art.

O Ġesù tiegħi l-aktar ħanin, ma nissugrax nitolbok la slaleb u lanqas tbatijiet… imma mgħejjun mill-ispirazzjoni qawwija tiegħek; b'xewqa ħajja minn qiegħ qalbi nintelaq f'idejk… Jekk jidhirlek li jkun sewwa, o Mulej l-aktar għoli, agħmel li ninħaqar ħafna mill-bnedmin kollha… bl-għajnuna tiegħek nissaporti kull tbatija b'tifħir tal-isem qaddis tiegħek, sakemm inbati bla ħtija; jekk xi darba nkun ħati, lest li nbati t-turmenti tiegħi għall-glorja u t-tifħir tal-ġustizzja tiegħek, li l-unur tagħha għalija jkun dejjem egħżeż mill-ġustizzja tiegħi… U meta nkun fil-qilla tat-tbatijiet, jiena ngħajjatlek bħalma għamel il-ħalliel it-tajjeb: "Mulej, qiegħed inbati dawn it-turmenti skont ma ħaqqni, imma int ma għamilt xejn ħażin: Mulej, ftakar fija meta tkun fis-saltna tiegħek."

Beatu Enriku Susone, *Dialogo d'amore* 17. 26.
*Vita ed op.*, p. 159.192-193

## 346. IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Mulej, inti tħejji mejda għalija (Salm 23, 5).*

Il-Liturġija ta' dan il-Ħadd tippreżenta s-salvazzjoni taħt ix-xbieha ta' festa mħejjija minn Alla għall-bnedmin kollha: "U jagħmel il-Mulej tal-eżerċti għall-popli kollha fuq din il-muntanja, mejda b'ikel fin, mejda b'imbejjed ħelwa, b'laħam imsemmen bil-mudullun, u nbejjed fini. Hu jċarrat minn fuq din il-muntanja l-velu li kien jgħatti wiċċ il-popli kollha… jeqred il-mewt għal dejjem, jixxotta Sidi l-Mulej id-dmugħ minn fuq kull wiċċ" (Is 25, 6-10a; 1º qari). Il-pranzu huwa mill-aqwa u juri l-kobor ta' dak li ħejjih, u huwa simbolu tad-don tas-salvazzjoni ta' Alla, li baqa' moħbi għal ħafna sekli mill-popli, li kellhom isiru jafu bih mal-miġja tal-Messija. In-nuqqas tal-mewt u n-niket iwassal loġikament għall-ħsieb tal-ġejjieni 'l hinn mill-ħajja tad-dinja; hija kwistjoni tal-ħajja ta' dejjem li hija wkoll imħabbra fil-ktieb tal-Apokalissi bl-istess mod: "Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt" (Apk 21, 4).

Fl-Evanġelju tal-lum (Mt 22, 1-14) il-pranzu tas-salvazzjoni jieħu aspett ġdid, dak ta' tieġ. Alla jsejjaħ lill-bnedmin kollha biex jissieħbu fit-tieġ tal-Iben bin-natura umana, li twettqet fl-inkarnazzjoni tiegħu u ġiet ikkunsmata bil-mewt tiegħu fuq is-salib. Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa tat-tieġ ta' ibnu. U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma riedux jiġu (Mt 22, 2-3). Is-sultan hu Alla, il-pranzu huwa s-salvazzjoni li ġab l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, il-qaddejja huma l-profeti u l-appostli, il-mistednin li ma riedux jiġu jew ħaqru u qatlu lill-qaddejja huma l-Lhud u dawk kollha li bħalhom jiċħdu lil Ġesù. Is-sitwazzjoni tixbah lil dik tal-parabbola tal-bdiewa ħżiena (il-Ħadd ta' qabel); u b'danakollu hemm differenza kbira ta' min jinnotaha. Lill-bdiewa ġie mitlub dak li kellhom jagħtu, jiġifieri l-frott tal-għalqa tad-dwieli li kienet afdata lilhom, waqt li hawn xejn ma hu mitlub, imma kollox ġie bi ħniena u bl-akbar ġenerożità. Dik kienet iċ-ċaħda tal-imħabba ta' Alla. Din kienet l-imġiba tal-bniedem konvint li m'għandux bżonn is-salvazzjoni jew tal-bniedem mgħargħar fil-ħwejjeġ tal-art li kienu jqisu bħala żmien mitluf dak li taħseb f'Alla jew fil-ħajja ta' dejjem. Dawn jibqgħu sejrin fir-rovina, u oħrajn jiġu

mistiedna minn flokhom. “Il-festa mħejjija (Mt 22, 8); l-Iben ta’ Alla sar bniedem u offra lilu nnifsu f’sagrifiċċju għall-bnedmin kollha. Alla għalhekk jibqa’ jġedded l-istedina tiegħu: “Morru f’salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu” (Mt 22, 9). Is-sala mimlija bin-nies għall-mejda (Mt 22, 10), tixbah lill-Knisja miftuħa għall-bnedmin kollha, imma dejjem bħall-għalqa li fiha s-sikrana li tikber qalb il-qamħ. Li nkunu msejħin, li nkunu dħalna għall-mejda ma jfissirx li nkunu wasalna għas-salvazzjoni definittiva. U ara wieħed raġel li ma kienx liebes il-libsa tat-tieġ, ġie mkeċċi ‘l barra fid-dlam (Mt 22, 13), mhux għax ma kellux ilbies xieraq minn barra, imma għax ma kellux id-dispożizzjoni ġewwenija meħtieġa għas-salvazzjoni.

Dan hu dak li fiżikament huwa tal-Knisja, imma mhux jgħix fl-imħabba jew fil-grazzja; il-fidi tiegħu mhix imsieħba bl-għemil it-tajjeb; għandu d-dehra ta’ dixxiplu ta’ Kristu, imma fil-fond ta’ qalbu la hu ta’ Kristu u lanqas hu għal Kristu. Il-fatt li hu fil-Knisja mhux qed iġiblu s-salvazzjoni, imma aktarx kundanna: “Għax ħafna huma l-imsejħin, imma ftit il-magħżulin” (Mt 22, 14). Il-parabbola ma tridx tgħid li l-magħżulin huma ftit, imma li n-numru tagħhom huwa inqas minn dak tal-imsejħin minħabba l-mod xejn serju li bih wieġbu għas-sejħa divina.

● Fiċ-ċokon tagħna, Mulej, nitolbu l-kobor tiegħek biex, bħalma int tgħajjixna bil-Ġisem u d-Demm imqaddes ta’ Ibnek, hekk ukoll tagħtina sehem min-natura tiegħu ta’ Alla.

Talba wara t-Tqarbin

● Għinni, Mulej, biex inwarrab min-nofs l-iskużi vojta u ħżiena, u agħmel li nersaq lejn iċ-ċena li tmantni lil ruħi. Tħallix li nibqa’ lura minħabba s-suppervja tiegħi: tħallix is-suppervja tagħmilni mkabbar, u lanqas li twaqqafni u ż-żommni ‘l bogħod minnek il-kurżità ħażina; tħallix il-pjaċiri tal-ġisem ifixkluni milli ngawdi l-għaxqiet spiritwali.

Ħalli nersaq qrib u nkun għani! Min ġie għall-pranzu tiegħek jekk mhux il-foqra, id-dgħajfa, iz-zopop u l-għomja? Ma kinux l-għonja u dawk f’saħħithom li ġew, jew dawk li ħasbu li kellhom il-ħila jimxu u jaraw ħwejjeġ biċ-ċar weħidhom: dawn huma prużuntużi u għalhekk miżerabbli daqskemm huma suppervi.

Nersaq lejk bħala tallab, għax int li minn għani sirt fqir għalija, tistedinni biex il-faqar tiegħek jagħni l-faqar tiegħi. Nersaq lejk bħala dgħajjef, għax mhux dawk li huma b'saħħithom jeħtieġu t-tabib imma l-morda. Nersaq lejk bħala zopp u ngħidlek: "Mexxi l-passi tiegħi fit-toroq tiegħek." Nersaq lejk bħala għama u ngħidlek: "Dawwal lill-għajnejja, biex qatt ma norqod ir-raqda tal-mewt."

Santu Wistin, *Sermo* 112, 8

## SENA B

*Mulej, għallimna ngħoddu jiem ħajjitna,*
*sabiex nimxu bilgħaqal (Salm 90, 12).*

Is-siltiet tal-iSkrittura tal-lum iduru madwar is-siwi tal-għerf f'kuntrast mal-għana u hu wisq iżjed ta' min jippreferi l-għerf milli l-għana. L-ewwel qari (Għerf 7, 7-11) iwassal it-tifħir tal-għerf imqiegħed fuq fomm Salamun li jitolbu lil Alla fuq kull ġid ieħor. "Jiena tlabt u qlajt l-għaqal; sejjaħt, u ġie fuqi l-ispirtu tal-għerf. Dan l-għerf qistu aqwa minn kull xettru u tron, u ntbaħt li l-għana mhu xejn ħdejh. Ma xebbaħtx miegħu l-ħaġra l-aktar prezzjuża, għax id-deheb kollu ħdejh mhux ħlief ftit ramel" (Għerf 7, 7-9). L-għana hu siwi sempliċi tal-art u għalhekk jintemm; imma l-għerf għandu "d-dija tiegħu ma tgħib qatt" (Għerf 7, 10) li tibqa' għal dejjem. Naturalment m'aħniex nitkellmu mill-għerf li ġej minn Alla, rahan tal-għerf divin tiegħu infinit.

L-għerf divin jiġi mgħoddi lill-bnedmin permezz tal-kelma ta' Alla li hija mezz l-aktar żgur li bih titwassal u li jippreżenta l-kwalitajiet tagħha t-tieni qari tal-lum (Lhud 4, 12-13). "Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu… U tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb" (Lhud 4, 12). Min irid li jitmexxa mill-għerf divin jeħtieġ li jimmedita l-kelma ta' Alla, jeħtieġ li jħalliha tfittex f'qalbu biex iddawlu u s-saffih, biex tiġġudikah u tqanqlu, biex twarrab minnu dak kollu li ma jaqbilx magħha. Ma jistax ikun li tibqa' indifferenti quddiem il-kelma ta' Alla; hi ġġiegħel lill-bniedem jistqarr li hu favur jew kontra tagħha u għalhekk juri lilu nnifsu x'hemm fl-intimu tiegħu.

L-Evanġelju (Mk 10, 17-30) jimxi pass ieħor 'il quddiem u jippreżenta l-inkarnazzjoni tal-għerf qabel kollox f'Ġesù, Għerf tal-Missier, u għalhekk fit-tagħlim tiegħu. Żagħżugħ li seta' jistqarr li dejjem ħares il-kmandamenti, u għalhekk li għex b'mod għaref skont il-kelma ta' Alla "sa minn żgħożitu" (Mk 10, 20), deher quddiem l-Imgħallem bix-xewqa li jagħmel xi ħaġa aktar. "Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: "mur biegħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema, imbagħad ejja u imxi warajja" (Mk 10, 21). Ġesù offrielu l-aqwa għerf: li jiċċaħħad mill-ġid kollu tal-art biex jimxi warajh biss, l-Għerf infinit, Ma kienx obbligu imma stedina konkreta biex "jistma' l-għana bħala xejn" meta mqabbel mal-ġid

etern u l-mixja wara Kristu. Il-kelma tal-Mulej nifdet fil-qalb taż-żagħżugħ, qegħditu fi kriżi, imma jaħasra ma wasalx juri li hu favur tagħha, "qarras wiċċu, u telaq b'qalbu sewda, għaliex kellu bosta ġid" (Mk 10, 21). Ġesù wkoll deher imnikket u qal: "Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla" (Mk 10, 23).

Hawnhekk, bħal f'siltiet oħra tal-Evanġelju, l-għana jidher li hu tfixkil għas-salvazzjoni li kważi ma jistax jintrebaħ. Mhux għax hu ħażin fih innifsu, imma għax il-bniedem hu wisq marbut miegħu li saħansitra jasal jippreferih minn Alla. "Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-saltna ta' Alla" (Mk 10, 25). Id-dixxipli stagħġbu. Il-kliem tal-Imgħallem deher iebes wisq. Imma hu ma reġax lura minnu; b'danakollu ried jimlihom bil-fiduċja. Jekk għal kull bniedem, u mhux biss għall-għonja, huwa tqil li jsalva lilu nnifsu, "għal Alla kollox jista' jkun" (Mk 10, 27). Alla ma jiċħadx grazzja bħal din lil min jitlobha b'fiduċja kollha umiltà u jitlob l-għajnuna divina biex jirbaħ it-tfixkil li ma jħallihx jimxi 'l quddiem. Id-dixxipli kienu xortihom tajba li għalkemm kellhom ftit, ma qagħdux jaħsbuha li jħallu kollox: djar, xbieki, jew għelieqi, omm u missier, aħwa subien u bniet, minħabba Kristu u l-Evanġelju.

● Jiena tlabt u qlajt l-għaqal: sejjaħt, u ġie fuqi l-ispirtu tal-għerf. Dan l-għerf qistu aktar minn kull xettru u tron, u ntbaħt li l-għana mhu xejn ħdejh. Ma xebbahtx miegħu l-ħaġra l-aktar prezzjuża. Għax id-deheb kollu ħdejh mhux ħlief ftit ramel, u l-fidda quddiemu qisha ftit tajn. Aktar mis-saħħa u mis-sbuħija ħabbejtu, u għoġobni aktar mid-dawl; għax id-dija tiegħu ma tgħib qatt. Mal-għerf ġieni l-ġid kollu, u miegħu ġiebli għana bla qies.

Flimkien magħha inti tajtni l-ġid kollu, o Mulej fl-idejn tiegħek hemm rikkezza bla qies. Għax hu għall-bniedem teżor bla qies; dawk li jiksbuh isiru ħbieb ta' Alla, jogħġbuh bid-doni li jieħdu mit-tagħlim tiegħu.

Għerf 7, 7-11.14

● O, ħuti, kemm mhuwa xejn dak li nħallu warajna, kemm mhuwa xejn dak li nagħmlu għal dan Alla li jrid jikkomunika lilu nnifsu b'dan il-mod ma' biċċa dudu! U jekk tassew għandna t-tama li nithennew b'dan il-ġid waqt li għadna f'din il-ħajja, x'qegħdin

nagħmlu u għaliex għadna qegħdin nistennew? X'jista' jkun biżżejjed biex iżommna għal waqt wieħed milli nfittxu lil dan il-Mulej, bħalma għamlet l-għarusa fit-triqat u l-pjazez? O kemm huwa taċ-ċajt dak kollu li hawn fid-dinja jekk ma jgħinniex u ma jwassalniex għal dan il-ġid, ukoll kieku l-għaxqiet tad-dinja u kull għana u gost li nistgħu naħsbu fihom kellhom jibqgħu għal dejjem! Imqabbel ma' dawn it-teżori li rridu nithennew bihom għal dejjem fis-sema, kollox huwa żibel u ħmieġ! U dawn l-istess teżori tas-sema mhuma xejn, jekk inqabbluhom mal-hena li jkollna bħala tagħna l-Mulej innifsu tat-teżori kollha tas-sema.

O, x'agħma tal-bniedem! Kemm se ndumu nistennew, kemm se ndumu biex jitneħħa dan it-tajn minn għajnejna? Jekk hawn bejnietna dan it-tajn ma jidherx li qiegħed jagħmina għalkollox, jiena qiegħda nara xi ftit tat-trab fin u ġebel irqiq ħafna li, jekk inħalluh jiżdied, ikun biżżejjed biex jagħmlilna ħsara kbira. Mela, għall-imħabba ta' Alla, ħuti, ejjew nieħdu l-ġid minn dawn in-nuqqasijiet tagħna billi nagħrfu d-dgħufija tagħna, u b'hekk naraw aktar ċar, kif ġara mit-tajn li Ġesù dilek bih għajnejn ir-raġel għama. Meta naraw li aħna hekk neqsin minn kull perfezzjoni, ħa nitolbuh minn qiegħ qalbna dejjem aktar u aktar biex joħroġ il-ġid mill-miżerji tagħna ħalli nkunu nogħġbu lill-Maestà Tiegħù.

S. Tereża ta' Ġesù, *Kastell Ġewwieni* VI, 4, 10-11

## SENA Ċ

*Mulej, int għarraft is-salvazzjoni tiegħek; l-art kollha minn tarf għall-ieħor rat is-salvazzjoni tiegħek (Salm 98, 2-3).*

Il-grazzja, il-gratitudni, id-don tal-fidi u l-ħajja tal-fidi huma s-suġġetti li huma minsuġa fil-Liturġija tal-lum. L-ewwel qari (2 Slat 5, 14-17) ifakkar il-fatt ta' Nagħman tas-Sirja mfejjaq mill-ġdiem permezz tal-profeta Eliżew. Alla nqeda b'dan il-miraklu biex jirrivela lilu nnifsu lil dak il-bniedem pagan u jsejjaħlu għall-fidi: miftuħ għall-grazzja, hu wieġeb b'konverżjoni ġewwenija u b'leħen għoli stqarr li Alla ta' Iżrael hu Alla l-waħdieni u veru: "Ara, issa naf, iva, li ma hemmx Alla ieħor fid-dinja kollha, ħlief f'Iżrael" (2 Slat 5, 15). Imbagħad b'sinjal tal-gratitudni tiegħu ried joffri rigal lill-profeta li kien l-għodda tal-fejqan tiegħu. Imma dak, li assolutamrent ma kellu ebda interess fir-rigal, ma aċċettax. Eliżew, bniedem tassew ta' Alla – bħal kull profeta veru – ma riedx japprofitta ruħu mill-gratitudni ta' dawk li jemmnu, biex ikollu l-għana jew jagħmel isem.

Fl-ewwel diskors tiegħu fis-sinagoga ta' Nazaret Ġesù kkwota l-fatt tal-fejqan ta' Nagħman tas-Sirja (Lq 4, 27) – il-waħdieni li tfejjaq minn Eliżew, bi preferenza ta' ħafna mġiddma ta' Iżrael – biex juri li s-salvazzjoni mhix privileġġ merfugħ għal-Lhud, imma huwa don offrut lill-bnedmin kollha. Ġrajja bħal din seħħet meta, waqt l-aħħar vjaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm, Ġesù fejjaq għaxar imġiddmin li minnhom wieħed biss – wieħed barrani - tenna l-ġest ta' gratitudni ta' Nagħman u flimkien mal-fejqan fiżiku rċieva d-don tas-salvazzjoni (Lq 17, 11-19; Evanġelju). Il-grupp tal-għaxar imġiddmin imsejkna sabu 'l Ġesù "Waqfu 'l bogħod minnu. Għollew leħinhom u qalulu: 'Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!'" (Lq 17, 12-13). Kienet għajta ta' fiduċja f'dak Ġesù li kienu semgħu ħafna bil-mirakli tiegħu u bil-mogħdrija tiegħu għat-tbatijiet tal-bnedmin; għajta li nstemgħet. B'danakollu l-Mulej għamlilhom kundizzjoni: "Morru uru rwieħkom lill-qassisin" (Lq 17, 14). Dak li l-liġi ta' Mosè kienet titlob mill-imġiddem li jkun imfejjaq bħala prova tal-fejqan tiegħu (Lq 14, 2), Ġesù talbu mingħand l-għaxra saħansitra qabel ma fiequ, u b'hekk wera s-siwi tal-ubbidjenza għal-liġi. U waqt li kienu sejrin biex iwettqu dak il-kmand, fiequ. "Wieħed minnhom kif ra ruħu mfejjaq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-Art f'riġlejn Ġesù, raddlu ħajr. U dan kien Samaritan" (Lq 17, 15-16). Id-disgħa l-oħra ma

ħassewx il-ħtieġa li jerġgħu lura u jiżżu ħajr: forsi għax billi kienu mill-poplu magħżul ħassew li d-doni ta' Alla kienu jmissu lilhom. Min-naħa l-oħra, is-Samaritan, barrani, ma ssugrax jitlob xi drittijiet, u billi qies lilu nnifsu ma jistħoqqlux il-favur ta' Alla, aċċetta l-fejqan tiegħu b'qalb umli u grata. Din l-attitudni ta' umiltà u gratitudni ħejjietu għal doni akbar tas-salvazzjoni: u qallu: "Qum, mur, il-fidi tiegħek salvatek" (Lq 17, 19).

Għal ħafna drabi l-iSkrittura tiddikjara li d-don tal-fidi mhux marbut ma' xi poplu wieħed jew ma' kundizzjoni fil-ħajja. "Il-kelma ta' Alla mhix marbuta" (2 Tim 2, 8-13): xejn ma jista' jżommha milli tqabbad l-għeruq saħansitra f'dawk l-iżjed imbiegħda mid-dinja tal-Insara, u tqajjem il-fidi fihom. Imma San Pawl jitkellem ukoll fuq dmir ieħor tal-ħajja tal-fidi: li jqis it-tbatija u l-aktar dik li ġejja mill-fedeltà lejn Kristu, mhux bħala għadu, imma bħala glorja, bħala mezz żgur biex jidħlu fit-triq tas-salvazzjoni. "Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll; jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll" (2 Tim 2, 11-12).

● Għannu lill-Mulej għanja ġdida, għax għamel ħwejjeġ tal-għaġeb. Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu, u d-driegħ imqaddes tiegħu. Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu: f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu. Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu mal-poplu ta' Iżrael. L-art kollha, minn tarf għall-ieħor, rat is-salvzzjoni ta' Alla tagħna. Għajtu lill-Mulej fl-art kollha, infexxu fl-hena, ifirħu u għannu!

Salm 98, 1-4

● Ma' dak li qed isofri ħafna f'ġismu minħabba l-ġdiem, nitolbok: "Mulej, "jekk inti trid, tista' tfejjaqni." Mal-għomja mnikkta minħabba l-agħma tagħhom f'lejl dejjiemi, ngħolli leħni mnikket. Ma nsejjaħlekx "Bin David" imma nxandrek "Bin Alla" li int l-esseri suprem. Mhux biss insejjaħlek Mgħallem… imma nemmen li int il-Mulej tas-sema u tal-art. Mhux biss għandi l-fidi meta nħoss il-mess ta' idek, o, Alla l-aktar ħanin u qrib tiegħi… imma nemmen fis-setgħa tal-kelma tiegħek biex tfejjaqni, ukoll jekk int qiegħed 'il bogħod, ħafna 'l bogħod… Inti tridu għaliex tħenn u tista' twettqu għax int il-ħallieq: għid biss kelma waħda u nkun imfejjaq.

Agħtini l-maħfra tad-djun kbar tiegħi, o Alla ta' tjubija u Mulej tal-beatitudni: hija akbar il-liberalità tiegħek, tkun aktar imsebbaħ; aktar maħbub; aktar tħenn u tieħu aktar sebħ.. Uża ħniena oħra miegħi li jien midjun ta' ħtijiet bla għadd, sakemm meta nxandar ir-ri-rikonoxxenza l-benefiċċji tiegħek bi gratitudni, l-imħabba tiegħi tkun tista' turi ruħha b'mhux anqas intensità! F'kollox ikollok glorja.

San Girgor ta' Narek, *Le livre de prièrs*, p. 121-123

## 347. L-IMĦABBA TA’ KRISTU SSUQNA

*L-imħabba tiegħek, o Kristu, iġġegħilni naħseb li inti mitt għal kulħadd (2 Kor 5, 14).*

1. “Alla huwa mħabba. B’dan dehret l-imħabba ta’ Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu fih” (1 Ġw 4, 8-9). F’Alla kollox huwa mħabba; l-imħabba hija l-ħajja intima tiegħu, il-fekondità tesprimi ruħha fil-misteru trinitarju; l-imħabba hija l-għemil estern kollu tiegħu fiż-żmien favur il-bniedem: l-imħabba hija l-ħolqien, u mħabba wisq akbar hija l-fidwa. Daqskemm in-Nisrani jinfed il-misteru ta’ Alla-Imħabba, daqshekk ieħor jidħol fil-kurrent tal-imħabba infinita tiegħu; u waqt li jħobb ‘l Alla bil-forzi tiegħu kollha u jkun irid u jfittex fuq kollox il-glorja tiegħu, fl-istess ħin ikun iħobb miegħu, għalih u fih, lill-bnedmin kollha, ħlejjaq tal-imħabba tiegħu. Hekk hu jissieħeb fil-premuri u l-inizjattivi divini għas-salvazzjoni tal-bnedmin; jidħol fl-istorja tas-salvazzjoni mhux biss biex igawdi l-benefiċċji u biex isalva, imma wkoll biex jikkopera fis-salvazzjoni tal-aħwa, f’għaqda ma’ Kristu, is-Salvatur. Il-ħeġġa appostolika u għalhekk il-frott spontanju tal-imħabba ta’ Alla msawba fil-qalb tan-Nisrani mill-iSpirtu s-Santu (Rum 5, 5) tkun milqugħa biex tiżviluppa għalkollox.

B’dan il-mod tnisslet il-ħeġġa qawwija ta’ San Pawl li kiteb: “L-imħabba ta’ Kristu ġġegħilna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd” (2 Kor 5, 14). Il-ħsieb li “wieħed” – Kristu l-Waħdieni tal-Missier – miet “għal kulħadd”, ma ħalliet ebda paċi fl-Appostlu li ried jippriedka ma’ kullimkien lil “Ġesù Kristu, u dan imsallab” (1 Kor 2, 2) biex jifred il-bnedmin kollha mid-dnub u jġegħilhom jgħixu ‘mhux għalihom infushom,” (2 Kor 5, 15). L-Appostlu emmen ħafna fil-ħidma feddejja ta’ Kristu u l-ħsieb li l-mewt tiegħu setgħet tkun inutli mqar għal wieħed biss mill-aħwa, ma tagħtux mistrieħ. L-istess ansjetà u l-istess ħeġġa qanqlet lil Tereża ta’ Ġesù: “Din hija l-ġibda li nissel fija l-Mulej, għax nemmen li hu jgħożż ruħ waħda li, fil-ħniena tiegħu u bl-għaqal u t-talb tagħna, inkunu rbaħna għalih, aktar mill-qadi l-ieħor kollu li nistgħu nagħtuh” (*Fund* 1, 7).

2. Il-ħeġġa għas-salvazzjoni tal-aħwa titwieled mill-imħabba, titwieled mill-kontemplazzjoni ta’ Kristu msallab: il-pjagi tiegħu u d-

demm tiegħu, it-tbatijiet ħorox tal-agunija tiegħu, kollha juruna kemm jiswa l-bniedem f'għajnejn Alla u kemm iħobbhom Alla. Imma din l-imħabba mhix imħallsa u jidher li l-bnedmin, ingrati, iridu dejjem jaħarbu mill-ħidma ta' Alla. Huwa l-ispettaklu kiefer ta' kull żmien li wkoll illum jiġġedded, kważi biex jinsulta 'l Ġesù jġeddidlu l-passjoni tiegħu. "Id-dinja qiegħda taqbad, il-bnedmin qegħdin ifittxu li jerġgħu jikkundannaw lil Kristu" – kif jgħidu – għax iġibu elf xhud falz kontra tiegħu, u jridu moviment Protestant, jista' jingħad l-istess għas-seklu tagħna, li fih it-taqbida kontra Alla u kontra l-Knisja qiegħda tiżdied 'l hinn minn kull qies u qiegħda tinfirex mad-dinja kollha. Imberkin dawk l-Insara li jistgħu jtennu mal-Qaddisa: "Dawn ħawduni bosta… Deherli li kont nagħti ħajti għal elf darba biex insalva ruħ waħda minn dawk il-ħafna li qegħdin jintilfu" (*Triq* 1, 5). Imma mhux biżżejjed li nifformulaw ix-xewqat: jeħtieġ li nagħmlu, nitolbu, naġxxu u nbatu.

Il-Konċilju Vatikan II jgħid: "Bil-preċett tal-karità, li hu l-akbar kmandament tal-Mulej, l-Insara kollha huma mħeġġa biex jagħtu glorja 'l Alla billi jwasslu s-saltna tiegħu u l-ħajja ta' dejjem lill-bnedmin kollha" (AA 3). L-apatija, l-indifferenza għas-salvazzjoni tal-aħwa hija sinjal ta' mħabba dgħajfa wisq, tixbah lill-musbieħ li wasal biex jintefa'. Meta nagħtu lilna nfusna għall-ħajja interjuri ma jfissirx li nieħdu ħsieb biss tas-salvazzjoni tagħna waqt li ma nagħtux kas tas-salvazzjoni tal-oħrajn; imma jfisser ngħixu f'għaqda intima ma' Alla biex niġbru l-imħabba tiegħu, nikbru fiha, u nrodduhielu lura u nxerrduha madwarna. Jekk l-għaqda tagħna ma' Alla hija ġenwina hekk ukoll tkun l-imħabba li toħroġ minnha, u dan huwa dejjem immarkat bil-ħeġġa li naħdmu għall-glorja ta' Alla kif hu stess għamel, waqt li ħabb u salva lill-bnedmin. Il-ħeġġa appostolika hija esiġenza vitali tal-imħabba, hija fjamma li tħeġġeġ bin-nar tal-imħabba ta' Alla.

● O mħabba setgħana ta' Alla, kemm huma diversi l-effetti li ġġib int minn dawk tal-imħabba tad-dinja! Din l-imħabba tad-dinja ma tfittex ebda kumpanija għax jidhrilha li tista' teħdilha dak li hu tagħha. Iżda l-imħabba ta' Alla aktar tikber aktar ma tagħraf li hemm aktar Maħbubin: u għalhekk l-hena tagħha jonqos meta tara li mhux kulħadd qed jithenna b'dan il-ġid. O, ġid tiegħi, x'inhu dan li jiġri? Saħansitra fl-akbar għaxqiet ta' hena u faraġ li jkolli meta nkun miegħek, il-memorja titnikket minħabba dawk li se jkollhom jitilfuhom għal dejjem! Għalhekk, ir-ruħ tara kif tagħmel biex issib xi kumpanija,

hekk li b'qalbha kollha tħalli fil-ġenb l-hena tagħha, meta taħseb li b'xi mod tista' tgħin lil xi bnedmin oħra biex jithennew b'dan il-ġid (*Tqanqil ir-Ruħ* 2, 1).

O mħabba vera ta' dawk li jħobbu tassew lil dan il-Mulej u jagħrfu l-qagħda tagħhom! Xi ftit mistrieħ ikollhom jekk jaraw li jistgħu jagħmlu mqar xi ħaġa żgħira biex ruħ waħda timxi 'l quddiem u tħobb aktar lil Alla! Kif iwarrbu kull mistrieħ biex ifarrġu xi ftit lil din ir-ruħ, jew biex ineħħulha xi periklu! X'mistrieħ ħażin ikollhom b'dan il-mistrieħ partikulari tagħhom fl-għajnuna lil din ir-ruħ! U meta ruħ minn dawn ma tkunx tista' tgħin bl-għemil, tagħmel dan permezz tat-talb, billi kważi ddejjaq lill-Mulej bit-talb imħeġġeġ tagħha għal ħafna erwieħ li titnikket tara jintilfu. Titlef kull għaxqa tagħha, u tgħodd dan bħala telf tajjeb, għax mhix moħħha fil-faraġ tagħha nfisha, iżda trid tara kif twettaq aħjar ir-rieda tal-Mulej (*Fund* 5, 5).

Santa Tereża ta' Ġesù

● O, Alla tiegħi, jekk nista' nkun denja li nagħti ħajti għas-saħħa tal-ħlejjaq u neqred tant ħażen, x'hena kien jagħtini! Hija ħaġa kbira li tgħix u tmut il-ħin kollu! U x'piena kbira meta nara li nista' nkun ta' għajnuna lill-ħlejjaq tiegħek billi nagħti ħajti u ma nistax nagħmel dan! O mħabba, inti lima li bil-ftit il-ftit qiegħda tikolli ġismi u ruħi, u fl-istess ħin qiegħda tmantnili kemm lil ruħi u kemm lil ġismi.

O Trinità, o Missier, o Verb, o Spirtu, agħtu d-dawl tagħkom lill-ħlejjaq tagħkom, biex ikunu jistgħu jifhmu l-ħażen tagħhom, u agħtini l-grazzja biex inkun nista' npatti għalihom, ukoll billi nagħti ħajti meta dan ikun meħtieġ. O, għaliex ma nistax nagħti dan id-dawl lil kulħadd? Kemm nixtieq li aħna lkoll flimkien konna nistgħu npattu għall-offiżi li int tirċievi, ukoll jekk aħna ma nistgħux inpattu għalihom ħlief bit-tjubija tiegħek… O tjubija bla tarf, sawwab lilek innifsek fil-qlub tal-magħżulin tiegħek!

S. Marija Maddalena de' Pazzi, *I Colloqui*, Op. v. 3, p. 272-273

## 348. MEMBRI TA' XULXIN

*Mulej, agħmel li nogħġob lil kulħadd f'kollox… biex ħafna jsalvaw (I Kor 10, 33).*

1. Il-Konċilju Vatikan II jgħallem: "Is-sejħa nisranija hija fil-fatt, min-natura tagħha sejħa wkoll għall-appostolat" (AA 2). Minħabba l-fatt sempliċi li permezz tal-magħmudija jsir membru tal-Knisja, in-Nisrani huwa msejjaħ biex jikkollabora fil-ħidma u fl-iżvilupp tagħha. Bħalma fil-bini tal-ġisem ħaj ebda parti minnu ma tibqa' passiva iżda tieħu sehem fl-istess ħin kemm mill-ħajja tal-ġisem kemm minn ħidmietu, hekk ukoll fil-ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja, il-ġisem kollu "jsib ir-rabta u l-għaqda tiegħu… skont il-ħidma ta' kull membru minnhom, biex jikber fih innifsu" (Ef 4, 16) (AA 2). Kull membru huwa ħaj bil-ħajja li jirċievi mill-ġisem li minnu ġej, u billi jaqsam miegħu l-ħajja, neċessarjament jaqsam miegħu l-attività wkoll. Membru passiv għalkollox, huwa jew paralizzat jew mejjet. Dan il-proċess, li jsir awtomatikament fil-membri ta' ġisem fiżiku, li hu l-ġisem uman, jeħtieġ li jitwettaq b'mod responsabbli u konxju minn kull bniedem imgħammed, li hu membru ħaj tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Jekk Nisrani jħalli l-ħajja tal-grazzja u l-imħabba jsiru dgħajfa u jintfew fih, jagħmel ħsara mhux biss lilu nnifsu imma wkoll lill-Knisja kollha, billi jnaqqas il-livell tal-qdusija fiha. Min-naħa l-oħra, aktar ma jikber fil-grazzja hu, mhux biss iqaddes lilu nnifsu, imma jġib tiswib ġdid ta' ħajja u qdusija fil-Knisja kollha. L-apprezzament ta' din il-verità għandu joħloq għarfien ekklezjali f'kull wieħed minna, li jmissu jġegħilna nħossu r-responsabbiltà diretta għall-ġid tal-Ġisem Mistiku kollu u għandu jqanqal l-għemil tagħna. L-ispiritwalità nisranija qatt ma tista' tkun individwalistika: ukoll l-eremita u l-klawstrali li jgħixu fis-solitudni ma jieqfux jgħixu fil-Knisja u għall-Knisja; il-ħajja spiritwali tagħhom tkun ġenwina skont jekk taqbilx ma' dan il-ftuħ ekkleżjali li jixprunahom 'il quddiem għall-intensità akbar ta' talb u ta' sagrifiċċju għall-ħtiġijiet tal-Poplu kollu ta' Alla. Il-Knisja hija ġisem hekk armonjuż u magħqud "li membru li ma jaħdimx skont ħiltu biex il-ġisem jikber u jissaħħaħ la jista' jingħad li jiswa lill-Knisja u anqas lilu nnifsu" (AA 2).

2. L-Insara kollha "miġburin fil-poplu ta' Alla u maħtura f'ġisem wieħed ta' Kristu taħt ras waħda, ikunu min ikunu, huma msejħin

bħala membri ħajja biex jikkontribwixxu bil-forzi tagħhom kollha li rċevew mit-tjubija tal-Ħallieq u l-grazzja tal-Feddej, biex il-Knisja tikber u toktor bla heda fil-qdusija. L-appostolat hu għalhekk tisħib fl-istess missjoni ta' salvazzjoni tal-Knisja u għal dan l-appostolat kulħadd huwa mqabbad mill-Mulej stess permezz tal-magħmudija u tal-griżma" (LG 33).

Hija ħaġa ċara li kulħadd għandu jkun appostlu għax fil-magħmudija u fil-griżma kulħadd irċieva dilka appostolika u rċieva wkoll l-imħabba "li hi r-ruħ ta' kull appostolat" (LG 33). L-għamla u r-responsabbiltà jkunu differenti għall-Isqfijiet, għas-saċerdoti, dawk ikkonsagrati 'l Alla, għall-ġenituri u l-Insara membri ħajjin fil-Ġisem Misitku tiegħu. Ebda Nisrani ma jista' ma jagħtix kas tas-salvazzjoni tal-aħwa: ilkoll "aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor" (Rum 12, 5). Għalhekk il-ġid ta' wieħed huwa ta' kulħadd, kif il-ħażen ta' wieħed hu l-ħażen ta' kulħadd. Kristu għaqqad l-imgħammdin fil-komunità tal-imħabba tiegħu, waqqaf il-Knisja bħala għaqda ta' mħabba li fiha kull wieħed jeħtieġ jikkopera għall-ġid tal-oħrajn. Hu, is-Salvatur waħdieni, għandu s-setgħa li jsalva u jqaddes lill-bnedmin kollha, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd; b'danakollu fiċ-ċirkustanzi ordinarji, dan irid jagħmlu permezz tal-membri tiegħu. "Misteru tal-biża', li qatt ma ġie meditat sewwa: li, is-salvazzjoni ta' ħafna tiddependi mit-talb u mis-sagrifiċċji volontarji li jagħmlu l-membri tal-Ġisem Misitku ta' Ġesù Kristu u mill-koperazzjoni tar-Ragħajja u tal-Insara" (Piju XII*, Myst. Corp.*). Huwa l-misteru tax-xirka tal-qaddisin, għaqda ta' grazzja u ta' mħabba għax hija għaqda ta' ħajja fi Kristu.

● L-għafsa ta' qalb li nħoss meta nara għadd hekk kbir ta' erwieħ fit-triq tat-telfien l-aktar ta' dawk li kienu saru membri tal-Knisja ta' Kristu fil-magħmudija. U din il-viżjoni ġibitli wkoll ħeġġa ġdida u qawwija għas-salvazzjoni tal-erwieħ: għax tassew li nemmen li biex neħles imqar ruħ waħda minn tbatijiet hekk kbar, jiena lesta biex nagħti ħajti għal elf darba. Wara kollox, jekk naraw xi ħadd li jkun għażiż sewwa għalina fuq din l-art qiegħed isofri xi tiġrib kbir jew xi niket, hija ħaġa minn ewl id-dinja li nitħassruh; u jekk it-tbatijiet tiegħu jkunu kbar ħafna, inħossuna mgħaffġa taħt it-toqol tagħhom aħna wkoll. Mela, min jista' jara t-tbatija bla tmiem tar-ruħ li ssib lilha nfisha f'dan l-agħar tiġrib fost it-tiġrib kollu? Ebda qalb ma tista' ġġarrab dan kollu, u ma tħosshiex maqsuma bl-għali. Jekk it-tbatija

ta’ din id-dinja, li fl-aħħar mill-aħħar nafu li ma tibqax għal dejjem għax tintemm mal-mewt, tnissel fina ħasra hekk kbira, ma nafx kif nistgħu nibqgħu mistrieħa quddiem it-tbatijiet bla tmiem meta naraw id-demonju qed iġorr miegħu kuljum għadd hekk kbir ta’ erwieħ (*Ħajja* 32, 6).

Alla tiegħi, ma nibqax nixxennaq għall-mewt jekk mhux għal ftit ħin qasir meta nixtieq li mmut biex narak… imma ruħi tixtieq li tgħix jekk jogħġob lilek, biex naqdik xi ftit aktar. U jekk bit-talb tiegħi kont inkun nista’ b’xi mod inwassal ruħ li tħobbok u tfaħħrek, ukoll għal ftit ħin, naħseb li dan jiswieli iżjed milli nkun fil-glorja (*Relazzjonijiet Spiritwali 6, 7*).

Santa Tereża ta’ Ġesù

● Mulej tiegħi, inti taf għala ngħajjatlek b’fiduċja kważi ardita; għax int Dak li meta tispirani b’mogħdrija u mħabba, inti ġġegħilni ngħolli leħni saħansitra sat-tron tiegħek… Nara numru bla għadd ta’ midinbin mitlufin, u meta narahom qalbi tinqasam, jew aktarx… qalbi titwessa’, u hekk, mirbuħa mill-mogħdrija, ma nagħmilx ħlief nibki l-miżerja tagħhom, inħossni kważi sirt bħalhom, imċappsa bit-tajn ta’ dnubiethom. Mulej, matul ħajtek fuq l-art, inti kont mgħobbi b’żewġ slaleb billi ġarrejt f’ġismek il-piż tqil ta’ dnubietna. Biex inkun nixbah lilek, int għabbejtni b’żewġ slaleb: wieħed jgħaffeġ lil ġismi bil-mard u tbatijiet oħra, l-ieħor jinfed lil ruħi, li titnikket għat-telfien u l-agħma ta’ tant midinbin rashom iebsa.

Noffrilek ħajti, Mulej, issa u għal dejjem, kull meta jogħġbok teħodha, u noffrihielek għall-glorja tiegħek, waqt li nitolbok bl-umiltà, għall-merti tal-passjoni tiegħek, biex tnaddafha u ssaffiha… lill-[Knisja] Għarusa tiegħek minn kull difett; la ddumx aktar!

S. Katerina ta’ Siena, *Preghiere ed Elevazioni,* p. 7-8.48

## 349. ĦADDIEMA FLIMKIEN MA' ALLA

*O Alla, agħmel li naħdem fl-għalqa tiegħek skont il-grazzja mogħtija lili fuq is-sies waħdieni, li hu Ġesù Kristu (1 Kor 3, 10-11).*

1. "Jiena, jien il-Mulej, u ħliefi ma hemmx salvatur" (Is 43, 11). Alla hu l-ħallieq waħdieni u s-Salvatur waħdieni; minnu biss tiġi s-salvazzjoni. Biex wettaqha nqeda bl-Iben waħdieni tiegħu: "Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih" (1 Ġw 4, 9). Ġesù huwa l-"mibgħut", l-appostlu tal-Missier, imqabbad biex iwettaq l-opra tas-salvazzjoni; hu nnifsu ppreżenta ruħu bħala "dak li huwa bagħat" (Ġw 6, 29) u qal: "Ir-rieda ta' min bagħatni hija din: li jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, iżda li mqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (Ġw 6, 39).

Mibgħut mill-Missier biex jagħti l-ħajja lill-bnedmin, Ġesù min-naħa tiegħu bagħat id-dixxipli biex jissoktaw il-ħidma tas-salvazzjoni. "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom" (Ġw 20, 21). Minn dak il-ħin il-Knisja li kienet għadha kemm twieldet ħadet fuqha l-kmand appostoliku u tferrxet fid-dinja waqt li matul is-sekli xerrdet il-missjoni feddejja ta' Kristu. Hekk biss tibda kull għamla ta' appostolat nisrani. Għalhekk meta San Pietru kien qed jitkellem dwar l-appostli, iddeskrivihom bħala "ħaddiema ma' Alla" (1 Kor 3, 9; 2 Kor 6, 1): ta' Alla li jrid is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, ta' Ġesù li kellu jwettaqha, li jsieħeb miegħu lill-istess bnedmin li ġew mifdija minnu.

L-appostolat qatt ma hu attività personali, frott tal-ħila u l-abbiltà tal-bniedem, imma dejjem tisħib mal-ħidma ta' Kristu li hi "l-għajn u l-oriġini tal-appostolat kollu tal-Knisja" (AA 4). Dan hu veru f'kull livell; mill-appostolat ġerarkiku tal-Papa, tal-Isqfijiet, tas-saċerdoti u tal-imgħammed l-aktar umli. Ġesù, "il-kbir Alla u Salvatur tagħna" (Tit 2, 13), huwa dejjem il-Medjatur waħdieni, il-Feddej waħdieni, li fih "hemm is-salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor… li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4, 12). Kull Nisrani huwa appostlu, u għalhekk salvatur, imma biss skont kemm jikkollabora bl-umiltà u bl-imħabba fil-ħidma feddejja ta' Ġesù l-imbierek.

2. L-appostli, ikunu min ikunu, huma "koperaturi ta' Alla ħallieq, feddej u li jagħti l-qdusija" (AA 16). L-appostli jaħdmu fl-għalqa tad-

dwieli tal-Missier tal-familja, mhux b'għażla tagħhom jew bil-ħiliet tagħhom, imma jiddependu mill-Missier li jibgħathom, bl-għajnuna tal-grazzja, fil-mod u l-qies li jfassal hu.

L-appostli kollha, jgħid San Pawl, huma "qaddejja", ta' Alla, "u kull wieħed skont dak li Alla tah". Huma ma jagħmlux ħlief jisilfu 'l Alla x-xogħol tagħhom, imma l-ħaddiem tassew huwa Alla waħdu. "Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar! Għalhekk, la min iħawwel ma hu xejn, u la min saqqa: imma Alla li kabbar" (1 Kor 3, 5-7). Ħadd ma jista' jiftaħar u jgħid: din hi l-għalqa tiegħi, dan hu l-frott ta' xogħli. L-għalqa, bħall-frott huma ta' Alla biss. San Pawl itenni: "Aħna ħaddiema ma' Alla, u intom l-għalqa ta' Alla, intom il-bini ta' Alla" (1 Kor 3, 9). Għalkemm kien hu l-ewwel li nissel lill-Korintin għall-fidi, ma kellu ebda dritt jiftaħar minħabba fihom. Dawk kienu ta' Alla, u hu kien il-koperatur umli tiegħu. L-appostolat mhux opra tal-bnedmin, imma opra divina li għaliha l-appostlu silef il-koperazzjoni tiegħu bħala strument umli.

M'aħniex nitkellmu minn strument materjali, imma minn wieħed ħaj, personali, u għalhekk jeħtieġ joqgħod minn jeddu għad-dispożizzjoni ta' Alla, waqt li jħaddem it-talenti kollha li rċieva mingħandu, fl-istess ħin ifittex li jqabbel il-mod ta' kif jaħseb, kif irid, u kif jaġixxi skont il-mod divin, jiġifieri mal-pjan feddej ta' Alla, mar-rieda tiegħu ta' fidwa għall-bnedmin kollha. Għal darb' oħra, din hija kwistjoni li hu jidħol f'dak il-moviment ta' mħabba infinita li toħroġ mir-rieda li ssalva ta' Alla, u li jissieħeb magħha, u joffri lilu nnifsu lilha f'telqa sħiħa bħal Kristu li qiegħed lilu nnifsu kollu kemm hu għall-qadi ta' Missieru għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Bħal Ġesù, l-appostlu hu medhi fix-xogħol tal-Missier (Lq 2, 49) u jaħdem miegħu għat-tixrid tas-saltna tiegħu.

● O Ġesù, agħmel minni ħalliel tal-erwieħ, wieħed li jitfagħhom għandek, li hu jimmira lejn il-ġmiel waħdieni tiegħek; agħmel minni s-saba' li juri l-imħabba, il-leħen li jgħanniha, li jikxef lil dawk li ma jħossux ftit mill-għeġubijiet tiegħek u ta' mħabbtek. Fl-aħħar mill-aħħar, ma rridx ħlief li tkun magħruf, igglorifikat, u Maħbub minn kulħadd jew għallinqas minn ħafna. Dawn m'għandhomx jieqfu fija, imma għandhom ikunu mressqa lejk, biex fis-sema lkoll inħobbuk, nadurawk, u fl-istess ħin nintilfu fl-imħabba bla tarf tiegħek.

Ġesù twajjeb tiegħi, igglorifika lilek innifsek; il-bqija mhux importanti. Ix-xewqa kbira tiegħi hija li nkun strument tal-glorja tiegħek… Jien miniex aktar tiegħi nnifsi, jiġifieri m'għandix id-dritt li niċħad lil dawk ta' madwari x-xorb prezzjuż li inti qiegħedt ġo fija għalihom. Imiss lilek li tqassmu kif jogħġob lilek, li tnixxfu, jew li ġġiegħel li tibda tfawwar in-nixxiegħa li tagħti l-ħajja.

O, ħu minnu ħija, tella' minnu, u bierek lill-Mulej Ġesù li jagħtik dan l-ilma. Ħu minnu u la tinsiex lil min qiegħed jiffriskak, imma insa t-tazza li minnha qiegħed iħallik tixrob. It-tazza hienja ħafna li tiswa lil Imgħallem daqshekk twajjeb. It-tafal tagħha huwa nobbli bil-bosta ladarba missu s-saba' divin. U jekk tinkiser jew tintrema' qalb l-imbarazz, tkun hienja jekk, flimkien mal-unur li swiet xi ħaġa, tkun tista' żżomm għaliha qatra waħda mil-likwidu prezzjuż li ġie msawwab minnha.

Din il-qatra ta' mħabba, Ġesù tiegħi, hija kulma qiegħed nitlob għalija. Dan hu l-prezz li qiegħed jitlob għall-eternità dan l-istrument ċkejken u msejken li int għoġbok tagħmel użu minnu. Iddestinah għall-glorja jew għad-diżunur, jew aktarx, jekk jogħġob lilek, għal xi użu l-aktar baxx u mhux mixtieq, imma meta jinkiser u ma jkun tajjeb għalxejn iżjed, kun ħanin u ħallilu l-qatra ċkejkna ta' mħabba. Imbagħad ikun imħallas b'mod divin għat-taħbit tiegħu, ladarba ma jixtieq ebda premju ħlief lilek innifsek.

L. De Grandmaison, *Vita (di Lebreton),* p. 84 . 75

● O Verb ta' dejjem, meta kont imsammar mal-għuda iebsa tas-salib, int ma kont qed taħseb f'xejn aktar ħlief li twassal lill-ħlejjaq tiegħek lejk. Inti għedt: "Għandi l-għatx," u wrejt li ma kellekx l-għatx biss għal dawk preżenti, imma wkoll għal dawk li kien għad iridu jiġu. Int batejt l-għatx, o Alla ħelu, int batejt l-għatx, o Alla twajjeb u kollok imħabba. O kif jista' jkun li min jaqta' l-għatx bid-Demm tal-Verb etern, ma jaqtax ukoll l-għatx li għandu lejn il-ħlejjaq?

S. M. Maddalena de' Pazzi, *Renovatione della Chiesa*,
Op. v. 7, p. 75

## 350. INĦOSSU MA’ KRISTU

*O Kristu Ġesù, oħloq fija sentimenti bħal tiegħek (Fil 2, 5).*

1. “L-għajn u l-oriġini tal-appostolat kollu tal-Knisja huwa Kristu, mibgħut mill-Missier. Għalhekk huwa ċar li kemm jagħti frott l-appostolat tal-lajċi jiddependi mill-għaqda vitali tagħhom ma’ Kristu bħalma qal il-Mulej innifsu: ‘Min jibqa’ fija u jien fih, dan jagħmel ħafna frott: għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn’ (Ġw 15, 15)” (AA 4).

Ma jistax ikun hemm koperazzjoni li ġġib il-frott mingħajr ftehim serju, mingħajr għaqda intima bejn min jgħin u dak li jmexxi l-ħidma, wisq iżjed meta din il-ħidma hija ta’ karattru għalkollox spiritwali u dak li jikkopera jieħu minn dak li jmexxi l-qawwa biex jieħu l-frott kollu ta’ ħidmietu. Dan hu li jiġri bejn l-appostlu u Ġesù. Ġesù huwa d-dielja, l-appostlu huwa l-fergħa u jkollu frott biss skont l-għaqda tiegħu ma’ Kristu; għaqda li jmissha toħloq xebh ta’ sentimenti, ta’ rieda, ta’ għanijiet. Fuq dan il-prinċipju fundamentali l-Konċilju Vatikan II jisħaq ħafna drabi. Dwar il-kjeriċi jgħid: “’Il quddiem, bl-ordinazzjoni mqaddsa, huma jkunu se jirċievu xebh ma’ Kristu saċerdot; għalhekk għandhom jidraw jgħixu miegħu f’għaqda intima ta’ ħbieb u jibqgħu mxierka miegħu matul ħajjithom kollha” (OT 8). Lis-saċerdoti jirrikkmanda li “jintrabtu ma’ Kristu biex fih jagħirfu r-rieda tal-Missier u miegħu jingħataw għall-merħla fdata f’idejhom” (PO 14); lir-reliġjużi, li “jgħixu ħajja moħbija flimkien ma’ Kristu f’Alla, ħajja li minnha titnissel u titkebbes l-imħabba tal-proxxmu għas-salvazzjoni tad-dinja u għall-bini tal-Knisja” (PC 6); u fl-aħħar jistieden lil-lajċi biex ma jinfirdux “mill-għaqda tagħhom ma’ Kristu, anzi jkunu qegħdin isaħħuha u jikbru fiha meta jagħmlu x-xogħol tagħhom kif irid Alla” (AA 4). Tidher ċara l-premura tal-Knisja biex l-appostli kollha jrawmu għaqda intima, u ta’ ħbiberija ma’ Ġesù, li bil-mod il-mod imexxihom biex ikollhom sentimenti u ridiet bħal tiegħu. Hija trasformazzjoni, frott ġewwieni tal-imħabba, ladarba l-imħabba twassal biex tagħmel bħal xulxin lil dawk li jħobbu lil xulxin. Il-qalb ta’ Ġesù tfawwar bl-imħabba għal dawk li jrid isalva jiswa x’jiswa, u l-qalb ta’ kull appostlu għandha tkun bħal tiegħu.

2. “Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù” (Fil 2, 5). L-appostlu jeħtieġ jistudja, jinfed u jikkontempla l-qalb ta’ Kristu u minnu jitgħallem kif iħobb lill-bnedmin, kif jitħabat u jissagrifika lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħhom. Għandu jikkontempla lil Ġesù, ir-Ragħaj it-tajjeb, li jmur ifittex in-nagħġa l-mitlufa, li jmur minn jeddu biex iseffaq wiċċu mal-mewt biex isalva l-merħla tiegħu: “Għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti... Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja” (Ġw 10, 15.18). “Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin” (Rum 5, 8). Li wieħed imut għal ħabibu jista’ jinftiehem, imma li tmut għal nies li jobogħduk, ingrati, indifferenti li ma japprezzawx imħabbtek, hija ħaġa li tiżboq kull limiti. B’danakollu kull bniedem jista’ jagħraf lilu nnifsu f’dawn il-midinbin, f’dawn l-ingrati jew indifferenti li għalihom Ġesù ta ħajtu u jista’ jtenni: “L-Iben ta’ Alla, li ħabbni u ta’ ħajtu għalija” (Gal 2, 20). Din mhix xi ħrafa, imma realtà li tħawwadna, realtà kbira. Għall-qalb ta’ Kristu ebda bniedem ma hu barrani, indifferenti u lanqas għadu, għax il-ħlejjaq kollha tal-imħabba infinita tal-Missier u għalhekk oġġett tal-imħabba kollha ħniena tal-Iben.

Kristu li ħabb lill-Missier ‘il fuq minn kull ħaġa u li ġie biex jigglorifikah, wettaq dan b’ebda mod ieħor ħlief billi salva lill-bnedmin. Din hi t-triq li kull appostlu għandu jimxi minnha, imma dan ma jistax jagħmlu jekk qabel ma jkunx ressaq qalbu qrib il-qalb ta’ Ġesù sabiex qalbu tkun mimlija bl-imħabba ta’ Ġesù. Imbagħad biss ikun f’qagħda – u jmissu jkun f’din il-qagħda – biex itenni ma’ Ġwanni: “U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha” (1 Ġw 4, 16). Is-sies tal-appostolat mhux se jkun xi teorija astratta, imma għarfien ħaj u intimu tal-imħabba ta’ Kristu. Ukoll kieku qatt ma għex, bħalma għex Ġwanni, fil-kumpanija attwali ta’ Ġesù, b’danakollu mill-esperjenza personali li jgħix interjorment fil-fidi u fl-imħabba, jkun jista’ jgħid lill-aħwa: “Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma’ Ibnu Ġesù Kristu” (1 Ġw 1, 3).

● O Mulej, inti tmil lejna bl-imħabba tiegħek kollha, binhar u billejl, biex tgħaddilna u ssawwab fina l-ħajja divina tiegħek biex tibdilna fi ħlejjaq magħmulin allat li jkunu jistgħu jirriflettu lilek kullimkien. Liema qawwa jħaddem fuq l-erwieħ dak l-appostlu li jibqa’ dejjem magħqud man-nixxiegħa tal-ilma ħaj! Imbagħad ikun

jista' jfawwar madwaru kollu bla ma qatt isib ruħu battal, għax ruħu qiegħda f'komunikazzjoni mal-infinit.

Mill-qiegħ tas-solitudni, irrid inkun appostla, irrid naħdem għall-glorja tiegħek, Alla tiegħi, u għalhekk jeħtieġ li jiena nkun mimlija kollni kemm jien bik. Agħmel li nħalli lili nnifsi niġi maħkuma mis-sustanza divina tiegħek; kun il-ħajja ta' ħajti, ir-ruħ ta' ruħi u agħmel li lejl u nhar inkun konxja tal-azzjoni divina tiegħek.

Beata Eliżabetta tat-Trinità, *Lettere*, 171

● Laqatni d-demm li kien qiegħed iċarċar minn waħda mill-idejn divini tiegħu. Ħassejt għafsa ta' qalb kbira x'ħin qgħadt naħseb li dak id-demm kien qiegħed jaqa' mal-art mingħajr ħadd ma jfittex jiġbru, u għamilt fehma li nibqa' fl-ispirtu f'riġlejn is-Salib biex nilqa' n-nida divina li kienet qiegħda tqattar minnu, waqt li fhimt li mbagħad kelli nxerridha fuq l-erwieħ. L-għajta ta' Ġesù fuq is-Salib baqgħet tidwi l-ħin kollu f'qalbi: "Għandi l-għatx!" Dawn il-kelmiet kienu qed jixegħlu ġewwa fija ħerqa l-aktar ħajja u mhux magħrufa qabel. Ridt nagħti jixrob lill-Maħbub tiegħi, u jiena nnifsi ħassejtni miblugħa mill-għatx tal-erwieħ; [ġibduni l-erwieħ] tal-midinbin kbar, bdejt naqbad bix-xewqa li naħtafhom min-nirien ta' dejjem.

Ix-xewqa tiegħi li nsalva l-erwieħ kibret kuljum. Deherli li qiegħda nisma' lil Ġesù jgħidli bħalma qal lis-Samaritana: "Agħtini nixrob." Kien tabilħaqq skambju ta' mħabba: lill-erwieħ kont nagħtihom id-demm ta' Ġesù, u lil Ġesù kont noffrilu dawn l-istess erwieħ iffriskati min-nida divina tiegħu. B'hekk deherli li kont qiegħda naqtagħlu l-għatx, u aktar ma kont nagħtih jixrob, aktar kien jiżdied l-għatx tal-imsejkna ruħ ċkejkna tiegħi, u kien dan l-għatx klubi li Hu kien qed jagħtini bħala x-xarba l-aktar ħelwa ta' mħabbtu.

S. Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ*, Ms A 45w, 46w

## 351. INĦOSSU MAL-KNISJA

*Mulej, agħmel li nħobb il-Knisja l-għarusa tiegħek maħbuba minnek u li għaliha tajt ħajtek (Ef 5, 25).*

1. "Il-Knisja twieldet biex ixxerred is-saltna ta' Kristu mad-dinja kollha fil-fidwa li ssalva u permezz tal-bnedmin id-dinja kollha tidħol tassew f'relazzjoni ma' Kristu. L-attività kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu għal dan l-iskop tissejjaħ "appostolat" li l-Knisja b'modi differenti, teżerċita permezz tal-membri kollha tagħha" (AA 2). Li nħossu ma' Kristu ma jkunx perfett jekk ma jwassalx li nħossu mal-Knisja. L-armonija tal-ħajja, ta' mħabba, ta' ħidma ma' Kristu tesiġi u tinkludi l-istess armonija mal-Knisja, għax fil-Knisja tinkarna u xxerred matul is-sekli l-ħidma li ssalva ta' Kristu. Lilha l-għarusa tiegħu fdalha l-merħla tiegħu fil-persuna ta' Pietru li hu ħatru kap li jidher tal-Ġisem Mistiku: "Irgħa l-ħrief tiegħi… Irgħa n-nagħaġ tiegħi… Irgħa n-nagħaġ tiegħi" (Ġw 21, 15-17): lilha fil-persuna tal-appostli ta dan il-kmand: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (Mk 16, 16); barra minn dan għamilha d-depożitarja tas-sagramenti: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-iSpirtu s-Santu" (Mt 28, 19), u għassiesa tal-liġi tiegħu: "Għallmuhom iħarsu dak kollu li għallimtkom jien" (Mt 28, 19). Kristu fl-aħħar nett wiegħed l-għajnuna dejjiema tiegħu lill-Knisja: "U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20), u wiegħed ukoll il-faraġ tal-iSpirtu s-Santu: "Ħudu l-iSpirtu s-Santu" (Ġw 20, 22).

Il-Knisja, fidila għall-kmand li rċeviet, ma tieqafx taħdem għall-glorja ta' Alla u għat-tixrid tas-Saltna waqt li taħdem biex is-salvazzjoni mwettqa minn Kristu, l-Għarus tagħha, tasal għand il-bnedmin kollha. Il-Knisja twettaq din il-missjoni permezz ta' wliedha li fil-fatt ikunu appostli biss jekk jaħdmu f'armonija perfetta magħha, jissieħbu fl-istess talbiet, fit-taħbit u l-ideal tagħha. Fil-fatt il-Knisja biss hija "sagrament jew sinjal u strument tal-għaqda intima ma' Alla u tal-unità tal-ġens tal-bnedmin kollu" (LG 1), u għalhekk tas-salvazzjoni.

2. "Il-Knisja, mogħnija bl-għotjiet tal-Fundatur tagħha u waqt li tħares bil-fedeltà l-preċetti tal-imħabba, tal-umiltà u taċ-ċaħda,

tirċievi l-missjoni li tħabbar is-Saltna ta' Kristu u ta' Alla u li twaqqafha fil-ġnus kollha" (LG 5). Il-Knisja hija min-natura tagħha missjunarja, appostolika: mhix qiegħda hemm għall-ebda raġuni oħra ħlief biex tkompli l-missjoni feddejja ta' Kristu l-Fundatur u l-Għarus tagħha. Li tħoss mal-Knisja jfisser li tissieħeb fl-ispirtu appostoliku, u fil-ħeġġa tagħha għat-tixrid tas-Saltna u, skont il-ħila ta' kull wieħed, ukoll fil-ħidma tagħha għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Daqskemm in-Nisrani jgħix f'armonija mal-Knisja, daqshekk ieħor jidħol fil-misteru tas-salvazzjoni, isir koperatur attiv fiha, ma jibqax iżjed ma jagħtix kas, imma jimpenja ruħu bis-serjetà għax-xorti tal-Knisja l-omm tiegħu u tal-bnedmin ħutu.

Li tħoss mal-Knisja jfisser li tkun għad-dispożizzjoni tagħha biex tapprova l-inizjattivi tagħha u taħdem bil-metodi tagħha li huma dawk ta' Ġesù nnifsu: "imħabba, umiltà u ċaħda." L-imħabba tesiġi qabel xejn l-għaqda ma' dawk li l-iSpirtu s-Santu qiegħed biex imexxu l-Knisja ta' Alla u dan hu element essenzjali tal-appostolat nisrani" (AA 23), li mingħajru ħadd ma jista' jagħmel xejn: saċerdoti u lajċi, reliġjużi jew ikkonsagrati fid-dinja. Ma jistax ikun hemm l-imħabba bejn l-aħwa u anqas appostolat ġenwin, jekk qabel ma jkunx hemm l-imħabba, u għalhekk għaqda, ftehim profond ma' min hu inkarigat li jmantni l-merħla tal-Mulej. L-imħabba għalhekk tissupponi l-umiltà, li turi lilha nfisha f'dipendenza ta' wlied lejn il-Knisja. F'dan is-sens il-Konċilju jħeġġeġ li "l-Insara kollha" għandhom, "b'ubbidjenza nisranija", jilqgħu fil-pront "dak li r-ragħajja jistabbilixxu bħala għalliema u mexxejja tal-Knisja; waqt li jimxu wara l-eżempju ta' Kristu" (LG 37). Din hi fl-aħħar nett il-ħtieġa taċ-ċaħda li hi bażikament iċ-ċaħda tagħna nfusna li timpenja n-Nisrani biex jissagrifika ruħu b'ġenerożità għall-għanijiet appostoliċi. Proprju "mit-triq id-dejqa tas-salib" li l-Knisja tistieden il-poplu ta' Alla biex ixerred ma' kullimkien is-saltna ta' Kristu u jħejji t-toroq għall-miġja tiegħu (AG 1).

● O Mulej, fost il-qilla tal-mewġ, il-Knisja tiegħek, imwaqqfa fuq il-blata tal-Appostli, tibqa' soda u tirreżisti fuq is-sies tagħha li ma jitfarrakx, kontra l-assalti qliel tal-baħar. Hi mħabbta mill-mewġ imma ma tiċċaqlaqx; l-elementi mħawda tad-dinja jħebbu għaliha ta' sikwit b'għajta l-iżjed qawwija, imma għal dawk li qegħdin ibatu hija l-port żgur tas-salvazzjoni.

Imma għalkemm imħabbta fuq il-baħar, il-Knisja tibqa' ssalpa fl-ibħra tagħha… Huma l-ilmijiet li joħorġu mill-ġenb ta' dak li qata' l-għatx tiegħu bik, o Kristu, u li ħa l-iSpirtu… Hemm ilma ieħor li jissawwab fuq il-bnedmin ta' Alla bħal nixxiegħa… Dawk li jirċevuh bil-kotra, bħal Ġwanni l-Evanġelista, jew bħal Pietru u Pawlu, jerfgħu leħinhom; u bħall-Appostli li bil-predikazzjoni tagħhom xerrdu l-kelma tal-Evanġelju sat-truf tal-art, huma wkoll jibdew iħabbruk, Mulej Ġesù.

O Kristu, agħmel li l-ministri tiegħek jiġbru l-ilma tiegħek… li jerġgħu jimlew l-ispirtu tagħhom b'dan l-ilma, biex l-art tagħhom tissaqqa bih, u jkunu jistgħu jagħtu l-ħajja mill-għejjun proprji tagħha… Imbagħad dak li hu mfawwar, ikun jista' jsaqqi lill-oħrajn… Agħmel li kliemhom jissawwab bil-kotra, ċar u nadif. B'hekk jaslu sa widnejn il-poplu tiegħek b'tagħlim spiritwali li hu mimli ħlewwa.

San Ambroġ, *Ittri* 2, 1-2.4-5

● Glorja lilek, Knisja ta' Kristu, belt qaddisa, Ġerusalemm ġdida, li tinżel fostna mis-sema bħal għarusa oġġett tal-għaxqa tal-għarus tiegħek. Smajna l-leħen qawwi tiegħek itennilna din il-kelma tas-sema: "Alla jiġi biex iwaqqaf l-għamara tiegħu mal-bnedmin, jgħix magħhom u huma jkunu l-poplu tiegħu u Alla nnifsu jkun magħhom." Kristu hu l-milja ta' Alla, u int, Knisja qaddisa, int il-milja ta' Kristu; Kristu jirrivelalna 'l Alla, u int tirrivelalna lil Kristu. Kristu jagħtina 'l Alla, u int tagħtina lil Kristu. Kristu jitla' mill-ġdid fi ħdan il-Missier u int inkorporata fi Kristu, magħquda miegħu permezz tal-iSpirtu s-Santu tiegħu, titla' miegħu.

X'għaqda kbira! Xi qdusija tal-għaġeb!... O Knisja, inti l-milja ta' Kristu, u ma' Kristu int il-milja ta' Alla!

D. Mercier, *La vita interiore* 6, p. 508

## 352. MIN JIBQA' FIJA JAGĦMEL IL-FROTT

*Agħmel li nibqa' fik, Mulej, u nġib il-frott għall-glorja tiegħek (Ġw 15, 5).*

1. Meta kien qed jitkellem dwar il-qdusija universali li għaliha huwa msejjaħ kulħadd, il-Konċilju Vatikan II jippreżentaha l-ħin kollu fil-milja tal-qdusija personali u fl-istess ħin appostolika. "Biex jilħqu din il-perfezzjoni [tal-imħabba] l-fidili għandhom jużaw il-forzi kollha tagħhom, kull wieħed skont il-qies li rċieva minn Kristu; hekk, waqt li jimxu fuq il-passi tiegħu u waqt li jsiru jixbhu iżjed lix-xbieha tiegħu, …jagħtu ruħhom bil-qalb għall-glorja ta' Alla u l-qadi tal-proxxmu" (LG 40). L-aspett personali tal-qdusija hu li wieħed jikkonforma lilu nnifsu ma' Ġesù, jgħix skont l-eżempji tiegħu, u minn dan l-aspett joħroġ minnufih ieħor dak appostoliku: li wieħed jikkonsagra lilu nnifsu b'ruħu kollha għall-glorja ta' Alla u għall-qadi tal-proxxmu. Dawn iż-żewġ aspetti m'għandhomx jitqiesu bħala żewġ realtajiet differenti kważi mqiegħda fuq xulxin, imma għalkollox magħqudin u ma jinfirdux u jagħmlu realtà waħda: il-qdusija nisranija.

In-Nisrani jkun qaddis meta jissieħeb fil-qdusija waħdiena ta' Alla, li hi l-imħabba. L-imħabba f'Alla hija dejjem għaqda, mhux biss fil-ħajja intima tiegħu, imma wkoll fir-relazzjonijiet tiegħu mal-ħlejjaq. Alla juri u jagħti l-imħabba tiegħu lill-bnedmin waqt li jseħibhom fl-għaqda miegħu nnifsu. Skont kemm in-Nisrani jinfetaħ għat-tiswib tal-imħabba divina u għall-ħajja f'għaqda ma' Alla, daqstant ieħor jinħataf mid-dinamiżmu ta' din l-imħabba u għalhekk iħoss li għandu jgħaddiha lill-aħwa biex huma wkoll ikollhom l-"għaqda… mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu" (1 Ġw 1, 3). L-imħabba nisranija min-natura tagħha trid tinfirex; hija appostolika proprju għax iddaħħal lill-bniedem fl-imħabba ta' Alla, imħabba essenzjalment komunikattiva u li twassal fl-għaqda. Għalhekk jiġri li l-qdusija nisranija jew hija appostolika jew ma hi qdusija xejn, għax l-impuls tal-imħabba, li minnha ġejja, la jista' jkun imbuttat u l-anqas miksur. Din l-imħabba twassal għall-għaqda ma' Alla u mal-aħwa, għal dedikazzjoni lil Alla u lil aħwa, waqt li ttenni l-moviment li l-imħabba għandha f'Alla nnifsu u f'Ġesù, il-Verb inkarnat: imħabba għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

2. Ħafna drabi l-Konċilju Vatikan jisħaq li “l-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin… hi r-ruħ ta’ kull appostolat” (LG;33 AA 3) u li “kull ħidma ta’ appostolat għandha tibda u tieħu s-saħħa mill-imħabba” (AA 8). Skont kemm in-Nisrani jikber fl-imħabba daqshekk ieħor isir appostlu. Mela fil-qiegħ ta’ kull appostolat hemm it-taħriġ u l-iżvilupp ta’ mħabba dejjem iżjed mimlija u mħeġġa. Tibqa’ dejjem tixrob mill-għajn tagħha: Alla, li jikkomunikaha lill-bnedmin permezz tal-medjazzjoni ta’ Kristu. Dan hu għala l-għaqda ma’ Alla u ma’ Ġesù hija l-premessa ta’ kull appostolat. “Min jibqa’ fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott” (Ġw 15, 5). Il-liġi tal-qdusija nisranija hija li nibqgħu fi Kristu permezz tal-imħabba u għalhekk ukoll fil-fedeltà appostolika. M’aħniex nitkellmu minn imħabba-sentiment, imma minn imħabba-rieda: “Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f’imħabbti, kif jien ħarist il-kmandamenti ta’ Missieri u qiegħed fi mħabbtu” (Ġw 15, 10). Fit-tagħlim u fl-eżempju ta’ Ġesù hemm murija t-triq tal-imħabba vera u tal-għaqda ġenwina ma’ Alla: tfittex u trid f’kull ħaġa dak li Alla jrid. Din l-imħabba u din l-għaqda imbagħad jitmantnew u jitqawwew permezz tal-ħajja sagramentali, it-talb, is-smigħ u l-meditazzjoni tal-kelma ta’ Alla, iċ-ċaħda tagħna nfusna, il-qadi attiv tal-aħwa, bl-eżerċizzju tal-virtujiet kollha (LG 42). Fi kliem ieħor, l-imħabba tikber, u tagħti l-frott permezz tat-taħriġ ta’ ħajja nisranija sħiħa, u qabel xejn fl-aspett ġewwieni tagħha ta’ relazzjoni personali, ta’ għaqda ma’ Alla, ta’ dispożizzjoni intima għall-virtù, u mbagħad fl-aspett estern tagħha ta’ għaqda mal-aħwa, imwettqa fil-prattika tal-virtujiet kollha Nsara. Meta ngħidu li din l-imħabba hija r-ruħ tal-appostolat ifisser li qegħdin nistqarru l-ħtieġa tal-għaqda ma’ Alla, li minnha toħroġ l-imħabba u titmantna biha. Il-frott appostoliku tan-Nisrani ma jiddependix tant mill-attività esterna tiegħu, daqskemm mill-ħeġġa ġewwiena tal-imħabba u tal-profondità tal-għaqda ma’ Alla.

Għalhekk San Ġwann tas-Salib seta’ jgħid li “opra waħda magħmula b’imħabba kbira, tiswa aktar fil-Knisja u tikseb frott akbar minn ħafna opri magħmulin b’anqas ħeġġa jew bil-bruda” (*Kantiku* 28, 3).

● Ladarba int, o Mulej, tgħammar fir-ruħ tagħna, it-talba tiegħek hija wkoll tagħna u jiena rrid nissieħeb fiha bla waqfien, waqt li nżomm lil ruħi bħala reċipjent ċkejken; taħt din l-għajn tal-ħajja, biex imbagħad inkun nista’ nwasslu lill-erwieħ waqt li nħallihom jirċievu

dan il-mewġ tad-dilluvju ta' mħabba infinita. "Jien nikkonsagra lili nnifsi, biex huma wkoll ikunu kkonsagrati permezz tal-verità." O Mgħallem tiegħi ta' min jadurak, jien nixtieq nagħmel tiegħi l-kliem tiegħek. Iva, irrid inqaddes lili nnifsi għall-erwieħ, u ladarba aħna lkoll membri ta' ġisem wieħed, skont kemm ikollna fina l-ħajja divina nkunu nistgħu nikkomunikawaha u nxerrduha fl-organiżmu kbir tal-Knisja.

Beata Eliżabetta tat-Trinità, *Lettere,* 186

● "Iġbidni warajk, u niġru għar-riħa ta' fwiħatek." O Ġesù, mela, lanqas mhu meħtieġ li ngħid: "Int u tiġbidni, iġbed l-erwieħ li jien inħobb!" Din il-kelma sempliċi: "Iġbidni" hi biżżejjed. Mulej, jien nifhimha: meta ruħ tkun ħalliet lilha nfisha tinqabad mir-riħa li titilfek ta' fwiħatek, ma tagħrafx aktar tiġri waħedha, l-erwieħ kollha li hija tħobb jiġu mkaxkrin warajha; dan iseħħ mingħajr ma jkunu mġiegħla, bla sforz; huwa konsegwenza naturali tal-ġibda tagħha lejk. Hekk kif turrent ta' ilma, waqt li jinxteħet bil-qawwi fl-oċean, ikaxkar warajh dak kollu li ltaqa' miegħu fi triqtu, bl-istess mod, o Ġesù tiegħi, ir-ruħ li tintefa' fl-oċean bla qies ta' mħabbtek, tiġbed magħha t-teżori kollha li għandha… Mulej, inti taf, jiena ma għandi ebda teżori oħra ħlief l-erwieħ li int għoġbok tgħaqqad ma' tiegħi. Dawn it-teżori huwa int li fdajthomli f'idejja.

Nitlob lil Ġesù li jiġbidni fil-fjammi ta' mħabbtu, li jgħaqqadni miegħu hekk bis-sħiħ illi jgħix u jaħdem fija Hu. Inħoss li iktar ma n-nar tal-imħabba jqabbadli qalbi, iktar ngħid: "Iġbidni", u iktar ukoll l-erwieħ li se jersqu lejja… dawn l-erwieħ iktar se jiġru bil-ħeffa wara r-riħa tal-fwiħat tal-Maħbub tagħhom.

S. Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ,* Ms Ċ 34q. 36q

## 353. ID-DISGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Inti l-Mulej u ma hemm ħadd ħliefek (Is 45, 6).*

Ebda ġrajja tal-istorja ma taħrab mill-providenza ta' Alla. L-istess mexxejja, ukoll bla ma jafu, huma għodda li bihom Alla jinqeda biex iwettaq il-pjani tiegħu ta' salvazzjoni. L-ewwel qari tal-lum (Is 45, 1.4-6) jagħtina eżempju tipiku f'Ċiru, li kien il-fundatur tal-imperu Persjan u li f'idejn Alla kien il-ħellies tal-poplu magħżul. "Qbadtu minn idu l-leminija" (Is 45, 1), jgħid għalih il-Mulej. U f'għamla aktar ċara u diretta: 'Minħabba Ġakobb il-qaddej tiegħi, u Iżrael il-maħtur tiegħi jiena nsejjaħlek b'ismek. Tajtek isem ta' ġieħ, qabel ma int kont tafni" (Is 45, 4). L-istorja tal-individwi u tal-popli qiegħda f'idejn Alla, u hu jinseġ l-istorja permezz ta' bnedmin li ma jafuhx u li jaġixxu b'intenzjoni għalkollox differenti. Fuq kull tmexxija tal-bnedmin, hemm it-tmexxija ta' Alla li miegħu ħadd ma jista' jikkompeti: "Jien il-Mulej, m'hemmx ieħor ħliefi, m'hemmx Alla ieħor għajri" (Is 45, 5). Ċiru li kien pagan meta kien qed jordna li l-Lhud jerġgħu lura mill-Babilonja lejn pajjiżhom u ordna l-bini mill-ġdid tat-tempju ta' Ġerusalemm, kien qiegħed jikkopera bla ma kien jaf, biex jgħarraf is-setgħa kbira ta' Alla ta' Iżrael u jxerred il-qima tiegħu. Imfissra fid-dawl tal-fidi, l-istorja ta' kull bniedem u tal-bnedmin kollha tikseb it-tifsira vera tagħha, bħalma hi f'għajnejn Alla: u hija dejjem tifsira ta' salvazzjoni.

L-Evanġelju tal-lum (Mt 22, 15-21) jirriferi għall-ħsieb ta' Ġesù dwar l-awtorità politika. L-okkażjoni ġiet wara l-mistoqsija niggieża tal-Fariżej dwar jekk hux sewwa li titħallas it-taxxa lil Ċesari. Li tħallas it-taxxi għall-imperu Ruman kien meqjus minn xi wħud bħala tnaqqis tal-ħakma ta' Alla fuq il-poplu tiegħu, waqt li tirrifjuta li tħallashom seta' jitfisser bħala ribelljoni kontra l-awtorità kostitwita. Għalhekk kull tweġiba, fl-affermattiv jew fin-negattiv setgħet tagħti raġun għall-kundanna ta' Ġesù. Imma hu ħarab min-nassa u waqt li warrab kull kwistjoni ta' jekk kienx sewwa jew le, talab li jara munita tat-taxxa; u billi din kellha x-xbieha u l-kitba ta' Ċesari, it-tweġiba kienet ċara: "Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari u lil Alla dak li hu ta' Alla" (Mt 22, 21). Dawk il-kelmiet sempliċi warrbu l-kunċett antik li kien iqis l-istat bħala l-espressjoni mhux biss tal-awtorità politika,

imma wkoll ta' dik reliġjuża. Ġesù fil-fatt għamel linja ta' firda: l-awtorità politika għalkemm ġejja minn Alla u obbligata tirrispetta l-liġijiet tiegħu, għandha l-isfera tagħha dwar l-ordni temporali u l-ġid pubbliku, u f'dan l-aspett għandha tiġi magħrufa, rispettata u obduta. Imma l-istat ma jistax jitlob dak li jmiss lil Alla waħdu, jiġifieri l-qima assoluta. In-Nisrani għandu jmantni u jiddefendi l-ħelsien tiegħu biex iqim 'l Alla fuq kull liġi u fuq kull awtorità politika, għax "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'l bnedmin" (Atti 5, 29). Sadattant għandna nkunu konvinti li Alla jista' jinqeda mis-sitwazzjonijiet politiċi l-iżjed kuntrarji u anti-reliġjużi, biex iwettaq l-istorja tas-salvazzjoni. Saħansitra l-liġijiet ta' Ruma pagana servew biex jitwettqu l-pjani ta' Alla li kellhom x'jaqsmu mat-twelid u l-passjoni ta' Ġesù, pereżempju, l-istat ta' paċi fl-imperu l-kbir u aktar tard, l-istess persekuzzjoni tal-Insara kienu kollha għodda ta' siwi għat-tixrid tal-Evanġelju. L-importanti hu li n-Nisrani, kemm fis-sitwazzjonijiet sbieħ u kemm f'dawk kuntrarji, jibqa' sod fil-fidi bla ma jċedi quddiem l-ostilità, għax iħossu żgur li "Alla ma' dawk li jħobbuh… f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (Rum 8, 28).

● Mulej, Sultan, Sovran tal-univers, il-ħwejjeġ kollha huma taħt is-setgħa tiegħek, u ma hemm ħadd li jista' jeħodha kontra tiegħek jekk ir-rieda tiegħek hija li ssalvana.

Iva, int għamilt is-sema u l-għeġubijiet kollha li jinsabu taħt il-firmament. Int il-Mulej tal-ħwejjeġ kollha, u ħadd ma jista' jirreżisti għalik, o Mulej.

Ester 4, 17b-ċ

● O Alla tiegħi, agħmel li nintelaq bil-qawwa kollha tar-rieda tiegħi mgħejjuna bil-grazzja u bl-imħabba, minkejja d-dubji kollha suġġeriti mill-ħwejjeġ li jidhru kuntrarji fl-omnipotenza tiegħek, fl-għerf tiegħek, fl-imħabba tiegħek. Agħmel li nemmen li xejn f'din id-dinja ma jaħrab lill-Providenza tiegħek, kemm fl-ordni universali kif ukoll f'dak partikulari, li xejn kbir jew żgħir ma jiġri jekk mhux magħruf minn qabel, mogħti b'rieda jew bil-permess, imrieġi dejjem minnha għall-għanijiet l-oħra tiegħek, li f'din id-dinja huma dejjem għanijiet ta' mħabba għall-bnedmin. Agħmel li nemmen li int tista' tippermetti xi drabi f'din id-dinja, għal xi żmien, li l-ateiżmu u l-ħażen jidhru jirbħu, li s-sens tal-ġustizzja jiddallam b'mod doloruż, il-ksur

tad-drittijiet, it-turmenti ta' bnedmin innoċenti, kwieti, li ma jiddefendux ruħhom, u mingħajr għajnuna ta' ħadd.

O tabib divin, għalkemm idek tidher goffa meta tinfed fil-laħam il-ħaj bis-sikkina, imma l-imħabba attiva tiegħek hija dejjem preżenti bħala l-gwida u l-impuls tagħha, u huwa biss il-ġid veru tal-individwi u tal-ġnus li jġegħlek tindaħal b'mod daqshekk ta' wġigħ. Fl-aħħar agħmel li nemmen li l-qawwa tal-prova, bħalma hi r-rebħa tal-ħażen, ma ddumx wisq imma għal żmien qasir biss u mhux iżjed li tasal is-siegħa tiegħek, is-siegħa tal-ħniena, is-siegħa tal-ferħ qaddis, is-siegħa tal-għanja ġdida tal-ħelsien, tal-ferħ u tal-hena.

Piju XII, *Discorsi e radiomessaggi*, v. 3, p. 135

## SENA B

*Ruħna tixxennaq għall-Mulej, hu l-għajnuna u t-tarka tagħna (Salm 33, 20).*

Il-Liturġija tal-Ewkaristija hija dejjem sagrifiċċju għax tifkira u ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju tas-Salib. Imma l-karattru tagħha jagħti xhieda llum fil-Liturġija tal-Kelma li kollha kemm hi turi l-misteru tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. L-ewwel qari (Is 53, 10-11) jħabbar dan b'versi qosra li jikxfu l-pjan divin fil-"Qaddej ta' Jaħweh", xbieha ta' Kristu. "Il-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard" (Is 53, 10). Dan is-sagrifiċċju minn rajh "jiġġustifika l-kotra" (Is 53, 11), jiġifieri jiġġustifika l-għadd tal-bnedmin, isalva lil dawk kollha li jaċċettaw li jkunu salvati. Il-prezz kellu jkun il-mewt tiegħu li biha kellu jpatti u "l-ħażen tagħhom jitgħabba bih hu" (Is 53, 11). Jekk Alla biex jeħles lill-bnedmin ried li Ibnu jmut fuq is-salib, mela tassew li d-dnub mhux xi ħaġa żgħira u l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin mhix xi ċajta u lanqas xi espressjoni letterarja. Il-mewt ta' Kristu kellha tinfetaħ fil-glorja tal-qawmien, imma biss wara l-akbar uġigħ u l-eqqel ħruxija.

L-Evanġelju tal-lum (Mk 10, 35-45) isemmagħna t-talba ta' wlied Żebedew b'kuntrast qawwi mad-diskors tal-passjoni, li Ġesù għamel għat-tielet darba: "Ħallina noqogħdu wieħed fuq il-lemin tiegħek u l-ieħor fuq ix-xellug fil-glorja tiegħek" (Mk 10, 37). Il-bniedem dejjem jipprova jaħrab mit-tbatija u minflokha jfittex l-unur. Imma Ġesù jneħħilu l-ingann; min irid jissieħeb fil-glorja tiegħu jeħtieġlu jixrob miegħu l-kalċi tat-tbatija: "Għandkom ħila tixorbu l-kalċi li se nixrob jien?" (Mk 10, 38). Għalkemm iż-żewġ appostli kienu għadhom ma fehmux il-misteru tas-salib, wieġbuh fl-affermattiv: "Għandna" qalulu (Mk 10, 38), u t-tweġiba tagħhom kienet profezija. Xi darba, meta mbagħad kellhom jifhmu l-esiġenzi profondi tal-mixja wara Kristu, kellhom ikunu jafu kif ibatu u jmutu għalih, imma biex jagħmlu dan kellhom jiċħdu kull pretensjoni biex ikunu fl-ewwel postijiet, Fil-Knisja ta' Kristu m'hemmx post għall-kompetizzjoni tal-kburija jew maniġġi biex ikunu minn ta' quddiem, għall-ambizzjonijiet tas-suċċess, ta' glorja, li tkun fuq l-oħrajn. Min iħalli lilu nnifsu jintrikeb minn xewqat li ma jixirqux bħal dawn, iġib ruħu mhux ta' Nisrani, imma ta' pagan: "Tafu intom, dawk in-nies, li l-bnedmin jgħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa fuqhom. Fostkom m'għandux ikun hekk, imma min irid ikun kbir

fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom" (Mk 10, 42-43). Jekk se jkun hemm xi pika bejn l-Insara din għandha tkun biex jiksbu l-post tal-akbar qadi, imma mingħajr ftaħir, ifittxu aktar li jgħibu milli jidhru. Ġesù jagħtina l-eżempju ta' dan, hu li "ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10, 45). Aħna naqdu billi nġorru s-salib għalina nfusna u għall-oħrajn, waqt li nbatu biex inpattu l-ħtijiet tagħna u tal-oħrajn, waqt li noffru lilna nfusna ma' Ġesù fi "tpattija għall-kotra," għal kulħadd.

Biex jagħmel kuraġġ lill-Insara ħalli jġorru s-salib, l-awtur tal-Ittra lil-Lhud (2º qari: Lhud 4, 14-16) ifakkar li f'Ġesù għandna "Qassis il-Kbir" li, billi f'kollox kien bħall-bnedmin, jaf id-dgħufijiet tagħhom billi għadda minnhom b'kull mod "minn barra d-dnub". Issa li qiegħed fil-leminija tal-Missier biex jindaħal għalihom, u kien ibati bħalhom, sofra l-agunija u triegħed bħalhom fit-tbatija u fil-mewt, għalhekk jista' jagħdirhom u aktar minn hekk jgħinhom. "Ħa nersqu mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (Lhud 4, 16).

● O Mulejja! Meta naħseb b'kemm modi batejt għalina u kif inti ma kien jistħoqqlok ebda tbatija minn dawk li sofrejt, ma nafx x'naqbad ngħid fuqi nnifsi; u lanqas naf fejn mar moħħi meta ma ridtx inbati, jew x'inkun qiegħda nagħmel meta niskuża lili nnifsi f'xi ħaġa. Inti diġà taf tajjeb, ġid tiegħi, li jekk għandi fija xi ħaġa tajba, din ma ħarġitx ħlief minn idejk. Għax lilek x'jiswielek, Mulej, li tagħti ħafna minflok ftit? Huwa minnu li jiena ma kienx jistħoqqli dan il-ġid, iżda lanqas ma kienu jistħoqquli l-grazzji kollha li diġà tajtni. Jista' jkun li jiena wasalt biex irrid li ħaġa ħażina bħali tinżamm fil-ġieħ minn kulħadd, meta qalu ħwejjeġ hekk koroh fuqek li int il-ġid fuq kull ġid ieħor? La toqgħodx għal dan, Alla tiegħi, la toqgħodx għal dan – u lanqas irridek tħalli li fil-qaddejja tiegħek inti ssib xi ħaġa li ma togħġobx lil għajnejk. Għax ara, Mulejja, għajnejja huma għomja u jitgħaxxqu bi ftit. Agħtini d-dawl int, u agħmel li nkun nixtieq minn qalbi li kulħadd jobgħodni ladarba ħafna drabi nqast lilek li ħabbejtni hekk bis-sħiħ u għalkollox. Aħna nħobbu li nitilgħu 'l fuq, għalkemm b'dan il-mod qatt ma naslu biex nitilgħu sas-sema. Qatt ma rridu nitbaxxew. O, Mulej, Mulej, inti tassew inti x-Xempju u l-Imgħallem tagħna? Iva, żgur li hekk hu! U fejn kien l-unur tiegħek, ġieħ tagħna? Forsi tliftu meta umiljajt lilek innifsek sal-mewt? Le, Mulej, iżda int irbaħt għal kulħadd.

Santa Tereża ta’ Ġesù, *Triq* 15, 5; 36.5

## SENA Ċ

*L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art*
*(Salm 121, 2).*

Is-siltiet mill-iSkrittura tal-lum jiċċentraw fuq it-tema tal-fidi meqjusa fuq kollox bħala talba fiduċjuża lil Alla u żgura mill-għajnuna tiegħu. Mill-ktieb tal-Eżodu (17, 8-13; 1º qari) naqraw l-episodju magħruf tat-talba ta' Mosè fuq il-muntanja, waqt li fil-wied ulied Iżrael joħorġu fi gwerra kontra l-Għamalekin. "Kull meta Mosè kien jerfa' idejh, Iżrael kien jirbaħ, u kull meta kien iniżżel idejh, kienu jirbħu l-Għamalekin" (Eż 17, 11). L-idejn merfugħa kienu "sinjal" tat-talba merfugħa lejn Alla biex tissejjaħ l-għajnuna tiegħu, u fl-istess waqt – ladarba Mosè kien qed iżomm f'idejh "il-ħatar ta' Alla" li bih kien għamel ħafna għeġubijiet – idejh kienu impuls għall-poplu biex jiġġieled bil-kuraġġ. Għalhekk biex ma jħallux li minħabba l-għajja idejn Mosè jċedu, "Aron u Ħur żammewlu dirgħajh, wieħed kull naħa" (Eż 17, 12). Din kienet espressjoni ta' fidi li biha r-rebħa kienet mistennija wisq iżjed mill-għajnuna ta' Alla milli mill-almu tal-ġellieda.

Is-silta tal-Evanġelju tirrakkonta l-parabbola tal-imħallef u l-armla (Lq 18, 1-8), li Ġesù qalha biex jgħallem "li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu" (Lq 18, 1). Din kienet dwar imħallef "li la kien jibża' minn Alla" u anqas jagħti kas li jgħin il-kawża tad-dgħajfin u tal-mirfusin bħalma tgħid il-liġi divina. Dak ma riedx jagħti kas tal-armla fqira li marret għandu biex jagħmlilha ħaqq, imma fl-aħħar ċeda għat-talbiet tagħha biss biex ma jkunx imdejjaq u biex l-armla "ma tibqax ġejja u sejra sa tifnini" (Lq 18, 5). Minn dan l-eżempju Ġesù ħa l-ispunt biex ifiehem li Alla wisq aktar mill-imħallef ħażin, jisma' t-talb ta' min jersaq lejh bla ma jaqta' qalbu. "Imbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq?" (Lq 17, 7-8). It-talba li Ġesù kien qed jagħmel enfasi fuqha hija speċjalment it-talba biex tiġi s-saltna ta' Alla, għas-salvazzjoni tal-magħżulin, meta fl-aħħar jum, Bin il-Bniedem jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja (ara s-silta ta' qabel: Lq 17, 22-37). L-Insara għandhom jgħixu u jistennew dak il-jum u jitolbu bla waqfien biex ikun jum ta' salvazzjoni. Min-naħa ta' Alla, is-salvazzjoni hija żgura għax Kristu miet u rxoxta għall-bnedmin kollha. Min-naħa tal-bniedem, b'danakollu, hemm kundizzjoni li hi meħtieġa: il-fidi. "Imma taħsbu intom li Bin il-Bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi? (Lq 17,

8). Il-mistoqsija li biha Ġesù jagħlaq il-parabbola jġegħilna nagħmlu riflessjoni serja. Il-Knisja mħabbta tista' tkun żgura li t-talba bla taqta' tagħha għas-salvazzjoni se tkun sa fl-aħħar mismugħa. Alla jagħmel ħaqq mill-magħżulin tiegħu wkoll jekk bħalissa jħallihom jgħaddu mill-persekuzzjonijiet, tbatija, u nuqqas ta' suċċess bħalma ppermetta għal Ibnu l-Maħtur, Ġesù Kristu. Imma jeħtieġ li l-Knisja u l-Insara wieħed wieħed iħarsu l-fidi b'mod sħiħ u jiddefenduha mill-attakki tal-iskuraġġiment. Aktar ma Alla jsib fihom fidi soda u żgura, aktar jindaħal favur tagħhom, bħalma ndaħal favur Iżrael.

F'dan il-kuntest it-tieni qari (2 Tim 3, 14 - 4, 2) jinstema' kważi bħala tħeġġiġa ħierġa mill-qalb biex nibqgħu sodi fil-fidi minkejja t-teoriji kuntrarji u l-abbandun tagħha minn ħafna. "Int ibqa' miexi f'dak li tgħallimt u emmint bis-sħiħ" jikteb San Pawl lil Timotju li issa kien jaf sewwa l-Kotba Mqaddsa li jgħallmu "għas-salvazzjoni" li hi fil-"fidi f'Ġesù Kristu" (Tim 3, 14-15). Min jibqa' marbut mal-kelma ta' Alla ma jiċċaqlaqx, ikun imħares kontra kull assalt u jkun "imħejji għal kull ħidma tajba" (2 Tim 3, 16).

● Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet: mnejn se tiġini l-għajnuna? L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art. Ma jħalli qatt li riġlek jogħtor; ma jongħosx dak li jħarsek… Il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek… Iħarsek il-Mulej minn kull deni; hu jħarislek ħajtek. Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek, minn issa u għal dejjem.

Salm 121

● Mulej, għallimna nitolbu bla waqfien bla ma nitilfu waqt wieħed! Biex nitolbu għalina u wisq iżjed għall-proxxmu tagħna, "aħjar tagħti milli tirċievi." Agħmel li nitolbu u nittallbu bla biża' li nitolbu grazzji aktar għoljin. Aktar ma t-talbiet tagħna jkunu kbar, aktar ikunu denji li jiġu mismugħa minnek; huma juru l-fidi tagħna, dik il-fidi li inti titlob minna, li jkunu ħaġa waħda mar-rieda tiegħek, ladarba inti għandek f'qalbek ix-xewqa tal-qdusija tal-bnedmin kollha.

Inti tgħallimna nittallbu… il-glorja tiegħek, il-konverżjoni tal-bnedmin u tagħna, it-twettiq tal-fidi tagħna, it-twettiq perfett tar-rieda tiegħek fina u fil-bnedmin kollha, l-Ewkaristija mqaddsa u l-grazzja

għall-bnedmin kollha, il-maħfra tad-dnubiet tagħna u tal-oħrajn, l-għajnuna kontra t-tentazzjonijiet, il-ħelsien minn kull dnub, minn kull deni f'din id-dinja u fl-oħra… Dan, o Mulej, li tridna dejjem nitolbuk, dan dejjem jingħata minnek, jekk nitolbuhulek bil-fidi.

Beatu Charles de Foucauld, *La preghiera del povero*, p. 90.130

## 354. L-APPOSTLU ĦABIB TA’ ALLA

*O Mulej, li ma sejjaħtilniex aktar qaddejja imma ħbieb, agħmel li nibqgħu fl-imħabba tiegħek (Ġw 15, 15.9).*

1. L-appostolat jikkonsisti fuq kollox li “tgħarraf u tikkomunika l-imħabba ta’ Alla lill-bnedmin kollha” (AG 10), dik l-imħabba li biha ħabbna Alla li jrid li aħna wkoll inħobbu lil xulxin (AG 12). L-impenn li nagħtu xhieda għall-imħabba u li nxerrduha fid-dinja jsaħħaħ il-ħtieġa li l-appostlu jiġbed fih l-imħabba mill-għaqda tiegħu ma’ Alla.

Qabel ma Ġesù bagħat id-dixxipli biex jirbħu d-dinja, riedhom jgħixu bħala ħbieb fl-intimità miegħu, għarrafhom ‘il-Missier, irrivelalhom l-imħabba tiegħu u wisq aktar minn hekk, seħibhom fiha: “Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jien” (Ġw 15, 9); “sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kulma smajt mingħand Missieri jien għarraftulkom” u kważi fl-aħħar ikompli: “ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott” (Ġw 15, 16). In-Nisrani huwa appostlu meta hu ħabib ta’ Alla u jgħix din il-ħbiberija kemm fir-relazzjoni miegħu u mal-proxxmu u kemm fit-talb jew fl-għemil. It-talb iġegħlu jinxteħet jisma’ f’riġlejn il-Mulej biex jilqa’ l-kelma tiegħu u jidħol fis-sens profond tagħha, biex jerġa’ jkebbes l-imħabba u jsaħħaħ il-ħbiberija u biex jitlob il-grazzja għalih u għall-aħwa. L-għemil joffrilu triq biex jittraduċi f’għemejjel konkreti d-dawl, l-imħabba, il-grazzja li ġiet mill-intimità tiegħu ma’ Alla, u li tqiegħdu fis-servizz tal-proxxmu skont ir-rieda divina. Hekk waqt li t-talb jiddisponi l-appostlu għall-ħidma aktar ġeneruża u li ġġib il-frott għax aktar mgħobbija bl-imħabba, l-appostolat li hu t-taħriġ tal-istess imħabba u min-naħa tiegħu ikabbar il-ħeġġa ġewwiena u jġegħilha ġġarrab l-urġenza tal-indħil divin, tħeġġeġ għat-talb u għall-għaqda aktar profonda ma’ Alla. B’dan il-mod it-talb u l-għemil, l-għaqda ma’ Alla u l-appostolat ma jeħduhiex kontra xulxin, ma joħolqux duwaliżmu, imma jikkompletaw lil xulxin u jikbru flimkien, għax kull waħda hi espressjoni ta’ ħbiberija ma’ Alla, ħbiberija li teħtieġ kemm il-ħeġġa ġewwiena u l-attenzjoni esterna tal-imħabba. Ġesù qalu dan: “Min jibqa’ fija u jiena fih,” bil-ħeġġa ġewwiena tal-imħabba “dan jagħmel ħafna frott” (Ġw 15, 5), il-frott tal-appostolat.

2. L-appostolat nisrani ma jikkonsistix fl-attività esterna, ma jintemmx bl-għemejjel, ukoll jekk ikunu kbar u jagħmlu l-ġid. Forsi

ħadd ma afferma dan b'tant qawwa daqs San Pawl: "Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu… imma ma kellix l-imħabba, jiena kont inkun xejn. U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid" (1 Kor 13, 1-3). L-appostlu kien jaf li wieħed jista' jagħmel għemejjel kbar, li ma jiswew xejn mill-aspett sopranaturali għax mhumiex imqanqlin mill-imħabba. Għalkemm dawn jistgħu jqanqlu ammirazzjoni u jkunu suċċess fuq livell uman, imma m'għandhomx il-ħila li jikkomunikaw l-imħabba għax mhumiex il-frott tagħha. Dwar attiviżmu bħal dan li fih jistgħu jaqgħu wkoll l-appostli, San Ġwann tas-Salib jgħid: "Huma jsammru ħafna imma jwettqu ftit, u saħansitra xi drabi jagħmlu l-ħsara" (*Kantiku Spiritwal*i 29, 3).

Hija biss l-imħabba ta' Alla li tista' ssawwar l-appostlu ġenwin u għalhekk li ġġib il-frott. Għalhekk San Pawl, waqt li jippreżenta l-karatteristiċi veri tal-imħabba, jgħid: "L-imħabba taf tistabar u tħenn, ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla, ma żżommx f'qalbha kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13, 4-7) u jurina wkoll l-aqwa mudell u jħeġġiġna biex nimitawh fina nfusna: "Imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċji jfuħu quddiem Alla" (Ef 5, 2). Għal darb'oħra naraw li meta n-Nisrani jsir appostlu, ikollu l-ħila jxerred l-imħabba ta' Kristu għax jgħix fiha mhux b'mod astratt, imma konkret, tant konkret li jimita l-imħabba ta' Ġesù nnifsu, li kkonsagra lilu nnifsu kollu kemm hu għall-glorja tal-Missier "waqt li offra lilu nnifsu f'sagrifiċċju" u fl-istess ħin jikkonsagra lilu nnifsu kollu kemm hu għas-salvazzjoni tal-bnedmin waqt li jikkonsma l-offerta tiegħu biex jagħtina l-ħajja.

● O Mulej, għallimni naħdem b'fidi safja, bla ebda faraġ, jekk meħtieġ, u li nippossiedi lil ruħi fis-sabar. Agħmel li ma ngħajjiex inħawwel, insaqqi, u nistenniek biex tkabbar: jekk insalva mqar ruħ waħda, ix-xogħol ta' ħajti kollha jkun jiswa għal dejjem.

O Alla, inti għani ma' dawk kollha li jsejħulek. Inti tirikkmanda li nitolbu biex ma nintilfux minħabba n-nuqqas ta' talb, il-ġid li int ħejjejt għalina. Inti twiegħed, inti tistieden, inti titlobna biex nitolbuk. Huwa

veru li biex nitimgħu merħla kbira, neħtieġu mħabba kbira, imma int li titlobna għall-imħabba hekk kuraġġuża u paċenzjuża, int l-istess wieħed li tagħtihielna. Inti tgħidli: Ejja, ħaffef, ixtri mingħajr flus. Int tista' tixtri l-imħabba b'sempliċi xewqa: hu biss dak li ma jridhiex li jibqa' mingħajrha. O ġid infinit, huwa biżżejjed li nixtieqek biex ikolli lilek! Int it-teżor ta' qalb imsejkna, int taqta' kull xewqa u timla' kull vojt. O Mħabba, inti tagħti kollox u tagħti lilek innifsek lil min jiftaħlek qalbu. Imma huwa biss il-grazzja li tagħtini l-imħabba, u ma niksbux l-imħabba jekk ma nitolbuhielekx.

O ġid infinit, biżżejjed inkunu rriduk, biex ikollna lilek! Inti t-teżor tal-qalb fqajra, li tħallas kull xewqa u li timla' kull vojt. O mħabba, inti tagħti kollox u inti nnifsek tingħata lil kull min jiftaħlek qalbu.

Imma... hija biss il-grazzja li tista' tagħtini l-imħabba, u l-grazzja ma naqalgħuhiex jekk ma nsejħulhiex fit-talb.

Għalhekk Mulej, inti tridni nitlob bla ma nieqaf. Jekk kull Nisrani kellu jitlob hekk, xi jmissu jagħmel ir-ragħaj? Inti ħtartni medjatur bejn is-sema u l-art: Jien jeħtieġ li nitlob biex ngħin lil dawk li jitolbu, waqt li ngħaqqad it-talb tiegħi ma' tagħhom; Barra minn dan, jeħtieġ li nitlob ukoll għal dawk li ma jitolbu xejn. Nixtieq nitkellem miegħek, o Alla, f'isem dawk li ma nissugrax inkellimhom dwarek, meta narahom rashom iebsa u jitmeżimżu kontra l-virtù. Ħalli nkun bħal Mosè l-ħabib tiegħek! Immur fuq il-muntanja, 'il bogħod mill-folla, biex nitkellem miegħek familjarment wiċċ imb wiċċ (Eż 33, 11); imbagħad imżejjen bil-glorja li din il-laqgħa li ma titfissirx bil-kliem tqiegħed fuq rasi, nerġa' lura lejn il-poplu tiegħi.

F. Fenelon, *Oeuvres*, v. 17, p. 165-167

## 355. DIVERSITÀ FIL-FUNZJONI

*Mulej, agħmel li nimxi warajk u naqdik skont is-sejħa u l-grazzja li tajtni (Rum 12, 6).*

1. "Għalkemm id-dmirijiet huma differenti u differenti wkoll huma l-modi kif wieħed jista' jgħix il-ħajja, waħda hija l-qdusija li jfittxu dawk kollha li huma mmexxijin mill-iSpirtu ta' Alla" (LG 41). Il-qdusija hija waħda għall-Insara kollha għaliex il-kontenut huwa l-istess, l-imħabba. L-imħabba hija minnha nfisha attiva u għandha dinamiżmu ġewwieni li ma għandu jonqos minn ebda ħajja spiritwali: ħeġġa għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni tal-bnedmin, talb u xewqa għall-għaqda ma' Alla, xewqa ta' għaqda mal-aħwa biex jinġabru lkoll fil-Poplu waħdieni ta' Alla. Skont il-qawwa ta' dan id-dinamiżmu ġewwieni, il-ħajja spiritwali tan-Nisrani u l-frott appostoliku jkunu ftit jew wisq intensi. Dan iseħħ f'kull għamla jew stat ta' ħajja. Il-ħwejjeġ jitbiddlu, imma fid-dinamiżmu estern tal-imħabba, jiġri bil-maqlub, dwar li jista' jintwera b'modi diversi, skont "id-dmirijiet differenti… u l-modi kif wieħed jista' jgħix il-ħajja" ta' kull wieħed.

Ejjew niffurmaw ġisem wieħed, jgħid San Pawl, li jirrealizza ruħu u jikber fl-imħabba waħdiena ta' Kristu (Ef 4, 16); b'danakollu, "mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol" għax aħna "għandna doni differenti skont il-grazzja li Alla tana" (Rum 12, 4-6). Għalhekk għalkemm ilkoll għandna s-sejħa nisranija li hi minnha nfisha appostolika, kull wieħed fil-prattika jħaddimha b'mod partikulari, determinat mis-sejħa personali tiegħu, mill-grazzja u mid-doni li jkun irċieva. L-appostolat tal-lajċi, fil-ħidma esterna tiegħu mhux l-istess bħal dak tar-reliġjużi, u lanqas dak tal-missirijiet u l-ommijiet tal-familja mhu l-istess bħal dak tas-saċerdoti. Imma f'kollha hemm u jmissu jkun hemm element komuni: id-dinamiżmu ġewwieni tal-imħabba. Ilkoll bla ebda distinzjoni jeħtieġ ikollhom dan id-dinamiżmu u jkabbruh fihom: id-distinzjoni waħdiena hi dik li ġejja mhux mis-sejħa: imma mill-ħeġġa personali ta' kull wieħed: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad" (Lq 12, 49). Jalla Ġesù jsib dan in-nar ħaj tal-imħabba u jħeġġeġ f'kull appostlu.

2. Il-Konċilju Vatikan II jagħti idea tal-karatteristiċi fundamentali tal-ħidma appostolika tal-kategoriji differenti tal-Insara. Is-saċerdoti

"għandhom relazzjoni prinċipalment u proprjament mal-ministeru mqaddes" (LG 31); u "waqt li jaqdu aħjar il-ħidma pastorali" huma għandhom jirrappreżentaw u jesprimu l-imħabba tar-Ragħaj it-tajjeb, waqt li jingħataw għall-merħla afdata f'idejhom (PO 14). Il-lajċi min-naħa tagħhom għandhom id-dmir li "jfittxu s-saltna ta' Alla billi jħaddmu l-ħwejjeġ temporali u jindirizzawhom skont ir-rieda ta' Alla"; huma msejħa "biex jagħtu sehemhom minn ġewwa, bħalma tagħmel il-ħmira, biex id-dinja titqaddes" (LG 31). Imbagħad fost il-lajċi l-ħidma appostolika tieħu forom diversi skont ir-responsabbiltà familjari, soċjali u skont il-professjoni ta' kull wieħed. Fl-aħħar "ir-reliġjużi min-naħa tagħhom huma msejħa biex jagħtu xhieda għolja u li ddawwal illi d-dinja ma tistax tkun trasfigurata f'Alla u offerta lilu mingħajr l-ispirtu tal-beatitudni" (LG 31). L-appostolat tagħhom fuq kollox jikkonsisti f'xhieda awtentika ta' ħajja evanġelika, sabiex għall-Insara kollha, ikunu "sinjal" tat-traxxendenza ta' Alla u tal-ewwel post assolut tar-realtajiet u tal-barkiet eterni. U għalkemm kollha jħaddmu s-sejħa billi jlaħħmu fid-dinja b'mod aktar fidil il-misteru ta' Kristu, u billi jsegwu mill-qrib "il-forma ta' ħajja li l-Iben ta' Alla aċċetta li jħaddan meta ġie fid-dinja" (LG 44), kull familja reliġjuża tagħmel dan b'mod uniku, skont il-kariżma proprja. B'hekk ir-reliġjużi "jixhdu lil Kristu" quddiem id-dinja jew meta "jikkontempla 'l Alla fuq il-muntanja, jew li jħabbar lill-folol is-Saltna ta' Alla, jew ifejjaq il-morda u l-midruba, jew jikkonverti lill-midinbin, jew ibierek lit-tfal, jew jagħmel il-ġid lil kulħadd" (LG 46). Il-ħidma appostolika tal-ikkonsagrati titbiddel skont it-tip tal-Istitut li huma membri tiegħu: kontemplattiv jew attiv, mogħti għall-predikazzjoni jew għat-tagħlim, għall-missjoni jew għall-kura tal-morda. Imma għal kulħadd – saċerdoti, reliġjużi jew lajċi – l-aħjar triq, għall-qdusija personali u għall-frott appostoliku, hija dik murija mir-rieda ta' Alla, li jqassam is-sejħat u d-doni skont kif jogħġob lilu.

● O Missier etern, islifni l-qawwa tiegħek sabiex… inkun nista' nidħol kullimkien, għax kieku kelli tant grazzja li nkun nista' nidħol fil-qlub, kont nagħmel li nista' biex l-imħabba kienet tinfidhom! O Missier etern… għallinqas agħmel li jkun hemm xi ruħ li tikseb din l-imħabba, li biha jingħataw il-ħwejjeġ tajba kollha, u li mingħajrha ebda ġid ma jista' jkun hemm li hu tassew veru ġid.

O kieku kont nista' nagħti ħajti u ninfena biex xi ħadd jikseb din l-imħabba, o kemm kont nagħmel dan bil-qalb! Sawwab, Missier,

sawwab l-iSpirtu tiegħek [fil-qlub]… Imma jeħtieġ li huma jkunu disposti biex ikunu jistgħu jirċevuh. Ħejjihom int, o Verb, b'dik l-imħabba li biha xerridt Demmek. O Missier etern, noffrilek il-Verb tiegħek u dak kollu li hemm fih u Demmu għall-ħlejjaq kollha. O Missier etern, sawwab din l-imħabba, nitolbok sawwabha,… O Missier, wettaq il-Verità tiegħek. Inti taf li hu qal: "Ġejt biex inġib in-nar fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad?"

O Missier etern inti ġġiegħelni nixtieq din l-imħabba fil-ħlejjaq b'tant qawwa, - biex dawk kollha li ma jridux jirċievu t-tiswib tad-Demm tal-Verb tiegħek – li bih ikunu jistgħu jirċievu dik l-imħabba fihom infushom – huma għalija infernijiet daqskemm hemm ħlejjaq.

S. M. Maddalena de' Pazzi, *I colloqui*, Op. v. 3, p. 207-208.210

● Li kien ikun jogħġbok, o Alla tiegħi, li jasal iż-żmien li fih inkun nista' għallinqas inħallas imqar xi ħaġa żgħira għall-ġid kollu li għamilt miegħi. Agħmel, Mulej, li din il-qaddejja tiegħek tkun tista' taqdik f'xi ħaġa. Kien hemm nisa oħra li wettqu ħwejjeġ erojċi għall-imħabba tiegħek. Jien ma għandi ħila nagħmel xejn ħlief li nitkellem; u għalhekk jidher li ma jogħġbokx li tara x'niswa, għax ir-rieda kollha tiegħi li naqdik tieqaf f'ħafna kliem u xewqat; u hawn ukoll qisni lanqas jien ħielsa għalkollox, għax dejjem nista' nuża ħażin il-libertà tiegħi. Kun int, o ġid ta' kull ġid tiegħi, li tqawwi u tħejji sewwa lil ruħi, u mbagħad agħtini l-mezzi biex inkun nista' nagħmel xi ħaġa għalik, għax ħadd ma jiflaħ jirċievi dak kollu li rċevejt jien mingħandek u ma jħallas xejn bi tpattija. Jiswieli x'jiswieli, Mulejja, la tħallix li niġi quddiemek b'idejja vojta għalkollox, ladarba l-premju tagħna jrid ikun skont l-għemil tajjeb tagħna. Hawn jinsabu ħajti, ġieħi, l-istess rieda tiegħi! Jiena tajtek kollox, jiena tiegħek, u għalhekk agħmel minni dak li trid int! Naf biżżejjed Mulej, sa fejn tasal il-ħila tiegħi; imma issa li wasalt hekk qrib tiegħek, issa li tlajt sal-quċċata ta' dan it-torri minn fejn wieħed jista' jara kull verità, jien għandi ħila għalkollox, sakemm inti tibqa' miegħi.

Santa Tereża ta' Ġesù, *Ħajja* 21, 5

## 356. TALBA APPOSTOLIKA

*Jekk ma tkunx int, Mulej, li tibni d-dar,*
*għalxejn jaħdmu l-bennejja (Salm 127, 1).*

1. Meta l-Konċilju Vatikan II jgħid li hemm reliġjużi li għandhom il-missjoni li jwasslu f'ħajjithom l-attitudni ta' Kristu fil-kontemplazzjoni fuq il-muntanja (LG 46), ikun qed jafferma s-siwi appostoliku tas-sejħa kontemplattiva. Ġesù li "kien iħobb ifittex xi mkien imwarrab u jinġabar fit-talb", waqt li jgħaddi "l-lejl fit-talb 'l Alla" (Lq 5, 16; 6, 12), kien qed jixhed lill-appostli l-preżenza ħajja tal-Missier, id-dmir tal-adorazzjoni, il-ħtieġa tat-talb u fl-istess ħin ikebbes fi qlubhom ix-xewqa li jimitawh, tant li darba waslu qalulu: "Mgħallem, għallimna nitolbu" (Lq 11, 1). Hekk il-kontemplattivi, bil-ħajja dedikata tagħhom għall-qima divina, jgħajtu b'leħen għoli lid-dinja li Alla jeżisti u li lilu jistħoqqu l-aqwa mħabba u qima, u jixhdu li hu possibbli li wieħed jidħol f'relazzjoni, fi ħbiberija personali miegħu, u waqt li jfakkruna fil-ħtieġa tat-talb, jerġgħu iqajmu fi qlubna l-fidi u t-tama fil-ħwejjeġ eterni, u jkebbsu mill-ġdid il-fjamma tal-imħabba ta' Alla. F'soċjetà mgħaddsa f'materjaliżmu kbir, ix-xhieda tagħhom turina li għalxejn nibnu belt tad-dinja jekk fiha l-ewwel post ma jkunx merfugħ għal Alla. Dan kollu jibni fih innifsu għamla ta' appostolat li hu tassew siewi, ukoll jekk nieqes mill-attività esterna. In-nuqqas ta' dan ma jurix egoiżmu, għażż, jew nuqqas ta' attenzjoni għal-ħtiġijiet tal-aħwa, imma impenn sħiħ fid-dinamiżmu ġewwieni tal-imħabba: talb, offerta, għotja intima tagħna nfusna biex nagħtu 'l Alla l-akbar imħabba u fl-istess ħin biex inkunu aktar effettivi fis-salvazzjoni tal-bnedmin.

Għalhekk, ukoll fi żmien meta dawk li jiddedikaw ruħhom għall-appostolat attiv mhumiex biżżejjed fin-numru, il-Knisja mhux biss tagħraf il-leġittimità tal-istituti "mogħtijin kollha kemm huma għall-kontemplazzjoni", imma tapprova u tfaħħar l-effettività appostolika tagħhom. Istituti bħal dawn, "għad li l-ħtieġa tal-appostolat attiv qiegħda ssir urġenti, madankollu, fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu joffru lil Alla sagrifiċċju mill-aqwa ta' tifħir, idawlu l-poplu ta' Alla, u waqt li jipproduċu kotra ta' frott ta' qdusija, ikunu ta' unur u ta' eżempju għall-poplu ta' Alla u jkabbruh bis-saħħa għammiela tal-appostolat tagħhom" (PC 7).

2. “L-appostolat moħbi, għammiel u misterjuż” tal-kontemplattivi jiddependi biss mill-ħeġġa intima tal-imħabba tagħhom li hija murija f’“talb bla heda u f’penitenza bil-qalb” (PC 7). Imma hekk kif mhux biżżejjed għall-attivi li tgħallem il-katekiżmu jew tikkura l-morda biex tħarreġ l-appostolat veru, hekk għall-kontemplattivi mhux biżżejjed li jingħataw għat-talb, jgħixu fis-solitudni, fis-skiet u jwettqu taħriġ ta’ penitenza, jekk dan kollu mhux imqanqal minn imħabba qawwija. Anzi, billi huma mhumiex involuti f’ħidmiet esterni, huma marbuta aktar mill-oħrajn li jibqgħu mexjin ‘il quddiem bla ma jieqfu mill-imħabba, ladarba din hi l-qawwa waħdiena tal-appostolat tagħhom. Imma meta t-talba tagħhom toħroġ minn qalb mimlija mħabba – ikun hekk biss li tista’ ssir kontemplazzjoni, jew għarfien kollu mħabba ta’ Alla, sospensjoni f’Alla – imbagħad din tkun tassew l-għajnuna, il-lieva tad-dinja, għajn vera ta’ grazzja għall-Poplu kollu ta’ Alla.

Lill-Appostli li stagħġbu li ma rnexxielhomx jeħilsu lil wieħed imxajtan, Ġesù wieġeb: “Spirtu bħal dak [tax-xitan], ma jista’ jitkeċċa b’xejn ħlief bit-talb” (Mk 9, 29). Ċerti grazzji ta’ konverżjoni u ta’ salvazzjoni eterna jinkisbu biss bit-talb, għax il-grazzja tiġi biss minn Alla u hu ma jiċħadhiex meta tiġi mitluba minn qlub li huma ħbieb tassew. F’dan is-sens Tereża ta’ Ġesù ma tieqafx tħeġġeġ ‘l uliedha biex ikunu “ħbieb fidili” tal-Mulej, u biex “isiru dawk” li jaqilgħu grazzji kbar għall-Knisja kollha u l-aktar għal dawk li huma mogħtijin għall-ħidmiet appostoliċi (*Triq* 1, 2; 3, 5). L-attitudni tal-appostli, li ta’ sikwit iħallu biss ftit ħin għat-talb, jeħtieġ tkun mgħejjuna, biex tagħmel il-frott u tkun imwieżna mill-orazzjoni bla ma taqta’ u kollha mħabba tal-kontemplattivi, b’mod li fil-Ġisem Mistiku ta’ Kristu ma jinħolqux sproporzjonijiet bejn il-ħidmiet esterni u l-imħabba li suppost tagħtihom il-ħajja, bejn l-azzjoni u l-kontemplazzjoni. Is-sejħa tal-kontemplattivi “hija l-imħabba” – tikteb Tereża ta’ Lisieux; kull wieħed u waħda minnhom “jibqa’ qrib ħafna t-tron tas-Sultan… u jħobb għal ħutu li qegħdin jissieltu” (Ms B 4q).

● O Ġesù, x'nista' nagħmel biex insalva lill-erwieħ? Il-kelma tiegħek mimlija b'dawl ħaj turini dan. Darba int għedt lid-dixxipli tiegħek, waqt li wrejthom l-għelieqi mimlija bil-qamħ misjur: "Erfgħu għajnejkom u araw kif il-kampanja lesta għall-ħsad... Tassew ngħidilkom: Il-ħsad huwa kbir imma l-ħaddiem huma ftit. Itolbu għahekk lil Sid il-ħsad biex jibgħat il-ħaddiema."

X'misteru! O Ġesù, int ma tistax kollox? Il-ħlejjaq mhumiex forsi ta' Dak li għamilhom? Għaliex mela, Ġesu jgħidilna; "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat lill-ħaddiema"? Ir-raġuni waħdanija hi li inti għandek għalina mħabba hekk li tridna nissieħbu miegħek għas-salvazzjoni tal-erwieħ?

Int ma trid tagħmel xejn mingħajrna. Int li int il-ħallieq tal-univers tistenna t-talba ta' ruħ fqajra u ċkejkna biex issalva erwieħ oħra li għalihom int ħallast il-prezz ta' demmek kollu.

Il-vokazzjoni tiegħi mhix dik li mmur naħdem fl-għelieqi tal-qamħ misjur; int o Ġesù ma tgħidlix: "Baxxi għajnejk, ara l-kampanja u mur aħsad; il-missjoni tiegħi hija wisq aktar sublimi. Hekk hu l-kliem li tgħidli: "Erfa' għajnejk u ara." Ara kif fis-sema hemm postijiet vojti; imiss lilek li timlihom... Inti hu l-Mosè tiegħi waqt li talab fuq il-muntanja; titloni l-ħaddiema u jien nibgħathomlok. Ma nistenniex ħlief talba, tnehid ta' qalbek! Din hi l-missjoni li afdajtli, o Ġesù: nifforma ħaddiema evanġeliċi li jsalvaw il-miljuni ta' erwieħ li fosthom ikun hemm il-madre.

S. Tereża tal-Bambin Ġesù, *Ittra* 114

- Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jikbru fija, Mulej, ix-xewqat li nikkontribwixxi għall-ġid ta' xi ruħ, li ħafna drabi, huma bħal persuna li għandha teżor kbir, mixtieqa li taqsmu ma' kulħadd, imma mhix kapaċi tqassmu... Inħossni mikduda għat-telfien ta' tant erwieħ, li ma nafx kif inżommhom. Ngħolli l-leħen tiegħi lejk, o Mulej, nitolbok li tfornini b'xi mezz biex nikkontribwixxi biex nikseb xi waħda biex isservik..., u li tagħtini l-possibbiltà li nagħmel xi ftit ġid mat-talb, għax ma nafx nagħmel aħjar.

Ngħir ħafna għal dawk li għall-imħabba tiegħek ikunu jistgħu jingħataw għall-appostolat, Din hi l-ġibda li inti tajtni, o Mulej. Jidhirli li inti tapprezza aktar ruħ waħda li bix-xogħol tagħna u l-orazzjoni għall-ħniena tiegħek aħna nirbħu għalik, għal kull servizz ieħor li nistgħu nagħtuk.

Santa Tereża ta' Ġesù, *Fundazzjonijiet* 1, 6-7

## 357. SAGRIFIĊĊJU ĦAJ U QADDIS

*Agħmel Mulej, li ntemm f'ġismi t-tbatijiet tiegħek għall-ġisem tiegħek li hu l-Knisja (Kol 1, 24).*

1. Fil-ħajja ta' Ġesù fuq l-art – kemm dik mgħoddija fil-ħabi ta' Nazaret kif ukoll fis-snin tal-ministeru tiegħu fost il-folol – kien dejjem l-appostlu, "il-mibgħut" tal-Missier. L-għemejjel tiegħu kollha kellhom siwi appostoliku, imma b'danakollu hu salva lill-bnedmin fuq kollox "bid-demm tiegħu mxerred fuq is-salib, fil-mewt tal-ġisem tal-laħam ta' Ibnu" (Kol 1, 20.22). Kien biss hemm li Kristu temm il-missjoni tiegħu u qal: "Kollox mitmum" (Ġw 19, 30). Meta kien qed jikkontempla dan il-misteru, San Pawl fehem li biex inkunu appostli mhux biżżejjed nissieħbu fit-tbatijiet personali ta' Kristu, imma jeħtieġ naqsmu miegħu s-sagrifiċċju feddej tiegħu: "Jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1, 24). Dan id-dmir jagħfas fuq kull membru tal-Ġisem Mistiku li jrid jissieħeb fil-ġid tal-erwieħ; imma b'mod aktar qawwi u waħdieni jsawwar, flimkien mat-talb, l-appostolat proprju tal-kontemplattivi. "Fil-verità, is-Salvatur Divin ħeles l-umanità, ilsira u maħkuma mid-dnub, l-aktar bit-talb imħeġġeġ lill-Missier u bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. Għalhekk, kulmin ifittex li jimita dan l-aspett kollu kemm hu ġewwieni tal-ħidma feddejja ta' Kristu, iħarreġ appostolat awtentiku, ukoll jekk ma jwettaqx xi għemil appostoliku estern" (B. Ġwanni XXIII, *Causa praeclara*, 16.7.1962). Hija l-għamla ta' ħajja tal-istituti mogħtijin għall-kontemplazzjojni li, waqt li jingħataw għal "talb bla waqfien" u jgħaqqduh ma' "penitenza sfiqa", iqisu l-waħda u l-oħra bħala estensjoni tat-talb u tas-sagrifiċċju ta' Kristu. B'dan il-mod huma "joffru lil Alla sagrifiċċju mill-aqwa ta' tifħir" (PC 7): "sagrifiċċju" bil-penitenza tagħhom ta' kuljum, "tifħir" bit-talb bla ma jieqfu. Anzi, bħalma fi Kristu t-talba nfisha ssir offerta ta' sagrifiċċju – speċjalment waqt l-agunija fil-Ġetsemani u fil-mewt fuq is-salib – hekk it-talb tal-kontemplattivi jeħtieġ isir sagrifiċċju fl-offerta sħiħa tagħhom infushom għar-rieda tal-Missier għas-salvazzjoni tal-aħwa.

2. Ġesù "l-aqwa mudell tal-penitenzi" ried isofri u "jbati l-piena tad-dnubiet mhux tiegħu, imma tal-oħrajn" (Pawlu VI, *Paen*. 5). Waqt li jimxu fuq l-eżempju tiegħu, il-kontemplattivi jikkonsagraw lilhom infushom għat-tpattija li titwettaq f'ħajja ta' penitenza biex ipattu

għad-dnubiet tad-dinja u jaqilgħu ħniena għall-midinbin kollha. Dan hu l-motiv tal-ħajja iebsa tagħhom. Fuq kollox l-ebbusija tal-penitenza ġewwenija, li tikkonsisti fil-konverżjoni tal-qalb, imħaddma b'ċaħda tagħhom infushom li ma tieqafx sakemm ibiddlu l-esseri u l-aġir kollu tagħhom b'mod li "ma jgħixux għalihom infushom, imma għal Dak li miet u rxoxta għalihom" (2 Kor 5, 15). Din il-penitenza spiritwali titwettaq b'dik fiżika, imħaddna minn jeddhom biex isiru jixbhu aktar lil Kristu, li ried ibati mhux biss fl-ispirtu imma wkoll fil-ġisem, biex ikun jista' joffri miegħu lill-Missier is-sagrifiċċju sħiħ tiegħu nnifsu. "Nitlobkom ħuti għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, il-kult spiritwali tagħkom" (Rum 12, 1). L-eżortazzjoni ta' San Pawl tiġbor fiha l-programm tal-ħajja kontemplattiva: għemil bla waqfien ta' qima 'l Alla, li fih is-sagrifiċċju huwa mibni mill-offerta ħajja tal-ħlejqa li tissagrifika ruħha f'talb bla waqfien magħġun mat-tbatija. Waqt li t-talb iqajjem dejjem iżjed ix-xewqa għat-tisħib fis-sagrifiċċju ta' Kristu, il-penitenza nfisha mill-ġdid isaħħaħ it-talb u tagħmlu aktar ġenwin. F'din l-għamla, il-kontemplattivi jpattu għat-traskuraġni ta' ħafna dwar id-dmir tal-penitenza, u jwieġbu b'ġenerożità għas-sejħat sfiqa tal-Knisja għall-penitenza fuq kollox lil dawk li jipproponu li "jimxu aktar mill-qrib wara l-passi tal-Mulej" (Pawlu VI, *Paen*. 10; ara PC 5). "Min-naħa tagħhom l-istituti ta' ħajja kontemplattiva, bit-talb, bl-għemejjel ta' penitenza u bit-tiġrib li jgħaddu minnu, għandhom importanza mill-akbar fil-konverżjoni tal-erwieħ għaliex huwa Alla li, meta wieħed jitolbu, jibgħat il-ħaddiema fil-ħsad tiegħu, jiftaħ il-qalb ta' dawk li mhumiex Insara biex jisimgħu l-Evanġelju u jkabbar il-kelma tas-saħħa fi qlubhom" (AG 40).

● Hija ħaġa tal-ġenn li temmen li Hu sejjer idaħħal fi ħbiberija tal-qalb miegħu lil dawk li jħobbu jgħixu ħajja komda u bla tiġrib. Jien inżomm bħala ħaġa żgura li Alla lil dawn il-ħbieb intimi tiegħu jagħtihom tiġrib wisq akbar u l-Maestà Tiegħu jkollu jwettaqhom u jżommhom sħaħ Hu billi jagħtihom, mhux ilma, iżda nbid, biex waqt li jiskru bih, ma jifhmux dak li jkunu qegħdin ibatu u jkunu jistgħu jsofruh.

Dmirhom hu li jbatu bħalma għamel Kristu, li jerfgħu fl-għoli s-salib u ma jitilquh qatt minn idejhom quddiem il-perikli kollha li jsibu ruħhom fihom, u li ma jħallu tidher fihom ebda dgħufija quddiem it-tbatija. Huwa għalhekk li jiġu mogħtija dmir hekk ta' ġieħ.

Santa Tereża ta' Ġesù, *Triq* 18, 2.5

● O kif taqbeż qalbi bl-hena meta naħseb li int, Mgħallem Maħbub, għoġbok tagħżilni biex isseħibni mal-ħidma kbira tal-Fidwa u biex tbati fija l-bqija tal-Passjoni tiegħek. L-għarusa hija tal-għarus; u inti ħtaftni. Tridni li nkun għalik "umanità oħra" li fiha tista' tbati għal glorja tal-Missier, biex inwieġeb għall-ħtiġijiet tal-Knisja tiegħek (ara *Ittri* 261).

Mgħallem qaddis, agħmel li biex nimitak, l-għoġba divina tiegħek tkun il-manteniment tiegħi, il-ħobż tiegħi ta' kuljum; agħmel li għax-xbieha tiegħek, O Kristu ta' min jadurak, tħallini nkun sagrifikata b'dak kollu li Alla jrid…

Jekk xi drabi dawn ir-ridiet aktar isallbuni, inkun nista' bla dubju ngħid miegħek: "Missier, jekk jista' jkun, warrab minni dan il-kalċi" imma malajr inżid: "mhux kif irrid jien imma kif trid int." Bil-kalma u l-forza, flimkien miegħek, Imsallab divin, nitla' jien ukoll il-Kalvarju waqt li nkanta fil-qiegħ ta' ruħi u nġiegħel jitla' lejn il-Missier innu ta' ħajr, għaliex dawk li jimxu minn din it-triq tat-tbatija huma proprju dawk li "għarafthom u ppredestinajthom biex ikunu jaqblu max-xbieha tal-Iben tiegħek divin, imsallbin għall-imħabba" (*I Irtir* 3, 1; 8, 2).

Beata Elizabetta tat-Trinità

## 358. ĦADDIEMA FIL-ĦSAD

*Mulej, agħmel li nkun nista' naqdik u*
*nagħti ħajti b'fidwa għal bosta" (Mk 10, 45).*

1. "Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu…bħal nagħaġ bla ragħaj. Imbagħad qal lid-dixxipli: 'Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu'" (Mt 9, 36-38). Ġesù ried it-talb, għall-għanijiet tal-appostolat tiegħu, imma ried ukoll l-għemil: "Sejjaħ lit-Tnax madwaru… u bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla" (Lq 9, 1-2).

Qrib ta' dawk li jispeċjalizzaw fit-talb, jeħtieġ ikun hemm dawk li jispeċjalizzaw fl-għemil; qrib il-kontemplattivi, hemm dawk tal-ħajja attiva. Hu meħtieġ il-ġest ta' Marija "li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid" (Lq 10, 39); u jeħtieġ il-qadi kollu premura ta' Marta li ħejjiet il-mejda tal-imħabba għall-aħwa. Il-wieħed u l-ieħor huma qadi tal-Mulej u t-tnejn jaqblu f'għan wieħed: il-miġja tas-Saltna għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Mill-bqija f'kull għamla ta' ħajja, billi jikkoperaw b'mod siewi għall-bini tas-Saltna, jeħtieġ jinstabu, għalkemm f'qies u b'modi diversi, l-elementi essenzjali tal-ħajja kontemplattiva u dik tal-għemil. Meta kien jitkellem dwar ir-reliġjużi kollha, il-Konċilju Vatikan II qal: "Jeħtieġ li l-membri ta' kull istitut, waqt li jfittxu fuq kollox 'l Alla u lilu biss, għandhom jgħaqqdu l-kontemplazzjoni tagħhom, li biha jsiru ħaġa waħda ma' Alla fir-ruħ u l-qalb, mal-ħeġġa tagħhom għall-appostolat li bih jissieħbu miegħu fl-opra tal-fidwa u fit-tixrid ta' Saltnatu" (PC 5). Li wieħed jibqa' jitlob f'riġlejn il-Mulej, imantni l-ħeġġa appostolika u l-għemejjel tiegħu jagħtu l-frott; iħares l-ideal appostoliku u jħeġġeġ għall-ġenerożità akbar u jeħles kull għamla ta' ħajja mill-medjokrità. Kontemplazzjoni u ħeġġa appostolika jeħtieġ jgħinu lil xulxin. Dan jgħodd ukoll għas-saċerdoti li jieħdu ħsieb l-erwieħ li lilhom il-Knisja tirrikkmanda li jmantnu u jsostnu "l-ħidma tagħhom u jkabbruha permezz tal-għana tal-kontemplazzjoni" (LG 41). U huwa muri wkoll lil-lajċi impenjati fl-appostolat: "bil-kult pubbliku, bit-talb, bil-penitenza, billi naċċettaw minn rajna x-xogħol u t-taħbit tal-ħajja, li bihom aħna nsiru nixbhu lil Kristu fit-tbatija, illi huma jistgħu jilħqu 'l-bnedmin kollha u jaħdmu għas-salvazzjoni tad-dinja kollha" (AA 16).

2. Il-ħaddiema tal-Evanġelju ma jimxux bl-addoċċ. Ġesù ta xhieda għal dan b'mod l-aktar elokwenti bil-ħajja u t-tagħlim tiegħu. Huwa misteru kbir il-fatt li hu li kien mibgħut biex ixandar is-saltna ta' Alla, ried jiddedika tletin sena mill-ħajja qasira tiegħu fuq l-art għat-talb, għall-ħajja fis-skiet u moħbija f'Nazaret, waqt li tliet snin biss kienu wżati fl-appostolat proprju. B'danakollu x-xogħol kien urġenti: ix-xandir tal-Evanġelju, il-formazzjoni tal-Appostli, it-twaqqif tal-Knisja. Imma Ġesù ma kienx mgħaġġel, u qabel beda l-ministeru tiegħu irtira għal erbgħin jum ieħor fid-deżert bis-sawm u f'taħdita bla waqfien mal-Missier. Xi ħaġa hekk ġrat ukoll fl-Appostli. Aktar milli jibagħthom ixandru, il-Mulej żammhom qrib tiegħu biex iħejjihom. Għallimhom u wissihom. Għallimhom jitolbu, u biex jitħarrġu fil-virtujiet, biex jgħixu skont l-esiġenzi tal-missjoni li ġiet afdata f'idejhom u kien biss xi drabi, biex jagħtihom xi ftit tal-esperjenza, li kien jafdalhom xi biċċa xogħol ta' appostolat proprju. Fl-aħħar, qabel bagħathom għalkollox biex jirbħu d-dinja, ried li jsaħħilhom l-ispirtu tagħhom billi jmantnihom bil-Ġisem tiegħu, u jassistu għall-Passjoni tiegħu, u jistennew fit-talb il-miġja tal-iSpirtu s-Santu.

Biex timxi fuq din il-linja l-Knisja tixtieq li qabel ma jinżlu u jaħdmu fil-ħsad tal-Mulej, l-appostli jeħtieġ li jkunu mħejjija mhux biss kulturalment imma spiritwalment ukoll. Dwar il-kjeriċi l-Konċilju jgħid: "Jitgħallmu jgħixu l-ħin kollu f'għaqda familjari mal-Missier permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu fl-iSpirtu s-Santu… Għandhom ikunu mgħallma jfittxu 'l Kristu fil-meditazzjoni fidila tal-kelma ta' Alla, fis-sehem attiv tagħhom fil-Misteri mqaddsa tal-Knisja u qabel xejn fl-Ewkaristija u fl-Uffiċċju divin… Is-seminaristi għandhom ikunu mgħallma jgħixu skont il-mudell tal-Evanġelju, jitwettqu fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba, b'mod illi fit-taħriġ ta' dawn il-virtujiet jiksbu spirtu ta' talb" (OT 8). Mingħajr formazzjoni spiritwali ebda appostlu, la saċerdot, la reliġjuż u lanqas lajk ma jista' jħaddem appostolat li jġib il-frott.

● O Mulej, irrid nagħtik lill-erwieħ u nagħti 'l-erwieħ lilek; għalija strument imsejken u miżerabbli, ix-xogħol, iċ-ċaħda u l-hena tal-għaqda miegħek, Mgħallem Maħbub! agħmel li nara dejjem aktar intimi r-rabtiet bejn l-appostolat u t-tgħakkis, irrid nixxennaq għall-għaqda miegħek fil-ħajja ġewwiena tar-ruħ; permezz ta' appostolat magħmul mit-talb u mit-tgħakkis irrid nixxennaq għall-għaqda miegħek permezz tal-għemil estern. Agħmel li qatt ma ninsa fejn irrid

nasal: għaqda li tferraħ, jekk int o Alla, tagħtini dan, jew għaqda fit-tbatija jekk dan jogħġbok iżjed Mulej. Imma jkun xi jkun, għaqda intima miegħek fija u 'l barra minni permezz tal-erwieħ.

G. Canovai, *Suscipe Domine*, p. 265

● Agħmel, o Mulej, li t-talb għalija jsir għajn ta' dawl fil-ministeru. M'għandix biss nikkonverti l-midinbin, imma wkoll immexxi l-erwieħ aktar perfetti fit-toroq tiegħek; imissni nxandar l-għerf fost il-perfetti; jeħtieġ inkun il-gwida tagħhom fit-talb, biex inħarishom mill-illużjonijiet tal-imħabba tagħhom infushom. Agħtini mela, Mulej, li nkun il-melħ tal-art, id-dawl tad-dinja, l-għajn li ddawwal il-ġisem tal-Knisja tiegħek u l-fomm li jlissen l-orakli tat-tradizzjoni.

O, min jagħtini dan l-ispirtu ta' talb li jista' kollox permezz tiegħek, o Alla, li tagħti lir-ragħaj dak kollu li jonqsu għall-merħla tiegħu?

Hu l-ispirtu ta' talb li jsawwar appostli ġodda biex ibiddlu l-wiċċ tal-art… Il-ħajja tal-appostlu qiegħda filli jitlob bla waqfien biex iħobbok u biex jagħmlek Maħbub, Alla tiegħi. Agħmel li ngħix din il-ħajja moħbija ma' Kristu fik u nduq kemm inti tajjeb, Mulej. Imbagħad insir kolonna fid-dar tiegħek, inkun l-imħabba u l-għaxqa tal-Knisja.

F. Fenelon, *Oeuvres* v. 17

## 359. ĦA JIDDI D-DAWL TAGĦKOM

*Mulej, id-dawl tiegħi jiddi u jdawwal*
*lil dawk kollha tad-dar (Mt 5, 15-16).*

1. Hemm appostolat komuni għal kulħadd: saċerdoti, reliġjużi, lajċi, attivi u kontemplattivi, dawk li għalihom San Pawl seta' jgħid: "Ixbhu lili, bħalma jiena nixbah lil Kristu" (1 Kor 11, 1). Dak li d-dinja titlob mill-Insara mhux tant tagħlim astratt, daqskemm l-eżempju tal-Evanġelju mlaħħam fil-konkret tal-ħajja ta' kuljum, u mhux biss f'xi qasam imma fl-oqsma kollha tal-ħajja. Fost l-aħħar żbalji ta' żminijietna kienet kundannata "l-firda bejn il-fidi li jistqarru [l-Insara] u l-ħajja tagħhom ta' kuljum" (GS 43). Din hi okkażjoni ta' skandlu u hija ta' ħsara kbira għall-Evanġelju għax ħadd mhu qed jemmen lil min jippriedka tagħlim li hu ma jgħixux u forsi wkoll jiċħdu bl-imġiba tiegħu. L-iskandlu u l-ħsara huma wisq akbar meta jkunu ġejjin minn persuni li minħabba l-post li għandhom fil-Knisja, huma marbutin b'mod speċjali biex ilaħħmu l-ispirtu evanġeliku. Għalihom Ġesù jista' jtenni dak li qal għall-Fariżej: "tagħmlux kif jagħmlu huma, għax huma kliem biss għandhom u fatti xejn" (Mt 23, 3).

Il-bnedmin moderni jistmellu kull għamla ta' Fariżejiżmu u jikkritikawh bla ħniena. Mir-reliġjużi, mill-kleru, mil-lajċi attivi fl-għaqdiet Kattoliċi jesiġu fuq kollox ix-xhieda tal-ħajja, u meta jsibuha biss jaslu jaċċettaw li jiddjalogaw dwar l-Evanġelju. Il-Konċilju Vatikan II ifakkar b'insistenza lil uliedu f'dan id-dmir li hu s-sies indispensabbli tal-kristjanizzazzjoni tas-soċjetà u li kull wieħed għandu jħaddem b'mod xieraq skont l-istat u l-uffiċċju tiegħu, waqt li jħossuhom responsabbli bħala membri ħajjin tal-Knisja, li tippreżenta ruħha lid-dinja fix-xbieha li wliedha jippreżentawha bl-imġiba tagħhom. L-Insara kollha "għandhom jippruvaw jilħqu l-perfezzjoni nisranija… biex il-Knisja li ġġorr f'ġisimha l-umiltà u t-tbatija sal-mewt ta' Kristu titnaddaf u tiġġedded minn jum għall-ieħor, sakemm Kristu jagħmilha tidher quddiemu msebbħa, bla tebgħa jew tikmix" (UR 4). Kull Nisrani, skont kemm ħajtu titbiegħed mill-Evanġelju, idallam u jdgħajjef ix-xhieda tal-Knisja; waqt li skont kemm ilaħħam lill-Knisja fih, jagħmilha aktar tiddi u jġib il-frott.

2. Ġesù għallimna nitolbu, insumu, nagħtu karità fil-moħbi, biex il-Missier biss ikun jaf u jagħtina l-ħlas, imma għallimna wkoll naġixxu b'mod li l-opri tajba ta' kull wieħed iħajru għal-ġid lill-oħrajn. "Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 16). Jekk jeħtieġ ngħassu għall-ftaħir, jeħtieġ ukoll ngħassu kontra r-rispett uman u kull motiv egoist ieħor li jeħodha kontra l-istqarrija miftuħa u kuraġġuża tal-fidi, kemm fl-għemil u kemm fil-kliem. Huwa biss meta n-Nisrani jġib ruħu skont l-Evanġelju f'kull sitwazzjoni, li jista' jkun appostlu, dawl, u gwida għall-aħwa.

Ġesù li qal: "Jiena d-dawl tad-dinja" (Ġw 8, 12) għadda din il-missjoni lid-dixxipli tiegħu u stqarr: "Intom id-dawl tad-dinja" (Mt 5, 14); imma dan iseħħ bil-kundizzjoni li jkunu magħqudin mill-qrib miegħu, id-Dawl waħdieni, u li jgħixu skont it-tagħlim tiegħu b'daqshekk milja li jsiru huma nfushom dawl. Is-saċerdozju tal-fidili li minħabba fih, bil-magħmudija jiġu msieħba fis-saċerdozju ta' Kristu, jimpenja lil kulħadd f'dan id-dmir. Għalhekk il-Konċilju Vatikan II jinsisti li l-imgħammdin "jagħtu xhieda ta' Kristu kullimkien" (LG 10). Lil-lajċi jfakkarhom li l-professjoni tagħhom ta' ħajja sħiħa nisranija tikseb "qawwa speċjali mill-fatt li hi tkun qiegħda tingħata fil-kundizzjonijiet komuni tal-ħajja tad-dinja" (LG 35) u għalhekk tista' tinfluwixxi fl-oqsma kollha tas-soċjetà. Lil dawk li jagħmlu professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, il-Konċilju jgħid li ħajjithom "iġġib u jmissha ġġb fid-dinja xhieda mill-aqwa u eżempju kbir ta' qdusija" (LG 39). Il-membri tal-kleru huma mħeġġin biex jagħtu sehem "f'kull ġid spiritwali" u biex jagħtu "lil kulħadd xhieda ħajja ta' Alla, u jħabirku biex ikunu bħall-presbiteri li fil-kors tas-sekli, ħallew eżempju li jdawwal ta' qdusija, ħafna drabi f'servizz umli u moħbi għal għajnejn il-bnedmin" (LG 41). Lil kulħadd u lil kull wieħed il-Knisja ttenni l-kliem ta' Kristu: "Kunu d-dawl tad-dinja… id-dawl tagħkom jiddi."

● O Ġesù, inti kebbist id-dawl biex jibqa' jaqbad; inti trid li ngħassu u nkunu mimlijin ħeġġa mhux biss għalina imma wkoll għal dawk li ġew imwassla għall-verità. Agħmel li l-ħajja tagħna tkun denja tal-grazzja u l-verità li rċevejna.

Inti ttennilna: "Jiddi d-dawl tagħkom"; għalhekk trid li l-virtujiet tagħna jkunu kbar, il-fjamma mkebbsa u d-dawl ikun wieħed liema bħalu. Għinna biex nagħmlu ħajjitna kollha bla ċanfir f'għajnejn il-

bnedmin. Imbagħad, bħal kieku mdawrin minn raġġ tax-xemx, ħajjitna tiddi b'mod aktar qawwi, u tixħet ir-riflessi tagħha mhux biss fuq l-art, imma tinfed u togħla 'l fuq mis-sema nnifsu. Tħallina qatt nitbiegħdu mill-virtù u nsiru aktar beati mill-bnedmin kollha, u jirnexxilna niġbdu lil dawk kollha li jridu jiksbu s-salvazzjoni; fil-fatt il-wirja li toħroġ mill-għemil, tinfed u tagħmel il-frott b'ħajja safja li tidher sewwa u tiddi bl-istess dawl. Jalla l-qawwa tal-eżempju tagħna ddawwal lill-bnedmin u tiswa biex twassalhom sal-ħajja ta' dejjem.

San Ġwann Kriżostmu, *Kumment għall-Vanġ. ta' S. Mattew,* 15, 7-9

● Alla li tista' kollox, nitolbu l-ħniena tiegħek mhux biss biex tħallina nisimgħu l-kelma tiegħek, imma wkoll inqegħduha fil-prattika… Eqred fina dak li jmissu jkun meqrud u agħti l-ħajja lil dak li għandu jingħata l-ħajja.

Agħtina, o Alla, li nemmnu bil-qalb, li nistqarru bil-fomm, li nwettqu bl-għemil il-ħbiberija tiegħek magħna, sabiex il-bnedmin, meta jaraw l-għemil tajjeb tagħna, jigglorifikaw lilek, Missierna li inti fis-smewwiet, b'Ġesù Kristu Sidna, li lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem.

Oriġene minn, *Preghiere dei primi cristiani* 52; 53

## 360. IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi… ħellies tiegħi (Salm 18, 2-3).*

Il-Liturġija tal-Kelma tqiegħed quddiemna l-kmandament il-kbir tal-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. L-ewwel qari (Eż 22, 20-27) għandu x'jaqsam ma grupp ta' liġijiet dwar id-dmirijiet lejn il-proxxmu fil-bżonn: il-barranin, ir-romol, l-iltiema, il-foqra, il-midjunin. "La taħqarx il-barrani… għax intom ukoll, kontu barranin fl-art tal-Eġittu' (Eż 22, 20); kważi jrid jgħid: intom li batejtu minħabba l-oppressjoni tal-Eġizzjani, araw li ma ġġegħlux ibatu l-barranin li jgħixu fostkom. "La taħqrux l-armla jew l-iltim" (Eż 22, 21) għax Alla jikkastigakom bil-mewt, biex "in-nisa tagħkom jormlu u wliedkom jisfaw iltiema" (Eż 22, 23). Meta tislef lill-fqir "iġġibx ruħek miegħu bħal wieħed sellief u teħodlux imgħax" (22, 24), u qabel il-lejl agħti lura l-mantar li kellek b'rahan.

Hemm żewġ motivi li jispiraw dawn il-liġijiet: "Dak li tobgħod int, tagħmlux lil ħaddieħor" (Tob 4, 15), u bħala konferma: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Lev 19, 18); u dan mhux għal sempliċi sentiment umanitarju, imma minħabba Alla li jagħti kas speċjali ta' dawk imħabbtin, jisma' l-għajta tagħhom u "jien inħenn" għalihom (Eż 22, 26). Anki fir-Rabta l-Qadima l-imħabba tal-proxxmu tidher f'relazzjoni ma' Alla, bħala rispett għal-liġi tiegħu u bħala rifless tal-imħabba tiegħu għall-bnedmin. Imma fir-Rabta l-Ġdida dan huwa mdawwal u pperfezzjonat bit-tagħlim ta' Ġesù, kif jidher fl-Evanġelju tal-lum (Mt 22, 34-40).

Meta duttur tal-liġi staqsa dwar l-akbar kmandament, il-Mulej wieġbu u kkwota wieħed wara l-ieħor il-preċetti tal-imħabba lejn Alla u tal-imħabba lejn il-proxxmu. L-ewwel hu meħud mid-Dewteronomju (6, 5): "Ħobb mela lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha," u t-tieni mil-Levitiku (19, 18): "Ħobb 'l għajrek bħalek innifsek." Mela qed nitkellmu minn kmandamenti diġà magħrufa u għallInqas għal xi rabbini magħdudin bħala l-iżjed importanti (Lq 10, 27). Imma l-ħaġa ġdida qiegħda fil-fatt li Ġesù dawn iż-żewġ kmandamenti kważi ried jgħaqqadhom f'wieħed u stqarr li huma "l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti" (Mt 22, 40). Jew li r-rieda ta' Alla rivelata fl-iSkrittura kollha tista' tinġabar fil-preċett

doppju tal-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. In-Nisrani ma għandux bżonn – bħall-Iżraelita – li jitħabat biex jiftakar l-għadd kbir ta' preċetti, u lanqas li jistudja biex jagħraf liema huma l-akbar. Jeħtieġlu jżomm wieħed biss, dak tal-imħabba, basta jifhmu u jgħixu fil-milja kif għallem Ġesù. Li tħobb 'l Alla b'qalbek kollha jfisser li tkun miftuħ b'mod sħiħ għar-rieda tiegħu, tingħata bla kundizzjoni għall-qadi tiegħu; u proprju minħabba r-rieda ta' Alla u biex jagħti għamla konkreta lill-qadi tiegħu, jeħtieġ iħobb lill-proxxmu billi jingħata għalih b'ġenerożità. L-eżempju ta' Ġesù juri dan b'mod ċar: huwa wettaq ir-rieda tal-Missier u qiegħed lilu nnifsu għall-qadi tal-bnedmin u ssagrifika lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħhom. L-opra feddejja tiegħu hija fl-istess ħin l-espressjoni tal-imħabba tiegħu għall-Missier u għall-bnedmin. In-Nisrani jeħtieġ jimxi mill-istess triq. Għalhekk in-Nisrani ma jistax jifred l-imħabba tal-proxxmu minn dik ta' Alla, għax jispiċċa biex iwassalha f'umaniżmu pur; u lanqas ma jista' jifred l-imħabba ta' Alla minn dik tal-proxxmu, għax issir imħabba ideali, platonika. Is-sintesi perfetta hija dik murija minn San Ġwann: "Jekk xi ħadd jgħid: 'Jiena nħobb 'l Alla' u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah? Dan hu l-kmandament li tana hu: li min iħobb 'l Alla, iħobb ukoll lil ħuh" (1 Ġw 4, 20-21).

● O Alla ta' dejjem li tista' kollox, kattar fina l-fidi, it-tama u l-imħabba, u agħmel li nħobbu l-kmandamenti tiegħek biex ikun jistħoqqilna dak li twegħedna.

Kolletta

● O Mulej, agħmel li biex inħobbok b'qalbi kollha nimpenja ruħi bil-forzi tiegħi biex nobdi l-kmandament tiegħek, għax min ma jħobbx lill-proxxmu fil-verità jmaqdar il-kmandament tiegħek u min imaqdar il-kmandament tiegħek imaqdar lilek li int l-awtur tiegħu.

Imma min fost il-bnedmin seta' jew jista' jobdi kmandament bħal dan? Min qatt ħabb lill-proxxmu bħalek, o Kristu, l-Appostli tiegħek?... Jekk ma nistax nimxi miegħek, agħmel għallinqas li nimxi warajk mill-bogħod fuq il-passi tiegħek. Jekk m'għandix ħila nħobb lill-proxxmu aktar minni nnifsi – kif għamilt int meta mitt għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha – għallinqas agħtini li nħobbu bħali nnifsi, u li nagħmel lill-oħrajn dak li rrid li jagħmlu lili, u ħarisni sewwa

milli nagħmel dak li ma rridx li jagħmlu lili. Agħmel li nħobb lill-proxxmu b'mod li fih ma nħobbx ħlief lilek; jekk inħobbu hekk, inkun obdejt il-kmandament tiegħek. Fil-fatt, inti nnifsek trid li tkun il-motiv ta' din l-imħabba; Imma jekk inħobb lill-proxxmu biss għalih innifsu, l-imħabba tiegħi ma tkunx vera.

O mħabba, imħabba immensa li tħaddan is-sema u l-art; karità, imħabba li ma tistax tintrebaħ… Imħabba, rabta li ma tinħallx ta' mħabba u sliem… Agħmel, o Mulej, li fostna ssaltan din is-sultana tal-virtujiet, biex imbagħad ilkoll, kbar u żgħar, nagħrfu żgur li aħna dixxipli veri tiegħek.

Beatu Olgerio, *Sermo* 5, 1.3-6

## SENA B

*Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja (Ġw 8, 12).*

Il-Liturġija li tkun ċelebrata llum mill-Knisja hija waħda ta' dawl, ta' fidi u ta' ferħ. Dawl u ferħ talli l-poplu magħżul ġie lura mill-eżilju (1º qari; Ġer 31, 7-9). Alla ftakar fil-"fdal ta' Iżrael" li baqa' fidil u li hu nnifsu kien il-gwida li jwassalhom lura f'pajjiżhom. Kollha se jerġgħu lura, ukoll dawk l-iżjed morda u li qegħdin isofru, saħansitra "l-għomja u z-zopop" (Ġer 31, 8), għax meta jkun Alla li jmexxi, l-għomja jieħdu d-dawl u z-zopop jimxu sewwa. Din hija figura sabiħa tal-konverżjoni ġewwenija tar-ruħ mid-dlamijiet u t-tgħawwiġ tad-dnub. Wara l-agħma spiritwali u l-mixi zopp bla heda bejn is-sewwa u l-ħażen, il-bniedem imdawwal mid-dawl divin, ikun jista' jimxi 'l quddiem mit-triq id-dritta li twassal għand Alla. Il-mixja lura tal-poplu hija hienja bħal dik ta' Iżrael: "Infarraġhom jiena u nġibhom lura. Immexxihom lejn l-ilma ġieri minn mogħdijiet watja biex ma jitfixklux. Għax jien Missier għal Iżrael" (Ġer 31, 9). Hekk jgħid il-Mulej lill-poplu tiegħu u hekk jgħid lil kull bniedem li jikkonverti lejh. Jekk l-ewwel passi tal-mixja lura jistgħu jkunu ta' tbatija u diffiċli, Alla, bħala missier kollu mħabba, jersaq lejn il-ħlejqa tiegħu, ifarraġha bl-ilma ħaj tal-grazzja, jgħinha fit-taqbida, u jagħmlilha t-triq aktar ħafifa.

L-Evanġelju tal-lum (Mk 10, 46-52) jerġa' jaqbad l-istess suġġett taħt żewġ aspetti: tal-fejqan ta' wieħed għama u tal-konverżjoni tiegħu lejn Kristu. Ġesù kien ħiereġ minn Ġeriko u Bartilmew, li kien bilqiegħda jittallab fil-ġenb tat-triq, għajjatlu: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni" (Mk 10, 47). In-nies rieduh jiskot, imma hu beda jgħajjat iktar bil-qawwi għax għalkemm kien għama fil-ġisem, kien qed jara fl-ispirtu u għaraf lil Ġesù 'l Messija, "l-Iben ta' David". Il-fidi ma ħallietux jiskot; hu kien żgur li f'Ġesù kien se jsib is-salvazzjoni. U tant kien inġibed lejn Ġesù li malli l-Imgħallem għajjatlu, hu waddab il-mantell minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mexa 'l quddiem. Il-Mulej staqsih: "Xi tridni nagħmillek?" u hu wieġbu: "Li nara, Rabbuni" (Mk 10, 51). Kien djalogu tassew qasir imma essenzjali, li juri s-setgħa fuq kollox min-naħa ta' Ġesù, u l-fidi min-naħa ta' Bartilmew. Il-laqgħa ta' dawn iż-żewġ qawwiet ġabet il-miraklu: "U minnufih beda jara" (Mk 10, 52). L-għajnejn mitfija tal-agħma ddawlu u raw lil Ġesù; li jarah u jimxi warajh kienu l-istess ħaġa. Għad-dawl ta' barra jikkorrispondi dak ġewwieni u Bartilmew jaqbad il-mixja wara l-Mulej.

Bħalu, in-Nisrani huwa "mdawwal" minn Kristu; il-fidi fetħitlu għajnejh: ġegħlitu jagħraf 'l Alla u l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Imma din il-fidi fih kienet daqshekk ħajja verament li impenjatu fil-qadi ta' Alla, fil-mixja wara Kristu?

It-tieni qari (Lhud 5, 1-6) jittratta argument ieħor: is-saċerdozju u b'mod speċjali s-saċerdozju ta' Kristu. Kristu huwa l-Qassis il-kbir u etern bir-rieda tal-Missier u kien hu li għadda din id-dinjità u qiegħdu bħala medjatur bejnu u bejn il-bnedmin. Ma nistgħux naslu għand Alla bla ma ngħaddu minn fuq dan il-pont li jgħaqqad l-art mas-sema, it-triq il-kbira li hu Ġesù l-Mulej. Ma nistgħux ngħixu fil-fidi mingħajru li "minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (Lhud 12, 2). L-għajn u l-għajxien tal-fidi hija l-kelma ta' Ġesù, din iddawwal id-dinja u tagħti "d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8, 12); u l-Ewkaristija li fiha huwa joffri ikel li jsaħħaħ u jdawwal il-Ġisem tiegħu sagrifikat għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Kull ċelebrazzjoni ewkaristika hija misteru ta' fidi li bih in-Nisrani jiltaqa' ma' Ġesù Saċerdot u vittma li titma' u twassal għand il-Missier.

● O Alla, int li toffri d-dawl tal-ġisem lill-għajnejn tal-ġisem, ma tistax toffri lis-safja f'qalbhom id-dawl li ma jintefiex u li jibqa' bla mittiefes u b'ebda mod ma jista' jonqos?

"Ħdejk hemm l-għajn tal-ħajja u fid-dawl tiegħek naraw id-dawl." O Verb, inti l-għajn u fl-istess ħin id-dawl: inti għajn għal min hu bl-għatx, dawl għal min hu għama. Agħmel li għajnejja jinfetħu biex nara d-dawl, li jiftaħ il-fomm ta' qalbi biex nixrob mill-għajn; nixrob dak li nara u nisma'. Alla tiegħi, inti kollox għalija, inti dak kollu li nħobb… Inti kollox għalija: jekk ikolli l-ġuħ kun int il-ħobż tiegħi, jekk ikolli l-għatx kun int l-ilma tiegħi, jekk inkun fid-dlam kun int id-dawl tiegħi biex ma nitħassarx, jekk inkun għeri kun int il-libsa tal-immortalità, meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir u dak li jmut jilbes l-immortalità.

Santu Wistin, *In Io* 13, 5

● Mulej Ġesù, qiegħed idejk fuq għajnejja biex nibda nara mhux il-ħwejjeġ li jidhru, imma dawk li ma jidhrux. Iftaħli għajnejja, biex ma jiffissawx fil-preżent imma fil-futur; saffili l-ħarsa ta' qalbi biex nikkontempla 'l Alla fl-ispirtu.

Oriġene minn, *Preghiere dei primi cristiani* 55

## SENA Ċ

*Qrib il-Mulej, lejn dawk b'qalbhom maqsuma, jgħin lil dawk b'qalbhom mifnija (Salm 34, 19).*

"It-talba tal-umli tinfed is-sħab" (Sir 35, 17) u tikseb il-grazzja; dan hu l-punt fokali tal-Liturġija tal-lum. Il-bniedem jeħtieġ iwettaq għemejjel tajba, imissu joffri 'l Alla sagrifiċċji, imma ma għandux jaħseb li jista' "jixtri" 'l Alla b'dawn il-mezzi. Alla, mhux bħal bnedmin li huma lesti li jinxtraw bir-rigali u servizzi mogħtija; hu jħares biss lejn il-qalb ta' min imur għandu. Jekk għandu xi preferenzi huma dejjem dawk li l-iSkrittura ssejjaħ "il-foqra ta' Jaħweh" li jersqu lejh b'qalb umli, niedma, mimlija fiduċja, konvinti li ma għandhom ebda dritt għall-favuri tiegħu. L-ewwel qari (Sir 35, 12-14.16-18) huwa proprjament eloġju tal-ġustizzja ta' Alla li "ma jħarisx lejn l-uċuħ. Ma joqgħodx iħares lejn dak li jkun b'dannu tal-fqir" (Sir 35, 12.13), anzi jisma' proprju t-talba tal-fqir, ta' min m'għandux min jaqbeż għalih, tal-iltim, tal-armla. U huwa eloġju tat-talba tal-umli, li jagħraf in-nuqqas tiegħu, il-bżonn tal-għajnuna, u tas-salvazzjoni. Din hi t-talba li "tinfed is-sħab" u tikseb il-ġustizzja u l-grazzja.

Is-silta tar-Rabta l-Qadima hija daħla mill-aqwa għall-parabbola evanġelika tal-Fariżew u l-pubblikan (Lq 18, 9-14) li fiha Ġesù jqiegħed f'kuntrast it-talba tas-supperv u dik tal-umli. Fariżew u pubblikan telgħu lejn it-tempju bl-istess għan: li jitolbu, imma l-imġiba tagħhom hija għalkollox bil-maqlub. Għal tal-ewwel it-talba hija biss skuża biex jiftaħar bi spejjeż tal-proxxmu: "O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja… insum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal" (Lq 18, 11-12). Għalhekk min hu aktar tajjeb minnu u bla dnub u jtemm l-għemejjel kollha tal-liġi? Huwa jħoss li tistħoqqlu l-grazzja ta' Alla u jesiġiha bħala ħlas tal-għemil tajjeb tiegħu. Il-Fariżew huwa kuntent u jieħu pjaċir bil-ġustizzja esterna, skont il-liġi, waqt li qalbu hija mimlija suppervja u tmaqdir lejn il-proxxmu. Bil-maqlub, il-pubblikan jistqarr li hu midneb, u għandu raġun għax l-imġiba tiegħu ma taqbilx mal-liġi ta' Alla. B'danakollu huwa niedem, jagħraf il-miżerja morali tiegħu, u jħoss li ma jistħoqqlux il-favur ta' Alla: "anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" (Lq 18, 13). U b'hekk l-għeluq li jġegħilna naħsbu: "Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar

iġġustifikat” (Lq 18, 14). Ġesù ma jridx jgħid li Alla jippreferixxi l-ħażin jew il-brikkun aktar mill-bniedem onest li jobdi l-liġi; imma li jippreferixxi l-umiltà tal-midneb li nidem milli s-suppervja ta' min ħaseb li hu ġust. “Għax kull min jitkabbar – fil-fiduċja u s-sigurtà tiegħu nnifsu - jiċċekken; u min jiċċekken – meta jqis il-miżerja tiegħu - jitkabbar” (Lq 18, 14). Fil-verità għas-suppervja u n-nuqqas ta' mħabba tiegħu, il-Fariżew kellu, mhux anqas mill-pubblikan, il-motivi kollha biex jumilja ruħu.

Ukoll it-tieni qari (2 Tim 4, 6-8.16-18) joffri ħsieb li jdawwal dan it-tagħlim. Fl-aħħar ta' ħajtu San Pawl bħal jagħmel il-kontijiet: “Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi” (2 Tim 4, 7). Mela hu għaraf il-ġid li għamel, imma bi spirtu għalkollox differenti minn tal-Fariżew. Flok qiegħed lilu nnifsu ‘l fuq mill-oħrajn, stqarr li l-Mulej għad jagħtih “il-kuruna tal-ġustizzja” mhux lilu biss imma wkoll “lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu” (2 Tim 4, 8). Flok ma ftaħar bil-ġid li wettaq, stqarr li Alla għenu u tah il-qawwa; flok ma strieħ fuq il-merti tiegħu, fada f'Alla biex ikun salvat u tah glorja. “Il-Mulej jeħlisni minn kull deni u jħarisni, sa ma nasal fis-saltna tiegħu fis-sema. Glorja lilu għal dejjem ta' dejjem” (2 Tim 4, 18).

● Mulej, la titbiegħedx, żommni qribek. Ħdejn min tibqa' qrib Mulej? Ħdejn dawk li għandhom qalbhom niedma. Int titbiegħed mill-kburin, u qrib tal-umli. Imma l-kburin m'għandhomx jaħsbu li se jinħbew minn għajnejk; mill-bogħod int tagħraf lill-imkabbar bis-suppervja. Tagħraf mill-bogħod lill-Fariżew li jiftaħar, u tgħin mill-qrib lill-pubblikan li jistqarr li hu midneb. Dak jiftaħar bil-merti tiegħu u jaħbi l-ġrieħi tiegħu; l-ieħor ma jiftaħarx bil-merti tiegħu u juri l-ġrieħi. Ġie min għand it-tabib, kien jaf li hu marid, kien jaf li jmissu jfiq; ma ssugrax jerfa' għajnejh lejn is-sema, ħabbat fuq sidru, ma ħafirx lilu nnifsu biex ikun maħfur minnek; għaraf il-ħtijiet tiegħu biex jinħafrulu; ikkastiga lilu nnifsu biex int teħilsu.

O Mulej, ikun bogħod minni li naħseb li jien ġust… jien imissni ngħajjat, jien jaqbilli nitniegħed, nistqarr, ma nitgħolliex, ma niftaħarx, ma nigglorifikax ruħi bil-merti tiegħi, għax ukoll jekk għandi xi ħaġa li biha nista' nifraħ, imma x'għandi li ma qlajtux? (*In Ps* 39, 20).

Għallimni niftaħlek it-triq billi nistqarr dnubieti biex inti tkun tista' tiġi għandi… imbagħad tiġi u żżurni. Imbagħad tassew li ssib fejn

tqiegħed riġlejk biex tiġi għandi; waqt li qabel, meta ma kontx għadni stqarrejt dnubi, jien kont għalaqtlek it-triq, u int Alla tiegħi, ma kellek imkien mnejn tgħaddi biex tiġi għandi. Jien għalhekk nistqarrlek ħajti, u niftaħlek it-triq, u int, o Kristu, tiġi u tqegħidni fit-triq tal-passi tiegħek, biex nimxi fuqhom (*In Ps* 84, 16).

Santu Wistin

## 361. IMQADDSIN U MIBGĦUTIN

*Ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu (Fil 3, 8-9).*

1. Sidna Ġesù, "li l-Missier ikkonsagrah u bagħatu fid-dinja (Ġw 10, 36), mid-dilka li hu nnifsu ħa mill-iSpirtu, ta sehem lill-ġisem mistiku tiegħu kollu: fih il-fidili kollha jsiru saċerdozju qaddis u rjali (PO 2). Is-saċerdozju komuni li hu mogħti lil kulħadd fil-magħmudija, is-saċerdozju ministerjali li għalih huma mgħollija dawk li rċevew is-sagrament tal-ordni; kemm wieħed u kemm l-ieħor huma hekk imqaddsin u mibgħuta fid-dinja biex jissuktaw il-missjoni ta' Kristu: xhieda tiegħu, appostli tiegħu.

Kull wieħed huwa appostlu mhux tant għal dak li jagħmel, imma għal dak li hu, u essenzjalment skont kemm jissieħeb fid-dilka ta' Kristu, fil-grazzja tiegħu, fil-qdusija tiegħu. Imma l-grazzja tal-magħmudija, bħal dik tal-ordni u tas-sagramenti l-oħra, ma ġġibx frott ta' qdusija jekk l-Appostli ma jassimilawhiex permezz ta' proċess bla waqfien ta' axxeżi li għalih jgħixu dejjem aktar intensament u perfettament "il-qdusija li rċevew" (LG 40). Is-snin tal-formazzjoni – tas-seminarju jew tan-novizzjat – iqiegħdu lill-appostlu fil-qdusija, idaħħluh fl-intimità ma' Alla u għat-taħriġ stess tal-virtujiet, imma dan ix-xogħol ma jwassalx fit-tmiem jekk ma jibqax sejjer tul il-ħajja kollha permezz tat-taħriġ tal-appostolat innifsu.

San Pawl jgħid: "Bil-grazzja ta' Alla jien dak li jien"; fil-fatt is-sejħa tal-grazzja nisranija, bħas-sejħa għall-appostolat, hija don ta' Alla biss; u jżid: "u l-grazzja tiegħu fija ma sefgħetx fix-xejn"(1 Kor 15, 10), proprju għax seta' jixhed li ħadem bil-qawwa kollha mal-grazzja biex ġġib il-frott tal-qdusija personali u twettaq appostolat li jġib il-frott. Ix-xogħol tagħha kien tassew bla waqfien: "Jien issa hekk niġri, mhux qisni bl-addoċċ; ma nissarax bħallikieku qiegħed nagħti fil-vojt. Iżda ngħakkes bl-aħrax 'il ġismi u njassru, biex ma jiġrilix li, wara li nkun ippriedkajt lil ħaddieħor, jiena stess insib ruħi kkundannat" (1 Kor 9, 26-27) Meta Pawlu kien imsejjaħ għall-appostolat bi grazzja straordinarja, ma ħassux meħlus mit-taqbid spiritwali, mit-tgħakkis u mill-penitenza, u waqt li kien ixandar l-Evanġelju kien dejjem attent biex iwettqu fih innifsu.

2. Meta nitkellmu dwar saċerdoti li huma impenjati fil-ministeru, il-Konċilju Vatikan II jgħid: "Jalla ma jieqfux mill-ħidma tagħhom minħabba t-toqol tal-ħsieb tal-appostolat, il-perikli u t-tiġrib tiegħu. Anzi f'dawn il-provi huma għandhom isibu mezz biex jaslu għall-qdusija iżjed għolja" (LG 41). L-istess prinċipju għandu jkun applikat għal-lajċi impenjati fl-appostolat: huma għandhom jitqaddsu "waqt li jaqdu bl-onestà d-dmirijiet tagħhom fid-dinja fil-kundizzjonijiet ordinarji tal-ħajja, huma ma jinfirdux mill-għaqda tagħhom ma' Kristu" (AA 4). Fi kliem ieħor, l-għalqa tal-appostolat jeħtieġ tkun għal kull wieħed il-post tat-taħriġ tal-qdusija tiegħu. "Tqaddsu minħabba u permezz tal-appostolat" – jikteb Don Poppe – "Inkunu qegħdin niffalsifikaw il-Knisja, il-ħajja ta' Ġesù, u l-ħajja tal-qaddisin kollha, kieku kellna nuru l-inkompatibbiltà tal-appostolat estern mal-qdusija" (*Vita sacerdotale*, p. 112).

Dawk li jingħataw għall-appostolat mhux b'manija għall-attiviżmu, lanqas għax jieħdu gost jagħmluh, imma biex iwieġbu għas-sejħa ta' Alla u jimxu f'kollox skont ir-rieda tiegħu, ma jistgħux ma jsibux fl-istess taħriġ tal-appostolat il-grazzji kollha meħtieġa għall-qdusija tagħhom. Imma huwa meħtieġ li jkollhom imġiba tali li biha l-attività u ċ-ċirkustanzi tagħha għad-dmirijiet appostoliċi jiġu mgħejxin b'mod li jintensifikaw l-għaqda ma' Kristu u jikkonformaw dejjem iżjed miegħu. Dan hu l-istil ta' San Pawl li "Kristu ġa ħataf lili" (Fil 3, 12) bil-grazzja tal-appostolat, permezz tal-għemil tal-ministeru ma kienx jaħseb f'xi ħaġa oħra ħlief li "jaħtaf" għalkollox il-Mulej tiegħu. L-attenzjonijiet appostoliċi li kienu jżommuh okkupat lejl u nhar ma fixkluhx li "jgħix fi Kristu" l-ħin kollu, anzi kienu okkażjonijiet biex jissieħeb dejjem iżjed mill-qrib mal-misteru tiegħu; "naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-mewt" (Fil 3, 10-11); kull ċaħda u sagrifiċċju kienu qligħ għalih għax għexhom "biex jirbaħ lil Kristu u jkun jinsab fih" (Fil 3, 8-9). Waqt li jagħti lilu nnifsu bla limitu għas-salvazzjoni tal-aħwa, qalbu kienet dejjem wieqfa f'Ġesù f'għaqda dejjiema, murija "f'kull xorta ta' talb fl-iSpirtu" li hu stess irrikkmanda lil uliedu (Ef 6, 18).

● Ejjew inkunu minn dawk li t-talb tagħhom jiswa biex jgħin lil dawn il-qaddejja ta' Alla li b'taħbit hekk kbir saħħew lilhom infushom bit-tagħlim u b'ħajja tajba, u ħadmu tassew biex issa jistgħu jgħinu 'l-Mulej.

Il-Mulej iżommhom f'idu biex ikunu jistgħu jibqgħu meħlusa mill-perikli hekk kbar li jinsabu fid-dinja, u jagħlqu widnejhom għall-għanja tas-sireni f'dan il-baħar imqalleb. Jekk f'dan nistgħu xi ħaġa quddiem Alla, inkunu qegħdin nitqabdu għalih, ukoll jekk ninsabu magħluqa hawn ġew.

Mela, għall-imħabba tal-Mulej, nitlobkom li titolbu 'l-Maestà Tiegħu biex jismagħna f'din il-ħaġa. Jiena, għalkemm hekk dgħajfa u msejkna, dan hu li nitlob lill-Maestà Tiegħu, ladarba dan huwa għall-glorja tiegħu u għall-ġid tal-Knisja tiegħu, li huwa dak kollu li nixtieq.

Santa Tereża ta' Ġesù, *Triq* 3, 2.5-6

● Irrid insir saċerdot qaddis, o Mulej, inkella l-ħeġġa u t-tbatijiet tiegħi ftit ikunu jiswew, in-nagħaġ tiegħi jaħarbuli u numru kbir minnhom jintilfu. Il-kliem ta' saċerdot qaddis jolqothom, iqanqalhom, jinfed lil ruħhom u jġeddidhom b'mod straordinarju: joħorġu mill-grazzja, mit-talb u mill-penitenza; huma mimlija bil-qawwa tiegħek, o Alla tiegħi. Wieħed għaref jista' forsi jirnexxilu jimitahom, imma inti titkellem biss bil-fomm ta' qaddis!

O Mulej, tħallinix nibża' mit-tfixkil u mill-perikli veri li niltaqa' magħhom matul it-triq. Naf li xejn ma jwaqqaf il-grazzja tiegħek u li din ma ċċedi qatt sakemm nibqa' nikkopera magħha. Agħmilni għaref biżżejjed biex nemmen li bl-għemil tal-għaġeb tal-grazzja tiegħek id-diffikultajiet u t-tfixkil ta' sikwit jitbiddlu f'għajnuniet, u jaħdmu b'modi straordinarji għall-ġid.

X'baqa' li nibża' minnu? Il-grazzja tiegħek qiegħda miegħi, inti nnifsek qiegħed miegħi, fija. Iva, jekk inti tidħol fl-għalqa miegħi, x'hemm li jista' jkun tfixkil? It-tbatijiet? It-taħbit? L-għera? Il-periklu? Il-persekuzzjoni? Ix-xabla? Imma jien nirbaħ dawn id-diffikultajiet kollha, grazzi lilek li tħobbni, jien żgur li ebda ħlejqa fid-dinja ma għandha l-qawwa li tifridni mit-triq tal-qdusija.

E. Poppe, *Vita sacerdotale*, p. 117-118.125-126

## 362. JIENA MMUT KULJUM

*O Ġesù, jalla nkun naf niffaċċja l-mewt kuljum, biex ħuti jkollhom il-ħajja (1 Kor 15, 3 1; 2 Kor 4, 12).*

1. Kif Ġesù salva d-dinja u daħal fil-glorja tiegħu permezz tal-passjoni tiegħu, hekk l-appostli "jgħakksu fihom infushom l-għemejjel tal-ġisem u jagħtu ruħhom kollha kemm huma għas-servizz tal-bnedmin ħalli b'hekk iseħħilhom jimxu 'l quddiem fil-qdusija li biha għaniehom Kristu u jsiru 'raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu'" (PO 12). Dan il-prinċipju li l-Konċilju jipproponi bħala sies għall-qdusija saċerdotali, jista' jiġi applikat għall-appostli kollha, li għandhom iħossuhom impenjati sewwa fit-taħriġ bla heda tal-mortifikazzjoni wisq iżjed li l-missjoni tagħhom twassalhom li jirrappreżentaw lil Kristu u jaġixxu "fil-persuna ta' Kristu." Għalhekk is-saċerdoti "huma mistiedna biex ifasslu ħajjithom fuq dak li jkollhom f'idejhom billi kif jiċċelebraw il-misteru ta' mewt il-Mulej hekk ukoll ifittxu li jgħakksu l-vizzji, il-ġibdiet ħżiena tal-ġisem (PO 13). Bl-istess mod l-Insara kollha – u wisq iżjed l-appostli kollha lajċi jew reliġjużi – fil-fatt li jmisshom jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, huma mistiedna biex jissieħbu fis-sagrifiċċju tal-vittma divina, waqt li joffru lilhom infushom "b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla" (LG 10, 11; SC 48). Ma jistgħux ikunu appostli ta' Dak li l-ħin kollu jingħata għas-salvazzjoni tal-bnedmin mingħajr ma jkollhom parti fis-sagrifiċċju tiegħu. Ma tistax tippriedka lil Kristu msallab bla ma tiċħad lilek innifsek u timxi warajh iġġorr kuljum salibek (Lq 9, 23).

L-ewwel taħriġ ta' mortifikazzjoni huwa dejjem dak li ġej mill-ħtieġa li nsallbu "l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu" (Gal 5, 24) biex immewtu "l-bniedem il-qadim" bil-ġibdiet ħżiena tiegħu li l-ħin kollu jridu jerġgħu jitwieldu, biex "jilbes" għalkollox "lill-Mulej Ġesù Kristu u l-virtujiet tiegħu" (Rum 6, 6; 13, 4). Il-ħidma appostolika li ngħixuha b'xewqa sinċiera li tfittex biss il-glorja ta' Alla u l-ġid tal-aħwa, tippreżentalna okkażjonijiet il-ħin kollu: tiċċaħħad mill-ideat personali, taddatta ruħek għall-mentalità tal-oħrajn, iċċedi jew iżżomm iebes skont iċ-ċirkustanzi, taċċetta l-umiljazzjonijiet jew il-kritika, u tinsa' dejjem lilek innifsek biex tingħata lill-oħrajn.

2. L-affermazzjonijiet qawwija ta' San Pawl: "Issallabt ma' Kristu" (Gal 2, 20), "Jien inġib f'ġismi l-marki ta' Kristu" (Gal 6, 17), "f'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù" (2 Kor 4, 10), mhumiex kliem vojt jew frott ta' eżaltazzjoni reliġjuża, imma jirriflettu r-realtà tat-tbatija appostolika li kien jgħix f'għaqda intima mal-misteru ta' Kristu msallab. Il-fidi tiegħu fl-Iben ta' Alla li ħabb u ta lilu nnifsu għalih (Gal 2, 20) hija hekk ħajja u konkreta li kull ċaħda jew tiġrib minħabba l-qagħda tiegħu ta' appostlu kien jgħixhom b'xewqa bla waqfien li jissieħeb dejjem aktar mill-qrib mal-passjoni tal-Mulej tiegħu. "Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut" (2 Kor 4, 11), Is-sagrifiċċji, it-taħbit, in-nuqqasijiet, il-persekuzzjonijiet li kien jiltaqa' magħhom fl-appostolat, għal Pawlu kellhom funzjoni waħda li "jingħata għall-mewt" jew jirriproduċi fih innifsu l-kundizzjonijiet ta' Kristu li jsofri, anzi li jmut, u hekk jinħataf mill-qawwa tal-ħajja tiegħu biex ikun jista' jgħaddi dik il-ħajja lil ħafna. Imma dik li hi "mewt" għalih, hija "ħajja" għal dawk li jevanġelizza; għalhekk qatt ma jsib is-sagrifiċċju u t-tbatija kbar iżżejjed, imma b'entużjażmu jistqarr: "U b'hekk fina taħdem il-mewt, imma fikom taħdem il-ħajja" (2 Kor 4, 12). Kien ċert profondament li aktar ma jkollu jsofri ma' Kristu, aktar se jkun l-għadd ta' dawk li lilhom jagħti l-ħajja. Dan kien is-sigriet tal-qawwa li ma tintrebaħx ukoll quddiem it-tbatijiet li kienu jitturmentaw l-ispirtu u l-ġisem tiegħu u jħabbtuh minn kull naħa, bit-"taqbid minn barra u biża' minn ġewwa" (2 Kor 7, 5) sal-punt li kellu jgħid li hu jmut kuljum minħabba l-Evanġelju (1 Kor 15, 31).

Bħal Pawlu, l-appostlu veru għandu l-kura li jpoġġi kuljum lilu nnifsu għall-"mewt" għall-imħabba ta' Kristu u għall-aħwa; mhux għall-mewt ideali, ipotetika, imma konkreta, li jsofri siegħa wara l-oħra fis-sagrifiċċji reali li l-appostolat iġib miegħu; ma jippruvax jaħrabhom, imma jħaddanhom bil-qalb bil-konvinzjoni li din il-ħidma ġġib il-frott biss meta tkun immarkata bil-mewt ta' Kristu, li fiha jissieħeb sakemm issir mewt personali.

● O Kristu, jiena nadurak b'qawwa akbar milli qatt adurajtek meta kont inqisek matul il-ħajja tiegħek fuq l-art, għax qatt ma fhimt l-imħabba kif fhimtha issa fil-passjoni tiegħek, meta l-imħabba ġegħlitek tiċħad kollox għalina, saħansitra d-dehra umana tiegħek. O

Kristu, permezz tad-demm li xerridt għalina, permezz ta' Ommok, aqlagħli l-kuraġġ biex ngħix il-passjoni miegħek.

Kristu, o Kristu, ħajja tiegħi, ma rridx triq oħra ħliefek, salibek, tbatijietek, il-kalvarju tiegħek. Irrid li s-saltna tiegħek tinfirex, għandi biża' kbir minn dak kollu li jista' jfixkilni mill-glorja tiegħek. Agħmel bija dak li trid, imma tqisnix indenn tas-salib tiegħek, la teħodlix l-għajnuna tiegħek, agħtini l-paċi kollha tiegħek u l-ferħ tiegħek. Agħmel li niddeċiedi li nagħti ħajti. Għallimni nġib u noffri fil-Quddiesa l-ħajja tiegħi kollha u l-mewt tiegħi; għallimni noffriha lir-rieda tal-Missier u għall-qadi ta' ħuti. U li noffri b'mod speċjali fis-sagrifiċċju waħdieni… il-mewt tiegħi ta' kuljum… Għallimni nagħti lil ħajti u lil mewti tifsira feddejja: tpattija u riparazzjoni għad-dnubiet, atteġġjament ta' ubbidjenza ta' iben, u ta' mħabba lejn l-aħwa.

P. Lyonnet, *Scritti spirituali*, p. 132 .u 152-153.139-140

● Agħmel, o Mulej, li nimitak fis-sagrifiċċju u fis-sofferenza. Nimitak fit-tliet snin tal-ministeru iebes u nikkonsagra lili nnifsi għall-ħidma, għall-ħeġġa, għat-taħbit appostoliku… li ma jiswew xejn jekk ma nimitakx fil-passjoni. Int tfehemni li t-tbatijiet kollha u x-xogħol kollu ma jġibux frott jekk ma jkunux imsaħħin bil-prezz tal-ispirtu tal-passjoni, tat-tbatija. Nixtieq ningħata, nintelaq għat-tbatijiet bħalek, o Kristu. Agħmel li nagħti lili nnifsi għall-fidwa tal-bnedmin, waqt li nimita lilek li tajt lilek innifsek bħala vittma sagrifikata għall-fidwa tal-bnedmin. Għallimni niċċaħħad minn dak kollu li b'kull mod jista' jinbidel fil-glorja u l-faraġ tiegħi, u biex ngħaddi ħajja ta' passjoni kull ħin miegħek, fik, għalik, għall-fidwa tal-erwieħ

G. Canovai, *Suscipe Domine*

## 363. GĦALL-ĠID TAL-OĦRAJN

*Mulej, tħallinix infittex l-interessi tiegħi,*
*imma tal-ħafna biex isalvaw (1 Kor 10, 33).*

1. "Ma nfittexx l-interessi tiegħi, imma tal-ħafna biex isalvaw" (1 Kor 10, 33). In-nuqqas assolut ta' interess ta' Pawlu fit-taħriġ tal-appostolat tiegħu, ġie propost mill-Konċilju Vatikan II lil dawk li għandhom il-kura tal-erwieħ: "bħala mexxejja tal-komunità huma jgħixu ħajja axxetika li tixraq lil ragħaj tal-erwieħ, jiċċaħħdu mill-interessi tagħhom infushom, ifittxu mhux dak li jaqbel lilhom iżda dak li jaqbel lil ħafna, biex il-ħafna jsalvaw" (PO 13). Fi proporzjon xieraq, dan it-tagħlim għandu jingħex minn kull appostlu. Jeħtieġ assolutament iwarrab il-vantaġġ personali biex jikkonċentra, bla ebda egoiżmu u għalhekk b'intenzjoni retta, għall-qadi ta' Alla u tal-aħwa. Dan hu s-sigriet tal-appostli ġenwini. L-appostli jafu li huma mqegħdin għall-oħrajn (Lhud 5, 1) u mhux għalihom infushom, għalhekk ma jaħdmux għall-interessi jew għall-kumditajiet personali, imma għall-vantaġġ tal-ħafna li ġew afdati fil-kura tagħhom. Il-Knisja trid li l-kjeriċi – u magħhom dawk li qed jitħejjew għall-appostolat - "għandhom jifhmu sewwa li huma mhumiex magħmulin biex jaħkmu fuq l-oħrajn, anqas biex jiġru wara ġieħ id-dinja" (OT 9); għalhekk tixtieq li jkunu mħarrġin "fi spirtu ta' faqar" (OT 9) u biex iġibu ruħhom bħal Ġesù, li "ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi" (Mt 20, 28).

San Pawl jistqarr: "Aħna ma ġejniex inżiegħlu bikom bil-kliem, anqas ma kellna xi ħsieb ta' regħba, kif jista' jixhed Alla" (1 Tess 2, 5). B'danakollu għalkemm kien għaraf – forsi aktar minn oħrajn – id-dritt tal-appostli li jgħixu mill-ministeru tagħhom, hu min-naħa tiegħu, iċċaħħad minn kull ħlas u bħala bniedem tassew fqir fost il-foqra, ħaseb għall-għajxien tiegħu bix-xogħol ta' idejh. "Aħna ħdimna billejl u binhar, biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu" (1 Tess 2, 9; ara 2 Tess 3, 8). Id-diżinteress tal-appostlu għandu qawwa speċjali biex jikkonvinċi lid-dinja mis-sinċerità tal-fidi tiegħu fil-valuri ta' dejjem u biex jipperswadiha li l-hena veru ma jinsabx fil-ġid tad-dinja imma f'Alla biss.

2. Il-Konċilju Vatikan II jinsisti fuq il-fatt li l-appostli flimkien mal-ispirtu tal-faqar jikkultivaw ukoll dak "taċ-ċaħda, hekk illi jidraw

jinfatmu bil-qalb minn dak kollu li, għalkemm hu tajjeb fih innifsu, ma jaqbilx mal-ħajja tagħhom" (OT 9). Naslu biex ngħidu li kull appostlu, wisq iżjed jekk hu kkonsagrat bil-qawwa tal-ordinazzjoni saċerdotali jew tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, huwa obbligat għal spirtu ta' ċaħda aktar profond minn dak ta' Nisrani komuni, li jista' jippermetti lilu nnifsu atteġġjamenti ta' serħan li għall-appostlu jkunu stunati. Dan hu msejjaħ biex jgħix bħala wieħed mill-aħwa fost l-aħwa (PO 9), fis-sens li ma jtaqqluhomx bl-awtorità tagħhom, li ma jfittxux l-ewwel post jew li jaħkmu, imma dan mhux fis-sens ta' ħsara li jissieħbu f'kull aspett tal-ħajja sekulari. Mhumiex l-ispettakli jew it-trattenimenti tad-dinja jew il-qari u d-diskorsi mhux imrażżna li jħejju biex jifhmu lill-bniedem tal-lum. Hu x'inhu, l-appostlu għandu jżomm ruħu f'livell ta' rażna u ċaħda li tagħżlu mill-oħrajn mhux biex jeħodha magħhom, imma biex ikun dawl li jidher u jiggwida, biex ikun "belt li tkun qiegħda fuq muntanja", il-melħ li ma jitlifx it-togħma, għax imbagħad "biex jerġa' jieħu t-togħma?" (Mt 5, 13).

Dan ma jfissirx li l-appostlu għandu jsir barrani għad-dinja li fiha hu msejjaħ biex iħaddem l-influwenza tiegħu u wisq anqas li jingħalaq għall-għarfien tal-bniedem, imma li jsib il-bilanċ ġust. San Pawl jurina t-triq: "Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla" (Rum 12, 2). L-appostlu li sawwar moħħu għall-ispirtu evanġeliku ta' distakk ġenwin, ta' ċaħda, ta' safa sħiħa u fl-istess ħin ta' mħabba u ta' ftuħ lejn l-aħwa, ikun jaf jagħżel dak li hu tassew għall-għan tal-appostolat u dak li jagħmel ħsara u jista' jkun ta' tfixkil għall-istess bnedmin tad-dinja. Mill-bqija dak li l-bnedmin jitolbu mill-appostli hu fuq kollox l-eżempju tal-Evanġelju li qegħdin jgħixu, u l-qalb miftuħa għat-tbatijiet tagħhom, l-id lesta biex tagħti għajnuna, il-fidi mingħajr dubji li tagħti xhieda bil-ħajja tagħhom.

● O Mulej, dawk li jirgħaw in-nagħaġ tiegħek bil-ħsieb li jorbtuhom magħhom infushom u mhux miegħek, juru li jkunu qegħdin iħobbu lilhom infushom, u mhux lilek, imqanqlin mil-kilba tal-glorja jew tal-poter jew tal-qligħ, mhux mill-imħabba li tispira l-ubbidjenza, jew mix-xewqa li jgħinu biex jagħtu gost lilek… Il-leħen tiegħek, Mulej jinstema' qawwi u jinsisti. X'jista' qiegħed jgħid: Inti tħobbni? Irgħa n-nagħaġ tiegħi, milli: jekk tħobbni taħsibx li tista' tirgħa lilek innifsek, imma irgħa n-nagħaġ tiegħi bħala tiegħi u mhux

bħala tiegħek; fittex fihom il-glorja tiegħi u mhux tiegħek; il-ħakma tiegħi u mhux tiegħek; il-qligħ tiegħi u mhux tiegħek?...

Agħmel, o Mulej, li ma nħobbux lilna nfusna imma lilek, u meta nirgħu n-nagħaġ tiegħek ma nfittxux l-interessi tagħna imma tiegħek.

Santu Wistin, *In Io* 123, 5

● O faqar, kemm inti sabiħ! Ġesù Kristu, l-Imgħallem tiegħi, sabek hekk sabiħ li meta niżel mis-sema ried jitgħarrsek; hu għamlek il-ħabib tiegħu matul ħajtu u ried imut bik fuq is-salib.

Agħtini, o Mgħallem tiegħi, dan il-faqar sabiħ: biex infittxu bl-attenzjoni u nħaddnu bl-imħabba biex nagħmlu s-sieħeb tiegħi tul ħajti kollha, u nkun nista' mmut bih fuq is-salib.

Chevrier, *Vie (minn Villefranche*), p. 184

● Għażiż Mulej, inħossni hekk miġbud mill-faqar tiegħek!... Irrid inkun missjunarju fqajjar bħalek. Agħmilni fqir, ħallini ngħix fil-faqar, inħobbu ħafna l-faqar, inħobb ħafna lill-fqar, inħobb ħafna lilek. O Ġesù tiegħi, kif nista' nkun hieni, meta jiena kuntent b'ħajja komda u trankwilla? Nista' nkun kwiet u fil-paċi bil-mejda mimlija b'ikel tajjeb, f'kamra mgħammra b'kollox waqt li nħares lejn ix-xbieha tiegħek imdendla mal-ħajt, Mudell Imsallab tiegħi, bil-kuruna tax-xewk u mitluq minn kulħadd? Għaliex tibqa' tilmenta: "Għandi l-għatx"? Mgħallem, jien ukoll nixtieq naqtgħalek l-għatx bl-imħabba tiegħi, biċ-ċaħdiet u t-tbatijiet tiegħi, u billi nagħtik l-erwieħ!... Jekk nistrieħu fuqek u nkun mgħejjun mill-qawwa tiegħek u minn imħabbtek, nitla' bil-fiduċja it-triq tiegħi tas-salib. X'ħajja! X'faraġ għalik u għalija! Li nkun nixbah lilek, għażiż tiegħi Ġesù!

E. Poppe, *Vita (di Jacobs*), p. 132-133

## 364. IL-ĦILA TAGĦNA ĠEJJA MINN ALLA

*Mulej, li għażilt dak li hu dgħajjef biex tħawwad il-qawwija, għinni fid-dgħufija tiegħi (1 Kor 1, 27).*

1. "Aħna nxandru l-Evanġelju skont ma konna mġarrbin minn Alla qabel ma fdahulna f'idejna; u nfittxu li nogħġbu mhux lill-bnedmin, imma lil Alla li jġarrab qlubna… Aħna ma fittixniex il-glorja tal-bnedmin, la min għandkom u lanqas mingħand ħaddieħor (1 Kor 2, 4.6). Biex l-appostolat isir veru teżor ta' mħabba u għalhekk mezz biex nimxu 'l quddiem dejjem iżjed fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu jeħtieġ intenzjoni retta għalkollox. Il-Mulej li "jipprova", jifli l-qalb tal-appostli tiegħu, ma jridx isib xi ħjiel ta' intenzjonijiet qarrieqa sekondarji li jistgħu jinħbew taħt il-libsa tal-ħeġġa, imma li fil-fatt huma frott tal-frugħa. Dan jitlob mewt ta' kuljum għal kull għamla ta' amor proprju, ta' egoiżmu, ta' suppervja, biex jasal għal dak is-safa u sempliċità ġewwenin li Ġesù ppropona lid-dixxipli meta kienu qegħdin jiddiskutu l-kwistjoni ta' min hu l-ewwel fosthom: "Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet" (Mt 18, 3). Dan għandu x'jaqsam mal-fatt li jeħtieġ nitwettqu f'dik l-umiltà essenzjali li bil-mod il-mod tagħmel l-appostlu tassew ħieles mit-tfittxija tiegħu nnifsu u tal-glorja tiegħu u timpenjah biex ikun "fqir fl-ispirtu" fix-xogħol tiegħu, lest li jingħata lil kulħadd bla ma jitlob xejn għalih innifsu. Dan ma jagħmlux biered jew inuman meta jkollu x'jaqsam mal-aħwa; anzi aktar ma jidħol fis-sitwazzjonijiet tagħhom u jħabrek għall-ġid tagħhom, aktar isir ħieles minnu nnifsu. Dak li jgħodd mhux is-suċċess personali, imma l-ġid tal-erwieħ; mhux l-approvazzjoni tal-ħlejjaq, imma dik ta' Alla; mhux l-affermazzjoni tiegħu nnifsu imma l-affermazzjoni tal-Evanġelju.

Meta omm Ġwanni u Ġakbu ppreżentat it-talba f'isem uliedha, li jkollhom post privileġġjat, Ġesù dar lejn l-appostli u wissihom: "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom" (Mt 20, 27); u fil-lejla tal-aħħar Ċena, waqt il-ħasil tas-saqajn, wera bl-eżempju tiegħu sa liema punt l-appostli kellhom jaslu biex jagħmlu lilhom infushom qaddejja. Hu biss meta jkunu saru bħat-tfal fis-sempliċità tal-qalb, foqra fl-ispirtu permezz ta' distakk sħiħ, u qaddejja permezz ta' mħabba umli u ġeneruża, li l-appostli jkunu mħejjija għall-kawża ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' ħuthom.

2. San Pawl - li kien milqut mill-kobor tal-ministeru appostoliku li bih Alla jsawwab "ma' kullimkien permezz tagħna l-fwieħa tat-tagħrif tiegħu" – jistqarr: "Min jinqala' għal din il-ħidma?" (2 Kor 2, 14, 16). Huwa ħass id-differenza kbira bejn il-limiti tiegħu ta' bniedem u l-missjoni ta' xandar tal-misteru ta' Kristu. B'danakollu imħeġġeġ mill-fiduċja kbira li kellu qal: "Mhux li aħna minna nfusna għandna l-ħila naħsbu li xi ħaġa ġejja minna nfusna, il-ħila tagħna ġejja minn Alla" (2 Kor 3, 5). L-umiltà ta' Pawlu kienet is-sigriet u l-qawwa tal-appostolat tiegħu. Umiltà hekk profonda li żguratu li "xejn" ma kien ġej minnu, imma l-ħila kollha tiegħu ġietu minn Alla, bħala raġġ ta' Dak li ħatru għax-xogħol li kellu jagħmel. Din hija tifsira konkreta u sabiħa tal-kliem ta' Ġesù: "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15, 5). Mhux ftit, imma xejn.

"Il-ħila kollha tagħna ġejja minn Alla – Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" Dan il-kliem li l-appostlu żamm ġo qalbu, immaturaw u ġew magħġuna fit-talb, gawdihom u batihom fl-esperjenzi tal-ħajja, kellhom il-ħila jfarrku l-hena tal-bniedem fih innifsu u l-kburija tiegħu. Knejjes jew swali ffullati, iċ-ċapċip u s-suċċess, jistgħu jkunu bla siwi jekk Alla ma jidħolx bl-azzjoni moħbija tiegħu u jċaqlaq il-qlub. L-għerf tagħna, il-kultura, il-mod sabiħ tal-espressjoni, id-diskursati interessanti tagħna – ebda waħda minn dawn ma għandha ħila ġġib l-inqas grad ta' grazzja, l-iċken għemil ta' mħabba teoloġika. Alla biss hu l-awtur ta' dawn. "Min hu tassew ministru ta' Kristu, waqt li jagħraf tajjeb kemm hu dgħajjef, jaħdem bl-umiltà u jfittex kif jagħmel dak li jogħġob 'l Alla kieku kellu idejh u riġlejh marbuta mill-iSpirtu s-Santu, iġib ruħu f'kull ħaġa mar-rieda ta' Dak li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw" (PO 15). Min jaf li m'għandux ħila jimxi waħdu jpatti għal dan in-nuqqas billi joqgħod qrib il-gwida tiegħu. Hekk jgħix u jaġixxi l-appostlu f'kuntatt mill-qrib ma' Alla, u jserraħ bis-sħiħ fuq l-iSpirtu s-Santu biex ikun imdawwal minnu f'kollox: fil-kliem u l-għemil u d-deċiżjonijiet u l-metodi biex jitmexxa minnu fit-triqat tar-rieda ta' Alla, u mhux mill-mogħdijiet li setgħu ġew magħżula bla ħsieb minn xi impuls ta' mħabba tagħna nfusna jew ta' ambizzjoni.

● Xejn, xejn! Dan ix-xejn jidwi f'ruħi b'diwi bla tmiem, u jikxef il-ħtieġa kbira għas-safa biex ineżżża' l-għemil tiegħi mill-ħwejjeġ baxxi u minn kull xewqa tiegħi nnifsi. Alla tiegħi, inti ġġegħilni nħoss din il-

ħtieġa wisq iżjed qawwija minn qatt qabel. X'għandi nagħmel Alla tiegħi, x'għandi nagħmel? Kollox imniġġes, ix-xewqa tal-gratitudni, it-tama tar-rikonoxxenza, l-hena li nħoss madwari l-paċi tal-erwieħ li jiena dawwalt. Ah Mulej… din hi xewqa tal-art, hija tama f'dak li jintemm, imma fir-ruħ inħoss issammar il-qawwa tiegħek li ma nistax nirreżistiha: *nihil nihil sperantes*. Alla tiegħi, kollox jispiċċa, il-marka tax-xejn qiegħda fuq kull għemil tiegħi, biex f'kull wieħed minnhom it-tama tkun biss fik, fik biss, il-premju tiegħi huwa tassew kbir… O vojt, O tneżżiegħ, O solitudni. O ruħ waħdek ma' Alla tagħha, o ideal tiegħi, o solitudni, o Mgħallem tiegħi, ħallini nikseb dan l-ideal, nippossedih, u nwettqu fil-milja li tamar int, ħallini mmut u nissaffa bin-nar tiegħek!

G. Canovai, *Suscipe Domine*, p. 314

● O Alla tiegħi, inti għaref u qaddis bla tarf, ridt li l-ministri tiegħek ikunu bnedmin miżerabbli bħall-oħrajn b'għarfien ċar tal-ħażen tagħhom li hu mgħaddas profondament f'qalbhom, biex dejjem iħossu ndiema sinċiera għal dawk li jiżbaljaw u jitilfu t-triq. Inti ridt il-kuntrast bejn in-nuqqas tal-bniedem midneb u d-dija tal-ministeru tiegħu biex juri biċ-ċar lil kulħadd li r-riżultati hienja tal-grazzja tiegħek ma jxandru xejn ħlief il-glorja tiegħek. Kull appostlu li jagħraf id-dgħufija tiegħu u jistagħġeb bl-għeġubijiet tal-qawwa tiegħek, jista' biss itenni mat-tfal fil-fossa tan-nar: "Tħalliniex nistħu, imma imxi magħna bil-ħniena, u fl-abbundanza tal-ħniena tiegħek eħlisna skont l-għemejjel tal-għaġeb tiegħek, u agħti l-glorja kollha lil ismek, o Mulej"… O Mulej Ġesù, aħna nqiegħdu t-tama kollha tagħna fik biss.

D. Mercier, *Retraite pastorale,* 5, p. 158

## 365. DAK KOLLU LI HU VERU

*Mulej itmagħni bil-kliem tal-fidi u bit-tagħlim tajjeb li jaqbel mat-tjieba tiegħek (1 Tim 4, 6: Tit 1, 1).*

1. Biex l-appostolat jikseb il-frott, "Il-presbiteri… jiswewlhom ta' ġid kbir dawk il-virtujiet li l-bnedmin għandhom raġun jgħożżuhom ħafna fil-ħajja, virtujiet bħalma huma t-tjieba tal-qalb, is-sinċerità, il-qawwa u l-kostanza tal-karattru, il-ħidma bla waqfien għall-ġustizzja, u l-ġentilezza" (PO 3). Il-Konċilju Vatikan II hekk iħeġġeġ l-appostli biex iħarsu dawk il-valuri umani kollha li jiftħu t-triq għad-djalogu u jiddisponu l-qlub biex jaċċettaw il-messaġġ tal-Evanġelju. Huma aspetti soċjali tal-imġiba, virtujiet tal-bniedem li saħansitra jiġu qabel dawk tan-Nisrani imma b'danakollu huma ta' importanza akbar, għax mingħajrhom l-appostlu ma jistax ikollu wisq influwenza fuq l-oħrajn. Manjieri goffi, nuqqas ta' paċenzja, u nuqqas ta' mogħdrija ta' sikwit huma r-raġunijiet għala ħafna jitilqu diżgustati.

Meta Pawlu VI kien qed jitkellem dwar id-djalogu bħala mezz ta' appostolat, hu wera l-karatteristiċi tiegħu: "Mhuwiex merfugħ 'il fuq, ma jaħraqx, ma jinsultax. L-awtorità tiegħu hija intrinsika minħabba l-verità li jgħallem, l-imħabba li jxerred madwaru, l-eżempju li jipproponi… Huwa jġib il-paċi, jevita l-manjieri vjolenti, huwa paċenzjuż u ġeneruż…Meta jitmexxa hekk, id-djalogu jġib l-unjoni tal-verità u l-imħabba, kif ukoll tal-ftehim u l-imħabba" (*Ecclesiam suam* 47). Mhux diffiċli tkun taf x'ammont ta' virtù umana u nisranija hija meħtieġa biex tasal għal dan. Dan ukoll huwa inkluż fid-dmir axxetiku tal-appostlu; dan għandu jirregola l-imġiba tiegħu biex tagħmlu adatt biex jersaq lejn kull wieħed, jispira l-fiduċja, il-kunfidenza, u jħossu sieħeb tal-oħrajn, mhux minħabba xi ambizzjoni personali belha, imma biex iwassal il-bnedmin għand Alla. F'dan is-sens intqal li l-appostlu għandu jkun "ġentlom perfett" (Newman), u Santa Tereża ta' Ġesù rrikkmandat lil uliedha: "Fittxu li, sa fejn tistgħu u mingħajr ma toffendu lil Alla, tkunu ħelwin fl-imġiba u tmorru tajjeb ma' kulħadd, hekk li, dawk kollha li tkellmu jsiru jħobbu jitkellmu magħkom, aktar ma jkunu qaddisin, aktar għandhom ifittxu li jitħalltu ma' sħabhom. Qatt ma għandkom tintrefgħu minnhom jekk tridu tgħinuhom u tkunu maħbuba minnhom, l-aktar ma' sħabna r-reliġjużi" (*Triq* 41, 7).

2. “Mill-bqija, ħuti, f’dan għandkom taħsbu: f’kulma hu veru, f’kulma hu xieraq, f’kulma hu ġust, f’kulma hu safi, f’kulma jiġbed l-imħabba, f’kulma jistħoqqlu l-ġieħ, f’kulma hu virtù, f’kulma ħaqqu t-tifħir; f’dan kollu aħsbu” (Fil 4, 8). Ebda valur uman awtentiku ma għandu jiġi skartat min min irid iħarreġ appostolat siewi. Il-Kristjaniżmu jistabbilixxi l-għeruq tiegħu f’umaniżmu b’saħħtu, fis-sens li n-Nisrani huwa qabel xejn bniedem, anzi bniedem mogħti ħajja ġdida u mibdul mit-tisħib fil-ħajja divina. Huwa bniedem sħiħ bis-setgħat naturali kollha ta’ intelliġenza u rieda, mibni bil-fatturi edukattivi, kulturali u soċjali. Il-Kristjanità la tiċħad u lanqas timponi l-aċċettazzjoni ta’ dawn ir-realtajiet, imma tadottahom u tagħtihom l-akbar siwi billi tintegrahom fir-realtajiet sopranaturali tal-grazzja u l-virtujiet teologali u billi tmexxihom lejn id-destin etern tal-bniedem. Din hi r-raġuni li għalkemm, bħall-qaddejja fidili tal-parabbola tal-Evanġelju, l-appostli jafu sewwa li “l-opra ta’ Alla li għaliha l-iSpirtu s-Santu agħżilhom tiżboq ħafna kull qawwa u għerf tal-bniedem” (PO 15), huma jafu kif jiddedikaw it-talenti umani kollha li għandhom lejn l-għanijiet tal-appostolat tagħhom.

Barra mill-ħtieġa ta’ mogħdrija umana għall-oħrajn li tgħin biex tħaffef ir-relazzjonijiet mal-proxxmu u sservi wkoll bħala bidu għad-djalogu miegħu, il-Konċilju Vatikan II ifakkar b’mod speċjali lis-saċerdoti fid-dmir tagħhom li jkunu “maturi fl-għarfien” għax it-tagħlim tagħhom jeħtieġ li jkun “duwa spiritwali għall-poplu ta’ Alla” (PO 19). Din hi kwistjoni ta’ għarfien sagru”, meħud mill-iSkrittura Mqaddsa, mill-istudju tal-Missirijiet u d-Dutturi tal-Knisja, u mid-dokumenti tal-Maġisteru u tat-teoloġija. Din hi kwistjoni ta’ għarfien sagru, imma li mhuwiex mifrud mill-kultura ta’ żmienna, għax ma tistax tinjora l-mentalità, il-psikoloġija, l-aspirazzjonijiet u x-xejriet tal-bnedmin tal-lum, speċjalment taż-żgħażagħ. Dan kollu, imfittex u żviluppat b’intenzjoni retta għall-qadi bis-sens ta’ Alla u tal-bnedmin, huwa xogħol li jistħoqqlu tifħir u jissieħeb fil-valur tal-appostolat innifsu.

San Pawl juri liema għandhom ikunu l-karatteristiċi tal-għarfien tal-appostlu: jeħtieġ li jkollhom għeruqhom fl-Evanġelju, u jimxu wara “l-kliem utieq ta’ Sidna Ġesù Kristu” u jaqblu mat-“tagħlim skont it-tjieba” (1 Tim 6, 3), jiġifieri jeħtieġ ikun “tagħrif tal-verità li jwassal għat-tjieba” (Tit 1, 1) fi kliem ieħor bl-imħabba ta’ Alla u tal-proxxmu.

- Int, o Mulej, ma titlobnix biex inkun mgħallem tal-politika, tal-istrateġija, tax-xjenza tal-bnedmin, tridni nkun mgħallem tal-ħniena u tal-verità (1940, p. 300).

Agħtini ħafna diskrezzjoni u mogħdrija fil-ġudizzju tal-bnedmin u tas-sitwazzjonijiet; rieda biex nitlob għal dawk li ġabuli tbatija; u li f'kollox ikolli ħniena kbira u sabar bla tarf, u niftakar li kull sentiment ieħor huwa kuntrarju għall-ispirtu tal-Evanġelju tiegħek u għall-perfezzjoni evanġelika. Sakemm l-imħabba tirbaħ jiġri x'jiġri, kont nagħżel li nkun meqjus ta' ftit siwi. Irrid inkun paċenzjuż u twajjeb sa grad erojku ukoll jekk ikolli nitgħaffeġ jien. Hekk biss ikun jistħoqqli nissieħeb fis-saċerdozju tiegħek, o Kristu Ġesù, li minkejja l-aċċettazzjoni tiegħek, l-umiljazzjoni, u t-tbatija, kont it-tabib u Salvatur veru u waħdieni tal-bnedmin kollha (1930, p. 258).

Għallimni ngħid dejjem il-verità, imma bil-ħlewwa. Għinni biex inpatti dejjem bit-tajjeb għad-deni u biex nisforza lili nnifsi li nippreferi f'kollox, l-Evanġelju tiegħek milli l-maniġġi tal-politika tal-bnedmin. (1936, p. 273).

Imma fuq kollox u fil-ħwejjeġ kollha, li f'ħajti nkun dejjem lest li nesprimi fil-ħajja interjuri u fl-azzjonijiet esterni tiegħi, ix-xbieha tiegħek, o Ġesù, manswet u umli f'qalbek (1931, p. 261).

Beatu Ġwanni XXIII, *Il giornale dell'anima*

- Verġni, aqlagħli mill-iSpirtu s-Santu ta' ibnek Ġesù id-doni tal-intellett u tax-xjenza, sakemm nasal li nsir dawl għall-erwieħ.

Agħtini, o Marija li nfisser bħalma kont taf tagħmel int l-iSkrittura Mqaddsa; biex ikolli l-ħila nimmeditaha fis-skiet u nżommha f'qalbi. Żommni umli, fakkarni li dan mhux xi ktieb komuni, u li nifhmuh ma għandux ikun sfurzat, imma aktarx jeħtieġ li nkunu tħarriġna sewwa fl-ubbidjenza, biex inkunu sirna umli u nżajna minn kollox, u li nkunu batejna u tlabna bla waqfien biex ikollna l-ħila nidħlu f'dan l-għerf. Ja Omm, inti fhimt lil Alla aktar minn kulħadd; agħmel li niċċaħad mill-kburija intellettwali u li ma nkunx magħdud mal-għorrief u mad-dehnin tad-dinja li lihom huma miċħuda s-sigrieti ta' Alla. Agħmel li jiena nkun ċkejken ħafna biex nidħol fl-ambitu ta' dak li hu rivelat, biex inkun imlibbes u mimli bil-verità. Ja Omm, kemm nixtieq li madwari nxerred il-verità li hu l-Iben tiegħek.

Agħmel li nixxennaq għas-Saltna; agħmel li dan biss ikun l-għan tiegħi, li ma jkunx hemm għalija żewġ modi kif nara l-affarijiet: wieħed Nisrani u l-ieħor profan. Agħmel li nagħraf li huwa l-ispirtu tas-saltna li jagħmel il-bnedmin hienja u fil-paċi, idawlu u ottimisti, b'saħħithom u ġenerużi, mikulin minn mħabba umli u rebbieħa. Ja Omm, kemm nixtieq li nkun bħalek!

P. Lyonnet, *Scritti spirituali*, p. 154-155

## 366. MIDJUNIN LEJN L-EVANĠELJU

*Agħmel li l-fidi u l-appostolat tiegħi ma jistrieħux fuq l-għerf tal-bnedmin, imma fuq Ġesù Kristu, u dan imsallab (1 Kor 2, 2).*

1. L-amar ta' Ġesù għadu jidwi fil-Knisja: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (Mk 16, 15). F'kull żmien tal-istorja l-Knisja tinsab fil-"ħtieġa li xxandar l-Evanġelju" (IM 3), li hu "l-bidu tal-ħajja kollha f'kull żmien" (LG 20). Il-Konċilju Vatikan II, konxju sewwa ta' impenn bħal dan; jitlob lil kull Kattoliku biex jaqsam skont il-qies u l-ħila tal-uffiċċji tiegħu waqt li jfittex "l-okkażjonijiet biex bil-kelma jħabbar lil Kristu kemm lil dawk li ma jemmnux sabiex iwassalhom għat-twemmin, kemm lil dawk li jemmnu sabiex jgħallimhom iżjed iwettaqhom fil-fidi u jħeġġiġhom għal ħajja aktar ħerqana" (AA 6); u jiftakar f'dan il-kliem tal-Appostlu: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor 9, 16). Jekk il-predikazzjoni uffiċjali tal-Evanġelju tmiss lill-Ġerarkija u lil dawk li ħadu s-saċerdozju ministerjali, imma l-Insara komuni wkoll għandhom joffru l-kollaborazzjoni tagħhom "bħall-irġiel u n-nisa li kienu jgħinu lil Pawlu fit-tixrid tal-Evanġelju" waqt li jżommu f'moħħhom li "ħafna bnedmin, infatti, ma jistgħux jisimgħu l-Evanġelju u jsiru jafu lil Kristu jekk mhux permezz tal-lajċi li huma qrib tagħhom" (AA 10.13). Kull Nisrani ġenwin għandu jagħmel lilu nnifsu ħabbar tal-Evanġelju, jew billi jgħixu fil-milja tiegħu, jew billi jxandru fl-ambjent tiegħu permezz tal-kelma f'waqtha, mimlija bl-imħabba u s-sinċerità. L-appostlu, wisq iżjed jekk hu saċerdot, għandu jħossu midjun lejn l-Evanġelju għal kulħadd u għalhekk hu marbut li jagħmel lilu nnifsu "dgħajjef mad-dgħajfin", "għamilt lili nnifsi "lsir ta' kulħadd", fqir mal-fqar, ċkejken maċ-ċkejknin, u "kollox ma' kulħadd" (1 Kor 9, 19, 22) biex huma jirċievu l-kelma ta' Alla. Il-pjan tiegħu ta' azzjoni jmissu jkun: "Nagħmel dan kollu minħabba l-Evanġelju" (1 Kor 9, 23), għall-Evanġelju kollu awtentiku kif għallmu l-Mulej Ġesù. Il-ħeġġa tagħna biex nersqu lejn l-oħrajn ma għandhiex tiftiehem bħala tnaqqis tal-verità. Id-djalogu tagħna ma jistax ikun dgħufija, dwar l-impenn lejn il-fidi tagħna" (Pawlu VI, *Ecclesiam suam* 50). L-għaqal jista' jitlob tifsira gradwali u addattata għal mentalitajiet diversi, imma l-fedeltà lejn l-Evanġelju jeħtieġ tkun bla mittiefsa, għax l-Evanġelju biss hu "qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu" (Rum 1, 16). U

"dak biss li hu tassew fidil għat-tagħlim ta' Kristu li jista' jkun appostlu li jagħti l-frott" (Pawlu VI, *Eccl. suam* 1ċ).

2. Is-sies ta' kull ħidma appostolika ma jistax ikun ħlief wieħed: Kristu u l-Evanġelju tiegħu. Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed. Jekk titbiegħed minn dan ifisser li tlift it-triq. "Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu" (1 Kor 3, 11). Ix-xogħol kollu tal-appostli jeħtieġ jiżviluppa ruħu fuq dan is-sies waħdieni. "Jibni x'jibni fuq dan il-pedament: deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, injam, ħuxlief, tiben" (1 Kor 3, 11-12), jiġifieri wieħed jista' jibni b'tagħlim safi u sħiħ, li ġej minn konvinzjoni profonda u msieħeb minn xhieda tal-ħajja, jew jista' jibni bi kliem u għemil bla sens li juru superfiċjalità, nuqqas ta' ħeġġa u ta' fidi, u anki b'teoriji personali, b'diskorsi vojta li jbiegħedu mill-verità evanġelika. Sa fl-istess Knisja tal-bidu kien qam dan il-periklu u San Pawl kellu jwissi "lil xi wħud ħalli ma jgħallmux tagħlim ieħor, u anqas ma jiġru wara ħrejjef, li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ bil-fidi" (1 Tim 1, 3-4). Ukoll jekk "għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skont ma jixtiequ, int" – iwissi l-Appostlu – "oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa, stabar fit-tiġrib, agħmel ħidma ta' evanġelista, aqdi sewwa l-ministeru tiegħek" (2 Tim 3-5). Is-sinjal li jagħżel l-appostli veri minn dawk li mhumiex, ikun dejjem fedeltà li ma tiċċaqlaqx lejn l-Evanġelju.

Jekk biex wieħed jaqbel maż-żminijiet ikun meħtieġ li jiġġeddu l-metodi tal-appostolat, dan qatt ma għandu jbiddel is-sustanza tal-Evanġelju, imma jeħtieġ li dan jingħex u jiġi mxandar b'mod dejjem iżjed awtentiku, li dejjem jaqbel mal-eżempju u l-kliem ta' Kristu. F'kull każ – jgħid il-Konċilju – ix-xogħol tal-appostli "ma jkunx li jagħtu mill-għerf tagħhom infushom iżda li jgħallmu l-Kelma ta' Alla u jistiednu bil-ħerqa 'l kulħadd għall-konverżjoni u għall-qdusija" (PO 4). Għal din ir-raġuni San Pawl ċaħad kull "kliem kbir jew għaref" u ppropona "lil Kristu Ġesù, u 'l dan imsallab" (1 Kor 2, 1-2).

● O Kristu għinni biex nagħtik lill-erwieħ, biex nagħti l-Evanġelju tiegħek, it-teżori tal-grazzja tiegħek, il-preżenza tiegħek u tal-iSpirtu s-Santu tiegħek fir-ruħ, it-talba ġewwenija, il-paċi u l-qawwa li tista' kollox tal-unjoni divina. Inti ħtartni ministru tal-

Evanġelju tiegħek biex nippriedka l-Evanġelju jiġifieri l-misteru nisrani, il-kummerċ dirett u ħaj tat-Trinità l-iżjed qaddisa mal-bnedmin.

Għinni biex inżomm il-moħħ u l-qalb tal-Insara f'kuntatt miegħek, o Kristu, Sultan, Saċerdot, Ras tal-Knisja, bl-iSpirtu tiegħek li jfittex u jikxef il-profondità ta' Alla, u permezz tiegħek, mat-Trinità l-iżjed Qaddisa. Irrid nitmantna bil-kelma li tirrivela kummerċ kontinwu mal-Kotba mqaddsa… Agħmel li nifhem li mhux it-talent lanqas il-kultura profana mhija dik li tħejji għall-misteru tal-grazzja tiegħek, imma ċ-ċaħda tagħna nfusna, is-sempliċità, u l-ispirtu tat-talb u li nintelqu f'idejk. Mulej, oħloq fija spirtu taċ-ċkejknin, li jafda u jkun leali, u lest li jkun miftuħ. Fil-minsiteru pastorali tiegħi, għallimni nagħraf kif nagħti l-ewwel post għall-istudju u għall-ispirtu tat-talb, għaxjien nista' nagħti biss minn dak li għandi.

Ħalli nkun mimli bin-nifs ġewwieni tiegħek, sabiex inkun dejjem attent għall-ispirazzjonijiet u l-ħidma tal-iSpirtu s-Santu fija; imbagħad il-fidi tiegħi tiddawwal, il-ħeġġa ssir aktar appostolika, kliemi aktar komunikattiv, u jkolli anqas dubji dwar il-frott tal-missjoni tiegħi.

D. Mercier, *La vita interiore* 6, p. 517 . 529-1

● It-triq li fiha nsibu s-salvazzjoni hija int, o Kristu Ġesù, Qassis il-kbir li toffri l-offerti tagħna, protettur tagħna, għajnuna fid-dgħufija tagħna. Permezz tiegħek niffissaw il-ħarsa tagħna fl-għoli tas-smewwiet; permezz tiegħek nikkontemplaw bħal f'mera x-xbieha bla tebgħa u l-iżjed għolja ta' Alla; permezz tiegħek jinfetħu l-għajnejn ta' qlubna; permezz tiegħek l-intelliġenza tagħna, magħluqa u mdallma, toħroġ fid-dawl. Permezz tiegħek li s-Sid Sovran jogħġbu li niggustaw l-għerf li ma jmut qatt.

S. Klement ta' Ruma, *L-Ewwel Ittra lill-Korintin*, 36

## 367. IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Inxandar ismek lil ħuti (Salm 22, 23).*

Illum il-Liturġija tal-Kelma ddur b'mod speċjali fuq dawk li mill-Poplu ta' Alla kellhom il-ħidma ta' responsabbiltà jew bil-ministeru saċerdotali jew b'xi uffiċċju appostoliku ieħor; hija fl-istess ħin twissija serja u Inkuraġġiment, twissija u merħba.

L-ewwel qari, meħud mill-profeta Malakija (1, 14b - 2, 2b.8-10) huwa kliem serju indirizzat lis-saċerdoti tat-tempju li kienu qegħdin iħarbtu l-qima divina billi jħarrġu s-saċerdozju b'mod mhux xieraq; minflok imexxu l-poplu biex jagħti qima 'l Alla u jimxi skont il-liġi tiegħu, kienu qed imexxuh mit-triq il-ħażina bit-tagħlim falz tagħhom. "U issa għalikom, qassisin, huwa dan il-kmandament: Jekk intom ma tisimgħux, u jekk ma tfittxux minn qalbkom li ssebbħu lil ismi," jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "jiena nibgħat fuqkom is-saħta, u nisħet il-barkiet tagħkom… imma intom twarrabtu mit-triq; u ġgħaltu 'l ħafna jitfixklu bit-tagħlim tagħkom" (Mal 2, 1-2.8). Is-saċerdot, il-katekista, l-edukatur għandu d-dmir strett li jgħallem kif tingħata qima 'l Alla kemm bit-talb u kemm bil-ħajja skont il-liġi divina. Dawk li jwarrbu minn dan id-dmir u flok iwasslu l-kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja, jinqdew bl-uffiċċju tagħhom biex ixandru l-ħsibijiet u l-ideat personali tagħhom isiru ġebla ta' tfixkil, okkażjoni ta' telfien ta' ħafna li huma mmexxijin fl-iżball aktar ma tkun kbira l-awtorità ta' dawk li jgħallmuhom.

Ġesù wkoll - kif naqraw fl-Evanġelju tal-lum (Mt 23, 1-12) – kellu jikkundanna l-imġiba tal-kittieba u l-Fariżej li qagħdu fuq "il-katedra ta' Mosè" jagħmluha ta' mgħallmin, waqt li t-tagħlim u l-imġiba tagħhom kienu għalkollox kontra l-liġi ta' Alla. Fuq kollox Ġesù xliehom bl-ipokresija u l-kburija: "Huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn" (Mt 23, 3). Kienu jippretendu mill-poplu ħafna osservazzjonijiet mhux ordnati minn Alla, waqt li min-naħa tagħhom "anqas b'sebagħhom il-wieħed ma jridu jħarrkuhom" (Mt 23, 4). Dak li jagħmlu jagħmluh għal għajnejn in-nies (Mt 23, 5), iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejħulhom "rabbi" (Mt 23, 7). B'kuntrast ma' mġiba bħal din, Ġesù kien iressaq is-sempliċità u l-umiltà li hu ried jara fid-dixxipli tiegħu u

għalhekk f'kull appostlu. Flok jilgħabuha ta' mgħallmin, kien imisshom jibdlu l-awtorità tagħhom f'imġiba modesta u ta' aħwa, u ħelwa li tagħmilha aktar aċċettata u aktar siewja. Mill-bqija jeħtieġ li dejjem niftakru li wieħed biss hu l-Imgħallem. "Il-mexxej tagħkom wieħed hu, Kristu" (Mt 23, 10).

Ma' dawn il-kwalitajiet jiżdiedu l-imħabba sinċiera, id-dedikazzjoni ġeneruża u n-nuqqas ta' interess personali li dwaru jitkellem it-tieni qari (1 Tess 2, 7-9.13). "Ġibna ruħna magħkom bil-ħlewwa, bħalma omm tradda' tħaddan lil uliedha: Aħna għożżejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju imma ħajjitna stess, daqskemm ħabbejniekom" (1 Tess 2, 7-8). L-appostlu ħabrieki u ġellied isir teneru bħal omm lejn dawk li bit-taħbit appostoliku tiegħu, inissel għal Kristu. Iħosshom uliedu sal-punt li jixtieq jagħti ħajtu għalihom. Dak ma kienx sempliċi kliem, għax hu qatt ma reġa' lura anqas quddiem is-sogri l-aktar perikolużi biex jikseb bnedmin għal Kristu. Barra minn hekk xandrilhom l-Evanġelju bit-"taħbit u t-tbatija kbira …aħna ħdimna billejl u binhar, biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu" (1 Tess 2, 9). Il-ġenerożità tiegħu ġegħlitu saħansitra jiċċaħħad minn dak li kien tiegħu bi dritt. Kien ħsiebu biss li jagħti u mhux li jirċievi, għax kien konvint li n-nuqqas ta' interess personali kien ġab aktar frott għall-predikazzjoni tiegħu. fil-fatt din il-predikazzjoni ġiet milqugħa "mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla" (1 Tess 2, 13). Ix-xandir bla interess tal-Evanġelju kien xhieda ċara biżżejjed tal-verità tal-fidi proprja tiegħu.

● Inxandar ismek lil ħuti: infaħħrek f'nofs il-ġemgħa. Faħħru l-Mulej intom li tibżgħu minnu! Għax ma warrabx minnu l-imsejken, ma stmellx in-niket tiegħu; anqas wiċċu ma ħeba minnu, imma semgħu meta sejjaħlu.

Għalhekk inti t-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira; inrodd il-wegħdiet tiegħi quddiem dawk li jibżgħu minnu… Jiftakru t-truf kollha tal-art, u jerġgħu lura lejn il-Mulej; u quddiemu jinxteħtu r-razez kollha tal-ġnus. Għax tal-Mulej hi s-Saltna.

Salm 22, 23-29

● Alla kollok ħniena, ismagħni bit-tjieba: nitolbok għal dawk li huma tiegħek. Il-missjoni ta' missier li afdajtli timbuttani għal dan, l-imħabba tiġbidni għalih, u l-kunsiderazzjoni ta' tjubitek tagħmilli l-qalb. Inti taf Mulej l-aktar ħelu, kemm inħobbhom, u liema post għandhom f'qalbi, u kif inħarishom fl-imħabba tiegħi. Inti taf, Mulej, li ma mmexxihomx bil-ħruxija, u anqas bil-vjolenza; li nippreferi naqdihom bl-imħabba milli bil-ħakma tiegħi, li noqgħod għalihom fl-umiltà, u – bil-qawwa tal-imħabba– li nkun fosthom bħal wieħed minnhom.

Inħallihom f'idejk u nafdahom fil-providenza kollha mħabba tiegħek. Tħalli 'l ħadd jisraqhomlok minn idejk u anqas minn idejn il-qaddej tiegħek li afdajthomlu; imma agħmel li jipperseveraw bil-ferħ fid-deċiżjoni qaddisa tagħhom, u bil-perseveranza tagħhom jiksbu l-ħajja ta' dejjem: bl-għajnuna tiegħek, o Mulej l-aktar ħelu, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Alfred di Rievaulx, *Oratio pastoralis* 8. 10

## SENA B

*Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi! Il-Mulej blata tiegħi… u kenn tiegħi (Salm 18, 2-3).*

Il-Liturġija tal-lum turi l-kontinwità bejn ir-Rabta l-Qadima u r-Rabta l-Ġdida u fl-istess ħin turi li din tal-aħħar tiswa għal kull żmien. Fid-Dewteronomju (6, 2-6) naqraw l-ewwel espressjoni tal-kmandament tal-imħabba: "Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dt 6, 4-5). L-istess silta terġa' tidher fl-Evanġelju tal-lum (Mk 12, 28-34) bħala tweġiba ta' Ġesù lil wieħed mill-kittieba li staqsih dwar "liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel" (Mk 12, 28). Kienet silta magħrufa sewwa mil-Lhud u li kienu jtennuha darbtejn kuljum bħala talba ta' filgħodu u ta' filgħaxija. L-ewwel kelma "isma'" - li minnha ħadet l-isem din is-silta - kienet stedina għall-meditazzjoni fuq il-kmandament tal-Mulej u kejl biex miegħu nirregolaw il-ħajja tagħna. Fil-fatt li titlob ma jfissirx biss li nsejħu 'l Alla u nitolbuh il-grazzji tiegħu, imma fuq kollox li nisimgħuh: nisimgħu l-kelma tiegħu, nimmeditawha u nobduha. Ġesù wkoll saħaq fuq dan il-kunċett sħiħ u vitali tat-talb: "Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-Smewwiet!" (Mt 7, 21). Ġesù reġa' qabad il-kmandament il-qadim imma tah dehra ġdida; l-ewwel nett qalgħu mill-kuntest ta' preskrizzjonijiet sekondarji, imbagħad qiegħdu deċiżament 'il fuq mill-kmandamenti l-oħra u hekk rabtu mal-kmandament tal-imħabba tal-proxxmu u afferma b'awtorità: "Ma hemmx kmandment ieħor akbar minn dawn" (Mk 12, 31). L-iskriba li kien staqsih, qabel miegħu u kkonkluda wisq tajjeb illi tħobb 'l Alla bil-forzi kollha tiegħek u lill-proxxmu bħalek innifsek huwa "aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha" (Mk 12, 33). Fi kliemu jidwi l-leħen tal-profeti li aktar minn darba kkundannaw il-qima li mhix imqanqla mill-imħabba. Alla għandu jkun meqjum bit-talb u s-sagrifiċċji, imma dawn ma jogħġbuhx jekk ma jkunux ġejjin minn qlub li jħobbuh sinċerament u flimkien miegħu jħobbu wkoll il-proxxmu.

Alla huwa mħabba; il-ħolqien kollu hu frott tal-imħabba tiegħu. Il-bniedem maħluq mill-imħabba, jgħix bl-imħabba divina li żżommu fl-eżistenza u ssawwab fih id-doni tiegħu. Billi l-imħabba hija l-għajn ta'

ħajtu, il-bniedem ma jistax ma jħobbx, l-imħabba għalih issir bżonn fundamentali u dmir indispensabbli li jaqbel man-natura tiegħu. Qabel kollox jeħtieġ iħobb l-Imħabba li ħalqitu, Alla l-imbierek u ladarba aħna rċevejna kollox minnu, hija ħaġa loġika li nħobbuh mhux b'xi tnehida kultant imma "b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Mk 12, 30). Barra minn dan, billi aħna xbieha ta' Alla li jħobb il-ħlejjaq kollha, il-bniedem jeħtieġ jifrex l-imħabba tiegħu għall-bnedmin kollha. Meta Ġesù rabat l-imħabba lejn il-proxxmu ma' dik lejn Alla, ħelisha minn kull irbit, għallem li l-proxxmu mhuwiex biss dak li jiġi minna, il-ħabib, il-ġar, il-bniedem minn pajjiżek, imma wkoll l-għadu, il-barrani, dak li ma nafuhx, mela kull bniedem ieħor. Dan urih bi kliemu, imma wisq iżjed bl-eżempju meta ta ħajtu għall-bnedmin kollha, u miet għalihom meta kienu għadhom għedewwa tiegħu (Rum 5, 8). "Jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin… imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina" (1 Ġw 4, 11-12). Il-konklużjoni ta' San Ġwann issaħħaħ dik tal-kittieb u tikkompletaha. L-Appostlu fehem is-siwi tal-kmandament tal-imħabba u r-rabta vitali bejn l-imħabba lejn Alla u dik lejn il-proxxmu sal-punt li jisħaq li l-ewwel kmandament hu perfett biss meta hu msieħeb mit-tieni wieħed. Min jifhem u jgħix b'dan il-mod il-preċett tal-imħabba mhux biss mhux "'il bogħod mis-saltna ta' Alla" (Mk 12, 34) kif qal Ġesù lill-kittieb, imma jżommha fih stess, għax "jgħammar f'Alla, u Alla fih" (1 Ġw 4, 16).

● "Inħobbok Mulej qawwa tiegħi. Għax jien żammejt triqat il-Mulej, ma tbegħidtx bid-dnub minn Alla tiegħi. Quddiemi huma d-digrieti kollha tiegħu; ma warrabtx minni l-preċetti tiegħu… Dritta hi t-triq ta' Alla; safja hi l-kelma tal-Mulej. Tarka huwa Alla għal kull min jistkenn fih… Ħaj il-Mulej! Imbierek hu, il-blata tiegħi! Ikun imfaħħar Alla tas-Salvazzjoni tiegħi"

Salm 18, 2. 22-23. 3 . 47

● O Mulej, il-kmandament tiegħek huwa tassew kbir ħafna… u int tgħallimni li dan il-kmandament hekk kbir, huwa l-imħabba, għax fejn hemm l-imħabba ma hemmx djieq… O Mulej, ħallini ngħix fejn hemm ħafna wisa'… Ħallini nħobb dak li ebda bnedem ma jista' jħassar: ħallini nħobbok, Alla tiegħi, inħobb il-ħbiberija tal-aħwa,

inħobb il-liġi tiegħek, u nħobb il-Knisja tiegħek; u agħmel li tkun imħabba dejjiema.

Agħmel, o Alla, li nħobbu lil xulxin. Agħmel li nħobbu lill-bnedmin kollha, saħansitra l-għedewwa tagħna, mhux għax huma ħutna, imma biex isiru hekk; u kebbisna dejjem b'din l-imħabba tal-aħwa, kemm lejn dawk li huma ġa ħutna, kif ukoll lejn l-għedewwa tagħna, biex bl-imħabba jsiru ħutna. Agħmel li nifhem li meta qed inħobb lil ħija, jien dejjem qed inħobb ħabib. Huwa dejjem miegħi, huwa diġà magħqud miegħi fl-unità li tħaddan il-bnedmin kollha… Mulej, agħmel li min-naħa tiegħi jiena nkun nista' nħobb, u nħobb b'imħabba tal-aħwa… Agħmel li l-imħabba kollha tiegħi tkun diretta lejn l-Insara, lejn il-membri tiegħek, o Kristu Ġesù. Agħmel li l-imħabba tiegħi tħaddan id-dinja kollha minħabba l-imħabba tiegħek, għax il-membri tiegħek huma mxerrda mad-dinja kollha.

Santu Wistin, *In Io* 10, 6-8

## SENA Ċ

*Mulej, inti "tħenn għal kulħadd" (Għerf 11, 23).*

M'għandniex nistagħġbu li s-suġġett tal-ħniena jidher ta' sikwit fil-Liturġija tal-Ħdud għax Alla hu ħniena infinita, li ma tintemm qatt u għax il-bniedem għandu ħtieġa l-aktar kbira tal-ħniena. Alla li ħalaqna f'att ta' mħabba, jerġa' joħloqna kuljum f'att ta' ħniena li ma jintemm qatt, li bih ifejjaq id-dgħufijiet tagħna, jaħfrilna dnubietna, u jeħlisna mid-deni. Dan hu preċiżament il-ħsieb tal-ewwel qari: "Inti tħenn għal kulħadd, għax tista' kollox; int tagħlaq għajnejk għad-dnubiet tal-bniedem biex huma jindmu. Għax int tħobb il-ħlejjaq kollha, u xejn ma tistmell minn dak kollu li għamilt; li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha, int ma kontx tagħmilha" (Għerf 11, 23-24). Ħadd ma jista' jibqa' jeżisti mingħajr il-ħniena li tista' kollox ta' Alla, li jibqa' jħobbna u jgħinna fil-ħajja minkejja d-dnubiet u l-infedeltajiet tagħna; li jibqa' jiġri warajna bla waqfien biex imexxina għas-salvazzjoni.

Dak li l-Ktieb tal-Għerf jiddikjara fi kliem ġenerali joħroġ fl-Evanġelju tal-lum (Lq 19, 1-10) b'mod konkret u ċar: il-konverżjoni ta' Żakkew, il-pubblikan. Qabel daħal Ġeriko, Ġesù ltaqa' ma' raġel għama li minn nofs il-folla beda jgħajjatlu, waqt li beda jittallab biex jerġa' jibda jara. Ftit wara, meta Ġesù kien qed jaqsam il-belt, wasal Żakkew li kien raġel qasir, li sfida l-folla billi xxabbat ma' siġra, bix-xewqa li hu wkoll jara lil Ġesù: hu ried isir jaf lil dan l-Imgħallem li kien sema ħafna dwaru, forsi wkoll dwar it-tjubija tiegħu mal-pubblikani. Naturalment, qatt ma nstema' li mgħallem ta' Iżrael kien se jagħti kas ta' nies bħal dawn li kienu mwarrba u mibgħuda minħabba li kienu impjegati mal-Imperu Ruman u għalhekk kienu meqjusin bħala għedewwa tal-poplu. Żakkew kien il-kap tagħhom u għalhekk kien iżjed mibgħud mill-oħrajn, u billi kien magħruf sewwa, ma setax jinħeba. Imma hu ma kienx jagħti kas tan-nies, u anqas kien jibża' li jwaqqgħuh għaċ-ċajt u ż-żufjett; hu kien jixtieq biss li jara lill-Mulej, u qagħad jistennih ġej, jgħasses minn fuq it-tina selvaġġa: "Ġesù kif wasal hemm ħares 'il fuq u qallu: 'Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġ li noqgħod għandek'" (Lq 19, 5). Ġesù kien jaf sewwa min hu Żakkew: pubblikan li stagħna bil-flus li kien jieħu mingħand in-nies; b'danakollu la maqdru u lanqas ċanfru. Bil-maqlub, dar lejh b'ġest ta' ħbiberija: xtaq jidħol f'daru. Żakkew li

qatt ma kien joħlom bi proposta bħal din, niżel jiġri minn fuq is-siġra u laqgħu bil-ferħ. In-nies skandalizzaw ruħhom u bdew igergru; hu ħallihom jgħidu; kellu ħwejjeġ wisq importanti x'jgħid lill-Imgħallem, li issa kien messlu qalbu: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, irroddlu għal erba' darbiet iżjed" (Lq 19, 8). Kienet konverżjoni sħiħa; il-preżenza u t-tjubija tal-Mulej kienu biżżejjed biex idawlu l-kuxjenza tar-raġel bla skrupli, mgħaddas fi flusu, u mdorri bil-qligħ inġust. Imma Żakkew kien tassew dispost għall-grazzja li ħadmet fih: kellu xewqa sinċiera li jara u jiltaqa' ma' Ġesù. U issa semgħu jgħidlu: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni. Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf" (Lq 19, 9-10). Dan il-pubblikan li l-Fariżej kienu jqisuh bħala midneb u mitluf għal dejjem, ġie offrut is-salvazzjoni li hu aċċetta meta fetaħ daru u qalbu lis-Salvatur. Kristu qatt ma jieqaf jagħmel l-istess offerta lil kull bniedem: "Ara, jien fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi" (Apk 3, 20). Alla fil-ħniena infinita tiegħu, mhux kuntent li jikkonverti lill-bnedmin u jaħfrilhom, imma joffrilhom ukoll il-ħbiberija tiegħu u jistedinhom għall-għaqda miegħu.

● O Alla ħanin li tista' kollox, minnek ġej li l-fidili tiegħek jagħtuk servizz xieraq u ta' ġieħ; agħmel li mingħajr ebda tfixkil, inħaffu biex niksbu l-wegħdiet tiegħek (Kolletta)

Agħmel, Mulej, li s-sagrifiċċju li sejrin inġeddu jitla' quddiemek bħala offerta safja, li tniżżel fuqna l-kotra tal-ħniena tiegħek (Talba fuq l-Offerti).

*Missal*

● O Missier ħanin u mħallef ġust, ladarba nagħraf ħtijieti, ma rridx naħrab mill-preżenza tiegħek, imma pjuttost, Mulej, billi jiena midneb, niġi għandek, bħala marid għand it-tabib waqt li nistqarr ħtijieti, biex tagħtini maħfra sħiħa.

O Ġesù l-aktar ħelu, ħares lejja bl-għajnejn tiegħek tal-ħniena u tħallini qatt nitbiegħed minnek… O Ġesù l-aktar ħelu u l-aktar ħanin, ħarsien u kenn tal-midinbin, kif se npattilek l-imħabba u l-kura li għandek għalija? Min jissogra jakkużani jew jikkundannani jekk int tiġġustifikani u teħlisni? Kif nista' ma nafdax fil-ħniena tiegħek

ladarba għall-preżenza tiegħek tgħib kull miżerja tiegħi? Inti teħlisni mill-kalunji tal-bnedmin u mill-akkużi tal-għedewwa tiegħi, waqt li teħlisni daqshekk bil-ħeffa mill-ħtija, li m'hemmx iżjed lok għall-kundanna u għall-kastig; ladarba l-ħniena tiegħek hija hekk kbira, ma nieqaf qatt infaħħrek, u qatt ma ngħejja nservik.

L. Da Ponte, *Meditazioni* III, 27, 3-4

## 368. JIEN IRBAĦT ID-DINJA

*O Mulej, li ħabbejtni u tajtni l-kuraġġ ta' dejjem, u t-tama bil-grazzja, qawwili qalbi u saħħaħhieli f'kull għemil u kelma tajba (2 Tess 2, 16-17).*

1. Waqt li Pawlu kien marbut bil-ktajjen minħabba l-Evanġelju u kien mikdud minħabba l-qagħda tal-kristjanità, kiteb: "Għadni jien nistenna u nittama bil-ħerqa li ma jkolli xejn mniex nistħi; anzi għandi l-fiduċja li, kif dejjem hekk s'issa, Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi, sew jekk ngħix u sew jekk immut" (Fil 1, 20). Kull appostlu għandu bżonn ta' din it-tama li ma titħarrikx, bl-għeruq tagħha fi Kristu li, minkejja l-oppożizzjoni tal-ħażen, tittrijonfa u ssalva lill-bnedmin permezz tad-dedikazzjoni u s-sagrifiċċji, permezz tal-ħajja u l-mewt tax-xhieda tiegħu. Ġesù qal: "Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja" (Ġw 16, 33); u biex l-appostli ma jħossuhomx waħedhom fil-ħin tal-prova tagħhom, hu żgurahom: "Ara, jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20). L-aktar f'dawk il-mumenti mudlama meta m'hemmx xaqq ta' dawl fuq l-orizzont, meta l-għadu jkun qed jirbaħ, meta l-ħbieb jitilquh u ma jista' jara ebda ħjiel ta' suċċess, l-appostlu jeħtieġ li jkollu l-ħila jserraħ fuq ir-rebħa kbira tal-Mulej u fuq il-preżenza bla heda u l-għajnuna tiegħu, ukoll jekk moħbija u ma tinftiehemx.

L-appostlu hu żgur mit-tama tiegħu għax Alla jista' kollox, għax Alla jrid lil kulħadd isalva, għax Ġesù miet u rxoxta biex jagħti l-ħajja lid-dinja, u għax il-wegħdiet tiegħu ma jiġux nieqsa: "Is-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex" (Mt 16, 18). Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-appostlu jgħożż "it-tama żgura" li fl-aħħar il-grazzja tirbaħ. Imma fl-istess ħin, biex jaħrab minn xi illużjonijiet, huwa jħossu konvint minn din il-ħtieġa li jimxi fuq il-passi ta' Kristu fit-tbatija tiegħu. "Kif Kristu temm il-ħidma tal-fidwa, fil-persekuzzjoni, hekk il-Knisja hija msejħa biex taqbad l-istess triq ħalli twassal lill-bnedmin il-frott tal-fidwa" (LG 8), u biex tħaddem il-missjoni tagħha bil-kunfidenza. Billi l-appostli jissieħbu f'din l-attitudni, minflok li jħallu lilhom infushom jintrebħu mit-tbatija, huma jagħtu prova ta' "tama qawwija għall-fidili tagħhom biex bl-istess faraġ li bih Alla farraġ lilhom ikunu jistgħu jfarrġu 'l kull min hu magħfus mid-dwejjaq" (PO 13).

2. Ġesù wkoll għadda mill-kontradizzjonijiet u l-fallimenti: meta temm id-diskors tiegħu fis-sinagoga, in-Nazzareni rrabjati "ħaduh fuq xifer ta' rdum, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel" (Lq 4, 29); meta, f'żewġ okkażjonijiet, il-Lhud skandalizzaw ruħhom bi kliemu "qabdu l-ġebel biex iħaġġruh" (Ġw 10, 31); meta l-Fariżej ikkonkoffaw kontra tiegħu biex jikkundannawh għall-mewt; meta Ġuda ttradih; meta ħbiebu telquh; u meta sar iż-żufjett tas-suldati; meta kien ifflaġellat, inkurunat bix-xewk, imlibbes ta' sultan tad-daħk, mogħti bil-ħarta u beżqu fuqu; meta Barabba kien ippreferut għalih; meta ġie mkaxkar lejn il-Kalvarju ma' żewġ ħallelin u msallab f'nofshom. Jista' jingħad bis-sewwa kollu li jekk nitkellmu ta' bnedmin, l-appostolat ta' Ġesù ntemm bi fjask: bil-mewt tal-kriminali. Dan kollu jmissu jkun stampat f'moħħ l-appostlu, biex ma jiskandalizzax ruħu jekk xi ħaġa hekk tiġri f'ħajtu: "Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll" (Ġw 15, 20).

Permezz tal-persekuzzjonijiet, l-umiljazzjonijiet, u l-fallimenti, l-appostlu jitgħallem li m'għandux jafda fil-qawwiet tiegħu, imma li jikkonvinċi ruħu mill-insuffiċjenza tiegħu u dik tal-mezzi umani, u għalhekk iqiegħed it-tama kollha tiegħu f'Alla biss. Jitgħallem jaħdem biss għall-imħabba ta' Alla, bla ma jfittex il-faraġ tas-suċċess, li jinħeles mill-opinjonijiet tal-bnedmin, u li jaġixxi indipendentiment mill-approvazzjoni jew id-diżapprovazzjoni tagħhom, u joqgħod attent biss għall-ġudizzju ta' Alla. It-tribulazzjonijiet li jiltaqa' magħhom fil-ħidma appostolika tiegħu joħolqu l-lejl mudlam tiegħu, li jaqbel ma' dak tal-kontemplattivi; lejl ta' wġigħ, imma l-aktar prezzjuż, għax maħsub biex isaffih minn kull ħjiel ta' mħabba lejh innifsu, mill-frugħa, mill-irbit mal-ħlejjaq u mill-istima tagħhom. Jekk jaċċettah b'rieda tajba, il-lejl iwasslu għal safa ġewwieni wisq akbar u għalhekk għall-għaqda aktar profonda ma' Alla u għall-appostolat li jġib frott aktar. Mela jeħtieġlu jżomm sod fit-tama tiegħu, kemm dwar is-salvazzjoni tal-erwieħ afdati f'idejh u kemm dwar il-qdusija tiegħu nnifsu. San Pawl iwissi: "Għalhekk, ħuti għeżież, żommu sħiħ, titħarrkux; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej mhijiex għalxejn" (1 Kor 15, 58).

● O Kristu jiena naħseb fis-saltna tiegħek, li miniex denn tagħha. Ma rrid xejn aktar ħlief ir-rieda tiegħek. Agħmel bija dak li trid, imma xi darba, Maħbub waħdieni tiegħi, urini wiċċek bil-miftuħ!

Agħmel li nħossni mimli bl-ottimiżmu nisrani, xhieda tal-fidi bla ebda nuqqas fir-rebħa tiegħek, o Kristu. O Kristu, jiena nista' nbati fil-ġisem u fir-ruħ tiegħi, imma ma jimpurtax ladarba inti glorjuż. Min jista' jżommok li tkun l-irxuxtat? Liema hu d-deni li ma jistax ikun mirbuħ? Liema niket li ma jintrebaħx bl-hena?

Din hi kwistjoni tal-hena tiegħi! Jiena ma ngħixx aktar: l-hena tiegħi, o Kristu, huwa tiegħek, o Iben ta' Alla rebbieħ permezz tas-salib tiegħek. Ma rridx nagħmillek tort billi niskuraġġixxi ruħi; għax ikun qisu li inti ġejt mirbuħ, u bħallikieku qed infittex ir-rebħa barra minnek.

O Kristu, ukoll kieku kelli nkun abbandunat f'kollox, u int tidher li ma tridx tweġibni aktar, ħalli għallinqas inkun naf li għadek tista' tagħtini l-fidi biex ngħajjat li inti biss l-Imgħallem, inti biss il-Mulej, inti biss l-Aktar Għoli, Ġesù Kristu, Alla rebbieħ għal dejjem, u li fik kull ħin inkun żgur mir-rebħa.

P. Lyonnet, *Scritti spirituali,* p. 148-149

● O passjoni ta' Kristu fid-dawl tal-eternità li ma tintemm qatt! O Ġesù msallab, agħmel li l-ħajja li fadalli ngħix hawn isfel tieħu l-qawwa tagħha f'riġlejn is-salib tiegħek; maħsul fid-Demm prezzjuż tiegħek, u fid-dmugħ kiebi tal-Omm imnikkta tiegħek u omm tiegħi.

Quddiemek, Mulej, jiena midneb u xejn ħlief trab; qiegħed ngħix bil-ħniena tiegħek, naf kollox lilha u minnha nistenna kollox; Jiena nissottometti ruħi lilek, ukoll jekk tixtieqni li nkun kollni trasformat bl-uġigħat u t-tbatijiet tiegħek, f'abbandun totali ta' ubbidjenza assoluta u konformità mar-rieda tiegħek. Issa aktar minn qatt qabel, sakemm indum ħaj, u f'kollox, ubbidjenza u paċi. Nitolbok li nkun lest perfettament li ngħix u mmut, bħal San Pietru u San Pawl, u li nsofri kollox, saħansitra l-ktajjen, tbatijiet, saħtiet u martirju, għall-Knisja mqaddsa u għall-erwieħ kollha mifdija minnek. Inħoss l-istagħġib tar-responsabbiltà tiegħi u nirtgħod, billi naf kemm jiena dgħajjef u nerġa' naqa' malajr. Imma jiena nafda fik, Kristu msallab, u fl-Omm tiegħek, u niffissa għajnejja fuq l-eternità

Beatu Ġwanni XXIII, *Il giornale dell'anima* 1961, p. 360-361

## 369. BĦAR-RAGĦAJ IT-TAJJEB

*O Ġesù, ragħaj u għassies tal-erwieħ tagħna, agħmel li nkun nista' nimxi fuq il-passi tiegħek (1 Pt 2, 21.25).*

1. Ta' sikwit, il-Konċilju Vatikan II jippreżenta l-imħabba tar-Ragħaj it-tajjeb bħala forma u mudell tal-imħabba appostolika (LG 41; PO 13). Biex inkunu Nsara u wisq iżjed biex inkunu appostli mhux biżżejjed imħabba msejsa fuq is-simpatija umana; irid ikun hemm l-imħabba teoloġika li tieħu l-impuls tagħha minn Alla biex terġa' twassal lill-bnedmin għand Alla, u din l-imħabba ma tistax tkun teorija, imma xi ħaġa konkreta, xi ħaġa li ngħixuha, imsejsa fuq l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin. Hekk biss nistgħu nħobbu kif ħabb Kristu.

L-imħabba ta' Kristu għall-bnedmin hija ċentrata b'mod perfett fil-Missier, ġejja mill-imħabba tal-Missier, li ħadd aħjar minnu ma jagħraf u jippossiedi. Fl-istess ħin hija mħabba umana perfetta; hu jħobb b'imħabba divina, imma wkoll b'"qalb ta' bniedem" (GS 22), waqt li biex jgħarraf lilu nnifsu lill-ħlejjaq libes il-forom kollha u l-finezzi tal-imħabba umana. Kristu adatta ruħu għal kulħadd u hu ta' kulħadd; foqra, morda, midinbin, dutturi tal-liġi, tfal u nies sempliċi kollha setgħu jersqu lejh, jeħdulu minn ħinu u mill-kuri tiegħu. Hu ta lilu nnifsu bla qies: meta kien bilqiegħda għajjien ħdejn il-bir, kien għad baqa' s-Samaritana x'jikkonverti; meta d-dixxipli ġabulu x'jiekol, stqarr li l-ikel tiegħu kien ir-rieda tal-Missier; meta qabbel lilu nnifsu mar-ragħaj it-tajjeb qal: "Għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti" (Ġw 10, 15); meta ġie biex jinfired mid-dixxipli ma kienx kuntent li jfarraġhom bil-kliem imma ta lilu nnifsu bħala ikel. Kristu hu kollu kemm hu tal-Missier, u fl-istess ħin jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu lill-bnedmin kollha u mhux biss sal-mewt tas-salib, imma saħansitra jħalli lilu nnifsu li "jittiekel" minnhom. Qabel ħalla lid-dixxipli qalilhom: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 15, 12); u l-appostli fehmuh. Ġwanni jikteb: "Aħna wkoll mela, għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa" (1 Ġw 3, 16). Pietru jwissi: "Irgħu l-merħla ta' Alla afdata f'idejkom. Ħudu ħsiebha mhux bilfors, imma minn qalbkom, kif irid Alla" (1 Pt 5, 2).

Huwa biss bil-kontemplazzjoni tal-misteru ta' Kristu, li l-appostli ta' kull żmien setgħu jaslu għall-esperjenza ħajja u konkreta tal-

imħabba tiegħu, li tixbah lil dik li kisbu l-ewlenin Appostli billi għexu mal-Imgħallem.

2. San Pawl kiseb l-imħabba appostolika ħerqana tiegħu minn penetrazzjoni u kontemplazzjoni bla heda tal-misteru ta' Kristu, li kien dejjem preżenti fl-ispirtu tiegħu u li permezz tiegħu seta' jifhem "il-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu" (Ef, 18-19). Dan tah il-ħila li jagħti lilu nnifsu għas-salvazzjoni tal-aħwa b'imħabba tixbah lil dik tas-Salvatur. "Il-qalb ta' Pawlu hija l-qalb ta' Kristu" qal il-Kriżostmu.

"Ġibna ruħna magħkom bil-ħlewwa, bħalma omm tradda tħaddan lil uliedha: Aħna ħabbejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju imma ħajjitna stess, daqskemm ħabbejniekom. (1 Tess 2, 7-8). San Pawl ippreżenta ruħu u aġixxa fost l-Insara b'dan l-istil, ma għamilx wirja mill-awtorità tiegħu bħala appostlu, imma b'setgħa aktarx tal-imħabba, li kellha karattru mhux biss ta' missier, imma wkoll ta' omm. U meta kien jeħtieġ li jwissi jew iċanfar, kien jagħmlu b'mod sod, imma kien juża wkoll manjieri mimlija mħabba: "Għal darb'oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom" (Gal 4, 19). Hekk kiteb lill-Galatin li kienu qed joħorġu barra mit-triq it-tajba.

Bil-ħlewwa u l-attenzjoni ta' omm l-appostlu kien qiegħed jingħata għal uliedu spiritwali: nissilhom għal Kristu permezz tat-taħbit, l-għajja appostolika u qatt ma kien jieqaf jgħinhom b'kull premura. Kien jagħmlu minn qalbu, anzi bil-ferħ, għax kien jaf li jekk kien sagrifiċċju għalih, għalihom kienet il-ħajja. Dan hu l-istil li jiżgura l-frott tal-appostolat. Il-metodi kollha u s-sejbiet tax-xjenza tal-bnedmin ifallu jekk ma jkunux imseħbin minn imħabba hekk ġeneruża li għaliha l-appostlu mhux biss kien jagħti l-għajnuna u jaħdem, imma kien jagħti wkoll lilu nnifsu b'imħabba li saret rifless ħaj tal-imħabba ta' Kristu. U kienet proprju "l-imħabba tar-Ragħaj it-tajjeb" li tixpruna l-appostli "biex jagħtu ħajjithom għan-nagħaġ tagħhom u jkunu lesti mqar għall-aqwa sagrifiċċju, bħal dawk is-saċerdoti li fi żminijietna wkoll ma ċaħdux li jagħtu ħajjithom" (PO 13).

● Nitolbok, Alla tiegħi, li tnissel fija mogħdrija kbira għall-foqra u għall-midinbin, mogħdrija li hi s-sies tal-imħabba, mogħdrija spiritwali

li mingħajrha ma nista' nagħmel xejn. Qajjem fija din l-imħabba divina, biex inkun nista' mmur niltaqa' mal-miżerji tal-proxxmu u ngħid bħalma għedt int: "Ejjew għandi u jiena nserraħkom."

Agħmel li nimitak fit-tjubija tiegħek lejn it-tfal, li int sejjaħt għalik u ttrattajthom b'imħabba speċjali. Irrid inkun għalihom missier u omm, u nieħu ħsiebhom b'imħabba sinċiera, biex nirbaħ ruħhom għalik.

Stampa f'qalbi din il-kelma tiegħek, o Mgħallem divin: "Ħniena rrid mhux sagrifiċċju", u għallimni nikseb il-qlub bl-imħabba u mhux bl-ebbusija u l-ħruxija. Għinni biex qatt ma niċħad li nagħti servizz lil min jitlobni, imma nagħmlu bil-ferħ u l-hena, u permezz tal-imħabba nqis lili nnifsi qaddej ta' kulħadd. Nixtieq nagħmel tiegħi l-kliem tiegħek "Ħudu u kulu," waqt li nħares lejja nnifsi bħala ħobż spiritwali li għandu jitma' lil kulħadd bil-kliem, bl-eżempju u biċ-ċaħda.

A. Chevrier, *Il vero discepolo di Cristo*

● Int, o Kristu. ridt li s-saċerdot ikun rikonċiljatur u medjatur; hu kien ikkonsagrat għal dan: jitlob għad-dinja biex jgħaqqadha ma' Alla, joffri s-sagrifiċċju tar-rikonċiljazzjoni, joffri lilu nnifsu miegħek, il-Vittma, jaħfer lill-midinbin f'ismek. Sa liema punt mela jmissu jkun imlibbes bl-imħabba tiegħek! Int tixtieq li l-qalb tas-saċerdot tkun qalb ikkunsmata, maħruqa, għatxana, u ssofri, li tkun itturmentata, imfarrka, vittma; qalb li tkun ġeneruża u li tħoss, u li taf tagħder.

Jien għaddej minn turment veru: o Mħabba, int m'intix Maħbub! Tant hemm x'wieħed jagħmel! Nixtieq inkun kullimkien, biex ngħajjat l-imħabba tiegħek mad-dinja kollha, u l-aktar li nkun jiena nnifsi x-xbieha tiegħek…Mulej int żgur ma żżommnix milli nirbaħ lil ħuti għalik.

P. Lyonnet, *Scritti spirituali*, p. 127-128

## 370. DAK LI KKONTEMPLAJNA

*Mulej, agħmel li nsir nafek kif inti taf lili (1 Kor 13, 12).*

1. "M'iniex appostlu? Ma rajtx lil Sidna Ġesù?" (1 Kor 9, 1). San Pawl jiddefendi t-titlu tiegħu ta' appostlu billi juri l-pedament: hu wkoll ra l-Mulej! Id-dħul ta' Mattija fil-kulleġġ appostoliku seħħ fuq l-istess kriterju: li jagħżlu xhud li ra b'għajnejh il-ħajja ta' Ġesù li kien jista' jitkellem b'esperjenza diretta, għaliex "huwa ra".

Għalkemm f'sens wisq aktar wiesa', ħadd ma jista' jkun appostlu veru jekk ma jistax jixhed lil Kristu għax għarfu, li tkun esperjenza personali li b'xi mod tkun ġegħlitu "jara l-Mulej". Hawn m'hawnx viżjonijiet jew komunikazzjonijiet straordinarji, bħalma Pawlu kellu fit-triq ta' Damasku. Imma hu indispensabbli dak l-għarfien intimu ta' Kristu msejjes fuq il-fidi u l-imħabba li twassal għall-kontemplazzjoni. Dan hu inqas rari milli wieħed jaħseb. "Min iħobb lili, jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi." (Ġw 14, 21). Fil-qiegħ ta' kull sejħa għall-mixi wara Kristu kważi dejjem hemm grazzja ta' din ix-xorta, grazzja li jeħtieġ tkun preservata waqt it-talb, fl-għaqda intima mal-Mulej, biex tiżviluppa u ssir l-għajn tal-appostolat kollu.

Il-Papa Pawlu VI qal: "L-ewwel dmir u l-aktar wieħed ħelu tal-ħajja tagħna saċerdotali huwa dak tal-intimità ma' Kristu, fl-iSpirtu s-Santu, jiġifieri dak ta' ħajja interjuri ġenwina u personali, li mhux biss tkun imħarsa b'mod ġeluż u fl-istat tal-grazzja ta' Alla, imma wkoll nuruh minn jeddna f'azzjoni bla heda li tferrex l-għarfien, id-djalogu, kontemplattiv kollu mħabba" (*Insegnamenti,* v. 6, p. 367).

L-appostlu għandu jsib il-ħin – u jeħtieġ ikun jaf jisirqu mill-kliem vojt, mir-rikreazzjoni u saħansitra mill-mistrieħ – biex joqgħod kuljum, bħal Marija, f'riġlejn l-Imgħallem biex jisma' l-kelma tiegħu. Mingħajr din il-komunikazzjoni intima ma' Kristu kif jista' jagħrfu u jxandru? Kif jista' jikkonvinċi? Kull appostlu jeħtieġ li jkun jista' jgħid ma' San Ġwann: "Dak li lejh ħarisna… il-kelma tal-ħajja… qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna" (1 Ġw 1, 3).

2. Meta l-Konċilju jgħid li s-saċerdoti "għandhom isibu mezz biex jaslu għall-qdusija iżjed għolja" minħabba t-toqol tal-ħsieb tal-appostolat, il-perikli u t-tiġrib tiegħu, ifisser li l-"ħidma tagħhom ikabbruha permezz tal-kontemplazzjoni" (LG 41). Biex il-

kontemplazzjoni ma tkunx kelma vojta jew li tfisser illużjonijiet immaġinarji, jeħtieġ li jkun hemm dedikazzjoni fidila għat-talb personali. Għalkemm iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tas-sagramenti l-oħra huma l-quċċata tal-għaqda ma' Alla, għax jagħmlu lil Alla preżenti b'mod speċjali fin-Nisrani, imma dejjem huma meħtieġa biex din l-għaqda ngħixuha b'mod kuxjenzjuż. Santa Tereża tikteb: "Iżda jekk ma nagħtux kas tiegħu, hekk li wara li nilqgħuh fina, [fl-Ewkaristija] nitilquh biex immorru nfittxu ħwejjeġ oħra aktar baxxi, x'jista' jagħmel? Irid jiġbidna bil-forza biex inħarsu lejh u nkunu miegħu għax Hu jixtieq jgħarrafna lilu nnifsu? Imma Hu ma jgħarrafx lilu nnifsu bil-miftuħ u ma jikkomunikax l-għeġubijiet tiegħu u ma jagħtix it-teżori tiegħu ħlief lil dawk li jaf li jixxennqu għalih" (*Triq* 34, 13).

L-appostlu li jixtieq isir jaf lill-Mulej, u hu għatxan għall-intimità miegħu, ma jħallix lilu nnifsu jitkaxkar mill-attività, imma jagħmel mod li jkun jista' jiddedika kuljum ħin biżżejjed għat-talb personali, meta jiftakar fit-twissija ta' Ġesù: "Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa" (Lq 10, 41). Il-ħaġa waħdanija meħtieġa għalih u għall-oħrajn hija l-għaqda intima ma' Alla, li mingħajrha impossibbli l-għaqda ġenwina ta' mħabba mal-aħwa u li mingħajrha l-ħidmiet appostoliċi jsiru attività umana sempliċi. Huwa minnu li bis-saħħa tal-ordinazzjoni qaddisa, is-saċerdot jamministra s-sagramenti b'mod validu, ukoll jekk m'għandux ħajja spiritwali qawwija, u saħansitra jekk mhux fil-grazzja ta' Alla; imma huwa minnu wkoll li l-kelma u l-attività personali tiegħu ftit ikollhom effett. Hu x'inhu, il-komunikazzjoni tal-grazzja lill-oħrajn, għalkemm fiha nfisha hija l-aktar ħaġa qaddisa tal-ministeru tiegħu, ma tiswielux biex jitqaddes. Kull appostlu għandu jħoss il-ħtieġa li jkun bniedem tat-talb, biex jasal għall-"milja tal-kontemplazzjoni, għall-hena tal-Knisja kollha ta' Alla" (LG 41).

● O Kristu, għallimni nerfa' għajnejja u qalbi lejk, biex niġbed fuqi u fuq id-dinja l-ilma tal-imħabba u biex naqta' dan l-għatx bit-talb, ngħix bih, u nwasslu għand l-erwieħ għatxana.

O Mulej Ġesù, nikkontemplak fil-vjaġġi tiegħek fit-tfittxija ta' ruħna: int għajjien, għax qsamt ir-ramel jaħraq tad-deżert fil-qilla ta' nofsinhar, u issa arak bilqiegħda fuq il-bir ta' Ġakobb. Int għandek l-għatx u jogħġbok titlobna nagħtuk tixrob. M'intix tittallab għalik, imma

għalina: l-għatx tiegħek hu li tagħti lilek innifsek, għax l-ilma li konna qegħdin nixorbu s'issa jaqta' l-għatx ta' jum wieħed biss, waqt li int qiegħed tiftħilna għajn ta' rebbiegħa eterna, li minnha jfawwar ix-xorb tal-ħajja ta' dejjem. O, kieku kellna nagħrfu dan id-don! Imma biex ninfdu dawn l-għeġubijiet, kien ikollna bżonn inkunu l-iSpirtu s-Santu u li naqrawhom fil-profonditajiet divini tiegħek. O Mulej, inti tagħti lill-appostli tiegħek il-qawwa li jikkomunikaw dawn is-sigrieti. L-ispirtu tal-appostolat tagħna mhuwiex l-ispirtu tad-dinja, imma dak li ġej minnek, bil-missjoni li nirrivelaw it-teżori divini tal-grazzja tiegħek. Għalhekk ikun għalxejn li nużaw biss it-talenti naturali tagħna biex nassimilaw il-ħwejjeġ tal-iSpirtu tiegħek. Mulej, għinni biex nibqa' nserraħ fuq l-iSpirtu tiegħek… tħallinix inserraħ fuq xi għerf ieħor barra dak tal-iSpirtu s-Santu… Kieku jaħasra kont nista' nifhem u ninfed fil-missjoni tiegħi ta' appostlu, kieku jaħasra kelli l-iSpirtu tiegħek, o Kristu, u ngħix bih!

D. Mercier, *La vita interiore*, 6, p. 510-511.514-515

● O Ġesù, inti trid li l-qalb tas-saċerdot tiegħek tkun mimlija bl-imħabba, u li moħħu jkun imdawwal bil-verità u t-tagħlim. O Ġesù, agħtini mħabba għalik, imġiba mkebbsa, devota, qawwija u miftuħa għall-effużjonijiet ta' intimità mistika, li tagħmel it-taħriġ tat-tjieba u tat-talb saċerdotali daqshekk mixtieq, Li jkolli l-ħila nintelaq f'idejk hija l-għaxqa u n-nutriment solidu u bnin tal-ispirtu; din hija għajn dejjiema ta' kuraġġ spiritwali, ta' faraġ fid-diffikultajiet, u xi drabi fil-ħruxijiet tal-ħajja, u tal-ministeru saċerdotali u pastorali.

Agħtini mħabba għall-Knisja qaddisa tiegħek, u għall-erwieħ, speċjalment dawk li huma afdati f'idejja u fir-responsabbiltà konsagrata tiegħi: erwieħ li huma ta' kull klassi soċjali, imma b'interess speċjali u ħeġġa għall-erwieħ tal-midinbin, u għall-fqar ta' kull xorta… biex inwassalhom kollha taħt l-ispirazzjonijiet tal-imħabba evanġelika.

Beatu Ġwanni XXIII, *messaggi, colloqui* v. 2. p. 151

## 371. FIR-RIEDA TA’ ALLA

*Imlieni Mulej bl-għerf tar-rieda tiegħek biex nogħġbok f’kollox (Kol 1, 9-10).*

1. “Ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma’ Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija: min-naħa l-oħra, jekk nibqa’ ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom” (Fil 1, 23-24). San Pawl qiegħed jissielet bejn żewġ alternattivi: imħabbtu għal Kristu li timbuttah biex jingħaqad miegħu għal dejjem fis-sema, waqt li l-imħabba tiegħu għall-aħwa żżommu lura biex jibqa’ jaħdem għall-ġid tagħhom. Xi ħaġa bħal din isseħħ fil-ħajja ta’ kull appostlu li jħobb ħafna: ix-xewqa tal-intimità ma’ Alla li timbuttah għat-talb, u l-imħabba lejn l-aħwa tmexxih biex jingħata għall-qadi tagħhom. Hu x’inhu, dan ma għandux joħloq duwaliżmu li jifred u li jwassal lill-appostlu fin-niket, bħalkieku l-attività esterna tippreżentalu theddida kontinwa għall-għaqda tiegħu ma’ Alla. Bil-maqlub, l-imħabba tiegħu għandha tkun karatterizzata b’armonija profonda li għandha tagħmel mill-aħjar biex twassal għall-għaqda. Fil-fatt, il-kontemplazzjoni u l-attività, l-għaqda ma’ Alla u mal-aħwa, kollha joħorġu minn għajn waħda: l-imħabba teologali, u jwasslu għal għan wieħed biss, li hu għal darb’oħra l-imħabba. Imma waqt li fis-sema l-imħabba ddaħħal lill-bniedem f’għaqda bla heda ma’ Alla u ġġiegħelu jsib fih il-ħlejjaq kollha, hawn fuq l-art l-imħabba tesiġi servizz attiv tal-aħwa li għalih hu meħtieġ li jwaqqaf l-att formali tat-talb, u tal-kontemplazzjoni.

Biex jarmonizzaw dawn iż-żewġ tensjonijiet essenzjali tal-ħajja nisranija, il-Konċilju jafferma li: “mhux biżżejjed li s-saċerdoti jagħmlu l-ħidmiet tal-ministeru tagħhom b’ċertu ordni estern biss, anqas ma hi biżżejjed il-prattika ta’ xi eżerċizzju ta’ tjieba, għad li dan it-taħriġ jgħinhom ħafna biex jiksbu din l-għaqda” (PO 14). Jeħtieġ jidħlu aktar fil-fond u jimmiraw għal dak il-prinċipju ġewwieni ta’ għaqda li jagħti l-ħajja kemm lill-attività u kemm lit-talb, ir-relazzjonijiet tagħna ma’ Alla u mal-bnedmin. U dan il-prinċipju jista’ jkun biss l-imħabba teologali meqjusa taħt l-aspett konkret ta’ għaqda sħiħa mar-rieda ta’ Alla, li titwettaq mhux biss fit-talb, imma wkoll fl-azzjoni. Imbagħad għalkemm l-attività esterna tista’ twaqqaf il-kontemplazzjoni, imma ma tistax twaqqaf l-għaqda ma’ Alla, li hi essenzjalmet l-għaqda mar-rieda tiegħu. Ġesù qal: “Il-Missier ma telaqnix waħdi għax jiena nagħmel dejjem dak li jogħġob lilu” (Ġw 8, 29).

2. L-appostlu jasal “biex jarmonizza l-ħajja ġewwenija mal-attività esterna” jekk jaqdi l-ministeru tiegħu “fuq l-eżempju ta’ Kristu l-Mulej li l-ikel tiegħu kien li jagħmel ir-rieda ta’ Dak li bagħtu biex iwassal fit-tmiem l-opra tiegħu.” F’dan is-sens is-saċerdoti huma mwissija biex “jintrabtu ma’ Kristu biex fih jagħrfu r-rieda tal-Missier u miegħu jingħataw għall-merħla fdata lilhom” (PO 14). Li tiskopri u twettaq ir-rieda tal-Missier ifisser li tingħaqad miegħu, li tgħix f’għaqda kontinwa miegħu. L-axxetiżmu kollu tan-Nisrani, u għalhekk tal-appostlu, jimmira li jinża’ minn kull egoiżmu, mill-imħabba tiegħu nnifsu u mir-rabta mal-ideat tiegħu u mir-rieda tiegħu, biex ikun miftuħ għalkollox għar-rieda ta’ Alla mhux biss fit-talb, imma fil-ħajja u fl-attivitajiet kollha tiegħu.

Ġesù kien medhi biss bix-xogħol afdat lilu mill-Missier, u kien jirregola dan l-iżvilupp skont “is-siegħa” u t-toroq imqiegħda mill-Missier. F’Kana qal: “Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx” (Ġw 2, 4); ma kellu ebda xewqa li jantiċipa jew jiddifferixxi r-rieda tal-Missier, imma kien jgħix jistenna “s-siegħa tiegħu”: iż-żmien tal-ħajja moħbija tiegħu jew tal-mirakli tiegħu, tal-attività appostolika tiegħu jew tat-talb ta’ waħdu u fl-aħħar tal-passjoni tiegħu. Hu ma riedx iwettaq il-missjoni tiegħu b’xi mod differenti minn kif riedu l-Missier. Għalhekk keċċa x-xitan li kien qed joffrilu s-saltna ta’ glorja dinjija (Lq 4, 3-12), u mexa bl-istess mod ma’ Pietru li kien qed jopponi l-passjoni tiegħu.

Ir-rabta totali ta’ Kristu mal-Missier hija l-mudell għal kull ħajja nisranija, speċjalment għall-ħajja appostolika kollha; imma din hija impossibbli jekk ma “jidħlux dejjem aktar intimament fil-misteru ta’ Kristu bit-talb tagħhom” (PO 14). Din hija talba personali – tisma’ lill-Mulej u jkollok relazzjoni ta’ ħabib miegħu – li f’min jitlob toħloq affinità spiritwali ma’ Kristu u l-misteru tiegħu; hija talba li tagħtih id-dawl biex jiskopri r-rieda ta’ Alla u biex jagħżilha mir-rieda tiegħu innifsu, mill-ilħna tat-tentazzjoni u tan-natura umana u tas-suppervja; u għal darb’oħra, hu permezz tat-talb li l-appostlu jikseb l-imħabba u l-qawwa biex jagħmel ir-rieda tal-Missier.

● Agħmel, Mulej, li t-talb tiegħi iqajjem fija l-għatx li nagħti, u l-għotja tiegħi nnifsi tqajjem ix-xewqa ħerqana li ninġabar biex nirċievi; agħmel li ngħix b’din l-għaqda u din l-armonija profonda li hija l-istess għaqda tal-imħabba…. Jalla t-talb tiegħi jnissel don, u d-don

tiegħi nnifsi jnissel talba. Għinni Mulej, biex indarri lili nnifsi għall-verità profonda, għall-intensità tal-ħajja, għall-offerta li tikkonsma tal-imħabba, dik li fit-talb tqajjem l-għatx tal-opri u fil-ħafna opri tqajjem l-għatx li ma jinqatax tal-wieħed.

G. Canovai, *Suscipe Domine*, p. 403-404

● Mulej, agħmel li nkun indifferenti; donnu jidher li jien hekk, u jekk inhu hekk, huwa mertu tiegħek. Nitolbok umilment li toħloq fija l-indifferenza, dispożizzjoni dejjiema. Agħtini lealtà kbira, u ħarsa ‘l quddiem li hi onesta għalkollox.

Nitolbok l-ispirtu ġenwin tal-ubbidjenza. Li nkun naf u ngħallem bil-kalma, li nkun lest li niċċaħħad għax irrid mix-xewqat u mill-opinjonijiet tiegħi, bil-qawwa kollha ta’ rieda li timmira biss l-ubbidjenza.

P. Lyonnet, *Scritti spirituali*, p. 92-93

● Ir-rieda tiegħi hija tiegħek, Mulej, noffriha lilek. Dak li trid int huwa tajjeb, dejjem tajjeb, dak li rrid jien jista’ ma jkunx tajjeb. Ir-rieda tiegħi jeħtieġ li ċċedi quddiem ir-rieda tiegħek; aħkimha, saffiha, biddilha.

L-anġli u l-qaddisin tas-sema jaraw u jfaħħru l-għerf infinit tiegħek; jiena ma narahx, imma nemmen fih, jiena nbierek ir-ridiet tiegħek li għaddew u dawk preżenti, u nistenna b’fiduċja mimlija mħabba r-ridiet tiegħek ta’ li ġej. Tħallix li jkun hemm imqar ġrajja waħda li ma ġġiblix f’ismek, offerta ta’ ħbiberija, proposta ta’ għaqda, rahan ta’ hena dejjiemi. Il-pjanijiet kollha tal-providenza tiegħek huma mimlija bil-ħniena u mimlija fedeltà, imma biex nasal għal dan, ħallini nasal sa l-għaqda divina miegħek u nixtieq li naħsad il-frott tagħha… Ikun imbierek ismek, Mulej, issa u għal dejjem.

D. Mercier, *Scritti e discorsi*, p. 261

## 372. MARBUTIN MILL-ISPIRTU S-SANTU

*Mulej, mexxini int bl-iSpirtu tiegħek (Rum 8, 14).*

1. L-appostlu "miżmum qisu mill-iSpirtu, jintelaq f'kollox f'idejn ir-rieda ta' Alla li trid li l-bnedmin kollha jsalvaw" (PO 15). Il-Konċilju Vatikan II, waqt li jispira lilu nnifsu mill-atteġġjament ta' San Pawl li fl-inizjattivi appostoliċi tiegħu kien immexxi mill-iSpirtu s-Santu sal-punt li jistqarr li kien "imġiegħel" minnu (Atti 20, 10), jagħraf fid-dipendenza totali fuq l-iSpirtu u għalhekk fir-rieda li ssalva ta' Alla, waħda mill-karatteristiċi essenzjali tal-appostlu veru. Ma jibqax tiegħu nnifsu, ma jmexxix lilu nnifsu, u lanqas ma jaġixxi skont l-opinjonijiet tiegħu, imma hu kollu kemm hu mogħti lil Alla f'għaqda ħajja miegħu, b'mod li jkun immexxi minnu skont kif jogħġob lilu għas-salvazzjoni tal-aħwa. Hawn qed nitkellmu minn orjentazzjoni li taħkem il-personalità kollha tal-appostlu, bil-valuri umani tiegħu u r-riżorsi tal-grazzja, u bl-aspetti kollha esterni u interni ta' ħajtu, li huma magħquda ma' Alla għalkollox, biex jaqdi l-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Hija orjentazzjoni li tesprimi l-ideali tal-qdusija appostolika, imma qabel ma din tkun għalkollox realtà ħajja, hu meħtieġ xogħol twil u kontinwu ta' axxetiżmu, ta' tisfija spiritwali, u ta' xogħol iebes biex tinfed fil-konkret tal-ħajja ta' kuljum u ta' attività appostolika bla heda, b'dispożizzjoni ta' ftuħ perfett lejn Alla u r-rieda tiegħu, li jkun antiċipat, mixtieq u mfittex fit-talb li l-iSpirtu s-Santu jgħallem, idawwal, iqanqal, jistieden u jħarreġ ir-rieda tagħna biex iċċedi għal dik ta' Alla. San Pawl bilfors li kellu esperjenza profonda ta' dan biex irnexxielu jagħraf "it-tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem" tal-iSpirtu li jitlob fil-qalb tan-Nisrani u jqiegħedu f'atteġġjament ta' iben quddiem il-Missier tas-sema (Rum 8, 26). Imma dan l-orjentament ma jistax jieqaf fit-talb, fl-atti strettament reliġjużi, imma għandu jinvadi u jispira l-ħajja nisranija kollha, għax kollox jitwettaq taħt l-influss tal-iSpirtu, fir-rieda tal-Missier.

2. Meta Pawlu VI kien qed ikellem lis-saċerdoti dwar it-talb bħala "djalogu intimu ma' Kristu", wissihom kontra l-periklu li jaħsbu li djalogu bħal dan "jittardja l-iżvilupp tal-appostolat estern tagħhom, u forsi wkoll iservi bħala ħarba mit-taħbit fl-għotja għas-servizz tal-oħrajn… le, huwa l-istimolu tal-azzjonijiet ministerjali u l-għajn tal-

enerġija appostolika tagħhom; li jagħmel effikaċi r-relazzjoni misterjuża bejn l-imħabba ta' Kristu u d-dedikazzjoni pastorali tagħhom" (*Insegnamenti* v. 6, p. 367). Min jittraskura t-talb personali bl-iskuża li l-importanti huwa li tgħix ir-relazzjoni ma' Alla fis-servizz tal-aħwa, fil-prattika jsiru bla ħila li jwettqu kollox u jispiċċaw biex jagħmlu attività orizzontali biss. Billi nafu bil-limiti tal-bniedem, hu impossibbli li jwettaq għaqda personali ma' Alla fil-ħajja, jekk għal din l-għaqda ma jiddedikax żmien biżżejjed għaliha. Min-naħa l-oħra hemm ukoll il-periklu kuntrarju, jiġifieri dak li jikkuntenta bl-għaqda ma' Alla fit-talb u ma jitħabatx biżżejjed biex iġib il-frott fil-ħajja. Ir-rabta ma' Alla jeħtieġ tkun totali: Alla jrid l-appostlu kollu kemm hu għalih u mhux biss fil-ħin tat-talb. In-Nisrani jeħtieġ jgħix b'mod konxju l-fatt li "jkun Kristu" kemm fit-talb u kemm fl-għemil, sakemm ma tibqax fih il-firda kerha "bejn il-fidi li jistqarru u l-ħajja tagħhom ta' kuljum li għandha tingħadd fost l-iżbalji l-aktar kbar ta' żmienna" (GS 43).

San Pawl jistaqsi: "Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu?" (Rum 8, 35). Min waqt it-talb ikun tassew magħqud ma' Kristu, u "marbut mill-ispirtu", u mogħti għar-rieda tal-Missier, ikun hekk ukoll fl-għemil tiegħu kollu wkoll jekk ir-riżultat ma jseħħx mingħajr tbatija, u b'attenzjoni kbira personali. Imma meta wara sforz aktarx twil, it-talb ikun jaqbel mal-ħajja attiva sal-punt li t-talb ifur fl-għemil, u l-għemil iressaq mill-ġdid lejn it-talb, imbagħad isseħħ l-għaqda profonda li fiha l-kontemplattivi bilfors isiru appostli, u l-appostli jsiru kontemplattivi ġenwini fl-għemil, iġorru 'l Alla u jitmexxew minnu f'kull attività.

● O Nar divin, kebbes fina lkoll li nissieħbu fl-appostolat tiegħek, il-fjammi li ttrasformaw lill-appostli miġburin fiċ-ċenaklu: imbagħad ma nibqgħux biss predikaturi sempliċi tad-domma u tal-morali, imma organi ħajjin għat-trasfużjoni tad-Demm divin fl-erwieħ.

O Spirtu ta' dawl, naqqax fl-intelliġenza tagħna b'karattri li ma jitħassrux din il-verità, li l-appostolat tagħna jġib il-frott biss skont il-qies li bih aħna stess ngħixu f'din il-ħajja intima sopranaturali, li tagħha int l-ewwel prinċipju u li tiegħu Ġesù Kristu huwa l-għajn.

O mħabba infinita, kebbes fir-rieda tagħna għatx klubi tal-ħajja interjuri; infed il-qalb tagħna bit-tifwir tal-ħlewwa u l-qawwa tiegħek; agħmel li nħossu, saħansitra hawn isfel, li m'hemmx hena veru jekk

mhux fl-imitazzjoni u fit-tisħib tal-ħajja tiegħek u ta' dak li l-Qalb ta' Ġesù tgħix fi ħdan il-Missier ta' kull ħniena u ta' kull ħlewwa.

O Ġesù, Appostlu fuqhom kollha, min qatt ta lilu nnifsu bħalek meta kont tgħix hawn fostna? Illum int tagħti lilek innifsek għal darb'oħra b'mod aktar ġeneruż bil-ħajja Ewkaristika tiegħek, mingħajr ma twarrab minn ħdan Missierek! Agħmel li ma ninsew qatt li int ma tagħrafx il-ħidmiet tagħna, jekk ma jkunux imnebbħin minn prinċipju tassew sopranaturali li l-għeruq tiegħu qegħdin fil-Qalb adorabbli tiegħek!

G.B. Chautard, *L'anima dell'apostolato*, Daħla p. 19; III, p. 108

● Għall grazzja tiegħek, o Mulej, fl-impenn tal-appostolat tiegħi kollox jiġi mill-ispirazzjoni assoluta; kalma, kollha mħabba, ikolli ngħid ukoll siekta tiegħek lejn dan il-fqajjar qaddej tiegħek, li bla ebda mertu tiegħu ħlief dak l-aktar sempliċi li ma jiddiskutix imma sempliċiment jaċċetta u li jobdi, seta' jirnexxilu li jkun strument mhux inutli ta' qima lejk, o Ġesù, u ta' edifikazzjoni għall ħafna erwieħ… Kemm nixtieq li nkompli nisma' u nesprimi bil-fidi, bil-modestja, b'ħeġġa kunfidenti, l-ispirazzjonijiet tajbin tal-grazzja tiegħek li tippresiedi t-tmexxija tad-dinja u li twassal għall-perfezzjoni tal-ħolqien, tal-fidwa, tal-glorifikazzjoni aħħarija u dejjiema tal-bnedmin u tal-popli…

Irrid ninsisti għall-kura tal-intimità qaddisa miegħek… Mulej: billi żżommni fit-taħdita kalma u kollha mħabba miegħek. "kelma tal-Missier li saret laħam", ċentru u ħajja tal-Ġisem Mistiku; u billi żżommni fl-aħwija divina l-ħin kollu – divina u umana – li għaliha jiena wieħed mill-aħwa tiegħek bl-adozzjoni u, miegħek, bin Marija, l-omm tiegħek.

Beatu Ġwanni XXIII, *Il giornale dell'anima* 1961, p. 369.376

## 373. IMSEJĦIN GĦALL-GĦAQDA MA' ALLA

*"Mulej, li ħabbejtni l-ewwel, agħmel li nkun nista' nħobbok bi tpattija"*
*(1 Ġw 4, 19).*

1. "Alla ħalaq il-bniedem biex ma jmutx, u għamlu xbieha tiegħu nnifsu" (Għerf 2, 23). Alla ħalaq il-bniedem jixbah lilu biex jerfgħu għall-grad l-aktar Għoli li fih tista' tasal ħlejqa umana: l-unjoni personali miegħu. Id-doni kollha tan-natura u tal-grazzja li ngħataw lill-bniedem, l-istorja kollha tas-salvazzjoni u l-istess Rivelazzjoni jimmiraw għal dan l-għan. "Għaliex Alla sejjaħ u jsejjaħ il-bniedem biex jingħaqad miegħu, bin-natura tiegħu sħiħa, f'għaqda għal dejjem mal-ħajja tiegħu divina li qatt ma titħassar" (GS 18). Alla "fl-imħabba kbira tiegħu jitkellem mal-bnedmin bħala ħbieb u jgħix magħhom biex jistedinhom u jdaħħalhom f'għaqda miegħu" (DV 2). Billi l-bniedem hu magħmul biex jilħaq dan l-għan l-iżjed għoli, għandu fih innifsu x-xewqa tal-infinit, tad-divin, tal-etern u jħoss fih li l-ġid tal-art mhux biżżejjed biex jaqtgħalu dan l-għatx. Hu Alla biss li jista' "jwieġeb għax-xewqat l-aktar profondi ta' qalb il-bniedem" (GS 41); huwa biss jekk il-bniedem jersaq lejn Alla li jirnexxilu jsib il-paċi, il-premju tal-aspirazzjonijiet tiegħu, tal-għatx tiegħu għall-imħabba u l-hena ta' dejjem. "Int għamiltna għalik, u qalbna ma ssibx kwiet qabel ma tistrieħ fik" (S. Wistin, *L-Istqarrijiet*, I, 1, 1).

Il-ħajja tal-bniedem, tikseb is-sens u s-siwi veru tagħha meta ssir vjaġġ lura lejn dak Alla li ħalaqha għalih innifsu, meta ssir tweġiba għal dak Alla li jsejħilha għall-għaqda miegħu. Kieku m'hemmx l-iSkrittura li tixhed din il-verità, wieħed seta' jaħseb li din kienet ħolma, illużjoni twajba; imma l-kelma ta' Alla hija ċara, u l-kelma definittiva tlissnet mill-istess Verb ta' Alla li sar bniedem: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14. 23). Dan qalu Ġesù; ma nistgħux niddubitaw. L-għaqda ma' Alla hi possibbli għall-bniedem u sseħħ bl-imħabba, jew b'dik l-imħabba teologali li l-lSpirtu s-Santu jsawwab fil-qalb ta' kull Nisrani. Min jgħix fl-imħabba ġa qiegħed fit-triq, anzi qed jgħix diġà l-għaqda tiegħu ma' Alla. "Min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla fih" (1 Ġw 4, 16).

2. “Alla tana l-akbar ġid li kien wegħidna, biex bih… tissieħbu fin-natura ta’ Alla” (2 Pt 1, 4). Matul ir-Rabta l-Qadima u r-Rabta l-Ġdida, il-wegħdiet kollha ta’ Alla u saħansitra l-miġja tas-Salvatur jintemmu għalina meta l-bniedem li kien ġa maħluq xbieha tiegħu, jissieħeb fin-natura stess ta’ Alla u għalhekk fil-ħajja divina tiegħu. Huwa l-misteru tal-grazzja ta’ Kristu li ddaħal lill-bniedem fil-familja ta’ Alla, fl-għaqda kollha ħajja mal-Missier, mal-Iben u mal-iSpirtu s-Santu. Huwa biss fuq din il-bażi li nistgħu nitkellmu mill-għaqda, u l-unjoni ma’ Alla. San Ġwann tas-Salib josserva li mhux l-erwieħ kollha għandhom doni bħal dawn – pereżempju l-midinbin tilfuhom - imma “anki dawk li għandhom, mhux dejjem ikunu fl-istess grad; minħabba li x’uħud waslu għal xi grad ta’ mħabba u oħrajn kisbu inqas. Mela, Alla jikkomunika lilu nnifsu l-aktar lil dik ir-ruħ li tkun imxiet l-aktar ‘il quddiem fl-imħabba, jiġifieri, li għandha r-rieda tagħha l-eqreb lejn dik ta’ Alla” (*Telgħa* II 5, 4).

L-ewwel pass għall-għaqda ma’ Alla hu mmarkat bl-inizjattiva divina li ssawwab il-grazzja u l-imħabba fil-bniedem. Mingħajr dawn id-doni l-bniedem ma jistax iħobb ‘l Alla b’imħabba ta’ ħbiberija, u anqas jista’ jittama għall-għaqda miegħu. “Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel” (I Ġw 4, 19). L-imħabba tal-bniedem għal Alla qatt ma tkun inizjattiva, hija dejjem tweġiba; imma tweġiba meħtieġa għax tista’ tikber fil-grazzja u fl-imħabba li tkun irċeviet, sal-punt li l-esseri u l-ħajja kollha tiegħu jkunu mxappin, imqaddsin, mibdulin biha. Mill-istat tal-bidu tal-grazzja u tal-imħabba sa ħajja ta’ għaqda sħiħa ma’ Alla hemm spazju li Alla nnifsu jara li jimla’ u jolqotha b’tiswib dejjem iżjed kotran tad-doni tiegħu, imma b’kundizzjoni li ssib lill-bniedem lest li jwieġeb. San Pawl jistqarr: “Alla jżomm kelmtu, minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta’ Ibnu Sidna Ġesù Kristu” (1 Kor 1, 9). Ma nistgħux niddubitaw mil-fedeltà ta’ Alla: hu stieden lill-bniedem għall-għaqda miegħu, irid iwettaq il-pjan tiegħu, imma biex jagħmel dan jistenna tweġiba ġeneruża u fidila mill-ħlejqa tiegħu. Għalhekkk jikkomunika magħha fil-qies biss li fih tkun imxiet fl-imħabba.

● O Mulej, jeħtieġ li inti tkun kollok kemm int tiegħi biex naqta’ x-xewqa ħerqana li għandi għall-imħabba… U int o Mulej, bil-ħlewwa tiegħek, isma’ u ifhem din ix-xewqa li int innifsek nebbaħt; inti tixtieq u għandek il-ħila li tissodisfa din il-qalb li ġiet maħluqa biex

iżżommok fiha, huwa biss bl-infinit jiġifieri bik innifsek li dan il-bżonn hekk kbir għall-ħajja u l-imħabba jista' jkun sodisfatt.

Inti tixtiequ b'ħerqa divina, daqs l-ommijiet li jħobbu l-iżjed. Min jista' jkejjel jew jinfed l-imħabba infinita li inti għandek għalina, opra ta' idejk? O iva, tassew li rridek tkun tiegħi kollok kemm int biex nissodisfa 'l qalbi u mmantni l-ħtieġa infinita ta' mħabba li qiegħda tikkunsmaha… Il-qalb tal-bniedem, o Alla, hija abbiss li inti biss tista' tkejjel, abbiss li inti biss tista' timla'; kulma hu maħluq hu fieragħ u mhux biżżejjed. Fil-ħolqien kollu m'hemmx għajnuna jew milja, ebda sodisfazzjon jew ġid veru jew sagrifiċċju mingħajr egoiżmu, ebda xewqa daqshekk kbira li tista' tissodisfa l-qlub imsejkna tagħna… Fejn se nsib imħabba bħal din, u daqshekk ħajja li tissodisfa din il-ħtieġa kbira għall-imħabba u l-ħajja, li int, o Mulej, qegħidt ġo fija? Dak li neħtieġ huwa ċentru, dar vera u perfetta, fejn kollox jikber bil-libertà u kulħadd jagħti u jirċievi. Fejn jista' jinsab dan, jekk mhux biss fik, o Mulej, li qlubna huma magħmula għalik?

Beata M. Tereża de Soubiran, p. 319-320

● O Ġesù min se jagħtini l-grazzja li nifforma spirtu wieħed miegħek? Żgur, Mulej, li waqt li niċħad l-għamliet kollha tal-ħwejjeġ maħluqa, nixtieq biss l-għaqda miegħek. O Alla, inti hu l-waħdieni, l-għaqda waħdanija li ruħi teħtieġ! Alla, għażiż ħabib ta' qalbi, għaqqad din ir-ruħ waħdiena tiegħi mat-tjubija l-iżjed waħdiena tiegħek! Inti kollok tiegħi; meta se nkun kollni tiegħek? Il-kalamita tiġbed il-ħadid lejha, Mulej Ġesù… kun il-kalamita ta' qalbi: iġbidha, aħtafha int, għaqqad l-ispirtu tiegħi ma' ħdan Missierek għal dejjem! O, ladarba jiena maħluq għalik, għaliex miniex fik? Għaddas din il-qatra ċkejkna li hi ruħi, li tajtni int, fil-baħar tat-tjubitek li ġejja minnu. Mulej, ladarba qalbek tħobbni, għaliex ma ssaħħarnix, ladarba dan nixtiequ tant? Iġbidni u jien niġri wara l-ġibdiet tiegħek u ninxteħet f'dirgħajk u qatt ma niċċaqlaq minnhom għal dejjem ta' dejjem.

San Franġisk ta' Sales, *Il Teotimo* VII, 3, v. 2, p. 30

## 374. IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Agħmel Mulej, li nkun imħejji għall-miġja tiegħek biex nidħol miegħek għat-tieġ (Mt 25, 10).*

Fil-qalba tal-Liturġija tal-lum hemm l-għajta li tinstema' billejl: "Ara, l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!" (Mt 25, 6). L-għarus huwa Kristu: hu jiġi għal għarrieda biex isejjaħ għall-ikla eterna lill-Insara personifikati fl-għaxar xebbiet li kienu jishru waqt li jistennew li jiġu mdaħħlin għat-tieġ. F'din il-parabbola (Mt 25, 1-13) ir-relazzjonijiet bejn Alla u l-bniedem huma ppreżentati – bħalma ta' sikwit jiġri fir-Rabta l-Qadima – bħala relazzjonijiet ta' tieġ. L-Iben ta' Alla meta sar bniedem tgħarras lill-bnedmin f'dik l-għaqda li ma tinħallx li minnu għamlet bniedem-Alla; dan it-tieġ mbagħad kkunsmat fuq is-salib li bih feda l-bnedmin u rabathom miegħu ġabarhom fil-Knisja l-għarusa mistika tiegħu. Imma dan mhux biżżejjed; Kristu ried jiċċelebra t-tieġ tiegħu ma' kull ruħ nisranija li kienet ikkonsagrata lilu bil-magħmudija. San Pawl kiteb lill-Korintin. "Jien għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex inressaqkom quddiem Kristu" (2 Kor 11, 2). Taħt dan l-aspett il-ħajja tan-Nisrani tista' titqies bħala impenn ta' fedeltà tal-miżżewġin ma' Kristu, fedeltà delikata, imħeġġa, ħerqana, ispirata minn imħabba li ma tammettix kompromessi. Il-ħajja mgħoddija b'dan il-mod hija sahra ta' stennija għall-Għarus, mgħoddija f'għemejjel tajba li skont is-simboliżmu tal-parabbola, huma ż-żejt li jsostni l-lampa tal-fidi. Ix-xebbiet għaqlin kellhom biżżejjed, u għalhekk setgħu jisfidaw it-tul tal-istennija lejlija u kienu lesti għall-wasla tal-għarus. Bil-maqlub ix-xebbiet boloh, li jirrappreżentaw lill-Insara traskurati fit-twettiq ta' dmirijiethom, li raw il-lampa tagħhom tintefa' bla ebda rimedju, waslu tard u għalxejn għajtu: "Mulej, Mulej, iftħilna!" (Mt 25, 11). Għas-salvazzjoni mhux biżżejjed issejjaħ 'l Alla, imma jeħtieġ "il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba" (Gal 5, 6). Għalhekk ix-xebbiet boloh semgħu min jgħidilhom: "Ma nafkomx" (Mt 25, 12); u l-istess tweġiba ngħatat lil dawk li ppriedkaw l-Evanġelju imma ma qegħduhx fil-prattika: "Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi" (Mt 7, 23). Kristu kien jafhom sewwa lil dawn, imma mhux bħala nagħaġ tal-merħla tiegħu għax ma semgħux leħnu, lanqas bħala ħbieb għax ma osservawx il-kmandamenti tiegħu, għalhekk jeskludihom mill-intimità

tat-tieġ etern tiegħu. Il-wasla tal-għarus billejl ittardjat u dan juri li ħadd ma jkun jaf meta l-Mulej jagħlaqlu l-bibien tal-eternità u dan jiġġustifika l-aħħar twissija: "Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa" (Mt 25, 13).

L-ewwel u t-tieni qari jduru mal-Evanġelju tal-lum. L-ewwel qari (Għerf 6, 12-16) bħala preludju, ifaħħar it-tiftix tal-għerf li ġej minn Alla, u ordnat għall-qadi tiegħu: "L-aqwa tal-għaqal hu li taħseb fl-għerf, u min jishar għalih malajr jeħles mill-imwiet" (Għerf 6, 15). Dan l-għerf jagħmel lill-bniedem għaqli, jgħallmu ma jaħlix il-ħajja fi ħwejjeġ fiergħa, imma jħaddimha għall-qadi u l-istennija ta' Alla. Min "jikkonsagralu s-sahriet" isib ruħu mħejji għall-wasla tal-Għarus.

It-tieni qari (1 Tess 4, 13-18) jagħlaq bl-istruzzjoni ta' San Pawl lit-Tessalonkin dwar id-destin dejjiemi tal-bniedem. Quddiem il-mewt tal-għeżież tagħhom huma tnikktu "bħall-oħrajn li ma għandhomx tama" (1 Tess 4, 13), għax kienu għadhom ma jafux li l-Insara, ladarba huma inkorporati fi Kristu, huma msejħin biex jissieħbu fil-glorja tiegħu. "Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù" (1 Tess 4, 14). Il-fidi u l-għaqda ma' Kristu jiswew mhux biss għal din il-ħajja, imma wkoll għall-mewt, għall-qawmien u għall-glorifikazzjoni. Dan hu l-għan li lejh għandu jimmira n-Nisrani biex jishar fl-istennija tal-Għarus, biex iħares bil-kalma lejn il-mewt li ddaħħlu fit-tieġ dejjiemi fejn ikun "dejjem mal-Mulej" (1 Tess 4, 17).

● Żammejt qalbi safja għalik, u bil-lampa tixgħel niġi niltaqa' miegħek, o Għarus tiegħi…

Immorru flimkien niltaqgħu mal-Għarus, bi lbiesi bojod, u bil-lampi f'idejna… Qumu, qabel ma s-Sultan jirfes l-għatba!...

Jien żammejt 'il bogħod mill-hena tad-dinja mimlija tnehid, mill-pjaċiri ta' ħajja kollha xalar, mill-imħabba; u f'dirgħajk infittex il-kenn fit-tgħanniqa tiegħek li tagħti l-ħajja, fejn nikkontempla għal dejjem il-ġmiel tiegħek, o Mbierek!...

Insejt lil pajjiżi għax nixtieq il-grazzja tiegħek, o Verb; insejt il-kor tal-verġni li hawn madwari, in-nobbiltà ta' ommi u ta' razzti, għax inti dawn il-ħwejjeġ kollha għalija, o Kristu…

Inti dak li jagħti l-ħajja, o Kristu. Jiena nsellimlek, o dawl li qatt ma jintefa'! Isma' din l-għajta. Il-kor tal-verġni qiegħed isejjaħlek, il-Fjur perfett, Imħabba, Ferħ, Għaqal, Għerf, Verb!

San Metodju ta' Olimpo, *Il Convito* XI, 3

● Mulej, jien nixtieq li nogħġbok dejjem; iżda naf tajjeb li l-hena tiegħi ma jinstabx fost il-bnedmin ta' din l-art. U ladarba dan huwa minnu, int mhux sejjer tagħtini l-ħtija li nixtieq lilek. Arani hawn, Mulej: jekk jeħtieġ li nibqa' ngħix biex naqdik f'xi ħaġa, miniex sejra naħrab it-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqi fuq l-art. Li kienu jiswew xi ħaġa x-xewqat tiegħi quddiem il-preżenza divina tiegħek, Alla tiegħi; u la tħarisx lejn il-ftit li jistħoqqli. Li kien jistħoqqilna lkoll li nħobbuk, Mulej; ladarba jeħtieġ nibqgħu ngħixu, ħa ngħixu għalik, u ħa jgħibu x-xewqat u l-interessi tagħna. Liema rebħ huwa akbar milli nkunu nogħġbu lilek? O Hena tiegħi u Alla tiegħi! X'se naqbad nagħmel biex nogħġbok? Ħaġa ta' xejn huwa kull qadi tiegħi, ukoll jekk infittex li naqdi lil Alla tiegħi ta' sikwit! Għaliex, mela jeħtieġli nibqa' f'din il-miżerja kollha? Sabiex titwettaq ir-rieda tal-Mulej. X'rebħ akbar jista' jkun hemm, ruħ tiegħi? Stenna, stenna, għax la taf meta jiġi l-jum u lanqas is-siegħa. Ishar sewwa, għax kollox jgħaddi malajr, għalkemm ix-xewqa tiegħek tqiegħed fid-dubju dak li huwa żgur, u jidhrilha żmien twil dak li huwa qasir. Aħsbu ftit li, aktar ma tissieltu, aktar turu l-imħabba li għandkom għal Alla tagħkom, u żgur li aktar għad tithennew bil-Maħbub tagħkom b'ferħ u għaxqa li ma jistax ikollhom tmiem.

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ* 15, 2-3

## SENA B

*Agħmel Mulej, li nibki ma' min hu mbikki (Rum 12, 15).*

Imma l-aqwa mudell tagħna huwa dejjem Ġesù. Mill-qari tal-lum joħorġu żewġ figuri femminili, żewġ romol foqra li jilmaw fil-fidi u fil-ġenerożità. L-ewwel waħda (1º qari: 1 Slat 17, 10-16) hija l-mara ta' Sarefta li kienet ta' kundizzjoni tajba, imma waqgħet fil-miżerja minħabba n-nuqqas ta' xita u l-għaks. B'danakollu għat-talba tal-profeta Elija mhux biss tagħtu l-ilma biex jixrob, imma wkoll il-ħobż li għamlet bi ftit dqiq li kien fadlilha u li kien maħsub biex jitma' lilha u lil binha. "Inħejji xi ħaġa għalija u għal ibni; u mbagħad nikluha u mmutu" (1 Slat 17, 12), qaltlu l-mara biex tispjegalu s-sitwazzjoni drammatika li kienet fiha. Għalkemm kienet pagana, uriet fidi tal-għaġeb fil-kliem tal-profeta li f'isem Alla ta' Iżrael kien żguraha li: "l-ġarra tad-dqiq ma tintemm qatt, u l-kus taż-żejt ma jitbattalx sa dakinhar li l-Mulej jibgħat ix-xita fil-pajjiż" (1 Slat 17, 14). Għal din il-wegħda ċediet il-ħobż tagħha. Ħobża mhix xi ħaġa kbira, imma hija ħafna anzi kollox, meta tkun l-ikel waħdieni; biex tagħtih lill-oħrajn hija meħtieġa ġenerożità mhix komuni.

Ġest bħal dan qiegħed fl-Evanġelju (Mk 12, 38-44), meħud mill-ħajja vera minn Ġesù waqt li kien qiegħed josserva n-nies li kienu qegħdin jitfgħu l-flus fit-teżor tat-tempju. Moħbija fost l-għonja li "bdew jitfgħu ħafna," kien hemm armla li tefgħet "biċċtejn żgħar" (Mk 12, 42). Ħadd ma ntebaħ biha, imma Ġesù waqt li wriha lid-dixxipli qal: "Tassew ngħidilkom li din l-armla tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor. Għax dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet kulma kellha biex tgħix" (Mk 12, 43-44). Alla ma jħarisx lejn is-siwi tal-flus, imma lejn il-qalb u s-sitwazzjoni ta' min jagħti. L-armla li bl-imħabba ċċaħħdet minn dak kollu li kellha, tat wisq iktar mill-għonja li offrew somom kbar bla ma naqqsu xejn mill-iċken kumdità tagħhom. L-għemil tagħha ma jistax jitfisser jekk mhux b'fidi kbira ħafna, akbar minn dik tal-mara ta' Sarefta, għax mhix qiegħda sserraħ fuq il-wegħda tal-profeta, imma f'Alla biss, u taġixxi mingħajr ebda raġuni oħra ħlief dik li taqdih b'qalbha kollha.

Imġiba bħal din kienet f'kuntrast qawwi ma' dik tal-kittieba u tal-għalliema tal-liġi, li ftit qabel Ġesù kien ikkundanna: "iberbqu ġid ir-

romol, u mbagħad għal wiċċ in-nies idumu ħafna jitolbu" (Mk 12, 40). Dawn għamlu mir-reliġjon pedistall għall-ambizzjonijiet tagħhom u flok ma qabżu għad-dgħajfin u dawk li ma kellhomx min jiddefendihom kienu japprofittaw ruħhom mill-awtorità u t-tagħlim tagħhom biex jisirqulhom ħwejjiġhom. Hawn ta' min jirrifletti ftit. Jekk il-bniedem mhuwiex tajjeb u sinċier għalkollox jista' jasal li jinqeda bir-reliġjon għall-interessi egoistiċi tiegħu. Ir-reliġjon vera hija meta taqdi 'l Alla bis-safa tal-qalb, u tagħtih ġieħ "bl-ispirtu u bil-verità" (Ġw 4, 24), waqt li ssieħeb it-talb mal-għotja tiegħek innifsek saħansitra li tasal tonfoq sal-aħħar munita. Isservi 'l Alla wkoll fil-proxxmu b'imħabba li ma tqisx dak li jagħti fuq il-bażi ta' dak li hu żejjed għalina, imma skont il-ħtieġa tal-persuna. L-għotja tal-karità mhix imħabba nisranija jekk ma tinkludix l-għotja tiegħek innifsek, għotja li hi impossibbli mingħajr iċ-ċaħda, mingħajr ma tagħti xi ħaġa minnek innifsek. L-imħabba nisranija tfisser tibki ma' min hu mbikki (Rum 12, 15), tissieħeb fis-sitwazzjonijiet prekarji tal-foqra, taqsam magħhom in-nuqqasijiet u f'każi estremi, tissieħeb magħhom fil-ġuħ ukoll. Dan kien li għamlet l-armla ta' Sarefta meta tat l-aħħar ħobża li kellha, u li l-armla Lhudija tat meta offriet dak kollu li kellha.

Imma l-aqwa mudell huwa dejjem Ġesù li ġie fid-dinja biex jagħti l-ħajja lill-bnedmin, biex "ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu" (2º qari: Lhud 9, 24-28). In-Nisrani li jkun salvat b'dan is-sagrifiċċju għandu jissieħeb bl-għotja tiegħu nnifsu għas-salvazzjoni temporali u eterna ta' ħutu.

● O Alla ħanin li tista' kollox, fit-tjieba tiegħek biegħed minna kull għawġ, biex inkunu ħielsa fir-ruħ u l-ġisem, u naqduk bla xkiel ta' xejn (Kolletta).

Irroddulek ħajr, Mulej għat-tqarbina mqaddsa li biha saħħaħtna; bħalma mlejtna b'din il-qawwa tas-sema, hekk ukoll, fit-tjieba tiegħek, agħtina l-iSpirtu Qaddis tiegħek, biex tibqa' fina sal-aħħar il-grazzja ta' ħajja sinċiera (Talba wara t-Tqarbin).

*Missal*

● Int, Mulej, ġibt mis-sema l-manna delizzjuża u l-ikel ħelu li għandu fih il-qawwa li jgħinna biex insofru kull tbatija, u rajna dan

b'esperjenza, l-ewwel fik, Mgħallem ħelu tagħna, Mulej u gwida, u mbagħad fil-qaddisin tiegħek.

O kemm ħwejjeġ għamlu u ssaportew b'sabar kbir permezz ta' din l-imħabba tiegħek imsawba f'qalbhom, u li biha baqgħu imkebbsin u magħqudin miegħek hekk li ebda tbatija ma segħtet tifridhom minnek.

M'hemmx triq aktar qasira, aħjar, jew aktar żgura għas-salvazzjoni tagħna minn din il-libsa ħelwa tat-tieġ tal-imħabba li tagħti tant fiduċja u tant qawwa lir-ruħ, li din tippreżenta ruħha quddiemek bla ebda biża'. Imma bil-maqlub, jekk tinstab nieqsa mill-imħabba fil-ħin tal-mewt, hija tibqa' fi stat ikrah u ta' min jistmerru tant li kienet tmur f'kull post ieħor ikun kemm ikun ta' niket jew ħażin, biex ma tidhirx quddiem il-preżenza divina. Għax tassew, o Alla, ladarba int sempliċi u safi, int ma tistax tilqa' fik innifsek xi ħaġa li mhix imħabba sempliċi u safja.

S. Katerina ta' Ġenova, *Dialogo, Opere* p. 196-197

## SENA Ċ

*O Mulej, int m'intix Alla tal-mejtin, imma tal-ħajjin (Lq 20, 38).*

Is-suġġett tal-Liturġija tal-lum hija l-qawmien tal-mejtin. Fir-Rabta l-Qadima din il-verità baqgħet aktarx imdella sakemm fil-Ġudaiżmu mwaħħar ġiet għad-dawl fil-profeta Danjel (12, 2-3) u fil-ktieb tal-Makkabin. L-ewwel qari tal-lum (2 Mak 7, 1-2.9-14) jirrakkonta proprju stqarrijiet mill-isbaħ miġbura minn fomm is-sebat aħwa Makkabin waqt li kienu qegħdin jieħdu l-martirju. Dawn ma ridux iċedu għall-pressjoni tas-sultan pagan li kien qed jippersegwita lil-Lhud u jġiegħelhom taħt piena tal-mewt, li jiksru l-liġi ta' Mosè u meta ġisimhom kien diġà mbiċċer, stqarrew li ġurnata għad jerġgħu jeħduh irxuxtat għall-ħajja ta' dejjem. "Mis-sema ksibthom dawn" - stqarr wieħed minnhom - "u għal-liġijiet tiegħu [ta' Alla] jien nistmerrhom, għax mingħandu nittama li mill-ġdid nerġa' nsibhom" (2 Mak 7, 11). U ieħor: "Is-sultan tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta' dejjem, lilna li se mmutu għal-liġi tiegħu" (2 Mak 7, 9). Ma tonqosx ir-referenza għall-qawmien universali, li warajha ġġib destini diversi għat-tajbin u għall-ħżiena. "Imma għalik" – qal wieħed mis-seba' lit-tirann – "m'hemmx qawmien għall-ħajja" (2 Mak 7, 14). Il-fidi fil-qawmien u fil-ħajja ta' dejjem bilfors kienet soda sewwa ladarba tat lil dawn iż-żgħażagħ Lhud il-qawwa li jmutu minħabba fiha.

Fi żmien Ġesù il-qawmien tal-mejtin kien tista' tgħid verità tal-fidi għall-Ġudaiżmu kollu, miċħuda biss mis-setta tas-Sadduċej. L-Evanġelju tal-lum (Lq 20, 27-38) fih mistoqsija stramba li għamlu s-Sadduċej lil Ġesù biex iwaqqgħu għaċ-ċajt it-twemmin fil-qawmien. Huma semmew mara li sfat armla minn sebat aħwa wieħed wara l-ieħor: "Issa din, fil-qawmien tal-imwiet, mart min minnhom tkun?" (Lq 20, 33). Il-mistoqsija serviet lill-Mulej biex ifisser – kontra l-mentalità ta' kif kienu jaħsbuha – li l-ħajja tal-irxuxtati hija differenti ħafna minn dik ta' din id-dinja. Huma "la jżewġu u lanqas jiżżewġu. Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet" (Lq 20, 35-36). L-irxuxtati jerġgħu jieħdu l-ġisem imma dan ikun igglorifikat u mhux iżjed suġġett għal-liġijiet tal-ġisem. Billi huma ma jmutux, ma jkunx aktar meħtieġ iż-żwieġ biex jiżguraw il-konservazzjoni tal-ispeċi umana. Il-ħajja tagħhom issir bħal tal-anġli u bħall-anġli jkunu "wlied Alla." Jiġifieri l-grazzja tal-adozzjoni li rċevew bħala żerriegħa fil-magħmudija, tasal għall-milja

tal-iżvilupp tagħha u taħkem lill-bniedem kollu, u għalhekk il-ġisem ukoll ikun trasfigurat. “Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet; jinżera’ ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx. Jinżera’ fl-għajb, iqum fil-ġieħ; jinżera’ fid-dgħufija, iqum fis-saħħa; jinżera’ ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali” (1 Kor 15, 42-44).

Ġesù temm id-diskors tiegħu lis-Sadduċej billi fakkarhom fid-dehra ta’ Alla lil Mosè fis-siġra taqbad, li fiha rrivela lilu nnifsu bħala “Jaħweh”, jiġifieri bħala “Dak li hu”, bħala l-Alla tal-ħajja (Eż 3, 2-6). “Hu mhux Alla tal-mejtin, imma tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix” (Lq 20, 38). Ukoll dawk li għalina huma mejtin, għalih huma ħajjin u ġurnata għad jirxuxtaw. Ġesù stess qal għalih innifsu: “Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix” (Ġw 11, 25). Hu li hu l-kawża tal-ħajja ta’ dejjem għal dawk li jemmnu fih, hu wkoll il-kawża tal-qawmien tagħhom. Fi Kristu rxoxt il-bniedem kollu hu salvat, għalhekk il-materja wkoll hi diġà gglorifikata, irxuxtata. Waqt li l-Liturġija tippreżenta lill-Insara l-verità li tfarraġ tal-qawmien etern, tistedinhom jgħixu b’qalbhom imdawra lejn il-glorja li tistennihom biex waqt li jagħmlu l-ġid jasal fl-aħħar jum il-qawmien ta’ ħajja u mhux ta’ kundanna (Ġw 5, 29).

● Aħna pajżani tas-sema: minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glojuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu

Filippin 3, 20-21

● L-erwieħ tal-ġusti huma f’idejn Alla, u l-ebda tbatija ma tilħaqhom. F’għajnejn il-boloh dehru mejta; it-tluq tagħhom ingħadd b’telfien, u b’qerda t-tbegħid tagħhom minna. Imma huma qegħdin fis-sliem. Għax għalkemm f’għajnejn il-bnedmin dehru maħqura, huma għandhom tama sħiħa fil-ħajja bla tmiem. Wara ftit tat-tbatija jiksbu ġid kbir; għax Alla ġarrabhom u sabhom tajbin għalih. Bħad-deheb fin-nar ġarrabhom, u laqagħhom bħal vittma maħruqa kollha għalih. Min jittama fih jifhem is-sewwa, u min jemmen fih jgħix miegħu fl-imħabba; għax tjieba u ħniena hemm għall-magħżulin tiegħu.

Imma l-ħżiena jieħdu l-kastig li ħaqqhom għal ħsibijiethom, talli warrbu l-ġustizzja u tbiegħdu mill-Mulej. Tassew imsejkna dawk li jwarrbu l-għerf u t-tagħlim, fiergħa t-tama tagħhom, bla fejda t-taħbit tagħhom, bla siwi għemilhom. Sabiħ hu l-frott tal-imġiba tajba, u l-għerq tal-għerf ma jinxef qatt.

Għerf 3, 1-6.9-11.15

## 375. NITGĦARRASKOM FIL-FEDELTÀ

*Mulej, jien ma nfittex lil ħadd ħliefek, agħmel li nsibek (S. Wistin, Sol. I, 1).*

1. Alla fittex it-toroq kollha biex jirbaħ qalb il-bniedem li hu ħalaq għalih u li ħafna drabi, meta l-bniedem jidneb, ma jkunx denn tal-imħabba tiegħu. Imma Alla ma jwarrabx il-pjan tiegħu u lill-bnedmin midinbin joffrilhom il-ħbiberija tiegħu. Ħbiberija ma' Abraham, Iżakk, Ġakobb; ħbiberija mġedda ma' Mosè fuq is-Sinaj, ikkonfermata ma' David u mad-dixxendenti tiegħu, fl-aħħar ippreżentata permezz tal-profeti fil-forma suġġestiva ta' patt tat-tieġ bejn Alla u Iżrael. Alla huwa l-għarus: hu jħobb b'imħabba fidila u għajjura lill-poplu tiegħu li hu għażel għalih, li assistieh u għenu b'mirakli ta' kull xorta u li minnu jistenna li jkun Maħbub bil-fedeltà u d-dedikazzjoni ta' għarusa. "Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej" (Hos 2, 21-22). Alla ma setax jesprimi b'mod aktar li jqanqal l-imħabba infinita tiegħu għall-bnedmin, il-ħsieb li jiġbidhom lejh, u jgħaqqadhom miegħu fi ħbiberija daqshekk intima u personali li setgħet tkun imqabbla ma' dik li tgħaddi bejn raġel u martu. Anzi, minħabba li hija rabta għalkollox spiritwali u divina tiżboq infinitament dik li torbot żewġ ħlejqiet bejniethom.

It-tradizzjoni Kattolika dejjem rat fl-allegorija tat-tieġ mhux biss ir-relazzjonijiet bejn Alla u Iżrael fir-Rabta l-Qadima u bejn Kristu u l-Knisja fir-Rabta l-Ġdida, imma wkoll ir-relazzjonijiet ta' kull ruħ nisranija ma' Alla tagħha. Fuq dan is-sies mill-iSkrittura l-mistiċi setgħu jiddeskrivu l-għaqda ma' Alla bħala żwieġ mistiku bejn Alla u l-ħlejqa li tħobbu fedelment. Lilha Alla jagħmel il-wegħda l-antika: "Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fil-ħniena u fl-imħabba." San Ġwann tas-Salib jgħallem li biex iseħħ dan jeħtieġ ikun hemm "ix-xebh li jiġi mill-imħabba" (*Telgħa* II, 5, 3.) Jekk Alla jħobb lill-bniedem b'mod infinit u jridlu biss il-ġid, il-bniedem għandu jħobb 'l Alla bil-forzi tiegħu kollha u jintrabat f'kollox mar-rieda divina u jrid ukoll flimkien magħha dak il-ġid li Alla nnifsu jrid. L-għaqda perfetta ma' Alla titwettaq proprju "Meta ż-żewġ ridiet – jiġifieri dik tar-ruħ u dik ta' Alla huma magħquda f'rieda waħda, u ma jkun hemm xejn fil-waħda li jmur kontra l-oħra" (S. Ġwann tas-Salib *Telgħa* II, 5, 3).

2. L-allegorija tat-tieġ għaddiet mir-Rabta l-Qadima għar-Rabta l-Ġdida. Ġwanni l-Battista sellem lil Ġesù bħala l-Għarus li jiġi biex jiċċelebra t-tieġ mal-umanità u stqarr li hu kien il-ħabib "li jkun ħdejh u jisimgħu u jifraħ ħafna meta jisma' leħnu" (Ġw 3, 29). L-Iben ta' Alla fil-fatt, fl-inkarnazzjoni żżewweġ man-natura umana u għaqqadha man-natura divina fl-għaqda tal-Persuna tiegħu. Hu stieden lill-ħlejjaq kollha ta' rieda tajba biex jissieħbu fit-tieġ tiegħu mhux biss bħala spettaturi imma bħala atturi, ladarba kienu ta' dik l-umanità li hu ried jilbes u wisq iżjed għax huma jappartienu lill-Knisja li hu ħabb bħala għarusa. F'dan is-sens San Pawl kiteb lill-Korintin: "Jiena għajjur għalikom bl-istess għira ta' Alla; għax jien għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja" (2 Kor 11, 2).

Alla hu għajjur għall-ħlejqa umana li għamilha tixbah lilu, intelliġenti, ħielsa, bil-ħila li tħobb, proprju biex jagħmilha xierqa għall-ħbiberija tiegħu. Xejn ma għandu jċajpar ix-xebh divin stampat fiha, xejn ma għandu jżommha li tħobb 'l Alla b'qalbha kollha, li tingħata lilu kollha kemm hi; huwa hekk biss li tista' tkun preżentata lil Kristu-Għarus "bħala xebba safja". San Ġwann tas-Salib fisser fit-tul liema safa tal-qalb, ta' rieda, ta' ħajja, Alla jesiġi mill-bniedem biex idaħħlu fl-għaqda intima tiegħu. U ladarba l-qawwa li tħaddem l-affetti u l-għemil hija r-rieda, hu wera kif ir-rieda għandha tkun imsoffija sa fl-ibgħad irkejjen tagħha minn dak kollu li fiha ma jixbahx u ma jaqbilx mar-rieda ta' Alla. San Ġwann itenni: "L-imħabba ġġib magħha qbil u xebh" (S. Ġwann tas-Salib, *Telgħa* I, 5, 1). L-imħabba ta' Alla tbaxxiet sal-bniedem sakemm ġabitu jixbah lilu nnifsu skont in-natura u skont il-grazzja. L-imħabba tal-bniedem lejn Alla għandha twasslu biex jiċċaħħad mill-gosti kollha tiegħu, mix-xewqat, u ridiet li billi ma jaqblux ma' dawk divini, jimpeduh li jilħaq ix-xebh miegħu, il-konformità perfetta mar-rieda tiegħu.

Ġesù nnifsu wera l-konformità sħiħa mar-rieda divina bħala frott u l-prova tal-imħabba vera u għalhekk bħala għodda l-iżjed meħtieġa biex jasal fl-għaqda intima ma' Alla. "Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri" (Mt 7, 21). "Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni… u nurih lili nnifsi" (Ġw 14, 21).

● O Mulej, int tassew ħabib tal-qalb u l-aktar qawwi, hekk li dak li trid tagħmlu, u qatt ma tieqaf tfittex lil min ifittxek! Ħa jfaħħruk il-ħwejjeġ kollha, o Sid tad-dinja! Li kien ikun hemm min ixandar mad-dinja kollha kemm inti dejjem fidil ma' ħbiebek! Kollox jonqosna, imma inti ma tonqos lil ħadd, o Sid ta' kollox! Tassew li ftit huwa t-taħbit li tħalli jġarrbu lil dawk li jħobbuk! Kemm taf timxi magħhom bil-ħlewwa u bl-akbar tjubija, o Mulejja! Li kieku qatt ma bdejna nħobbu 'l xi ħaddieħor barra minnek! Għax int, Mulej, tidher li tkun qiegħed iġġarrab bil-kbir lil dawk li jħobbuk, imma dan tagħmlu biex fl-aqwa tat-tbatija tagħhom ikunu jistgħu jagħrfu sa fejn tasal il-qawwa ta' mħabbtek. O Alla tiegħi, kemm nixtieq li kelli moħħ u għerf akbar u kliem ġdid biex ngħolli kif jixraq il-ħidmiet tiegħek, kif issa tafhom ruħi! Kollox jonqosni. Mulejja, imma jekk int ma titlaqnix, jiena qatt ma nonqsok. Ħa jqumu kontra tiegħi l-għorrief kollha, ħa jeħduha kontrija l-ħwejjeġ kollha maħluqa, ħa jitturmentawni d-demonji kollha, imma la titlaqnix int Mulej, għax jien issa għandi esperjenza biżżejjed tal-ġid kbir li bih int tfawwar lil min jafda fik biss!

S. Tereża ta' Ġesù, *Ħajja* 25, 17

● Sakemm ruħi jibqgħalha l-kapriċċi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-għaqda divina, fantasiji ta' iva u ta' le, se nibqa' fl-istat infantili, ma nimxix bil-passi ta' ġgant fl-imħabba, għax in-nar tiegħek, o Mulej, għadu ma ħaraqx il-ħmieġ kollu, id-deheb mhuwiex safi, għadni nfittex lili nnifsi; int, o Alla tiegħi, ma kkunsmajtx ir-reżistenza kollha tiegħi lejk. Imma meta… tkun ikkunsmajt kull imħabba mtebbgħa, kull niket imtebbgħa, kull biża' mtebbgħa, imbagħad l-imħabba tkun perfetta u ċ-ċurkett tad-deheb tal-ħbiberija tagħna jkun akbar mis-sema u mid-dinja.

Beata Eliżabetta tat-Trinità, *1 Irtir* 2, 2

## 376. NEĦODHA FID-DEŻERT

*O Alla, fik biss ruħi ssib il-mistrieħ tagħha (Salm 62, 2).*

1. Meta Alla kien qed jilmenta mill-ġens Lhudi li kien twarrab mill-fidi primittiva, hu tkellem b'fomm il-profeta: "Neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem" (Hos 2, 16). Id-deżert kien il-post privileġġjat tal-ħbiberija ta' Alla ma' Iżrael. Hemm, wara li ħelsu mill-jasar tal-Eġittu, il-Mulej ġiegħelu jiġġerra għal erbgħin sena, mifrud minn kull poplu ieħor. Il-poplu kien bla pajjiż, bla dar, bla triq, f'ambjent li, għas-solitudni u d-distakk, kien l-aktar adatt għat-tisfija u biex iqawwilu l-fidi tiegħu. Dan biex jedukah għall-qima u l-imħabba ta' Alla l-waħdieni, biex iħejjih biex jidħol fl-art imwiegħda. U meta, wara li wasal hemm, gawda benefiċċji divini bla għadd, L-art ta' Iżrael, bħal għarusa infidila, titbiegħed minn Jaħweh biex taqdi l-idoli; Alla ra li l-mezz l-aktar li jagħti l-frott kellu jkun ir-ritorn lejn id-deżert biex ireġġgħu lura lejh. Imma dan kien ritorn spiritwali, jew li joħloq għall-poplu magħżul sitwazzjoni ta' distakk, ta' ċaħda, ta' firda li tħaffef il-konverżjoni tiegħu.

Dejjem din kienet il-pedagoġija divina li biha l-Mulej inqeda biex jikkonverti għalkollox lejh, il-qalb tal-bniedem biex iwassal sat-tmiem it-tisfija tiegħu qabel ma jdaħħlu fl-art imwiegħda: L-għaqda hienja fis-sema, jeħtieġ tibda minn hawn isfel fil-fidi u fl-imħabba msoffijin minn kull tebgħa. Il-klima tad-deżert hija klima ta' solitudni, ta' ċaħda, imma proprju din hija l-klima li tħaffef il-laqgħa ma' Alla: "Neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem." Biex issib lill-Mulej, kull ħlejqa jeħtieġ tiddeċiedi li twassal il-ħruġ tagħha min-nofs id-deżert; jew imissha toħroġ minn dak kollu li jorbotha mad-dinja u wisq iżjed minn dak kollu li jorbotha magħha nfisha, mal-imħabba tagħha nfisha, mal-egoiżmu tagħha, mal-medjokrità tagħha. Jeħtieġ taċċetta li tidħol f'solitudni morra ġewwenija fejn la jasal il-faraġ tal-bnedmin, u anqas dak ta' Alla, u hemm tippersevera billi tapprova l-għemil tal-grazzja, li jfittex li jsaffiha u jħejjiha għal-laqgħa intima ma' Alla.

2. Kif għal Iżrael l-ewwel pass biex jiltaqgħu ma' Alla fid-deżert kien il-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu, hekk ukoll l-ewwel stadju biex wieħed jimxi 'l quddiem fid-deżert tat-tisfija tal-ispirtu hu dejjem dak ta' ħelsien sħiħ mill-jasar tad-dnub. Ukoll min ilu jitħarreġ fil-ħajja

spiritwali, dejjem għandu bżonnu, għax “fl-ispirtu jibqa’ t-tebgħat tal-bniedem il-qadim, għalkemm l-ispirtu ma jaħsibx li dan ikun hekk” (San Ġwann tas-Salib *Lejl* II, 2, 1). San Pawl ukoll, għalkemm kien tant favorit minn Alla, ma waqafx li jħoss fih innifsu l-fdal tal-konkupixxenza, għajn ta’ nuqqas ta’ armonija u ta’ ġlieda qawwija: “Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm. Miniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx. Skont il-bniedem ta’ ġewwa togħġobni l-liġi ta’ Alla; iżda nilmaħ fil-membri ta’ ġismi, liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta’ moħħi. Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?” (Rum 7, 18-19.22-24). Alla biss jista’ jwettaq din l-opra ta’ ħelsien, ta’ tisfija sħiħa tal-qalb umana, bħalma wkoll hu biss, bil-qawwa ta’ dirgħajh, irnexxielu jeħles lill-poplu tiegħu mill-jasar tal-Fargħun.

Alla jindaħal billi joħloq vojt, deżert ġewwieni, madwar ir-ruħ magħżula li jkun irid iwassal għal għaqda aktar intensa miegħu nnifsu. Dan iseħħ b’mod tassew sempliċi permezz tal-ġrajjiet tal-ħajja ftit jew wisq komuni għall-bnedmin kollha: vistu, firdiet, nuqqas ta’ suċċessi, nuqqas ta’ ftehim, mard, u magħhom jiżdied abbandun li jnikket tassew min-naħa ta’ Alla. Taħt it-toqol ta’ dawn id-diffikultajiet esterni u tad-deżolazzjoni interna l-bniedem iħoss li qiegħed jerġa’ jqum fih, b’mod mhux mistenni, it-tqanqil tal-passjonijiet li kien jaħseb li issa kien rebaħhom: nuqqas ta’ paċenzja, korla, stmellija għall-ġid, u fuq kollox, għajja kbira ħafna fit-talb. Imbagħad jifhem li għadu ħafna ‘l bogħod milli jrażżan il-ġisem għall-ispirtu u jgħajjat ma’ San Pawl: “Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?” B’dan il-mod, ftit kull darba jinża’ minn kull sens li hu suffiċjenti għalih innifsu u jikseb umiltà profonda. Għalkemm b’mod moħbi, Alla ma jonqosx li jgħinu bil-grazzja tiegħu għax il-provi iebsa ta’ tisfija mhumiex għall-mewt, imma għall-ħajja. U meta xi ħadd: “sa fl-aħħar jinġieb fix-xejn, li jkun l-ogħla grad ta’ umiltà, tinħadem l-unjoni spiritwali bejn ir-ruħ u Alla” (San Ġwann tas-Salib, *Telgħa* II, 7, 11).

● Alla tiegħi, kollox hu msejken, kiesaħ, u niexef hawn isfel! Mill-ħlejqa ma nixtieq u lanqas nistenna xejn iżjed; lanqas ma nawgura li nsib fiha ħajja żgura, jew xi futur. Imma Alla tiegħi, għandi nikkuntenta b’dan? Le, il-vojt li jħallu l-ħlejjaq jeħtieġ jimtela’. Biex? Forsi bija nnifsi? X’ġenn! O mħabba mhix maħluqa, infinita, o Ħajja

tiegħi, għinni nitla' lejk! Waħdi ma nista' nagħmel xejn. Il-parti tiegħi hi biss li nitlob, fl-istennija umli, qawwwija u fiduċjuża. Inti tista' fit-tjubija kollha ħniena tiegħek, tagħmel li ngħix fik skont l-għanijiet adorabbli tiegħek, la iżjed u la inqas, għax hekk jogħġbok u mhux għal-vantaġġi li jistgħu jiġuni.

Inti ħlaqtna biex ngħixu, o Alla, imma ngħixu għalik u mhux għall-ħwejjeġ materjali u lanqas għalina nfusna, agħmel li nerġa' nitla' fin-nixxiegħa divina tal-imħabba għall-glorja ta' ismek; agħmel li tittrasforma l-għemil tiegħi, bħalma l-grazzja tiegħek ġa ttrasformat il-ħsibijiet u x-xewqat tiegħi. Mingħajr l-għemil setgħani tiegħek ma nista' nagħmel xejn.

Beata M. Tereża de Soubiran, p. 372-373

● "Għax intom mittu, u l-ħajja tagħkom hija moħbija ma' Kristu f'Alla." Xi jfisser dan ħlief li r-ruħ li tittama li tgħammar ma' Alla fil-fortizza li ma tintrebaħx tal-ġabra qaddisa, jeħtieġ tkun għal dak li hu spirtu, mifruda, imneżżgħa u mbiegħda mill-ħwejjeġ kollha? Immut kuljum. Niċċekken, niċħad lili nnifsi kuljum biex int, o Kristu, tikber u titgħolla fija. Nibqa'ċkejkna ċkejkna fil-qiegħ tal-faqar tiegħi. Ara x-xejn tiegħi, il-miżerja tiegħi, in-nuqqas ta' ħila tiegħi. Nagħraf li l-mixi 'l quddiem ma għandix ħila u perseveranza għalih. Ninxteħet fil-miżerja tiegħi u quddiem kulħadd nagħrafha u nqiegħdha quddiem il-ħniena tiegħek, o Mgħallem Maħbub tiegħi. Inqiegħed il-ferħ ta' ruħi – dwar ir-rieda u mhux dwar is-sensibbiltà - f'dak kollu li jista' jissagrifikani, jeqridni, ibaxxini, għax irrid nagħmel il-post għalik. Ma rridx ngħix aktar fil-ħajja tiegħi, imma li nkun trasformata fik, sakemm ħajti ssir aktar divina milli umana u l-Missier li jmil fuqi, jkun jista' jagħraf ix-xbieha tal-"Iben il-Maħbub li fih qiegħed l-għaxqa tiegħu kollha".

Beata Eliżabetta tat-Trinità, *1 Irtir* 3, 2

## 377. IS-SĦABA MDALLMA U MDAWLA

*Mulej, kun il-kenn tiegħi mal-jum, u dawl tas-sema billejl (Għerf 10, 17).*

1. Fil-vjaġġ matul id-deżert, Iżrael ma kienx mitluq għal riħu; Jaħweh kien qed imexxih dejjem: "Il-Mulej binhar kien jimxi quddiemhom f'kolonna ta' sħab, u billejl f'kolonna tan-nar" (Eż 13, 21). Kienet l-istess sħaba, mudlama mal-jum u tiddi bil-lejl, li wriethom it-triq. F'dik is-sħaba, il-mistiċi raw li kienet sinjal tal-preżenza divina f'nofs il-poplu tiegħu, simbolu tal-fidi li tmexxi lilna fit-tiftix tagħna għal Alla. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Il-fidi li hija sħaba sewdenija għar-ruħ, tista' tagħti dawl tajjeb li jdawwal lir-ruħ" (*Telgħa* II 3, 5). Il-fidi hija mdawla għax iddawwal lill-bniedem, tħabbarlu 'l Alla u l-misteri tiegħu; imma fl-istess ħin, ma tistax tagħtih viżjoni diretta, bħalma ġara f'dik is-sħaba li wriet lil-Lhud il-preżenza ta' Alla, imma ma kixfitux.

Fid-deżert ta' din il-ħajja, il-bniedem ma jistax ikollu gwida aktar żgura mill-fidi; b'danakollu biex jafda fiha jeħtieġ li jiċħad il-modi ta' kif jikkonċepixxi 'l Alla, għax Alla ma jistax ikun deskritt, ma tistax tesprimih bl-ideat jew kunċetti umani, l-istess kif hu 'l hinn mill-perċezzjoni tas-sensi. San Pawl jgħid: "Sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, aħna ngħixu bil-fidi mhux bil-viżjoni" (2 Kor 5, 6-7). Dan ma jfissirx li ma nistgħux nagħrfu 'l Alla: bil-maqlub Alla ried jgħarraf lilu nnifsu bir-Rivelazzjoni, permezz tal-Iben divin tiegħu li sar bniedem. Imma b'danakollu dan ikun għarfien imperfett: "Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, imma mbagħad (fil-ħajja eterna) naraw wiċċ imb wiċċ, bħalma jien magħruf issa" (1 Kor 13, 12). Aktar ma l-bniedem jimxi 'l quddiem fil-fidi aktar jifhem li fid-dinja ma jistax ikollna ħlief għarfien parzjali ta' Alla, 'l hinn minn dan jista' jkollna intwizzjoni biss tal-misteri infiniti li huma daqshekk 'il bogħod minna. Biex ma nkunux ittantati li nwasslu 'l Alla għad-dimensjoniijiet tal-kunċetti jew perċezzjonijiet tagħna, Alla nnifsu jqegħidna ġo vojt, f'nixfa ġewwiena, b'hekk jaqlagħna mill-mod tassew limitat li nagħrfu jew nipprattikaw il-ħwejjeġ divini, u jġegħilna nimxu bil-fidi biss, "li hu mill-qrib u proporzjonat li permezz tiegħu r-ruħ tingħaqad ma' Alla" (*Telgħa*, II 9, 1).

2. “Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-iSpirtu ta’ Alla: għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom, għaliex ħadd ma jista’ jgħarbilhom jekk mhux bl-ispirtu. Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox” (1 Kor 2, 14-15). Bil-magħmudija li ssawwab il-grazzja u l-virtujiet sopranaturali, in-Nisrani mhuwiex sempliċiment il-bniedem “naturali” li m’għandux ħila jifhem il-ħwejjeġ ta’ Alla. Imma qabel ma jsir “spiritwali” f’sens qawwi, jeħtieġ li d-doni li rċieva bħala żerriegħa jiżviluppaw fih billi jinfdu u jittrasformaw l-esseri tiegħu kollu u l-mod ta’ kif jaġixxi. Dan jesiġi li jirbaħ mill-għerq mhux biss lill-bniedem il-qadim – il-bniedem tad-dnub – imma wkoll il-bniedem naturali, il-bniedem tar-raġunar u tal-imġiba tajba imma li għadhom wisq tad-dinja; rebħ li ma jistax iseħħ mingħajr l-indħil ta’ Alla. U Alla jindaħal biex iwettaq dan l-eżodu, - dan il-passaġġ sħiħ tal-bniedem naturali għal dak spiritwali – għal min ifittex ‘l Alla bis-sinċerità. “Alla, jagħmel li hi [r-ruħ] tifhem b’mod ġdid lil Alla f’Alla, għax il-fehim uman ta’ Alla jitwarrab għalkollox. U jiġri li kull ħidma, li qabel kienet umana, issa ssir divina” (*Telgħa* I, 5, 7). L-ewwel stadju ta’ din it-trasformazzjoni profonda hija proprju dik li sseħħ permezz tal-fidi li “tbattal u ddallam fehim il-moħħ mill-intelliġenza naturali kollha tiegħu, u b’hekk tħejji lir-ruħ għall-unjoni mal-għerf divin” (*Lejl* II, 21, 11). F’dan il-passaġġ il-bniedem hu mgħaddas f’lejl mudlam: min-naħa waħda jara sewwa li biex imur għand Alla r-raġunar tiegħu uman hu għalkollox inadekwat u min-naħa l-oħra għadu ma jagħtix kas li proprju permezz ta’ dan in-nuqqas ta’ ħila, Alla nnifsu jaħdem biex isawwab, permezz tal-fidi, mod ġdid ta’ għarfien. Fi stat bħal dan m’hemmx bżonn li wieħed iċedi għat-tentazzjoni, bħalma għamlu l-Lhud fid-deżert, li għajjenin fl-istennija twila għal Mosè u billi ma kellhomx ħila jikkonċepixxu lil Alla spiritwalment, għamlu għalihom għoġol tad-deheb; jiġifieri l-bniedem ma għandux jerġa’ lura lejn il-mod l-antik li jirrappreżenta l-ħwejjeġ divini, iserraħ fuq l-immaġinazzjonijiet jew ideat proprji tiegħu, imma jmissu bis-sabar u f’fidi safja, jissaporti n-nixfa, id-dalma, l-istmellija u l-abbandun apparenti ta’ Alla, waqt li jikkuntenta li jibqa’ mmirat lejh b’sempliċi ħarsa ta’ fidi.

● O kelma tal-Mulej, o Verb ta’ Alla! Inti nnifsek u mhux ħaddieħor jiġi magħna, u jmexxi l-passi tagħna: ikkmanda int il-waqfien u l-mixi tagħna; agħmel li nieqfu u nimxu miegħek. Meta int tieqaf f’nofsna, aħna wkoll nieqfu u ngħassu fit-talb, fl-istudju tal-kelma tiegħek u fl-istennija tax-xewqat tiegħek; meta tiċċaqlaq minn

nofsna, niċċaqilqu miegħek aħna wkoll; minn xejn ma nibżgħu meta għandna l-iskorta u t-tmexxija tiegħek. Anzi, inti hu dak, o Verb ta' Alla, li meta tikkmandana noqogħdu fil-kwiet; agħmel fl-istess ħin li nħobbu u nagħżlu l-kwiet; u meta tikkmandana nqumu u nibdew mexjin, għamilna mħejjija għall-għajja tal-vjaġġ. Għalina mhux biżżejjed li turina x-xewqa tiegħek, bħall-poplu Lhudi; imma nistennew iktar minnek, li taħdem fina dak kollu li turina u tikkmandana; inkella, b'xorti ħażina jkollok tagħmel għalina dawk l-ilmenti li għamilt mal-poplu tiegħek tal-qedem u forsi agħar minnhom ukoll. Għax int ma tistax tistenna xi ħaġa aktar minna, imma aħna nistgħu nistennew ħafna aktar minnek; għax int m'intix biss il-Kelma tal-liġi, jiġifieri t-Triq li minna jeħtiġilna nivvjaġġaw, imma barra dan, inti l-Verità li twettaq il-liġi, u l-Ħajja li tippremja dan it-twettiq; int m'intix dik il-kolonna qadima tad-dlam u tan-nar, imma aktarx il-Kelma li saret laħam għalina minħabba mħabbtek lejna.

A. Rosmini, *Discorsi sullà carità*, p. 93-100

● O! meta se jasal dak iż-żmien hieni li fih niġi għandek, Alla tiegħi, bla ma naljena ruħi bir-riflessjonijiet u d-distinzjonijiet fil-ħwejjeġ maħluqa; li fih il-ħlejjaq ma jfixklux l-għaqda tiegħi miegħek, biex bla ma naqta' qalbi b'xi ħaġa, niġi għandek fis-sempliċità, dejjem u f'kollox? Ħallini nimmira lilek, Alla tiegħi, għax inti l-ħajja tiegħi, il-ħajja waħdiena; ħalli nixxennaq għalik b'fidi, ħajja, umli u soda. Meta, o Mulej, sa fl-aħħar se tibda tagħmilli kollox fija?... jiġifieri, meta r-rieda tiegħi, ħsibijieti, għemili u talbi jkunu ħaġa waħda mar-rieda tiegħek, ma' ħsibijietek, ma' għemilek u ma' talbek? Meta se tkun il-prinċipju ħaj tiegħi, u jien sempliċiment l-għodda, mogħtija l-ħajja bik? Imbagħad ma nkunx jien li ngħix imma aktarx inti tgħix fija.

Imbagħad meta tkun tgħix fija, int innifsek tagħmel il-ħidma tiegħek, ladarba l-grazzja qawwija tiegħek tgħinni biex nirbaħ in-natura f'kollox u għal dejjem. Din hi l-grazzja waħdanija li nixxennaq għaliha hawn fid-dinja! Li nogħla 'l fuq mill-ħwejjeġ kollha għal għandek bla ma nitnikker f'xi ħaġa, lanqas fija nnifsi.

Beata M. Tereża de Soubiran, p. 85-86

## 378. BĦAD-DEHEB FIL-GRIĠJOL

*Inħossni mifni…Dur lejja Mulej u eħlisni…*
*salvani f'ġieħ it-tjieba tiegħek (Salm 6, 3-5).*

1. Biex nidħlu f'għaqda intima ma' Alla mhux biżżejjed nimxu fil-fidi fir-relazzjonijiet tagħna diretti miegħu, jiġifieri fit-talb u fil-kontemplazzjoni tal-misteri divini, imma jeħtieġ li dan l-atteġġjament jispira l-ħajja kollha. Il-ħajja kollha tan-Nisrani jeħtieġ issir triq ta' fidi safja u qawwija; proprju għalhekk Alla jqiegħed fi prova iebsa lil ħbiebu. Irid li jkollhom il-ħila li jemmnu fih b'mod li ma jitħarrikx. Kemm-il darba, pereżempju, Alla talab minn Mosè għemil ta' fidi għamja, 'l hinn minn kull raġunament u minn kull possibbiltà umana. Li jmur għand il-Fargħun, li jgħidlu biex jeħles lil-Lhud u hu jmexxihom f'impriża li kellha tbeżża' l-ġganti, meta Mosè kien beżżiegħi u kien itemtem. San Pawl jgħid: "Permezz tal-fidi ħalla l-Eġittu bla ma beża' mil-qilla tas-sultan; żamm iebes, daqskemm kieku kien qiegħed jara lil Alla li ma jidhirx" (Lhud 11, 27). U meta l-poplu li kien diġà fi triqtu lejn id-deżert, ra li l-Eġizzjani ġejjin warajh, u sab ruħu nieqes mill-ikel, bla ilma u gerger kontra Mosè u heddewh, hu ma ċediex, imma dar lejn Alla li ppremja l-fidi tiegħu bil-mirakli: il-passaġġ fix-xott meta qasmu l-baħar, il-manna, is-summien, l-ilma ġieri li ħareġ mill-blat. B'danakollu l-patrijarka bata ħafna bl-irvellijiet kontinwi ta' Iżrael u mar jilmenta ma' Alla: "Ma niflaħx jien waħdi l-piż ta' dan il-poplu kollu; tqil wisq għalija! Jekk int se timxi hekk miegħi, oqtolni, jekk sibt grazzja quddiemek" (Num 11, 14-15).

Impossibbli tgħaddi minn ċerti provi bla ma tħossok imfarrak u bla ma terfa' lejn Alla t-tnehid tiegħek. Alla ma jikkundannax dan it-tnehid u jgħin lill-qaddejja tiegħu kemm meħtieġ biex jissuktaw fi triqthom, imma l-prova ma jwaqqafhiex. Anzi, għal Mosè aktar tqawwiet. Alla li kien iħobbu sal-punt li kien ikellmu "wiċċ imb wiċċ" bħalma bniedem ikellem lil ħabibu (Eż 33, 11) u "rrivelalu l-glorja tiegħu" (Eż 33, 18-23), kien esiġenti ħafna miegħu u meta darba naqsu mill-fiduċja, ħabbarlu li ma kienx se jitħalla jidħol fl-art imwiegħda (Num 20, 12).

Permezz tat-tbatijiet tal-ħajja, Alla jgħarbel u jqawwi l-fidi ta' ħbiebu biex jintrabtu miegħu b'mod sħiħ, u dak li ma jagħtihomx f'din id-dinja, jirriservah għall-eternità.

2. Sakemm il-provi, għalkemm ħorox, jibqgħu fuq il-livell ta' ġrajjiet esterni tal-ħajja, imma ma jħawdux l-ispirtu, hu relattivament ħafif li jiġu aċċettati. Minn dan il-lat l-imġiba ta' Ġobb hija tal-għaġeb: it-telfa ta' kulma kellu, il-mewt ta' wliedu kollha, il-marda tal-biża' li wasslitu f'solitudni kiefra, ma' ċaqilqux il-fidi tiegħu u laqagħhom b'rassenjazzjoni ta' min jammiraha. "Nilqgħu t-tajjeb mingħand Alla, u l-ħażin ma nilqgħuhx?" (Ġobb 2, 10). Imma meta l-mewġa tat-tbatija invadiet l-ispirtu tiegħu hija ġegħlitu jħoss li hu mitluq minn Alla, waqa' f'niket li ma jitfissirx u li kważi wasslu għad-dispráment. "Għalhekk l-ikel tiegħi sar il-krib, u bħall-ilma jgelgel it-tnehid tiegħi, meta kont nistenna r-risq ġieni d-deni; ittamajt id-dawl u ġieni d-dlam" (Ġobb 3, 24; 30, 26). Alla li darba kien tant twajjeb, kien iħarsu u kien qrib tiegħu, issa deher li mhux qed jagħti kas iżjed tiegħu u Ġobb inkedd għax ma setax isib u jifhem ir-raġuni ta' tant ebbusija: "Għaliex taħbi wiċċek minni, u tqisni għadu tiegħek? Jien ngħajjatlek u int ma tweġibnix, nibqa' nsejjaħ u ma tagħtix kas" (Ġobb 13, 24; 30, 20). It-tbatija ġegħlitu jokrob lejl u nhar, imma b'danakollu ħsiebu kien imdawwar lejn Alla u ma waqafx ifittxu. Imma l-istess tiftix kienet il-kawża ta' niket ġdid. "Jekk immur lejn il-lvant Hu mhux hemm, jekk lejn il-punent anqas ma nilmħu. Indur lejn it-tramuntana u ma nsibux, nilwi lejn nofsinhar u lanqas ma narah hemm" (Ġobb 23, 8-9). U għal darb'oħra: "Twerwir fuq ieħor waqa' fuqi, inkines bħar-riħ il-kobor tiegħi u l-hena tiegħi għadda bħal sħaba. Issa qed iddub ġo fija ruħi" (Ġobb 30, 15-16).

Id-dramm ta' niket li kellu Ġobb juri sa fejn jistgħu jaslu l-pwieni ta' dawk li Alla jgħaddi mil-lejl aħrax tal-ispirtu. Taħt il-pressjoni tat-tbatijiet li jaħkmu l-esseri kollu u jidhru li ma għandhomx tmiem, jidhru kważi li Alla nnifsu qed jitfi b'idu stess l-aħħar dwal tal-fidi u tat-tama, waqt li fir-realtà dawn il-virtujiet jiksbu qawwa biex ma jitfarrkux. "Jien naf li d-difensur tiegħi ħaj, nara 'l Alla. Lilu narah b'ħabib tiegħi, Dak li jilmħu għajnejja ma jkunx barrani!" (Ġobb 19, 25-27). Alla jsostni r-ruħ li jġarrabha u minn żmien għal żmien iħalli tidħol fil-moħħ mhux biss it-tama, imma ċ-ċertezza tal-indħil tiegħu. Ir-ruħ toħroġ mil-lejl bħalma d-deheb jissaffa fil-griġjol; ir-ruħ issib 'l Alla u tikkontemplah.

● O Mulej, mhux aktar sempliċi velu li jaħbik minni, imma ħajt oħxon u għoli. Dan huwa iebes, wara li ħassejtni daqshekk qrib tiegħek! Imma jiena lesta li nibqa' f'dan l-istat sakemm jogħġob lilek li tħallini fih, Maħbub tiegħi, għax il-fidi tgħidli li int għadek qrib tiegħi, u dejjem tibqa' hekk. Jiena qed infittex lilek biss. Għinni nasal għandek permezz tal-fidi safja. Qatt ma ħassejtha daqshekk il-miżerja, qatt ma rajt lili nnifsi daqshekk miżera, imma b'danakollu din il-miżerja ma tkissirnix għalkollox, għax ninqeda biha biex nersaq lejk u issa qed naħseb li hu proprju minħabba din id-dgħufija tiegħi li inti tħobbni u tajtni daqshekk! Nitolbok biex tagħti lill-erwieħ oħra l-grazzji u l-faraġ kollha tiegħek sabiex tiġbidhom lejk. Għalija hija din id-dalma li qiegħda tqarribni lejk.

Beata Elizabetta tat-Trinità, *Ittra* 47

● Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek, la twiddibnix fis-saħna tiegħek. Għax dnubieti telgħu 'l fuq minn rasi, bħal toqol kbir għalija jagħfsu fuqi. Irejħu u jdennu l-ġrieħi tiegħi, ħtija tal-bluha tiegħi. Ninsab milwi u mifni għall-aħħar; il-jum kollu ngħaddih fid-dwejjaq. Sidi, quddiemek hi x-xewqa kollha tiegħi; it-tnehid tiegħi mhux moħbi minnek. Qalbi tħabbat, saħħti ħallietni, id-dawl ta' għajnejja wkoll naqasni. Ħbiebi u sħabi mill-mard tiegħi jitgerrxu; qrabati jżommu 'l bogħod minni. Xibka ħejjewli dawk li jonsbuli ħajti, iqassu fuqi dawk li jixtiquli d-deni, il-ħin kollu l-qerq inassu. Imma jien bħal trux li ma jismax; bħal imbikkem li ma jiftaħx ħalqu. Nagħmilha ta' wieħed li ma jismax, bħal wieħed li xejn ma għandu xi jgħid. Għax fik Mulej jien nittama; int li twieġeb, Sid u Alla tiegħi… La tħallinix Mulej; Alla tiegħi, titbiegħedx minni. Fittex agħtini l-għajnuna, Sidi, is-salvazzjoni tiegħi.

Salm 38, 2.5-7.10-16.22-23

## 379. F'IDEJN ALLA

*Int il-Mulej!... agħmel minni dak li jogħġob lilek (1 Sam 3, 18).*

1. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Ir-ruħ hija mfixkla bil-kbir meta tixxennaq biex tilħaq l-istat għoli ta' unjoni ma' Alla, waqt li teħel ma' xi fehim il-moħħ, xi ħaġa li tħoss hi jew iġġib quddiem għajnejha xi ħaġa kif tidher lilha, jew skont ir-rieda proprja tagħha jew skont l-imġiba tagħha, jew teħel ma' xi att ta' xi ħaġa oħra tagħha, u ma tkunx tista' tiċċaħħad u titnażża' minn dawn il-ħwejjeġ kollha" (*Telgħa* II 4, 4). It-tribulazzjoni tal-iljieli tas-sensi u tal-ispirtu għandhom l-għan proprju li jħollu lill-bniedem minn dan l-irbit. Fil-ħajja ta' kull ħlejqa dejjem hemm għadd ta' tbatijiet biżżejjed biex iwettqu t-tisfija tagħha sa mill-għeruq; dawn huma magħżula u disposti minn Alla skont il-ħtieġa u l-qagħda ta' kull wieħed, imma b'xorti ħażina ftit huma dawk li jafu jagħmlu użu minnhom, għax ftit jafu jagħrfu fihom l-id divina li trid issaffihom. Ftit huma dawk li jħallu 'l Alla jmexxihom, li jħalluh iħotthom u jagħmilhom mill-ġdid kif jogħġob lilu, waqt li hemm ħafna li jippretendu li jaslu għall-għaqda divina skont il-pjani u l-ideat tagħhom. "Ibni, jekk tiġi biex taqdi lill-Mulej ħejji ruħek għat-tiġrib…. Kulma jiġi fuqek, ilqgħu; u żomm sħiħ fl-inkwiet tal-umiljazzjoni tiegħek. Ikollok fiduċja fil-Mulej, u jieqaf miegħek, żomm triqatek dritti u ttama fih" (Sir 2, 1.4.6). Il-bniedem qatt ma jipperswadi ruħu biżżejjed li "t-triq id-dritta" biex jasal għand Alla u għall-qdusija hija dik imfassla minn Alla nnifsu u mhux dik magħżula skont ma jifhem hu. Il-bniedem jew isir qaddis skont Alla jew ma jsir qaddis xejn; jew iħalli f'idejh jew ma jasal qatt għall-għan tiegħu.

"Hemm ħafna li jixtiequ jimxu 'l quddiem u b'insistenza kbira jitolbu 'l Alla li jgħaddihom għal dak l-istat ta' perfezzjoni [l-għaqda miegħu]. Imma malli jibda jmexxihom mill-ewwel tribulazzjonijiet, mill-ewwel mortifikazzjonijiet, skont kif inhu meħtieġ, huma mill-ewwel jirribellaw, jerġgħu lura, jaħarbu t-triq id-dejqa tal-ħajja u jfittxu t-triq il-wiesgħa tal-faraġ" (Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 2, 27). Jippreferixxu jimxu skont kif ifettlilhom huma, u għalhekk Alla li ma jkissirx ir-rieda tal-bniedem, iħallihom fil-medjokrità tagħhom.

2. Quddiem il-ġrajjiet tan-niket tal-ħajja – nuqqas ta' ftehim, fjaski, nuqqas ta' fortuna, sitwazzjonijiet diffiċli tal-ambjent – jeħtieġ

noqogħdu attenti mit-tentazzjoni li noqogħdu nirraġunaw jekk humiex ġusti jew inġusti, li nattribwuhom għall-ħażen tal-oħrajn, jew li noqogħdu nistħarrġu l-motivi. Bil-maqlub jeħtieġ ħarsa safja ta' fidi li tara f'kollox l-id ta' Alla li jipprova lill-ħlejqa tiegħu biex isaffiha. Proprju bil-fidi kbira tiegħu, Ġobb, meta ħabbrulu t-telfa tal-ġid u ta' wliedu, "niżel wiċċu mal-art u beda jsalli u jgħid: Il-Mulej tani, il-Mulej ħadli: ikun imbierek isem il-Mulej" (Ġobb 1, 20-21). U l-istess ġara aktar tard meta sab ruħu maħtuf mid-dalma u min-niket kien igerger u juri l-innoċenza tiegħu, il-fidi ġiegħelitu jagħraf li għalkemm Alla jippermetti tbatijiet li ma jitfissrux, huwa dejjem ġust u għaref u mhux leċitu għall-bniedem li jindaga l-imġiba tiegħu: "Alla mhux bniedem bħali biex nisfidah!" (Ġobb 9, 32). Il-provi tal-bniedem sa fl-aħħar jintemmu meta jissottometti ruħu għalkollox għal-pjani misterjużi ta' Alla, u jwarrab kull raġunar u difiżi personali.

In-Nisrani għandu wisq aktar motivi li jintelaq f'idejn Alla li jkun qiegħed jippruvah. Hu jaf li Alla huwa l-Ħallieq tiegħu u li għandu kull dritt fuqu; imma jaf ukoll li Alla huwa l-Missier tiegħu u qed jippruvah mhux biex jitturmentah, imma biex ifejqu u jqaddsu, jaf li Alla sar ħuh, u meta sar bniedem, ried jagħraf it-tbatija biex iħallas fih innifsu l-miżerji kollha tal-bnedmin, u biex mit-tbatija jagħmel is-sagrament tal-fidwa. Meta n-Nisrani jiffissa l-ħarsa tiegħu fuq Kristu li sofra meta kien innoċenti għalkollox, in-Nisrani jifhem kemm għandu bżonn, għax hu midneb, li jissieħeb fit-tbatija tiegħu biex jerġa' jikseb l-innoċenza li kien tilef, u s-safa sħiħ. U aktar minn hekk huwa se jkun mgħejjun minn tama li ma tintrebaħx: għax "it-tbatijiet ta' issa ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-glorja li għad trid tidher fina" (Rum 8, 18).

Mill-bqija, Alla hu ħieles għalkollox; ma jmexxix żewġ persuni mill-istess triq, ma jintrabatx ma' pjani fissi: Hu jqassam in-niket u l-ferħ, ibiddel id-dlam mad-dawl skont kif jogħġob lilu u skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. Imma hu żgur li aktar ma jixtieq jerfa' lill-ħlejqa għall-għaqda intima miegħu, wisq aktar jippruvaha u jsaffiha, biex imbagħad jagħtiha "dwal aktar intimi" (Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 2, 20).

● "X'ma tagħmilx int, Mulejja, għall-akbar ġid ta' dik ir-ruħ li inti taf li hija diġà tiegħek, għax tqiegħed lilha nfisha f'idejk biex timxi warajk kulfejn tmur, saħansitra wkoll sal-mewt tas-salib, u tassew trid

li tgħinek terfa’ salibek u ma tħallikx mgħobbi bih waħdek. Faħħru ‘l-Maestà Tiegħu għal dan u afdaw fit-tjubija tiegħu li qatt ma naqset lil ħbiebu. Ħa nemmnu li dan hu għall-akbar ġid tagħna. Ħa jmexxina l-Maestà Tiegħu fejn irid Hu. Aħna m’aħniex tagħna nfusna, imma tiegħu. Agħmel, Mulej, dak li trid. La tħallinix noffendik u la tħallix li jgħibu l-virtujiet tiegħi, jekk inti għoġbok tagħtihomli fit-tjubija kbira tiegħek. Irrid inbati, Mulej, għax int batejt. Ħa titwettaq fija b’kull mod ir-rieda tiegħek; u ma jkun qatt li l-Maestà Tiegħek tagħti don hekk prezzjuż bħalma hi mħabbtek lil min jaqdik biss biex ikollu l-faraġ hu.”

S. Tereża ta’ Ġesù, *Ħajja* 11, 12

● Mulejja, Ġesù tiegħi, kun miegħi kull ħin u kullimkien. L-hena tiegħi għandu jkun dan: li ndarri ‘l qalbi li ma tfittixx is-sabar minn bnedmin bħali, u jekk stess tonqosni l-konsolazzjoni tiegħek, agħmel li l-akbar hena tiegħi jkun dan: li nagħmel ir-rieda tiegħek, u li l-għemil tiegħi jkun jogħġob lilek. Għax int Mulej, ma tibqax dejjem qalil għalina, u anqas ma tibqa’ theddidna għal dejjem.

Mulej, sakemm ir-rieda tiegħi tibqa’ dejjem tajba u magħquda miegħek fis-sod, agħmel minni dak li jogħġbok, għax ma jistax ikun ħlief l-aħjar, dak li jogħġbok tagħmel bija. Jekk tridni nkun fid-dlam, kun imbierek, u jekk tridni nkun fid-dawl, kun imbierek għal darb’oħra; u jekk ir-rieda tiegħek hi li għandi nsofri, kun imbierek ukoll.

Mulej, jien lest insofri għalik bil-qalb dak kollu li jogħġbok tibgħatli. Jien irrid xorta waħda nilqa’ minn idejk it-tajjeb u l-ħażin, il-ħlewwa u n-niket. Naddafni minn kull dnub u ma nibża’ la mill-mewt u lanqas mill-infern. Biex ma twarrabnix għal dejjem, u lanqas tħassarni mill-ktieb tal-ħajja, tkun xi tkun it-tribulazzjoni li tiġi fuqi, ma tweġġagħnix.

*Imitazzjoni ta’ Kristu* III 16, 2; 17, 1-4

## 380. IT-TNEHID TAL-ISTENNIJA

*Isma Mulej leħen l-għajta tiegħi, ħenn għalija u weġibni!*
*(Salm 27, 7).*

1. Il-Mulej irid ineżżaʼ għalkollox lill-ħbieb tiegħu mill-bniedem il-qadim, iġeddidhom fl-ispirtu u jlibbishom bil-bniedem il-ġdid "maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Ef 4, 23-14). Biex naslu għal dan l-għan "Hu jneżżgħalhom il-fakultajiet tagħhom, il-ġibdiet u s-sentimenti, u jħallu fid-dlam il-fehim il-moħħ, niexfa lir-rieda, u battala lill-memorja, tassew vojta fil-ġibdiet kollha, bʼniket l-aktar kbir, u bʼrażan u kull xorta taʼ mrar waqt li jieħu mir-ruħ kull pjaċir u esperjenza tal-barkiet spritwali li kellha qabel" (Ġwann tas-Salib, *Lejl* II, 3, 3). Il-lejl tal-ispirtu jaħkem il-bniedem kollu u kif l-intellett hu msoffi u mqiegħed fid-dlam tal-fidi, hekk il-memorja tissaffa u titqiegħed fil-vojt permezz tat-tama, li tmur ʻl hinn mill-ħwejjeġ tajba li għandna, u tagħmel li ninsewhom bħala ħwejjeġ taʼ siwi żgħir, u tmexxi l-qawwa kollha tar-ruħ għax-xewqa waħdiena taʼ Alla. Aktar ma t-tama teologali tikber fina, aktar ma nkunux sodisfatti bʼdak kollu li nkunu ksibna fl-isfera spiritwali kif ukoll fʼdik materjali: kollox huwa ftit wisq biex jissodisfa x-xenqa tagħna u l-ġuħ għal Alla. It-tifkira tal-grazzji li rċevejna, flok tkunilna taʼ faraġ, issir kawża taʼ nkwiet, jew minħabba l-bižaʼ tagħna li ma kkoperajniex magħhom, jew għax mhumiex biżżejjed biex jaqtgħulna x-xewqa għal Alla li qiegħda dejjem titqawwa. Imbagħad nifhmu u ngħixu l-kliem taʼ San Pawl: "Aħna li għandna l-ewwel frott tal-ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni taʼ wlied… Għax bit-tama aħna konna salvati" (Rum 8, 23-24). Bil-grazzja u l-virtujiet teologali li jsieħbu lill-bniedem fil-ħajja divina aħna nsiru "l-ewwel frott", aħna żerriegħa taʼ salvazzjoni, taʼ qdusija, taʼ għaqda maʼ Alla, imma għad ma wasalniex għal qdusija sħiħa, u għal għaqda perfetta. Il-frott misjur qiegħed "fit-tama" u għalhekk sakemm il-bniedem qed jgħix hawn, dejjem jistenna ġid akbar, u aktar ma jkunu qawwijin l-istennija u t-tama tiegħu aktar jinsa kull għan li laħaq wasal fih u jitniehed bit-tama li jkollu ʼl Alla bʼmod sħiħ. San Ġwann tas-Salib jgħid: "It-tama tbattal u teħles lill-memorja mill-ħwejjeġ kollha maħluqa, teħles lill-memorja minn dak li għandha s-setgħa li jkollha u tqegħidha fʼdak li tittama fih. Għal din ir-raġuni, it-tama fʼAlla

waħdu tħejji lill-memorja biss għall-unjoni ma' Alla f'din il-ħajja" (*Lejl* II, 21, 11).

2. "Din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-iSpirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5, 5). Mhux għalxejn wieħed jiddistakka ruħu minn kull ġid maħluq biex ifittex 'l Alla biss, biex jgħix fit-tama tal-għaqda perfetta miegħu, għax Alla jħobb il-bniedem u tah l-imħabba tiegħu proprju biex ikollu l-ħila jingħaqad miegħu fi ħbiberija personali.

L-imħabba, il-virtù li tinkuruna u tipperfezzjona l-fidi u t-tama, hija wkoll il-virtù li ġġib u tipperfezzjona t-tisfija li jkunu bdew il-fidi u t-tama; hija tbattal ir-rieda minn kull affett li mhux Alla. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Fejn hemm l-imħabba vera, ma tidħolx l-imħabba tagħna nfusna u ta' ħwejjiġna " (*Lejl* II, 21 10). Alla ma jaċċettax li jkun Maħbub parzjalment, ma jammettix kompetituri; hu nnifsu amar: "Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dt 6, 5). Din l-imħabba ta' preferenza assoluta titlob ukoll li r-rieda tkun imsoffija u mbattla mill-affetti kollha li, jaqsmu l-forzi tagħha, u ma jħallux jitwettaq il-kmandament il-kbir tal-imħabba ta' Alla. Għalhekk Ġesù stqarr bla tlaqliq: "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi: min iħobb lil ibnu jew lil bintu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi" (Mt 10, 37). Alla li ta lill-bniedem il-ħila li jħobb, żamm għalih l-ewwel imħabba tiegħu, ma ċediex lill-oħrajn l-ewwel post tiegħu fil-qalb tal-ħlejqa tiegħu. U aktar ma l-bniedem jikber fl-imħabba tiegħu għal Alla, tant iżjed din l-imħabba tikber u tixrob il-forzi kollha tar-rieda, jifridha u jbattalha minn kull affett ieħor. Imma li tikber fl-imħabba divina ma jfissirx li tiggosta l-hena; anzi fil-lejl tal-ispirtu dawn il-gosti jieqfu, għax Alla jrid li l-bniedem jitgħallem iħobbu bla ma jfittex xi faraġ. Ir-ruħ, imbagħad "hija niexfa u kiesħa, rari jkollha ħeġġa, bla ma jsib solliev f'ebda ħaġa u lanqas xi ħsieb li jfarrġu, u bla ebda qawwa li jerfa' 'l qalbu lejn Alla" (Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 1, 20). Dan ma jfissirx li l-bniedem ma jkunx jaf iħobb, anzi jkun qiegħed jikber fl-imħabba u jekk minkejja dawk it-tribulazzjonijiet jibqa' fidil lejn Alla, l-imħabba tiegħu ssir aktar safja u aktar qawwija.

Waqt li jimxi fil-fidi, fit-tama, fl-imħabba l-bniedem jissaffa u jgħaddi mill-lejl tal-ispirtu bla ma jintilef fid-dlam u fin-nixfa, għax dawn il-virtujiet iżommuh ankrat f'Alla bil-qawwa kollha.

● Għinni o Alla! Tħallinix o Alla f'din l-estremità! O Alla, agħtini l-qawwa, għax il-forzi tiegħi qegħdin jonqsuni. Ma niflaħx aktar: żommni b'idek ħanina! O Alla, inti rieqed fid-dgħajsa ta' ruħi u t-tempesta tal-baħar se tgħarraqni. Mulej Ġesù, mingħajrek ma jistax ikun hemm trankwillità (*Istruzzjonijiet* lil Giovanni da Fano 9, p. 209).

O ħelu Ġesù, xi kliem iebes, li tixtieqni nerfa' s-salib! Int ma tafx kemm jien dgħajfa biex inbati? Imma kemm jien imsejkna! Jekk int li int id-dija li tgħammex tad-dawl etern, kont imdendel mas-salib, nista' jien, li jien trab u rmied, nibqa' ħielsa minn dan is-salib? Int li ma għamilt ebda dnub kont imsallab għalija; għandi nirrifjuta li nkun imsallba għalik? Mulej, agħtini dan il-kobor ta' qalb u ta' gratitudni biex nixtieq b'qalbi kollha li nsofri u nkun imsallba għalik (*Trattato della purità del cuore* 5, p. 230)

Beata Kamilla minn Varano, *Trattat dwar is-safa tal-qalb, Xogħlijiet spiritwali*

● O għajn li tara kollox, Alla tal-ħajja, tat-tjieba, tat-tama, isma' l-għajjat tat-tnehid ta' ruħi mnikkta! Mulej Ġesù, li sirt bniedem għas-saħħa tagħna meta ħadt in-natura tagħna biex aħna nistgħu nissieħbu fin-natura divina tiegħek ħa jkun jogħġbok – nitolbok, int li titħassarna – li ssawwarni mill-ġdid, ġarra tat-tafal imfarrka u meqruda. Nitolbok li terġa' ssawwarni mill-ġdid, fin-nar tal-kelma tiegħek, xbieha tiegħek sfigurata bid-dnub. Saffini nitolbok, o Benefattur tiegħi! La tħallasx deni b'deni l-għemil ħażin tiegħi… Int li tagħti l-ħajja lil kulħadd bir-rieda li ssalva tiegħek.

O Sultan tas-sema, agħmel li nintrabat bit-tama fik b'mod li ma jinħallx, li nerġa' nilbes skont il-kliem ta' Isaija, bil-qawwa ta' driegħek setgħan u bis-safa tal-bidu, biex turi l-glorja u l-ħlewwa tad-divinità, li tagħtina l-ġid kollu.

S. Girgor ta' Narek, *Le livre de priers*, p. 129-130.133

## 381. IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

## SENA A

*Imbierek kulmin jibża' minnek, Mulej,*
*u min jimxi fi triqatek (Salm 128, 1).*

Il-qari ta' tal-lum iġib quddiem għajnejna l-ħsieb tal-għassa nisranija u għalhekk tal-ħajja preżenti bħala stennija u tħejjija tal-ħajja li ġejja. Il-punt tat-tluq jista' jkun it-tieni qari (1 Tess 5,1-6) li fiha San Pawl jistqarr li għalxejn noqogħdu nfittxu meta se jasal "jum il-Mulej", jew meta se titwettaq it-tieni miġja glorjuża ta' Kristu, għax hu jiġi għal għarrieda "bħal ħalliel billejl" (1 Tess 5, 2). Hija xbieha li diġà kienet użata minn Ġesù (Mt 24, 43) li tista' tkun applikata kemm għall-parusija u kemm għat-tmiem ta' kull bniedem. Fuq din is-siegħa, ħaġa waħda hi ċerta: li tiġi żgur, imma meta u kif, Alla biss jaf. Għalhekk teħtieġ l-għassa u fl-istess ħin it-telqa kollha fiduċja għad-dispożizzjonijiet ta' Alla. Waqt li min jaħseb biss kif se jgawdi l-ħajja bħallikieku mhu se jmut qatt, iwiegħed lilu nnifsu "paċi u sigurtà" tiġi fuqu f'daqqa waħda dak li ma kienx jistenna "ir-rovina". Min bil-maqlub bħala veru "bin id-dawl" ma jinsiex il-qosor tal-ħajja tal-art u jgħasses fl-istennija tal-Mulej, ma jkollux mniex jibża'. Dan hu dak li jgħallmuna ż-żewġ qari l-oħra waqt li jippreżentawlna eżempji konkreti.

L-ewwel qari (Prov 31, 10-13.19-20.30-31) jitkellem mil-figura tal-mara virtuża, mogħtija għall-familja, fidila għad-dmirijiet tagħha ta' mara miżżewġa u omm, bieżla fix-xogħol tagħha, u tagħmel karità mal-foqra. Tifħir għoli jgħannulha: "Mara ta' ħila min isibha? Tiswa ħafna aktar mill-ġawhar. Fuqha tistrieħ qalb żewġha, u dan żgur ikunlu ta' ġid. Risq tajjeb iġġiblu, u mhux ħażin, il-jiem kollha ta' ħajjitha" (Prov 31, 10-12). Ukoll illum meta l-mara hi maqsuma bejn id-dar u l-professjoni, id-dmir fundamentali jibqa' dejjem il-kura tal-familja, id-dedikazzjoni għal żewġha u għat-tfal, u l-ħsieb li huma jsibu ambjent ta' konfort fid-dar, fis-sħana tal-imħabba. Is-silta biblika tagħlaq billi tqiegħed "il-mara li tibża' mill-Mulej" 'il fuq mill-manjieri u l-ġmiel, għax dawn huma dejjem vojta u jgħibu, waqt li l-virtù biss hija s-sies tal-hena tal-familja u hija mfaħħra minn Alla. Mara bħal din fi tmiem ħajjitha għad jistħoqqilha l-kelma li lissen Ġesù għall-qaddej fidil: "Sewwa, idħol fl-hena ta' sidek" (Mt 25, 21).

L-Evanġelju (Mt 25, 14-30), meta jirrakkonta l-parabbola tat-talenti, jitkellem proprju mill-qaddej fidil li ma ħeliex il-ħajja fil-passatempi u fl-għażż, imma ħaddem b'imħabba intelliġenti d-doni li rċieva minn Alla. Alla jqassam lil kull bniedem it-talenti tiegħu: id-don tal-ħajja, il-ħila li jifhem u jrid, li jħobb u jaġixxi, il-grazzja, l-imħabba, il-virtujiet infużi, is-sejħa personali. Ma jagħmilx inġustizzja meta jqassam b'mod divers id-doni tiegħu ladarba jagħti lil kull wieħed kemm hu meħtieġ għas-salvazzjoni. L-importanti mhux li jirċievi ħafna jew ftit, imma li jħaddem b'impenn dak li jkun irċieva. Hija umiltà falza dik li ma tagħrafx id-doni ta' Alla u hija ċokon u għażż li tħallihom bla ma tħaddimhom. Hekk għamel il-qaddej għażżien li difen it-talent li rċieva u li l-padrun ċanfar bl-aħrax. Alla jesiġi bi proporzjon dak li jkun ta, imma dak li ta jeħtieġ ikun użat għall-qadi tiegħu jew għal dak tal-aħwa. Mill-bqija lil min tah ħafna jkun mitlub ħafna. Għalhekk fl-aħħar mill-aħħar kull wieħed ikun ittrattat skont l-għemil tiegħu. Kastig tremend għall-qaddej ħażin, tifħir u premju għal-qaddejja fidili. Anzi dawn jirċievu premju wisq ogħla mill-merti tagħhom. Fil-fatt mal-kliem "int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdalek ħafna" li jirriferi għall-premju ta' fedeltà ta' kull wieħed, u miegħu, jiżdied kliem ieħor: "Idħol fl-hena ta' sidek" (Mt 25, 21). Dan hu l-premju tal-ġenerożità ta' Alla li jdaħħal lill-qaddejja fidili tiegħu fil-komunjoni tal-ħajja tiegħu u tal-hena etern. Don li għalkemm jitlob l-impenn tal-bniedem, huwa dejjem infinitament aqwa mill-merti tiegħu.

● O Feddej tad-dinja, li tlajt fis-sema, u tajt id-doni tiegħek lill-bnedmin, waqt li qassamt talenti u grazzji differenti fost id-dixxipli tiegħek għall-ġid tagħhom u tal-Knisja tiegħek, agħtini l-iSpirtu li ġej minnek, biex nifhem id-doni li tajtni; għax jekk ma nkunx naf liema doni tajtni, ma jkollix il-ħila napprezzahom, u lanqas nagħmel użu tajjeb minnhom. Għalhekk agħtini l-grazzja li nagħrafhom, imma bl-umiltà, biex ma nqarraqx bija nnifsi billi naħseb li huma aktar numerużi jew akbar milli tassew huma. Agħmel li nikkuntenta b'dak li tajtni, biex la mmaqdar minħabba s-suppervja lil dawk li għandhom anqas minni, u lanqas ngħir għal dawk li għandhom iżjed minni, imma nitħabat biss li nuża għalik, il-ħafna jew il-ftit li tajtni. Żommni attent għall-miġja tiegħek, biex naħdem fedelment b'mod li meta nħares lura, kont inkun nixtieq li nkun ħdimt. Biex meta l-mewt tasal fuqi f'nofs ħidma bħal din, inti tirċevini fis-saltna tiegħek.

O ferħ etern u immens, o ferħ li jixraq lil Alla! O attenzjoni hienja, li biha dawk li huma mħeġġin jiksbu l-ferħ tas-sema!

L. De Ponte, *Meditazioni* III, 58, 1.3

## SENA B

*Agħmel, Mulej, li nkun attent u nishar fl-istennija tiegħek (Mk 14, 33).*

Waqt li s-sena liturġika riesqa lejn it-tmiem, il-Liturġija tistieden lill-Insara biex jimmeditaw fuq it-tmiem taż-żmien li jaqbel mal-parusija, ir-ritorn glorjuż ta' Kristu u li kollox jiġġedded fih fil-ħwejjeġ kollha. Il-ġrajja kbira eskatoloġika murija mill-qari tal-lum, speċjalment mill-profezija ta' Danjel (12, 1-3 1º qari) u mill-Evanġelju (Mk 13, 24-32).

Iż-żewġ siltiet jistgħu jitqiesu paralleli, għalkemm fl-Evanġelju kollox huwa mdawwal b'dawl ġdid li ġej mill-aspett Kristoloġiku. It-tnejn iħabbru żmien ta' tbatija kbira li turi t-tmiem tad-dinja preżenti. Danjel jgħid: "Jiġi żmien ta' għawġ, li qatt ma jkun deher ieħor bħalu" (Dan 21, 1). L-Evanġelju jikkonferma dan: "Dawk il-jiem ikunu jiem ta' dwejjaq li mill-bidu tad-dinja li ħalaq Alla sal-lum għadu qatt ma kien hawn bħalhom" (Mk 13, 19.24). Huwa veru li l-profeziji ta' Danjel bħal dik ta' Kristu għandhom x'jaqsmu ma' ġrajjiet storiċi li kienu se jseħħu dalwaqt – il-persekuzzjoni tal-Lhud mis-slaten pagani u l-qerda ta' Ġerusalemm – imma f'sens sħiħ huma jirreferu għat-tmiem taż-żminijiet. Il-provi u l-persekuzzjonijiet ta' dik is-siegħa kellhom ikunu l-aħħar sejħa għall-konverżjoni tal-midinbin u l-aħħar tisfija tal-magħżulin. Għalxejn noqogħdu nfittxu meta u kif dan se jseħħ; dan hu s-sigriet ta' Alla. Jeħtieġ aktarx nirriflettu li mill-mewt u l-qawmien ta' Kristu 'l hawn l-istorja kollha hija mmirata għall-parusija u għalhekk għandha sservi ta' tħejjija għat-tieni miġja glorjuża tal-Mulej. Il-ġrajjiet u t-tribulazzjonijet tal-lum, kif ukoll dawk ta' għada, kemm tal-individwi kif ukoll tal-ġnus, għandhom l-għan waħdieni li jħejju lill-bnedmin għall-aħħar miġja ta' Kristu u għall-glorifikazzjoni tagħhom fih: "il-poplu tiegħek jinħeles, dawk kollha li jkunu nstabu miktuba fil-ktieb" (Dan 12, 1), jiġifieri kull min hu miktub fost il-magħżulin. Il-ħelsien ikun sħiħ u fih tissieħeb ukoll il-materja mal-qawmien tal-iġsma. Il-ġusti, fil-fatt jirxuxtaw "għal ħajja ta' dejjem" u "jkollhom dija bħal dik tas-sema" (Dan 12, 2-3); u warajhom dawk li ħadmu aktar għas-salvazzjoni tal-aħwa jkunu "jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem" (Dan 12, 2-3). Kemm huma sbieħ dawn id-dettalji, għax juru minn qabel il-glorja merfugħa għall-Knisja, għall-Appostli. Imma hemm ukoll dak li hu kontra: dawk li rreżistew għall-grazzja jerġgħu jqumu "għall-mistħija, għall-istmerrija ta' dejjem," u

b'hekk ikomplu r-rovina li għażlu bl-oppożizzjoni stinata kontra Alla. Punt ieħor ta' kuntatt bejn iż-żewġ siltiet hu l-indħil tal-anġli favur il-magħżulin. Danjel isemmi lil Mikiel, l-arkanġlu li jgħasses fuq il-poplu ta' Alla; l-evanġelju tal-anġli in ġenerali li huma mqabbdin biex "jiġbru flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema" (Mk 13, 27). Ħadd ma jkun minsi; kulħadd – anġli u bnedmin – ikunu msejħa għat-tieni miġja glorjuża tas-Salvatur. "Imbagħad jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fis-sema b'qawwa kbira u bi glorja" (Mk 13, 26). Kristu li l-ewwel darba ġie fid-dinja fl-umiltà, fil-moħbi, fit-tbatija biex jeħlisna mid-dnub, jerġa' jiġi fi tmiem is-sekli fid-dija kollha tal-glorja tiegħu biex jiġbor il-frott tal-opra feddejja tiegħu. Issa nistgħu nifhmu kif il-Knisja tal-bidu, mimlija bl-imħabba għal Kristu u mixtieqa li tara l-wiċċ glorjuż tiegħu, stenniet bil-ħeġġa l-parusija: "Ejja, Mulej Ġesù!" (Apk 21, 20) kienet l-għajta mkebbsa tal-ewlenin Insara li għexu b'qalbhom imdawra lejh bħallikieku kien diġà fil-bieb. Hekk ukoll għandha tkun l-attitudni ta' min fehem it-tifsira profonda tal-ħajja nisranija: stennija għal Kristu, u ħruġ biex jiltaqgħu miegħu bil-musbieħ tal-fidi u tal-imħabba tixgħel.

● Inti diġà taf, Mulejja, li ħafna drabi aktar kont inħossni mwerwra li naħseb li għad nista' nara lil wiċċek inkorlat għalija f'dak il-jum tal-biża' tal-aħħar ġudizzju milli mit-tbatijiet kbar u l-aktar ħorox tal-infern li stajt inġib quddiem għajnejja: għalhekk tlabtek li, fil-ħniena tiegħek, teħlisni minn ħaġa hekk ta' niket: u hekk nitolbok minn qalbi issa wkoll, Mulej. X'jista' qatt jiġrili hawn fuq l-art li jista' jiġi mxebbah ma' ħaġa bħal din? Jiena lesta nilqa' kollox, Alla tiegħi, iżda eħlisni minn niket bħal dan. La tħallinix Alla tiegħi, la tħallinix bla ma nithenna fil-paċi bi sbuħija hekk kbira. Missierek tak lilna; ħalli ma nitlifx, Mulejja, ħaġra hekk prezzjuża, Nistqarr, Missier, għad hemm rimedju. Mulej, għad hemm rimedju.

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ* 14, 2

● Agħmel, Mulej, li nkun magħduda max-xebbiet għaqlin u nibqa' fl-istennija tal-Għarus tas-sema bil-musbieħ mixgħul u mimlija biż-żejt. Ma ninħasadx bil-miġja għal għarrieda tas-Sultan, nimxi fil-kor tal-verġni biex niltaqa' miegħu, nifraħ bid-dawl żgur tal-għemil it-tajjeb, nimxi wara l-Ħaruf.

S. Ġertrude, *Esercizi* 3, p. 112

## SENA Ċ

*Il-Mulej jiġġudika d-dinja bil-ġustizzja (Salm 98, 9).*

Il-Liturġija tal-Ħadd li għadda kellmitna fuq il-qawmien tal-mejtin, u dawritilna ħsiebna għar-realtà 'l hinn mid-dinja. Illum nibqgħu sejrin f'din id-direzzjoni u nħarsu lejn "jum il-Mulej" meta, fl-aħħar taż-żmien, Kristu jerġa' jiġi "fil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin" (Kredu). Il-profeta Malakija (3, 19-20a; 1° qari) jippreżenta s-suġġett b'kuluri qawwija: "Għax, ara, jiġi l-Jum, jaqbad qisu forn, u l-kburin kollha u dawk kollha li jagħmlu l-ħażen ikunu tiben, u l-jum li ġej għad jaħraqhom" (Mal 3, 19). Xbihat li ftit jogħġbu l-mentalità moderna imma b'danakollu jesprimu verità kbira. Jekk fil-ħajja preżenti l-ħażen sikwit jittrijonfa u dawk li jiżżufjettaw b'Alla jkollhom suċċess u xorti tajba, jasal żmien li fih Alla nnifsu jerġa' jqiegħed kollox f'postu skont il-ġustizzja. "Imbagħad mill-ġdid tagħrfu tagħżlu bejn il-bniedem ġust u l-ħażin, bejn min jaqdi 'l Alla u min ma jaqdihx" (Mal 3, 18).

Kull wieħed ikollu x-xorti li jkun ħejja bl-imġiba tiegħu stess. Hekk waqt li għall-ħżiena l-jum tal-ġudizzju jkun bħal nar li jeqred, għall-ġusti jkun it-turija tal-ħniena ta' Alla. Il-Mulej jgħid: "Nagħdirhom kif raġel jagħder lil ibnu li jaqdih" (Mal 3, 17). Din hi espressjoni delikata li turi t-tjubija paterna ta' Alla li jħallas lil dawk li jħobbuh 'il fuq minn kull mertu tagħhom. Għalihom "titla' x-xemx tal-ġustizzja" (Mal 3, 20), Kristu l-Mulej li, wara li dawwal id-dinja biex imexxiha fit-triq tas-sliem (Lq 1, 79), jerġa' jiġi biex jilqa' fil-glorja eterna tiegħu lil dawk li jkunu mxew fid-dawl tiegħu.

L-Evanġelju (Lq 21, 5-19) jagħtina silta mill-priedka ta' Ġesù dwar it-tmiem tad-dinja, li fiha t-tħabbir tal-ġrajjiet li għad jiġu qabel it-tmiem huma minsuġin mat-tħabbir ta' dawk li kellhom jiġu qabel il-waqgħa ta' Ġerusalemm u l-qerda tat-Tempju. Il-Mulej jitkellem b'mod speċjali mid-dehra għal għarrieda ta' ħafna li jilagħbuha ta' rappreżentanti tiegħu, u jmexxu tagħlim ħażin u profeziji foloz. "Araw li ma titqarrqux. Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu: 'Jien hu' u 'ż-żmien wasal.' Tmorrux warajhom" (Lq 21, 8). It-tgħawwiġ tal-verità hija l-periklu l-aktar qarrieq. Jeħtieġ noqogħdu attenti biex nagħrfuhom, min jikkontradiċi l-iSkrittura, min ma jibqax mal-Knisja,

mal-Papa ma għandux ikun mismugħ. Imbagħad Ġesù ħabbar "gwerer, irvellijiet, terremoti, mard ikrah, ġuħ" (Lq 21, 9-10). L-istorja ta' kull żmien tirreġistra diżgrazzji ta' din il-kwalità; għalhekk ikun żball li tara fihom – bħal fil-ħafna profeti foloz - is-sinjal ta' tmiem imminenti. Ġesù nnifsu meta tkellem fuq dawn il-ħwejjeġ qal: "tinħasdux għax jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih" (Lq 21, 9). B'danakollu dawn il-ġrajjiet "jeħtieġ jiġru." Fil-pjan divin l-għan tagħhom hu li jfakkruna li hawn fid-dinja kollox jgħaddi, kollox hu fi triqtu lejn "smewwiet ġodda u art ġdida, li fuqhom tgħammar il-ġustizzja" (2 Pt 3, 13), fejn il-ġusti jissieħbu għal dejjem fil-glorja tal-Mulej tagħhom. Il-persekuzzjonijiet li jaħqru l-Knisja f'kull żmien għandna nħarsu lejhom bl-istess mod; dawn mhumiex għat-telfien, imma għall-ġid tal-Insara, biex tingħarbel u tissaħħaħ il-fidi tagħhom. "Dan ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda" (Lq, 21, 13). Is-silta tagħlaq mhux biss fuq nota ta' paċi, imma fuq waħda mimlija bil-fiduċja. Ġesù jħeġġeġ lid-dixxipli biex ma jinkwetawx anqas meta jkunu maqfulin fil-ħabs, imkaxkrin fil-qrati, ippersegwitati mill-ħbieb jew minn dawk li jiġu minnhom, u jsiru l-mira tal-mibegħda ta' kulħadd. Hu se jkun jgħasses fuqhom, u għalkemm jistgħu jitilfu ħajjithom minħabba f'ismu, huma jiksbuha għall-eternità kollha. "Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom!" (Lq 21, 19): Ir-rebħa ma tiġix bl-ansjetajiet tagħna, bil-protesti jew bid-diskussjonijet, imma billi nipperseveraw f'lealtà lejn Kristu, nafdaw fih ukoll jekk ikun hemm tempesti koroh madwarna.

● O Mulejja u Alla veru tiegħi! Min ma jafekx, ma jħobbokx. O, x'verità kbira hija din! Iżda, jaħasra, jaħasra, Mulej, hemm dawk li lanqas iridu jafuk! Ħaġa tal-biża' hija s-siegħa tal-mewt. Sikwit noqgħod naħseb, Kristu tiegħi, b'kemm ħlewwa u għaxqa titfa' l-ħarsa ta' għajnejk fuq dawk li jħobbuk meta int, Ġid tiegħi, tfittex li tħares lejhom bl-imħabba. Jidhirli li ħarsa hekk kollha ħlewwa ta' darba biss lejn l-erwieħ li int iżżomm b'tiegħek hija biżżejjed bħala ħlas ta' ħafna snin ta' qadi.

O, jgħinni Alla! Kemm hija ħaġa iebsa li tfisser dan, jekk mhux lil dawk li diġà fehmu kemm huwa ħelu l-Mulej. O Nsara, Insara! Araw kif intom aħwa ta' dan Alla hekk kbir; agħrfuh u tmaqdruhx għax, bħalma din il-ħarsa tiegħu hija hekk ta' faraġ għal dawk li jħobbuh, hija tal-biża' u tat-twerwir fil-korla tagħha għal dawk li jippersegwitawh. O, kif ma nistgħux nifhmu li d-dnub huwa battalja

sħiħa magħmula lil Alla bis-sensi u l-fakultajiet kollha tar-ruħ. U min jaqa' f'aktar dnubiet, jivvinta tradimenti ġodda kontra s-Sultan tiegħu. Kun int, Alla tiegħi, li tfejjaq għama u bluha hekk kbira.

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ* 14, 1-2.4

● Nitolbuk, Mulej Alla tagħna, agħtina li dejjem inġarrbu l-ferħ tar-rabta tagħna miegħek, għax l-hena sħiħ u bla tmiem jinsab filli dejjem naqdu lilek, li minnek jiġina kull ġid.

*Kolletta*

## 382. IN-NAR LI JEQRED

*Int, Mulej, tafni u tarani, u tiflili qalbi (Ġer 12, 3).*

1. "Għax il-Mulej, Alla tiegħek, nar qerried, Alla għajjur" (Dt 4, 24). Ħafna drabi l-Mulej, hekk ippreżenta ruħu lil Iżrael biex joqogħdu attenti mill-idolatrija. Alla ma jaċċettax rivali: għal dawk li jħobb u jixtieq idaħħalhom fl-intimità tiegħu huwa "nar li jikkonsma" illi jeqred fihom dak kollu li jista" jifirdilhom qalbhom. Huwa nar li jikkonsma, imma n-nar hu nar ta' mħabba. Meta l-fjamma tiegħu timla l-ispirtu, hija tfittex f'kull naħa, u f'kull moħba fih, tikxef dak kollu li hu kuntrarju għall-imħabba. Ir-raġġi tiegħu jiftħu beraħ il-miżerji tagħna kollha, u jikxfu l-kruha tagħhom kollha, biex nirrealizzaw il-bogħod infinit li jifred 'l Alla u lilna nfusna, biex numiljaw ruħna u nagħrfu li aħna ma jistħoqqilniex il-favuri divini, u hekk insofru, u bis-sofferenza tagħna jkun jistħoqqilna l-ħelsien. Sakemm ir-ruħ ma tkunx issaffiet għalkollox, San Ġwann tas-Salib jgħid li l-fjamma tal-imħabba "mhix imdawla għall-persuna imma dlam. Jekk tixħet xi dawl, ir-raġuni waħdanija hi li r-ruħ tkun tista' tara l-miżerji u d-difetti tagħha. Għalkemm xi drabi tagħti s-sħana tal-imħabba, dan tagħmlu bit-turmenti u l-uġigħ. Il-fjamma ma ġġeddidx u lanqas ma hi mimlija sliem, imma tikkonsma u tixli lir-ruħ, iġġegħilha jħossha ħażin u tbati bl-għarfien tagħha nfisha" (*Fjamma* 1, 19). Dan hu speċi ta' purgatorju li fih ir-ruħ tkun f'agunija u tibża' li tkun għal dejjem imkeċċija minn Alla. Imbagħad titniehed: "Int, Mulej, tafni u tarani, u tiflili qalbi" (Ġer 12, 3). Inti biss tifli l-profondità tal-esseri tiegħi, u tkejjel il-miżerja tiegħi, inti biss tista' tnaddafni: "Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi" (Salm 51, 4).

Din il-ħidma ta' tisfija mhix l-istess għal kulħadd la fil-qawwa u lanqas fit-tul tagħha, imma Alla jqassam skont il-grad ta' mħabba u ta' għaqda li fih jixtieq imexxi lil kull ħlejqa. Barra minn dan ma jeżistux żminijiet ta' tisfija mingħajr interruzzjoni, jew żminijiet bla waqfien ta' ħlewwiet spiritwali; imma aktarx fl-għerf infinit tiegħu, Alla jħallat il-ħelu mal-morr, u l-ferħ man-niket, biex ħadd ma jaqta' qalbu bil-ħruxija tal-prova tiegħu, jew jintrefa' żżejjed minħabba l-għaxqiet tad-doni divini.

2. “Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!” (Lq 12, 49). Dan in-nar divin, mixgħul mill-imħabba tal-qalb ta’ kull Nisrani, mhux maħsub li jibqa’ mirdum taħt ġabra ta’ miżerji u tal-limiti umani, imma li jħeġġeġ ħieles biex jitla’ għand Alla u jwassal lura għandu l-ħlejqa tiegħu, li issa ssaffiet u tiddi bil-qawwa tal-imħabba. Dan qatt ma jista’ jseħħ jekk Alla permezz ta’ att partikulari tal-ħniena tiegħu, ma jindaħalx b’mod speċjali fil-ħajjiet tal-ħbieb tiegħu billi jdaħħalhom fil-provi tat-tisfija. Il-Mulej jgħid: “Arani, jien saffejtek mhux bħal fidda; ippruvajtek fil-forn tan-niket” (Is 48, 10).

In-nar li jsaffi l-erwieħ mhuwiex nar ostili, imma nar ħabib tal-imħabba divina; nar li jikkonsma u jsaffi, imma fl-istess ħin huwa nar ta’ mħabba u jdawwal. F’dan in-nar divin, San Ġwann tas-Salib jara lill-iSpirtu s-Santu nnifsu, li waqt li jsawwab l-imħabba tiegħu fil-bniedem, isaffih bl-istess imħabba: “Il-fjamma divina, jiġifieri l-iSpirtu s-Santu, iferiha billi jeqred u jikkonsma l-imperfezzjonijiet tad-drawwiet ħżiena tagħha. B’din il-ħidma jwassalha għall-għaqda u t-trasformazzjoni kollha mħabba f’Alla” (*Fjamma* 1, 19). Għalkemm din l-azzjoni ta’ tisfija hija ta’ wġigħ, dan ma jiġix la minħabba l-iSpirtu s-Santu u lanqas min-natura tal-imħabba, li minnha nfisha hija dejjem mimlija bl-hena, imma jiġi mill-istat imperfett li fih tkun qiegħda r-ruħ. Dawn is-sofferenzi ta’ tisfija jixbhu l-uġigħ tal-ħlas li jħejju u jħabbru ħajja ġdida. Ġesù ma qalx li jeħtieġ nitwieldu mill-ġdid u li dan it-twelid ġdid iseħħ permezz tal-iSpirtu? “Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-iSpirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta’ Alla” (Ġw 3, 5). It-twelid ġdid li beda bil-magħmudija jeħtieġ li jitwettaq bis-sħiħ permezz tat-taqbida matul il-ħajja kollha, għax sakemm il-bniedem qed jgħix fuq l-art, dejjem jeħtieġ li jmut għalih innifsu, u għalhekk li jkun imsoffi mill-iSpirtu biex għal darb’oħra jkun imnissel minnu.

Meta l-provi tat-tisfija jsiru aktar qawwija, ma jkunx hemm ħlief ħajta biss ta’ salvazzjoni ma’ xiex naqbdu: għalkemm nistgħu nħossu ruħna abbandunati minn Alla, fil-fatt mhuwiex hekk; iżda inkunu taħt l-influss tal-iSpirtu s-Santu, li jippresiedi fuq il-ħidma tat-tisfija tagħna.

● O Mulejja, sa issa kont f’paċi kbira, faraġ u għaxqa, għax il-fakultajiet kollha tiegħi gawdew, mill-imħabba li tajtni int, u dehrilhom li qegħdin fil-ġenna. Issa sibt ruħi għerja u mnażżgħa minn kull ħaġa u bla ħila li nħobb u naħdem bħal qabel; issa x’se nagħmel, ħajja u

mejta fl-istess waqt, mingħajr intellett, mingħajr memorja, mingħajr rieda u dak li hu agħar, mingħajr imħabba? Kont naħseb li ħlief bl-imħabba ma stajtx ngħix ladarba kont maħluqa biex inħobb u biex ingawdi, biex ingawdi fuq kollox lilek, o Alla, l-ewwel oġġett tagħna u t-tmiem tagħna. O kemm hu iebes u ma niflaħx għalih aktar dan l-għajxien! Kif tista' tgħix l-umanità abbandunata u mitluqa jekk tibqa' niexfa, għerja u bla saħħa? O x'purgatorju ħelu u aħrax hu dan fid-dinja fejn mhuwiex magħruf, ħelu meta mqabbel mal-purgatorju tad-dinja l-oħra! Jidher li hu aħrax għalina li aħna għomja, imma dik li għalina tidher ħruxija min-naħa tiegħek, o Alla tiegħi, hu ħniena kbira.

S. Katerina ta' Ġenova, *Djalogu, Xogħlijiet* p. 147-150

● Salvani, o Alla, għax l-ilma laħaq sa griżmejja. Sibt ruħi mgħaddas f'ħama fond; ma hemmx fejn inserraħ riġlejja. Sibt ruħi f'ilma għoli; il-mewġ qed ikaxkarni. Ma niflaħx ngħajjat iżjed, griżmejja nħanqu; tgħammxu għajnejja, jien u nistenna 'l Alla tiegħi. Imma jien lilek nitlob Mulej; meta jogħġbok, o Alla, weġibni, fil-kobor ta' tjubitek u skont il-wegħda tas-salvazzjoni tiegħek. Aqlagħni mill-ħama u ma nibqax nieżel; ħarisni minn min jobgħodni u eħlisni mill-ilma fond. Tħallihx iġorrni l-ilma, jew jiblagħni d-dagħbien, u jingħalaq fuqi l-bir! Weġibni, Mulej, għax mill-aħjar tjubitek; dur lejja fil-kobor tal-ħniena tiegħek. Taħbix wiċċek mill-qaddej tiegħek; fittex weġibni għax ninsab fl-hemm. Ersaq qrib lejja u ifdini; eħlisni minħabba l-għedewwa tiegħi.

Salm 69, 2-4.14-19

## 383. FJAMMI DIVINI

*Lil min għandi fis-sema ħliefek? Bik miegħi fuq l-art xejn ma jonqosni (Salm 73, 25).*

1. Waqt li l-fjamma ħajja tal-iSpirtu s-Santu ssaffi l-bniedem, bil-mod il-mod iddawlu u tkebbsu bl-imħabba. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Ir-ruħ tħoss lilha nfisha midruba b'mod fin u li jaqta' bl-imħabba divina, u li jkollha bħal realizzazzjoni u togħma minn qabel ta' Alla" (*Lejl* II, 11, 1) li ġġegħilha tara minn qabel b'mod l-aktar ċar is-sovranità l-aktar għolja ta' Alla, il-qdusija sublimi tiegħu u l-imħabba infinita tiegħu li permezz tagħha tħoss lilha nfisha miġbuda lejh. "Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni u int għelibtni" (Ġer 20, 7). Alla ħakimha għalkollox u ġegħilha tinnamra miegħu b'mod li issa ma tarax ġid ieħor la fis-sema u anqas fl-art, u ma għandhiex xewqa oħra ħlief li tippossedih, u anqas ebda biża' ħlief dak li titilfu. Permezz tal-provi tal-lejl tal-ispirtu, Alla nnifsu qed isawwab fir-ruħ "imħabba kollha stima lejh hekk kbira illi, kif għedna, l-akbar sofferenzi u tiġrib li tasal biex tagħraf f'dan il-lejl huma l-ħsibijiet kollha dwejjaq li tilfet lil Alla, u l-biża' kbir li hu telaqha" (*Lejl* II, 13, 5). Min hu biered u indifferenti għal Alla ma jinkwetax bil-biża' li jitilfu; hu biss min iħobbu li jagħraf dan it-turment li hu aktar aħrax, aktar ma tkun kbira l-imħabba. U proprju għax hi mqanqla mill-imħabba, ir-ruħ tkun lesta li ssofri kull xorta ta' uġigħ għal Alla u "wkoll li tmut għal elf darba sabiex tagħtih sodisfazzjon" (*Lejl* II, 13, 5). Għalkemm għalissa għadha mhix qed idduq il-ferħ tal-imħabba divina, din l-imħabba hija b'danakollu hekk qawwija u hekk reali li fil-fatt iġġiegħel lir-ruħ biex dejjem tagħżel 'l Alla qabel kull ħaġa oħra. San Pawl ifisser il-qawwa ta' din l-imħabba meta jgħid: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn Kristu Ġesù Sidi: minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu" (Fil 3, 8). Meta l-ħlejqa tkun fehmet li biex tippossiedi 'l Alla jeħtieġ tiddeċedi li tagħmel pass definit, imbagħad ma tagħti kas ta' xejn, u tegħleb kull diffikultà, tiċċaħħad minn kollox biex twettaq l-għan tagħha u "ssib lil Dak li tħobb" (*Lejl* II, 13, 5).

2. "Matul il-lejl fuq soddti jien fittixt lil dak li qalbi tħobb. Fittixtu; ma sibtux! 'Ħa nqum għalhekk, u mmur indur mal-belt, u fit-triqat u l-pjazez u noqgħod infittex il-Maħbub ta' qalbi'" (Għanja 3, 1-2).

Imkebbsa bl-imħabba mill-iSpirtu s-Santu, il-ħlejqa ssir anzjuża u bla sabar biex tfittex 'l Alla tagħha u tmur tfittxu u ssejjaħlu bla waqfien, għax "billi hija fid-dlam, tħossha mingħajru u qiegħda tmut bl-imħabba għalih" (Ġwann tas-Salib, *Lejl* II, 13, 8). L-istennija twila u n-nuqqas tal-lejl tal-ispirtu tagħmilha wisq aktar anzjuża, bħall-għarusa mistika tal-Għanja – figura mhux biss ta' Iżrael li jfittex 'l Alla imma ta' kull ruħ li tixxennaq għall-għaqda miegħu – li wara li tkun xtaqitu fl-intimità ta' darha, ma tissaportix li tistenna aktar għall-għaqda miegħu u toħroġ barra tfittxu fit-triqat u l-pjazez. Bħall-Maddalena, li wara l-mewt ta' Ġesù ma kellhiex paċi fiha nfisha, imma qamet kmieni filgħodu u ġriet lejn il-qabar tiegħu, u meta hemm ma sabitx il-ġisem tal-Imgħallem, marret tfittxu, u tistaqsi għalih ma' kull min iltaqgħet. Ir-ruħ li għandha l-ġuħ u l-għatx ta' Alla ma tirrassenjax ruħha bħallikieku mirbuħa; imma jiġri x'jiġri trid issib lil dak li kienet tħobb aktar minnha nfisha. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Ir-ruħ issa timxi hekk imħassba illi tfittex lill-Maħbub tagħha f'kull ħaġa. Taħseb fiex taħseb, hi dejjem taħseb mill-ewwel fil-Maħbub; titkellem fuq xiex titkellem u jippreżentaw ruħhom ħwejjeġ oħra, hi titkellem fuq il-Maħbub u mill-ewwel issemmi lilu. Meta tiekol, meta torqod, meta tagħmel l-għassa, meta tagħmel ħaġa jew oħra, il-kura tagħha hija dejjem dwar il-Maħbub" (*Lejl* II, 19, 2).

Kull Nisrani kien antiċipat fl-imħabba tiegħu għal Alla, mill-imħabba ta' Alla nnifsu għalih, billi kien maħluq xbieha u sura ta' Alla, imlibbes bil-ħajja divina; kull Nisrani kien u għadu jiġi mistieden il-ħin kollu għall-għaqda ma' Alla. Imma mbagħad għaliex dawn il-ħlejjaq privileġġjati jmorru jfittxu mhux lil Alla imma lilhom infushom, ifittxu mhux l-imħabba divina imma l-imħabbiet li jgħaddu, jixxenqu mhux għal Alla imma għall-ġid imsejken tal-art? Dan hu l-frott qares tal-egoiżmu, tas-superfiċjalità, u tar-regħba li jagħmel minn qalbna priġunieri; dan kollu juri liema ħidma kbira ta' tisfija hija meħtieġa biex teħilsu għalkollox minnu nnifsu u minn dak kollu li ma jħallihx ifittex 'l Alla bil-forzi tiegħu kollha. "Tfittex hemmhekk il-Mulej, Alla tiegħek, u ssibu, jekk inti tfittxu b'qalbek kollha u b'ruħek kollha" (Dt 4, 29).

- O fjamma ta' mħabba, int tikkonsma kull sadid u tkeċċi mir-ruħ kull dlam ta' difetti, u b'din il-penetrazzjoni l-iċken dell ta' imperfezzjoni ma jibqax quddiemek. U inti dejjem iċċanfar għax ma ġġerraħx dan id-dell, u taħdem fir-ruħ b'mod li hi tissaffa minn dak li

ma jistax jidher ħlief bl-għajnejn tiegħek, li jaraw id-difett fejn ħaddieħor jara l-perfezzjoni. O mħabba, inti tnaddaf u tikkonsma l-imperfezzjonijiet tagħna; inti tagħti d-dawl u l-qawwa; int tagħmel il-ħwejjeġ kollha li huma meħtieġa għalina bl-imħabba tiegħek biss, mingħajr ma tkun Maħbub minna.

O Mulej, x'inhi din ir-ruħ li int tant tieħu ħsiebha, li żżommha f'daqshekk stima, u li aħna nqisuha daqshekk irħisa? O, kieku kelli nsib il-kawża tal-imħabba, daqshekk kbira u safja, li inti għandek għall-ħlejqa tiegħek, li hija mogħnija bir-raġuni u b'danakollu, jidhirli, teħodha miegħek f'kollox!

S Katerina ta' Ġenova, *Djalogu, Xogħlijiet* p. 155

● O Mulej, o ħajja mingħajr mewt. Ftakar fija li qiegħed fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt u rxoxta l-ħlejqa tiegħek b'imħabbtek, li hi l-ispirtu li jagħti l-ħajja. Agħmel li n-nar tal-imħabba divina tiegħek jikkonsma fija d-dispożizzjonijiet ħżiena tal-imħabbiet tal-art u li fija jibqa' biss affett wieħed werriet tal-ġmiel u l-grazzja tiegħi. Dawwar 'il qalbi lejn il-liġi tal-imħabba l-iżjed ħelwa u nissel fija għassa dejjiema biex inħaffef niġi għandek, u ma nibqax nistrieħ f'art barranija.

O qalb l-iżjed fidila għal dawk li jittamaw fik u jfittxu 'l wiċċek, tkeċċinix minn quddiemek f'din ix-xewqa kollha mħabba tal-ħajja tiegħi. Għalxiex ħlaqtni, jekk mhux biex nagħrfek u nħobbok, li int l-hena u l-kuruna tiegħi? Żgur li ħlaqtni għalik u li fid-dinja m'hawnx sagrifiċċju li jogħġob iżjed lill-maestà tiegħek minn qalb li tħobbok, li tittama dejjem fik, u li kkonsagrat għall-imħabba l-ħin kollu ta' ħajjitha. Agħmel li nkun dejjem f'għassa kontinwa ta' mħabba u nintrefa' lejk b'qabża biex naħtaf il-priża li jien tant ili nixtieq u nistenna. O priża l-aktar li tgħaxxaq u tħobb, meta se nkun għalkollox magħqud miegħek?

Ven. Ġwanni ta' Ġesù Marija, *Arti kif tħobb lil Alla*,
p. 327-328.319-320

## 384. QALB ĠDIDA

*Min jittama fih jifhem is-sewwa, u min jemmen fih jgħix miegħu fl-imħabba; għax tjieba u ħniena hemm għall-magħżulin tiegħu (Għerf 3, 9).*

1. "U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom" (Eżek 36, 25-26). Il-wegħda kbira magħmula lil Iżrael isseħħ fil-milja tagħha fil-ħlejjaq li jintelqu għalkollox fl-azzjoni li ssaffi tal-iSpirtu s-Santu u joħorġu minnha b'qalb imġedda fl-ilma safi tal-grazzja u fil-fjamma ħajja tal-imħabba.

Karatteristika li ma tħalli ebda dubju ta' dan it-tiġdid tal-qalb hija l-umiltà profonda li teħlisha minn kull fdal ta' suppervja u frugħa. Minflok ma tkun hienja biha nfisha u bil-ġenerożità tagħha fil-qadi ta' Alla, ir-ruħ li hi msoffija bl-iSpirtu s-Santu "tqis lilha nfisha li hija b'mod żgur agħar mill-erwieħ l-oħra kollha, għax hawn l-imħabba qiegħda tgħallimha l-ħin kollu kemm hu mogħti ġieħ b'dedikazzjoni assoluta (San Ġwann tas-Salib, *Lejl* II, 19, 3); min ikollu lilha jitlef kull preżunzjoni u waqt li jkun qed jagħmel ħafna għal Alla, dejjem iħossu li hu qaddej li ma jiswa xejn, u li hu bħal "xejn" quddiemu (Lq 17, 10; Salm 39, 6). 'Ir-ruħ tqis bħala żgħar il-ħidmiet kbar li tagħmel għall-Maħbub; tqis bħala ftit il-ħafna ħwejjeġ li tagħmel; u bħala qasir iż-żmien li fih taqdih, minħabba n-nar tal-imħabba li issa qiegħda taqbad fih" (*Lejl* II, 19, 3) Dan jgħodd ukoll fir-relazzjonijiet tagħha mal-proxxmu, għax issa hija 'l bogħod ħafna milli tippreferixxi lilha nfisha fuq l-oħrajn jew tikkundanna lill-oħrajn (*Lejl* II, 19, 3).

Waqt li l-imħabba divina tkebbes ir-ruħ, hija ddawwalha u tgħaddasha f'kontemplazzjoni sħiħa tal-kollox ta' Alla; li quddiemu x-xejn uman juri lilu nnifsu aktar bil-qawwa. "Alla huwa mħabba" (1 Ġw 4, 16), tgħid l-iSkrittura Mqaddsa, u "Alla huwa dawl" (1 Ġw 1, 5). F'Alla l-imħabba u d-dawl jidentifikaw ma' xulxin: l-imħabba tiegħu hija dawl u d-dawl tiegħu hu mħabba. Is-sinjal ċert tal-mixi 'l quddiem fl-imħabba divina u fil-kontemplazzjoni huwa d-dawl li jkeċċi d-dlam qarrieqi tas-suppervja u jagħmel lill-bniedem konvint għalkollox mix-xejn tiegħu, u jagħtih il-ħila li jgħix fl-umiltà li hija l-verità. "Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità (1 Ġw 1, 6). L-għaqda ma'

Alla tesiġi li l-bniedem jimxi fid-dawl hekk "kif inhu fid-dawl hu stess" (1 Ġw 1, 7).

2. Il-Mulej jgħid: "La tibżax, għax jien fdejtek; jien sejjaħtlek b'ismek; inti tiegħi" (Is 43, 1). Għalkemm il-ħlejqa tagħraf il-miżerja tagħha u kemm ma jistħoqqilhiex, hi bħallikieku mbikkma quddiem il-qdusija ta' Alla, tara li Alla qiegħed jistedinha, isejħilha, u jrid idaħħalha fl-intimità tiegħu. Sa issa għad mhijiex "perfetta fl-imħabba, minħabba li tkun għadha ma kisbetx l-unjoni, il-ġuħ u l-għatx li jonqosha… u s-saħħa mqiegħda fir-rieda bl-imħabba… jagħmluha mimlija bil-kuraġġ u l-ardir" (San Ġwann tas-Salib, *Lejl* II, 13, 9). U timmira bil-forzi tagħha kollha għall-għaqda perfetta ma' Alla. Il-qalb ġdida li l-iSpirtu s-Santu sawwar fiha hija umli imma wkoll ardita.

Umli minħabba li tħossha indenja u dan tafu sewwa, imma ardita bl-imħabba li qiegħda titkebbes ġo fiha u għall-istedina li Alla nnifsu jagħmlilha biex jiġbidha lejh fil-moħbi, ir-ruħ tissogra tittama għall-aqwa ġid tal-għaqda divina. Hija umli fix-xewqa ardita għax taf li ma jistħoqqilhiex daqshekk doni, imma tissogra għax tifhem li Alla nnifsu jrid jagħmilha hekk. "Bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek" (Is 62, 5).

San Bernard jgħid: "X'ma tistax tissogra titlob lil Dak li fih għandu x-xbieha nobbli u s-sura tiddi tiegħu? (*In Cant.* 83, 1). L-imħabba ta' Alla ġiet l-ewwel u għamlitha tixbah lilu bil-ħolqien u bil-grazzja; dan ix-xebh divin jesprimi proprju x-xewqa ta' Alla li jgħaqqadha miegħu fl-istess ħin hija s-sies ta' din l-għaqda. "Bħalma għarus jitgħarras xebba, hekk jitgħarrsek il-bennej tiegħek" (Is 62, 5). Alla ħalaq il-bniedem jixbah lilu biex jgħaqqdu miegħu fl-imħabba; u l-Iben ta' Alla ta lilu nnifsu bħala vittma biex għaqda bħal din fil-Knisja, l-Għarusa tiegħu, isseħħ għal kull bniedem: "Kif int fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (Ġw 17, 21). Jalla jkunu l-Insara kollha magħqudin bejniethom fl-istess imħabba li tgħaqqadhom f'Alla; jalla jkun kull wieħed f'relazzjoni ta' mħabba personali u ta' għaqda "mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu" (1 Ġw 1, 3).

• Mulej, jiena nagħtik bħala don il-pussess tiegħi nnifsi, għax ma nafx x'naqbad nagħmel bija nnifsi, ħlief biex nagħmel infern

minni nnifsi. Mulej, irrid nagħmel miegħek din il-bidla: jien nagħtik dan l-esseri ħażin tiegħi f'idejk, għax int biss tista' taħbih fit-tjubija tiegħek, u hekk tmexxini biex xejn minn tiegħi ma jibqa' jidher, u int tagħtini l-pussess ta' mħabbtek li tiddi u li titfi ġo fija kull imħabba oħra u li xxejjinni fik innifsek, u fik iżżommni medhija b'mod li ebda ħaġa oħra ma jkollha la ż-żmien u anqas il-post li tibqa' miegħi.

S. Katerina ta' Ġenova, *Djalogu, Xogħlijiet* p. 120-121

- Alla tiegħi, x'ma nistax nissogra bil-fiduċja miegħek meta naf li fija nġib ix-xbieha nobbli u s-sura mdawla tiegħek? Għaliex għandi nibża' minn maestà hekk għolja meta għandi daqshekk fiduċja fin-nobbiltà tal-oriġini tiegħi? Għinni biex inżomm fija l-integrità tan-natura tiegħi mal-innoċenza tal-ħajja, u nżejjen bil-virtù u l-affetti x-xbieha tas-sema li nġorr fija…

O ruħ tiegħi, erġa' lura għand il-Verb biex tkun riformata minnu, u biex issir konformi miegħu… fl-imħabba… Jekk tħobb perfettament inti sirt l-għarusa tiegħu. X'hemm aktar li jgħaxxaq minn dan ix-xebh? Hemm xi ħaġa aktar ta' min jixtieqha mill-imħabba li biha int… għax trid u b'fiduċja tersaq lejn il-Verb u tingħaqad miegħu l-ħin kollu, tistaqsih familjarment u tikkonsultah f'kull ħaġa, il-ħila ta' moħħok titkejjel biss bin-nuqqas ta' biża' tax-xewqat tiegħek. Dan hu tassew kuntratt ta' żwieġ spiritwali u qaddis. Din hija tgħanniqa. Iva, tgħanniqa tassew, fejn li trid jew li ma tridx huwa l-istess ħaġa, li tagħmel spirtu wieħed minn tnejn.

S. Bernard, *In Cantica Cant.* 83, 1-3

## 385. IMĦABBA IRREŻISTIBBLI

*L-imħabba tiegħek, Mulej, hija qawwija daqs il-mewt (Għanja tal-Għanjiet 8, 6).*

1. San Pawl jgħid: "L-imħabba ta' Kristu trossna" (2 Kor 5, 14). Pawlu kien mirbuħ minnha u ġarrab kemm hu iebes li teħodha kontra n-niggieża (Atti 26, 14). Meta l-imħabba divina taħtaf lill-bniedem tnissel fih dinamiżmu dejjem aktar qawwi li jġegħilu l-ħin kollu jfittex mezzi ġodda biex jogħġob 'l Alla, biex jistqarrlu l-fedeltà tiegħu u biex jaħdem għall-glorja tiegħu. Dan iseħħ kemm fil-ħajja attiva kif ukoll f'dik kontemplattiva. Taħt l-impuls tal-imħabba, dawk li huma msejħin għall-ħajja attiva jsiru aktar ġenerużi biex jagħtu lilhom infushom fl-attivitajiet esterni, u l-kontemplattivi bħalhom jikbru fl-opri ġewwiena tat-talb u tal-offerta moħbija tagħhom infushom. Kemm f'dawk u kemm f'dawn iseħħu l-istess liġijiet: l-imħabba mhi qatt għażżiena (Tereża ta' Ġesù, *Kastell* VI, 9, 18); "L-imħabba tiegħi hija piż tiegħi" (*L-Istqarrijiet* XIII, 9, 10), piż li jross b'mod irreżistibbli.

Imħabba bħal din, hekk qawwija u setgħana, hija d-don tal-iSpirtu s-Santu, li jkebbes ir-ruħ fil-qies li hu jsaffiha; hija rigal li b'danakollu dejjem titlob il-koperazzjoni tagħna. "Din l-imħabba nistgħu nqabbluha ma' ħuġġieġa kbira ta' nar li dejjem irid il-ħatab biex ma jintefiex. Hekk huma l-erwieħ imkebbsin bl-imħabba divina: jiswielhom x'jiswielhom, dejjem iridu jġibu ħatab ġdid biex din il-ħuġġieġa ma tmutx għalkollox (*Ħajja* 30, 20). Imbagħad, bla ma jagħtu kas tad-diffikultajiet, għajja, jew stmellija, ir-ruħ ma twarrab xejn, imma tidħol għalkollox, persważa li l-imħabba mhi qatt aktar vera minn meta timbotta 'l xi ħadd biex jagħmel is-sagrifiċċji għall-Maħbub. B'hekk, ir-ruħ ikollha l-ħila ssofri abitwalment minħabba l-Maħbub, iżda mingħajr għajja. Għax bħal ma jgħid Santu Wistin, l-imħabba tagħmel lil-ħwejjeġ kollha li huma kbar, gravi u ta' toqol li jkunu qishom xejn. "L-ispirtu hawn għandu saħħa hekk kbira illi jkun qiegħed il-ġisem taħtu, u jagħti kas tiegħu biss daqskemm siġra tagħti kas ta' werqa waħda tagħha" (San Ġwann tas-Salib*, Lejl* II, 19, 4). Hekk kien l-atteġġjamament ta' San Pawl li ma waqafx jifraħ lilu nnifsu għalkemm bata għall-Evanġelju, meta kien jaċċetta b'entużjażmu li jkun il-ħin kollu espost "għall-mewt minħabba f'Ġesù" (2 Kor 4, 11). Mgħejjuna mill-istess ħeġġa, Santa Tereża tal-Bambin

Ġesù, fil-moħbi taċ-ċella tagħha, aċċettat b'qawwa erojka u kalma li tikkonsma l-ħajja żagħżugħa tagħha  għall-qdusija tas-saċerdoti.

2. "L-imħabba għandha din il-qawwa meta tkun perfetta, għax ninsewx l-hena tagħna biex nagħmlu hieni lil min inħobbu" (Tereża ta' Ġesù, *Fundazzjonijiet* 5, 10). Imħabba bħal din ma tistax tkun frott tan-natura umana li tant hi dgħajfa u tistmell is-sagrifiċċju; hu Alla biss li jsawwabha fir-ruħ bil-mod il-mod f'dawk li jaċċettaw li jkunu msoffija minnu. Hija l-fjamma ħajja mkebbsa mill-iSpirtu s-Santu u li aktar tinvadi l-erwieħ aktar ma ssibhom imħejjijin, jiġifieri meħlusin minn kull ħaġa li hi kontra l-imħabba. Meta r-reżistenzi kollha jkunu mirbuħa, u l-ħmieġ imwarrab, l-imħabba titkebbes b'mod irreżistibbli, u tagħti saħħa ta' ġgant lir-ruħ; il-fjamma ta' mħabba "ġġegħilha toħroġ barra minnha nfisha, iġġeddidha għalkollox u tbiddel il-mod tal-esseri tagħha" (*Kantiku Spiritwali* 1, 17). Tant tiġġedded, illi waqt li qabel kienet tibża' mit-tbatija, issa ssir tħobbha u tħaddanha bil-kuraġġ. "Għaliex bħall-Mewt qawwija l-imħabba… ix-xrar tagħha, xrar tan-nar, nar tal-Mulej" (Għan 8, 6). Kif hu impossibbli taħrab mill-mewt, hekk ukoll hu impossibbli li taħrab mill-qawwa tal-imħabba divina; hija bħal nar li jħalli l-marka tiegħu kulfejn imiss. Kull min hu ferut u mmarkat bih ma jista' jagħmel xejn ħlief jagħti lilu nnifsu 'l Alla bla ebda riserva.

Ebda ħlejqa fid-dinja qatt ma ħabbet jew għad tħobb lil Alla aktar mill-Verġni Mbierka, ħadd ma kien jew għad ikun aktar qawwi minnha fis-sofferenzi. Ħares lejha f'riġlejn is-Salib: kienet omm u assistiet minn rajha għat-tbatija kiefra ta' Binha; rat l-imsiemer jinfdu f'laħmu, semgħet id-daqqiet qawwija tal-martell, rat ir-ras inkurunata bix-xewk tfittex għalxejn xi ftit tal-mistrieħ fuq l-injam iebes, rat jintrefa' s-salib u lil Binha mdendel bejn l-art u s-sema, sfigurat bl-uġigħ, bla ebda faraġ. Kellha qalbha minfuda, b'danakollu tenniet il-*fiat* tagħha bl-istess milja li biha lissnitha fit-tħabbira ferrieħa tal-maternità tagħha, u fl-imħabba sabet il-kuraġġ li toffri lil Binha l-għażiż għas-salvazzjoni tal-bojjiet tiegħu.

Hu f'riġlejn is-salib, qrib Marija - fejn l-imħabba u d-dulur għamlu minn Marija Sultana tal-martri - li nistgħu nifhmu x'inhi l-qawwa tal-imħabba.

- O, kobor ta' Alla! Kif turi s-setgħa kbira tiegħek, o Alla, meta tagħti ardir bħal dan lil daqsxejn ta' nemla! Żgur li ma taħtix int. Mulej, jekk dawk li jħobbuk ma jwettqux għemejjel kbar, kollox ikun ġej mill-qalb żgħira tagħna, għax aħna ġwejfin. Qatt ma nagħmlu fehma soda biżżejjed biex inwettqu xi ħaġa, iżda nimtlew b'ħafna biża' ta' ħaġa jew oħra fil-prudenza umana, hekk li int, o Alla, ma tkunx tista' taħdem l-għeġubijiet u l-ħwejjeġ kbar tiegħek. Min iħobb jagħti aktar minnek, meta ssib lil min jilqa' dak li tagħtih? U min jilqa' l-qadi li jiswielek hekk bil-kbir? (*Fundazzjoni* 2, 7).

Dawk li jħobbu tassew lil Alla… ma jixtiqux ħaġ'oħra ħlief li jogħġbu lill-Maħbub. Nies bħal dawn jixxenqu għall-mewt biex Hu jħobbhom, għalhekk jagħtu ħajjithom biex jifhmu kif jistgħu jħobbuh aktar. Tinħeba? Jekk hija mħabba tassew, dan ma jistax ikun! Għax dan għandha l-imħabba; tista' tkun aktar jew inqas skont kemm tkun qawwija. Jekk hija ftit, ftit tidher; jekk hija ħafna, tidher bil-qawwi. Imma, kbira jew żgħira, meta hija mħabba ta' Alla, dejjem tingħaraf. (*Triq* 40, 3-4).

S. Tereża ta' Ġesù

- O mħabba divina, x'nista' ngħid aktar fuqek? Jiena maħtufa u mirbuħa minnek: inħossni qed immut bl-imħabba u ma nħossx imħabba; inħossni mgħarrqa fl-imħabba u ma nagħrafx imħabba; inħoss din l-imħabba taħdem fija u ma nafx x'inhi tagħmel; inħoss l-imħabba tqabbadli qalbi u ma narax nar ta' mħabba.

O Mulejja, ma nistax ma nfittixx xi ħjiel ta' din l-imħabba, li fiha hemm kull ħaġa mixtieqa fis-sema u fl-art; fejn il-bniedem huwa kuntent, imma ma jaqtax l-għatx, anzi jħoss il-ġuħ dejjem jikber… X'inhi din l-imħabba li tirbaħ kull ħaġa? Int, o Mulej, urejtni xrara waħda mill-imħabba safja u sempliċi tiegħek, u din ix-xrara tkebbes tant nar fil-qalb illi jikkunsmani: ma nsib ebda post fejn nistrieħ fuq l-art, u la nista' nara u lanqas inħoss xi ħaġa oħra ħlief din l-imħabba; inħossni msaħħra u mgħaġġba u ma nafx fejn jien; jiena maħtufa u maqbuda u feruta kważi għall-mewt, nistenna biss dak li int tipprovdi biex taqtagħli kull xewqa fija li hi ordnata għas-salvazzjoni.

S. Katerina ta' Ġenova, *Dialogo, Opere,* p. 182-183

## 386. IBQA’ F’ALLA

*L-hena tiegħi, li nkun qrib Alla (Salm 73, 28).*

1. Id-distakk minn kull ħaġa maħluqa u minnu nnifsu, jippermetti lill-bniedem li jsir konxju sewwa tal-ġibda ta’ Alla. “Iva, ‘bħal mara mitluqa u mdejqa f’qalbha sejjaħlek il-Mulej, bħal mara mitluqa f’żgħożitha’ jgħid il-Mulej Alla tiegħek. Għal ftit jien tlaqtek; imma b’imħabba bla qies, jien nerġa’ niġbrok” (Isaija 54, 6-7). Kif Alla, wara li kkastiga lil Iżrael għall-infedeltà tiegħu, reġa’ sejjaħlu u tah mill-ġdid il-ħbiberija tiegħu, hekk ukoll wara li saffa l-erwieħ individwalment permezz ta’ tbatijiet morri, inxief, u abbandun, hu jiġbidhom “b’imħabba immensa” biex jgħaqqadhom miegħu. Din il-ġibda divina sseħħ permezz tal-kontemplazzjoni li, bħalma jgħid San Ġwann tas-Salib, “hija x-xjenza tal-imħabba…. Huwa għarfien imsawwab u kollu mħabba ta’ Alla, li jdawwal ir-ruħ u fl-istess ħin ikebbisha bl-imħabba, sakemm tiġi mtellgħa skaluna skaluna saħansitra sa għand Alla l-Ħallieq tagħha. Għax hija l-imħabba biss li tgħaqqad u torbot lir-ruħ ma’ Alla” (*Lejl* II, 18, 5). Fil-bidu, dan iseħħ b’mod oskur li r-ruħ ma tintebaħx bih, imma aktar tard “tħoss dan it-tkebbis u din is-sħana ta’ mħabba” (*Lejl* II, 12, 5). Imbagħad ikun hemm mumenti ta’ hena immens li fihom ir-ruħ tiggosta minn qabel l-għaqda ma’ Alla, hena li tpatti bil-bosta l-pwieni u l-ansjetajiet li sofriet fl-oskurità tal-lejl. “Jiena sibt lill-Maħbub ta’ qalbi. Żammejtu, u le nitilqu” (Għan 3, 4). F’dawn il-waqtiet il-preżenza ta’ Alla fir-ruħ mhux biss hija verità tal-fidi emmnuta bil-qawwa kollha, imma wkoll realtà divina mġarrba b’mod intens. Il-ħlejqa taf li qiegħda f’Alla u tħoss ‘l Alla fiha bħala preżenza aktar ħajja minn kull preżenza maħluqa. Dawn huma esperjenzi tal-għaqda divina li Alla jagħti l-grazzji tiegħu “meta jrid, kif irid, u lil min irid” (Santa Tereża ta’ Ġesù, *Kastell* IV, 1, 2) u għalkemm huma rari u qosra, iqabbdu l-għeruq tal-ħlejqa bil-qawwa fih u jinkuraġġuha biex tħaddan minn qalbha l-pwieni li jkun għad fadlilha ssofri biex tasal għall-għaqda perfetta. B’danakollu jeħtieġ dejjem niftakru li l-imħabba ma tikkonsistix fil-ferħ li jista’ jiġi mġarrab, imma fid-deċiżjoni qawwija tar-rieda li tingħata lil Alla. “Dan huwa maħdum mill-Mulej” li jista’ jsawwab l-imħabba “imma jħalli lir-rieda fin-nixfa” (San Ġwann tas-Salib, *Lejl* II, 12, 7): jew min-naħa l-oħra jkebbes lir-ruħ b’ħeġġa ħelwa.

2. San Ġwann tas-Salib jgħid: "L-imħabba hija l-inklinazzjoni tar-ruħ, is-saħħa u l-qawwa li bihom tinqeda biex tersaq lejn Alla… Għalhekk aktar ma jkollha gradi ta' mħabba, aktar tidħol fil-fond ta' Alla u tiċċentra ruħha fih." Imħabba imperfetta ma tistax tipproduċi ħlief għaqda imperfetta, waqt li l-imħabba perfetta tnissel għaqda perfetta. "Imħabba aktar qawwija hija mħabba li tgħaqqad aktar" (*Fjamma* 1, 13).

Id-Duttur qaddis jispjega li għar-ruħ "biex tkun fiċ-ċentru tagħha, li hu Alla, huwa biżżejjed li jkollha grad wieħed ta' mħabba… għax ir-ruħ issib iċ-ċentru tagħha li hu Alla fiċ-ċentru l-aktar profond u intimu" (*Fjamma* 1, 13). L-imħabba hija t-toqol li jkaxkar lill-bniedem f'Alla skont is-saħħa tar--ruħ. Imma l-oppost huwa wkoll veru: l-imħabba tiġbed lil Alla lejn il-ħlejqa. "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14, 23). Biżżejjed imħabba tal-bidu, li tikkonsisti fit-tħaris tal-liġi divina, biex tiżgura l-istat tal-grazzja, u għalhekk l-inabitazzjoni ta' Alla fin-Nisrani, li jista' jkun ġà qed jgħix magħqud ma' Alla u jgħammar fih, imma din tkun għaqda wisq imperfetta. Qabel ma wieħed jasal għall-għaqda intima u ħbiberija sħiħa, ikun għad fadal triq twila x'jimxi, li fiha stadji mmarkati mill-progress fl-imħabba: aktar ma r-ruħ tħobb, aktar togħdos f'Alla. U min-naħa l-oħra, Alla nnifsu li jwettaq il-wegħda tiegħu, jagħmel lilu nnifsu aktar preżenti bil-grazzja, waqt li jistieden lir-ruħ għall-ħbiberija u għaqda dejjem intima miegħu.

L-imħabba twettaq dan il-miraklu: tiġbed 'l Alla fil-bniedem li jħobbu, u titfa' lill-bniedem f'Alla. Huwa permezz tal-imħabba li ruħ imsejkna, li hi xejn fiha nfisha, tiltaqa' mal-Ħallieq tagħha u tingħaqad miegħu b'mod hekk intimu u perfett li tkun trasformata u divinizzata kollha kemm hi: "l-imħabba… tittrasformaha u ddawwal l-esseri kollu tagħha, is-setgħat, il-virtujiet, skont il-ħila li jkollha li tirċievi, sakemm issir tixbah lil Alla" (*Fjamma* 1, 13). Dan ikompli l-imħabba, għax dan mhux ħlief tisħib tal-imħabba infinita li hu Alla: "Alla huwa mħabba" (1 Ġw 4, 16); għalhekk fejn hemm l-imħabba hemm Alla: "min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla fih" (1 Ġw 4, 16).

- Jien naqsam miegħek il-ferħ u l-fiduċja kwieta tiegħi; jiena mgħejjun mill-imħabba tiegħek, jiena nintelaq fiha, niddedika lili nnifsi lilha, fiha nintilef… O mħabba immensa ta' Alla tiegħi, kif nista' npattilek dan?… Jien m'għandix x'noffrilek għax il-ħwejjeġ tajba li

ġew minnek, meta għaddew minn idejja joħorġu wisq moħlija u mbiċċra!...

O tjubija, tenerezza li ma tintemm qatt, o int li int missier u omm f'daqqa waħda, o mħabba hekk qawwija u ġentili, hekk delikata u personali, o ħabib fidil u ferrieħi, o għarus, għajjur u tħobb immensament, o ħija li tagħti parir u tmexxi, xmara hekk kalma u fonda, nar li jeqred, u dawl li jagħti d-dawl kollu; o Alla, o Missier, il-kollox tiegħi, o mħabba li lejha fis indur. O Mħabba, stennieni, hawn jien!

Kollox huwa divin… Ma hemm xejn profan… Alla missieri, Alla ħabib tiegħi, l-iżjed li tħobb u li tagħraf… Alla aktar teneru minn ommi.

P. Lyonnet, *Scritti spirituali*, p. 162-163

- Agħtini lilek innifsek, Alla tiegħi, roddli lilek innifsek. Ara, jiena nħobbok, imma jekk ma nħobbokx biżżejjed, agħmel li nkun inħobbok iżjed. Ma nistax inqis imħabbti u nkun naf kemm għad jonqosha sa ma tkun biżżejjed biex ħajti tħaffef lejn it-tħaddin tiegħek bla ma terġa' lura, u tistkenn taħt il-ħarsien tiegħek. Dan biss naf, li dak kollu li mhuwiex int hu ħsara għalija, mhux biss dak li hu barra minni, iżda wkoll dak li hemm fija nnifsi, u li kull għana li mhuwiex Alla tiegħi huwa faqar għalija.

Jien it-toqol tiegħi huwa mħabbti; immur fejn immur, hu jqanqalni. Id-don tiegħek ikebbisna u jerfgħana 'l fuq, u aħna nitħeġġu u nitqanqlu. Nitilgħu t-telgħa li hi għal qalbna u ngħannu l-għanja tat-telgħat. Nitħeġġu u nitqanqlu bin-nar tiegħek, in-nar tajjeb tiegħek, u nitilgħu 'l fuq lejn is-sliem ta' Ġerusalemm tas-sema.

Santu Wistin, *L-Istqarrijiet* XIII, 8, 9; 9, 10

- Inti twajjeb, o Mulej, mar-ruħ li tfittxek. X'se jkun mela mir-ruħ li ssibek? Imma proprju hawn hu l-għaġeb, li ħadd ma jista' jfittxek ħlief dak li jkun sabek qabel. Għalhekk int tixtieq li tinstab biex tkun tista' tiġi mfittex, inti tiġi mfittex biex tinstab mill-ġdid. Tassew li int tista' tiġi mfittex u misjub, imma mhux qabel [ma tkun sibtna int]. Għax għalkemm ngħidu: "filgħodu t-talba tiegħi tiġi quddiemek,"

b'danakollu ma hemm ebda dubju, li kull talba tkun bierda jekk l-ispirazzjoni ma tkunx ġiet qabel.

San Bernard, *De diligendo Deo,* 22

## 387. IR-RIEDA TIEGĦEK QIEGĦDA F'QALBI

*Jogħġobni li nagħmel ir-rieda tiegħek, Alla tiegħi;*
*ir-rieda tiegħek qiegħda f'qalbi (Salm 40, 9).*

1. "Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi" (Mk 3, 35). Li tintrabat mar-rieda ta' Alla jfisser li tintrabat ma' Alla, li tħaddan ir-rieda tiegħu jfisser li tħaddan 'l Alla nnifsu. Ħadd ma hu aktar magħqud ma' Alla minn dak li dejjem jagħmel ir-rieda tiegħu b'mod perfett. Dan hu s-sinjal l-aktar żgur ta' mħabba ġenwina, ta' relazzjoni intima ma' Alla, li Ġesù qabbilha mar-relazzjonijiet l-aktar qrib tad-demm. L-imħabba tbattal lir-ruħ minn dak kollu li hu kuntrarju għal Alla, iġegħilha tħobb u tixtieq biss dak li Alla jħobb u jixtieq, b'mod li ftit ftit ir-rieda tagħha tikkonforma, anzi tidentifika mar-rieda divina. Imbagħad "żewġ ridiet li jsiru rieda waħda, jiġifieri r-rieda ta' Alla, hekk li din ir-rieda ta' Alla ssir fl-istess ħin ir-rieda tar-ruħ" (San Ġwann tas-Salib, *Telgħa* I, 11, 3). Meta xi ħadd jgħid: Mulej, jien niċħad ir-rieda tiegħi biex nagħmel ir-rieda tiegħek, ikun qiegħed jesprimi dispożizzjoni mill-aħjar, imma s'issa għad mhix għaqda perfetta; ikun għad fadal xi ftit nuqqas ta' qbil. Jeħtieġ jasal sal-punt li jkun jista' jgħid, u wisq iżjed bl-għemejjel milli bil-kliem: Mulej dak kollu li trid int, irridu jien." Din kienet l-attitudni dejjiema tal-Madonna: "Ħa jkun minni skont kelmtek" (Lq 1, 38).

San Ġwann tas-Salib jgħallem li: "l-istat tal-Unjoni Divina jinstab fil-bidla sħiħa tar-ruħ skont ir-rieda ta' Alla, hekk li fir-ruħ ma jkun hemm xejn li jmur kontra r-rieda ta' Alla (*Telgħa* I, 11, 2). Imbagħad, fl-għemejjel tiegħu kollha ma jibqax immexxi mill-gosti personali tiegħu, imma mir-rieda ta' Alla biss, fiha jkun tilef ir-rieda tiegħu, u tilifha għall-imħabba, jerġa' jsibha mibdula fir-rieda divina. "Min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha" (Mt 16, 25). U ladarba f'Alla l-att tar-rieda hu fl-istess ħin l-att ta' mħabba, meta jitlef lilu nnifsu fir-rieda ta' Alla jfisser li jitlef lilu nnifsu fl-imħabba tiegħu. Meta jrid biss dak li Alla jrid dak ikun l-ogħla grad, għax ifisser li jħalli lilu nnifsu jitħarrek mill-imħabba divina.

2. "Inqiegħed il-liġi tiegħi fihom u niktibha f'qalbhom: u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkun l-poplu tiegħi" (Ġer 31, 33). Dan hu li jiġri fir-ruħ li hi msoffija għalkollox; f'qalbu ma hemmx ħaġa oħra

ħlief ir-rieda divina, imsawba minn Alla bil-qawwa tal-imħabba tiegħu; hekk il-ħlejqa ssir ta' Alla u Alla jsir tagħha f'għaqda perfetta tar-rieda u ta' mħabba. Din hija l-għaqda ma' Alla li fittxew il-qaddisin u xtaqu bil-forzi kollha tagħhom. "Għax din hija l-aktar ċara u żgura" (Tereża ta' Ġesù, *Kastell* V, 3, 5). Tereża ta' Ġesù li kienet ġarrbet il-ħlewwa u l-frott tal-unjoni mistika li fiha r-ruħ ma tistax "tiddubita li hi kienet f'Alla u li Alla kien fiha" (*Kastell* V, 1, 9) ma taħsibhiex darbtejn li tippreferi l-għaqda perfetta mar-rieda ta' Alla milli l-ħlewwiet spiritwali li jissieħbu ma' dawn il-grazzji. F'din l-għaqda, fil-fatt, hemm il-qofol tal-qdusija, waqt li l-grazzji mistiċi huma biss mezz biex naslu għaliha, mezz tassew prezzjuż, għax bih naslu aktar malajr, imma dejjem jibqa' mezz u mhux għan.

Hija ħaġa ta' Alla li jiffissa lil kull ħlejqa t-triq tagħha; għal xi wħud tista' tkun triq "li tqassar" tal-grazzji mistiċi għall-oħrajn – il-maġġanza l-kbira – it-triq ordinarja tal-isforz ġeneruż u perseveranti: "it-triq iż-żgħira" ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, jew "it-triq tal-karrijiet" ta' Santa Marija Bertilla. Imma hu x'inhu, ma jistax ikun naslu għall-għaqda ma' Alla bla ma nintrabtu għalkollox mar-rieda tiegħu li tiġi ppruvata bl-għemejjel, bil-mod ta' ħajja ta' kull wieħed. Flok ninkwetaw dwar it-triq, jeħtieġ nimmiraw b'mod ġeneruż għall-għan. "Imma aħsbu sewwa, uliedi: il-Mulej irid li ma żżommu xejn għalikom. Għandkom x'għandkom, ftit jew ħafna, Hu jrid kollox għalih. U skont ma tkunu tafu li tajtuh, Hu jagħtikom aktar jew inqas grazzji (Tereża ta' Ġesù, *Kastell* V, 1, 3).

Alla qatt ma jabbanduna r-ruħ li jara li qiegħda l-ħin kollu tfittex u twettaq ir-rieda tiegħu; hu nnifsu jagħtiha intelliġenza u mħabba profonda u jħaffilha t-triq biex twettaqhom: "Inqiegħed ruħi ġo fikom, u nagħmel li timxu skont il-kmandamenti tiegħi, u li żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom" (Eżek 36, 27). Il-ħlejqa li timxi mit-triq ordinarja ma tkunx nieqsa minn dawn l-għajnuniet divini; din ukoll timxi taħt l-influss tal-iSpirtu s-Santu li jmexxiha b'għemil moħbi, imma żgur, biex tintrabat għalkollox mar-rieda divina.

- O Alla tiegħi u Għerf bla tarf, bla qies u bla limiti, 'il fuq minn dak li jistgħu jifhmu l-anġli u l-bnedmin! O Mħabba li tħobbni aktar milli jien nista' nħobb lili nnifsi, jew aktar milli naf kif! Għaliex fir-rieda tiegħi, Mulej, nixtieq aktar minn dak li int trid tagħtini? Għaliex ngħajja lili nnifsi nitolbok dak li nixtieq jien fir-rieda tiegħi, ladarba

dwar il-ħwejjeġ li moħħi jista' jasal għalihom, u r-rieda tiegħi tista' tixtieq, Int diġà tagħraf il-limiti tagħhom, hekk li ma nafx kif jistgħu jkunuli ta' ġid? U f'dak li ruħi taħseb li sejra toħroġ rebbieħa, forsi aktar titlef. Għax, jekk nitolbok li teħlisni minn xi tiġrib li l-għan tiegħu tkun iċ-ċaħda tiegħi nnifsi, x'inkun qiegħda nitlob, Alla tiegħi? U jekk inkun jien li nitolbok tagħtini dan, forsi ma jkunx tiġrib tajjeb għas-sabar li għandi, li għadu dgħajjef u ma jiflaħx għal daqqa qawwija?

Iżda le, Alla tiegħi, le, ħalli ma jkolli ebda fiduċja aktar f'dak li nista' nixtieq għalija nnifsi; ħa tkun trid fija int dak li trid tixtieq għax dan huwa li rrid jien: iva, il-ġid kollu tiegħi jinsab filli nogħġob lilek. U kieku int Alla tiegħi, kellek tfittex li togħġob lili billi ttemm dak kollu li nitolbok fix-xewqat tiegħi, nara li se nkun mitlufa.

Kemm huwa baxx l-għerf tal-bnedmin u kemm mhumiex żguri l-pjanijiet tagħhom! Ħa tkun int, Mulej, li fil-providenza tiegħek tagħtini l-mezzi meħtieġa biex bihom ruħi tkun tista' taqdik skont ma jogħġob lilek u mhux lilha. La tikkastiganix billi tagħtini dak li rrid jew nixtieq jien, jekk ma tkunx l-imħabba tiegħek li tkun tridu. Ħa jmut dan il-"jien", u li kien "ieħor" akbar minni u aħjar minni jgħix fija, biex inkun nista' naqdih. Li kien jgħix Hu, u lili jagħtini l-ħajja. Li kien isaltan Hu, u jiena nkun l-ilsira tiegħu, għax ruħi ma trid ebda libertà oħra.

Henjin huma dawk li, biċ-ċipp tal-ħadid u l-ktajjen ta' kull ġid mill-ħniena ta' Alla, jaraw li huma maqbuda, u nieqsa minn kull ħila li jinħallu mill-irbit tagħhom. Bħall-mewt qawwija l-imħabba, u daqs art l-imwiet hija kiefra. O, hieni min ikun maqtul mill-Imħabba u jiġi mitfugħ f'din l-art divina tal-imwiet, fejn ma hemm ebda tama li jkun jista' joħroġ barra; jew aħjar, fejn ma hemm ebda biża' li jsib ruħu barra!

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ* 17, 1-3

## 388. SOLENNITÀ TA' KRISTU SULTAN
## L-ERBGĦA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA

### SENA A

*Mulej, ħallina nidħlu fis-saltna tiegħek ta' ġustizzja, imħabba u sliem (Prefazju).*

Wara li l-Knisja fil-kors tas-sena liturġika fakkret il-misteri tal-ħajja ta' Kristu, li permezz tagħhom twettqet l-opra tas-salvazzjoni, fl-aħħar Ħadd tas-sena tinġabar madwar il-Mulej tagħha biex tiċċelebra r-rebħa tal-aħħar, meta hu jerġa' jiġi bħala Sultan glorjuż u jiġbor il-frott tal-fidwa tiegħu. Din hija fil-qosor, it-tifsira tas-solennità tal-lum.

Il-Liturġija tal-Kelma llum tippreżenta tlett aspetti partikulari tar-regalità ta' Kristu. It-tieni qari (1 Kor 15, 20-26a.28) jixhed il-qawwa sovrana tiegħu fuq id-dnub u fuq il-mewt. Kristu mejjet u rxuxtat għas-salvazzjoni tal-umanità huwa "l-ewwel frott" ta' dawk li, waqt li emmnu fih, għad jerġgħu jirxuxtaw għall-ħajja ta' dejjem. Fil-fatt, "bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam," minħabba d-dnub "hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu" (I Kor 15, 22) minħabba l-qawmien tiegħu. Ir-rebħa fuq il-mewt – l-aħħar għadu ta' Kristu – tinkuruna l-opra tas-salvazzjoni; u fl-aħħar taż-żmien, meta l-mejtin iqumu, Kristu jkun jista' jippreżenta lill-Missier is-Saltna li rebaħ għalih, Saltna ta' rxuxtati li għad ikantaw għal dejjem it-tifħir lil Alla tal-ħajja. Hekk il-ħolqien kollu li l-Missier poġġa taħt l-Iben biex jeħlisu mid-dnub u mill-mewt, issa li hu mifdi u mġedded għalkollox se jkun l-Iben stess li jissottemettih u jroddu lura lil Missier "biex Alla jkun kollox f'kollox" (1 Kor 15, 28) u jkun igglorifikat għal dejjem minn kull ħlejqa.

Min-naħa l-oħra, l-ewwel qari (Eżek 34, 11-12.15-17) jisħaq fuq l-imħabba ta' Kristu Sultan. Ġie fid-dinja biex iwaqqaf is-Saltna tal-Missier mhux bil-forza tar-rebbieħ, imma bit-tjubija u l-manswetudni tar-ragħaj. "Arawni, hawn jien se nfittex in-nagħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom. Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu meta jsib ruħu f'nofs in-nagħaġ imxerrda tiegħu, hekk naħseb jien fin-nagħaġ tiegħi" (Eżek 34, 11-12). Kristu kien ir-ragħaj it-tajjeb per eċċellenza, attent

biex jieħu ħsiebhom, jirgħahom, jiddefendihom, isalva l-merħla li l-Missier afdalu f'idejh. U ladarba l-bnedmin kienu mxerrda, 'il bogħod minn Alla u mill-imħabba tiegħu, hu mar ifittixhom, bħalma r-ragħaj ifittex in-nagħaġ mitlufa, ifejjaqhom bħalma r-ragħaj jikkura n-nagħaġ miġruħa u jfejjaq il-marida (Eżek 34, 16). Iżjed minn hekk, biex ireġġagħhom lura għall-imħabba tal-Missier, jagħti ħajtu għalihom. Wara daqs din dedikazzjoni Kristu, waqt li jħares il-merħla tiegħu, jista' jgħid fis-sewwa: "Ara, jien nagħmel ħaqq bejn nagħġa u nagħġa, bejn imtaten u bdabad" (Eżek 34, 17). Kristu Sultan-ragħaj għad ikun is-Sultan-imħallef.

Imbagħad hemm it-tielet aspett tar-regalità tiegħu żviluppat sewwa fl-Evanġelju (Mt 25, 31-46). "Meta jiġi Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħidhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug" (Mt 25, 31-33). L-Iben ta' Alla, li ġie fl-umiltà u fis-sofferenza biex isalva l-merħliet fdati lilu mill-Missier, jerġa' lura Sultan glorjuż fl-aħħar taż-żminijiet biex jiġġudika lil dawk li kienu l-oġġett tal-imħabba tiegħu. Fuqhiex se jiġġudikahom? Fuq l-imħabba; għax fl-imħabba hemm il-ġabra fil-qosor tal-messaġġ tiegħu, il-motiv u l-għan tal-ħidma kollha tiegħu ta' salvazzjoni. Min ma jħobbx, jinqata' għax irid hu mis-saltna ta' Kristu u fl-aħħar jum jara kkonfermata għal dejjem din l-esklużjoni. Il-ġudizzju fuq l-imħabba se jkun aktar konkret: ma jkunx fuq il-kliem imma fuq il-fatti: "Jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bilgħatx u sqejtuni…" (Mt 25, 35). Għalkemm Sultan glorjuż, Ġesù ma jinsiex li kien magħmul wieħed minn ħutna, u jippremja bħallikieku sar miegħu l-iżjed għemil umli ta' mħabba li twettaq mal-inqas fost il-bnedmin: "Ejjew… ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja" (Mt 25, 34). L-imħabba, sintesi tal-Kristjaniżmu, hi l-kundizzjoni biex inkunu milqugħin fis-saltna ta' Kristu, li hi saltna ta' mħabba. Min iħobb m'għandux għalxiex jibża' mill-ġudizzju ta' Kristu Sultan tal-imħabba.

- Nadurak, o Ġesù, Mulej tiegħi… Inti Sultan. Narak fl-ispirtu bilqiegħda fuq tron in-naħa tal-lemin ta' Alla…. Kollox jiddependi minn dan it-tron; dak kollu li jiddependi minn Alla u mill-imperu tas-sema huwa sottomess għal dan it-tron: ara l-imperu tiegħek.

Imma dan l-imperu hu sagru: huwa saċerdozju… Inti tiċċelebra għalina uffiċċju u festa dejjiema fil-lemin tal-Missier. Inti turih il-ħin kollu l-marki tal-pjagi li jipplakawh u jsalvawna. U inti toffrilu t-talb tagħna, tinterċedi għal dnubietna, tberikna u tikkonsagrana. Mill-għoli tas-sema għammed lil uliedek, int tbiddel id-doni tad-dinja fil-Ġisem u d-Demm tiegħek, int taħfer id-dnubiet u tibgħat l-iSpirtu s-Santu, int tikkonsgara l-ministri tiegħek u tqis bħal kieku sar minnek dak kollu li jagħmlu f'ismek. Meta nitwieldu int taħsilna bl-ilma tas-sema, meta mmutu, int tgħinna bid-dilka tiegħek li tfarraġ, u hekk il-mard tagħna jinbidel f'duwa, u l-mewt tagħna tinbidel f'ħajja vera.

O Alla, o Sultan, o Qassis il-Kbir, ningħaqad miegħek, infaħħrek… nissottometti ruħi għad-divinità tiegħek, għat-tmexxija tiegħek, għas-saċerdozju tiegħek… O Sultan tiegħi, l-għedewwa kollha tiegħek… jiġu mmansati, u mirbuħa, u mġegħla jbusu l-passi tiegħek… Sadattant, oqgħod bilqiegħda fuq it-tron tiegħek, o Sultan… ibqa' fis-sema sal-jum li fih għad tinżel, imma malajr ħafna erġa' ħu postok fost l-ippredestinati, li jkunu intimament magħqudin miegħek; u inti toffri 'l Alla din is-Saltna, magħmula minn dawk li salvaw, jiġifieri r-Ras u l-membri, u Alla jkun kollox għalihom.

J. Bossuet, *Meditazioni sul Vangelo* III, 52, v. 1, p. 240-242

## SENA B

*Lil dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu… lilu glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem (Apk 1, 5-6).*

Is-solennità tal-lum, imqiegħda fl-aħħar tas-sena liturġika, tidher bħala ġabra fil-qosor tal-misteri ta' Kristu mfakkrin matul is-sena, bħala l-quċċata li minnha tiddi b'dawl mill-akbar il-figura tiegħu ta' Salvatur u Mulej tal-ħwejjeġ kollha. Fl-ewwel żewġ qari tiddomina l-maestà u s-setgħa regali ta' Kristu. Il-profezija ta' Danjel (7, 13-14) turina minn qabel id-dehra tiegħu fuq is-"sħab tas-sema" (Dan 7, 13), formola tradizzjonali li turi lil Kristu glorjuż ġej lura fl-aħħar taż-żmien biex jagħmel ħaqq mid-dinja. Fil-fatt, lilu "tawh ħakma, ġieħ, u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens, u poplu, u lsien. Il-ħakma tiegħu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx" (Dan 7, 14) Alla – "ix-xiħ fl-għomor" (Dan 7, 13) – għamlu Mulej tal-ħolqien kollu u sawwab fuqu s-setgħa li tiżboq it-truf taż-żmien.

Dan il-ħsieb hu konfermat fit-tieni qari (Apk 1, 5-8) bl-espressjoni famuża "Jiena huwa l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem' jgħid il-Mulej Alla, li hu, u li kien, u li għad irid jiġi. Dak li jista' kollox" (Apk 1, 8). Kristu-Verb etern huwa "dak li hu" u dejjem kien, bidu u tmiem tal-ħolqien kollu; Kristu-Verb li sar bniedem hu dak li jiġi biex isalva lill-bnedmin, bidu u tmiem tal-fidwa kollha, u hu l-istess wieħed li għad jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja. "Arawh, ġej fis-sħab, u l-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh; u r-razez kollha tal-art jibdew iħabbtu fuq sidirhom" (Apk 1, 7). Għad-dehra grandjuża ta' Kristu l-Mulej universali tingħaqad ma' dik ta' Kristu msallab, u din tal-aħħar iġġibilna f'moħħna l-imħabba immensa tiegħu (Apk 1, 5). Sultan u Mulej li ma għażilx mod ieħor biex isaffina minn dnubietna ħlief li jaħsilhom bid-demm tiegħu. Kien biss b'dan il-prezz li ġabna fis-saltna tiegħu, li fiha qlajna d-dħul mhux biss bħala sudditi tiegħu imma wkoll bħala ħutu u werrieta miegħu, bħala sħabu fl-istat regali tiegħu, fil-ħakma tiegħu fuq il-ħwejjeġ kollha, sabiex miegħu, il-Qassis waħdieni, nistgħu noffru u nikkonsagraw il-ħolqien kollu ta' Alla. "li għamilna Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru" (Apk 1, 6). Sa hawn, Kristu l-Mulej ried li jsieħeb lill-bniedem fil-kobor tiegħu.

L-Evanġelju (Ġw 18, 33b-37) wkoll jippreżenta r-regalità ta' Kristu f'relazzjoni mal-passjoni tiegħu u fl-istess ħin iqabbel din mas-saltna tad-dinja. Dwar dan kienet it-taħdita bejn Ġesù u Pilatu. Waqt li Ġesù dejjem ħarab mill-folol li f'mumenti ta' entużjażmu riedu jagħmluh sultan, issa, meta wasal biex ikun ikkundannat għall-mewt, bil-miftuħ jammetti li hu sultan. Meta Pilatu jistaqsih: "Mela int sultan?" huwa jwieġeb: "Qiegħed tgħidu int: jien sultan" (Ġw 18, 37). Imma qabel kien diġà stqarr: "Is-saltna tiegħi mhijiex ta' din id-dinja" (Ġw 18, 36). Ir-regalità ta' Kristu mhix il-ħakma ta' dak li hu tad-dinja jew setgħa politika, imma sinjorija spiritwali li tikkonsisti filli tħabbar il-verità, filli twassal il-bnedmin għall-ogħla Verità, teħlishom minn kull dlam ta' żball u ta' dnub. Ġesù jgħid: "Għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità" (Ġw 18, 37). Huwa hu x-"Xhud fidil" (2º qari) tal-verità – jew tal-misteru ta' Alla u tal-pjani tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja – li ġie biex jirrivela lill-bnedmin u jixhed bis-sagrifiċċju ta' ħajtu. Għalhekk kien biss li meta wasal għas-salib li stqarr li hu sultan; u "mis-salib jiġbed lil kulħadd lejh (Ġw 12, 32). Huwa impressjonanti li fl-Evanġelju ta' Ġwanni, l-evanġelista-teologu, is-suġġett tar-regalità ta' Kristi huwa l-ħin kollu marbut ma' dak tal-passjoni tiegħu. Fil-fatt is-salib huwa t-tron irjali ta' Kristu; mis-salib jifrex idu biex iħaddan miegħu lill-bnedmin kollha u mis-salib jiggverna bl-imħabba tiegħu. Biex isaltan fuqna, jeħtieġ inħalluh jiġbidna u jirbaħna b'imħabba bħal din.

• Alla ta' dejjem li tista' kollox, int ridt iġġedded kollox f'Ibnek l-għażiż; is-Sultan tal-ħolqien kollu; fit-tjieba tiegħek agħtina li l-ħlejjaq kollha, meħlusa mill-jasar tad-dnub, jaqdu lill-kobor tiegħek u jfaħħruk għal dejjem.

*Kolletta*

• Int, Alla tiegħi, inti Sultan għal dejjem, u s-saltna tiegħek mhix waħda mislufa. Meta fil-Kredu jingħad il-kliem: "Is-saltna tiegħek ma jkollhiex tmiem," tista' tgħid dejjem nimtela' bl-hena. Infaħħrek, Mulej, u nbierkek u l-ħwejjeġ kollha jfaħħruk għal dejjem (*Triq* 22, 1).

O Ġesù tiegħi, min jista' jfisser il-maestà li biha turi lilek innifsek! Kif inti tassew is-Sid waħdieni tad-dinja kollha, u tas-smewwiet, u ta' eluf ta' dinjiet oħra, ta' għadd bla qies ta' dinjiet u smewwiet ġodda li tista' toħloq! Hawn jidher ċar, Ġesù tiegħi, kemm ma tiswa xejn is-

setgħa tad-demonji kollha, ħdejn il-kobor tiegħek, u kif min jogħġob lilek jista' tassew jgħaffeġ taħt riġlejh l-infern kollu…. Nifhem li int trid turi lir-ruħ kemm hija kbira l-maestà tiegħek u kemm hija setgħana din l-Umanità l-aktar imqaddsa magħquda mad-Divinità. Hawn tinstab dehra ċara ta' dak li għad iseħħ fil-jum tal-Ġudizzju, meta għad naraw il-maestà ta' dan is-Sultan u l-ħruxija tiegħu mal-ħżiena. Hawn insibu l-umiltà vera, li tagħti l-qawwa lir-ruħ biex tagħraf id-dgħufija tagħha għax ma tkunx tista' ma tagħrafhiex. Hawn insibu l-mistħija u l-indiema sħiħa mid-dnubiet kollha għax meta tara l-imħabba kbira tal-Mulej għaliha, ir-ruħ ma tafx fejn taqbad tistaħba, hekk li tħossha mxejna fiha nfisha (*Ħajja* 28, 8-9).

S. Tereża ta' Ġesù

## SENA Ċ

*Ftakar fija, Mulej, meta tidħol fis-Saltna tiegħek (Lq 23, 42).*

Is-sena liturġika tagħlaq bil-festa ta' Kristu Sultan, festa universali tal-misteru tal-kobor divin u tal-imħabba infinita tiegħu.

Is-suġġett jibda mill-ewwel qari (2 Sam 5, 1-3) bit-tifkira tad-dilka ta' David bħala sultan u ragħaj ta' Iżrael, xbieha profetika ta' Kristu sultan u ragħaj tal-popli kollha. Imbagħad ikompli jisvolġi fit-tieni qari (Kol 1, 12-20) fejn San Pawl ifaħħar ir-regalità ta' Kristu u juri lista tal-aqwa titli l-iżjed sinjifikanti u espressivi. Kristu hu sultan għax għandu l-primat assolut quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, fl-ordni tal-ħolqien u f'dak tal-fidwa. "Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (Kol 1, 15), xbieha perfetta u li tidher li tirrivela lill-Missier: min jara lilu jara lill-Missier (Ġw 14, 9). Hu l-"kbir fost il-ħlejjaq kollha" (Kol 1, 15): l-ewwel fil-ħsieb u fl-imħabba tal-Missier, l-ewwel minħabba d-dinjità infinita tiegħu li tqiegħdu 'l fuq mill-ħlejjaq kollha, l-ewwel għax "fih… kien maħluq kollox" (Kol 1, 16) billi Alla sejħilhom fl-eżistenza permezz tiegħu, il-Kelma eterna tiegħu. Il-ħolqien kollu huwa tiegħu; hu, fl-istess waqt is-Sultan li jmexxih u s-Saċerdot li jikkonsagrah u joffrih lill-Missier għall-glorja tiegħu. Imma ladarba l-ħolqien kien imniġġes mid-dnub, Kristu fdieh bil-prezz ta' demmu u huwa wkoll is-Salvatur tiegħu. Il-bnedmin salvati minnu jiffurmaw is-Saltna, il-Knisja li tagħha huwa l-Kap, Għarus, Ragħaj u Mulej. Min-naħa l-oħra minħabba l-inkarnazzjoni tiegħu huwa wkoll wieħed mill-aħwa tal-bnedmin u permezz tal-passjoni u l-mewt hu "l-kbir li qam mill-imwiet" (Kol 1, 18) li għad iqumu miegħu "l-ewwel frott" tal-irxuxtati. Fil-verità Kristu "hu l-ewwel f'kollox" (Kol 1, 18) u fih il-bniedem isib kollox: il-ħajja, "il-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet" (Kol 1, 14). Joħroġ għalhekk mill-qalb l-innu ta' radd-il ħajr lil Alla l-Missier li fl-Iben tiegħu ried joħloq u jġedded il-ħwejjeġ kollha, u jagħti lill-bnedmin il-ħajja u s-salvazzjoni: "Roddu ħajr lill-Missier, li… ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-Maħbub" (Kol 1, 12-13).

Dan il-ħelsien u dan id-dħul huma dokumentati mill-ħajja, fl-Evanġelju tal-lum (Lq 23, 35-43) bl-episodju li jqanqal tal-ħalliel it-tajjeb. Ġesù kien imsallab; fuq rasu kien hemm imdendel it-titlu tar-regalità tiegħu: "Dan huwa s-sultan tal-Lhud" (Lq 23, 38), ix-xjuħ u s-suldati għaddewh biż-żmien: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek

innifsek!” (Lq 23, 37). Ukoll wieħed mill-ħżiena “msallbin” qrib tiegħu beda jgħajru; imma l-ieħor, imqanqal mill-biża’ ta’ Alla, iddefendieh: “Aħna… qegħdin nieħdu li ħaqqna ta’ kulma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin” u waqt li dar lejn Ġesù qal: “Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek” (Lq 23, 41-42). Kien ħalliel imma emmen f’Alla u kien jibża’ minnu, stqarr ħtijietu u aċċetta l-kastig tad-delitti tiegħu. Il-fidi dawlitu u l-ewwel fost ħafna, għaraf ir-regalità ta’ Ġesù għalkemm kien immaqdar u mwarrab mill-qassisin u l-kapijiet tal-poplu; u dan għarfu mhux quddiem Kristu glorjuż, imma Kristu umiljat, qiegħed imut fuq is-salib. Il-fidi tiegħu ġiet ippremjata: “Tassew, ngħidlek, illum tkun fil-ġenna miegħi” (Lq 23, 43). Hu talab premju għal żmien futur imma qalgħu minnufih “illum”. Mhux se joqgħod jistenna; Ġesù kien ġa ħallas għalih, ġa mmerita l-grazzja għalih; l-indiema flimkien mal-fidi kienu biżżejjed biex jirċeviha. Hekk, mis-salib Kristu jiġbed lejh lill-bnedmin; ir-ragħaj it-tajjeb li salva n-nagħġa l-mitlufa, il-missier li laqa’ lill-iben il-ħali, is-Sultan li waqqaf is-saltna tiegħu bil-qawwa tal-imħabba u bil-prezz ta’ demmu. Min jemmen u jafda fih se jisma’ jingħadlu: “Illum tkun miegħi fil-ġenna.”

• Sewwa u xieraq tassew… li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr. Inti kkonsagrajt lil Ibnek il-waħdieni, Ġesù Kristu Sidna, Qassis għal dejjem u Sultan tal-ħolqien kollu, biex itemm il-misteru tal-fidwa tal-bnedmin billi joffri lilu nnifsu fuq l-altar tas-Salib bħala Vittma safja u tas-sliem; u, wara li jkun ġieb il-ħlejjaq kollha taħt il-ħakma tiegħu, jagħti lilek is-saltna fuq kollox u għal dejjem: saltna ta’ qdusija u grazzja, saltna ta’ ġustizzja, imħabba u sliem.

*Prefazju*

• O ruħ tiegħi, inti tempju! O Alla tiegħi agħmel li ruħi tkun is-saltna tiegħek! Jiena sudditu tiegħek u hekk irrid inkun, saltan fuqi b’mod sovran! Jekk xi drabi tbiegħedt minnek, jekk kelli x-xorti ħażina li ndur kontra tiegħek, dan ġara, o Alla tiegħi, għax ma kontx nafek.

O Tjubija infinita, int ma tħallix lilek innifsek tgħajja bil-ġjufija tiegħi jew bir-ribelljoni tan-natura tiegħi; dak kollu li titlob minni hija fidi ħajja u rieda fidila, immexxija mill-fidi u mqanqla mill-imħabba tiegħek. Jiena nemmen, o Mulej, jiena rrid nemmen; fejjaq in-nuqqas

ta' twemmin tiegħi. Irbaħ lir-reżistenzi tiegħi. Jien naf sewwa li int ma tgħakkisnix, ħlief biex tħobbni. Li nissottometti ruħi lejk ifisser li nħalli lili nnifsi nkun maħbub minnek, li nagħtik il-libertà li twettaq fija, l-hena tiegħi, ukoll minkejja tiegħi innifsi. Agħmel bija dak li trid, o Mulej, kisser it-tfixkil li jeħodha kontra l-ħakma tiegħek, għar-rebħa tal-imħabba tiegħek.

D. Mercier, *Scritti e discorsi*, p. 260-261

## 389. IL-MULEJ IR-RAGĦAJ TIEGĦI

*Mulej, inti trejjaqni… Int tħejji mejda għalija (Salm 23, 3.5).*

1. Lil Elija li kien mifni mill-persekuzzjonijiet bla heda u mill-mixja twila fid-deżert, deherlu anġlu tal-Mulej biex ifarrġu. Qallu għal darbtejn: "Qum u kul" u għal darbtejn il-profeta sab ftira u ilma maġenbu. Meta ħassu aħjar b'dak l-ikel, reġa' qabad it-triq u "baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej" (1 Slat 19, 8). Lill-ħlejqa li tfittex 'l Alla, il-Mulej qatt ma jħalliha nieqsa mill-għajnuna tiegħu. L-ilma ħaj tal-grazzja u l-ħobż ħaj tal-Ewkaristija huma l-għajnuna tiegħu ta' kuljum wisq aktar qawwijin u tal-għaġeb minn dik mogħtija lil Elija. B'danakollu dak kollu li ġarrbu l-Lhud fid-deżert: il-manna mibgħuta mill-Mulej u l-ilma li ħareġ mill-blata ma kenux apprezzati; il-poplu ried ikel ieħor u bkew il-laħam u l-basal tal-Eġittu. Il-bniedem, b'xorti ħażina, jidra wkoll l-iżjed grazzji kbar, jidra wkoll il-mirakli u jispiċċa biex ma japprezzax kemm huma prezzjużi. Hemm xi wħud li jgergru li fi triqthom ma ltaqgħux mal-favuri mistiċi kbar mogħtija lill-qaddisin, waqt li ma jintebħux bil-fatt li ma humiex jagħmlu użu mill-għajnuna tal-grazzji ordinarji; ordinarji mhux fis-sens li huma ta' importanza żgħira, imma fis-sens li huma doni mogħtija bla ebda diskriminazzjoni lill-Insara kollha. Biex tasal fl-għaqda ma' Alla, Santa Tereża ta' Avila tgħid: "Mhux meħtieġ li l-Mulej jagħtina grazzji kbar biex naslu għal dan; biżżejjed dak li tana f'Ibnu biex jgħallimna t-triq" (*Kastell* V, 3, 7). Ġesù biżżejjed! Liema don hemm akbar mill-Iben ta' Alla li għamel lilu nnifsu bniedem biex jiftaħ it-teżori tal-ħbiberija divina għall-bnedmin, waqt li jurina t-triq u jagħtina l-mezzi? Il-grazzja immeritata bil-passjoni ta' Kristu, id-don tal-Ewkaristija u tas-sagramenti l-oħra huma forsi valuri żgħar għax huma mogħtija lil kulħadd?

Hi biss fidi profonda li ġġiegħena nifhmu s-siwi kbir ta' dawn il-mezzi ordinarji tal-grazzja. Hi biss il-ħlejqa ppurifikata li tifhem is-sens tar-rikkezza immensa tagħhom u tkanta "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni... Ħdejn l-ilma fejn nistrieħ jeħodni... Int tħejji mejda għalija" (Salm 23, 1, 3.5).

2. “Fwiħatek fihom għaxqa għar-riħa tagħhom… Iġbidni warajk, ej’ niġru!” (Għanja 1, 3-4). Bħall-għarusa tal-għanja, il-ħlejqa msoffija u miġbuda bil-qawwi mill-ilmijiet ta’ Alla, ma tistenniex ħlief sinjal mingħandu biex tiġri warajh. Waqt li San Ġwann tas-Salib jikkummenta dan il-vers, jgħid: “Jekk ir-ruħ tfittex lil Alla, wisq iżjed il-Maħbub tagħha jfittex lilha, u jekk hi turi x-xewqat tagħha ‘l Alla… hu jibgħatilha l-fwiħat tal-ungwenti tiegħu li bihom jiġbidha biex tiġri warajh” (*Fjamma* 3, 28). Hawn għandna qisha kompetizzjoni: aktar ma l-ħlejqa tixtieq tingħaqad ma’ Alla, iżjed Alla jiġbidha lejh bl-“ispirazzjonijiet u l-mess divin tiegħu.” Dawn mhumiex ħlief id-doni tal-iSpirtu s-Santu li jaħdmu fir-ruħ biex iħaffulha l-mixja. Din imbagħad tersaq lejn Alla mhux tant bl-inizjattiva personali tagħha, imma billi tħalli lilha nfisha tinħataf u titmexxa kif iqanqalha l-iSpirtu s-Santu. San Pawl jgħid: “Dawk kollha li jmexxihom l-iSpirtu ta’ Alla huma wlied Alla” (Rum 8, 14). Ulied mhux biss għax irċevew il-magħmudija, imma għax ħallew il-grazzja tal-magħmudija timmatura fil-milja kollha tagħha, milja li fiha l-iżvilupp perfett tal-virtujiet infużi u tad-doni tal-iSpirtu s-Santu. Hekk biss il-ħlejqa tiġi trasformata kollha kemm hi bil-grazzja, u għalhekk mimlija bil-ħajja divina, magħġuna mill-iSpirtu s-Santu fix-xbieha tal-Iben Waħdieni ta’ Alla, u bħala bint vera, imdaħħla fl-“għaqda mal-Missier u ma’ Ibnu Ġesù Kristu’“ (1 Ġw 1, 3). Din hi l-ħajja mistika li tinsab fil-linja tal-iżvilupp normali tal-grazzja u għalhekk hi offruta lill-Insara kollha. Ħajja mistika għax fiha, l-inzjattivi u l-modi divini jaħkmu fuq dawk umani u l-ħlejqa tieħu esperjenza vera ta’ Alla: tat-traxxendenza u l-inabitazzjoni tiegħu, tal-preżenza fir-ruħ u tal-għaqda miegħu permezz tal-imħabba. Hija l-għaqda ma’ Alla mgħejxa mhux biss bil-qawwa tal-istat tal-grazzja – li hu essenzjali u fundamentali – imma wkoll permezz tal-esperjenza li tiġi mill-imħabba. Dawn huma r-rikkezzi immensi offruti lill-ħlejjaq li jafu jingħataw lil Alla b’ġenerożità sħiħa. Santa Tereża ta’ Ġesù tgħid: “Ladarba nistgħu b’xi mod nithennew bis-sema fuq l-art, jagħtina l-grazzja tiegħu ħalli ma jkun jonqosna xejn ħtija tagħna” (*Kastell* V, 1, 2).

- Mulej, meta nitolbok il-ħeġġa, inkun nitolbok dak kollu li jista’ jkolli bżonn, dak kollu li tista’ tagħtini: fil-fatt hu l-quċċata ta’ kull don u ta’ kull virtù b’kundizzjoni ta’ ħajja spiritwali mimlija u ġenwina. Il-ħeġġa tagħti lil kull virtù l-ġmiel u l-glorja, waqt li l-ħin kollu tħarisha u tagħmilha aktar safja. Meta nitolbok il-ħeġġa, inkun nitolbok l-enerġiji

spiritwali ġenwini, koerenza u perseveranza; nitolbok il-qawwa li niċħad il-motivi umani kollha u jkolli xewqa safja biex nogħġbok: Qed nitlob il-fidi, it-tama u l-imħabba fl-ogħla grad tagħhom. Meta nitolbok il-ħeġġa, nitolbok teħlisni mill-biża' tal-bnedmin u mix-xewqa tat-tifħir tagħhom; nitolbok id-don tat-talb għax dan jista' jfarraġni; nitolbok għarfien leali tad-dmir tiegħi, li jiġi mill-imħabba ġeneruża lejk; nitolbok il-qdusija, il-ġabra tad-doni kollha, paċi u ferħ. Meta nitolbok il-ħeġġa nkun nitolbok id-dija tal-kerubini, il-fjamma ta' mħabba tas-serafini u s-safa tal-qaddisin. Meta nitolbok il-ħeġġa, il-ġabra tad-doni kollha, inkun qed nitolbok dak kollu li jonqosni. Jekk imqar ikolli l-ħeġġa tal-qalb, xejn ma jinkwetani, xejn ma jista' jkun iebes

Alla tiegħi, meta nitolbok il-ħeġġa, inkun qed nitlob li jkolli lilek, xejn anqas minnek, li ngħatajt lilna kollok kemm int. Infed lil qalbi bl-essenza u bil-persuna tiegħek, u mlieha bil-ħeġġa billi timlieha bik. Inti biss tista' timla' ruħ il-bniedem u inti nnifsek wettaqtu dan. Inti l-fjamma ħajja li taqbad dejjem bl-imħabba għall-bniedem: idħol fl-intimu tiegħi u kebbsu, biex bħalek inkun nista' nixgħel bl-imħabba.

Beatu J.H. Newman, *Maturità cristiana,* p. 278

- O nutriment mingħajr togħma! O togħma mingħajr gost! O gost mingħajr ikel! O ikel ta' mħabba li bih jitmantnew l-anġli, il-qaddisin u l-bnedmin! O ikel hieni, min jiggustak ma jifhimx il-ġid li hemm fik. O ikel veru li taqtgħalna l-ġuħ, inti titfi kull aptit ieħor! Min jiggosta dan l-ikel iqis lilu nnifsu hieni, ukoll waqt li għadu f'din il-ħajja li fiha int o Alla, ma turix ħlief farka ċkejkna: jekk turi ftit iżjed il-bniedem kien imut b'dik l-imħabba hekk fina u li tinfed, li l-iSpirtu jkebbisha tant li l-ġisem dgħajjef ikun ikkunsmat fiha. O mħabba tas-sema, o mħabba divina… jiena nħossni mirbuħa u maħkuma.

Santa Katerina ta' Ġenova, *Djalogu, Xogħlijiet*, p. 185

## 390. FID-DELL TA' ALLA

*Għad-dell ta' ġwenħajk, jiena nistkenn (Salm 36, 8).*

1. "Jiena għall-Maħbub tiegħi, fuqi xeħet il-ġibda tiegħu" (San Ġwann tas-Salib, *Kantiku* 7, 11). Il-ħlejqa ma tistax tingħata għalkollox 'l Alla jekk hu ma jiġbidhiex lejh; huwa dejjem Alla li jibda bl-imħabba u bil-grazzja tiegħu. Min-naħa l-oħra huwa wkoll veru li Alla "qatt ma jaħdem fir-ruħ bħal meta din tkun kollha kemm hi tiegħu bla xkiel ta' xejn" (Santa Tereża ta' Ġesù, *Triq* 28, 12). Jiġri li meta l-ħlejqa, li issa għandha r-rieda ħielsa minn kull xewqa u gost barrani, tlissen l-"iva" tagħha tar-rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla hu jwieġeb bil-"kunsens veru u sħiħ tal-grazzja tiegħu" (San Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 3, 25). Għall-għotja perfetta tar-rieda min-naħa tal-ħlejqa, tikkorrispondi l-komunikazzjoni sħiħa tal-grazzja min-naħa ta' Alla, jiġifieri t-tisħib kotran tal-ħajja divina tiegħu. "Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra" (Ġw 10, 10); jekk il-bniedem jixtieq jingħata lilu, wisq iżjed hu jixtieq isawwab fih il-ħajja tiegħu biex jgħaqqdu miegħu f'komunjoni intima. "Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom… ibqgħu fl-imħabba tiegħi… intom ħbiebi" (Ġw 15, 4.9.14); kollha huma frażijiet li jixhdu x-xewqa ta' Kristu li jwettaq għaqda profonda mal-Insara, u mhux biss b'mod kollettiv, ġeneriku, imma b'mod personali ma' kull wieħed minnhom: "Jekk xi ħadd iħobbni… aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14, 23). Dan jitwettaq għalkollox meta, bħalma jgħid San Ġwann tas-Salib: "Ir-rieda ta' Alla u dik tar-ruħ ikunu ħaġa waħda bil-kunsens personali u ħieles tat-tnejn" (*Fjamma* 3, 25). Imbagħad il-ħajja divina tfur fir-ruħ, u Alla jingħata lilha bħal għarus lill-għarusa: "Jien għall-Maħbub tiegħi u l-Maħbub tiegħi għalija" (Għanja 6, 3). Lir-ruħ li tingħatalu kollha kemm hi, Alla mhux biss jagħtiha l-grazzji imma jagħti lilu nnifsu f'bidla ta' mħabba tal-għaġeb. Id-Duttur mistiku jgħid: "Dan hu stat sublimi ta' għerusija spiritwali mal-Verb, li matulha l-Għarus jagħti lir-ruħ grazzji kbar u jżurha kollu mħabba" (*Fjamma* 3, 25).

2. "Ara, jien fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi" (Apk 3, 20). Alla jħabbat fuq qalb il-bniedem b'elf mod, bil-grazzji tiegħu, bl-ispirazzjonijiet tiegħu, bl-imħabba tiegħu, Alla jħabbat fil-qalb tal-bniedem u dan bilkemm jiddeċiedi li jiftaħ, hu

jinvadih, jieħu pussess tiegħu, u jwaqqaf l-għamara tiegħu, u jgħammar hemm kif jagħmel ħabib ma' ħabibu. Jekk il-ħlejqa tagħmel dak kollu li tista' biex tbattal lil qalbha minn kull affett diżordinat u biex tinfetaħ kompletament għal Alla, "ikun impossibbli li Alla ma jagħmilx dak kollu li jiddependi minnu, jingħatalha għallanqas fil-moħbi u fis-skiet, aktar impossibbli milli r-raġġ tax-xemx ma jiddix f'post nadif u mimli sliem… U kif ix-xemx li titla' filgħodu tħabbat mad-dar tiegħek biex tidħol, jekk tiftħilha t-tieqa, hekk Alla… jidħol fir-ruħ battala u jimliha bil-ġid tiegħu." (*Fjamma* 3, 46). Mela għaliex tħallih jistenna? Kull tnikkir jista' jkun fatali, bħalma ġara lill-Għarusa tal-Għanja tal-Għanjiet: hi damet biex tiftaħ lill-Għarus tagħha u meta fl-aħħar fetħet, hu kien diġà għeb. "Fittixtu u ma sibtux, sejjaħtlu u ma weġibx" (Għanja 5, 6). Alla hu l-Mulej u għandu d-dritt iħalli 'l min jistennih biex jipprova l-fedeltà tal-bniedem, imma l-bniedem ma għandu ebda dritt iħallih jistenna. Li ndumu ma nwieġbu għall-istedin divin, jew inwieġbu parzjalment, bit-traskuraġni, bir-riservi, ifisser li qegħdin nesponu ruħna li nitilfu grazzji l-iżjed prezzjużi li kienu se jwassluna għall-għaqda l-iżjed intima ma' Alla.

Alla jrid "l-iva" perfetta mill-ħlejqa, mhux biss fit-teorija, mhux biss f'waqtiet ta' talb jew fl-hena spiritwali, imma dejjem: fir-realtà konkreta tal-ħajja ta' kuljum, fi żminijiet ta' diffikultà u qtigħ il-qalb. Jeħtieġ li tkun "iva" ġeneruża, li biha nintrabtu ma' Alla bil-qawwa u l-imħabba kollha tagħna. Huwa biss għal "iva" bħal din li hu jwieġeb "bl-iva vera u sħiħa tal-grazzja tiegħu" (*Fjamma* 3, 24), li ġġegħilna nissieħbu aktar u aktar fl-esseri divin tiegħu, u fil-ħajja divina tiegħu, jgħammar fina b'mod aktar profond u intimu. Din hi r-rebħa tal-grazzja, li biha r-ruħ, mogħtija għalkollox lil Alla, tista' fl-aħħar tistrieħ fih u tgħid: "Kollni mixtieqa qgħadt bilqiegħda f'dellu" (Għanja 2, 3).

- Sid tas-Sema u l-art, kif jista' jkun li nistgħu nithennew bik fi ħbiberija hekk partikulari, waqt li għadna f'din il-ħajja ta' hawn! Kif jista' jkun li l-iSpirtu s-Santu jgħid dan b'mod hekk ċar f'dan il-kliem u b'danakollu ma rridux nifhmu! Kif jista' jkun li dawn huma l-ħlewwiet li int, Mulej, taqsam mal-erwieħ fil-Kantiċi? Xi kliem għażiż! Xi kliem ħelu! Kelma waħda minnu għandha tkun biżżejjed biex iddewwibna fik! Tkun imbierek, Mulej, għax min-naħa tiegħek ma jonqos xejn. B'kemm triqat, b'kemm manjieri, b'kemm modi, turina mħabbtek! Bit-tiġrib, b'xi mewta iebsa ħafna, bit-tbatijiet, bis-sabar quddiem l-offiżi

ta' kuljum u mbagħad bil-maħfra; u mhux biss b'dan kollu, imma wkoll bi kliem li jidrob lir-ruħ li tħobbok. U fil-Kantiċi int tgħid dan il-kliem u tgħallem lir-ruħ il-kliem li tgħid.

Għalhekk, Mulejja, f'din il-ħajja ma nitolbok xejn aktar ħlief li tbusni b'bewsa ta' fommok, u li tagħmel dan b'mod li, ukoll jekk jiena nfittex li ninġibed lura minn din il-ħbiberija u unjoni, ir-rieda tiegħi, o Sid ta' ħajti, toqgħod dejjem għar-rieda tiegħek u ma titlaqha qatt.

Għall-imħabba tal-Mulej, ħa nqumu minn din ir-raqda u niftakru li Hu ma jħalliniex nistennew sal-ħajja l-oħra biex iħallasna tal-imħabba tagħna; jibda jħallasna minn din il-ħajja. O Ġesù tiegħi, min jista' jwassalna biex nifhmu l-ġid kbir li nintefgħu f'dirgħajn dan il-Mulej tagħna u naslu fi ftehim mal-Maestà Tiegħu li jien inħares lejn il-Maħbub tiegħi, u l-Maħbub tiegħi lejja, u li Hu jieħu ħsieb ta' ħwejjġi u jien ta' ħwejġu.

Santa Tereża ta' Ġesù, *Meditazzjonijiet fuq l-Għanja tal-Għanjiet* 3, 14-15; 4, 8

• Meta jogħġob lit-Tjubija divina, ir-ruħ tista' tkun mgħarrgħa fil-paċi fil-parti l-għolja tagħha, saħansitra meta t-tempesta ġewwenija tkun għadha għaddejja. O x'paċi li ma titfissirx bil-kliem u li tiżboq il-ħsus kollha, inti dejjem twarrab dak li hu sensibbli u ġġegħilna niġru lejn il-fidi għarwiena bħallikieku lejn l-għajn waħdiena tal-ġid divin li tiegħu hija l-frott li ma jtfissirx bil-kliem u għal elf darba mbierek, id-don li jiżboq id-doni kollha.

Ara… Alla tiegħi, il-favur li jiena nistma 'l fuq minn dak kollu li fil-ġenerożità tiegħek tajtni sa issa. O jalla t-tjubija tiegħek iżżommni fil-paċi, jekk dan jogħġob lilek! Minn xiex għandi nibża' jien u ngawdi din il-paċi li ma titfissirx bil-kliem? Għar-ruħ li hija magħquda miegħek intimament, o Mulej, inti ssir il-qawwa tad-dgħufija tagħha, l-ubbidjenza tar-ribelljoni tagħha, l-umiltà tas-suppervja tagħha, l-għana tal-faqar tagħha, l-imħabba tal-bruda tagħha, l-għarfien tal-ingratitudni tagħha, is-safa tal-kruha tagħha u fl-aħħar it-talba tat-talb tagħha. B'din il-paċi divina. Inti tħarisha minn kull periklu, u l-imħabba infinita tiegħek tixrob dan ix-xejn ċkejken li hu dejjem quddiemek b'fiduċja umli u telqa għamja.

Beata M. Tereża Soubiran, p. 254-255

## 391. IS-SEHEM TIEGĦI HU ALLA

*Alla hu… s-sehem tiegħi għal dejjem (Salm 73, 26).*

1. "Ftakart fil-ħlewwa ta' żgħożitek, fl-imħabba tal-għerusija tiegħek, meta kont tiġri warajja fid-deżert, f'art bla żrigħ" (Ġer 2, 2). Hekk tkellem il-Mulej ma' Iżrael u hekk jitkellem mal-ħlejqa li għall-imħabba tiegħu tkun ġarrbet il-ħajja iebsa tad-deżert, waqt li tkun aċċettat li timxi warajh fis-solitudni, fiċ-ċaħda ta' kull faraġ tal-art, fiċ-ċaħda perfetta minn kollox u minnha nfisha. Alla li ma jħallix bla ħlas tazza ilma mogħtija f'ismu (Mt 10, 42), iħallas b'mod tal-għaġeb lil min għall-imħabba tiegħu joqgħod għal daqshekk ħruxija. Dan imbagħad jirċievi l-ħlas tiegħu, li mhux ħlief Alla: "sehmi għal dejjem" (Salm 73, 26). Alla li fl-eternità huwa sehem definittiv u ta' hena tal-magħżulin, irid li jibda jkun hekk ukoll minn hawn isfel għal dawk li huma fidili lejh fil-milja tagħhom.

L-"iva" perfetta li tat lil Alla r-rieda tal-bniedem, waqt li qegħditu għalkollox f'idejn ir-rieda divina, għad ma għandhiex ħila biżżejjed biex taħkem għalkollox is-sensibbiltà. Minħabba d-diżordni maħluq mid-dnub oriġinali, din tipprova taħrab mill-ħakma tal-ispirtu u mbagħad ukoll minn dik tar-rieda divina. Għalhekk il-ħlejqa tibqa' suġġetta għall-emozzjonijiet, għall-impressjonijiet li ma jirnexxilhiex taħkem minn ġewwa, li jesponuha li twettaq xi ħtijiet li jiġu għal għarrieda, bi fraġilità, bin-nuqqas ta' għassa. Imbagħad id-demonju jieħu vantaġġ minn din id-dgħufija biex iħarbat is-sensi, jipprova ma jħallix lir-ruħ timxi 'l quddiem jew ukoll jipprova jreġġagħha lura. Il-bniedem isofri imma ma għandux ħila jsib rimedju. Huwa Alla biss li jista' jerġa' jġib fih l-armonija u l-integrità tal-bidu, li tkissret bid-dnub oriġinali. Il-Mulej ma jirrifjutax din il-grazzja suprema lil min hu fidil lejh għalkollox; u jagħtihielu permezz ta' għaqda aktar intima u sħiħa miegħu, li biha jaħkem il-ħlejqa kollha bit-tiswib tiegħu. Hija l-għaqda sħiħa li b'analoġija, il-mistiċi jsejħulha "żwieġ spiritwali", l-aktar grad għoli ta' għaqda ma' Alla li bniedem jista' jasal fiha f'din id-dinja.

2. "Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu" (1 Kor 6, 17). Din l-għaqda profonda hija kważi interpenetrazzjoni, bejn ir-ruħ u Alla, u sseħħ fi grad l-iżjed għoli fl-istat taż-żwieġ spiritwali. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Iż-żwieġ huwa wisq iżjed minn għerusija,

ladarba huwa trasformazzjoni sħiħa fil-Maħbub li fiha kull parti tingħata lill-oħra f'pussess sħiħ" (*Kantiku* 22, 3).

Waqt li fl-għerusija t-trasformazzjoni f'Alla tinteressa biss lir-rieda, fiż-żwieġ tinfirex ukoll għas-setgħat l-oħra. Dan jiddependi minn għotja iżjed perfetta minn Alla lill-ħlejqa u mill-ħlejqa lil Alla. Alla jingħata lill-ħlejqa bħala prinċipju li jqanqal mhux biss ir-rieda tagħha, imma wkoll lill-esseri kollu tagħha, waqt li jieħu d-direzzjoni tal-ħajja kollha tagħha u jispiraha f'kull għemil tagħha. Dan hu l-frott ta' tiswib iżjed intens tad-doni tal-iSpirtu s-Santu, li huwa kotran fil-fakultajiet kollha, saħansitra fejn jidħlu s-sensi, li jsiru għalkollox suġġetti għall-ispirtu. Imbagħad ir-ruħ tippossedi 'l Alla tagħha mhux biss bħala dak li qed jgħammar fiha, imma wkoll bħala dak li jagħtiha l-ħajja, iqanqalha u jmexxiha; bħala l-prinċipju tal-ħajja tagħha, l-għajnuna u s-saħħa tagħha hu l-kollox tagħha. Hija ttenni ma' San Pawl: "Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2, 20). Hija tħoss li l-ħajja tagħha hija wisq iżjed il-ħajja ta' Alla milli tagħha nfisha. Fil-fatt billi Alla ngħata kollu kemm hu lilha, hekk ukoll, minħabba l-milja speċjali tad-don divin, ir-ruħ ukoll tkun tista' tingħata kollha kemm hi lilu: id-don perfett tar-rieda jissaħħaħ bid-don tal-persuna kollha, li saret taqbel b'mod tal-għaġeb bil-ħidma kotrana tad-doni tal-iSpirtu s-Santu. B'din l-għotja sħiħa tagħha nfisha lill-Maħbub, ir-ruħ tittrasferixxi biex ngħidu hekk, il-ħajja tagħha f'Alla billi tgħix aktar fih milli fiha nfisha, għax hi "tgħix fejn tħobb iżjed milli fil-ġisem li tagħtih il-ħajja" (*Kantiku Spiritwali* 8, 3). Hija ġġarrab it-tifsira sħiħa tal-kliem tal-Appostlu: "Jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej; jekk immutu, immutu għall-Mulej. Sew jekk ngħixu, mela, kemm jekk immutu, aħna tal-Mulej" (Rum 14, 8). Hija tgħix biss għal Alla; hija tiegħu, u tgħix fih; il-ħajja tiegħu hija għalkollox mgħaddsa f'Alla, u mitlufa, u "moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla" (Kol 3, 3).

• Din hija grazzja kbira, Għarus tiegħi! Hija ikla kollha ħlewwa! Għażiż huwa l-inbid li tagħtini, għax b'qatra waħda biss tagħmel li ninsa l-ħolqien kollu u noħroġ barra minni nnifsi u mill-ħlejjaq kollha, hekk li ma nkunx irrid iżjed l-għaxqiet u l-ħlewwiet li sa issa kienu jixxennqu għalihom is-sensi tiegħi. Din hija ħaġa kbira tassew; ma kinetx tistħoqqli…. Qatt ma nistgħu nqabblu l-ħwejjeġ baxxi ta' din id-dinja ma' dan kollu, għax dawn il-ħwejjeġ qatt ma jistgħu jagħmlu li jkun jistħoqqilna faraġ hekk kollu ħlewwa, bħal dan li hawn jagħtina l-Mulej tagħna, unjoni ta' għaqda hekk sħiħa, jew imħabba murija

b’mod hekk qawwi ħalli tinħass f’esperjenza ħajja (*Meditazzjoni fuq l-Għanja tal-Għanjiet* 4, 5.6).

Kemm tassew għandi għalfejn ngħannilek għal dejjem tjubijietek!... Nitolbok bil-ħniena, Alla tiegħi, li jkun hekk tassew: li jiena ngħannihomlok għal dejjem ta’ dejjem, ladarba int ridt turi miegħi tjubijiet hekk kbar illi kull min jaf x’għamilt jibqa’ mistgħaġeb, waqt li jiena noħroġ minni nnifsi kull waqt biex infaħħrek dejjem aktar u aħjar. Għax sakemm jiena nibqa’ dak li jien, Mulejja, mingħajrek ma nista’ nagħmel xejn ħlief li nqaċċat għalkollox il-ward ta’ dan il-ġnien, u din l-art imsejkna ta’ ruħi terġa’ ssir miżbla bħalma kienet qabel. La tħallix li jiġri dan, Mulej: la tħallix li tintilef din ir-ruħ li inti xtrajt bi tbatija hekk kbira u li ħafna drabi fdejtha, mill-ġdid u ħtaftha minn taħt snien id-dragun tal-biża’ (*Ħajja* 14, 10.11).

Santa Tereża ta’ Ġesù

- Ladarba jiena nħobb, jiena ma nibżax. U jiena mhux biss inħobb, imma jiena wkoll Maħbub, għax kieku ma kontx Maħbub minnek, o Verb, ma kontx inkun nista’ nħobb… Minn x’ħin ħassejt l-imħabba tiegħek, ma setax ikun li nibża’ minn wiċċek… Ħassejt imħabbtek għax int mhux biss fittixtni fl-istat li kont fih, imma billi ħabbejtni, żgurajtni li kont qiegħed tfittixni. Għala ma nweġibx billi nfittex lilek, l-istess kif inwieġeb l-imħabba tiegħek billi nħobbok?... L-iSpirtu tiegħek, o Verb, huwa kollu ħniena u jikkomunikali ħwejjeġ l-aktar ħelwa, tiżgurani u tikkonvinċini mill-interess imħeġġeġ u l-imħabba tiegħek għalija…

Hienja r-ruħ li stħaqqilha tkun antiċipata f’dak li għandu x’jaqsam ma’ barka hekk ħelwa. Hienja r-ruħ li tiġi mogħtija li ġġarrab it-tħaddina hekk ħelwa u intensa. Dan mhu xejn ħlief imħabba, qaddisa u safja, imħabba mimlija għaxqa u ħlewwa, imħabba bla nkwiet daqskemm hi sinċiera, imħabba miż-żewġ naħat, intima u qawwija, imħabba li tgħaqqad tnejn flimkien mhux f’ġisem wieħed, imma fi spirtu wieħed, u dawn it-tnejn ma jibqgħux iżjed tnejn imma jsiru wieħed. Kif jgħid San Pawl: “Min jintrabat mal-Mulej isir spirtu wieħed miegħu.”

S. Bernard, *In Cantica Cant.* 84, 6; 83, 6

## 392. IR-REBĦA TAL-IMĦABBA

*Ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lill-Mulej (Salm 84, 3).*

1. "Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej, u dijadema ta' sultan f'id Alla tiegħek. Ma jgħidulekx aktar: 'il-Mitluqa', lanqas lil artek: 'l-Imħarbta'… għax l-għaxqa tal-Mulej fik" (Isaija 62, 3-4). Il-kliem tal-profeta lil Ġerusalemm jistgħu jiġu applikati għall-Knisja li għaliha Kristu ta lilu nnifsu u ħabbha bħala għarusa (Ef 5, 25-26), u permezz tal-Knisja għal kull ruħ li hi maħtura minn Alla għall-għaqda mistika miegħu. Għalkemm fil-bidu tkun "mitluqa" u kważi 'mħarbta" minħabba l-ħruxija tal-provi tat-tisfija tagħha, il-ħlejqa fl-aħħar issib ruħha f'idejn il-Mulej tagħha, li fiha jitgħaxxaq. Fil-fatt, ma hemm xejn fiha li jista' jiġbed l-għaxqiet divini ħlief id-doni li rċeviet mingħand Alla: il-grazzja u l-imħabba tiegħu. U meta jintrebaħ it-tfixkil kollu, dawn id-doni jittrijunfaw fih, Alla ma jistax ħlief ikun kuntent biha ladarba jagħraf ix-xbieha tiegħu fir-ruħ. U ladarba hu mħabba, aktar ma jsib imħabba, aktar jieħu gost.

Fl-istat ta' għaqda sħiħa, il-ħajja tar-ruħ mhix ħlief taħriġ l-iżjed qawwi ta' mħabba li tkun waslet fl-ogħla grad; il-ħlejqa, kif ifisser San Ġwann tas-Salib, issib ruħha maqbuda f'imħabba bil-forzi kollha tagħha: "Bl-intellett, tapplika lilha nfisha biex tifhem u twettaq il-ħwejjeġ li huma tal-akbar glorja ta' Alla, u bir-rieda tħobb dak kollu li jogħġbu u tintrabat dejjem miegħu f'kollox, il-memorja titħabat għal dak li l-aktar jogħġob lilu." Il-ġisem ukoll, bis-sensi kollha tiegħu, jissieħeb f'dan: "Billi jimmira l-ħidma tas-sensi interni u esterni lejn Alla, l-użu tal-ġisem issa jaqbel mar-rieda ta' Alla"; il-passjonijiet huma wkoll immirati "lejn il-Mulej biex [ir-ruħ] ma tifraħx ħlief f'Alla, u lanqas tittama f'xi ħaġa oħra barra Alla; hija tibża' biss minn Alla u ma għandha ebda sogħba jekk mhux f'relazzjoni miegħu." Dan kollu jseħħ b'mod hekk sħiħ u bi spontanjetà li l-ewwel tqanqil tar-ruħ huma dawk ta' mħabba; l-intellett u r-rieda tagħha, il-memorja u l-affezzjonijiet, is-sensi u l-passjonijiet f'daqqa "sa mill-ewwel waqt, iħarsu lejn Alla" (*Kantiku Spiritwali* 28, 3-5). Ħajja perfetta ta' mħabba teoloġika bħal din hija l-frott tal-"fjamma ħajja ta' mħabba" li biha l-iSpirtu s-Santu jkun invada u ttrasforma lid-dixxiplu ta' Kristu, waqt li jiġbdu fil-kurrent tal-imħabba infinita tiegħu.

2. “Fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni” (Kol 3, 14). Fil-ħlejqa li ġiet merfugħa għall-għaqda sħiħa ma’ Alla, l-imħabba taħkem fuq kollox u tiġbor kollox: hija l-atmosfera li tgħix fiha, in-nifs tagħha, il-ħajja tagħha. Hija tiċċaqlaq “bl-imħabba u fl-imħabba, u kulma nagħmel nagħmlu bl-imħabba” (Ġwann tas-Salib, *Kantiku* 28, 8). Imħabba fis-sens sħiħ, bħalma talab Ġesù mid-dixxipli tiegħu, jiġifieri l-imħabba ta’ Alla u l-imħabba tal-proxxmu. L-imħabba ma tkunx perfetta jekk ma tirriflettix it-tqanqil tal-imħabba divina li biha Alla jħobb lilu nnifsu u lill-bnedmin. San Ġwann tas-Salib jinnota li waħda mill-aktar frott prezzjuż tal-provi tat-tisfija hija proprju l-imħabba delikata tal-aħwa. Wara li ġarrbet fit-tul il-miżerja tagħha, ir-ruħ qatt ma tiġiha l-idea “li tkun qiegħda miexja ‘l quddiem aktar minn oħrajn jew li tkun qiegħda taqbiżhom f’xi ħaġa… Min hawn titnissel l-imħabba tal-proxxmu, għax iżommhom filgħoli, u ma tiġġudikahomx” (*Lejl* I, 12, 7-8). Għalhekk niltaqgħu mal-proxxmu b’ħarsa safja, mimlija stima u mħabba, li ġġegħilna naraw fih ix-xbieha ta’ Alla. Naqdu lill-oħrajn bil-ferħ, niffavoruhom, ngħinuhom; nieħdu gost nimitaw lill-Missier tas-sema li jħaddan lill-bnedmin kollha u l-imħabba ta’ Kristu li ta ħajtu għal kulħadd. L-għaqda ma’ Alla ma tagħmilniex berdin u indifferenti lejn il-proxxmu, ma nittraskurawx il-ħtiġijiet tal-oħrajn, imma bil-maqlub insaħħu aktar l-għaqda vera tal-aħwa. Dan kien l-oġġett tat-talba saċerdotali ta’ Ġesù: “Ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda: jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għalkollox” (Ġw 17, 22-23). Daqskemm l-Insara jkunu magħqudin ma’ Alla, daqshekk ieħor ikunu magħqudin bejniethom: “perfetti fl-għaqda”.

Imħabba safja għal Alla u mħabba safja għall-aħwa, bla ebda tiftix tagħna nfusna, anqas ta’ għaxqiet spiritwali, anqas ta’ vantaġġi umani; min wasal f’dan l-għoli jkun ħsiebu fil-ħaġa waħdiena tassew meħtieġa: tħobb bħalma jħobb Alla. San Ġwann tas-Salib jgħid: “Quddiem Alla, naqra minn din l-imħabba safja hija aktar prezzjuża u tiswa aktar lill-Knisja, mill-għemejjel l-oħra kollha flimkien” (*Kantiku* 29, 2). Il-ħlejqa li għandha dan, hija tassew appostolika, jiġifieri l-ħajja tagħha ġġib ħafna frott għas-salvazzjoni tal-aħwa u għall-kobor tal-Knisja, ukoll jekk mhix mogħtija għall-ħidmiet esterni.

- O mħabba mkebbsa bil-movimenti tiegħek kollha mħabba, inti qiegħda tigglorifikani skont il-ħila akbar u l-qawwa ta’ ruħi! Inti ssawwab l-għerf divin skont il-ħila sħiħa tal-intellett tiegħi, inti

tikkomunikali l-imħabba skont l-akbar qawwa tar-rieda tiegħi, u tifraħ fis-sustanza ta' ruħi bin-nixxiegħa tal-gosti tiegħek, għall-mess tiegħek divin, u għall-għaqda sustanzjali, skont l-aqwa safa tas-sustanza tiegħi u l-ħila u l-milja tal-memorja tiegħi!...

O mess delikat, Verb Iben ta' Alla, li bid-delikatezza tal-esseri divin tiegħek tinfed b'mod fin is-sustanza ta' ruħi u tmissha delikatament, ixrobha kollha kemm hi b'għaxqiet u ħlewwiet li qatt ma nstemgħu fid-dinja!... O mess tassew delikat tal-Verb, għalija wisq iżjed delikat, ladarba ċaqlaqt il-muntanji u qsamt il-blat fuq il-muntanja Ħoreb bid-dell tal-qawwa tiegħek u tal-qawwa li ġiet qabilhom, u int għamilt li jinħassu ħelwin u qawwija għall-Profeta fl-esperjenza tiegħek innifsek taż-żiffa ħelwa (1 Slat 19, 11-12)!

O żiffa ħafifa, għalkemm kont żiffa ħafifa u ħelwa, għidli kif qatt tmiss bid-delikatezza u l-ħlewwa, Verb, Iben ta' Alla, waqt li inti daqshekk tal-biża' u qawwi. Xortiha tajba r-ruħ li inti tmiss b'mod delikat u ħelu, waqt li int tal-biża' u qawwi! Għidu lid-dinja, le, inti ma tridx tgħidu lid-dinja għax id-dinja ma taf xejn dwar iż-żiffa delikata u għalhekk ma tilqgħekx, għax la tista' tirċievi u lanqas tara. Alla tiegħi u ħajja tiegħi, għad jisimgħu u jaraw il-mess delikat tiegħek dawk biss li jitbiegħdu mid-dinja, u jsiru sensibbli….u hekk ikunu jistgħu jisimgħuk u jgawduk…

O mess għal elf darba ħelu, tant hu aktar qawwi u setgħan daqskemm hu delikat, għalkemm bil-forza tal-ħlewwa tiegħek ixxejjen ir-ruħ, inti twarrabha mill-ħwejjeġ l-oħra kollha u terfagħha biex tgħaqqadha miegħek biss.

S. Ġwann tas-Salib, *Fjamma* 1, 17; 2, 17-18

## 393. MIBDULIN FIX-XBIEHA TA' ALLA

*Isqini, Mulej, mix-xmara tal-hena tiegħek, għax għandek hemm l-għajn tal-ħajja (Salm 36, 9-10).*

1. "Aħna… b'wiċċna mikxuf nirriflettu l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja" (2 Kor 3, 18). Il-glorja tal-Mulej irxuxtat tirrifletti fl-imgħammdin kollha, jiġifieri d-dija tal-ħajja divina tiegħu li ssieħbu fiha permezz tal-grazzja u li bil-mod il-mod tibdilhom fix-xbieha ta' Alla. Hija trasformazzjoni li tipperfezzjona ruħha biss fis-sema, waqt li hawn fid-dinja sseħħ skont il-qies tas-safa ġewwieni u ta' kemm hi miftuħa għall-grazzja minn kull Nisrani, u tasal sal-quċċata fil-ħlejjaq imsoffija għalkollox u magħquda ma' Alla. San Ġwann tas-Salib jgħid li f'dan l-istat ir-ruħ tkun hekk trasformata mill-grazzja u mill-imħabba li "ssir divina, issir Alla bit-tisħib, sakemm hu possibbli f'din il-ħajja" (*Kantiku* 22, 3). Alla huwa dejjem Alla, essenzjalment distint mill-ħlejqa u din iżżomm il-personalità tagħha; b'danakollu l-imħabba hija hekk magħquda u kważi mwaħħla; il-ħlejqa mal-Ħallieq, li "huma żewġ naturi fi spirtu wieħed u mħabba" (*Kantiku*, 22, 3).

F'din l-għaqda stretta, ir-ruħ tiġi mibdula f'Alla bl-imħabba, jew aħjar, hija l-imħabba li tgħaqqadha għalkollox ma' Alla, li jagħmilha kważi konformi li jittrasformaha kollha fih. It-trasformazzjoni tinfirex fis-setgħat kollha tagħha; l-intellett, ikun imdawwal b'dawl sopranaturali, sabiex ma jibqax fehim uman, "imma jsir divin permezz tal-unjoni mad-Divin"; ir-rieda ssir divina "mkebbsa bl-imħabba divina sabiex tkun rieda li issa mhix inqas minn divina u ma tħobbx mod ieħor milli b'dak divin għax magħmula ħaġa waħda mar-rieda u l-imħabba divina"; hekk ukoll jiġri bil-memorja, u bl-istess mod l-affezzjonijiet u x-xewqat huma kollha mibdula u mdawra b'mod divin skont ma jrid Alla" (*Lejl* II, 13, 11). Divinizzata fl-esseri tagħha kollu u fis-setgħat, u fl-għemil tagħha "għax hu Alla li jmexxihom [il-fakultajiet] u jikkmandahom b'mod divin skont l-ispirtu divin u r-rieda tiegħu" għalhekk l-għemil "tar-ruħ… ikun ġej minn Alla; u l-ħidmiet tagħha huma divini" (*Telgħa* III, 2, 8). Il-milja tal-ħajja sopranaturali komunikata lill-ħlejqa fl-istat ta' għaqda sħiħa, iwassal fl-ogħla grad il-prerogattiva tal-grazzja li hi proprju dik li tagħmel li l-bnedmin "jissieħbu fin-natura ta' Alla" (2 Pt 1, 4). Dan juri s-setgħa tal-għaġeb tal-grazzja u l-kontinwità li hemm bejn il-bidu tagħha – il-

magħmudija – l-iżvilupp tagħha u l-ogħla għaqda ma' Alla li hi l-aħħar konsegwenza u l-kuruna manjifika tagħha.

2. San Ġwann tas-Salib jgħid: "Il-Maħbub ma jkunx hieni jekk ma jħossx li huwa qed iħobb daqskemm ikun maħbub" (*Kantiku Spiritwali* – A 37, 2). Wieħed li jħobb tassew, ma jissaportix li jkun hemm min jgħaddih fl-imħabba; aktar ma jħoss li hu Maħbub, aktar jixtieq li jpatti dik l-imħabba. Imma kif tista' ħlejqa, daqshekk limitata u dgħajfa, tittama li tħobb 'l Alla b'daqs dik imħabba li biha jħobbha Alla? Minħabba l-imħabba msawba f'qalbu mill-iSpirtu s-Santu, kull Nisrani jista' jgħid: Mulej, jiena nħobbok bl-imħabba tiegħek stess. Fil-fatt, ladarba l-imħabba teologali hija tisħib fl-imħabba li biha Alla jħobb lilu nnifsu u l-ħlejjaq tiegħu, dan jagħti lill-bniedem il-ħila li jħobb 'l Alla bl-istess imħabba ta' Alla. B'danakollu, ta' sikwit u għal ħafna żmien, din ix-xrara ta' mħabba divina tibqa' fgata taħt l-irmied tal-affezzjonijiet u x-xewqat purament tad-dinja, li huma diżordinati u egoistiċi. Huwa biss meta tkun meħlusa għalkollox minn dan kollu li tista' tittajjar fl-isbaħ dija u titla' lejn Alla bil-qawwa kollha tagħha. Dan hu li jiġri fl-istat ta' għaqda sħiħa, li fiha r-rieda umana, billi issa hija msoffija għalkollox, hija kollha kemm hi mogħtija għat-taħrig tal-imħabba teologali. Barra minn dan, billi r-rieda tar-ruħ issa saret ħaġa waħda mar-rieda divina, ir-ruħ tħobb 'l Alla bir-rieda ta' Alla, li hija wkoll ir-rieda tagħha; u hekk hija tħobbu saħansitra daqskemm hija Maħbuba minn Alla, ladarba tħobbu bir-rieda ta' Alla nnifsu (*Kantiku Spiritwali* – A 37, 2). Anzi, San Ġwann tas-Salib jinnota li l-ħlejqa trasformata minn Alla bl-imħabba, tħobb "fl-iSpirtu s-Santu, flimkien mal-iSpirtu s-Santu… biex ipatti għal dak li jonqos fiha, għax hi trasformata fih bl-imħabba" (*Kantiku Spiritwali* – A 37, 2). Dawn huma qċaċet tassew għoljin, tassew divini, fejn il-bniedem huwa merfugħ għall-ħila ta' mħabba kważi infinita u jista' jissodisfa x-xewqa tiegħu li jerġa' jħobb 'l Alla daqskemm hu maħbub minnu.

L-iSpirtu s-Santu jingħata lill-Insara kollha biex huma jkunu jistgħu jħobbu 'l Alla, mhux b'imħabba umana dgħajfa u lanqas weħidhom, imma b'imħabba divina u flimkien miegħu, imħabba sustanzjali, qawwa infinita ta' mħabba. Jekk dan jitwettaq biss fil-milja tal-quċċata tal-għaqda ma' Alla tkun tista' bil-mod il-mod isseħħ sa mill-bidu tal-ħajja spiritwali, ladarba kull Nisrani jista' jgħid: "L-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-iSpirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5, 5). Liema hena u liema faraġ għall-ħlejqa li

ssofri minħabba l-faqar kbir tal-imħabba tagħha meta tqabblu mal-imħabba infinita ta' Alla, meta taf li l-iSpirtu s-Santu jista' u jrid jagħmel tajjeb għall-faqar tagħha, basta tħalli lilha nfisha tkun maħtufa għalkollox u mixruba fil-fjamma immensa tal-imħabba tiegħu!

● O erwieħ maħluqin għal dan il-kobor, u msejħin għalih! X'qegħdin tagħmlu? Fiex qegħdin tgħadduh iż-żmien? L-għanijiet tagħkom huma bla siwi u l-ġid tagħkom faqar kbir! O x'għama fqajjar hemm f'dawk l-għajnejn ta' ruħkom, la intom għomja għal dawl hekk kbir u intom torox għal ilħna hekk qawwija. M'intomx taraw li, waqt li qed tfittxu l-kobor u glorja, qegħdin tibqgħu miżerabbli u baxxi u ma jistħoqqilkomx u anqas tagħarfu ġid hekk kbir!

S. Ġwann tas-Salib, *Kantiku* 39, 7

• Alla li tista' kollox, qawwini bil-qawwa tiegħek, farraġni bil-paċi tiegħek li ma għandhiex truf, ferraħni bil-ġmiel ta' wiċċek. Dawwalni bid-dawl li joħroġ minn dija mhix maħluqa, saffini bil-fwieħa tal-qdusija li ma titfissirx bil-kliem. Għaddasni fik u isqini, sakemm hu mogħti lill-bniedem li jmut, għan-nixxigħat tal-grazzja li toħroġ mill-Missier u mill-Iben, tal-grazzja tal-Imħabba li għandha l-istess sustanza u l-eternità tiegħek.

Beatu J.H. Newman, *Maturità cristiana,* p. 272

• Hienja r-ruħ li ġiet imlibbsa mill-ġdid bil-ġmiel safi, bil-libsa bajda ta' innoċenza tas-sema li tagħti x-xebh glorjuż tiegħek, o Verb, li int "bjuda ta' ħajja eterna, dija u xbieha tas-sustanza ta' Alla"… Il-maestà tiegħek ma tbeżżax għax ix-xebh jgħaqqadha miegħek, l-imħabba lejk tgħaqqad, il-professjoni tgħarrasha miegħek… O Verb divin, agħtini li meta nkun warrabt kull ħaġa, ningħaqad miegħek bix-xewqat kollha tiegħi, ngħix bik, u nħalli lili nnifsi nitmexxa minnek u nifhem x'nista' nagħmel għalik, biex inkun nista' ngħid: "Għalija li ngħix hu Kristu."

Beatu J. H. Newman, *Maturità cristiana,* p. 272

- Hienja r-ruħ imlibbsa mill-ġdid bil-ġmiel kast bil-libsa bajda tal-innoċenza tas-sema li tagħtiha xebh glorjuż miegħek, o Verb, li int 'il-bjuda tal-ħajja eterna, splendur u xbieha tas-sustanza ta' Alla' Il-maestà tiegħek ma tbeżżax għax ix-xebh jgħaqqadha miegħek, l-imħabba lejk tgħaqqadna, il-professjoni tgħarrasna.. O Verb divin, agħtini li meta titwarrab kull ħaġa tgħaqqadni miegħek bix-xewqat kollha tiegħi, tgħix bik, tħalli li twassalni ħdejk, nikkonċepixxi minnek biex niġġenera għalik; agħmel li nkun nista' ngħid: "li mmut huwa qligħ”; imbagħad inkun l-għarusa tiegħek. Il-qalb tiegħek ta’ għarus tkun tista’ tistrieħ fiż-żgur fija, meta taf li ruħi se tkun fidila lejk ladarba għall-imħabba tiegħek jiena maqdart il-ħwejjeġ kollha, u ngħodd kollox bla siwi biex naqla’ u jkolli lilek biss.

S. Bernard, *In Cantica Cant*., 85, 11-12

## 394. INTIMITÀ DIVINA

*Int tgħallimni t-triq tal-ħajja; hemm il-milja tal-ferħ quddiemek, hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek (Salm 16, 11).*

1. In-Nisrani jibda biex jidħol b'impenn personali fil-mixja tal-intimità divina dakinhar li fih, waqt li jkun irid jgħix fil-milja l-grazzja tal-magħmudija tiegħu, jiddeċiedi b'fehma soda li joħroġ minnu nnifsu u mill-ħwejjeġ kollha u jingħata bil-ħeġġa għat-tfittxija ta' Alla ħaj u preżenti ġo fih. Minn dan il-pass għall-intimità profonda li torbtu ma' Alla, ir-ruħ tasal għall-għaqda sħiħa, il-mixja hi twila u iebsa. Bil-mod il-mod, skont kemm il-ħlejqa, mgħejjuna mill-grazzja, tinqata' mill-ħwejjeġ kollha, tinħeles mill-imperfezzjonijiet tagħha, tinża' mir-rieda tagħha u terġa' tilbes biss ir-rieda divina u tħalli titkebbes fiha l-imħabba u tersaq lejn l-"unjoni kollha ħlewwa" (San Ġwann tas-Salib, *Telgħa* II 16, 14), l-intimità ma' Alla ssir aktar intensa, sakemm tasal għall-milja tal-imħabba trasformanti, issir perfetta u l-ħin kollu, issir tħaddin divin li jgħaqqadha mal-Ħallieq. Imbagħad il-wegħda ta' Ġesù: "Jekk xi ħadd iħobbni… Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14, 23) isseħħ b'mod l-aktar perfett possibbli fid-dinja.

San Ġwann tas-Salib jistqarr: "Ma jmissniex niddubitaw – li f'ruħli għaddiet mill-provi u ssaffiet bin-nar tat-tiġrib, bit-taħbit u b'ħafna tentazzjonijiet, u nstabet fidila fl-imħabba, titwettaq il-wegħda tal-Iben ta' Alla: li t-Trinità Qaddisa tinżel biex tgħammar f'dak li jħobbu (Ġesù), waqt li ddawwal b'mod divin l-intellett fl-għerf tal-Iben, tgħaxxaq ir-rieda tar-ruħ fl-iSpirtu s-Santu, u tassorbiha b'mod qawwi u setgħan fit-tħaddina kollha għaxqa tal-ħlewwa tal-Missier" (*Fjamma* I, 15). Fil-waqtiet l-aktar għolja tal-unjoni trasformanti l-ħlejqa ssib 'l Alla l-ħaj, preżenti u li qed jaħdem fiha, tagħraf it-tħaddim patern l-aktar ħelu li jmexxiha biex tagħraf id-dija tal-Għerf tiegħu li jdawwalha, tagħraf it-tkebbis divin tal-Imħabba tiegħu li jinfed kollox. Imma wkoll meta s-sens tal-preżenza u tal-għemil divin ma jkunx daqshekk qawwi u hieni, il-ħlejqa hi konxja li hi magħquda profondament ma' Alla, li jqanqalha u jmexxiha: Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tgħid: "Inħoss li Ġesù qiegħed ġewwa fija, f'kull waqt: imexxini, inebbaħni x'għandi ngħid jew nagħmel" (Ms A 83w). Il-qaddisa umli waslet hija wkoll, mhux anqas mill-omm kbira tagħha,

Tereża ta' Ġesù, f'dik l-intimità profonda ma' Alla li r-ruħ tgawdi fl-istat tal-unjoni sħiħa.

2. Fuq kollox, l-intimità divina fil-gradi l-aktar għolja, fiha nfisha hija stat tassew ferrieħi u hieni, b'danakollu l-ħlejqa nnamrata ma tixxennaqx għal din l-intimità biex tgawdi, imma biex tħobb iżjed lil Alla tagħha, biex tkun magħquda fih u tkun tiegħu għalkollox, tkun imqanqla u mmexxija, biex taqdih aktar u tagħtih glorja akbar fl-għemil kollu tagħha. Santa Tereża ta' Avila tgħid espressament li r-raġuni għala l-Mulej jikkomunika lilu nnifsu lill-erwieħ u jagħtihom daqs dawk grazzji – saħansitra l-ogħla favuri mistiċi – mhuwiex sempliċiment "biex jagħtina gost" jiġifieri biex ifarraġna, imma "biex iqawwi d-dgħufija tagħna… biex ikollna l-ħila nimitawh fis-sofferenzi kbar tiegħu." Imbagħad tagħlaq b'mod deċiż: "Dan huwa l-għan tal-orazzjoni, uliedi; hawn irid iwassal iż-żwieġ spiritwali: li jitwieled dejjem l-għemil tajjeb, kull għemil tajjeb" (*Kastell* VII, 4, 4.6).

L-għan tal-ħlewwa u l-ferħ tal-intimità ma' Alla huwa li jagħmel lir-ruħ aktar kuraġġuża fil-qadi t'Alla, aktar ġeneruża fl-għotja tagħha nfisha, aktar qawwija biex iġġorr is-salib. Sakemm qegħdin fid-dinja, it-tbatijiet ma jonqsux; jinsabu wkoll fl-ogħla stati tal-unjoni divina, għax aħna jeħtieġ li dejjem inkunu konformi ma' Ġesù msallab, u nimxu warajh saħansitra li nsiru vittma għall-glorja tal-Missier u s-salvazzjoni tal-aħwa. L-għemejjel li l-għaqda ma' Alla għandha tipproduċi huma proprju l-għemejjel ta' mħabba: huwa permezz tal-ħidma intensa tal-imħabba safja li r-ruħ tasal li tingħata bla heda lil Alla, xewqana li magħha tiġbed għadd kbir ta' erwieħ oħra. L-aktar appostolat li jġib il-frott joħroġ spontanjament mill-intimità divina, mill-għaqda perfetta mal-Mulej, u mill-imħabba safja. "Il-glorja kollha tagħhom iqegħduha filli b'xi mod ikunu jistgħu jgħinu lill-imsallab, l-aktar meta jaraw kif ħafna joffenduh sikwit, u ftit huma dawk li jħarsu ġieħu" (*Kastell* VII, 3, 6).

Waqt li tinsa lilha nfisha għalkollox, ir-ruħ li tħobb la taħseb fit-tgawdija u lanqas fit-tbatija, imma biss f'li taqdi u tħobb 'l Alla, li tagħti sehemha kemm tista' għall-glorja tiegħu billi ssieħeb lilha nfisha fil-ħidma feddejja ta' Ġesù. U jekk tixxennaq għall-għaqda aktar perfetta ma' Alla, kemm illum fid-dinja u kemm għada fis-sema, ikun jeħtiġilha li tħobb b'intensità akbar u li tagħmel l-Imħabba Maħbuba mill-akbar numru possibbli ta' erwieħ.

- Mulej Alla Maħbub tiegħi! Jekk inti għadek tiftakar dnubieti u għalhekk m'intix tagħmel dak li dejjem nitolbok bil-ħniena, agħmel dwarhom, ir-rieda tiegħek, Alla tiegħi, għax dan huwa dak li l-aktar nixtieq; u ħaddem it-tjubija u l-ħniena tiegħek, u int tkun magħruf fihom. U jekk qiegħed tistenna l-opri tiegħi, sabiex bis-saħħa tagħhom tisma' t-talb tiegħi, agħtihomli u agħmilhom fija int, u qiegħed fuqi t-tbatijiet li inti trid tilqa' mingħandi, u ħa tkun magħmula r-rieda tiegħek. U jekk qiegħed tistenna l-opri tiegħi, x'inti qatt tistenna, o Mulej l-aktar ħanin? Għaliex qiegħed ittawwal? Jekk wara kollox, huma l-grazzja u l-ħniena li qiegħed nitolbok minn qalbi f'Ibnek, ħu l-offerta żgħira tiegħi, ladarba int tridha; u agħtini din il-ħaġa tajba, ladarba inti tridha wkoll.

Min jista' jeħles lilu nnifsu mil-limitazzjonijiet u l-imġiba baxxa tiegħu, jekk ma tkunx int li terfgħu sa għandek, f'safa ta' mħabba, o Alla tiegħi? Kif jista' jogħla sa għandek, Mulej, il-bniedem li huwa mnissel u mrobbi fil-baxxezza ta' din l-art, jekk ma terfgħux int bl-id li biha ħlaqtu?

Int mhux sejjer teħodli, o Alla tiegħi, dak li darba tajtni f'Ibnek il-Waħdieni Ġesù Kristu, li fih tajtni dak kollu li nixtieq; għalhekk nifraħ li int ma ddumx, jekk nistenniek.

Għaliex, ruħ tiegħi, toqgħod tistenna, ladarba minn issa stess tista' tħobb lil Alla f'qalbek?

Tiegħi huma s-smewwiet, u tiegħi hija l-art. Tiegħi huma l-bnedmin ta' kull ġens: it-tajbin huma tiegħi u tiegħi huma l-midinbin; l-anġli huma tiegħi u l-Omm ta' Alla, u l-ħwejjeġ kollha huma tiegħi; u Alla nnifsu hu tiegħi u għalija għax Kristu huwa tiegħi u kollu għalija. - X'inti, mela titlob, u tfittex, o ruħ tiegħi? Tiegħek huwa dan kollu u kollu huwa għalik! La tħarisx lejk innifsek bħala xi ħaġa li ma tiswiex, u tkunx hieni bil-frak biss li jaqa' mill-mejda ta' Missierek. Oħroġ barra minnhom u tkabbar bil-glorja tiegħek! Staħba fiha u ifraħ, u taqla' dak kollu li tixtieq qalbek.

San Ġwann tas-Salib, *Talba ta' Ruħ Namrata*

## 395. IT-TWELID TAL-VERĠNI MARIJA

### 8 ta' Settembru

*O Marija, it-twelid tiegħek kien iż-żerniq ta' tama u salvazzjoni għad-dinja kollha (Talba wara t-Tqarbin).*

1. "Aħna niċċelebraw bil-ferħ it-twelid tal-Verġni Mbierka Marija: li minnha twieldet ix-xemx tal-ġustizzja, Kristu l-Mulej tagħna" (Antifona tad-Dħul). It-twelid ta' Marija huwa l-preludju tat-twelid ta' Ġesù, għax mad-dehra tagħha, il-pjan ta' Alla għall-inkarnazzjoni ta' Ibnu jibda jitwettaq. Fil-Verġni ta' Nazaret, l-Iżjed Għoli qiegħed iħejji lill-omm. L-Omm hija l-prekursur tal-Iben, tgħidilna li l-Iben ġej u li l-wegħdiet tal-qedem għas-salvazzjoni tal-bnedmin waslu biex jitwettqu. Il-kobor kollu ta' Marija qiegħed proprju f'dan: hija dik li Alla għażel biex tkun omm Ibnu l-waħdieni. Mikea ħabbar dwarha bħala dik li minnha joħroġ il-prinċep f'Iżrael (5, 1), jispeċifika l-waqt tal-ħlas tagħha bħala bidu ta' żmien ġdid, meta minn "Betlehem ta' Efrata… jiġi… l-prinċep ta' Iżrael." U tassew meta Ġesù jitwieled mill-Verġni Marija ġo Betlehem, jibda ż-żmien tas-salvazzjoni messjanika.

Għalhekk it-twelid ta' Marija huwa ż-żerniq tal-fidwa; dawl ta innoċenza, ta' safa, u ta' grazzja, ħabbar tad-dawl kbir li jdawwal id-dinja meta jidher Ġesù, id-"dawl tad-dinja." L-Omm Imbierka tagħna, meħlusa mid-dnub u mimlija bil-grazzja in vista tal-merti ta' Kristu, mhux biss tħabbar il-wasla tal-fidwa, imma ġġib il-frott tagħha ġo fiha, għaliex hija l-ewwel waħda li tkun mifdija mill-Iben divin tagħha. It-Tnissil tagħha bla Tebgħa huwa l-ewwel fjura, li tiftaħ f'antiċipazzjoni tal-misteru tal-Għid tiegħu – fjura li ġġib il-ferħ lid-dinja u li togħġob lil Alla li jista' kollox.

Wara t-twelid ta' Ġesù ebda twelid ieħor qatt ma kien importanti f'għajnejn Alla jew prezzjuż daqsu għall-ġid tar-razza umana bħalma kien it-twelid ta' Marija. B'danakollu t-twelid tagħha jibqa' mdellel; ħadd ma rreġistrah, l-iSkrittura Mqaddsa ma ssemmihx. L-ewwel snin tagħha jgħibu fis-skiet bħalma jiġri mill-bqija ta' ħajjitha. It-twelid ta' Marija huwa ġrajja li l-kobor tagħha huwa mgeżwer fl-akbar umiltà. Aktar ma xi ħadd minna jkun jixtieq jikber f'għajnejn Alla, aktar imissna niċċekknu u numiljaw ruħna, u ninħbew kemm minn għajnejna u kemm minn għajnejn l-oħrajn.

2. L-ewwel darba li Marija tidher fl-Evanġelju ta' Mattew hija fi tmiem il-ġenealoġija ta' Ġesù: "… Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija" (1, 16). Fl-Evanġelju ta' Luqa niltaqgħu magħha l-ewwel darba fir-rakkont tat-tħabbira tal-Mulej. Fl-Evanġelji ta' Mark u Ġwanni, tidher biss aktar tard, matul il-ministeru pubbliku ta' Binha. F'kull każ, Marija tidħol fl-Evanġelju minħabba Ġesù biss, fil-kwalità ta' Omm is-Salvatur biss; u saħansitra għalkemm il-preżenza tagħha tinħass fil-kwiet f'ħafna paġni, l-aktar f'dak ta' Luqa, hija tant diskreta u mkebba fl-umiltà li tgħib fil-preżenza tal-Iben. Il-ħajja ta' Marija hija ħaġa waħda u tintilef fil-ħajja ta' Ġesù; tassew li għexet moħbija ma' Kristu f'Alla. Hija għexet fid-dell mhux biss fis-snin ta' tfulitha, imma wkoll fis-snin tal-maternità divina tagħha; hekk ukoll ġara fil-waqtiet tar-rebħa ta' Binha bħal meta waħda mara li nħatfet mill-priedka ta Ġesù: għolliet leħinha fil-folla u għajtet: "Imbierek il-ġuf li ġiebek!" (Lq 11, 27).

Il-festa Marjana li l-Knisja tiċċelebra llum hija għalhekk stedina għal ħajja moħbija ma' Marija fi Kristu, u ma' Kristu f'Alla. Henjin huma dawk li jmexxihom Alla nnifsu fost ħafna ċirkustanzi differenti f'ħajja ta' umiltà u ta' sempliċità imneżża' minn dak kollu li jlellex f'għajnejn il-bnedmin. Kulma jeħtieġ jagħmlu nies bħal dawn hu li jibqgħu marbutin mal-pjan divin tiegħu biex jissieħbu ma' dawk li huma foqra fl-ispirtu u li lilhom ġiet imwiegħda s-saltna tas-smewwiet. Imma wkoll dawk li d-dmir jimpenjahom f'ċerti responsabbiltajiet u li qegħdin f'postijiet prominenti fis-soċjetà jew fil-Knisja huma msejħa biex jimitaw l-imġiba ta' Marija. Jeħtieġ nitgħallmu minnha kif naġixxu b'mod li naqdu lill-aħwa mingħajr daqq ta' trombi, bla ma niġbdu l-attenzjoni fuqna nfusna, imma aktarx infittxu li ninħbew, speċjalment meta l-ħidma tagħna ma tibqax aktar meħtieġa. Min qed jaspira li jimmudella fuq il-Verġni qaddisa jeħtieġ ikollu x-xewqa li jinħeba fid-dell ta' Alla, konvint li jekk jingħatalu li jagħmel xi ftit tal-ġid, dan hu don divin u jeħtieġ ikun dirett għall-ġid komuni u għall-glorja tal-Aktar Għoli.

- Kemm kien nobbli, kbir u glorjuż twelidek, o Verġni Mbierka!... X'għadd kbir ta' grazzji sawwab fuqek Alla l-Missier illum… Nara l-Verb etern innifsu jħaffef biex jikkonsagra t-tabernaklu tiegħu u jagħnih bit-teżori tas-sema b'ġenerożità bla tarf, għaliex, o

tfajla mbierka, żerniq tal-fidwa tagħna, hu jridek titwieled b'mod li tkun tixraq lilu, u li tkun konxja tad-don immens li se jkollok Iben li, waqt li hu tassew Ibnek, hu wkoll fl-istess ħin l-awtur ta' twelidek. Liema moħħ ma jitħawwadx għad-dehra ta' miraklu hekk kbir? Liema kelma, saħansitra liema ħsieb, seta' jogħla hekk fl-għoli li jesprimi l-ġieħ u l-maestà li għandu jkollha Omm Alla?...

Sa fl-aħħar il-lejl għadda u wasal il-jum… dal-jum imbierek u glorjuż li kien imwiegħed lin-natura msejkna tal-bnedmin għal tant sekli!... Diġà l-jum ta' Ġesù se jibda jiddi u diġà qegħdin ingawdu d-dawl li jagħmel il-ġid,… diġà d-dawl tiegħu jiddi fik, o Marija, għax minn twelidek hemm nieqes kull dnub u għandek il-milja tal-grazzja. Inti għajn bla tarf ta' mħabba għall-midinbin, jiġifieri għall-bnedmin kollha, għax aħna lkoll midinbin.

J. B. Bossuet, *Nascita della Vergine* 2, 1; 3,
*f'La Madonna* p. 150.164

• Marija, inti l-ħlejqa li għaraft id-don ta' Alla u qatt ma tlift imqar qatra waħda minnu; inti tant safja u mdawla li tixbah lid-dawl innifsu. "*Speculum justitiae*": ħajtek kienet hekk sempliċi u mitlufa f'Alla li hu kważi impossibbli nitkellmu dwarha. "*Virgo fidelis*": int il-Verġni fidila, "dik li żammet il-ħwejjeġ kollha f'qalbha". Inti żammejt lilek innifsek ċkejkna u miġbura fil-preżenza ta' Alla, fil-moħbi tat-tempju, u ġbidt fuqek l-għoġba tat-Trinità qaddisa. "Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja!"

Il-Missier imil lejk, ħlejqa daqshekk sabiħa, u li ma tafx bil-ġmiel tiegħek innifsek, għażlek biex tkun Omm fiż-żmien ta' dak li hu kien Missieru sa minn dejjem. Imbagħad l-Spirtu ta' mħabba, li jmexxi l-għemejjel kollha ta' Alla, xeħet dellu fuqek, u int o Verġni lissint il-"*fiat*" tiegħek: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek," u twettaq l-akbar fost il-misteri. Bin-niżla tal-Verb fil-ġuf tiegħek, inti sirt ta' Alla għal dejjem ta' dejjem.

Beata Eliżabetta tat-Trinità, *1 Irtir* 10.1

## 396. IL-MADONNA TAD-DULURI

## 15 ta' Settembru

*Hienja l-Verġni Mqaddsa Marija, għax hi stħaqqilha l-glorja tal-martirju li, bla ma mietet, ġarrbet ħdejn is-salib tal-Mulej (Hallelujah).*

1. Il-Liturġija tal-lum turina lill-Omm Imnikkta tissieħeb intimament fil-passjoni ta' Binha bħal ma kienet għamlet fil-ġrajjiet kollha ta' ħajtu. Il-profezija ta' Xmun: "sejf jinfidlek ruħek" (Lq 2, 35), twettqet u daħħlet lil Marija fit-tbatijiet ta' Ġesù u ġegħlitha tidħol aktar fil-fond fil-misteru tas-salib.

Fl-ewwel qari naqraw: "Kristu, meta kien jgħix fuq din l-art" (Lhud 5, 7) ried jissieħeb fix-xorti tal-midneb, ried ibati mal-midneb u għalih. Il-piż tal-biża' ta' dan id-dulur ġiegħluh joffri talb u suppliki "b'leħen għoli u bid-dmugħ" (Lhud 5, 7) – meta nqisu l-agunija tal-Ġetsemani u dik tal-Kalvarju – u b'danakollu qagħad għax ried għall-ubbidjenza, għar-rieda tal-Missier: għalkemm kien l-Iben ta' Alla "tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza" (Lhud 5, 8). Marija mxiet wara Ġesù minn din it-triq: batiet miegħu u mal-umanità kollha biex issalvaha. Kull tbatija ġdida sabitha dejjem lesta għar-rieda divina, lesta biex ittenni l-*fiat* tat-tħabbira. Ġesù ssottometta ruħu għar-rieda tal-Missier u "sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu" (Lhud 5, 9), u waqt li Marija ssieħbet fl-ubbidjenza tiegħu u fi tbatijietu kkoperat fil-fidwa tagħhom. Fl-istess ħin, flimkien ma' Binha, għallmet lill-bnedmin it-triq tal-ubbidjenza.

Dak li sewa lil Marija din is-sottomissjoni għar-rieda ta' Alla jurihulna s-sejf li nifed lil ruħha matul ħajjitha kollha u l-ogħla s-sagrifiċċju li għamlet f'riġlejn is-salib fejn "hi baqgħet wieqfa, qasmet b'qawwa ma' Binha tbatijietu u ngħaqdet b'qalb ta' Omm mas-sagrifiċċju tiegħu waqt li b'imħabba tat il-kunsens tagħha għall-offerta tal-vittma li hi kienet wildet" (LG 58). It-titlu "Sultana tal-Martri" li l-Knisja tagħtiha jesprimi realtà kbira: Marija sofriet aktar mill-martri kollha, għax hi biss kienet mitluba li tissagrifika lil Binha l-Maħbub, li kien ukoll Alla tagħha, u li kienet tħobb fuq kollox. Żgur li kien ikun elf darba aktar ħelu għaliha li tmut hi milli tassisti għat-tislib u l-mewt ta' Ġesù. In-Nisrani jħossu fid-dmir li jagħder dulur bħal dan u mal-Liturġija jitlob: O Alla, meta Ibnek intrefa' fuq is-salib, int ridt li Ommu

tieqaf ħdejh u tbati miegħu; agħti lill-Knisja tiegħek li tissieħeb mal-Verġni Marija fil-passjoni ta' Kristu, biex flimkien magħha tieħu sehem ukoll fil-qawmien tal-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna" (Kolletta).

2. L-Evanġelju tal-lum jistedinna biex nikkunsidraw lil Marija f'riġlejn is-salib li fuqu Ġesù - waqt li kien qiegħed imut - ipproklamaha omm il-bnedmin. Biex saret omm l-Iben ta' Alla kienet biżżejjed fidi soda li ma tintrebaħx, il-*fiat* tagħha kollu mħabba, u l-faqar ta' Betlehem. Imma biex issir omm il-bnedmin kienet meħtieġa wkoll it-tbatija kiefra tal-Kalvarju. Kien biss dak il-ħin, li Ġesù qalilha waqt li offrielha lill-bnedmin fil-persuna ta' Ġwanni: "Mara, hemm hu ibnek!" (Ġw 19, 26), bħallikieku ried ifisser li t-tisħib tagħha fil-passjoni tiegħu taha d-dritt li tkun magħrufa bħala omm il-bnedmin. Ġo Betlehem fis-sliem tal-lejl u b'hena bla tarf, Marija welldet lil Ġesù; fuq il-Kalvarju, fost l-għajjat tal-bojjiet u f'niket li ma jitfissirx, hija welldet lill-umanità għall-ħajja tal-grazzja. Permezz tat-tisħib intimu tagħha fil-misteru ta' Binha hija kienet "omm fl-ordni tal-grazzja" jgħid il-Konċilju Vatikan II (LG 61). Jidher ċar li l-opra ta' Marija hija f'kollox subordinata għal dik ta' Ġesù u tiġbed il-frott minnha; b'danakollu, "il-Knisja ma tiddubitax li tistqarr din il-funzjoni" (LG 62), u tqegħidha għall-qima tal-Insara, biex huma jirrikorru lejha mimlijin bit-tama għall-għajnuna tagħha ta' omm.

Imma wkoll waqt li qegħdin ingawdu l-barkiet tal-maternità ta' Marija, m'għandniex ninsew kemm swejnielha. Għalina ssallbet fl-ispirtu. San Bernard jgħid: "Tistagħġbux ħuti li Marija jsejħulha martri fl-ispirtu… Jekk Ġesù seta' jmut fil-ġisem, hi ma setgħetx tmut miegħu f'qalbha? Fih kien hemm imħabba akbar milli għandu kull bniedem; u fiha hemm imħabba li ebda bniedem mortali qatt ma kellu ħliefha" (*De duod. Praerog*. 15). Il-maternità ta' Marija għall-bnedmin hija maternità ta' mħabba u niket. Biex inkunu wlied denji tagħha jeħtieġ nitgħallmu minnha kif inħobbu u nsofru, inħobbu 'l Alla u kull xewqa tiegħu; naċċettaw b'imħabba t-tiġrib tal-ħajja u noffruhom f'għaqda mal-passjoni ta' Ġesù u ta' Marija għas-salvazzjoni tagħna u tal-aħwa. It-tifkira ta' Marija f'riġlejn is-salib trattab il-ħruxija tan-niket, issawwab fina l-kuraġġ, u tgħinna nsofru bil-ġenerożità fit-tama kollha serenità li għal dawk li jħobbu 'l Alla l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid.

- Ja Omm imbierka, tassew li sejf nifidlek ruħek, għax kieku ma setax jinfed il-ġisem ta' Ibnek. Fil-fatt wara li Ġesù tiegħek – Ġesù ta' kulħadd, iva, imma l-aktar tiegħek – ta l-aħħar nifs, il-lanza kiefra li fetħitlu l-kustat…, ma nifditx lil ruħu, imma lil ruħek. Ruħu, issa, ma kenitx aktar f'ġismu: ma setgħetx tiċċarrat. Il-qawwa tad-dulur nifdet lil ruħek, tant li aħna nqisuk aktar minn martri, meta batejt intimament miegħu fl-ispirtu b'mod tali li jiżboq it-tbatija tal-ġisem.

Forsi ma kienx għalik aktar minn sejf, li nifed u qasam l-ispirtu tiegħek, il-kliem tiegħu: "Mara, hemm hu ibnek" X'bidla! Lilek ingħata Ġwanni minflok Ġesù, il-qaddej minflok is-sid, id-dixxiplu minflok l-imgħallem, l-iben ta' Żebedew minflok l-Iben ta' Alla, sempliċi bniedem minflok Alla l-veru.

San Bernard, *De duodecim praerogativis B.V.M.* 14-15

- Omm u għajn ta' mħabba għalija, ġagħlni nħoss dik it-tbatija, biex jien nibki miegħek. Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba, la tħalliha qatt tittabba', imħabbti għal Kristu. Omm qaddisa isma' talbi: dawk il-pjagi qgħedli f'qalbi t'Ibnek Ġesù msallab. Aqsam miegħi dit-tbatija għal Ġesù, li mħabba fija xerred demmu kollu. Kemm nixtieqni nibqa' miegħek mas-salib, u fid-dmugħ tiegħek nissieħeb minn qalbi. Mewt Ġesù qgħedli quddiemi fuq il-pjagi jkun biss kliemi u l-Passjoni tiegħu. Ġagħlni nħoss il-pjagi fija, is-salib u kull tbatija, u nissaffa b'Demmu. Verġni Mbierka, ieqaf miegħi f'Jum il-ħaqq, biex fit-tmiem tiegħi fin-nar qatt nintilef. Meta jmut dal-ġisem fqajjar, agħmel int li jien nittajjar lejn is-sebħ tal-ġenna. Ammen.

Missal, *Stabat Mater*

## 397. IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

### 7 ta’ Ottubru

*Hienja int Marija li bqajt tgħożż f’qalbek dawk il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnek u bejn ruħek (Lq 2, 19).*

1. Il-festa tal-lum twaqqfet madwar erba’ mitt sena ilu b’tifkira u radd il-ħajr għar-rebħiet kbar li għamlu l-Insara permezz tar-Rużarju ta’ Marija. Kienet ilha d-drawwa f’diversi postijiet li jgħidu kuljum ċertu numru ta’ Avemarijiet, waqt li jdaħħlu l-Missierna bejn kull għaxra. Bil-mod il-mod bdew jiżdiedu l-misteri ewlenin tal-ħajja ta’ Ġesù, u r-Rużarju kollu kien maqsum fi tliet partijiet ta’ ħames posti kull waħda [Il-lum maqsum f’erba’ partijiet għax żdiedu l-misteri tad-Dawl]. Bil-mod li hu mqassam ir-Rużarju hu meditazzjoni evanġelika magħmula flimkien ma’ Marija, waqt li nimitaw l-imġiba tagħha dwar dak li rat u semgħet dwar Binha: “Baqgħet tgħożż f’qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha” (Lq 2, 19). L-ewwel kelma li semgħet dwar Ġesù kienet dik tal-Anġlu: “Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli” (Lq 1, 31-32). Kemm-il darba fil-mumenti mudlama – u dawn kienu ħafna: id-dubju ta’ Ġużeppi, il-faqar ta’ Betlehem, il-ħarba fl-Eġittu u hemm oħrajn – il-Madonna kellha tiftakar u timmedita dawn il-kelmiet! Ġesù hu l-Iben tal-aktar Għoli; il-bnedmin jistgħu jippersegwitawh, ifittxu li joqtluh, b’danakollu jirbaħ: “ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu” (Lq 1, 33). Hi kellha tiftakar ukoll fil-merħba ta’ Eliżabetta li bid-dawl divin għarfitha bħala omm is-Salvatur; imbagħad it-twelid tiegħu, li mtela’ bil-ferħ bid-dawl tas-sema, l-għanja tal-anġli, il-wasla tar-ragħajja. Jekk dawn il-ġrajjiet ġew reġistrati fl-Evanġelju ma jistax ikun ġej ħlief minn Marija, li wara li żammet u mmeditat fuqhom fil-moħbi ta’ qalbha, irrakkontathom lill-ewwel dixxipli, u lil San Luqa b’mod speċjali, l-evanġelista tat-tfulija ta’ Ġesù.

Kelma oħra li Marija qatt ma nsiet kienet dik tal-profezija ta’ Xmun u t-tbatijiet tat-tifel li kien “sinjal li jmeruh” u tas-sejf li kellu jinfed il-qalb tagħha ta’ omm (Lq 2, 34-35). Fl-aħħar kien hemm l-ewwel kelma ta’ Ġesù indirizzata lilha u lil Ġużeppi: “Ma tafux li jien għandi nkun f’dak li hu ta’ Missieri?” (Lq 2, 49). Kelma iebsa, li ma

fehmuhiex mill-ewwel, imma mmeditata fit-tul fuq kollox fis-snin tas-skiet ta’ Nazaret u mbagħad fis-sigħat tas-solitudni meta l-Iben kien jiġġerra mal-Palestina waqt li jippriedka lill-folol u d-diwi kollu theddid tal-għedewwa tiegħu li kien jaslilha.

2. Fil-misteri tat-tbatija u tal-glorja tar-Rużarju, Marija mhix dejjem preżenti bħalma hi f’dawk tal-ferħ; b’danakollu il-preżenza inviżibbli tagħha ma tonqosx fit-tisħib intens li dejjem kellha fil-ġrajjiet tal-Iben. Imma f’żewġ mumenti importanti ħafna terġa’ tidher u tidher sewwa: fuq il-Kalvarju u fiċ-ċenaklu. Wara li segwiet mill-moħbi ta’ darha, u mgħarrfa mid-dixxipli, dwar l-ewwel passi tal-passjoni ta’ Ġesù, l-agunija tal-Ġetsemani, il-flaġellazzjoni, l-inkurunazzjoni bix-xewk – Marija tasal fil-post tat-tislib. Hawn il-passjoni tal-Iben titwaħħad ma’ dik ta’ Marija: f’riġlejn is-salib hija twettaq l-ogħla sagrifiċċju tiegħu waqt li qiegħed imut. Marija kellha qalbha maqsuma; irċeviet lil Ġesù mejjet f’dirgħajha u qegħditu fil-qabar, imma l-fidi tagħha ma ċċaqalqitx. Kienet żgura li l-Iben tal-aktar Għoli ma setax jibqa’ lsir tal-mewt. Ma’ sbiħ it-tielet jum meta bdew jixterdu l-ewwel aħbarijiet tal-Qawmien, Marija ma kellha ebda oġġezzjoni jew dubji x’tipproponi. Hekk ukoll, aktar tard, it-Tlugħ ta’ Ġesù fis-sema ma ssorprendihiex. Hija kienet taf u dejjem emmnet li s-saltna tiegħu ma kellhiex tintemm. Issa li sabet ruħha weħidha, postha kien fost uliedha l-oħra, dawk li Ġesù fdalha minn fuq is-salib. L-Appostli u d-dixxipli nġabru madwarha fiċ-Ċenaklu waqt li qagħdu jistennew l-iSpirtu s-Santu; Marija kienet tanima t-talb tagħhom, tqawwilhom il-fidi, u fakkrithom fit-tagħlim ta’ Binha.

Din hija l-mixja li r-Rużarju jgħinna nimxu flimkien ma’ Marija biex ninfdu l-għana kbir li ma jitfissirx tal-misteri ta’ Kristu: Inkarnazzjoni, Passjoni, Qawmien. Min aktar mill-Madonna ma fehemhom u għexhom; min aktar minnha jista’ jagħtina li nifhmuhom? In-Nisrani li jgħid ir-Rużarju, meta jqiegħed lilu nnifsu f’kuntatt spiritwali ma’ Marija biex jissieħeb magħha fl-istadji diversi ta’ ħajjitha, jista’ jifhem xi ħaġa mis-sentimenti ta’ qalbha quddiem il-misteri kbar li tagħhom kienet ix-xhud u sikwit ukoll il-protagonista. B’dal-mod ir-Rużarju jinbidel fi kwarta meditazzjoni, anzi kontemplazzjoni taħt il-gwida tal-Madonna. L-Avemarijiet imtennija jridu jesprimu l-imġiba tar-ruħ li togħla lejn il-Verġni biex tkun maħtufa minnha u mdaħħla fil-komprensjoni tal-misteri divini. Din il-grazzja hija l-frott tal-festa tal-lum: “O Missier… agħti lill-poplu

tiegħek li jerġa' jgħix b'tant fidi l-misteri tal-Iben tiegħek, biex jara mwettqin il-wegħdiet tal-fidwa" (Talba fuq l-Offerti).

- Aħna nersqu lejk,… Verġni Omm Alla: aħna norbtu lil ruħna biex nittamaw fik, bħalkieku ma' ankra b'saħħitha u l-aktar solida; nikkonsagrawlek moħħna, ġisimna, lilna kollna kemm aħna; nagħtuk ġieħ bis-salmi, innijiet u kantiċi spiritwali kemm jista' jkun, ladarba ma jistax ikun li nqimuk skont kemm jistħoqqlok hu impossibbli… Jista' qatt ikun sewwa meta nittraskuraw li nagħtu ġieħ lilek li tajt il-ħajja lill-Mulej? Ma jmissniex nagħmlu dan bl-akbar attenzjoni? Ma jmissniex inqisu li dan jiswa iżjed min-nifs li nieħdu biex ngħixu, ladarba jġibilna l-ħajja? Dan ikun l-aħjar mod biex nippruvaw id-devozzjoni tagħna lejn il-Mulej tagħna… B'liema hena, b'liema ġid jintlaqat dak li jimla' l-moħħ tiegħu bit-tifkira qaddisa tiegħek.

Dan hu d-don li noffrulek, o Marija: ara fih, fil-ħniena tiegħek, l-imħabba kollha li hi 'l hinn mis-setgħa tagħna li nagħtu. Jogħġbok tħarisna, o Sinjura twajba, Omm il-Mulej imbierek tagħna; mexxina u wassal il-ħwejjeġ tagħna fejn trid int, rażżan il-qawwa tal-passjonijiet baxxi tagħna, wassalna fil-port ħiemed tar-rieda divina u agħmilna denji ta' barkiet ġejjiena u tad-dija ħelwa li toħroġ mill-wiċċ tal-Verb ta' Alla, li sar bniedem fik.

San Ġwann Damaxxenu, *In Dormitione B.V.M.* 1, 14

- O Verġni għażiża, kieku kelli l-moħħ ta' spirtu tas-sema, qatt ma kien se jirnexxili nifhem dik it-tħaddina perfetta li biha l-Missier tas-sema ħaddnek u għaqqdek miegħu… Liema moħħ ma kienx jitfixkel meta jikkontempla l-għoġba divina li int kont l-oġġett tagħha, o Marija, meta ġejt imressqa daqshekk fil-qrib ta' Alla permezz ta' dan it-Tifel li huwa kemm tiegħek kif ukoll tiegħu, li sar l-għoqda li ma tinħallx tar-rabta divina?...

Idħol għalija… għalina lkoll, o Verġni Mbierka… għax int għandek il-muftieħ tal-għemejjel tajba divini! Huwa Ġesù tiegħek dan il-muftieħ imbierek li jiftaħ is-sider li jġib il-frott tal-Missier tas-sema…. Id-Demm innoċenti tiegħu jagħmel li kull qatra għażiża tal-grazzji tas-sema tinżel bħax-xita fuqna! Min kellu dritt għal dan id-Demm imbierek aktar minnek li tajtulu int, meta ħadtu minn tiegħek? Il-Ġisem tiegħu huwa tiegħek, Demmu huwa tiegħek, o Marija, u

jidhirli li dan id-Demm prezzjuż jifraħ li jitferra' għalik bħal f'dulluvju, fuq is-salib, għax jaf li int l-għajn li minnha ħareġ l-ewwel darba.

J.B. Bossuet, *L'Addolorata* 1, 1 *f'La Madonna* p. 351-352

## 398. IL-QADDISIN KOLLHA

## 1 ta’ Novembru

*Dan huwa n-nisel ta’ dawk li jfittxu wiċċek, Mulej (Salm Responsorjali).*

1. “Nifirħu lkoll fil-Mulej aħna u niċċelebraw jum ta’ festa f’ġieħ il-Qaddisin kollha: b’din is-solennità tagħhom jifirħu l-Anġli u jfaħħru għalenija l-Iben ta’ Alla” (*Antifona tad-Dħul*). Il-Liturġija tal-Knisja pellegrina tgħaqqadna llum ma’ dik tal-Knisja tas-sema biex tiċċelebra lil Kristu l-Mulej, għajn ta’ saħħa u ta’ glorja għall-magħżulin. L-ewwel qari (Apk 7, 2-4.9-14) joffrilna d-dehra tal-għaġeb tal-magħżulin, “kotra kbira li ħadd ma jista’ jgħoddha” (Apk 7, 9). Kollha huma mmarkati “bis-siġill fuq il-ġbin” u “lebsin ilbiesi twal bojod” maħsulin “fid-demm tal-Ħaruf” (Apk 7, 3.9. 14). Is-siġill u l-ilbiesi huma simboli tal-magħmudija li jistampaw fil-bniedem il-karattru ċar li huma ta’ Kristu li billi saffiena mid-dnub, ilibbisna bis-safa u bil-grazzja bis-saħħa tad-demm ta’ Kristu. Fil-fatt il-qdusija mhix ħlief il-maturazzjoni sħiħa tal-grazzja tal-magħmudija u hija possibbli għall-imgħammdin kollha.

Il-Qaddisin li llum il-Knisja tagħmel il-festa tagħhom mhumiex dawk biss li huma uffiċjalment magħrufa bil-kanonizzazzjoni, imma wkoll dawk li huma wisq aktar u li ma nafux bihom li kienu jafu “bl-għajnuna ta’ Alla, iħarsu u jipperfezzjonaw fil-ħajja tagħhom din il-qdusija li rċevew” (LG 40). Qdusija moħbija, mgħejxa fiċ-ċirkustanzi ordinarji tal-ħajja, bla ebda dija li tidher, mingħajr ġesti li jiġbdu l-attenzjoni, imma ġenwina u prezzjuża. Imma hemm karatteristika komuni fost il-magħżulin kollha: Dawn huma dawk li “ġejjin mit-taħbit il-kbir” (Apk 7, 14). “It-taħbit il-kbir” jiġifieri taqbid li jkun imġarrab għad-difiża tal-fidi, bħalma huma l-persekuzzjonijiet u l-martirju mġarrba għal Kristu, kif ukoll is-slaleb u t-tbatija tal-ħajja ta’ kuljum. Il-Qaddisin waslu fil-glorja biss bit-tribulazzjoni; din wettqet it-tisfija mibdija bil-magħmudija u li għaqqdithom mal-passjoni ta’ Kristu biex imbagħad tgħaqqadhom miegħu fil-glorja. Meta waslu f’dan l-hena etern, il-magħżulin ma jieqfux iroddu ħajr ‘l Alla u jkantaw b’leħen għoli: “Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf” (Apk 7, 10). Dan hu mwieġeb fis-sema bl-“Ammen’ etern tal-

anġli mixħutin wiċċhom fl-art quddiem it-tron jagħtu qima 'l Alla (Apk 7, 11-12); u jmissu iwieġeb fuq l-art l-"Ammen' tal-Poplu ta' Alla li miexi lejn pajjiżu tas-sema, waqt li jistudja kif jimita l-qdusija tal-magħżulin. "Ammen", hekk ikun, għall-grazzja ta' Kristu li jiftaħ it-triq tal-qdusija għal kulħadd.

2. It-tieni qari (1, Ġw 3, 1-3) jerġa' jaqbad u jkompli mas-suġġett tal-ewwel qari, jisħaq fuq l-imħabba ta' Alla li biha sar bniedem l-Iben tiegħu u d-dinjità tal-bniedem innifsu li hu tassew bin Alla. "Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna" (1 Ġw 3, 1). Dan id-don mhux merfugħ għall-ħajja ta' dejjem, imma huwa diġà mogħti b'xejn f'din il-ħajja, realtà profonda li tbiddel lill-bniedem minn ġewwa u tagħtih sehem mill-ħajja divina. B'danakollu hawn fid-dinja din hija realtà li tibqa' mgħottija; u tinkixef għalkollox fil-glorja; imbagħad "aħna nkunu bħalu [Alla], għax narawh kif inhu" (1 Ġw 3, 2). Il-glorja li llum il-Knisja tikkontempla fil-Qaddisin hija proprju dik li ġejja mid-dehra ta' Alla, li biha jkunu mlibbsin bid-dija infinita tiegħu.

Fl-Evanġelju (Mt 5, 1-12a) Ġesù nnifsu jfisser is-suġġett tal-qdusija u tal-beatitudni eterna waqt li juri t-triq li twassal għaliha. Il-punt tat-tluq huma l-kundizzjonijiet konkreti tal-ħajja umana fejn it-tbatija mhix xi ħaġa ta' darba, imma aktarx realtà marbuta mal-istruttura tal-ħajja. Ġesù ma ġiex biex ineħħi t-tbatija, imma biex jifdiha u jagħmilha mezz ta' salvazzjoni u ta' beatitudni eterna. Il-faqar, it-tbatijiet, l-inġustizzji, il-persekuzzjonijiet milqugħa b'qalb umli u mqegħdin għar-rieda ta' Alla, b'kalma li ġejja mill-fidi fih, b'xewqa li jissieħeb fil-passjoni ta' Kristu, ma  tbaxxix lill-bniedem imma tinnobilitah; dawn isaffuh, jagħmluh bħas-Salvatur li jbati u għalhekk denn li jkollu sehem mill-glorja tiegħu. "Henjin il-foqra fl-ispirtu… Henjin l-imnikkta… Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja… Henjin dawk li huma ppersegwitati… għax tagħhom hija s-saltna tas-sema" (Mt 5, 3-4.6.10). Għalkemm l-erba' beatitudnijiet l-oħra mhumiex konnessi direttament mat-tbatijiet, imma jeħtieġu spirtu kbir ta' sagrifiċċju. Fil-fatt, ma nistgħux inkunu mansweti, inħennu, safjin f'qalbna, u nġibu l-paċi mingħajr ma nissieltu kontra l-passjonijiet tagħna, jew mingħajr ma nirbħu lilna nfusna biex naċċettaw is-sitwazzjonijiet diffiċli bil-kalma u jkollna l-ħila niżirgħu l-imħabba u s-sliem kullimkien.

Il-Qaddisin ilkoll għaddew mit-triq tal-beatitudni – Ġesù nnifsu sal-ogħla grad; għax ried jieħu fuqu nnifsu t-tbatijiet u t-tiġrib kollu tal-bnedmin biex jgħallimna kif għandna nqaddsuhom. F'Ġesù li kien fqir, ibati, manswet, mimli ħniena, iġib il-paċi u ppersegwitat, u li wasal għall-glorja minn din it-triq, l-Insara jsibu t-twettiq l-aktar perfett tal-beatitudnijiet tal-l-Evanġelju.

- intom, erwieħ li issa qegħdin tithennew bla biża' fil-ferħ tagħkom u intom dejjem mitlufa fit-tifħir ta' Alla tiegħi! Tassew tajba hija xortikom! Kemm huwa sewwa li bla ma tieqfu tingħataw għal dan it-tifħir: u x'għira għandha ruħi għalikom, għax issa intom ħielsa għalkollox min-niket li jġibu magħhom l-offiżi hekk gravi li f'dawn iż-żminijiet koroh isiru lil Alla tiegħi, kif ukoll mid-dwejjaq li qed naraw din l-ingratitudni kollha, waqt li ftit jingħata kas ta' għadd hekk kbir ta' rwieħ imkaxkra minn Satana!

O rwieħ tas-sema hekk ixxurtjati, għinuna fil-miżerja tagħna, u idħlu għalina quddiem il-Ħniena divina, sabiex jingħatalna xi ftit tal-hena tagħkom u tagħtuna sehem minn dan l-għarfien ċar li għandkom.

Agħtina, Alla tiegħi, li nifhmu x'inhu dak li tagħti lil dawk li jissieltu ta' rġiel f'din il-ħolma li hija din il-ħajja msejkna ta' hawn. U intom, o erwieħ li tħobbu, aqilgħulna l-grazzja li nifhmu l-ferħ li tħossu meta taraw li l-hena tagħkom huwa għal dejjem, u kemm hija ħaġa kollha għaxqa li intom żguri li dan l-hena qatt mhu sejjer jintemm.

O erwieħ ixxurtjati, li b'dan il-prezz hekk għażiż kontu tafu sewwa kif tieħdu kull ġid u kif tixtru wirt hekk ta' għaxqa u ta' dejjem! Għidulna: kif irbaħtu bih ġid hekk kbir u bla tmiem? Għinuna, ladarba tinsabu hekk qrib l-għajn: tellgħu l-ilma għal dawk li hawn qegħdin imutu bl-għatx.

S. Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ* 13, 1-2.4

- Jiena l-iżgħar fost il-ħlejjaq, nagħraf il-miżerja tiegħi u d-dgħufija tiegħi, imma naf ukoll kemm il-qlub nobbli u ġenerużi jħobbu jagħmlu l-ġid; nitlobkom bil-ħniena, għalhekk, o Henjin li tgħammru fis-Sema, nitlobkom biex taddottawni bħala bintkom; tagħkom biss tkun il-glorja li intom tagħmlu li jien nikseb, imma ħa jogħġobkom

tisimgħu t-talba tiegħi; hija ardita, naf, b'danakollu nażżarda nitlobkom li tiksbuli l-imħabba doppja tagħkom.

S. Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ*, Ms B 4q

## 399. L-ERWIEĦ MEJTIN KOLLHA

## 2 ta' Novembru

*Mulej min jemmen fik jgħix miegħek fl-imħabba (Għerf 3, 9).*

1. Ilbieraħ il-Knisja pellegrina fuq l-art iċċelebrat il-glorja tal-Knisja tas-sema waqt li sejħet l-interċessjoni tal-Qaddisin u llum terġa' tingħaqad fit-talb biex tissuffraga lil uliedha li "ħallew din il-ħajja… li qegħdin jissaffew" (LG 49). Sakemm idum iż-żmien, il-Knisja hija magħmula minn tliet stati: il-beati li hienja qegħdin igawdu d-dehra ta' Alla, il-mejtin li għandhom bżonn it-tisfija li għadhom ma daħlux għal dik id-dehra, u dawk li għadhom mexjin u li għaddejjin mill-prova tal-ħajja preżenti. Bejn il-waħda u l-oħra hemm firda profonda li b'danakollu ma tneħħix l-għaqda spiritwali "għax dawk kollha li huma ta' Kristu… huma f'xirka waħda fil-Knisja… u f'għaqda ma' xulxin. Għalhekk l-għaqda ta' dawk li għadhom pellegrini fuq l-art ma' dawk li qegħdin fir-raqda tas-sliem fi Kristu bl-ebda mod ma tinqata', anzi,… tissaħħaħ bil-komunikazzjoni bejniethom tal-ġid spiritwali" (LG 49). X'inhu dan il-ġid? Il-Qaddisin jinterċedu għal ħuthom, li qegħdin jissieltu fuq l-art, u jinkuraġġuhom bl-eżempju tagħhom; huma jitolbu biex iħaffu ż-żmien għall-glorja eterna għal ħuthom mejtin, li qegħdin jistennew biex jiġu mdaħħlin. Din hija x-xirka tal-Qaddisin fl-azzjoni: qaddisin tas-sema, tal-purgatorju, u tal-art; kollha qaddisin, għalkemm fi grad tassew divers, bil-grazzja ta' Kristu li jagħtihom il-ħajja u li biha huma kollha magħqudin.

Mill-aspett ta' din il-verità li tfarraġ, il-mewt ma tidhirx bħala dik li teqred lill-bniedem, imma bħala passaġġ, anzi twelid għall-ħajja vera, il-ħajja ta' dejjem. San Pawl jikteb: "Aħna nafu li jekk din it-tinda tal-għamara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema" (2 Kor 5, 1; 2º qari 2º Quddiesa). Il-ġisem, it-tinda tad-dinja tintemm imma l-ispirtu jibqa' jgħix ħdejn Alla sakemm, fl-aħħar taż-żminijiet, il-ġisem iqum ukoll bil-qawwa ta' Kristu li stqarr: "Din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missieri, li kull min… jemmen fl-Iben, ikollu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (Ġw 6, 40; Evanġelju 2 º Quddiesa). Dawk li mexjin fuq l-art, il-mejtin fil-purgatorju u l-hienja fis-sema, ilkoll mexjin lejn l-aħħar qawmien li jseħibna għalkollox fil-

misteru tal-Għid ta' Kristu. U waqt li aħna mseħbin parzjalment, aħna nitolbu għal xulxin u fuq kollox noffru s-suffraġji għall-mejtin tagħna, ladarba "l-ħsieb tiegħu kien qaddis u twajjeb…biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom" (2 Mak 12, 46; 1º qari 3º Quddiesa).

2. Il-Liturġija tal-lum tqiegħed l-enfasi fuq il-fidi u t-tama fil-ħajja ta' dejjem, imsejsa fis-sod fuq il-Qawmien. Fiha tassew xi tfisser is-silta meħuda mill-ktieb tal-Għerf (1º qari 1º Quddiesa: Għerf 3, 1-6.9): "L-erwieħ tal-ġusti huma f'idejn Alla, u l-ebda tbatija ma tilħaqhom. F'għajnejn il-boloh dehru mejta; it-tluq tagħhom ingħad b'telfien u b'qerda t-tbegħid tagħhom minna. Iżda huma qegħdin fis-sliem" (Għerf 3, 1-3). Għal min emmen f'Alla u qdieh, il-mewt mhix qabża fil-baħħ, imma f'dirgħajn Alla: u l-laqgħa personali miegħu biex jgħix "miegħu fl-imħabba" (Għerf 3, 9) u fl-hena tal-ħbiberija miegħu. Għalhekk, in-Nisrani ġenwin ma jibżax mill-mewt, imma meta nqisu li sakemm qegħdin ngħixu hawn "nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej", intennu ma' San Pawl: "aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej" (2 Kor 5, 6.8; 2º qari 2º Quddiesa). Ma jfissirx li qegħdin infaħħru l-mewt, imma aktarx li nħarsu lejha bħala li qiegħda tassew fil-pjan ta' Alla: bħala jum it-twelid tagħna għall-ħajja ta' dejjem.

Din id-dehra kalma u ottimista tal-mewt tissejjes fuq il-fidi fi Kristu u fuq il-fatt li aħna tiegħu: "Ir-rieda ta' min bagħatni hija din: li jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, iżda li nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum." (Ġw 6, 39; Evanġelju 2º Quddiesa). Il-bnedmin kollha ngħataw lil Kristu u hu ħallas għalihom bil-prezz ta' demmu. Jekk jaċċettaw li huma tiegħu u jgħixu dan bil-fidi u bl-għemejjel skont l-Evanġelju, jistgħu jibqgħu żguri li jkunu magħdudin ma' "tiegħu" u għalhekk ħadd ma jkun jista' jeħodhomlu minn idejh, lanqas il-mewt. San Pawl jistqarr: "Sew jekk ngħixu, mela, kemm jekk immutu, aħna tal-Mulej" (Rum 14, 8. 2º qari 1º Quddiesa). Aħna tal-Mulej għaliex hu fdiena u inkorporana fih innifsu, għax ngħixu fih u għalih permezz tal-grazzja u l-imħabba; jekk aħna tiegħu matul il-ħajja, hekk nibqgħu fil-mewt. Kristu l-Mulej ta' ħajjitna, isir il-Mulej tal-mewt tagħna, li hu jassorbiha fil-ħajja tiegħu u jibdilha fil-ħajja ta' dejjem. Hekk titwettaq għall-Insara t-talba saċerdotali ta' Ġesù: "Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi" (Ġw 17, 24; Evanġelju 3º Quddiesa). Għat-talba ta' Kristu tidwi dik tal-Knisja li titlob il-grazzja għal dawk kollha li huma wliedha mejtin:

“Fit-tjieba tiegħek, Mulej, ilqa’ l-offerti li qegħdin nagħmlulek għall-qaddejja kollha tiegħek, ħutna l-mejtin, biex iddaħħalhom fil-glorja ma’ Ibnek li miegħu qegħdin ningħaqdu bis-sagrament kbir tal-ħniena tiegħu” (Talba fuq l-Offerti, 1º Quddiesa).

- Mulej u Alla, ma nistgħux nixtiequ aktar għall-oħrajn milli nixtiequ għalina nfusna. Għalhekk nitolbok: wara mewti la tifridnix minn dawk li tant ħabbejt fuq l-art. Agħmel, o Mulej nitolbok, li huma jkunu hemm fejn inkun jien biex hemm fil-ġenna nkun nista’ nifraħ bil-preżenza tagħhom, ladarba nkun ġejt imċaħħad minnha hekk malajr fuq l-art.

Nitolbok, o Alla Sovran, ħaffef li tilqa’ lil dawn uliedek għeżież fi ħdan il-ħajja. Minflok il-ħajja hekk qasira tal-art agħtihom li jkollhom l-hena ta’ dejjem.

S. Ambroġ, *De obitu Valentiniani* 81

- Mgħallem u Ħallieq tal-univers, u speċjalment tal-bniedem maħluq għax-xbieha tiegħek; Alla tal-bnedmin, Missier… Mulej tal-ħajja u tal-mewt; inti tgħin lil ruħna u tfawwarha bil-barkiet tiegħek; u fil-ħin xieraq inti twettaq u tittrasforma l-ħwejjeġ kollha permezz tal-ħidma tal-Verb tiegħek skont il-pjani ta’ għerfek; ilqa’ lil ħutna mejtin illum bħala l-ewwel frott tal-pellegrinaġġ tagħna…

Jalla tilqagħna meta jmiss lilna fil-ħin li jogħġob lilek, wara li tkun mexxejtna u ħallejtna ngħixu hawn daqskemm deherlek li hu siwi u ta’ ġid. Ilqagħna fl-aħħar jum tagħna meta nkunu lesti minħabba l-biża’ tiegħek li ma kellu ebda nkwiet jew tnikkir. Agħtina li ma nsibuhiex ta’ dwejjaq li nħallu warajna l-ħwejjeġ ta’ din l-art, bħalma jiġri minn dawk li huma attakkati wisq ma’ din id-dinja u mal-ġisem; agħtina li nimxu b’ċertezza, żguri u hienja lejn dik il-ħajja twila li hi fi Kristu Ġesù Sidna li tiegħu hi l-glorja għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

S. Girgor Nazjanzenu, *Orazione per il fratello Cesario* 24

## 400. PREŻENTAZZJONI TAL-VERĠNI MARIJA

## 21 ta' Novembru

*O Marija "inti sibt grazzja quddiem Alla" (Lq 1, 30).*

1. L-iSkrittura Mqaddsa ma tgħid xejn dwar il-preżentazzjoni taċ-ċkejkna Marija fit-tempju; b'danakollu dan il-fatt, imsejjes fuq tradizzjoni qadima u awtorevoli, hu magħruf mill-Knisja u dwaru għamlet festa Marjana partikulari. Mill-bqija dak li jinteressana mhux tant il-fatt fih innifsu, daqskemm it-tifsira tiegħu li dwarha m'hemm ebda dubju: sa mill-ewwel snin Marija ngħatat lil Alla u kienet għalkollox dedikata għas-servizz tiegħu. Imnissla fil-grazzja u għalhekk meħlusa minn kull dell ta' dnub, Marija kienet għalkollox miftuħa għal Alla, dejjem lesta għar-rieda tiegħu, ħielsa li tingħata lilu b'qawwa ta' mħabba li ma kenitx taf bi tnikkir u tfixkil, li kienu l-alternattivi tan-natura feruta mid-dnub. Is-safa tagħha bla tebgħa, tiddi bil-grazzja, tatha l-ħila li taċċetta l-ġid kollu li Alla pproponielha, għal dak kollu li kien jogħġob lilu. Hekk Marija għamlet għotja tagħha nfisha li kienet assolutament sħiħa u tiżboq dik ta' kull esseri ieħor maħluq u li kienet tgħaddiha biss dik ta' Alla-Bniedem.

Sa mill-bidu tal-eżistenza tagħha Marija kienet "il-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1, 38), ħabbitu u qdietu bis-saħħa kollha tagħha. It-tweġiba tagħha lill-Anġlu għat-taħbira kienet tesprimi attitudni li kienet ilha tgħix, u dan hu għala qabel ma wieġbet, l-Anġlu seta' jgħidliha: "Tibżax Marija għax int sibt grazzja quddiem Alla" (Lq 1, 30). Għall-inizjattiva ħielsa tal-Aktar Għoli li għamel li titnissel bla tebgħa, u għalhekk mimlija bil-grazzja, il-Verġni dejjem wieġbet b'mod għalkollox ħieles u bl-imħabba tal-qalb tagħha bla tebgħa. Għal dan, billi kienet diġà mimlija bil-grazzja, sabet grazzja ġdida f'għajnejn l-Aktar Għoli li minnha għamel omm ta' Ibnu divin.

Il-kobor ta' Marija hu sublimi, imma għexitu b'tant sempliċità li ma jdejjaqniex u l-anqas jagħfas fuqna, anzi jiġbidna u jistedinna biex nimxu fuq il-passi tagħha; permezz tal-grazzja li n-Nisrani rċieva fil-magħmudija, li tgħinu fil-ġlieda kontra d-dnub., huwa msejjaħ biex jgħix safa bla tebgħa, ħelsien sħiħ, bħal dawk ta' Marija biex ikun jista' jagħti flimkien magħha u bl-għajnuna tagħha, tweġiba ġeneruża għad-don ta' Alla. Il-koperazzjoni sħiħa għall-grazzja li rċieva

tagħmel i jsib grazzja ġdida, u din tagħtih il-ħila ta' tweġiba dejjem akbar.

2. Il-festa tal-lum għandha twassal lil kull Nisrani biex jirrifletti fuq l-għotja tiegħu nnifsu lil Alla li għaliha kull wieħed minna hu obbligat minħabba l-magħmudija tagħna. Li tħobb u għalhekk li sservi 'l Alla bil-forzi kollha huwa impenn li minnu ebda mgħammed ma jista' jeżenta ruħu jekk ma jridx iġib fix-xejn il-grazzja li rċieva. Fl-istess ħin hemm xi erwieħ li huma msejħin biex jingħataw lil Alla b'mod aktar esklussiv u dirett "biex ikun jista' jikseb frott iżjed kotran tal-grazzja tal-magħmudija" u "b'hekk huwa jimpenja ruħu, b'titlu ġdid u speċjali, għas-servizz u l-qima ta' Alla" (LG 44). Dawn huma dawk imsejħa għall-ħajja reliġjuża, jew li jiddedikaw ruħhom għal Alla fid-dinja, u f'ċertu aspett ukoll dawk imsejħin għas-saċerdozju. Għal dawn, l-eżempju ta' Marija jikseb importanza għalkollox speċjali. Il-Verġni tistedinhom biex jimxu warajha f'ħajja ta' ġenerożità, ta' dedikazzjoni u ta' konsagrazzjoni verġinali "lil Alla li hu jħobb fuq kollox" (LG 44).

It-tweġiba għal vokazzjoni tesiġi bħala punt tat-tluq id-distakk minna nfusna u minn dak kollu li hu għażiż għalina. Ta' sikwit ikun meħtieġ li nħallu lil dawk li jiġu minna u lill-ħbieb, id-dar u art twelidna, id-drawwiet u l-kumdità. Dan hu pass tassew tqil, imma mhux kollox. Wisq iżjed mid-distakk materjali jkun jeħtieġ id-distakk tal-qalb; u jkun jeħtieġ niddistakkaw ruħna mhux biss mill-oħrajn, imma fuq kollox minna nfusna. Jeħtieġ niddistakkaw ruħna mir-rieda tagħna, mill-interessi proprji tagħna biex ningħataw kollna kemm aħna lil Alla dejjem lesti għar-rieda tiegħu, għall-qadi tiegħu u għall-qadi tal-proxxmu. Mingħajr distakk bħal dan ma jistax ikun hemm għotja sħiħa. Dawk li huma tagħhom infushom, u ta' ħwejjiġhom, ma jkollhomx ħila jiċħdu lilhom infushom u jagħtu lilhom infushom b'mod sħiħ. L-għotja tagħhom tkun parzjali, imkejla fuq l-interessi personali u għalhekk dejjem esposta għall-infedeltà, u biex titfarrak fil-medjokrità, u terġa' tieħu lura dak li tkun tat. Il-Verġni bla tebgħa ma kellhiex għalfejn titħabat u tissielet biex tingħata kollha kemm hi lil Alla; il-bniedem bil-maqlub ikollu jissielet kuljum kontra r-reżistenzi tal-egoiżmu u ta' kull passjoni oħra. Tajjeb inkunu nafu dan biex ma nitqarrqux li naħsbu li huwa biżżejjed ningħataw 'l Alla darba għal dejjem. L-għotja tagħna jeħtieġ ngħixuha siegħa b'siegħa b'ġenerożità dejjem akbar. Għalkemm dan jitlob li nrażżnu lilna

nfusna l-ħin kollu, imma m'hemmx bżonn nissieltu weħidna. Il-Verġni Marija hija dejjem lesta li tgħinna; dik li sabet grazzja quddiem l-Aktar Għoli tagħmel użu minn dan il-privileġġ biex tikseb il-grazzja għal kull min isejħilha.

- Marija inti sibt grazzja quddiem Alla b'mod li qatt ma tista' tintilef, grazzja fuq kull grazzja; grazzja meritorja li għandha titfittex ma' kull talba… grazzja li qatt ma tonqos; grazzja li ssalva, li ma ċċedix b'xi attakk; grazzja dejjem rebbieħa. Inti sibt grazzja quddiem Alla li tibqa' għal dejjem.

Naturalment hemm oħrajn, ħafna oħrajn, li kienu jiddu qablek bi qdusija speċjali, imma lil ħadd ma ngħata l-milja tal-grazzja bħalma ngħatat lilek; ħadd ma ġie mgħolli f'tant dija daqsek, u lanqas ħadd ma ngħata minn qabel il-grazzja li ssaffi; ħadd bħalek ma idda bid-dawl tas-sema; ħadd bħalek ma ġie merfugħ 'il fuq minn kull kobor.

Għalhekk dort lejk u għajjatt u nerġa' ngħajjat mill-ġdid, bil-ħeġġa tal-esseri tiegħi: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja: il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa."

San Sofronju ta' Ġerusalemm, *Fit-Tħabbira ta' Omm Alla*, 25-26

- Maħbuba ta' Alla, Marija, tfajla l-iżejd ta' min iħobbha, o, kieku llum stajt noffrilek l-ewwel snin ta' ħajti, biex niddedika lili nnifsi kollni kemm jien għall-qadi tiegħek, o Verġni qaddisa u l-iżjed ħelwa, kif int ippreżentajt lilek innifsek fit-tempju, u bla dewmien bla riserva kkonsagrajt lilek innifsek għall-glorja u l-imħabba ta' Alla!

Ara, o Marija, jiena llum nippreżenta lili nnifsi lilek, u noffrilek lili nnifsi kollni kemm jien għall-qadi tiegħek għaż-żmien twil jew qasir li fadalli ngħix f'din id-dinja; u flimkien miegħek jiena niċħad il-ħlejjaq kollha, u nagħti lili nnifsi kollni kemm jien għall-imħabba tal-Ħallieq tiegħi. Nikkonsagralek moħħi, o Sultana, biex dejjem jaħseb fl-imħabba li tistħoqqlok, ilsieni biex infaħħrek, qalbi biex inħobbok. Ilqa', o Verġni l-aktar qaddisa, l-offerta li dan il-midneb imsejken issa qed jagħmillek; ilqagħha, nitolbok, f'ġieħ il-faraġ li ġarrbet qalbek meta ngħatajt lil Alla fit-tempju.

Bl-interċessjoni qawwija tiegħek, għin id-dgħufija tiegħi, o Omm tal-Ħniena, billi taqlagħli l-perseveranza minn Ġesù tiegħek u qawwa

biex inkun dejjem fidil lejk sal-mewt; biex waqt li dejjem naqdik f'ħajti, inkun nista' nfaħħrek fil-ġenna għal dejjem.

S. Alfons M. De Liguori, *Il-Glorji ta' Marija* II, 1, 3, p. 601-602

TMIEM IR-RABA' KTIEB